MT

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA



# SELEZZJONI TAS-SENTENZI EWLENIN

## SENA 2023

**ĠABRA TAS-SUNTI**
**TAD-DIRETTORAT TAR-RIĊERKA U TAD-DOKUMENTAZZJONI**

# Werrej


**Daħla ........................................................................ 12**

**Kapitolu 1 – Il-Qorti tal-Ġustizzja ........................................................................ 13**

**I. Valuri komuni tal-Unjoni Ewropea u drittijiet fundamentali ........................................ 13**

**1. L-Istat tad-dritt u protezzjoni ġudizzjarja effettiva ........................................ 13**

Sentenza tal-5 ta’ Ġunju 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442) ........................................ 13

Sentenza tat-13 ta’ Lulju 2023 (Awla Manja), YP *et* (Tneħħija tal-immunità u sospensjoni ta’ mħallef) (C-615/20 u C-671/20, EU:C:2023:562) ........................................ 21

Sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), Krajowa Rada Sądownictwa (Żamma fil-kariga ta’ mħallef) (C-718/21, EU:C:2023:1015) ........................................ 28

**2. Prinċipji ta’ *nullum crimen, nulla poena sine lege* u ta’ proporzjonalità tal-pieni ........................................ 32**

Sentenza tal-4 ta’ Mejju 2023, Agenția Națională de Integritate (C-40/21, EU:C:2023:367) ........................................ 32

Sentenza tal-24 ta’ Lulju 2023 (Awla Manja), Lin (C-107/23 PPU, EU:C:2023:606) ........................................ 34

**3. Prinċipju *ta’ ne bis in idem* ........................................ 39**

Sentenza tal-14 ta’ Settembru 2023, Volkswagen Group Italia u Volkswagen Aktiengesellschaft (C-27/22, EU:C:2023:663) ........................................ 39

**4. Protezzjoni ta’ data personali ........................................ 42**

**a. Awtorizzazzjoni ta’ interċettazzjonijiet telefoniċi fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali ........................................ 42**

Sentenza tas-16 ta’ Frar 2023, HYA *et* (Motivazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ta’ interċettazzjonijiet telefoniċi) (C-349/21, EU:C:2023:102) ........................................ 42

**b. Ġbir ta’ data bijometrika u ġenetika fi proċedura kriminali ........................................ 44**

Sentenza tas-26 ta’ Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta’ data bijometrika u ġenetika mill-pulizija) (C-205/21, EU:C:2023:49) ........................................ 44

**c. Użu mill-ġdid fil-kuntest ta’ proċedura amministrattiva ta’ data personali mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet fil-kuntest ta’ proċedura kriminali ........................................ 47**

Sentenza tas-7 ta’ Settembru 2023, Lietuvos Respublikos generalinė prokuratūra (C-162/22, EU:C:2023:631) ........................................ 47

**d. Ipproċessar ta’ data personali fuq in-networks soċjali online ........................................ 51**

Sentenza tal-4 ta’ Lulju 2023 (Awla Manja), Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta’ network soċjali) (C-252/21, EU:C:2023:537) ....51

**e. Dritt ta' aċċess għal informazzjoni personali ....55**

Sentenza tas-26 ta’ Ottubru 2023, FT (Kopji tal-fajl mediku) (C-307/22, EU:C:2023:811) ....55

**f. Impożizzjoni ta’ multi amministrattivi għal ksur tal-GDPR ....58**

Sentenza tal-5 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949) ....58

Sentenza tal-5 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), Deutsche Wohnen (C-807/21, EU:C:2023:950) ....61

**II. Ċittadinanza tal-Unjoni ....64**

**1. Miżuri li jirrestringu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni ....64**

Sentenza tal-5 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), Nordic Info (C-128/22, EU:C:2023:951) ....64

Sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), Chief Appeals Officer *et* (C-488/21, EU:C:2023:1013) ....67

**2. Telf taċ-ċittadinanza Ewropea minħabba t-telf tan-nazzjonalità ta’ Stat Membru ....70**

Sentenza tal-5 ta’ Settembru 2023 (Awla Manja), Udlændinge- og Integrationsministeriet (Telf tan-nazzjonalità Daniża) (C-689/21, EU:C:2023:626) ....70

**3. Dritt ta’ residenza dderivat ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li huma membri tal-familja ta’ ċittadin tal-Unjoni ....72**

Sentenza tat-22 ta’ Ġunju 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Omm Tajlandiża ta’ wild minuri Olandiż) (C-459/20, EU:C:2023:499) ....72

**III. Libertajiet ta’ moviment fl-Unjoni ....74**

**1. Libertà ta’ stabbiliment ....74**

Sentenza tat-8 ta’ Ġunju 2023, Prestige and Limousine (C-50/21, EU:C:2023:448). ....74

Sentenza tat-13 ta’ Lulju 2023, Xella Magyarország (C-106/22, EU:C:2023:568). ....76

**2. Libertà li jiġu pprovduti servizzi ....78**

Sentenza tas-16 ta’ Marzu 2023, Beobank (C-351/21, EU:C:2023:215) ....78

**3. Moviment liberu tal-kapital ....80**

Sentenza tat-12 ta’ Ottubru 2023, BA (Suċċessjoni – Politika soċjali dwar l-akkomodazzjoni fl-Unjoni) (C-670/21, EU:C:2023:763) ....80

**IV. Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni ....83**

**1. Politika tal-ażil ....83**

Sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Refuġjat li wettaq delitt serju) (C-663/21, EU:C:2023:540) ....83

Sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Refuġjat li wettaq delitt serju) (C-8/22, EU:C:2023:542) ....83

Sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Delitt partikolarment serju) (C-402/22, EU:C:2023:543) ....83

**2. Politika ta' immigrazzjoni....87**

Sentenza tat-18 ta' April 2023, Afrin (C-1/23 PPU, EU:C:2023:296). ....87

Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Stadt Frankfurt am Main u Stadt Offenbach am Main (Tiġdid ta' permess ta' residenza fit-tieni Stat Membru) (C-829/21 u C-129/22, EU:C:2023:525)....90

**3. Qsim tal-fruntieri ....92**

Sentenza tal-5 ta' Settembru 2023 (Awla Manja), Il-Parlament vs Il-Kummissjoni (Eżenzjoni ta' viża għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti) (C-137/21, EU:C:2023:625) ....92

**V. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ....96**

**1. Mandat ta' arrest Ewropew....96**

**a. Kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti ....96**

Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), Puig Gordi *et* (C-158/21, EU:C:2023:57) ....96

**b. Eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej u kundizzjonijiet tal-konsenja ....98**

Sentenza tat-18 ta' April 2023 (Awla Manja), E. D. L. (Raġuni għal rifjut ibbażata fuq il-mard) (C-699/21, EU:C:2023:295) ....98

Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), O. G. (Mandat ta' arrest Ewropew kontra ċittadin ta' Stat terz) (C-700/21, EU:C:2023:444) .... 100

Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), GN (Raġuni għal rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-wild) (C-261/22, EU:C:2023:1017).... 104

**2. Dritt għal informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali ....106**

Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), K.B. u F.S. (Informazzjoni *ex officio* fil-qasam kriminali) (C-660/21, EU:C:2023:498).... 106

**3. Rikonoxximent reċiproku ta' kundanni f'materji kriminali ....109**

Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, MV (Kumulu tal-pieni) (C-583/22 PPU, EU:C:2023:5). .... 109

**4. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ....111**

Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), G. K. *et* (Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew) (C-281/22, EU:C:2023:1018).... 111

**VI. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ....115**

1. **Regolament Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ..... 115**

Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, TT (Tneħħija illegali tal-wild) (C-87/22, EU:C:2023:571) ..... 115

2. **Regolament Nru 805/2004 li joħloq titolu eżekuttiv Ewropew għal talbiet mhux ikkontestati ..... 117**

Sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Lufthansa Technik AERO Alzey (C-393/21, EU:C:2023:104) ..... 117

**VII. Trasport ..... 121**

Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (Tul massimu ta' parkeġġ) (C-167/22, EU:C:2023:1020) ..... 121

**VIII. Kompetizzjoni ..... 124**

1. **Akkordji (Artikolu 101 TFUE) ..... 124**

Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), International Skating Union vs Il-Kummissjoni (C-124/21 P, EU:C:2023:1012) ..... 124

Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Royal Antwerp Football Club (C-680/21, EU:C:2023:1010) ..... 129

2. **Abbuż minn pożizzjoni dominanti (Artikolu 102 TFUE) ..... 133**

Sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations (C-680/20, EU:C:2023:33) ..... 133

Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2023:1011) ..... 136

3. **Konċentrazzjonijiet ..... 141**

Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments (C-376/20 P, EU:C:2023:561) ..... 141

4. **Għajnuna mill-Istat ..... 145**

Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), DOBELES HES (C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1) ..... 145

Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Braesch *et* (C-284/21 P, EU:C:2023:58) ..... 148

Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Il-Lussemburgu *et* vs Il-Kummissjoni (C-451/21 P u C-454/21 P, EU:C:2023:948) ..... 152

Sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Amazon.com *et* (C-457/21 P, EU:C:2023:985) ..... 156

**IX. Dispożizzjonijiet fiskali ..... 159**

Sentenza tat-28 ta' Frar 2023 (Awla Manja), Fenix International (C-695/20, EU:C:2023:127) ..... 159

**X. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet ..... 163**

1. **Propjetà intellettwali u industrijali ..... 163**

Sentenza tas-16 ta’ Frar 2023, Monz Handelsgesellschaft International (C-472/21, EU:C:2023:105) ..... 163

2. **Assigurazzjoni għall-vetturi bil-mutur ..... 165**

Sentenza tat-12 ta’ Ottubru 2023, KBC Verzekeringen (C-286/22, EU:C:2023:767) ..... 165

3. **Vetturi bil-mutur ..... 167**

Sentenza tal-21 ta’ Marzu 2023 (Awla Manja), Mercedes-Benz Group (Responsabbiltà tal-manifatturi ta’ vetturi mgħammra b’apparat ta’ manipulazzjoni) (C-100/21, EU:C:2023:229) ..... 167

4. **Rilaxx ta’ organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) ..... 170**

Sentenza tas-7 ta’ Frar 2023 (Awla Manja), Confédération paysanne *et* (Mutaġenesi każwali *in vitro*) (C-688/21, EU:C:2023:75) ..... 170

5. **Vjaġġi, vaganzi u pakketti tal-ivvjaġġar ..... 173**

Sentenza tat-8 ta’ Ġunju 2023, UFC – Que choisir u CLCV (C-407/21, EU:C:2023:449) ..... 173

XI. **Internet u kummerċ elettroniku ..... 177**

Sentenza tad-9 ta’ Novembru 2023, Google Ireland *et* (C-376/22, EU:C:2023:835) ..... 177

XII. **Politika ekonomika u monetarja ..... 180**

Sentenza tal-4 ta’ Mejju 2023, BĊE vs Crédit lyonnais (C-389/21 P, EU:C:2023:368) ..... 180

XIII. **Kuntratti pubbliċi ..... 183**

Sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), Infraestruturas de Portugal u Futrifer Indústrias Ferroviárias (C-66/22, EU:C:2023:1016) ..... 183

XIV. **Politika soċjali ..... 187**

1. **Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali ..... 187**

Sentenza tat-12 ta’ Jannar 2023, TP (Persuna li tħejji montaġġi awdjoviżivi għat-televiżjoni pubblika) (C-356/21, EU:C:2023:9) ..... 187

2. **Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol ..... 189**

Sentenza tat-28 ta’ Novembru 2023 (Awla Manja), Commune d’Ans (C-148/22, EU:C:2023:924) ..... 189

Sentenza tas-7 ta’ Diċembru 2023, AP Assistenzprofis (C-518/22, EU:C:2023:956) ..... 191

3. **Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ..... 193**

Sentenza tal-14 ta’ Diċembru 2023, Sparkasse Südpfalz (C-206/22, EU:C:2023:984) ..... 193

XV. **Protezzjoni tal-konsumaturi ..... 195**

1. **Klawżoli inġusti ..... 195**

Sentenza tat-12 ta’ Jannar 2023, D.V. (Onorarji tal-avukat – Prinċipju ta’ tariffa fis-siegħa) (C-395/21, EU:C:2023:14) ... 195

Sentenza tad-9 ta’ Novembru 2023, Všeobecná úverová banka (C-598/21, EU:C:2023:845) ... 197

**2. Dritt ta’ rtirar tal-kuntratti mill-bogħod ... 200**

Sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), BMW Bank *et* (C-38/21, C-47/21 u C-232/21, EU:C:2023:1014) ... 200

**XVI. Enerġija ... 206**

Sentenza tat-30 ta’ Marzu 2023, Green Network (Ordni ta’ rimbors ta’ spejjeż) (C-5/22, EU:C:2023:273) ... 206

**XVII. Ftehimiet internazzjonali ... 208**

**1. Kompetenza esterna tal-Unjoni ... 208**

Sentenza tas-17 ta’ Jannar 2023 (Awla Manja), Spanja vs Il-Kummissjoni (C-632/20 P, EU:C:2023:28) ... 208

**2. Interpretazzjoni ta’ ftehim internazzjonali ... 212**

Sentenza tad-9 ta’ Frar 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid *et* (Irtirar tad-dritt ta’ residenza ta’ ħaddiem Tork) (C-402/21, EU:C:2023:77) ... 212

**Kapitolu 2 – Il-Qorti Ġenerali ... 215**

**I. Kawżi tal-unjoni ... 215**

**1. *Locus standi* ... 215**

Digriet tas-6 ta’ Settembru 2023, KEPD vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-578/22, EU:T:2023:522) ... 215

Digriet tal-20 ta’ Settembru 2023, Nicoventures Trading *et* vs Il-Kummissjoni (T-706/22, EU:T:2023:579) ... 220

**2. Rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali ... 222**

Sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2023, IMG vs Il-Kummissjoni (T-752/20, EU:T:2023:366) ... 222

**3. Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni ... 226**

Sentenza tas-26 ta’ Lulju 2023, Stockdale vs Il-Kunsill *et* (T-776/20, EU:T:2023:422) ... 226

**II. Dritt istituzzjonali ... 231**

Sentenza tas-7 ta’ Ġunju 2023, TC vs Il-Parlament (T-309/21, EU:T:2023:315) ... 231

**III. Kompetizzjoni ... 236**

**1. Proċedura – Talba għal informazzjoni ... 236**

Sentenza tal-24 ta’ Mejju 2023, Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni (T-451/20, EU:T:2023:276) ... 236

**2. Akkordji – Kalkolu tal-multi ... 239**

Sentenza tat-18 ta’ Ottubru 2023, Clariant u Clariant International vs Il-Kummissjoni (T-590/20, EU:T:2023:650) ..... 239

**3. Għajnuna mill-Istat ..... 242**

Sentenza tal-10 ta’ Mejju 2023, Ryanair u Condor Flugdienst vs Il-Kummissjoni (Lufthansa; COVID-19) (T-34/21 u T-87/21, EU:T:2023:248) ..... 242

Sentenza tat-13 ta’ Settembru 2023, ITD u Danske Fragtmænd vs Il-Kummissjoni (T-525/20, EU:T:2023:542) ..... 249

Sentenza tal-20 ta’ Settembru 2023, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (T-131/16 RENV, EU:T:2021:561) ..... 251

Sentenza tal-20 ta’ Settembru 2023, Magnetrol International *et* vs Il-Kummissjoni (T-263/16 RENV, T-265/16, T-311/16, T-319/16, T-321/16, T-343/16, T-350/16, T-444/16, T-800/16 u T-832/16, EU:T:2023:565) ..... 252

Sentenza tas-27 ta’ Settembru 2023, Banco Santander *et* vs Il-Kummissjoni (T-12/15, T-158/15 u T-258/15, EU:T:2023:583) ..... 256

Sentenza tal-20 ta’ Diċembru 2023, Ryanair u Malta Air vs Il-Kummissjoni (Air France-KLM u Air France; COVID-19) (T-494/21, EU:T:2023:831) ..... 259

**IV. Disinni ..... 263**

Sentenza tat-22 ta’ Marzu 2023, B&Bartoni vs EUIPO – Hypertherm (Elettrodu li jiddaħħal f’torċa) (T-617/21, EU:T:2023:152) ..... 263

**V. Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi ..... 266**

**1. Il-Venezwela ..... 266**

Sentenza tat-13 ta’ Settembru 2023, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (T-65/18 RENV, EU:T:2023:529) ..... 266

**2. L-Ukraina ..... 269**

Sentenza tal-15 ta’ Novembru 2023, OT vs Il-Kunsill (T-193/22, EU:T:2023:716) ..... 269

**VI. Agrikoltura u sajd ..... 273**

Sentenza tat-8 ta’ Marzu 2023, Il-Bulgarija vs Il-Kummissjoni (T-235/21, EU:T:2023:105) ..... 273

Sentenza tat-12 ta’ Lulju 2023, Cunsorziu di i Salamaghji Corsi – Consortium des Charcutiers Corses *et* vs Il-Kummissjoni (T-34/22, EU:T:2023:386) ..... 276

**VII. Saħħa pubblika ..... 279**

Sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2023, Ascenza Agro u Industrias Afrasa vs Il-Kummissjoni (T-77/20, EU:T:2023:602) ..... 279

**VIII. Enerġija ..... 285**

Sentenza tal-15 ta’ Frar 2023, Austrian Power Grid *et* vs ACER (T-606/20, EU:T:2023:64) ..... 285

Sentenza tal-15 ta’ Frar 2023, Austrian Power Grid *et* vs ACER (T-607/20, EU:T:2023:65) ..... 285

**IX. Politika kummerċjali komuni ..... 289**

**1. Antidumping ... 289**

Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni (T-326/21, EU:T:2023:347) ... 289

**2. Applikazzjoni ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz ... 292**

Sentenza tat-12 ta' Lulju 2023, IFIC Holding vs Il-Kummissjoni (T-8/21, EU:T:2023:387) ... 292

**X. Politika ekonomika u monetarja ... 296**

Sentenza tat-22 ta' Novembru 2023, Del Valle Ruíz et vs SRB (T-302/20, T-303/20 u T-307/20, EU:T:2023:735)... 296

Sentenza tat-22 ta' Novembru 2023, Molina Fernández vs SRB (T-304/20, EU:T:2023:734) ... 296

Sentenza tat-22 ta' Novembru 2023, ACMO *et* vs SRB (T-330/20, EU:T:2023:733) ... 296

**XI. Kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni... 304**

Sentenza tas-26 ta' April 2023, OHB System vs Il-Kummissjoni (T-54/21, EU:T:2023:210) ... 304

Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2023, Instituto Cervantes vs Il-Kummissjoni (T-376/21, EU:T:2023:331) ... 307

**XII. Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet... 311**

Sentenza tal-25 ta' Jannar 2023, De Capitani vs Il-Kunsill (T-163/21, EU:T:2023:15)... 311

**XIII. Servizz pubbliku... 315**

**1. Pensjoni tal-orfni ... 315**

Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2023, OP vs Il-Parlament (T-143/22, EU:T:2023:313) ... 315

**2. Terminu ta' preskrizzjoni għall-irkupru ta' allowances imħallsa indebitament ... 316**

Sentenza tal-11 ta' Ottubru 2023, QT vs BEI (T-529/22, EU:T:2023:618)... 316

**3. Kompożizzjoni ta' Bord tal-Għażla ta' kompetizzjoni interna ... 318**

Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, NZ vs Il-Kummissjoni (T-535/22, EU:T:2023:653) ... 318

**XIV. Talbiet għal miżuri provviżorji... 321**

Digriet tat-2 ta' Frar 2023, Nicoventures Trading *et* vs Il-Kummissjoni (T-706/22 R, EU:T:2023:39) ..... 321

Digriet tal-1 ta' Marzu 2023, Mazepin vs Il-Kunsill (T-743/22 R, EU:T:2023:102) ..... 323

Digriet tad-19 ta' Lulju 2023, Mazepin vs Il-Kunsill (T-743/22 R II, EU:T:2023:406) ..... 323

Digriet tad-19 ta' April 2023, UC vs Il-Kunsill (T-6/23, EU:T:2023:206) ..... 325

Digriet tal-21 ta' Lulju 2023, Arysta Lifescience vs EFSA (T-222/23 R, EU:T:2023:417) ..... 328

Digriet tad-9 ta' Awwissu 2023, Next Media Project vs EFCA (T-338/23 R, EU:T:2023:467) ..... 331

Digriet tal-25 ta' Settembru 2023, Terminal Ouest Provence vs CINEA (T-504/23 R, EU:T:2023:581) ..... 333

Digriet tas-27 ta' Settembru 2023, Amazon Services Europe vs Il-Kummissjoni (T-367/23 R, EU:T:2023:589) ..... 334

Digriet tad-29 ta' Settembru 2023, Red Bull *et* vs Il-Kummissjoni (T-306/23 R, EU:T:2023:590) ..... 338

# Daħla

Is-*Selezzjoni tas-sentenzi ewlenin* hija pubblikazzjoni annwali ġdida mħejjija mid-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni li tiġbor fiha s-sunti tad-deċiżjonijiet ewlenin tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Din il-pubblikazzjoni tidentifika l-iktar żviluppi importanti fil-ġurisprudenza kif identifikati miż-żewġ qrati. B'hekk hija toffri lill-professjonisti tad-dritt analiżi sintetika tal-kontribuzzjonijiet prinċipali tal-ġurisprudenza mogħtija matul is-sena li għaddiet.

Is-*Selezzjoni tas-sentenzi ewlenin* tieħu l-forma ta' kompilazzjoni ta' sunti, organizzati tema b'tema f'ordni ispirat mill-istruttura tat-Trattati tal-Unjoni Ewropea. Fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja, qegħdin jiġu rriprodotti s-sunti kollha tad-deċżjonijiet mogħtija mill-Awla Manja, kif ukoll is-sunti ta' ċerti sentenzi tal-awli b'ħames Imħallfin, fid-dawl tal-importanza tagħhom, tas-suġġetti ttrattati, tal-interess tagħhom għall-pubbliku u tal-oriġinalità tagħhom. Is-selezzjoni tal-Qorti Ġenerali segwiet loġika simili. Għal kull sunt, qiegħed jingħata hyperlink għat-test tad-deċiżjoni, sabiex b'hekk ikun possibbli aċċess immedjat għall-kontenut tagħha.

Disponibbli kompletament f'verżjoni diġitali, is-*Selezzjoni tas-sentenzi ewlenin* hija direttament aċċessibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni fis-sit internet tal-istituzzjoni.

Celestina Iannone
*Direttriċi*
*Riċerka u Dokumentazzjoni*

# Kapitolu 1 – Il-Qorti tal-Ġustizzja

## I. Valuri komuni tal-Unjoni Ewropea u drittijiet fundamentali [1]

### 1. L-Istat tad-dritt u protezzjoni ġudizzjarja effettiva [2]

#### Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442)

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza ġudizzjarja – Artikolu 267 TFUE – Possibbiltà li jsiru domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Kompetenzi fil-qasam ta' tneħħija tal-immunità kriminali tal-imħallfin u fil-qasam tad-dritt tax-xogħol, tas-sigurtà soċjali u tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) mogħtija lill-Awla Dixxiplinari ta' dik il-qorti – Projbizzjoni għall-qrati nazzjonali li jikkontestaw il-leġittimità tal-qrati u tal-korpi kostituzzjonali jew li jikkonstataw jew jevalwaw il-legalità tal-ħatra tal-imħallfin jew tas-setgħat ġudizzjarji tagħhom – Verifika minn qorti tal-osservanza ta' ċerti rekwiżiti dwar l-eżistenza ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi meqjusa bħala 'reat dixxiplinari' – Kompetenza esklużiva sabiex jiġu eżaminati l-kwistjonijiet relatati mal-assenza ta' indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef mogħtija lill-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Il-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3) – Artikolu 9(1) – Data sensittiva – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-imħallfin l-obbligu li jagħmlu*

---

[1] Is-sentenzi segwenti għandhom jissemmew ukoll f'din it-taqsima: is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), ***Nordic Info*** (C-128/22, EU:C:2023:951), ippreżentata fit-Taqsima II.1, "Miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni"; is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2023 (Awla Manja), ***Udlændinge- og Integrationsministeriet (Telf tan-nazzjonalità Daniża)*** (C-689/21, EU:C:2023:626), ippreżentata fit-Taqsima II.2, "Telf taċ-ċittadinanza Ewropea minħabba t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru"; is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, ***Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl*** (***Refuġjat li wettaq reat gravi)*** (C-663/21, EU:C:2023:540), is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, ***Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Refuġjat li wettaq reat gravi***) (C-8/22, EU:C:2023:542), is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, ***Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Reat partikolarment gravi***) (C-402/22, EU:C:2023:543), ippreżentati fit-Taqsima IV.1, "Politika tal-ażil"; is-sentenza tat-18 ta' April 023, ***Afrin*** (C-1/23 PPU, EU:C:2023:296), ippreżentata fit-Taqsima IV.2, "Politika tal-immigrazzjoni"; is-sentenza tat-18 ta' April 2023 (Awla Manja), ***E. D. L. (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq mard)*** (C-699/21, EU:C:2023:295), is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), ***O. G. (Mandat ta' arrest Ewropew kontra ċittadin ta' Stat terz)*** (C-700/21, EU:C:2023:444), is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), ***GN (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq l-interess superjuri tal-wild)*** (C-261/22, EU:C:2023:1017), ippreżentati fit-Taqsima V.1, "Mandat ta' arrest Ewropew"; is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2023, ***AP Assistenzprofis*** (C-518/22, EU:C:2023:956), ippreżentata fit-Taqsima XIV.2, "Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol"; is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, ***Všeobecná úverová banka*** (C-598/21, EU:C:2023:845), ippreżentata fit-Taqsima XV.1, "Klawżoli inġusti"; is-sentenza tad-9 ta' Frar 2023, ***Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid et (Irtirar tad-dritt ta' residenza ta' ħaddiem Tork)*** (C-402/21, EU:C:2023:77), ippreżentata fit-Taqsima XVII.2, "Interpretazzjoni ta' ftehim internazzjonali".

[2] Is-sentenzi segwenti għandhom jissemmew ukoll f'din it-taqsima: is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), ***Puig Gordi et*** (C-158/21, EU:C:2023:57), ippreżentata fit-Taqsima V.1, "Mandat ta' arrest Ewropew"; is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), ***K.B. u F.S. (Informazzjoni ex officio fil-qasam kriminali)*** (C-660/21, EU:C:2023:498), ippreżentata fit-Taqsima V.2, "Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali".

*dikjarazzjoni dwar is-sħubija tagħhom f'assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet jew partiti politiċi, kif ukoll dwar il-funzjonijiet eżerċitati fihom, u li tipprevedi t-tqegħid online tad-data li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet"*

Fl-2017 ġew stabbiliti żewġ awli ġodda fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), jiġifieri l-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari) u l-Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych (l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi).

Permezz ta' liġi tal-20 ta' Diċembru 2019, li emendat il-Liġi dwar il-Qorti Suprema, li daħlet fis-seħħ fl-2020, dawn iż-żewġ awli ngħataw kompetenzi ġodda, b'mod partikolari, sabiex jawtorizzaw il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin jew it-tqegħid tagħhom f'detenzjoni provviżorja [3]. Min-naħa tagħha, l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi ngħatat kompetenza esklużiva sabiex teżamina l-ilmenti u l-kwistjonijiet ta' liġi dwar l-indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef [4]. Barra minn hekk, skont din il-Liġi Emendatorja, il-Qorti Suprema, inkluż din l-aħħar awla, hija pprojbita milli tikkontesta l-leġittimità tal-qrati, tal-korpi kostituzzjonali tal-Istat u tal-korpi ta' stħarriġ u ta' protezzjoni tad-dritt u milli tikkonstata u tevalwa l-legalità tal-ħatra ta' mħallef [5]. L-imsemmija liġi tagħmel ukoll preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' reat dixxiplinari tal-imħallfin [6].

Din l-istess Liġi Emendatorja emendat ukoll il-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, billi daħħlet fiha dispożizzjonijiet analogi għal dawk li emendaw il-Liġi dwar il-Qorti Suprema [7]. Din tistabbilixxi wkoll is-sistema applikabbli għal eventwali proċeduri kriminali mibdija fil-konfront tal-imħallfin tal-qrati ordinarji [8]. Barra minn hekk, din timponi fuqhom, kif ukoll fuq l-imħallfin tal-Qorti Suprema, obbligi ta' dikjarazzjoni fil-qasam ta' sħubija f'assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru u partiti politiċi, inklużi l-perijodi preċedenti għat-teħid tal-funzjonijiet tagħhom, u tipprevedi l-pubblikazzjoni online ta' din l-informazzjoni [9]. Numru kbir ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda japplikaw ukoll għall-qrati amministrattivi [10].

---

3 Il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 27(1).

4 Għalhekk, l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi għandha kompetenza, b'mod partikolari, fil-qasam ta' rikuża tal-imħallfin jew tal-ilmenti bbażati fuq l-assenza ta' indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef, kif ukoll sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikorsi intiżi li tiġi kkonstatata l-illegalità ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meta din tkun tikkonsisti f'li jiġi kkontestat l-istatus tal-persuna maħtura fil-kariga ta' mħallef li jkun iddeċieda fil-kawża (il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 26(2) sa (6)). Hija għandha wkoll kompetenza esklużiva sabiex teżamina l-kwistjonijiet ta' liġi dwar l-indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef li jqumu quddiem il-Qorti Suprema (il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 82(2) sa (5)).

5 Il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 29(2) u (3).

6 Imħallef tal-Qorti Suprema għandu jkun responsabbli, fil-livell dixxiplinari, għal ksur ta' obbligi professjonali, b'mod partikolari, fil-każ ta' ksur manifest u flagranti tal-liġi, ta' atti jew ommissjonijiet ta' natura li jipprevjenu jew jimminaw serjament il-funzjonament ta' awtorità ġudizzjarja jew atti li jpoġġu f'dubju l-eżistenza tar-relazzjoni ta' impjieg ta' mħallef, l-effettività tal-ħatra ta' mħallef jew il-leġittimità ta' korp kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Polonja (il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 72(1)).

7 Għalhekk, l-Artikolu 42a tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji jirrepeti t-test tal-Artikolu 29(2) u (3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, filwaqt li l-Artikolu 107(1) tagħha jirrepeti t-test tal-Artikolu 72(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema (ara iktar 'il fuq).

8 Ara l-Artikoli 80 u 129(1) sa (3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji.

9 L-Artikolu 88a tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji jippreċiża, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu, li:

"1. Imħallef għandu jkun meħtieġ li jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub li ssemmi:

1) is-sħubija tiegħu f'assoċjazzjoni, inkluż l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-assoċjazzjoni, il-karigi miżmuma u l-perijodu tas-sħubija;

2) il-pożizzjoni miżmuma fi ħdan korp ta' fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru, inkluż l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-fondazzjoni u l-perijodu li matulu nżammet il-pożizzjoni;

Billi qieset li, meta adottat dawn ir-regoli l-ġodda, il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni [11], il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE.

Fis-sentenza mogħtija f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni. Hija kkonstatat li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ġodda kienu jippreġudikaw l-indipendenza ġudizzjarja ggarantita mid-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u kienu jiksru, barra minn hekk, minn naħa, l-obbligi imposti fuq il-qrati nazzjonali fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li stabilixxew il-mekkaniżmi ta' dikjarazzjoni fil-konfront tal-imħallfin u l-pubblikazzjoni online tad-data hekk miġbura kienu jiksru d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali stabbiliti mill-Karta u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (iktar 'il quddiem il-"GDPR" [12]).

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni fuq l-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni dwar l-istanzi ta' ksur tad-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-

---

3) is-sħubija tiegħu f'partit politiku qabel il-ħatra tiegħu għal kariga ta' mħallef u s-sħubija tiegħu f'partit politiku matul il-mandat tiegħu qabel id-29 ta' Diċembru 1989, inkluż l-isem tal-partit, il-karigi miżmuma u l-perijodu tas-sħubija. [...]

4. L-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun pubblika u tkun disponibbli fil-[*Biuletyn Informacji Publicznej* (il-Bullettin ta' Informazzjoni Pubblika)] [...]."

Fir-rigward tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, ara l-Artikolu 45(3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema.

10 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 5(1a) u (1b), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 49(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Amministrattivi.

11 Il-Kummissjoni qieset li l-Polonja kienet naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – li jipprevedi l-obbligu, għall-Istati Membri, li jistabbilixxu r-rimedji ġudizzjarji neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni –, skont l-Artikolu 47 tal-Karta – dwar id-dritt għal rimedju effettiv u ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi -, skont it-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE – li jipprevedi l-possibbiltà (it-tieni paragrafu), għal ċerti qrati nazzjonali, u l-obbligu (it-tielet paragrafu), għal oħrajn, li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari –, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta u tal-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 9(1) tal-GDPR, dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

12 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Unjoni hija bbażata fuq valuri li huma komuni għall-Istati Membri [13] u li l-osservanza ta' dawn il-valuri tikkostitwixxi prerekwiżit għall-adeżjoni mal-Unjoni [14]. L-Unjoni tiġbor għalhekk fi ħdanha Stati li aderixxew liberament u volontarjament għall-imsemmija valuri, u l-osservanza u l-promozzjoni tagħhom tikkostitwixxi l-premessa fundamentali tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. L-osservanza ta' dawn il-valuri minn Stat Membru tikkostitwixxi għalhekk kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li joħorġu mill-applikazzjoni tat-Trattati għal dan l-Istat Membru u ma għandhiex issir sempliċi obbligu li jkollu jiġi osservat minn Stat kandidat sabiex jaderixxi mal-Unjoni u li huwa jkun jista' ma jkomplix josserva wara l-adeżjoni tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 19 TUE jikkonkretizza l-valur tal-Istat tad-dritt affermat fl-Artikolu 2 TUE [15] u jipprevedi li huma l-Istati Membri li għandhom jipprovdu għal sistema ta' rimedji ġudizzjarji u ta' proċeduri li jiżguraw lill-partijiet f'kawża r-rispett tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżiti li joħorġu mill-osservanza ta' valuri u prinċipji bħall-Istat tad-dritt, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-indipendenza ġudizzjarja ma jistgħux jaffettwaw l-identità nazzjonali ta' Stat Membru, fis-sens tal-Artikolu 4(2) TUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, għalhekk, li, fl-għażla tal-mudell kostituzzjonali rispettiv tagħhom, l-Istati Membri huma obbligati jikkonformaw mar-rekwiżit ta' indipendenza ġudizzjarja li joħroġ mill-Artikolu 2 u mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u li għalhekk b'mod partikolari huma obbligati li jiżguraw li tiġi evitata kull rigressjoni, fir-rigward tal-valur tal-Istat tad-dritt, tal-leġiżlazzjoni tagħhom fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, billi jastjenu, b'mod partikolari, milli jadottaw regoli li jippreġudikaw l-indipendenza ġudizzjarja.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dan ir-rigward, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, jimponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat ċar u preċiż u mingħajr ebda kundizzjoni, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati mitluba biex jinterpretaw u japplikaw id-dritt tal-Unjoni u r-rekwiżit li dawn ikunu stabbiliti minn qabel bil-liġi, u jgawdi minn effett dirett li jimplika, konformement mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, li titħalla mhux applikata kwalunkwe dispożizzjoni, ġurisprudenza jew prassi nazzjonali kuntrarja għal dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni, hija għaldaqstant, jekk ikun il-każ, il-qorti kostituzzjonali nazzjonali kkonċernata li għandha temenda l-ġurisprudenza rispettiva tagħha li tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-portata tal-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel lok, li, billi tat lill-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema, li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma kinux iggarantiti, is-setgħa li taqta' kawżi li jkollhom impatt dirett fuq l-istatus u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallfin u assistenti mħallfin, bħall-kawżi fil-qasam ta' tneħħija ta' immunità kriminali tal-imħallfin u fil-qasam tad-dritt tax-xogħol, ta' sigurtà soċjali u tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

---

[13] Artikolu 2 TUE.

[14] Artikolu 49 TUE.

[15] Ara, dwar dan, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, ***Associação Sindical dos Juízes Portugueses*** (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 32).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat kellu jinkludi garanziji xierqa sabiex jiġi evitat kull riskju ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew ta' pressjoni u intimidazzjoni fil-konfront tal-imħallfin li jkunu jistgħu b'mod partikolari joħolqu apparenza ta' assenza ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tagħhom li tkun tista' tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet f'kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt [16]. Għalhekk, huwa importanti, bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet fir-rigward tar-regoli applikabbli għas-sistema dixxiplinari tal-imħallfin [17], li, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-konsegwenzi kbar li jistgħu jirriżultaw minn dan f'dak li jirrigwarda kemm l-iżvolġiment tal-karriera tal-imħallfin kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' ħajja tagħhom, id-deċiżjonijiet li jawtorizzaw il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontrihom, l-arrest tagħhom u t-tqegħid f'detenzjoni tagħhom, jew it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tagħhom, jew id-deċiżjonijiet relatati ma' aspetti essenzjali tas-sistemi tad-dritt tax-xogħol, ta' sigurtà soċjali jew ta' irtirar kmieni applikabbli għal dawn l-imħallfin, jiġu adottati jew mistħarrġa minn istanza li hija stess tissodisfa l-garanziji inerenti fi protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fosthom dik tal-indipendenza.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi adottat id-dispożizzjonijiet li jippermettu li jiġi kklassifikat bħala reat dixxiplinari l-eżami tal-osservanza tar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi [18], il-Polonja naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll taħt l-Artikolu 267 TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq jimplika b'mod partikolari li kull qorti għandha l-obbligu li tivverifika jekk, permezz tal-kompożizzjoni tagħha, hija tikkostitwixxix tali qorti meta jitnissel dubju serju fuq dan il-punt. Hija fakkret ukoll li l-verifika tal-osservanza tar-rekwiżiti msemmija iktar 'il fuq tista' tkun vinkolanti fuq il-qrati nazzjonali f'diversi ċirkustanzi oħrajn u li tali verifika tista' b'mod partikolari tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk irregolarità li tivvizzja l-proċedura ta' ħatra ta' mħallef setgħetx twassal għal ksur ta' dan id-dritt fundamentali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt, għal qorti nazzjonali, li teżerċita l-kompiti li huma mogħtija lilha mit-Trattati u li tikkonforma mal-obbligi imposti fuqha skont it-Trattati, billi tagħti effett għal dispożizzjonijiet bħat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, ma jistax, minnu nnifsu, jiġi stabbilit bħala reat dixxiplinari mingħajr l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jkunu *ipso facto* miksura.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, qabelxejn, li d-definizzjonijiet tar-reati dixxiplinari inkwistjoni kellhom natura wiesgħa u impreċiża ħafna, b'tali mod li dawn kienu jkopru sitwazzjonijiet li fihom l-imħallfin ikunu obbligati jivverifikaw jekk huma stess, il-qorti li jkunu sedenti fiha, imħallfin oħrajn jew qrati oħrajn ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti li joħorġu mid-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jippermettux barra minn hekk li jiġi żgurat li r-responsabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati minħabba d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu msejħa jagħtu tkun strettament limitata għal każijiet totalment eċċezzjonali u li s-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin ma tkunx tista', konsegwentement, tintuża għal finijiet ta' kontroll politiku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kundizzjonijiet u tal-kuntest partikolari li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ġew adottati fihom, il-Qorti tal-Ġustizzja

---

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, ***Asociaţia "Forumul Judecătorilor din România" et*** (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 216).

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema Dixxiplinari għall-Imħallfin)*** (C-791/19, EU:C:2021:596, punt 80).

18 Il-punti 2 u 3 tal-Artikolu 107(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji u l-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 72(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema.

enfasizzat li l-kliem magħżul mil-leġiżlatur Pollakk jirrifletti manifestament sensiela ta' mistoqsijiet li wasslu lil diversi qrati Pollakki jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda l-konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta ta' diversi emendi leġiżlattivi reċenti li affettwaw l-organizzazzjoni ġudizzjarja fil-Polonja. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, konsegwentement, li r-riskju li l-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali jkunu s-suġġett ta' interpretazzjoni li tippermetti li s-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin tintuża sabiex il-qrati nazzjonali kkonċernati jiġu preklużi milli jagħmlu ċerti konstatazzjonijiet li jeżiġi min-naħa tagħhom id-dritt tal-Unjoni u li jiġu influwenzati d-deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' dawn il-qrati billi tiġi ppreġudikata l-indipendenza tal-imsemmija imħallfin, kien stabbilit u l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kienu, konsegwentement, qegħdin jinkisru għal din ir-raġuni. Dawn l-istess dispożizzjonijiet nazzjonali kienu qegħdin jiksru wkoll l-Artikolu 267 TFUE, sa fejn kienu qegħdin iwasslu għal riskju li l-imħallfin nazzjonali jiġu ssanzjonati b'mod dixxiplinari talli għamlu rinviji għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dak li jirrigwarda, b'mod iżjed partikolari, ir-reat dixxiplinari bbażat fuq il-"ksur manifest u flagranti tal-liġi" mill-imħallfin tal-Qorti Suprema [19], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjoni nazzjonali li kienet tipprevedih kienet tippreġudika wkoll l-indipendenza ta' dawn l-imħallfin peress li ma kinitx tippermetti li jiġi evitat li s-sistema dixxiplinari applikabbli fil-konfront tal-imsemmija mħallfin tintuża sabiex isiru pressjoni u effett dissważiv li jistgħu jinfluwenzaw il-kontenut tad-deċiżjonijiet tagħhom. Din id-dispożizzjoni kienet tillimita wkoll l-obbligu tal-Qorti Suprema li tressaq talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bil-possibbiltà li jinbdew proċeduri dixxiplinari.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi adottat id-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu lil kull qorti nazzjonali milli tivverifika l-osservanza ta' rekwiżiti li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni dwar il-garanzija ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi [20], il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll taħt il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

Dwar dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali kienu jipprojbixxu mhux biss li mħallef "jistabbilixxi" iżda wkoll li "jevalwa", għal-"legalità" tagħhom, kemm il-"ħatra" nnifisha kif ukoll is-"setgħa li jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji li tirriżulta minn din il-ħatra". Barra minn hekk, dawn l-istess dispożizzjonijiet kienu jipprojbixxu kull "tqegħid f'dubju" tal-"leġittimità" tal-"qrati" u tal-"korpi kostituzzjonali tal-Istat jew il-korpi responsabbli għall-istħarriġ u l-protezzjoni tal-liġi". Issa, tali formulazzjonijiet jistgħu, waħedhom fil-kuntest partikolari li ġew adottati fih, iwasslu sabiex firxa ta' atti li l-qrati kkonċernati jkunu madankollu obbligati li jadottaw, konformement mal-obbligi imposti fuqhom sabiex jiżguraw l-osservanza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, tkun tista', minħabba l-kontenut tagħhom jew l-effetti tagħhom, taqa' taħt il-projbizzjonijiet hekk stabbiliti. Barra minn hekk, peress li l-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jostakolaw li l-qrati Pollakki jħallu mhux applikati dispożizzjonijiet kuntrarji għal dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li huma ta' effett dirett, dawn ukoll huma ta' natura li jiksru l-prinċipju ta' supremazija ta' dan id-dritt.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet u ddeċidiet li, billi tat lill-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema l-kompetenza esklużiva sabiex teżamina l-ilmenti u l-kwistjonijiet

---

[19] Il-punt 1 tal-Artikolu 72(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema.

[20] Artikolu 42a(1) u (2) u Artikolu 55(4) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji, Artikolu 26(3) u Artikolu 29(2) u (3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, kif ukoll Artikolu 5(1a) u (1b) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Amministrattivi.

ta’ liġi dwar l-assenza ta’ indipendenza ta’ qorti jew ta’ mħallef [21], il-Polonja kienet naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll taħt l-Artikolu 267 TFUE, u l-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

Dwar dan, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-organizzazzjoni mill-ġdid u l-konċentrazzjoni tal-kompetenzi ġudizzjarji inkwistjoni jirrigwardaw ċerti rekwiżiti ta’ natura kostituzzjonali u proċedurali li joħorġu mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mill-Artikolu 47 tal-Karta, li l-osservanza tagħhom għandha tiġi ggarantita b’mod trażversali fl-oqsma sostantivi ta’ applikazzjoni kollha tad-dritt tal-Unjoni u quddiem il-qrati nazzjonali kollha aditi b’kawżi li jaqgħu taħt dawn l-oqsma. F’dan ir-rigward, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom rabta mill-qrib mal-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni li l-implimentazzjoni tiegħu mill-qrati nazzjonali tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-individwi.

F’dan il-kuntest, sa fejn, b’mod partikolari, kull qorti nazzjonali msejħa sabiex tapplika d-dritt tal-Unjoni għandha l-obbligu li tivverifika jekk, bil-kompożizzjoni tagħha, hija tikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali stabbilita bil-liġi, meta jitnissel dubju serju fuq dan il-punt, u sa fejn tali qrati għandhom ukoll, f’ċerti ċirkustanzi, ikunu jistgħu jivverifikaw jekk irregolarità li tivvizzja l-proċedura ta’ ħatra ta’ mħallef setgħetx twassal għal ksur tad-dritt fundamentali għal tali qorti, huwa eskluż li l-istħarriġ, mill-qrati nazzjonali, tal-osservanza ta’ dawn ir-rekwiżiti jkun jista’ jaqa’, b’mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, taħt istanza nazzjonali waħda u unika, u iżjed u iżjed jekk dik l-istanza nnifisha ma tkunx tista’, skont id-dritt nazzjonali, teżamina ċerti aspetti inerenti għal dawn ir-rekwiżiti. F’dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kellhom bħala għan li jirriżervaw lil istanza waħda u unika l-istħarriġ ġeneralizzat tar-rekwiżiti dwar l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin kollha, kemm tal-ordinament ġudizzjarju kif ukoll tal-ordinament amministrattiv, billi jċaħħdu, f’dan ir-rigward, mill-kompetenzi tagħhom, lill-qrati nazzjonali li sa dak iż-żmien kellhom kompetenza sabiex jeżerċitaw id-diversi tipi ta’ stħarriġ meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni u milli japplikaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija enfasizzat, mill-ġdid, il-kuntest li tidħol fih l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-kompetenzi ġudizzjarji inkwistjoni mwettqa mil-Liġi Emendatorja, li kienet ikkaratterizzata miċ-ċirkustanza li l-qrati Pollakki jiġu, barra minn hekk, preklużi milli jwettqu ċerti konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet li kienet ir-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu skont id-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-fatt li tiġi fdata f’istanza nazzjonali waħda u unika l-kompetenza sabiex tivverifika r-rispett tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, minkejja li n-neċessità għal tali verifika tista’ tqum quddiem kwalunkwe qorti nazzjonali, huwa, flimkien mal-istabbiliment ta’ diversi projbizzjonijiet u reati dixxiplinari, ta’ natura li jikkontribwixxi sabiex idgħajjef l-effettività tal-istħarriġ tar-rispett ta’ dan id-dritt fundamentali. Billi għalhekk kienu jipprekludu mingħajr distinzjoni lill-qrati l-oħra milli jagħmlu dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-partijiet f’kawża għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva billi jwarrbu, jekk hemm bżonn, huma stess, l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali kuntrarji għar-rekwiżiti li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kienu jiksru wkoll il-prinċipju ta’ supremazija ta’ dan id-dritt. Barra minn hekk, peress li l-fatt innifsu li l-Awla ta’ Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema tingħata kompetenza esklużiva sabiex taqta’ ċerti kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kienu ta’ natura li jipprekludi jew jiskoraġġixxi lill-qrati l-oħrajn milli jressqu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kienu jiksru wkoll l-Artikolu 267 TFUE.

---

[21] Artikolu 26(2) u (4) sa (6) u Artikolu 82(2) sa (5) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema u Artikolu 10 tal-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Qorti Suprema.

Fil-ħames u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi adottat id-dispożizzjonijiet li jimponu fuq l-imħallfin obbligu li jikkomunikaw informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom fi ħdan assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru, kif ukoll is-sħubija tagħhom f'partit politiku, qabel il-ħatra tagħhom, u billi jipprevedu l-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni [22], il-Polonja kisret id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ggarantiti mill-Karta [23] kif ukoll mill-GDPR [24].

F'dan ir-rigward, wara li kkonkludiet li l-GDPR kien applikabbli f'dan il-każ, u b'mod iżjed speċifiku l-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-għanijiet mogħtija mill-Polonja insostenn tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni u li jikkonsistu f'li jitnaqqas ir-riskju li l-imħallfin ikunu jistgħu jiġu influwenzati, fl-eżerċizzju tal-karigi tagħhom, minn kunsiderazzjonijiet dwar interessi privati jew politiċi, kif ukoll f'li tissaħħaħ il-fiduċja tal-partijiet f'kawża dwar l-eżistenza ta' tali imparzjalità jaqgħu taħt għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, jew għan ta' interess pubbliku leġittimu, fis-sens tal-GDPR [25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, madankollu, li, għalkemm tali għan jista' għaldaqstant jawtorizza limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, dan ikun biss il-każ madankollu, b'mod partikolari, meta dawn il-limitazzjonijiet jissodisfaw tali għan effettivament u jkunu proporzjonati għalih.

Fl-eżami tan-natura neċessarja tal-miżuri inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Polonja ma ppreżentatx spjegazzjonijiet ċari u konkreti li indikaw għal liema raġunijiet il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sħubija ta' mħallef f'partit politiku qabel il-ħatra tiegħu u matul l-eżerċizzju tal-mandat tiegħu ta' mħallef qabel id-29 ta' Diċembru 1989 kienet ta' natura li tista' tikkontribwixxi attwalment sabiex jissaħħaħ id-dritt tal-partijiet f'kawża sabiex il-kawża tagħhom tinstema' minn qorti li tissodisfa r-rekwiżit ta' imparzjalità. Fid-dawl tal-kuntest partikolari li ġew adottati fih il-Liġi Emendatorja u l-imsemmija miżuri, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, barra minn hekk, li dawn il-miżuri kienu ġew, fir-realtà, adottati, b'mod partikolari, sabiex issir ħsara għar-reputazzjoni professjonali tal-imħallfin ikkonċernati u għall-perċezzjoni li l-partijiet f'kawża kellhom tagħhom. Għaldaqstant, l-imsemmija miżuri ma kinux xierqa sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu allegat f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-informazzjoni l-oħra, dwar is-sħubija attwali jew fil-passat tal-imħallfin f'assoċjazzjoni jew f'fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma kienx jista' jiġi eskluż, *a priori*, li l-fatt li tali informazzjoni titqiegħed online jikkontribwixxi sabiex tiġi żvelata l-eżistenza ta' kunflitti ta' interess potenzjali li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju imparzjali mill-imħallfin tal-funzjonijiet tagħhom fl-ipproċessar ta' kawżi partikolari, u tali trasparenza tista', barra minn hekk, tikkontribwixxi, b'mod iżjed ġenerali, sabiex issaħħaħ il-fiduċja tal-partijiet f'kawża f'din l-imparzjalità u fil-ġustizzja. Hija rrilevat, madankollu, minn naħa, li, f'dan il-każ, id-data personali kkonċernata kienet tirrigwarda b'mod partikolari perijodi preċedenti għad-data li minnha mħallef ikun obbligat jagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-assenza ta' limitazzjoni *ratione temporis* fir-rigward tal-perijodi preċedenti kkonċernati, ma setax jitqies li l-miżuri inkwistjoni jkunu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tad-dritt tal-partijiet f'kawża li l-kawża tagħhom tinstema' minn qorti li tissodisfa r-rekwiżit ta' imparzjalità. Min-naħa l-oħra, u fir-rigward tal-ibbilanċjar li għandu jsir bejn l-għan ta' interess ġenerali mfittex u d-drittijiet

---

22 Artikolu 88a tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji, Artikolu 45(3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema kif ukoll Artikolu 8(2) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Amministrattivi.

23 Artikolu 7 u Artikolu 8(1) tal-Karta.

24 Il-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), Artikolu 6(3) u Artikolu 9(1) tal-GDPR.

25 Fis-sens tal-Artikolu 6(3) u tal-Artikolu 9(2)(g) tal-GDPR.

inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabelxejn, li t-tqegħid online tal-informazzjoni personali inkwistjoni tista', skont l-għan tal-assoċjazzjonijiet jew tal-fondazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru kkonċernati, tiżvela informazzjoni fuq ċerti aspetti sensittivi tal-ħajja privata tal-imħallfin ikkonċernati, b'mod partikolari l-konvinzjonijiet reliġjużi jew filosofiċi ta' dawn tal-aħħar. Hija osservat, sussegwentement, li l-ipproċessar tad-data personali inkwistjoni jwassal sabiex din id-data ssir liberament aċċessibbli fuq l-internet għall-pubbliku inġenerali u, għalhekk, għal numru potenzjalment illimitat ta' persuni. Fl-aħħar, hija rrilevat li, fil-kuntest partikolari li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati ġew adottati fih, it-tqegħid online ta' din id-data tista' tesponi lill-imħallfin ikkonċernati għal riskji ta' stigma indebita, li taffettwa b'mod inġustifikat il-perċezzjoni li jkollhom tagħhom kemm il-partijiet f'kawża kif ukoll il-pubbliku inġenerali, kif ukoll għar-riskju li l-iżvilupp tal-karriera tagħhom jiġi ostakolat b'mod indebitu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li pproċessar tad-data personali bħal dak inkwistjoni kien jikkostitwixxi interferenza partikolarment gravi fid-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom.

Filwaqt li wettqet, għalhekk, l-ibbilanċjar tal-gravità ta' din l-interferenza mal-importanza tal-għan ta' interess ġenerali allegat, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fid-dawl tal-kuntest nazzjonali ġenerali u speċifiku li tidħol fih l-adozzjoni tal-miżuri inkwistjoni u tal-konsegwenzi partikolarment gravi li jkunu jistgħu joħorġu minnu għall-imħallfin ikkonċernati, ir-riżultat ta' dan l-ibbilanċjar ma kienx ekwilibrat. B'paragun mal-*istatus quo ante* li joħroġ mill-qafas ġuridiku nazzjonali preeżistenti, it-tqegħid online tad-data personali kkonċernata tirrappreżenta, fil-fatt, interferenza potenzjalment kunsiderevoli fid-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 8(1) tal-Karta, mingħajr din l-interferenza ma tkun tista', f'dan il-każ, tiġi ġġustifikata mill-benefiċċji eventwali li jkunu jistgħu jirriżultaw minnu f'termini ta' prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess tal-imħallfin u ta' żieda tal-fiduċja fl-imparzjalità ta' dawn tal-aħħar.

**Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), YP *et* (Tneħħija tal-immunità u sospensjoni ta' mħallef) (C-615/20 u C-671/20, EU:C:2023:562).**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza tal-qrati – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Artikolu 4(3) TUE – Obbligu ta' kooperazzjoni leali – Tneħħija tal-immunità minn proċeduri kriminali u sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef ordnati mill-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari) tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità ta' din l-awla – Bidla fil-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti mitlub jieħu konjizzjoni ta' kawża li sa dak iż-żmien kienet fdata lil dak l-imħallef – Projbizzjonijiet għall-qrati nazzjonali li jikkontestaw il-leġittimità ta' qorti, li jikkompromettu l-funzjonament tagħha jew li jevalwaw il-legalità jew l-effettività tal-ħatra tal-imħallfin jew tas-setgħat ġudizzjarji tagħhom taħt piena ta' sanzjonijiet dixxiplinari – Obbligu għall-qrati kkonċernati u għall-korpi kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti li jeskludu l-applikazzjoni tal-miżuri ta' tneħħija tal-immunità u ta' sospensjoni tal-imħallef ikkonċernat – Obbligu għal dawn l-istess qrati u korpi li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu l-imsemmija projbizzjonijiet"*

- **Il-Kawża C-615/20**

Abbażi ta' att ta' akkuża mill-Prokuratura Okręgowa w Warszawie (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), YP u oħra ġew akkużati quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja) b'sensiela ta' reati kriminali. Din il-kawża ġiet assenjata lil kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku ta' din il-qorti, kompost mill-Imħallef I. T.

Filwaqt li din il-kawża kienet tinsab fi stadju avvanzat ħafna tal-proċedura, il-Prokuratura Krajowa Wydział Spraw Wewnętrznych (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Nazzjonali, Sezzjoni tal-Affarijiet Interni, il-

Polonja), fl-14 ta’ Frar 2020, adixxa lill-Awla Dixxiplinari tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) [26] b’talba għal awtorizzazzjoni sabiex jinfetħu proċeduri kriminali kontra l-Imħallef I. T. talli, f’Diċembru 2017, awtorizza rappreżentanti tal-mezzi ta’ komunikazzjoni jirreġistraw immaġni u ħsejjes matul seduta kif ukoll matul l-għoti ta’ deċiżjoni fil-kawża kkonċernata u l-espożizzjoni orali tal-motivi ta’ din id-deċiżjoni u, b’dan il-mod, allegatament żvela informazzjoni li toriġina mill-proċedura istruttorja tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta’ Varsavja fil-kawża inkwistjoni.

Permezz ta’ riżoluzzjoni tat-18 ta’ Novembru 2020 (iktar ’il quddiem ir-“riżoluzzjoni kontenzjuża”), l-Awla Dixxiplinari awtorizzat il-ftuħ ta’ proċeduri kriminali kontra l-Imħallef I. T., issospendietu mill-funzjonijiet tiegħu u naqqset l-ammont tar-remunerazzjoni tiegħu b’25 % għat-tul ta’ din is-sospensjoni.

Il-qorti tar-rinviju, li hija l-kulleġġ ġudikanti tal-Qorti Reġjonali ta’ Varsavja responsabbli għall-proċeduri kriminali mibdija b’mod partikolari kontra YP u li fi ħdanha l-Imħallef I. T. ipoġġi bħala mħallef uniku, irrilevat li r-riżoluzzjoni kontenzjuża kienet ta’ natura li tipprekludi li hija tkun tista’ tkompli din il-proċedura. F’dan il-kuntest, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha sabiex tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu jagħtu lil istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma kinux iggarantiti, il-kompetenza sabiex tawtorizza l-ftuħ ta’ proċeduri kriminali kontra mħallfin tal-qrati ordinarji u, fil-każ ta’ ħruġ ta’ tali awtorizzazzjoni, sabiex tissospendi l-funzjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati u sabiex tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom matul l-imsemmija sospensjoni. Id-domandi tagħha kienu intiżi, essenzjalment, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni [27], l-imħallef uniku li jifforma din il-qorti kienx jibqa’ ġġustifikat li jkompli bl-eżami tal-kawża prinċipali minkejja r-riżoluzzjoni kontenzjuża li ssospendietu mill-funzjonijiet tiegħu.

- **Il-Kawża C-671/20**

Proċeduri kriminali oħra kienu seħħu bejn il-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta’ Varsavja u M., akkużat ukoll b’diversi reati kriminali, dwar deċiżjoni ta’ dan l-uffiċċju tal-prosekutur li ordnat il-ħolqien ta’ ipoteka mandatorja fuq proprjetà immobbli ta’ M. Dan tal-aħħar ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Reġjonali ta’ Varsavja, qorti li fi ħdanha l-kawża marbuta ma’ dan ir-rikors kienet ġiet inizjalment assenjata lill-Imħallef I. T.

Wara l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni kontenzjuża li ssospendiet b’mod partikolari lill-Imħallef I. T. mill-funzjonijiet tiegħu, il-President tal-Qorti Reġjonali ta’ Varsavja inkariga lill-Presidenta tas-Sezzjoni li fiha kien ipoġġi l-Imħallef I. T. sabiex tibdel il-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti fil-kawżi li kienu ġew assenjati lil dan l-imħallef, bl-eċċezzjoni tal-kawża li fiha l-Imħallef I. T. kien adixxa lill-Qorti tal-Ġustizzja bit-talba għal deċiżjoni preliminari li kienet is-suġġett tal-Kawża C-615/20. Konsegwentement, din il-Presidenta tas-Sezzjoni adottat digriet li ordna l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawżi inizjalment assenjati lill-Imħallef I. T., fosthom il-kawża relatata ma’ M.

---

[26] Il-Liġi dwar il-Qorti Suprema tat-8 ta’ Diċembru 2017 stabbilixxiet, fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), awla dixxiplinari ġdida msejħa Izba Dyscyplinarna (iktar ’il quddiem l-“Awla Dixxiplinari”). Permezz ta’ Liġi tal-20 ta’ Diċembru 2019 li emendat il-Liġi dwar il-Qorti Suprema, li daħlet fis-seħħ fl-2020, din l-awla ngħatat kompetenzi ġodda, b’mod partikolari, sabiex tawtorizza l-ftuħ ta’ proċeduri kriminali kontra l-imħallfin jew it-tqegħid tagħhom f’detenzjoni provviżorja (punt 1a tal-Artikolu 27(1)).

[27] Jiġifieri l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 2 TUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li jistabbilixxu l-prinċipju tal-Istat tad-dritt u r-rekwiżiti ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif ukoll il-prinċipji ta’ supremazija, ta’ kooperazzjoni leali u ta’ ċertezza legali.

Skont il-qorti tar-rinviju, jiġifieri kulleġġ ġudikanti ieħor b'Imħallef uniku tal-Qorti Reġjonali ta' Varsavja li lilu ġiet assenjata din il-kawża, dawn l-avvenimenti juru li l-President ta' din il-qorti rrikonoxxa s-saħħa vinkolanti tar-riżoluzzjoni kontenzjuża billi qies li s-sospensjoni tal-funzjonijiet tal-Imħallef I. T. kienet tipprekludi li l-imsemmija kawża tiġi eżaminata minn dan l-imħallef jew li kien jeżisti ostakolu fit-tul għal tali eżami.

Issa, din il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar in-natura vinkolanti ta' att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża u dwar il-leġittimità tal-kulleġġi ġudikanti l-oħra maħtura wara l-eżekuzzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni. Hija indikat, barra minn hekk, li dispożizzjonijiet nazzjonali reċenti kienu jipprojbixxuha, taħt piena ta' sanzjonijiet dixxiplinari, milli teżamina n-natura vinkolanti tal-imsemmija riżoluzzjoni. Id-domandi tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja kienu intiżi, essenzjalment, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni [28], hija setgħetx, mingħajr ir-riskju li tiġi stabbilita r-responsabbiltà dixxiplinari tal-Imħallef uniku li jpoġġi fi ħdanha, tqis ir-riżoluzzjoni bħala nieqsa minn saħħa vinkolanti, b'tali mod li hija ma tkunx iġġustifikata li taqta' l-kawża prinċipali li kienet ġiet assenjata lilha mill-ġdid wara din ir-riżoluzzjoni, u jekk din il-kawża kellhiex, għaldaqstant, tiġi assenjata mill-ġdid lill-imħallef inizjalment responsabbli għaliha.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija f'dawn il-kawżi magħquda, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, irreferiet għat-tagħlim li jinsab fil-ġurisprudenza tagħha [29], b'mod partikolari fis-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) [30]. Hija ddeċidiet, essenzjalment, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali li jippermettu lil istanza, bħalma hija l-Awla Dixxiplinari, li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti, tneħħi l-immunità ta' mħallef, tissospendih mill-funzjonijiet tiegħu kif ukoll tnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu. Hija ppreċiżat ukoll, fid-dawl tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, il-konsegwenzi ta' tali konklużjoni għall-qorti nazzjonali fir-rigward ta' att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża li jimplika, bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, is-sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef li jpoġġi bħala mħallef uniku, kif ukoll għall-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-imsemmija qorti nazzjonali.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali li jagħtu lil istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti l-kompetenza sabiex tawtorizza l-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra l-imħallfin tal-qrati ordinarji u, fil-każ ta' ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni, sabiex tissospendi l-funzjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati u sabiex tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom matul l-imsemmija sospensjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, sa mit-tressiq ta' dawn iż-żewġ kawżi għal deċiżjoni preliminari, hija kienet tat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) li fiha hija kienet iddeċidiet b'mod partikolari li, billi tat is-setgħa lill-Awla Dixxiplinari, li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma kinux iggarantiti [31], li taqta' kawżi li jkollhom effett dirett fuq l-

---

[28] Jiġifieri l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija, ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali.

[29] Dwar in-nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari stabbilita mil-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2017, kif emendata fil-kuntest tar-riforma tal-ġustizzja Pollakka tal-2019.

[30] Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)*** (C-204/21, EU:C:2023:442).

[31] Fil-punt 102 tas-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)***, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza preċedenti tagħha (punt 112 tas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, ***Il-Kummissjoni***

istatus u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef, bħal talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin, il-Polonja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [32].

Fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li s-sempliċi perspettiva, għall-imħallfin, li jinkorru r-riskju li awtorizzazzjoni sabiex jinfetħu proċeduri kriminali kontrihom tkun tista' tintalab u tinkiseb minn istanza li l-indipendenza tagħha ma tkunx iggarantita tista' taffettwa l-indipendenza tagħhom stess u li l-istess japplika fir-rigward tar-riskji li tali istanza tiddeċiedi dwar is-sospensjoni eventwali tagħhom mill-funzjonijiet tagħhom u dwar it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tagħhom [33].

F'dan il-każ, ir-riżoluzzjoni kontenzjuża ġiet adottata fir-rigward tal-Imħallef I. T. [34], abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, iddeċidiet li jmorru kontra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, sa fejn dawn jagħtu l-kompetenza sabiex jiġu adottati atti bħal din ir-riżoluzzjoni lil tali istanza.

Għalkemm l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat huma obbligati jemendaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu s-suġġett ta' sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu sabiex jirrenduhom konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, il-qrati ta' dan l-Istat Membru għandhom, min-naħa tagħhom, l-obbligu li jiżguraw l-osservanza ta' dik is-sentenza fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħhom, li jimplika, b'mod partikolari, li dawn il-qrati għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun hemm lok, l-elementi legali stabbiliti fiha bil-għan li jiddeterminaw il-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li dawn għandhom il-missjoni li japplikaw. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-615/20 intalbet tislet, fil-kawża prinċipali, il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw mit-tagħlim tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin).

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali f'dan is-sens:

- minn naħa, li kulleġġ ġudikanti ta' qorti nazzjonali, adit b'kawża u kompost minn Imħallef uniku li fil-konfront tiegħu istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti adottat riżoluzzjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' proċeduri kriminali u li tordna s-

---

***vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin)*** (C-791/19, EU:C:2021:596)), tenniet l-evalwazzjoni tagħha li tgħid li l-Awla Dixxiplinari ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġ.

32 Sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)***, dispożittiv 1.

33 Sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)***, punt 101.

34 Jiġifieri qorti ordinarja li tista' tintalab tiddeċiedi, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, dwar kwistjonijiet marbuta mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

sospensjoni tal-funzjonijiet tiegħu kif ukoll it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu, huwa ġġustifikat li jeskludi l-applikazzjoni ta' tali riżoluzzjoni li tostakola l-eżerċizzju tal-kompetenza tiegħu f'dik il-kawża, u,

– min-naħa l-oħra, li l-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti ta' din il-qorti nazzjonali għandhom jeskludu wkoll l-applikazzjoni tar-riżoluzzjoni li tostakola l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza mill-imsemmi kulleġġ ġudikanti.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita [35], il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi, b'mod partikolari, fuq kull qorti nazzjonali li tapplika, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ tar-rekwiżiti ta' dan id-dritt fit-tilwima li jkollha quddiemha billi jekk ikun hemm bżonn ma tapplikax, fuq awtorità tagħha stess, kull leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkollha effett dirett, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel ta' din il-leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra. L-osservanza ta' dan l-obbligu tikkostitwixxi espressjoni tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

Issa, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [36], jibbenefika minn effett dirett li jimplika li ma għandha tiġi applikata ebda dispożizzjoni nazzjonali, ġurisprudenza jew prassi nazzjonali li tmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja [37].

Anki fl-assenza ta' miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jkunu temmew nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri kollha sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni skont it-tagħlim li jinsab fis-sentenza li tikkonstata dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, huma għandhom iħassru l-konsegwenzi illegali ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Sabiex tissodisfa l-imsemmija obbligi, qorti nazzjonali għandha teskludi l-applikazzjoni ta' att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża li, bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ikun ordna s-sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef meta dan ikun indispensabbli fid-dawl tas-sitwazzjoni proċedurali inkwistjoni sabiex tiġi ggarantita s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni [38].

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża jkun ġie adottat minn istanza li ma tikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, ebda kunsiderazzjoni bbażata fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali jew marbuta ma' allegata awtorità ta' *res judicata* ta' din ir-riżoluzzjoni ma tista' tiġi invokata b'mod utli sabiex il-qorti tar-rinviju u l-korpi

---

[35] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, ***RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali)*** (C-430/21, EU:C:2022:99, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll il-punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[36] Li timponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat ċar u preċiż u li ma jkun akkumpanjat minn ebda kundizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-qrati mitluba jinterpretaw u japplikaw id-dritt tal-Unjoni u tar-rekwiżit li dawn ikunu stabbiliti minn qabel bil-liġi.

[37] Sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)***, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[38] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ***W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra)*** (C-487/19, EU:C:2021:798, punti 159 u 161).

ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali jiġu preklużi milli jeskludu l-applikazzjoni ta' tali riżoluzzjoni [39].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-proċedura fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-615/20 ġiet sospiża mill-qorti tar-rinviju, fl-istennija ta' din is-sentenza. F'dan il-kuntest, it-tkomplija ta' din il-proċedura mill-imħallef li jifforma l-kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku tal-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari fl-istadju avvanzat li fih tinsab l-imsemmija proċedura li hija partikolarment kumplessa, ma tidhirx li tista' tippreġudika ċ-ċertezza legali. Għall-kuntrarju, din tidher li hija ta' natura li tippermetti li t-trattament tal-kawża prinċipali jista' jwassal għal deċiżjoni li tkun konformi, minn naħa, mar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u, min-naħa l-oħra, mad-dritt tal-partijiet fil-kawża kkonċernati għal smigħ xieraq f'terminu raġonevoli.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-615/20 hija ġġustifikata li teskludi l-applikazzjoni tar-riżoluzzjoni kontenzjuża, sabiex tkun tista' tkompli bl-eżami tal-kawża prinċipali fil-kompożizzjoni attwali tagħha mingħajr ma l-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali jkunu jistgħu jostakolaw dan.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' kooperazzjoni leali b'rabta mas-sitwazzjoni ta' kulleġġ ġudikanti ta' qorti nazzjonali, bħall-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-671/20, li lilu ġiet assenjata mill-ġdid kawża li qabel kienet assenjata lil kulleġġ ġudikanti ieħor ta' din il-qorti nazzjonali u dan bħala konsegwenza ta' att tal-Awla Dixxiplinari bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża, sabiex jiġi ddeterminat, b'mod partikolari, jekk din il-qorti tar-rinviju għandhiex, f'dan il-każ, teskludi l-applikazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni u tastjeni milli tkompli bl-eżami tal-imsemmija kawża.

Hija tenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, li jeskludu l-applikazzjoni ta' riżoluzzjoni li twassal, bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għas-sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef, meta dan ikun indispensabbli fir-rigward tas-sitwazzjoni proċedurali inkwistjoni sabiex tiġi ggarantita s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, huwa impost, b'mod partikolari, fuq il-kulleġġ ġudikanti li lilu l-kawża tkun ġiet assenjata mill-ġdid minħabba tali riżoluzzjoni. Dan il-kulleġġ ġudikanti għandu, konsegwentement, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' din il-kawża. L-imsemmi obbligu jorbot ukoll lill-korpi kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali, li għandhom, għaldaqstant, jassenjaw mill-ġdid l-istess kawża lill-kulleġġ ġudikanti li inizjalment kien adit biha.

F'dan il-każ, ebda kunsiderazzjoni bbażata fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali jew marbuta ma' allegata awtorità ta' *res judicata* tal-imsemmija riżoluzzjoni ma tista' tiġi invokata b'mod utli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-Kawża C-671/20, u b'differenza minn kawżi oħra assenjati lill-Imħallef I. T. li, fil-frattemp, ġew ukoll assenjati mill-ġdid lil kulleġġi ġudikanti oħra, iżda li l-eżami tagħhom kien tkompla jew, skont il-każ, ingħalaq bl-adozzjoni ta' deċiżjoni minn dawn il-kulleġġi ġudikanti l-ġodda, il-proċedura fil-kawża prinċipali ġiet sospiża sakemm tingħata din is-sentenza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tkomplija ta' din il-proċedura mill-Imħallef I. T. tidher li hija ta' natura li tippermetti li l-imsemmija proċedura tkun tista', minkejja d-dewmien ikkawżat mir-riżoluzzjoni kontenzjuża, twassal għal deċiżjoni li tkun konformi kemm mar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll ma' dawk li jirriżultaw mid-dritt tal-parti fil-kawża kkonċernata għal smigħ xieraq.

---

[39] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza ***W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra)***, punt 160).

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' kooperazzjoni leali fis-sens:

- minn naħa, li kulleġġ ġudikanti ta' qorti nazzjonali li, wara li jkun ġie assenjat mill-ġdid kawża li qabel kienet assenjata lil kulleġġ ġudikanti ieħor ta' din il-qorti u dan bħala konsegwenza ta' riżoluzzjoni adottata minn istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma humiex iggarantiti u li awtorizzat il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra l-imħallef uniku li jifforma dan l-aħħar kulleġġ ġudikanti u ordnat is-sospensjoni tal-funzjonijiet tiegħu kif ukoll it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu, iddeċieda li jissospendi t-trattament ta' din il-kawża sakemm tingħata deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jeskludi l-applikazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni u jastjeni milli jkompli bl-eżami tal-imsemmija kawża, u,

- min-naħa l-oħra, li l-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali huma obbligati, f'każ bħal dan, li jassenjaw mill-ġdid din l-istess kawża lill-kulleġġ ġudikanti inizjalment responsabbli għaliha.

Għal dak li jirrigwarda, fir-raba' lok, id-dispożizzjonijiet nazzjonali u l-ġurisprudenza ta' qorti kostituzzjonali msemmija mill-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-671/20 [40], li jipprekludu li din il-qorti tal-aħħar tkun tista', minkejja li hija obbligata tagħmel dan fid-dawl tar-risposti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi l-oħra tagħha, tiddeċiedi dwar l-assenza ta' saħħa vinkolanti ta' att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża u teskludi, jekk ikun il-każ, l-applikazzjoni tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fatt, għal qorti nazzjonali, li teżerċita l-funzjonijiet fdati lilha mit-Trattati u li tosserva l-obbligi tagħha taħt dawn it-Trattati, billi tagħti effett lil dispożizzjoni bħat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ma jistax jiġi pprojbit lilha u lanqas ma jista' jitqies li huwa ksur dixxiplinari fil-konfront tal-imħallfin li jpoġġu f'tali qorti [41].

Bl-istess mod, fid-dawl tal-effett dirett li għandu t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi fuq il-qrati nazzjonali l-obbligu li ma japplikawx kull ġurisprudenza nazzjonali li tmur kontra din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, fil-każ li, wara sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, qorti nazzjonali titwassal sabiex tqis li l-ġurisprudenza ta' qorti kostituzzjonali tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, il-fatt, għal tali qorti nazzjonali, li ma tapplikax l-imsemmija ġurisprudenza kostituzzjonali, konformement mal-prinċipju ta' supremazija ta' dan id-dritt, ma jistax ikun ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà dixxiplinari tagħha [42].

Konsegwentement, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' kooperazzjoni leali jipprekludu:

- minn naħa, dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu lil qorti nazzjonali, taħt piena ta' sanzjonijiet dixxiplinari imposti fuq l-imħallfin li jifformawha, milli teżamina n-natura vinkolanti ta' att adottat minn istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti u li awtorizza l-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallef u ordna s-sospensjoni tal-funzjonijiet

[40] L-Artikolu 42a(1) u (2) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji tas-27 ta' Lulju 2001, kif emendata bil-Liġi tal-20 ta' Diċembru 2019, jipprevedi, b'mod partikolari, fir-rigward tal-imsemmija qrati, projbizzjonijiet li tiġi kkontestata l-leġittimità tal-qrati jew li tiġi evalwata l-legalità tal-ħatra ta' mħallef jew tas-setgħa tiegħu li jeżerċita funzjonijiet fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-punt 3 tal-Artikolu 107(1) ta' din l-istess liġi jistabbilixxi bħala ksur dixxiplinari, b'mod partikolari, kull att tal-imħallfin tal-qrati ordinarji li jikkontesta l-effettività tal-ħatra ta' mħallef.

[41] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)***, punt 132.

[42] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)***, punt 132.

tiegħu kif ukoll it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu, u, jekk ikun il-każ, milli teskludi l-applikazzjoni ta' dan l-att, u,

– min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza ta' qorti kostituzzjonali li bis-saħħa tagħha l-atti ta' ħatra tal-imħallfin ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, sa fejn l-imsemmija ġurisprudenza tkun ta' natura li tostakola dan l-istess eżami.

## Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Krajowa Rada Sądownictwa (Żamma fil-kariga ta' mħallef) (C-718/21, EU:C:2023:1015)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' qorti – Kriterji – Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych (Awla ta' Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi) tas Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Rinviju għal deċiżjoni preliminari minn kulleġġ ġudikanti li ma huwiex qorti indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel bil-liġi – Inammissibbiltà"*

Permezz ta' ittra tat-30 ta' Diċembru 2020, L. G., imħallef fi ħdan is-Sąd Okręgowy w K. (il-Qorti Reġjonali ta' K., il-Polonja), informa lill-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) (iktar 'il quddiem il-"KRS") dwar ir-rieda tiegħu li jkompli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu lil hinn mill-età normali ta' rtirar. Wara li l-KRS iddeċieda li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar din it-talba, minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' dekadenza previst biex din titressaq, L. G. ippreżenta appell quddiem l-istanza tar-rinviju. Wara li esprimiet dubji fir-rigward tal-konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, kienet tissuġġetta l-effett ta' tali dikjarazzjoni ta' mħallef għall-awtorizzazzjoni tal-KRS u, min-naħa l-oħra, kienet tipprevedi, għal din id-dikjarazzjoni, terminu ta' dekadenza assolut, din l-istanza għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dan il-każ, l-istanza tar-rinviju kienet ikkostitwita minn tliet imħallfin tal-Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych (l-Awla ta' Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi, iktar 'il quddiem "l-Awla ta' Kontroll Straordinarju"), stabbilita fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) fil-kuntest tar-riformi reċenti tas-sistema ġudizzjarja Pollakka [43]. Dawn it-tliet imħallfin inħatru fi ħdan din l-awla fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018, adottata fit-28 ta' Awwissu 2018 mill-KRS (iktar 'il quddiem ir-"riżoluzzjoni Nru 331/2018").

Issa, minn naħa, din ir-riżoluzzjoni ġiet annullata permezz ta' sentenza mogħtija fil-21 ta' Settembru 2021 min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja) [44]. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2021, Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja [45] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja"), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") kienet ikkonkludiet li kien hemm ksur tar-rekwiżit ta' "tribunal [...] mwaqqaf b'liġi" iddikjarat fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [46], minħabba l-proċess li, fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni

43 Din l-awla, kif ukoll awla oħra ġdida tal-Qorti Suprema, l-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari), inħolqu bis-saħħa tal-ustawa o Sądzie Najwyższym (il-Liġi dwar il-Qorti Suprema), tat-8 ta' Diċembru 2017, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' April 2018.

44 Din is-sentenza ngħatat sussegwentement għas-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, ***A. B. et (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Azzjoni ġudizzjarja)***, (C-824/18, EU:C:2021:153).

45 CE :ECHR :2021 :1108JUD 004986819.

46 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

Nru 331/2018, wassal għall-ħatra tal-membri ta' żewġ kulleġġi ġudikanti bi tliet imħallfin tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddikjarat it-talba għal deċiżjoni preliminari inammissibbli minħabba li l-istanza tar-rinviju ma kinitx tikkostitwixxi "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex jiġi evalwat jekk organu tar-rinviju jkollux in-natura ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni numru ta' elementi, bħal, fost oħrajn, l-oriġini legali ta' dan l-organu, in-natura permanenti tiegħu, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tiegħu, in-natura kontradittorja tal-proċedura tiegħu, l-applikazzjoni, mill-organu inkwistjoni, tad-dispożizzjonijiet legali, kif ukoll l-indipendenza tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà osservat li l-Qorti Suprema bħala tali tissodisfa dawn ir-rekwiżiti u ppreċiżat li, sa fejn talba għal deċiżjoni preliminari tirriżulta minn qorti nazzjonali, għandu jiġi preżunt li din tissodisfa l-imsemmija rekwiżiti indipendentement mill-kompożizzjoni konkreta tagħha. Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tat-tqassim tal-funzjonijiet bejnha u l-qorti nazzjonali, li għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni tar-rinviju tkunx ittieħdet konformement mar-regoli nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tal-qrati u l-proċedura ġudizzjarja.

Madankollu, din il-preżunzjoni tista' tinqaleb meta deċiżjoni ġudizzjarja definittiva mogħtija minn qorti ta' Stat Membru jew minn qorti internazzjonali twassal biex jitqies li l-imħallef li jikkostitwixxi l-qorti tar-rinviju ma jkollux in-natura ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [47].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-sentenza Dolińska Ficek u Ozimek vs Il-Polonja, tal-Qorti EDB, u s-sentenza tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-21 ta' Settembru 2021 kienu ta' natura definittiva u kienu jirrigwardaw speċifikament iċ-ċirkustanzi li fihom imħallfin tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju kienu nħatru fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018.

B'mod iktar speċifiku, minn naħa, fis-sentenza Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja, il-Qorti EDB ikkonstatat, essenzjalment, li l-ħatriet tal-membri li jikkomponu l-kulleġġi ġudikanti kkonċernati tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju kienu seħħew bi ksur manifest ta' regoli nazzjonali fundamentali li jiggvernaw il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin. Għalkemm huwa minnu li, minn fost is-sitt imħallfin li kienu jikkomponu l-kulleġġi ġudikanti tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għal din is-sentenza, wieħed minnhom biss kien sedenti fi ħdan l-istanza tar-rinviju, mill-motivi tal-imsemmija sentenza madankollu jirriżulta b'mod ċar li l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti EDB kienu validi mingħajr distinzjoni għall-imħallfin kollha ta' din l-awla li nħatru fi ħdanha f'ċirkustanzi analogi u, b'mod partikolari, fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018.

Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2021, il-Qorti Amministrattiva Suprema kienet annullat ir-riżoluzzjoni Nru 331/2018 billi bbażat ruħha b'mod partikolari fuq konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet meħuda fil-parti l-kbira tagħhom minn dawk li jinsabu fis-sentenza Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja.

Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet u tal-evalwazzjonijiet li jirriżultaw minn dawn iż-żewġ sentenzi kif ukoll mill-ġurisprudenza tagħha stess, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-preżunzjoni tal-osservanza tar-

---

[47] Ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, ***Getin Noble Bank*** (C-132/20, EU:C:2022:235, punt 72).

rekwiżiti ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, kellhiex titqies li nqalbet fir-rigward tal-istanza tar-rinviju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fl-ewwel lok, li l-imħallfin li kienu jikkomponu l-istanza tar-rinviju nħatru fi ħdan l-Awla ta' Kontroll Straordinarju fuq proposta tal-KRS, jiġifieri organu li, wara emendi leġiżlattivi reċenti [48], 23 mill-25 membru tiegħu ġew innominati mill-poter eżekuttiv u dak leġiżlattiv jew kienu membri tal-imsemmija poteri. Huwa minnu li ċ-ċirkustanza li organu, bħall-KRS, implikat fil-proċess ta' ħatra tal-imħallfin kien, b'mod preponderanti, kompost minn membri magħżula mill-poter leġiżlattiv ma tistax, waħedha, twassal sabiex titqiegħed f'dubju n-natura ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi u l-indipendenza tal-imħallfin maħtura fi tmiem dan il-proċess. Madankollu, ikun differenti meta din iċ-ċirkustanza magħduda ma' elementi rilevanti oħra u mal-kundizzjonijiet li fihom dawn l-għażliet ikunu seħħew iwasslu sabiex jiġu ġġenerati tali dubji. Issa, l-emendi leġiżlattivi li jikkonċernaw il-KRS seħħew fl-istess waqt tal-adozzjoni ta' riforma sostanzjali tal-Qorti Suprema, li kienet tinkludi, b'mod partikolari, il-ħolqien, fi ħdan din il-qorti, ta' żewġ awli ġodda kif ukoll it-tnaqqis tal-età ta' rtirar tal-imħallfin tal-imsemmija qorti. Dawn l-emendi għalhekk seħħew f'mument meta numru ta' pożizzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Suprema ddikjarati vakanti jew li kienu għadhom kif inħolqu kienu waslu biex jimtlew.

Fit-tieni lok, l-Awla ta' Kontroll Straordinarju li nħolqot *ex nihilo* ngħatat kompetenzi f'oqsma partikolarment sensittivi, bħall-kontenzjuż elettorali u dak marbut maż-żamma ta' referendums jew l-appelli straordinarji li jippermettu l-kisba tal-annullament ta' deċiżjonijiet definittivi mogħtija mill-qrati ordinarji jew minn awli oħra tal-Qorti Suprema.

Fit-tielet lok, b'mod parallel mal-emendi leġiżlattivi msemmija iktar 'il fuq, ir-regoli fil-qasam ta' rimedji ġudizzjarji miftuħa kontra r-riżoluzzjonijiet tal-KRS li jipproponu kandidati għall-ħatra f'pożizzjonijiet ta' mħallef tal-Qorti Suprema ġew emendati sostanzjalment, fejn b'hekk seħħet eliminazzjoni tal-effettività ta' tali rimedji. Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li r-restrizzjonijiet introdotti minn dawn l-aħħar emendi kienu jikkonċernaw biss l-appelli ppreżentati kontra riżoluzzjonijiet tal-KRS dwar preżentazzjonijiet ta' kandidaturi għal pożizzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Suprema, filwaqt li r-riżoluzzjonijiet tal-KRS dwar preżentazzjonijiet ta' kandidaturi għal pożizzjonijiet ta' mħallef fil-qrati nazzjonali l-oħra kienu jibqgħu, min-naħa tagħhom, suġġetti għas-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju ġenerali li kienet fis-seħħ qabel [49].

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kienet ikkonstatat fis-sentenza W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) [50] li, meta saret il-ħatra, fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018 tal-membru tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju kkonċernat mill-kawża li tat lok għal din is-sentenza, il-Qorti Amministrattiva Suprema, li kienet adita b'rikors intiż għall-annullament ta' din ir-riżoluzzjoni, kienet ordnat, fis-27 ta' Settembru 2018, li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tagħha. Issa, din l-istess ċirkustanza tapplika għal dak li jikkonċerna l-ħatra tat-tliet membri sedenti fl-istanza tar-rinviju. B'hekk, il-fatt li l-President tar-Repubblika tal-Polonja pproċeda bil-ħatriet

---

[48] Artikolu 9a tal-ustawa o Krajowej Radzie Sądownictwa (il-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura) tat-12 ta' Mejju 2011, kif emendata bl-ustawa o zmianie ustawy o Krajowej Radzie Sądownictwa oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura u Ċerti Liġijiet Oħra) tat-8 ta' Diċembru 2017, li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2018, u bl-ustawa o zmianie ustawy - Prawo o ustroju sądów powszechnych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u Ċerti Liġijiet Oħra) tal-20 ta' Lulju 2018, li daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Lulju 2018.

[49] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021***, A. B. et (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Azzjoni ġudizzjarja)*** (C-824/18, EU:C:2021:153, punti 157, 162 u 164).

[50] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ***W. Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra)*** (C-487/19, EU:C:2021:798).

inkwistjoni b'urġenza u mingħajr ma stenna li jikseb għarfien tal-motivi tad-digriet tas-27 ta' Settembru 2018, fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018, li madankollu kienet sospiża permezz ta' dan id-digriet, ippreġudika gravement il-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri li jikkaratterizza l-funzjonament ta' Stat tad-dritt.

Fil-ħames lok, filwaqt li l-Qorti Amministrattiva Suprema kienet tinsab adita b'appell għall-annullament tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018 u kienet issospendiet il-proċeduri quddiemha fl-istennija tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża A. B. *et* [51], il-leġiżlatur Pollakk adotta liġi li tipprevedi b'mod partikolari l-esklużjoni ta' kull appell futur kontra r-riżoluzzjonijiet tal-KRS li jipproponu l-ħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema kif ukoll li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar l-appelli ta' din in-natura li jkunu għadhom pendenti [52]. Issa, fir-rigward tal-emendi introdotti minn din il-liġi, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li, esklużivament meta dawn jiġu kkunsidrati konġuntament ma' numru ta' elementi kuntestwali oħra, tali emendi huma ta' natura li jissuġġerixxu li l-poter leġiżlattiv Pollakk aġixxa bl-intenzjoni speċifika li jipprekludi kull possibbiltà li jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tar-riżoluzzjonijiet ikkonċernati [53].

Fis-sitt u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li għalkemm huwa minnu li l-effetti tas-sentenza tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-21 ta' Settembru 2021, imsemmija iktar 'il fuq, ma kinux jirrigwardaw il-validità u l-effikaċja tal-atti presidenzjali ta' ħatra fil-pożizzjonijiet ta' mħallef ikkonċernati, xorta jibqa' l-fatt li l-att li permezz tiegħu l-KRS jipproponi kandidat għall-ħatra fil-pożizzjoni ta' mħallef fil-Qorti Suprema jikkostitwixxi kundizzjoni *sine qua non* sabiex dan il-kandidat ikun jista' jinħatar f'tali pożizzjoni mill-President tar-Repubblika tal-Polonja.

Bħala konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-elementi kollha kemm sistemiċi kif ukoll ċirkustanzjali, imsemmija iktar 'il fuq, li kkaratterizzaw il-ħatra, fi ħdan l-Awla ta' Kontroll Straordinarju, tat-tliet imħallfin li kienu jikkostitwixxu l-istanza tar-rinviju kellhom bħala konsegwenza li din ma għandhiex in-natura ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, fejn għalhekk dan il-kulleġġ ma kienx jikkostitwixxi "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, dawn l-elementi huma tali li joħolqu dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-persuni kkonċernati u tal-kulleġġ ġudikanti li fih ikunu sedenti fir-rigward ta' elementi esterni, b'mod partikolari, ta' influwenzi diretti jew indiretti tal-poter leġiżlattiv u eżekuttiv nazzjonali, u tan-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi inkwistjoni. L-imsemmija elementi jistgħu għalhekk iwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità ta' dawn l-imħallfin u ta' din l-istanza, li tkun tali li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira f'dawn il-partijiet fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

---

51 Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, ***A. B. et (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Azzjoni ġudizzjarja),*** C-824/18, EU:C:2021:153.

52 L-ustawa o zmianie ustawy o Krajowej Radzie Sądownictwa oraz ustawy - Prawo o ustroju sądów administracyjnych (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Kontenzjuż Amministrattiv), tas-26 ta' April 2019, li daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2019.

53 Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, ***A. B. et (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Azzjoni ġudizzjarja)***, C-824/18, EU:C:2021:153, punti 137 u 138.

## 2. Prinċipji ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u ta' proporzjonalità tal-pieni

### Sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Agenția Națională de Integritate (C-40/21, EU:C:2023:367).

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2006/928/KE – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 15(1) – Artikolu 47 – Artikolu 49(3) – Karigi pubbliċi elettivi – Kunflitt ta' interessi – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi projbizzjoni li wieħed jokkupa kariga pubblika elettiva għal perijodu stabbilit minn qabel – Sanzjoni komplementari għall-waqfien tal-mandat – Prinċipju ta' proporzjonalità"*

Fl-2016, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ġie elett sindku tal-Komun ta' MN (ir-Rumanija). F'rapport stabbilit fl-2019, l-Agenția Națională de Integritate (ANI) (l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità, ir-Rumanija) ikkonstatat li huwa ma kienx osserva r-regoli li jirregolaw il-kunflitti ta' interess fil-qasam amministrattiv. Fil-każ li dan ir-rapport isir definittiv, il-mandat tar-rikorrent fil-kawża prinċipali jieqaf *ipso jure* u tiġi imposta fuqu projbizzjoni addizzjonali milli jeżerċita funzjonijiet pubbliċi elettivi għal perijodu ta' tliet snin.

Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors intiż għall-annullament ta' dan ir-rapport, billi sostna li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha tiġi imposta tali projbizzjoni, awtomatikament u mingħajr possibbiltà ta' varjazzjoni skont il-gravità tan-nuqqas imwettaq, fuq persuna meqjusa li tkun aġixxiet f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi [54]. Adita b'dan ir-rikors, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità ta' din il-projbizzjoni mal-prinċipju ta' proporzjonalità tal-pieni [55], mad-dritt għax-xogħol [56] kif ukoll mad-dritt għal rimedju effettiv u għal aċċess għal qorti imparzjali [57], iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta").

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet u ddeċidiet li l-Artikolu 49(3) tal-Karta ma japplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fi tmiem proċedura amministrattiva, miżura ta' projbizzjoni mill-eżerċizzju ta' kull funzjoni pubblika elettiva għal tul stabbilit minn qabel ta' tliet snin kontra persuna li fir-rigward tagħha tkun ġiet ikkonstatata l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fl-eżerċizzju ta' tali funzjoni, fil-każ fejn din il-miżura ma tkunx ta' natura kriminali.

---

[54] Artikolu 25 tal-Legea nr. 176/2010 privind integritatea în exercitarea funcțiilor și demnităților publice, pentru modificarea și completarea Legii nr. 144/2007 privind înființarea, organizarea și funcționarea Agenției Naționale de Integritate, precum și pentru modificarea și completarea altor acte normative (il-Liġi Nru 176/2010 dwar l-Integrità fit-Twettiq ta' Kompiti Pubbliċi u l-Okkupazzjoni ta' Karigi Pubbliċi u li Temenda l-Liġi Nru 144/2007 dwar l-Istabbiliment, Organizzazzjoni u Operazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità u li Temenda Ċerti Atti Oħra), tal-1 ta' Settembru 2010. Din il-liġi timplimenta t-tieni punt ta' riferiment li jinsab fl-anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2007, L 142M, p. 825).

[55] Artikolu 49(3) tal-Karta.

[56] Artikolu 15(1) tal-Karta.

[57] Artikolu 47 tal-Karta.

F’dan ir-rigward, huma rilevanti tliet kriterji sabiex tiġi evalwata n-natura kriminali ta’ sanzjoni: il-klassifikazzjoni legali tal-ksur fid-dritt nazzjonali, in-natura stess tal-ksur u l-grad ta’ severità tas-sanzjoni.

Qabel kollox, fir-rigward tal-ewwel kriterju, la t-terminazzjoni *ipso jure* tal-mandat fil-każ ta’ konstatazzjoni ta’ kunflitt ta’ interessi, u lanqas il-projbizzjoni mill-eżerċizzju ta’ kwalunkwe funzjoni pubblika elettiva ma huma kkunsidrati fid-dritt Rumen bħala sanzjonijiet kriminali. Sussegwentement, it-tieni kriterju jimplika li għandu jiġi vverifikat jekk il-miżura inkwistjoni għandhiex, b’mod partikolari, għan repressiv. Issa, il-leġiżlazzjoni kkonċernata hija intiża li tiggarantixxi l-integrità u t-trasparenza fl-eżerċizzju tal-kompiti u tal-karigi pubbliċi kif ukoll sabiex tipprevjeni l-korruzzjoni istituzzjonali. B’hekk, l-għan ta’ din il-projbizzjoni, bħal dak tal-iskwalifika *ipso jure* tal-mandat, huwa li tippreżerva l-funzjonament tajjeb u t-trasparenza tal-Istat, billi ttemm darba għal dejjem sitwazzjonijiet ta’ kunflitt ta’ interessi. Għaldaqstant, tali miżura għandha għan essenzjalment preventiv u mhux repressiv. Fir-rigward tat-tielet kriterju, din il-miżura ta’ projbizzjoni ma tikkonsistix fl-impożizzjoni ta’ piena ta’ priġunerija jew fl-impożizzjoni ta’ multa, iżda fil-projbizzjoni mill-eżerċizzju futur ta’ attivitajiet speċifiċi, jiġifieri funzjonijiet pubbliċi elettivi, li jirrigwardaw grupp limitat ta’ persuni li għandhom status partikolari. Hija għandha tul limitat u ma tirrigwardax id-dritt tal-vot.

Issa, sa fejn ma hijiex ta’ natura kriminali, l-imsemmija miżura ma setgħetx tiġi evalwata fid-dawl tal-Artikolu 49(3) tal-Karta.

Madankollu, sa fejn kellha timplimenta d-dritt tal-Unjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kellha, fi kwalunkwe każ, tkun konformi mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fit-tieni lok, li dan il-prinċipju ma jipprekludix din il-leġiżlazzjoni sakemm, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, l-applikazzjoni tagħha twassal sabiex tiġi imposta sanzjoni adegwata għall-gravità tal-ksur li hija tissanzjona, fid-dawl tal-għan li tiġi ggarantita l-integrità u t-trasparenza fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet u tal-karigi pubbliċi kif ukoll li tiġi evitata l-korruzzjoni istituzzjonali. Dan ma jkunx il-każ meta, eċċezzjonalment, l-aġir illegali kkonstatat, fid-dawl ta’ dan l-għan, ma jkollux element ta’ gravità filwaqt li l-impatt ta’ din il-miżura fuq is-sitwazzjoni personali, professjonali u ekonomika ta’ din il-persuna jirriżulta li jkun partikolarment gravi.

B’hekk, l-impożizzjoni awtomatika tas-sanzjoni inkwistjoni tippermetti li titwaqqaf darba għal dejjem is-sitwazzjoni ta’ kunflitt ta’ interessi rrilevata billi jiġi ppreżervat il-funzjonament tal-Istat u tal-korpi elettivi kkonċernati. Barra minn hekk, il-fatt li jiġu previsti kemm it-terminazzjoni *ipso jure* tal-mandat kif ukoll projbizzjoni awtomatika mill-eżerċizzju ta’ kull funzjoni pubblika elettiva matul perijodu ddeterminat minn qabel suffiċjentement twil jidher li huwa tali li jiddisswadi lill-persuni li jeżerċitaw mandat elettiv milli jqiegħdu ruħhom f’tali sitwazzjoni u jinkoraġġihom josservaw l-obbligi tagħhom f’dan il-qasam.

Barra minn hekk, fir-rigward tan-natura neċessarja tal-projbizzjoni inkwistjoni, il-leġiżlatur Rumen stabbilixxa t-tul tagħha għal tliet snin fid-dawl tal-gravità intrinsika, kemm għall-funzjonament tal-Istat kif ukoll għas-soċjetà, tal-fatti li jikkostitwixxu sitwazzjoni ta’ kunflitt ta’ interessi. B’hekk, din il-projbizzjoni tiġi imposta bħala konsegwenza tan-nuqqas imwettaq minn persuna li teżerċita funzjonijiet pubbliċi elettivi u li jkun ta’ gravità ċerta. F’dan ir-rigward, għandhom jitqiesu wkoll il-portata tal-kunflitti ta’ interess u l-livell ta’ korruzzjoni osservati fis-settur pubbliku nazzjonali. Barra minn hekk, l-imsemmija projbizzjoni kienet limitata *ratione temporis*, kienet tapplika biss għal ċerti kategoriji ta’ persuni li jeżerċitaw funzjonijiet partikolari u kienet tirrigwarda biss attivitajiet iddefiniti, jiġifieri l-funzjonijiet pubbliċi elettivi, filwaqt li ma kinitx tipprekludi l-eżerċizzju ta’ kull attività professjonali oħra.

Fl-aħħar, fir-rigward tan-natura proporzjonata tal-miżura inkwistjoni, fid-dawl tal-gravità tal-preġudizzju għall-interess pubbliku li jirriżulta mill-atti ta’ korruzzjoni u ta’ kunflitti ta’ interessi, anki l-inqas sinjifikattivi, min-naħa tal-persuni eletti f’kuntest nazzjonali ta’ riskju għoli ta’ korruzzjoni, din il-

miżura ma kinitx tidher, bħala prinċipju, sproporzjonata meta mqabbla mal-ksur li hija kienet intiża li tissanzjona. Madankollu, il-fatt li t-tul ta' din il-projbizzjoni ma kien akkumpanjat minn ebda possibbiltà ta' varjazzjoni ma kienx jippermetti li jiġi eskluż li, f'ċerti każijiet eċċezzjonali, din is-sanzjoni tista' tirriżulta sproporzjonata.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-dritt li jiġi eżerċitat mandat elettiv miksub wara proċess elettorali demokratiku, bħal dak ta' sindku, ma kienx jaqa' taħt l-Artikolu 15(1) tal-Karta.

Għalkemm din id-dispożizzjoni hija fformulata b'mod wiesa', il-kamp ta' applikazzjoni tagħha ma jinkludix id-dritt li jiġi eżerċitat, għal tul determinat, tali mandat. Fil-fatt, l-Artikolu 15 tal-Karta jinsab fit-Titolu II tagħha, intitolat "Libertajiet", filwaqt li d-dispożizzjonijiet speċifiċi intiżi għad-dritt ta' eliġibbiltà għall-elezzjonijiet jinsabu f'titolu separat, jiġifieri t-Titolu V, intitolat "Ċittadinanza" [58]. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tikkorrobora din l-interpretazzjoni [59].

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 47 tal-Karta ma kienx jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata, sakemm il-persuna kkonċernata kellha effettivament il-possibbiltà li tikkontesta l-legalità tar-rapport li jkun ikkonstata l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi u tas-sanzjoni imposta abbażi tiegħu, inkluża l-proporzjonalità tagħha.

Id-dritt għal rimedju effettiv jimplika b'mod partikolari li d-detentur ta' dan id-dritt għandu jkun jista' jkollu aċċess għal qorti kompetenti sabiex tiżgura r-rispett tad-drittijiet li huma ggarantiti lilu mid-dritt tal-Unjoni u, għal dan il-għan, sabiex teżamina l-kwistjonijiet kollha ta' liġi u ta' fatt rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima li jkollha quddiemha. F'dan il-każ, dan id-dritt jippreżumi li l-qorti tar-rinviju tkun tista' tistħarreġ il-legalità tar-rapport ta' evalwazzjoni li jakkuża lir-rikorrent fil-kawża prinċipali u, jekk ikun il-każ, tannulla dan ir-rapport kif ukoll is-sanzjonijiet imposti abbażi tiegħu.

### Sentenza tal-24 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Lin (C-107/23 PPU, EU:C:2023:606)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 325(1) TFUE – Konvenzjoni 'PIF' – Artikolu 2(1) – Obbligu tal-ġlieda permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Obbligu li jiġu previsti sanzjonijiet kriminali – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Frodi serja tal-VAT – Terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali – Sentenza ta' Qorti Kostituzzjonali li invalidat dispożizzjoni nazzjonali li tirregola r-raġunijiet għall-interruzzjoni ta' dan it-terminu – Riskju sistemiku ta' impunità – Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege – Rekwiżiti ta' prevedibbiltà u ta' preċiżjoni tal-liġi kriminali – Prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali iżjed favorevoli (lex mitior) – Prinċipju ta' ċertezza legali – Standard nazzjonali tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – Obbligu għall-qrati ta' Stat Membru li jħallu mhux applikati sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u/jew tal-qorti suprema ta' dan l-Istat Membru fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni – Responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn is-sentenzi – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni"*

Matul is-sena 2010, C.I., C.O., K.A., L.N. u S.P. (iżjed 'il quddiem il-"persuni kkonċernati") naqsu milli jindikaw fid-dokumenti ta' kontabbiltà tagħhom it-tranżazzjonijiet kummerċjali u d-dħul relatat mal-

---

[58] Ara l-Artikoli 39 u 40 tal-Karta dwar id-dritt tal-vot u tal-eliġibilltà fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali rispettivament.

[59] Ara Qorti EDB, 8 ta' Novembru 2016, Savisaar vs L-Estonja, CE :ECHR :2016 :1108DEC000836516.

bejgħ, lil benefiċjarji interni, ta' diesel akkwistat taħt is-sistema ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa, b'dannu għalhekk għall-baġit tal-Istat, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u d-dazji tas-sisa fuq id-diesel.

Permezz ta' sentenza ppubblikata fil-25 ta' Ġunju 2018, il-Curtea Constituţională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) iddikjarat inkostituzzjonali dispożizzjoni nazzjonali li tirregola l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali għar-raġuni li din kienet tikser il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* [60]. Dik l-istess qorti sussegwentement speċifikat, f'sentenza ppubblikata fid-9 ta' Ġunju 2022, li, fid-dawl tal-assenza ta' intervent tal-leġiżlatur Rumen immedjatament wara dik is-sentenza tal-2018, id-dritt normattiv Rumen ma kien jipprevedi ebda raġuni għall-interruzzjoni tal-imsemmi terminu ta' preskrizzjoni bejn id-data ta' pubblikazzjoni ta' din is-sentenza tal-aħħar u dik tad-dħul fis-seħħ, fit-30 ta' Mejju 2022, tad-dispożizzjoni li tissostitwixxi d-dispożizzjoni invalidata [61].

Permezz ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Curtea de Apel Brașov (il-Qorti tal-Appell ta' Brașov, ir-Rumanija), li hija l-qorti tar-rinviju, ordnat il-kundanna tal-persuni kkonċernati, jew il-konferma tagħha, għal pieni ta' priġunerija għal reati ta' frodi fiskali u ta' grupp ta' kriminalità organizzata. Il-persuni kkonċernati ppreżentaw minn dik is-sentenza appelli straordinarji għal annullament, għar-raġuni li huma kienu ġew ikkundannati minkejja li t-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali tagħhom kien diġà skada. B'mod iżjed speċifiku, huma argumentaw li l-fatt li, matul il-perijodu msemmi iżjed 'il fuq, id-dritt normattiv ma kien jipprevedi ebda possibbiltà għall-interruzzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni, kien jikkostitwixxi, fih innifsu, liġi kriminali iżjed favorevoli li kellha tiġi applikata għalihom konformement mal-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali l-iżjed favorevoli (*lex mitior*). Huma invokaw, f'dan il-kuntest, sentenza tal-25 ta' Ottubru 2022 tal-Înalta Curte de Casaţie și Justiţie (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija), li permezz tagħha din kienet iddeċidiet li kundanna definittiva tista', bħala prinċipju, tkun is-suġġett ta' rikors straordinarju għal annullament ibbażat fuq l-effetti tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali bħala liġi kriminali iżjed favorevoli (*lex mitior*) [62].

Il-qorti tar-rinviju kkonstatat li, f'dan il-każ, li kieku kellha tiġi adottata tali interpretazzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni kien ikun skada qabel ma tkun saret finali d-deċiżjoni ta' kundanna tal-persuni kkonċernati, u dan kien iwassal għall-għeluq tal-proċedura kriminali u għall-impossibbiltà li dawn tal-aħħar jiġu kkundannati.

Dik il-qorti kellha dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' din l-interpretazzjoni, li jkollha bħala effett li l-persuni kkonċernati jiġu eżentati mir-responsabbiltà kriminali tagħhom għal reati ta' frodi serja li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Barra minn hekk, hija enfasizzat li hija seta' jkollha, jekk jirriżulta li interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni ma tkunx possibbli, tħalli mhux

---

[60] Din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-Artikolu 155(1) tal-Kodiċi Kriminali Rumen, kienet tipprevedi l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali permezz tat-twettiq ta' "kwalunkwe azzjoni proċedurali". Skont il-Qorti Kostituzzjonali, din id-dispożizzjoni kienet nieqsa minn prevedibbiltà u kienet tikser il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, fid-dawl tal-fatt li l-espressjoni "kwalunkwe azzjoni proċedurali" kienet tkopri wkoll l-atti li ma kinux ikkomunikati lill-persuna ssuspettata jew lill-persuna akkużata, u b'dan il-mod kienet tipprekludiha milli jkollha għarfien taċ-ċirkustanza li kien beda jiddekorri terminu ta' preskrizzjoni ġdid tar-responsabbiltà kriminali tagħha.

[61] L-Artikolu 155(1) tal-Kodiċi Kriminali ġie emendat fis-sens li t-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali jiġi interrott permezz ta' kwalunkwe att proċedurali li jkollu jiġi kkomunikat lill-persuna ssuspettata jew lill-persuna akkużata.

[62] F'din is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2022, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja speċifikat li, fid-dritt Rumen, ir-regoli dwar l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali jaqgħu taħt id-dritt kriminali sostantiv u li, konsegwentement, dawn huma suġġetti għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-liġi kriminali, bla ħsara għall-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali l-iżjed favorevoli (*lex mitior*).

applikati s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u/jew tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja. Issa, is-sistema dixxiplinari l-ġdida kienet tippermetti li jiġu ssanzjonati l-imħallfin li, b'*mala fide* jew b'negliġenza gravi, ikunu marru kontra s-sentenzi ta' dawn il-qrati.

Fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari mibdija *ex officio*, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, speċifikat l-obbligi li jirriżultaw għall-Istati Membri, minn naħa, mir-rekwiżiti tal-ġlieda kontra l-frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mill-imperattiv ta' rispett tad-drittijiet fundamentali, kif protetti fid-dritt tal-Unjoni u fid-dritt nazzjonali.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li la l-Artikolu 325(1) TFUE u lanqas l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF [63] ma jobbligaw lill-qrati ta' Stat Membru jħallu mhux applikati s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li jinvalidaw id-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tirregola r-raġunijiet għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni fil-qasam kriminali, anki jekk dawn is-sentenzi jimplikaw li numru kunsiderevoli ta' kawżi kriminali, dwar b'mod partikolari reati ta' frodi serja li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ikunu ser jingħalqu minħabba l-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat qabelxejn li, minkejja li l-adozzjoni tar-regoli li jirregolaw il-preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali għal reati li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kienet taqa', meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn tal-aħħar huma obbligati, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, josservaw l-obbligi li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, huma għandhom jiġġieldu kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi, u għandhom ukoll jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex l-aġir li jikkostitwixxi frodi li tippreġudika tali interessi, inkluż il-frodi tal-VAT, iwassal għal sanzjonijiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'dan il-mod, dawn l-Istati għandhom jiżguraw li r-regoli ta' preskrizzjoni previsti mid-dritt nazzjonali jippermettu repressjoni effettiva tar-reati marbuta ma' tali frodi.

Issa, l-applikazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li jinvalidaw id-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tirregola r-raġunijiet għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali tkun twassal għall-għeluq tal-proċedura kriminali u għall-impossibbiltà li l-persuni kkonċernati jiġu kkundannati. Din l-applikazzjoni tkun tista', barra minn hekk, twassal għas-soppressjoni tar-responsabbiltà kriminali f'numru kunsiderevoli ta' kawżi oħra, u b'hekk twassal għal riskju sistemiku ta' impunità għar-reati ta' frodi serja li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali riskju huwa inkompatibbli mal-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mill-Artikolu 325(1) TFUE u mill-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF.

Peress li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom effett dirett, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, huma, bħala prinċipju, il-qrati nazzjonali li għandhom jagħtu effett sħiħ għall-obbligi li joħorġu minnhom, billi jħallu jekk hemm bżonn mhux applikati dispożizzjonijiet nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċedura dwar frodi serja li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jostakolaw l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi għall-ġlieda kontra tali reati. Għalhekk jidher li, bħala prinċipju, dawn il-qrati huma obbligati jħallu l-imsemmija sentenzi mhux applikati.

Madankollu, peress li l-proċeduri kriminali li jirrigwardaw ir-reati fil-qasam tal-VAT jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-

63 Il-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1995 u annessa mal-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni PIF").

Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), huwa neċessarju wkoll li jiġi vverifikat jekk l-obbligu li tali sentenzi jitħallew mhux applikati jmurx kontra l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u, f'dan il-każ, dawk stabbiliti, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, fl-Artikolu 49(1) tal-Karta [64]. Sa fejn ir-regoli li jirregolaw il-preskrizzjoni fil-qasam kriminali ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-obbligu li l-imsemmija sentenzi jitħallew mhux applikati ma huwiex ta' natura li jippreġudika d-drittijiet fundamentali kif iggarantiti fl-imsemmija dispożizzjoni.

Madankollu, meta qorti ta' Stat Membru tkun imsejħa tistħarreġ il-konformità mad-drittijiet fundamentali ta' dispożizzjoni jew ta' miżura nazzjonali li, f'sitwazzjoni li fiha l-azzjoni tal-Istati Membri ma tkunx totalment iddeterminata mid-dritt tal-Unjoni, timplimenta dan id-dritt fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, jibqa' possibbli, għall-awtoritajiet u għall-qrati nazzjonali, li japplikaw standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, sakemm din l-applikazzjoni la tikkomprometti l-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta u lanqas is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Sa fejn, fid-dritt Rumen, ir-regoli dwar l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali jaqgħu taħt id-dritt kriminali sostantiv u, konsegwentement, huma suġġetti għall-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* kif ukoll għall-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali l-iżjed favorevoli (*lex mitior*), dawn il-prinċipji għandhom jitqiesu li huma standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, tfakkar l-importanza, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, li għandu l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, fir-rekwiżiti tiegħu dwar il-prevedibbiltà, il-preċiżjoni u n-nuqqas ta' retroattività tal-liġi kriminali. Dawn ir-rekwiżiti jikkostitwixxu espressjoni partikolari tal-prinċipju ta' ċertezza legali li huwa element essenzjali tal-Istat tad-dritt, li huwa identifikat fl-Artikolu 2 TUE kemm bħala valur fundamentali tal-Unjoni kif ukoll bħala valur komuni għall-Istati Membri.

F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali applikat standard nazzjonali ta' protezzjoni tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, fir-rekwiżiti tagħha dwar il-prevedibbiltà u l-preċiżjoni tal-liġi kriminali, li jissupplimenta l-protezzjoni kontra l-arbitrarjetà fil-qasam kriminali kif offruta mid-dritt tal-Unjoni, taħt il-prinċipju ta' ċertezza legali. Fid-dawl tal-importanza ta' din il-protezzjoni kontra l-arbitrarjetà, tali standard jista' jkun ta' ostakolu għall-obbligu impost fuq il-qrati nazzjonali skont l-Artikolu 325(1) u (2) TFUE li jitħallew mhux applikati dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-preskrizzjoni fil-qasam kriminali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet u ddeċidiet li, skont l-Artikolu 325(1) TFUE u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, il-qrati ta' Stat Membru huma, għall-kuntrarju, obbligati li jħallu mhux applikat standard nazzjonali ta' protezzjoni dwar il-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali iżjed favorevoli (*lex mitior*) li tippermetti li tiġi kkontestata, inkluż fil-kuntest ta' rikorsi ppreżentati kontra sentenzi finali, l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali fil-kawżi relatati ma' reati ta' frodi serja li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' atti proċedurali li jkunu seħħew qabel il-konstatazzjoni ta' invalidità tad-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tirregola r-raġunijiet għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni fil-qasam kriminali.

Fil-fatt, kuntrarjament għall-istandard nazzjonali ta' protezzjoni dwar il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, fir-rekwiżiti tiegħu dwar il-prevedibbiltà u l-preċiżjoni tal-liġi kriminali, li

[64] Din id-dispożizzjoni, li tistabbilixxi fid-dritt tal-Unjoni l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u l-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali l-iżjed favorevoli (*lex mitior*), hija fformulata kif ġej: "L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli".

sempliċement jinnewtralizza l-effett sospensiv ta' atti proċedurali li jkunu seħħew fil-perijodu bejn il-25 ta' Ġunju 2018, data tal-pubblikazzjoni tas-sentenza li kkonstatat l-invalidità tad-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali inkwistjoni, u t-30 ta' Mejju 2022, data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni li tissostitwixxi din id-dispożizzjoni, l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni dwar il-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali iżjed favorevoli (*lex mitior*) jippermetti li jiġi nnewtralizzat l-effett sospensiv ta' atti proċedurali li jkunu seħħew saħansitra qabel il-25 ta' Ġunju 2018. L-applikazzjoni ta' tali standard nazzjonali ta' protezzjoni taggrava għalhekk ir-riskju sistemiku ta' impunità għal reati ta' frodi serja li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bi ksur tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325 TFUE u fl-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF.

F'tali ċirkustanzi, fid-dawl tal-ibbilanċjar neċessarju ta' dan l-aħħar standard nazzjonali ta' protezzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 325 TFUE u tal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, l-applikazzjoni, minn qorti nazzjonali, tal-imsemmi standard hija ta' natura li tikkomprometti s-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prinċipju ta' supremazija jipprekludi leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-qrati nazzjonali ordinarji ta' Stat Membru jkunu marbuta bid-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali u b'dawk tal-qorti suprema ta' dan l-Istat Membru u ma jistgħux, għal din ir-raġuni, bir-riskju li tiskatta r-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin ikkonċernati, iħallu l-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn id-deċiżjonijiet mhux applikata *ex officio*, anki jekk huma jqisu, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-ġurisprudenza tkun kuntrarja għal dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jkollhom effett dirett. Fil-fatt, il-fatt li qorti nazzjonali teżerċita l-kompiti li jkunu fdati lilha mit-Trattati u tosserva l-obbligi li jkunu imposti fuqha skont dawn it-Trattati billi tagħti, konformement mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, effett lil dispożizzjoni ta' dan id-dritt bħall-Artikolu 325(1) TFUE jew l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, u lill-interpretazzjoni mogħtija lil din id-dispożizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax, mid-definizzjoni tiegħu stess, jiġi rrikonoxxut bħala reat dixxiplinari tal-imħallfin sedenti f'tali qorti mingħajr ma jkun hemm ksur *ipso facto* tal-imsemmija dispożizzjoni u ta' dan il-prinċipju.

## 3. Prinċipju *ta' ne bis in idem*

### Sentenza tal-14 ta' Settembru 2023, Volkswagen Group Italia u Volkswagen Aktiengesellschaft (C-27/22, EU:C:2023:663)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' ne bis in idem – Sanzjoni imposta fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali – Natura kriminali tas-sanzjoni – Sanzjoni kriminali imposta fi Stat Membru wara l-adozzjoni ta' sanzjoni fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali fi Stat Membru ieħor iżda li saret definittiva qabel din is-sanzjoni tal-aħħar – Artikolu 52(1) – Limiti għall-prinċipju ta' ne bis in idem – Kundizzjonijiet – Koordinazzjoni tal-proċeduri u tas-sanzjonijiet"*

F'Awwissu 2016, l-awtorità Taljana tal-kompetizzjoni imponiet fuq Volkswagen Group Italia SpA u fuq Volkswagen Aktiengesellschaft (iktar 'il quddiem, rispettivament, "VWGI" u "VWAG") multa ta' EUR 5 miljuni talli implimentat prattiki kummerċjali żleali, fis-sens tal-Kodiċi tal-Konsumatur. Il-ksur ikkonċernat kien jikkonsisti, minn naħa, fil-kummerċjalizzazzjoni fl-Italja, mill-2009, ta' vetturi diesel mgħammra b'sistemi intiżi li joħolqu distorsjoni tal-kejl tal-emissjonijiet li jniġġsu, u, min-naħa l-oħra, fix-xandir ta' messaġġi pubbliċitarji li jagħmlu enfasi fuq il-konformità ta' dawn il-vetturi mal-kriterji previsti mil-leġiżlazzjoni ambjentali. VWGI u VWAG ikkontestaw id-deċiżjoni tal-Awtorità Taljana għall-Kompetizzjoni quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja).

F'Ġunju 2018, qabel ma dik il-qorti tat is-sentenza tagħha, l-Uffiċċju tal-Prosekutur li quddiemu tressqet il-kawża fil-Ġermanja impona multa ta' EUR 1 biljun fuq VWAG, skont il-liġi dwar ir-reati amministrattivi. Din il-multa ġiet imposta minħabba, fost l-oħrajn, il-kummerċjalizzazzjoni ta' vetturi diesel mgħammra b'sistemi intiżi li joħolqu distorsjoni fil-kejl tal-emissjonijiet li jniġġsu u x-xandir ta' messaġġi pubbliċitarji li jagħmlu enfasi fuq il-konformità ta' dawn il-vetturi mal-kriterji previsti mil-leġiżlazzjoni ambjentali. Id-deċiżjoni tal-imsemmi Uffiċċju tal-Prosekutur saret definittiva fit-13 ta' Ġunju 2018, minħabba li VWAG irrinunzjat għad-dritt tagħha li tikkontestaha u, barra minn hekk, kienet ħallset il-multa imposta f'din id-deċiżjoni.

F'April 2019, il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio ċaħdet ir-rikors ta' VWGI u ta' VWAG, għar-raġuni, b'mod partikolari, li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma jipprekludix iż-żamma tal-multa prevista mid-deċiżjoni tal-awtorità Taljana tal-kompetizzjoni.

Il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), adit bl-appell ta' VWGI u VWAG minn din is-sentenza, iddeċieda li jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kundizzjonijiet li fihom, f'sitwazzjoni ta' kumulu ta' proċeduri ta' sanzjoni f'żewġ Stati Membri, immexxija minn awtoritajiet kompetenti f'setturi ta' attività differenti, jista' jkun hemm limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [65].

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat qabelxejn li multa amministrattiva pekunjarja prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, imposta fuq kumpannija mill-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, għal prattiki kummerċjali żleali, minkejja li kklassifikata bħala sanzjoni amministrattiva mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, tikkostitwixxi sanzjoni kriminali, fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, meta din ikollha għan repressiv u jkollha grad għoli ta' severità.

---

[65] Skont din id-dispożizzjoni, "[l]-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi."

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit f'din l-istess dispożizzjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti ż-żamma ta' multa ta' natura kriminali imposta fuq persuna ġuridika għal tali prattiki kummerċjali żleali fil-każ fejn din il-persuna kienet is-suġġett ta' kundanna kriminali għall-istess fatti fi Stat Membru ieħor, anki jekk din il-kundanna tkun sussegwenti għad-data tad-deċiżjoni li timponi din il-multa iżda tkun saret definittiva qabel ma s-sentenza dwar ir-rimedju ġudizzjarju ppreżentat kontra din id-deċiżjoni tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata*.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 52(1) tal-Karta [66] jawtorizza l-limitazzjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta, b'tali mod li jippermetti kumulu ta' proċeduri jew ta' sanzjonijiet għall-istess fatti, meta l-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, kif ippreċiżati mill-ġurisprudenza, ikunu ssodisfatti. Għalhekk, huwa meħtieġ, l-ewwel, li dan il-kumulu ma jirrappreżentax piż eċċessiv għall-persuna inkwistjoni, it-tieni, li jkunu jeżistu regoli ċari u preċiżi li jippermettu li jiġi previst liema atti u ommissjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumulu u, it-tielet, li l-proċeduri inkwistjoni jkunu tmexxew b'mod suffiċjentement ikkoordinat u viċin fiż-żmien.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura kriminali tal-proċeduri u tas-sanzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-prinċipju ta' *ne bis in idem*, kif sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta, jipprojbixxi l-kumulu kemm ta' proċeduri kif ukoll ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali, fis-sens tal-imsemmi artikolu, għall-istess fatti u kontra l-istess persuna. Sabiex twettaq tali evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq tliet kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza. L-ewwel kriterju huwa l-klassifikazzjoni legali tal-ksur skont id-dritt nazzjonali, it-tieni kriterju huwa n-natura stess tal-ksur u t-tielet kriterju huwa s-severità tas-sanzjoni li tista' tiġi imposta fuq il-persuna kkonċernata. Fir-rigward, b'mod partikolari, tat-tieni kriterju, is-sempliċi fatt li sanzjoni jkollha wkoll għan preventiv ma jwassalx sabiex titneħħa l-klassifikazzjoni tagħha bħala sanzjoni kriminali. Fil-fatt, is-sanzjonijiet kriminali, min-natura tagħhom, huma intiżi kemm għar-repressjoni kif ukoll għall-prevenzjoni ta' aġir illegali. Fir-rigward tat-tielet kriterju, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-grad ta' severità tal-miżuri inkwistjoni għandu jiġi evalwat skont il-piena massima prevista mid-dispożizzjonijiet rilevanti. Għalhekk, sanzjoni amministrattiva pekunjarja li tista' tilħaq ammont ta' EUR 5 miljun tippreżenta grad ta' severità li jista' jsostni l-analiżi fis-sens li din is-sanzjoni tkun ta' natura kriminali.

Fit-tieni lok, sabiex jiġi evalwat jekk il-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni kinitx konformi mal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, previst fl-Artikolu 50 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet qabelxejn preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjoni "*bis*". Sabiex deċiżjoni ġudizzjarja tkun tista' titqies li tkun tat deċiżjoni b'mod definittiv dwar il-fatti sottomessi għat-tieni proċedura, huwa neċessarju mhux biss li din id-deċiżjoni tkun saret definittiva, iżda wkoll li din tkun ingħatat wara evalwazzjoni dwar il-mertu tal-kawża. Għalkemm, ċertament, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* tippreżumi l-eżistenza ta' deċiżjoni preċedenti definittiva, ma jsegwix neċessarjament li d-deċiżjonijiet ulterjuri li jipprekludi dan il-prinċipju jistgħu jkunu biss dawk adottati wara din id-deċiżjoni preċedenti definittiva. Fil-fatt, dan il-prinċipju jeskludi li, meta tkun teżisti deċiżjoni definittiva, tkun tista' tinbeda jew tinżamm fis-seħħ prosekuzzjoni kriminali għall-istess fatti.

---

[66] Skont din id-dispożizzjoni, "[k]ull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn."

Fir-rigward sussegwentement tal-kundizzjoni "*idem*", il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-istess ksur, il-kriterju rilevanti huwa dak tal-identità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' għadd ta' ċirkustanzi konkreti li jkunu marbuta strettament flimkien li jwasslu biex finalment il-persuna kkonċernata tinħeles jew tiġi kkundannata. Għall-kuntrarju, il-klassifikazzjoni ġuridika fid-dritt nazzjonali tal-fatti u l-interess ġuridiku protett ma humiex rilevanti, sa fejn il-portata tal-protezzjoni mogħtija fl-Artikolu 50 tal-Karta ma tistax tvarja minn Stat Membru għall-ieħor. Barra minn hekk, ma huwiex biżżejjed li l-fatti jkunu simili, peress li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jista' japplika biss jekk il-fatti koperti miż-żewġ proċeduri jew iż-żewġ sanzjonijiet inkwistjoni jkunu identiċi, fatt li għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.

Fl-aħħar lok, fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom limitazzjonijiet tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit mill-Karta jistgħu jiġu ġġustifikati, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, tali limitazzjoni tista' tiġi ġġustifikata sa fejn din tkun prevista mil-liġi u tosserva l-kontenut essenzjali tal-Artikolu 50 tal-Karta kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-possibbiltà li jiġu akkumulati l-proċeduri u s-sanzjonijiet tosserva l-kontenut essenzjali tal-Artikolu 50 tal-Karta bil-kundizzjoni li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali kkonċernati ma jippermettux li jitressqu proċeduri u li jiġu ssanzjonati l-istess fatti abbażi tal-istess reat jew sabiex jiġi segwit l-istess għan, iżda jipprevedu biss il-possibbiltà ta' kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet skont leġiżlazzjonijiet differenti. Il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi min-naħa tiegħu li l-kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ma għandux jaqbeż il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħqu għanijiet leġittimi mfittxija minn din il-leġiżlazzjoni, u huwa mifhum li, meta jkun hemm għażla bejn numru ta' miżuri xierqa, għandha tintuża dik li hija l-inqas restrittiva. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu leġittimament jagħżlu risposti legali komplementari fil-konfront ta' ċertu aġir dannuż għas-soċjetà sakemm dawn ir-risposti legali meħuda flimkien ma jirrappreżentawx piż eċċessiv għall-persuna inkwistjoni. Għalhekk, il-fatt li żewġ proċeduri jfittxu li jilħqu għanijiet ta' interess ġenerali distinti li huwa leġittimu li jiġu protetti b'mod kumulattiv jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-analiżi tal-proporzjonalità ta' kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet, bħala fattur intiż sabiex dan il-kumulu jiġi ġġustifikat, bil-kundizzjoni li dawn il-proċeduri jkunu komplementari u li l-piż supplimentari li l-imsemmi kumulu jirrappreżenta jkun jista' jiġi ġġustifikat b'dan il-mod miż-żewġ għanijiet imfittxija. Fir-rigward tan-neċessità stretta tal-kumulu tal-proċeduri u tas-sanzjonijiet, għandu jiġi evalwat jekk jeżistux regoli ċari u preċiżi li jippermettu li jiġi previst liema atti u ommissjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali kumulu kif ukoll il-koordinazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet, jekk iż-żewġ proċeduri jkunux tmexxew b'mod suffiċjentement ikkoordinat u qrib fiż-żmien u jekk is-sanzjoni imposta, jekk ikun il-każ, fl-ewwel proċedura fuq livell kronoloġiku tkunx ittieħdet inkunsiderazzjoni matul l-evalwazzjoni tat-tieni sanzjoni, b'tali mod li l-piżijiet li jirriżultaw, għall-persuni kkonċernati, minn tali kumulu jkunu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju u li s-sanzjonijiet kollha imposti jikkorrispondu għall-gravità tar-reati mwettqa.

## 4. Protezzjoni ta' data personali [67]

### a. Awtorizzazzjoni ta' interċettazzjonijiet telefoniċi fil-kuntest ta' proċeduri kriminali

**Sentenza tas-16 ta' Frar 2023, HYA *et* (Motivazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ta' interċettazzjonijiet telefoniċi) (C-349/21, EU:C:2023:102)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Settur tat-telekomunikazzjonijiet – Ipproċessar tad-data personali u protezzjoni tal-ħajja privata – Direttiva 2002/58 – Artikolu 15(1) – Limitazzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi – Deċiżjoni ġudizzjarja li tawtorizza l-interċettazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna tal-konverżazzjonijiet telefoniċi ta' persuni ssuspettati li wettqu reat serju intenzjonat – Prassi li biha d-deċiżjoni titfassal skont mudell ta' test stabbilit minn qabel u nieqes minn motivi individwalizzati – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Obbligu ta' motivazzjoni"*

Fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, il-President tal-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija) kien, permezz ta' diversi deċiżjonijiet, laqa' talbiet għal awtorizzazzjoni mingħand l-iSpetsializirana prokuratura (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Speċjalizzat, il-Bulgarija) sabiex jintużaw metodi investigattivi speċjali bil-għan li jinstemgħu u jiġu rreġistrati l-konverżazzjonijiet telefoniċi ta' diversi persuni ssuspettati li wettqu reati serji. Sabiex jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu, il-President kien segwa l-prassi ġudizzjarja nazzjonali fis-seħħ li tikkonsisti fl-użu ta' mudell stabbilit minn qabel u nieqes minn motivi individwalizzati li essenzjalment sempliċement jindika li r-rekwiżiti previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-interċettazzjonijiet telefoniċi, li huwa jsemmi, kienu ġew osservati.

Sussegwentement, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Speċjalizzat kien akkuża lill-persuni kkonċernati minn dawn l-interċettazzjonijiet b'parteċipazzjoni fi grupp kriminali organizzat ta' delinkwenti. Il-kontenut tal-konverżazzjonijiet irreġistrati kien ta' importanza diretta sabiex tiġi stabbilita l-fondatezza tal-atti ta' akkuża ta' dawn il-persuni.

Adita bil-mertu tal-kawża, il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, li kienet il-qorti tar-rinviju, spjegat li hija kienet obbligata minn qabel tistħarreġ il-validità tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-interċettazzjonijiet telefoniċi. Peress li kellha dubji b'mod partikolari dwar il-konformità tal-prassi ġudizzjarja ċċitata iktar 'il fuq mad-dritt tal-Unjoni, dik il-qorti ddeċidiet li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-prassi ġudizzjarja inkwistjoni kienet tidħol fil-kuntest ta' miżuri leġiżlattivi adottati mill-Bulgarija skont id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [68], li jipprevedu l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet ġudizzjarji motivati li jkollhom bħala effett li jiġi llimitat il-prinċipju ta' kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-data dwar it-traffiku,

[67] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)*** (C-204/21, EU:C:2023:442), li hija ppreżentata taħt it-Taqsima I.1, "Stat ta' dritt u protezzjoni ġudizzjarja effettiva".

[68] Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514).

stabbilit f'din l-istess direttiva [69]. Din il-prassi kienet għalhekk intiża li timplimenta l-obbligu ta' motivazzjoni previst minn dawn il-miżuri leġiżlattivi konformement mar-rekwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [70] li l-imsemmija direttiva tagħmel riferiment għaliha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li mis-sistema legali ta' din il-proċedura nazzjonali kien jirriżulta li l-qorti kompetenti li toħroġ l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' metodi investigattivi speċjali kienet tieħu d-deċiżjoni tagħha abbażi ta' talba motivata u ddettaljata li l-kontenut tagħha, previst mil-liġi, kellu jippermettilha tivverifika jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni ikunux ġew issodisfatti.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, f'sitwazzjoni fejn il-qorti kompetenti tkun eżaminat il-motivi ta' tali talba ddettaljata u tqis, fi tmiem l-eżami tagħha, li din it-talba tkun iġġustifikata, dik il-qorti, billi tiffirma test stabbilit minn qabel skont mudell li jindika li r-rekwiżiti legali jkunu ġew osservati, tkun ivvalidat il-motivi tat-talba filwaqt li tkun żgurat ruħha mill-osservanza tar-rekwiżiti legali. Fil-fatt, ikun artifiċjali li jintalab li tali awtorizzazzjoni tinkludi motivazzjoni speċifika u ddettaljata, meta t-talba li fir-rigward tagħha tingħata din l-awtorizzazzjoni tkun diġà tinkludi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tali motivazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet madankollu li, ladarba l-persuna kkonċernata tkun ġiet informata li metodi investigattivi speċjali jkunu ġew applikati fil-konfront tagħha, l-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Karta jimponi li din il-persuna tkun f'pożizzjoni li tifhem il-motivi li għalihom ikun ġie awtorizzat l-użu ta' dawn il-metodi, sabiex tkun tista', jekk ikun il-każ, tikkontesta din l-awtorizzazzjoni b'mod utli u effettiv. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għal kull qorti li, skont il-kompetenzi tagħha, ikollha tivverifika, *ex officio* jew fuq it-talba tal-persuna kkonċernata, il-legalità tal-imsemmija awtorizzazzjoni.

Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju kellha tivverifika jekk, fil-kuntest tal-prassi nazzjonali inkwistjoni, l-osservanza tal-Karta u tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika kinitx iggarantita u jekk il-persuni li għalihom kienu japplikaw l-interċettazzjonijiet telefoniċi, kif ukoll il-qorti inkarigata li tivverifika l-legalità tal-awtorizzazzjoni għall-użu ta' dawn il-metodi, kinux f'pożizzjoni li jifhmu l-motivi ta' din l-awtorizzazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, peress li l-awtorizzazzjoni kienet ġiet adottata abbażi ta' talba motivata u ddettaljata, kellu jiġi vverifikat, minn naħa, li tali persuni seta' jkollhom aċċess mhux biss għad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, iżda wkoll għat-talba.

Min-naħa l-oħra, dawn l-istess persuni kellhom ikunu jistgħu jifhmu faċilment u mingħajr ambigwità, permezz ta' qari flimkien tat-talba u tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, ir-raġunijiet preċiżi li għalihom tkun ingħatat din l-awtorizzazzjoni fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi li kienu jikkaratterizzaw il-każ individwali li fuqhom tkun ibbażata t-talba, bl-istess mod kif kellu jirriżulta b'mod imperattiv minn tali qari flimkien il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

B'mod partikolari, meta d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni sempliċement tindika l-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni u tiddikjara li d-dispożizzjonijiet legali, li hija ssemmi, ikunu ġew osservati, huwa essenzjali li t-talba ssemmi b'mod ċar l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex il-persuni kkonċernati jkunu f'pożizzjoni li jifhmu li, abbażi biss ta' din l-informazzjoni, il-qorti li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni, billi tkun adottat il-motivazzjoni li tinsab fit-talba, tkun waslet għall-konklużjoni li r-rekwiżiti legali kollha jkunu ġew osservati. Jekk qari flimkien tat-talba u tal-awtorizzazzjoni sussegwenti ma

[69] Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.

[70] It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

jippermettix li wieħed jifhem, b'mod faċli u inekwivoku, il-motivi ta' din l-awtorizzazzjoni, ikollu għalhekk jiġi kkonstatat li l-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Karta ma jkunx ġie osservat.

### b. Ġbir ta' data bijometrika u ġenetika fi proċedura kriminali

#### Sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija) (C-205/21, EU:C:2023:49)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Direttiva (UE) 2016/680 – Artikolu 4(1)(a) sa (c) – Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali – Limitazzjoni tal-għanijiet – Minimizzazzjoni tad-data – Artikolu 6(a) – Distinzjoni ċara bejn id-data personali ta' kategoriji differenti ta' persuni – Artikolu 8 – Legalità tal-ipproċessar – Artikolu 10 – Traspożizzjoni – Ipproċessar ta' data bijometrika u ta' data ġenetika – Kunċett ta' 'ipproċessar awtorizzat mid-dritt ta' Stat Membru' – Kunċett ta' 'ħtieġa konkreta' – Setgħa diskrezzjonali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 7, 8, 47, 48 u 52 – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Preżunzjoni ta' innoċenza – Limitazzjoni – Reat kriminali intenzjonali suġġett għal prosekuzzjoni ex officio – Persuni mixlija – Ġbir ta' data fotografika u ta' marki tas-swaba' għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha u teħid ta' kampjun bijoloġiku għall-istabbiliment ta' profil tad-DNA – Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata tal-ġbir – Natura sistematika tal-ġbir"*

Fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għal frodi fiskali mibdija mill-awtoritajiet Bulgari, V. S. ġiet mixlija bil-parteċipazzjoni allegata tagħha fi grupp kriminali organizzat, ikkostitwit bi skop ta' lukru, għat-twettiq ta' reati b'mod miftiehem fit-territorju Bulgaru. Wara li hija ġiet mixlija, il-pulizija Bulgara talbet lil V. S. tissottometti ruħha għall-ġbir tad-data tal-marki tas-swaba' u fotografika tagħha għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha u għal teħid ta' kampjun għall-istabbiliment tal-profil tad-DNA tagħha. V. S. opponiet dan il-ġbir.

Billi bbażaw ruħhom fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi r-"reġistrazzjoni mill-pulizija" ta' persuni mixlija għal reat kriminali intenzjonali suġġett għal prosekuzzjoni *ex officio*, l-awtoritajiet tal-pulizija talbu lill-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija) tawtorizza l-eżekuzzjoni forzata tal-ġbir tad-data ġenetika u bijometrika ta' V. S. Kienu biss il-kopji tad-digriet tal-att ta' akkuża tagħha u tar-rifjut tagħha għall-ġbir tad-data tagħha li ġew annessi mar-rikors tal-awtoritajiet tal-pulizija.

Dik il-qorti kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Bulgara applikabbli għal din ir-"reġistrazzjoni mill-pulizija" mad-Direttiva 2016/680 [71], moqrija fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), u, konsegwentement, ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, qabelxejn, il-kundizzjonijiet li fihom l-ipproċessar ta' data bijometrika u ġenetika mill-awtoritajiet tal-pulizija jista' jitqies li jkun awtorizzat mid-dritt ta' Stat Membru, fis-sens tad-Direttiva 2016/680. Sussegwentement, hija tat deċiżjoni dwar l-

---

[71] Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika ĠU 2018, L 127, p. 6).

implimentazzjoni tar-rekwiżit, imsemmi f'din id-direttiva, dwar l-ipproċessar ta' data ta' kategorija ta' persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġunijiet serji sabiex jitqies li dawn ikunu involuti f'reat kriminali u dwar ir-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif ukoll tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti lill-qorti nazzjonali kompetenti tawtorizza l-ġbir forzat ta' din id-data, meqjusa bħala "sensittiva" mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, hija indirizzat il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ġbir sistematiku ta' din id-data mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680 li jirrigwardaw l-ipproċessar tagħha, fid-dawl tal-prinċipji applikabbli għaliha.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Karta [72], għandha tiġi interpretata fis-sens li l-ipproċessar ta' data bijometrika u ġenetika mill-awtoritajiet tal-pulizija fid-dawl tal-attivitajiet ta' investigazzjoni tagħhom, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità u taż-żamma tal-ordni pubbliku, huwa awtorizzat mid-dritt ta' Stat Membru, sa fejn id-dritt tiegħu jinkludi bażi legali suffiċjentement ċara u preċiża sabiex jiġi awtorizzat l-imsemmi pproċessar. Il-fatt li l-att leġiżlattiv nazzjonali li jkun fih tali bażi legali jirreferi, barra minn hekk, għar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data [73], u mhux għad-Direttiva 2016/680, ma huwiex ta' natura, fih innifsu, li jikkontesta l-eżistenza ta' tali awtorizzazzjoni, sa fejn mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tad-dritt nazzjonali jirriżulta, b'mod suffiċjentement ċar, preċiż u inekwivoku, li l-ipproċessar ta' data bijometrika u ġenetika inkwistjoni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, u mhux tal-GDPR.

F'dan il-kuntest, fid-dawl tal-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti kienet tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-GDPR li jirregolaw l-ipproċessar ta' data sensittiva, filwaqt li tirriproduċi l-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680 li jirrigwardaw l-ipproċessar tal-istess data [74], il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux ekwivalenti. Fil-fatt, filwaqt li l-ipproċessar ta' data sensittiva mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet b'mod partikolari ta' prevenzjoni u ta' identifikazzjoni ta' reati kriminali li jaqgħu taħt id-Direttiva 2016/680 jista' jiġi awtorizzat biss fil-każ ta' ħtieġa konkreta u għandu jkun irregolat minn salvagwardji xierqa u previst mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt ta' Stat Membru, il-GDPR jistabbilixxi, fuq livell ta' prinċipju, projbizzjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data, flimkien ma' lista ta' eċċezzjonijiet. Għalkemm il-leġiżlatur nazzjonali jista' jipprevedi, fil-kuntest tal-istess strument leġiżlattiv, l-ipproċessar ta' data personali għal finijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva 2016/680 kif ukoll għal finijiet oħra li jaqgħu taħt il-GDPR, huwa obbligat jiżgura ruħu mill-assenza ta' ambigwità fir-rigward tal-applikabbiltà ta' wieħed jew ieħor minn dawn iż-żewġ atti tal-Unjoni għall-ġbir ta' data sensittiva.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' eventwali traspożizzjoni inkorretta tad-Direttiva 2016/680, invokata mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din id-direttiva ma teżiġix li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jawtorizzaw l-ipproċessar ta' data li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkunu jinkludu riferiment għall-imsemmija direttiva. Hija ppreċiżat li, meta l-leġiżlatur nazzjonali jipprevedi l-ipproċessar ta' data bijometrika u ġenetika minn awtoritajiet kompetenti li tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, jew dak tal-GDPR, huwa jista', għal raġunijiet ta' ċarezza u ta'

---

[72] Artikolu 10(a) tad-Direttiva 2016/680 moqri fid-dawl tal-Artikolu 52 tal-Karta.

[73] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

[74] L-Artikolu 9 tal-GDPR u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, rispettivament.

preċiżjoni, jirreferi espliċitament, minn naħa, għad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jiżguraw it-traspożizzjoni ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, għall-GDPR, mingħajr ma huwa obbligat isemmi l-imsemmija direttiva. Madankollu, fil-każ ta' kontradizzjoni apparenti bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jawtorizzaw l-ipproċessar tad-data inkwistjoni u dawk li jidhru li jeskluduh, il-qorti nazzjonali għandha tagħti lil dawn id-dispożizzjonijiet interpretazzjoni li tippreżerva l-effett utli tad-Direttiva 2016/680.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2016/680 [75] u l-Karta [76] ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, fil-każ ta' rifjut tal-persuna mixlija, b'reat intenzjonali suġġett għal prosekuzzjoni *ex officio*, li tikkoopera b'mod volontarju għall-ġbir tad-data bijometrika u ġenetika li tikkonċernaha għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha, il-qorti kriminali kompetenti tkun obbligata tawtorizza l-eżekuzzjoni forzata ta' dan il-ġbir, mingħajr ma jkollha s-setgħa tevalwa jekk ikunux jeżistu motivi serji sabiex jitqies li l-persuna kkonċernata tkun wettqet ir-reat li fir-rigward tiegħu hija tkun mixlija, sakemm id-dritt nazzjonali jiggarantixxi sussegwentement l-istħarriġ ġudizzjarju effettiv tal-kundizzjonijiet ta' din l-imputazzjoni, li minnhom tirriżulta l-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' dan il-ġbir.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont id-Direttiva 2016/680 [77], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir distinzjoni ċara bejn id-data tal-kategoriji differenti ta' persuni kkonċernati, b'tali mod li l-istess grad ta' ndħil fid-dritt fundamentali tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom ma jiġix impost fuqhom mingħajr distinzjoni, tkun xi tkun il-kategorija li huma jagħmlu parti minnha. Madankollu, dan l-obbligu ma huwiex assolut. Barra minn hekk, sa fejn din id-direttiva tirreferi għall-kategorija ta' persuni li fir-rigward tagħhom ikunu jeżistu raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li huma jkunu wettqu reat kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-eżistenza ta' numru suffiċjenti ta' provi tal-ħtija ta' persuna tikkostitwixxi, bħala prinċipju, raġuni serja sabiex wieħed jemmen li hija tkun wettqet ir-reat inkwistjoni. Għalhekk, id-Direttiva 2016/680 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ġbir forzat tad-data tal-persuni li fir-rigward tagħhom jinġabru biżżejjed provi li huma jkunu ħatja li wettqu reat intenzjonali suġġett għal prosekuzzjoni *ex officio* u li jkunu ġew mixlija għal din ir-raġuni.

F'dak li jirrigwarda r-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li l-qorti nazzjonali kompetenti, sabiex tawtorizza miżura ta' eżekuzzjoni forzata tal-ġbir ta' data sensittiva ta' persuna mixlija, ma tistax tistħarreġ, fuq il-mertu, il-kundizzjonijiet għall-imputazzjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, b'mod partikolari, li t-tneħħija b'mod temporanju mill-istħarriġ tal-qorti tal-evalwazzjoni tal-provi li fuqhom tkun ibbażata l-imputazzjoni tal-persuna kkonċernata tista' tirriżulta li tkun iġġustifikata matul il-fażi preliminari tal-proċeduri kriminali. Fil-fatt, tali stħarriġ, matul din il-fażi, jista' jostakola l-iżvolġiment tal-investigazzjoni kriminali li matulha din id-data tinġabar u jista' jillimita eċċessivament il-kapaċità tal-investigaturi li jidentifikaw ksur ieħor abbażi ta' paragun ta' din id-data mad-data miġbura waqt investigazzjonijiet oħra. Din il-limitazzjoni tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva għalhekk ma hijiex sproporzjonata, kemm-il darba d-dritt nazzjonali jiggarantixxi sussegwentement stħarriġ ġudizzjarju effettiv.

Fir-rigward tar-rispett, minn deċiżjoni ġudizzjarja li tawtorizza l-ġbir tad-data inkwistjoni, tad-dritt għall-preżunzjoni ta' innoċenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li, sa fejn, f'dan il-każ, dan il-ġbir kien limitat għall-kategorija ta' persuni li r-responsabbiltà kriminali tagħhom ma tkunx għadha ġiet stabbilita, dan il-ġbir ma setax jitqies li kien ta' natura li jirrifletti s-sentiment tal-awtoritajiet li

[75] Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2016/680.

[76] L-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, li jistabbilixxu, rispettivament, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza.

[77] Artikolu 6 tad-Direttiva 2016/680.

dawn il-persuni kienu ħatja. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-qorti li għandha tiddeċiedi dwar il-ħtija tal-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tevalwa, f'dan l-istadju tal-proċeduri kriminali, in-natura suffiċjenti tal-provi li fuqhom tkun ibbażata l-imputazzjoni ta' din il-persuna jikkostitwixxi garanzija tar-rispett tad-dritt tagħha għall-preżunzjoni ta' innoċenza.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva 2016/680 [78] tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ġbir sistematiku ta' data bijometrika u ġenetika ta' kull persuna mixlija għal reat intenzjonali suġġett għal prosekuzzjoni *ex officio* għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha, mingħajr ma tipprevedi l-obbligu, għall-awtorità kompetenti, li tivverifika u li turi, minn naħa, jekk dan il-ġbir ikunx verament meħtieġ sabiex jintlaħqu għanijiet konkreti intiżi u, min-naħa l-oħra, jekk dawn l-għanijiet ikunux jistgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri li jkunu ta' ndħil inqas għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuna kkonċernata.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-Direttiva 2016/680 hija intiża li tiżgura, fost affarijiet oħra, protezzjoni ikbar fir-rigward tal-ipproċessar ta' data sensittiva, li tinkludi d-data bijometrika u ġenetika, sa fejn dan l-ipproċessar jista' joħloq riskji sinjifikattivi għal-libertajiet u għad-drittijiet fundamentali. Ir-rekwiżit li dan l-ipproċessar għandu jkun awtorizzat "biss meta verament ikun meħtieġ", għandu jiġi interpretat fis-sens li jiddefinixxi kundizzjonijiet imsaħħa ta' legalità tal-ipproċessar ta' din id-data sensittiva [79]. Barra minn hekk, il-portata ta' dan ir-rekwiżit għandha wkoll tiġi ddeterminata fid-dawl tal-prinċipji dwar l-ipproċessar tad-data, bħalma huma l-limitazzjoni tal-għanijiet u l-minimizzazzjoni tad-data.

F'dan il-kuntest, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ġbir sistematiku ta' data bijometrika u ġenetika ta' kull persuna mixlija b'reat intenzjonali suġġett għal prosekuzzjoni *ex officio* għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha hija, bħala prinċipju, kuntrarja għal dan ir-rekwiżit. Fil-fatt, hija tista' twassal, b'mod indifferenzjat u ġġeneralizzat, għall-ġbir ta' data tal-parti l-kbira tal-persuni mixlija peress li l-kunċett ta' "reat kriminali intenzjonali suġġett għal prosekuzzjoni *ex officio*" huwa ta' natura partikolarment ġenerali u jista' japplika għal ħafna reati kriminali, indipendentement min-natura tagħhom, mill-gravità tagħhom, miċ-ċirkustanzi partikolari ta' dawn ir-reati, mir-rabta possibbli tagħhom ma' proċeduri pendenti oħrajn, mill-fedina penali tal-persuna kkonċernata jew mill-profil individwali tagħha.

### c. Użu mill-ġdid fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva ta' data personali mqiegħda għad-dispożizzoni tal-awtoritajiet fil-kuntest ta' proċedura kriminali

**Sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Lietuvos Respublikos generalinė prokuratūra (C-162/22, EU:C:2023:631)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Telekomunikazzjonijiet – Ipproċessar ta' data personali fis settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/58/KE – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 15(1) – Data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet inkarigati mill-proċeduri kriminali – Użu ulterjuri ta' din id-data waqt investigazzjoni dwar nuqqas amministrattiv"*

---

[78] Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1)(a) sa (c) u mal-Artikolu 8(1) u (2) tagħha.

[79] Fid-dawl tal-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 4(1)(b) u (c) u mill-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/680.

Il-Lietuvos Respublikos Generalinė prokuratūra (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Litwanja) (iktar ’il quddiem l-“Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali”) fetaħ investigazzjoni amministrattiva kontra r-rikorrent fil-kawża prinċipali, li dak iż-żmien kien jeżerċita l-funzjonijiet ta’ prosekutur fi ħdan uffiċċju tal-prosekutur Litwan, minħabba li kienu jeżistu indizji li, fil-kuntest ta’ istruttorja li huwa kien qiegħed imexxi, huwa kien illegalment ipprovda informazzjoni rilevanti għal din l-istruttorja lill-persuna ssuspettata u lill-avukat tagħha.

Fir-rapport tagħha dwar din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali kkonstatat li r-rikorrent fil-kawża prinċipali kien effettivament wettaq nuqqas amministrattiv. Skont dan ir-rapport, dan in-nuqqas amministrattiv kien muri mill-elementi miġbura matul l-investigazzjoni amministrattiva. B’mod partikolari, l-informazzjoni miksuba waqt operazzjonijiet ta’ intelligence kriminali u d-data miġbura waqt żewġ istruttorji kriminali kkonfermaw l-eżistenza ta’ komunikazzjonijiet telefoniċi bejn ir-rikorrent fil-kawża prinċipali u l-avukat tal-persuna ssuspettata fil-kuntest tal-istruttorja li kienet tirrigwarda lil dan tal-aħħar u li r-rikorrent fil-kawża prinċipali kien qiegħed imexxi. Abbażi ta’ dan l-istess rapport, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali adotta żewġ digrieti li bihom issanzjona lir-rikorrent fil-kawża prinċipali u neħħih mill-funzjonijiet tiegħu. Adita b’rikors għall-annullament ta’ dawn iż-żewġ digrieti ppreżentat minn dan tal-aħħar, il-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta’ Vilnjus, il-Litwanja) ċaħdet dan ir-rikors, minħabba, b’mod partikolari, li l-operazzjonijiet ta’ intelligence kriminali mwettqa f’dan il-każ kienu legali u li l-informazzjoni miġbura konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Intelligence Kriminali [80] kienet intużat legalment sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta’ nuqqas amministrattiv possibbilment imwettaq mir-rikorrent fil-kawża prinċipali.

Dan tal-aħħar appella quddiem il-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja), il-qorti tar-rinviju f’din il-kawża, billi sostna li l-aċċess mill-korpi ta’ ġbir ta’ intelligence, fil-kuntest ta’ operazzjoni ta’ intelligence kriminali, għad-data dwar it-traffiku u għall-kontenut stess tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali ta’ tali gravità li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-privatezza u komunikazzjoni elettronika [81] u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), dan l-aċċess seta’ jingħata biss għall-finijiet tal-ġlieda kontra reati serji. Issa, skont ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, il-Liġi dwar l-Intelligence Kriminali [82] kienet tipprevedi li tali data tista’ tintuża sabiex jiġu investigati mhux biss reati serji, iżda wkoll dwar nuqqasijiet dixxiplinari jew nuqqasijiet amministrattivi relatati ma’ atti ta’ korruzzjoni.

Skont il-qorti tar-rinviju, il-kwistjonijiet imqajma mir-rikorrent fil-kawża prinċipali kienu jirrigwardaw żewġ elementi, jiġifieri, minn naħa, l-aċċess għad-data miżmuma mill-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi għal finijiet oħra għajr il-ġlieda kontra r-reati serji u l-prevenzjoni ta’ theddid serju kontra s-sigurtà pubblika u, min-naħa l-oħra, ladarba jkun inkiseb dan l-aċċess, l-użu ta’ din id-data sabiex jiġu investigati nuqqasijiet amministrattivi relatati mal-korruzzjoni.

---

80 Lietuvos Respublikos kriminalinės žvalgybos įstatymas (il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Intelligence Kriminali), tat-2 ta’ Ottubru 2012 (Žin., 2012, Nru 122–6093), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar ’il quddiem il-“Liġi dwar l-Intelligence Kriminali”).

81 B’mod partikolari l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11).

82 L-Artikolu 19(3) tal-Liġi dwar l-Intelligence Kriminali.

Wara li fakkret it-tagħlim mislut mis-sentenza Privacy International [83] dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, u dak mislut mis-sentenza Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) [84] fir-rigward tal-portata tal-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, il-qorti tar-rinviju rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet għadha ma ddeċidietx dwar l-effett tal-użu ulterjuri tad-data inkwistjoni fuq l-indħil fid-drittijiet fundamentali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar jekk tali użu ulterjuri kellux ukoll jitqies li kien jikkostitwixxi ndħil ta' tali gravità fid-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta [85] li huma biss il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika li huma ta' natura li jiġġustifikawh, b'esklużjoni tal-possibbiltà li din id-data tintuża f'investigazzjonijiet li jikkonċernaw nuqqasijiet amministrattivi relatati mal-korruzzjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-ġurisprudenza tagħha li tirriżulta mis-sentenzi La Quadrature du Net *et* [86] u Commissioner of An Garda Síochána *et* [87] filwaqt li ddeċidiet li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqri fid-dawl tal-Karta [88], jipprekludi li data personali dwar komunikazzjonijiet elettroniċi li tkun inżammet, b'applikazzjoni ta' miżura leġiżlattiva meħuda abbażi ta' din id-dispożizzjoni, mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li sussegwentement tqiegħdet għad-dispożizzjoni, b'applikazzjoni ta' din l-istess miżura, tal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, tkun tista' tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet dwar nuqqasijiet amministrattivi relatati mal-korruzzjoni.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom id-data dwar it-traffiku u d-data dwar il-lokalizzazzjoni relatata ma' tali komunikazzjonijiet jistgħu jintużaw matul proċedura amministrattiva dwar nuqqasijiet amministrattivi relatati mal-korruzzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabel xejn li aċċess għall-imsemmija data jista' jingħata, b'applikazzjoni ta' miżura meħuda skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, biss sa fejn din id-data tkun inżammet minn dawn il-fornituri b'mod konformi ma' din id-dispożizzjoni. Sussegwentement, użu ulterjuri ta' din l-istess data huwa possibbli biss bil-kundizzjoni, minn naħa, li ż-żamma tal-imsemmija data mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tkun konformi mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u, min-naħa l-oħra, li l-aċċess għal din l-istess data mogħti lill-awtoritajiet kompetenti jkun ukoll konformi ma' din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward tal-għanijiet li jistgħu jiġġustifikaw l-użu, mill-awtoritajiet pubbliċi, tad-data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'applikazzjoni ta' miżura konformi mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqri fid-dawl tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu eċċezzjonijiet għall-obbligu fuq livell ta' prinċipju li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità tad-data personali, stabbilit fl-Artikolu 5(1) tal-imsemmija direttiva, kif ukoll għall-obbligi korrispondenti, imsemmija b'mod

---

[83] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, ***Privacy International*** (C-623/17, EU:C:2020:790, punt 39).

[84] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, ***Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għal data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi)*** (C-746/18, EU:C:2021:152, punti 33 u 35).

[85] L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

[86] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, ***La Quadrature du Net et*** (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791).

[87] Sentenza tal-5 ta' April 2022, ***Commissioner of An Garda Síochána et*** (C-140/20, EU:C:2022:258).

[88] L-Artikoli 7, 8, 11 u 52(1) tal-Karta.

partikolari fl-Artikoli 6 u 9 tal-istess direttiva, meta tali limitazzjoni tikkostitwixxi miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata, fi ħdan soċjetà demokratika, għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, tad-difiża u tas-sigurtà pubblika, jew sabiex jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-użu mhux awtorizzat tas-sistema ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jadottaw miżuri leġiżlattivi li jipprevedu ż-żamma ta' data għal perijodu limitat meta dan ikun iġġustifikat minn wieħed minn dawn il-motivi.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u komunikazzjoni elettronika ma jistax jiġġustifika li d-deroga mill-obbligu ta' prinċipju li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-data relatata magħhom, u, b'mod partikolari, mill-projbizzjoni li tinħażen din id-data, prevista fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, issir ir-regola, għaliex inkella din id-dispożizzjoni tal-aħħar tiġi mċaħħda mill-parti l-kbira tal-portata tagħha.

Fir-rigward tal-għanijiet li jistgħu jiġġustifikaw limitazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi previsti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 5, 6 u 9 tad-Direttiva dwar il-privatezza u komunikazzjoni elettronika, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-lista tal-għanijiet li tinsab fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) ta' din id-direttiva hija ta' natura eżawrjenti, b'tali mod li miżura leġiżlattiva adottata bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni għandha effettivament u strettament tissodisfa wieħed minn dawn l-għanijiet.

Fir-rigward tal-għanijiet ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw miżura meħuda abbażi tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u komunikazzjoni elettronika, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mill-ġurisprudenza tagħha, b'mod partikolari, mis-sentenza La Quadrature du Net *et* u Commissioner of An Garda Síochána *et*, jirriżulta li, b'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, teżisti ġerarkija bejn dawn l-għanijiet skont l-importanza rispettiva tagħhom u li l-importanza tal-għan imfittex minn tali miżura għandha tkun f'relazzjoni mal-gravità tal-indħil li jirriżulta minnha. F'dan ir-rigward, l-importanza tal-għan ta' salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali hija ikbar minn dik tal-għanijiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari tal-għanijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità b'mod ġenerali, anki serja, kif ukoll ta' salvagwardja tas-sigurtà pubblika. Sakemm jiġu osservati r-rekwiżiti l-oħra previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, l-għan ta' salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali jista' għalhekk jiġġustifika miżuri li jinvolvu ndħil fid-drittijiet fundamentali iktar serju minn dak li jistgħu jiġġustifikaw dawn l-għanijiet l-oħra.

Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huma biss il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika li jistgħu jiġġustifikaw indħil serju fid-drittijiet fundamentali sanċiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, bħal dak li timplika ż-żamma ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni. Għaldaqstant, huwa biss indħil fl-imsemmija drittijiet fundamentali li ma huwiex ta' natura serja li jista' jiġi ġġustifikat mill-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali b'mod ġenerali.

Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika huma ta' importanza iżgħar, fil-ġerarkija tal-għanijiet ta' interess ġenerali, mis-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, iżda, għall-kuntrarju, li l-importanza tagħhom hija ikbar minn dik tal-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali u tal-prevenzjoni ta' theddid mhux serju kontra s-sigurtà pubblika. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret madankollu li l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiġġustifikaw limitazzjoni għad-drittijiet u għall-obbligi previsti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 5, 6 u 9 tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika għandha tkun evalwata billi titqies il-gravità tal-indħil li tali limitazzjoni ġġib magħha u billi jiġi vverifikat li l-importanza tal-għan ġenerali mfittex minn din il-limitazzjoni tkun proporzjonata ma' din il-gravità.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-aċċess għal data dwar it-traffiku u għal data dwar il-lokalizzazzjoni miżmuma minn fornituri b'applikazzjoni ta' miżura meħuda skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, li għandu jitwettaq b'osservanza sħiħa tal-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza li interpretat din id-direttiva, bħala prinċipju jista' jiġi

ġġustifikat biss mill-għan ta' interess ġenerali li għalih din iż-żamma tkun ġiet imposta fuq dawn il-fornituri. Is-sitwazzjoni tkun differenti biss jekk l-importanza tal-għan imfittex mill-aċċess tkun ikbar minn dik tal-għan li ġġustifika ż-żamma.

Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għal użu sussegwenti tad-data dwar it-traffiku u dwar data dwar il-lokalizzazzjoni miżmuma minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'applikazzjoni ta' miżura meħuda skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Fil-fatt, tali data ma tistax, wara li tkun inżammet u tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, tiġi trażmessa lil awtoritajiet oħra u użata sabiex jintlaħqu għanijiet, jiġifieri, f'dan il-każ, il-ġlieda kontra nuqqasijiet amministrattivi relatati mal-korruzzjoni, li jkunu ta' importanza iżgħar, fil-ġerarkija tal-għanijiet ta' interess ġenerali, minn dik tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u tal-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika. Fil-fatt, l-awtorizzazzjoni, f'tali sitwazzjoni, ta' aċċess għad-data miżmuma u tal-użu tagħha tmur kontra din il-ġerarkija ta' għanijiet ta' interess ġenerali mfakkra preċedentement.

## d. Ipproċessar ta' data personali fuq in-networks soċjali online

### Sentenza tal-4 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, EU:C:2023:537)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Networks soċjali online – Abbuż minn pożizzjoni dominanti mill-operatur ta' tali network – Abbuż li jikkonsisti fl-ipproċessar ta' data personali tal-utenti ta' dan in-network previst fil-kundizzjonijiet ġenerali għall-użu tiegħu – Kompetenzi ta' awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità ta' dan l-ipproċessar ma' dan ir-regolament – Rabta mal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mis-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data personali – Artikolu 4(3) TUE – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Il-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament 2016/679 – Legalità tal-ipproċessar – Artikolu 9(1) u (2) – Ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali – Il-punt 11 tal-Artikolu 4 – Kunċett ta' 'kunsens'"*

Il-kumpannija Meta Platforms hija l-proprjetarja tan-network soċjali online "Facebook", li huwa bla ħlas għall-utenti privati. Il-mudell ekonomiku ta' dan in-network soċjali huwa bbażat fuq il-finanzjament permezz tar-reklamar online, imfassal apposta għall-utenti individwali tiegħu. Tali reklamar isir teknikament possibbli permezz tal-istabbiliment awtomatizzat ta' profili ddettaljati tal-utenti tan-network u tas-servizzi online offruti fuq il-livell tal-grupp Meta. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jużaw l-imsemmi network soċjali, l-utenti għandhom, fil-mument tal-abbonament tagħhom, jaċċettaw il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti minn Meta Platforms, li jirreferu għall-politiki ta' użu tad-data u tal-cookies stabbiliti minn din il-kumpannija. Skont dawn il-politiki, minbarra d-data li dawn l-utenti jipprovdu direttament meta huma jabbonaw, Meta Platforms tiġbor ukoll data relatata mal-attivitajiet tal-imsemmija utenti fi ħdan in-network soċjali u barra minnu u tqiegħda f'korrelazzjoni mal-kontijiet Facebook tal-utenti kkonċernati. Fir-rigward ta' din l-aħħar data, imsejħa wkoll "data off Facebook", din tikkonsisti, minn naħa, f'data li tirrigwarda l-konsultazzjoni ta' paġni internet u ta' applikazzjonijiet terzi, u, min-naħa l-oħra, f'data relatata mal-użu ta' servizzi online oħra li jappartjenu lill-grupp Meta, fosthom Instagram u WhatsApp. Il-ħarsa ġenerali lejn id-data hekk miġbura tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet iddettaljati dwar il-preferenzi u l-interessi ta' dawn l-istess utenti.

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2019, il-Bundeskartellamt (l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni, il-Ġermanja) ipprojbixxiet lil Meta Platforms, minn naħa, milli tissuġġetta, fil-kundizzjonijiet ġenerali fis-seħħ dak iż-żmien [89], l-użu tan-network soċjali Facebook minn utenti privati residenti fil-Ġermanja għall-ipproċessar tad-data off Facebook tagħhom u, min-naħa l-oħra, milli tipproċedi, mingħajr il-kunsens tagħhom, għall-ipproċessar ta' din id-data. Barra minn hekk, l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni imponiet li Meta Platforms tadatta dawn il-kundizzjonijiet ġenerali, b'tali mod li minnhom ikun jirriżulta b'mod ċar li l-imsemmija data ma tkunx ser tinġabar, titqiegħed f'korrelazzjoni mal-kontijiet ta' utenti Facebook u tintuża mingħajr il-kunsens tal-utenti kkonċernati. Fl-aħħar, din l-awtorità enfasizzat li tali kunsens ma kienx validu meta dan kien jikkostitwixxi kundizzjoni għall-użu tan-network soċjali. Hija motivat id-deċiżjoni tagħha bil-fatt li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni, li ma kienx konformi mal-GDPR [90], kien jikkostitwixxi operat abbużiv tal-pożizzjoni dominanti ta' Meta Platforms fis-suq tan-networks soċjali online.

Meta Platforms ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja). Peress li kellha dubji, minn naħa, dwar il-possibbiltà għal awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jwettqu superviżjoni tal-konformità ta' pproċessar ta' data personali mar-rekwiżiti fformulati fil-GDPR u, min-naħa l-oħra, dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kompetenza ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità ta' pproċessar ta' data personali mal-GDPR, kif ukoll dwar ir-rabta tiegħu mal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mis-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data [91]. Barra minn hekk, hija għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-possibbiltà tal-ipproċessar, minn operatur ta' network soċjali, ta' data personali "sensittiva" tal-utenti tiegħu, dwar il-kundizzjonijiet għal-legalità tal-ipproċessar tad-data mwettaq minn tali operatur kif ukoll dwar il-validità tal-kunsens, mogħti għall-finijiet ta' tali pproċessar minn dawn l-utenti, lil impriża f'pożizzjoni dominanti fis-suq nazzjonali tan-networks soċjali online.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kompetenza ta' awtorità tal-kompetizzjoni sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità mal-GDPR ta' pproċessar ta' data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, bla ħsara għall-osservanza tal-obbligu tagħha ta' kooperazzjoni leali [92] mal-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-protezzjoni tad-data, tali awtorità tista' tikkonstata, fil-kuntest tal-eżami ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa ta' impriża [93], li l-kundizzjonijiet ġenerali għall-użu stabbiliti minn din l-impriża fil-qasam tal-ipproċessar ta' data personali u l-implimentazzjoni tagħhom ma jkunux konformi ma' dan ir-regolament, meta din il-konstatazzjoni tkun neċessarja sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali abbuż.

---

89 Fil-31 ta' Lulju 2019, Meta Platforms introduċiet kundizzjonijiet ġenerali ġodda li jindikaw espressament li l-utent, minflok ma jħallas għall-użu tal-prodotti Facebook, jiddikjara li qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu għar-reklami.

90 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

91 Fis-sens tal-Artikoli 51 sa 59 tal-GDPR.

92 Stabbilita fl-Artikolu 4(3) TUE.

93 Fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

Madankollu, meta awtorità tal-kompetizzjoni tirrileva ksur tal-GDPR fil-kuntest tal-konstatazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, hija ma tissostitwixxix lill-awtoritajiet ta' superviżjoni.

Għalhekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, meta l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jkollhom, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, jeżaminaw il-konformità ta' aġir ta' impriża mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, huma għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw lealment mal-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali kkonċernati jew mal-awtorità ta' superviżjoni ewlenija. Dawn l-awtoritajiet kollha huma għalhekk obbligati josservaw is-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod li l-obbligi li jirriżultaw mill-GDPR kif ukoll l-għanijiet ta' dan ir-regolament jiġu osservati u b'mod li jiġi ppreżervat l-effett utli tagħhom. Minn dan isegwi li, meta, fil-kuntest tal-eżami intiż li jiġi kkonstatat abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa ta' impriża, awtorità tal-kompetizzjoni tqis li jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-konformità ta' aġir ta' din l-impriża mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, l-imsemmija awtorità għandha tivverifika jekk dan l-aġir jew aġir simili kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali kompetenti jew mill-awtorità ta' superviżjoni ewlenija jew inkella mill-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk dan ikun il-każ, l-awtorità tal-kompetizzjoni ma tistax titbiegħed minnhom, filwaqt li tibqa' libera li tislet minnhom il-konklużjonijiet tagħha stess mill-perspettiva tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Meta jkollha dubji dwar il-portata tal-evalwazzjoni mwettqa mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali kompetenti jew mill-awtorità ta' superviżjoni ewlenija, meta l-aġir inkwistjoni jew aġir simili jkun, fl-istess ħin, is-suġġett ta' eżami min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet, jew inkella meta, fl-assenza ta' investigazzjoni mill-imsemmija awtoritajiet, hija tkun tqis li aġir ta' impriża ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, l-awtorità tal-kompetizzjoni għandha tikkonsulta lil dawn l-awtoritajiet u titlob il-kooperazzjoni tagħhom, sabiex tneħħi d-dubji tagħha jew sabiex tiddetermina jekk ikunx hemm lok li tistenna l-adozzjoni ta' deċiżjoni min-naħa tal-awtorità ta' superviżjoni kkonċernata qabel ma tibda l-evalwazzjoni tagħha stess. Fl-assenza ta' oġġezzjoni min-naħa tagħhom jew ta' tweġiba fi żmien raġonevoli, l-awtorità tal-kompetizzjoni tista' tkompli l-investigazzjoni tagħha stess.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali [94], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fil-każ fejn utent ta' network soċjali online jikkonsulta siti internet jew applikazzjonijiet relatati ma' waħda jew iktar minn dawn il-kategoriji u, jekk ikun il-każ, idaħħal fihom data meta jabbona ruħu jew iwettaq ordnijiet online, l-ipproċessar ta' data personali mill-operatur ta' dan in-network soċjali online [95] għandu jitqies li huwa "[i]pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, meta jkun jippermetti li tiġi żvelata informazzjoni li taqa' taħt waħda minn dawn il-kategoriji speċjali, kemm jekk din l-informazzjoni tkun tikkonċerna utent ta' dan in-network jew kwalunkwe persuna fiżika oħra. Tali pproċessar ta' data huwa bħala prinċipju pprojbit, bla ħsara għal ċerti derogi [96].

---

94 Imsemmija fl-Artikolu 9(1) tal-GDPR. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li "[l]-ipproċessar ta' *data* personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' *data* ġenetika, *data* bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika huma projbiti."

95 Dan l-ipproċessar jikkonsisti fil-ġbir, permezz ta' interfaces integrati, ta' cookies jew ta' teknoloġiji ta' reġistrazzjoni simili, tad-data li tirriżulta mill-konsultazzjoni ta' dawn is-siti u ta' dawn l-applikazzjonijiet kif ukoll tad-data mdaħħla mill-utent, fil-korrelazzjoni ta' din id-data kollha mal-kont tan-network soċjali tiegħu u fl-użu tal-imsemmija data minn dan l-operatur.

96 Previsti fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR. Din id-dispożizzjoni tipprovdi: "[i]l-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk japplika wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) is-suġġett tad-data jkun ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta' dik id-*data* personali għal fini speċifiku wieħed jew aktar, għajr fejn il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi li l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tistax titneħħa mis-suġġett tad-*data*;

F’dan l-aħħar rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta utent ta’ network soċjali online jikkonsulta siti internet jew applikazzjonijiet b’rabta ma’ waħda jew iktar mill-imsemmija kategoriji speċjali ta’ data, huwa ma jagħmilx manifestament pubblika [97] d-data relatata ma’ din il-konsultazzjoni, miġbura mill-operatur ta’ dan in-network soċjali online permezz ta’ cookies jew ta’ teknoloġiji ta’ reġistrazzjoni simili. Barra minn hekk, meta jdaħħal data f’tali siti internet jew f’tali applikazzjonijiet jew meta jattiva buttuni ta’ selezzjoni integrati f’dawn is-siti u f’dawn l-applikazzjonijiet, bħall-buttuni “Like” jew “Share”, jew il-buttuni li jippermettu lill-utent jidentifika ruħu f’dawn is-siti jew f’dawn l-applikazzjonijiet billi juża l-identifikaturi ta’ konnessjoni marbuta mal-kont tiegħu ta’ utent tan-network soċjali, in-numru tat-telefon tiegħu jew l-indirizz elettroniku tiegħu, tali utent jagħmel manifestament pubblika d-data hekk imdaħħla jew li tirriżulta mill-attivazzjoni ta’ dawn il-buttuni biss fil-każ fejn huwa jkun esprima b’mod espliċitu l-għażla tiegħu minn qabel, jekk ikun il-każ abbażi ta’ parametraġġ individwali mwettaq b’għarfien sħiħ tal-fatti, li jagħmel id-data li tikkonċernah pubblikament aċċessibbli għal numru illimitat ta’ persuni.

Fit-tielet lok, fir-rigward, b’mod iktar ġenerali, tal-kundizzjonijiet għal-legalità ta’ pproċessar ta’ data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-GDPR, l-ipproċessar ta’ data jkun legali biss jekk, u sakemm, is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens tiegħu sabiex id-data tiegħu tiġi pproċessata għal skop speċifiku wieħed jew iktar [98]. Fl-assenza ta’ tali kunsens, jew meta dan il-kunsens ma jkunx ingħata b’mod liberu, speċifiku, informat u inekwivoku, tali pproċessar ikun madankollu ġġustifikat meta jkun jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti ta’ neċessità [99], li għandhom jiġu interpretati b’mod strett. Issa, l-ipproċessar ta’ data personali tal-utenti tiegħu mwettaq minn operatur ta’ network soċjali online jista’ jitqies li huwa neċessarju għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt li fih dawn l-utenti jkunu partijiet biss bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar ikun oġġettivament indispensabbli sabiex jintlaħaq skop li jagħmel

---

[…]

(e) l-ipproċessar ikun relatat ma’ *data* personali li b’mod ċar tkun saret pubblika mis-suġġett tad-*data*;

(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta’ talbiet legali jew kull darba li l-qrati jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom;

[…]”.

**97** Fis-sens tal-Artikolu 9(2)(e) tal-GDPR.

**98** Skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.

**99** Imsemmija fil-punti (b) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-ipproċessar ikun legali biss jekk, u sa fejn, dan ikun, *inter alia*, neċessarju għall-eżekuzzjoni ta’ kuntratt li s-suġġett tad-data jkun parti minnu (il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR), għall-osservanza ta’ obbligu legali li għalih il-kontrollur huwa suġġett (il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR) jew għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz (il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR).

parti integrali mis-servizz kuntrattwali intiż għall-imsemmija utenti, b'tali mod li l-għan prinċipali tal-kuntratt ma jkunx jista' jintlaħaq fl-assenza ta' dan l-ipproċessar.

Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ipproċessar ta' data inkwistjoni jista' jitqies li huwa neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz biss bil-kundizzjoni li l-imsemmi operatur ikun indika lill-utenti li mingħandhom tkun inġabret id-data interess leġittimu mfittex mill-ipproċessar tagħha, li dan l-ipproċessar isir fil-limiti ta' dak li jkun strettament neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-interess leġittimu u li minn ibbilanċjar tal-interessi opposti jirriżulta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, li l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' dawn l-utenti ma jipprevalixxux fuq l-imsemmi interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' terz. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset b'mod partikolari li, fl-assenza ta' kunsens min-naħa tagħhom, l-interessi u d-drittijiet fundamentali tal-imsemmija utenti jipprevalu fuq l-interess tal-operatur ta' network soċjali online fil-personalizzazzjoni tar-reklamar li permezz tiegħu huwa jiffinanzja l-attività tiegħu.

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni jkun iġġustifikat meta jkun effettivament neċessarju għall-osservanza ta' obbligu legali li għalih ikun suġġett il-kontrollur, skont dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, meta din il-bażi legali tkun tissodisfa għan ta' interess pubbliku u tkun proporzjonata għall-għan leġittimu mfittex u meta dan l-ipproċessar isir fil-limiti ta' dak li jkun strettament neċessarju.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, fir-rigward tal-validità tal-kunsens tal-utenti kkonċernati għall-ipproċessar tad-data tagħhom skont il-GDPR, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-operatur ta' network soċjali online jokkupa pożizzjoni dominanti fis-suq tan-networks soċjali online ma jipprekludix, bħala tali, li l-utenti ta' tali network ikunu jistgħu validament jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom imwettaq minn dan l-operatur. Madankollu, peress li tali pożizzjoni tista' taffettwa l-libertà ta' għażla ta' dawn l-utenti u toħloq żbilanċ manifest bejnhom u l-imsemmi operatur, din tikkostitwixxi element importanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kunsens effettivament ikunx ingħata validament u, b'mod partikolari, liberament, fatt li għandu jiġi pprovat mill-imsemmi operatur [100].

B'mod partikolari, l-utenti tan-network soċjali inkwistjoni għandu jkollhom il-libertà li jirrifjutaw individwalment, fil-kuntest tal-proċess kuntrattwali, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal operazzjonijiet speċifiċi ta' pproċessar ta' data mhux neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt mingħajr madankollu ma jkunu obbligati jirrinunzjaw kompletament għall-użu ta' dan in-network soċjali online, fatt li jimplika li l-imsemmija utenti jiġu offruti, jekk ikun il-każ kontra ħlas xieraq, alternattiva ekwivalenti mhux akkumpanjata minn tali operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data. Barra minn hekk, għandu jkun jista' jingħata kunsens separat għall-ipproċessar tad-data off Facebook.

## e. Dritt ta' aċċess għal informazzjoni personali

### Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2023, FT (Kopji tal-fajl mediku) (C-307/22, EU:C:2023:811)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikoli 12, 15 u 23 – Dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data għad-data tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata – Dritt li tinkiseb mingħajr ħlas l-ewwel kopja ta' din id-data – Ipproċessar ta' data ta' pazjent mit-tabib tiegħu – Fajl*

[100] Skont l-Artikolu 7(1) tal-GDPR.

*mediku – Raġunijiet għat-talba għal aċċess – Użu tad-data għall-finijiet tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-persuna li tipprovdi trattament mediku – Kunċett ta' 'kopja'"*

DW talab lil FT, id-dentista tiegħu, tagħtih, mingħajr ħlas, l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu. Huwa ressaq din it-talba bil-għan li tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' FT għal żbalji allegatament imwettqa minn din tal-aħħar fl-għoti, fir-rigward tiegħu, ta' kura dentali.

Filwaqt li bbażat ruħha fuq id-dritt Ġermaniż li jipprovdi li l-pazjent jista' jikseb kopja tal-fajl mediku tiegħu bil-kundizzjoni li jirrimborsa lill-persuna li tipprovdi t-trattament mediku l-ispejjeż ikkawżati [101], FT irrifjutat li tagħti tali kopja lil DW, u sussegwentement dan tal-aħħar ippreżenta rikors. Kemm il-qorti tal-ewwel istanza kif ukoll dik tal-appell laqgħu t-talba ta' DW sabiex jingħata, mingħajr ħlas, l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu.

Adita b'rikors għal reviżjoni minn FT, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR li jirrigwardaw il-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data għad-data tiegħu kif ukoll il-limitazzjonijiet tal-portata ta' dan id-dritt [102].

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, l-ewwel nett, li l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar għandu l-obbligu jagħti, fuq talba tas-suġġett tad-data u mingħajr ħlas, l-ewwel kopja tad-data personali tas-suġġett tad-data għal finijiet differenti minn dawk intiżi li dan tal-aħħar isir jaf bl-ipproċessar ta' din id-data u jivverifika l-legalità tiegħu, liema finijiet jissemmew espliċitament fil-preambolu tal-GDPR. Hija tat deċiżjoni, sussegwentement, dwar il-limiti tal-possibbiltà tal-Istati Membri li jirrestrinġu, f'isem l-interessi ekonomiċi tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, id-dritt li tinkiseb kopja tad-data billi jimponu fuq is-suġġett tad-data l-ħlas tal-ispejjeż sostnuti minn dan il-kontrollur għal dan l-għan. Fl-aħħar nett, hija eżaminat il-ħtieġa li, f'ċerti każijiet, is-suġġett tad-data jingħata kopja sħiħa tad-data fil-fajl mediku tiegħu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar huwiex obbligat jagħti mingħajr ħlas lis-suġġett tad-data l-ewwel kopja tad-data tiegħu anki fil-każ li jkunu mfittxija finijiet differenti minn dawk imsemmija espliċitament fil-preambolu tal-GDPR, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) ta' dan ir-regolament tagħti lis-suġġett tad-data d-dritt li jikseb riproduzzjoni fidila tad-data personali tiegħu, mifhuma f'sens wiesa', li tkun is-suġġett ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu kklassifikati bħala "ipproċessar imwettaq mill-kontrollur responsabbli għal dan l-ipproċessar" [103]. Barra minn hekk, minn qari flimkien tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR [104], jirriżulta, minn naħa, li s-suġġett tad-data għandu d-dritt jikseb mingħajr ħlas l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata u, min-naħa l-oħra, li l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar għandu, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-possibbiltà li jitlob il-ħlas ta' spejjeż raġonevoli li jieħdu inkunsiderazzjoni l-spejjeż amministrattivi, jew li jirrifjuta li jilqa' talba jekk din tal-aħħar tkun manifestament infondata jew eċċessiva.

---

[101] It-tieni sentenza tal-Artikolu 630g(2) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż).

[102] B'mod iktar konkret, dwar l-Artikolu 12(5), l-Artikolu 15(1) u (3), u l-Artikolu 23(1)(i) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

[103] Sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, ***Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF*** (C-487/21, EU:C:2023:369, punt 28).

[104] Artikolu 12(5), u Artikolu 15(1) u (3) tal-GDPR.

Madankollu, ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tissuġġetta l-għoti, mingħajr ħlas, tal-ewwel kopja tad-data personali għall-invokazzjoni, mis-suġġett tad-data, ta' raġuni intiża li tiġġustifika t-talba tiegħu. Għaldaqstant, ir-raġunijiet għat-talbiet imsemmija espliċitament fil-preambolu tal-GDPR [105] ma jistgħux jillimitaw il-portata tal-imsemmija dispożizzjonijiet. B'hekk, id-dritt ta' aċċess għad-data dwar is-saħħa [106] ma jistax jiġi llimitat, permezz ta' rifjut ta' aċċess jew permezz tal-impożizzjoni tal-ħlas ta' korrispettiv, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet, u dan jgħodd ukoll għad-dritt li tinkiseb l-ewwel kopja mingħajr ħlas.

Barra minn hekk, il-prinċipju li l-ewwel kopja tad-data għandha tingħata mingħajr ħlas kif ukoll l-assenza ta' neċessità li tiġi invokata raġuni speċifika li tiġġustifika t-talba għal aċċess jikkontribwixxu neċessarjament sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju, mis-suġġett tad-data, tad-drittijiet mogħtija lilu mill-GDPR. Għaldaqstant, fid-dawl tal-importanza li dan ir-regolament jagħti lid-dritt ta' aċċess għad-data personali sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minnu, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jistax ikun suġġett għal kundizzjonijiet li ma jkunux ġew espressament previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru ma jistax jadotta leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex jiġu protetti l-interessi ekonomiċi tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, timponi fuq is-suġġett tad-data l-ispejjeż tal-ewwel kopja tad-data personali tiegħu.

Huwa minnu li, skont il-GDPR, id-dritt tas-suġġett tad-data li jikseb mingħajr ħlas l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu ma huwiex dritt assolut u, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor jistgħu jiġġustifikaw limitazzjoni ta' dan id-dritt [107]. Madankollu, f'dan il-każ, inkwantu l-leġiżlazzjoni nazzjonali jkollha l-għan li tipproteġi l-interessi ekonomiku tal-persuni li jipprovdu trattament mediku billi tevita t-talbiet inutli għal kopja, tali kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu li jikkonċernaw tali drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni twassal sabiex tiddisswadi mhux biss it-talbiet li jkunu inutli, iżda wkoll it-talbiet intiżi li tinkiseb mingħajr ħlas, għal raġuni leġittima, l-ewwel kopja tad-data personali pproċessata. Għaldaqstant, hija neċessarjament tikser il-prinċipju li l-ewwel kopja għandha tingħata mingħajr ħlas u għalhekk iddaħħal inkwistjoni l-effett utli tad-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data għad-data tiegħu, previst fil-GDPR, kif ukoll, bl-istess mod, il-protezzjoni ggarantita minn dan ir-regolament.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-interessi ekonomiċi tal-kontrolluri responsabbli għall-ipproċessar ittieħdu inkunsiderazzjoni fil-GDPR, li jiddefinixxi ċ-ċirkustanzi li fihom il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jista' jitlob il-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-għoti ta' kopja tad-data personali.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fir-relazzjonijiet bejn it-tabib u l-pazjent, id-dritt li tinkiseb kopja tad-data personali jimplika l-għoti, lis-suġġett tad-data, ta' riproduzzjoni fidila u li tinftiehem ta' din id-data kollha. Dan id-dritt jimplika d-dritt li tinkiseb kopja sħiħa tad-dokumenti li jinsabu fil-fajl mediku tiegħu jekk dan ikun neċessarju sabiex dan is-suġġett tad-data jkun jista' jivverifika l-eżattezza u l-kompletezza tad-data tiegħu kif ukoll sabiex jiġi żgurat li din id-data tkun tista' tinftiehem.

---

105 L-ewwel sentenza tal-premessa 63 tal-GDPR tippreċiża li "[s]uġġett tad-*data* għandu jkollu d-dritt ta' aċċess għal data li tkun inġabret dwaru, u li jeżerċita dak id-dritt faċilment u f'intervalli raġonevoli, sabiex ikun jaf dwar, u jivverifika, il-legalità tal-ipproċessar".

106 Iggarantit fl-Artikolu 15(1) tal-GDPR.

107 Skont l-Artikolu 23(1)(i) tal-GDPR.

F’dan ir-rigward, hija rrilevat li, fir-rigward tad-data personali marbuta mas-saħħa, il-GDPR jispeċifika li d-dritt ta’ aċċess tas-suġġetti tad-data jinkludi “d-data fir-reġistri mediċi tagħhom li jkun fihom informazzjoni bħal dijanjosi, riżultati ta’ eżamijiet, valutazzjonijiet mit-tobba li qed jittrattawhom u kwalunkwe kura jew intervent ipprovdut” [108]. Huwa minħabba n-natura sensittiva ta’ din id-data li l-leġiżlatur tal-Unjoni b’hekk enfasizza l-importanza li l-aċċess minn persuni fiżiċi għad-data tagħhom inkluża fil-fajl mediku tagħhom isir bl-iktar mod komplet u preċiż possibbli, iżda wkoll b’mod li jinftiehem.

Issa, fir-rigward tar-riżultati ta’ eżamijiet, tal-opinjonijiet tat-tobba li jipprovdu t-trattament jew tat-trattamenti jew tal-interventi amministrati lil pazjent, li jinkludu, bħala regola ġenerali, diversi elementi ta’ data teknika, jew anki immaġini, l-għoti ta’ sempliċi sommarju jew ta’ kompilazzjoni ta’ din id-data mit-tabib, sabiex jippreżentahom f’forma sintetika, jista’ joħloq ir-riskju li ċerta data rilevanti titħalla barra jew tiġi rriprodotta b’mod inkorrett jew, fi kwalunkwe każ, li l-verifika tal-eżattezza u tal-kompletezza ta’ din id-data kif ukoll il-komprensjoni tagħha mill-pazjent isiru iktar diffiċli.

## f. Impożizzjoni ta’ multi amministrattivi għal ksur tal-GDPR

### Sentenza tal-5 ta’ Diċembru 2023 (Awla Manja), Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949)

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) Nru 2016/679 – Il-punti 2 u 7 tal-Artikolu 4 – Kunċetti ta’ ‘ipproċessar’ u ta’ ‘kontrollur’ – Żvilupp ta’ applikazzjoni għal apparati mobbli – Artikolu 26 – Responsabbiltà konġunta għall-ipproċessar – Artikolu 83 – Impożizzjoni ta’ multi amministrattivi – Kundizzjonijiet – Rekwiżit tan-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur – Responsabbiltà tal-kontrollur għall-ipproċessar ta’ data personali mwettaq minn proċessur”*

Fl-2020, sabiex tiġi ġestita aħjar il-pandemija tal-COVID-19, l-awtoritajiet Litwani ddeċidew li jorganizzaw l-akkwist ta’ applikazzjoni għall-apparati mobbli. Din l-applikazzjoni kellha tikkontribwixxi għal monitoraġġ epidemjoloġiku, billi tippermetti r-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tad-data tal-persuni esposti għall-virus tal-COVID-19.

Għal dan l-għan, in-Nacionalinis visuomenės sveikatos centras prie Sveikatos apsaugos ministerijos (iċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, il-Litwanja, iktar ’il quddiem iċ-“ĊNSP”), inkarigat minn dan l-akkwist, ikkuntattja lill-kumpannija UAB “IT sprendimai sėkmei” (iktar ’il quddiem il-“kumpannija ITSS”), fejn talabha toħloq tali applikazzjoni għall-apparati mobbli. Sussegwentement, ittri elettroniċi li jirrigwardaw b’mod partikolari l-kwistjonijiet li kellhom jiġu inklużi f’din l-applikazzjoni ġew indirizzati lil din il-kumpannija mill-impjegati taċ-ĊNSP.

Matul il-perijodu bejn April u Mejju 2020, l-applikazzjoni għall-apparati mobbli maħluqa mill-kumpannija ITSS tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Konsegwentement, 3 802 persuna għamlu użu minnha u pprovdew data differenti, mitluba minn din l-applikazzjoni, li tikkonċernahom. Madankollu, minħabba nuqqas ta’ finanzjament, iċ-ĊNSP ma ta l-ebda kuntratt pubbliku lill-kumpanija ITSS għall-akkwist uffiċjali tal-applikazzjoni għall-apparati mobbli tagħha u temm il-proċedura relatata.

Sadanittant, l-awtorità ta’ superviżjoni nazzjonali bdiet investigazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data personali li rriżulta mill-użu ta’ din l-applikazzjoni. Permezz ta’ deċiżjoni ta’ din l-awtorità, adottata fi

[108] Premessa 63 tal-GDPR.

tmiem l-investigazzjoni, il-multi amministrattivi ġew imposti kemm fuq iċ-ĊNSP kif ukoll fuq il-kumpannija ITSS meqjusa bħala kontrollur konġunt.

Iċ-ĊNSP ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnjus, il-Litwanja). Peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tal-GDPR [109], din il-qorti ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kunċetti ta' "kontrollur", ta' "kontrolluri konġunti" u ta' "pproċessar" [110], u tat deċiżjoni dwar il-possibbiltà li tiġi imposta multa amministrattiva fuq kontrollur [111] meta l-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR issanzjonat ma jkunx twettaq deliberatament jew b'negliġenza.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li entità li tkun inkarigat impriża sabiex tiżviluppa applikazzjoni għall-apparati mobbli u li, f'dan il-kuntest, tkun ipparteċipat fid-determinazzjoni tal-għanijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali mwettaq permezz ta' din l-applikazzjoni tista' titqies li hija kontrollur [112]. Din il-kunsiderazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-fatt li din l-entità ma tkunx wettqet, hija stess, operazzjonijiet ta' pproċessar ta' tali data, li hija ma tkunx tat il-kunsens tagħha b'mod espliċitu għat-twettiq ta' operazzjonijiet konkreti ta' tali pproċessar jew għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-imsemmija applikazzjoni għall-apparati mobbli u li hija ma tkunx kisbet din l-istess applikazzjoni għall-apparati mobbli, sakemm, qabel dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, l-imsemmija entità ma tkunx oġġezzjonat espressament għaliha u għall-ipproċessar tad-data personali li jkun irriżulta minn dan.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-klassifikazzjoni ta' żewġ entitajiet bħala kontrolluri konġunti la tippreżupponi l-eżistenza ta' ftehim bejn dawn l-entitajiet dwar id-determinazzjoni tal-għanijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali u lanqas l-eżistenza ta' ftehim li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet relatati mar-responsabbiltà konġunta tal-ipproċessar. Ċertament, skont il-GDPR [113], il-kontrolluri konġunti għandhom, b'mod trasparenti, jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-osservanza tal-obbligi ta' dan ir-regolament, permezz ta' arranġament bejniethom. Madankollu, l-eżistenza ta' tali ftehim ma tikkostitwixxix kundizzjoni preliminari sabiex żewġ entitajiet jew iktar jiġu kklassifikati bħala "kontrolluri konġunti", iżda obbligu li l-GDPR jimponi fuq il-kontrolluri konġunti, ladarba kklassifikati bħala tali, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament imposti fuqhom. Għalhekk, din il-klassifikazzjoni tirriżulta mis-sempliċi fatt li diversi entitajiet ikunu pparteċipaw fid-determinazzjoni tal-għanijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar.

Fir-rigward tad-determinazzjoni konġunta, mill-entitajiet ikkonċernati, tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-parteċipazzjoni tagħhom f'din id-determinazzjoni tista' tieħu forom differenti u tirriżulta kemm mid-deċiżjoni konġunta tagħhom kif ukoll mid-deċiżjonijiet

---

109 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

110 Iddefiniti rispettivament fil-punt 7 tal-Artikolu 4, fl-Artikolu 26(1) u fil-punt 2 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

111 Skont l-Artikolu 83 tal-GDPR.

112 Fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

113 Artikolu 26(1) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-premessa 79 tiegħu.

konverġenti tagħhom. Issa, f'dan l-aħħar każ, dawn id-deċiżjonijiet kellhom jiġu kkompletati, b'tali mod li kull waħda minnhom ikollha effett konkret fuq id-determinazzjoni tal-finijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-użu ta' data personali għal finijiet ta' testijiet informatiċi ta' applikazzjoni għall-apparati mobbli jikkostitwixxi pproċessar [114]. Madankollu, is-sitwazzjoni tkun differenti jekk tali data tkun saret anonima b'tali mod li s-suġġett ta' din id-data ma jkunx jew ma jkunx għadu identifikabbli jew jekk din tkun data fittizja li ma tkunx relatata ma' persuna fiżika eżistenti.

Fil-fatt, minn naħa, il-kwistjoni dwar jekk data personali tintużax għal testijiet informatiċi jew għal skop ieħor ma taffettwax il-klassifikazzjoni tal-operazzjoni bħala "ipproċessar". Min-naħa l-oħra, huwa biss ipproċessar li jirrigwarda data personali li jista' jiġi kklassifikat bħala "ipproċessar" fis-sens tal-GDPR. Issa, id-data fittizja jew anonima ma tikkostitwixxix data personali.

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, skont l-Artikolu 83 tal-GDPR, multa amministrattiva tista' tiġi imposta fuq kontrollur biss jekk jiġi stabbilit li huwa jkun wettaq, deliberatament jew b'negliġenza, ksur tar-regoli li jinsabu f'dan ir-regolament [115].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħalliex lill-Istati Membri marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet sostantivi li jkollhom jiġu osservati minn awtorità ta' superviżjoni meta din tiddeċiedi li timponi multa amministrattiva fuq kontrollur skont din id-dispożizzjoni. Il-fatt li l-GDPR jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jipprevedu eċċezzjonijiet fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-korpi pubbliċi stabbiliti fit-territorju tagħhom [116] kif ukoll rekwiżiti dwar il-proċedura li jkollha tiġi segwita mill-awtoritajiet superviżorji sabiex tiġi imposta multa amministrattiva [117] bl-ebda mod ma jfisser li huma wkoll awtorizzati jipprevedu tali kundizzjonijiet sostantivi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li fost l-elementi elenkati fil-GDPR li fid-dawl tagħhom l-awtorità ta' superviżjoni timponi multa amministrattiva fuq il-kontrollur hemm "il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur" [118]. Għall-kuntrarju, ebda wieħed minn dawn l-elementi ma jsemmi xi possibbiltà li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-kontrollur fl-assenza ta' aġir żbaljat min-naħa tiegħu. Għalhekk, huwa biss il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR imwettaq mill-kontrollur deliberatament jew b'negliġenza li jista' jwassal għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq dan tal-aħħar skont l-Artikolu 83 ta' dan ir-regolament.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura ġenerali u mill-għan tal-GDPR. F'dan il-kuntest, hija ppreċiżat li l-eżistenza ta' sistema ta' sanzjonijiet skont il-GDPR li tippermetti li tiġi imposta, meta ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ jiġġustifikaw dan, multa amministrattiva toħloq, għall-kontrolluri u għall-proċessuri, inċentiv sabiex jikkonformaw ruħhom ma' dan ir-regolament u li, permezz tal-effett dissważiv tagħhom, il-multi amministrattivi jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-persuni kkonċernati. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma qiesx li kien neċessarju li jipprevedi l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi fl-assenza ta' ħtija. Fid-dawl tal-fatt li l-GDPR għandu livell ta' protezzjoni kemm ekwivalenti kif ukoll omoġenju u li, għal dan l-għan, għandu

---

114 Fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

115 Ksur imsemmi fl-Artikolu 83(4) sa (6)

116 Skont l-Artikolu 83(7) tal-GDPR, li jipprevedi li "kull Stat Membru jista' jistipula r-regoli dwar jekk u sa fejn multi amministrattivi jistgħu jiġu imposti fuq awtoritajiet jew korpi pubbliċi stabbiliti f'dak l-Istat Membru".

117 Skont l-Artikolu 83(8) tal-GDPR moqri fid-dawl tal-premessa 129 tiegħu.

118 Artikolu 83(2)(b) tal-GDPR.

jiġi applikat b'mod koerenti fl-Unjoni kollha, ikun kuntrarju għal dan l-għan li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu tali sistema għall-impożizzjoni ta' multa.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li tali multa tista' tiġi imposta fuq kontrollur fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali mwettqa minn proċessur f'ismu, ħlief jekk, fil-kuntest ta' dawn l-operazzjonijiet, dan il-proċessur ikun wettaq ipproċessar għal finijiet tiegħu stess jew ikun ipproċessa din id-data b'mod inkompatibbli mal-kuntest jew mal-modalitajiet tal-ipproċessar kif kienu ddeterminati mill-kontrollur jew b'mod li ma jkunx jista' raġonevolment jitqies li dan il-kontrollur ikun ta l-kunsens tiegħu għalih. F'dan il-każ, il-proċessur għandu jitqies li huwa l-kontrollur ta' tali pproċessar.

### Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Deutsche Wohnen (C-807/21, EU:C:2023:950)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Punt 7 tal-Artikolu 4 – Kunċett ta' 'kontrollur' – Artikolu 58(2) – Setgħat tal-awtoritajiet superviżorji li jimponu miżuri korrettivi – Artikolu 83 – Impożizzjoni ta' multi amministrattivi fuq persuna ġuridika – Kundizzjonijiet – Marġni ta' manuvra tal-Istati Membri – Rekwiżit tan-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur"*

Deutsche Wohnen SE (iktar 'il quddiem "DW") hija kumpannija immobiljari li għandha indirettament, permezz ta' holdings f'kumpanniji differenti, diversi unitajiet kummerċjali u ta' akkomodazzjoni. Hija tipproċessa, fil-kuntest tal-attivitajiet kummerċjali tagħha, data personali tal-kerrejja ta' dawn l-unitajiet.

Wara żewġ kontrolli mwettqa fl-2017 u fl-2019, il-Berliner Beauftragte für den Datenschutz (l-Awtorità Superviżorja ta' Berlin, il-Ġermanja) ikkonstatat serje ta' ksur tal-GDPR [119] imwettqa minn DW. Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2019, din l-awtorità superviżorja, abbażi ta' dan, imponiet fuqha multi amministrattivi.

DW ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Landgericht Berlin (il-Qorti Reġjonali ta' Berlin, il-Ġermanja), li għalqet il-proċedura mingħajr segwitu. Din il-qorti rrilevat li, skont il-liġi Ġermaniża [120], ksur amministrattiv jista' jiġi kkonstatat biss fil-konfront ta' persuna fiżika u mhux fil-konfront ta' persuna ġuridika. Barra minn hekk, fil-każ ta' responsabbiltà ta' persuna ġuridika, huma biss l-atti tal-membri tal-korpi tagħha jew tar-rappreżentanti tagħha li jistgħu jiġu imputati lilha. L-iStaatsanwaltschaft Berlin (l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Berlin, il-Ġermanja) ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja). F'dan il-kuntest, din il-qorti ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-GDPR [121].

---

[119] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

[120] Gesetz über Ordnungswidrigkeiten (il-Liġi dwar il-Ksur Amministrattiv), tal-24 ta' Mejju 1968 (BGBl. I, p. 481), fil-verżjoni tal-komunikazzjoni tad-19 ta' Frar 1987 (BGBl. I, p. 602), kif emendata bil-Liġi tad-19 ta' Ġunju 2020, (BGBl. I, p. 1350).

[121] Artikolu 58(2) u Artikolu 83 tal-GDPR.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' multi amministrattivi skont il-GDPR. Fl-ewwel lok, hija eżaminat il-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jistgħux jissuġġettaw l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq persuna ġuridika għall-kundizzjoni li l-ksur ta' dan ir-regolament jiġi imputat minn qabel lil persuna fiżika identifikata. Fit-tieni lok, hija indirizzat il-kwistjoni dwar jekk il-ksur issanzjonat tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR għandux jitwettaq intenzjonalment jew b'negliġenza [122].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multa amministrattiva skont il-GDPR fuq persuna ġuridika, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabelxejn, li l-prinċipji, il-projbizzjonijiet u l-obbligi previsti mill-GDPR huma indirizzati, b'mod partikolari, lill-"kontrolluri", li r-responsabbiltà tagħhom testendi għal kull ipproċessar ta' data personali li jwettqu huma stess jew li jitwettaq f'isimhom. Hija din ir-responsabbiltà li tikkostitwixxi, fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, il-bażi għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq il-kontrollur skont l-Artikolu 83 ta' dan ir-regolament. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' tali responsabbiltà, ma għamilx distinzjoni bejn il-persuni fiżiċi u l-persuni ġuridiċi, peress li din ir-responsabbiltà hija suġġetta biss għall-kundizzjoni li dawn, waħedhom jew flimkien ma' oħrajn, jiddeterminaw il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali [123]. Għaldaqstant, bħala prinċipju, kull persuna li tissodisfa din il-kundizzjoni hija b'mod partikolari responsabbli għal kull ksur tal-GDPR, imwettaq minnha stess jew f'isimha. Dan jimplika, minn naħa, li l-persuni ġuridiċi huma responsabbli mhux biss għall-ksur imwettaq mir-rappreżentanti, mid-diretturi jew mill-amministraturi tagħhom, iżda wkoll minn kull persuna oħra li taġixxi fil-kuntest tal-attività kummerċjali ta' dawn il-persuni ġuridiċi u f'isimhom. Min-naħa l-oħra, il-multi amministrattivi previsti mill-GDPR fil-każ ta' tali ksur għandhom ikunu jistgħu jiġu imposti direttament fuq persuni ġuridiċi meta dawn ikunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala kontrolluri.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ebda dispożizzjoni tal-GDPR ma tippermetti li jitqies li l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq persuna ġuridika bħala kontrollur hija suġġetta għall-konstatazzjoni minn qabel li dan il-ksur ikun twettaq minn persuna fiżika identifikata. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ħalliex lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Il-fatt li l-GDPR jagħtihom il-possibbiltà li jipprevedu rekwiżiti dwar il-proċedura li jkollha tiġi segwita mill-awtoritajiet superviżorji sabiex tiġi imposta multa amministrattiva [124] bl-ebda mod ma jfisser li huma wkoll awtorizzati jipprevedu kundizzjonijiet sostantivi addizzjonali għal dawk stabbiliti mill-GDPR.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżiġu, b'mod unilaterali u bħala kundizzjoni neċessarja għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva skont l-Artikolu 83 tal-GDPR fuq kontrollur li huwa persuna ġuridika, li l-ksur inkwistjoni jiġi imputat jew ikun imputabbli, minn qabel, lil persuna fiżika identifikata, dan ikun imur kontra dan l-għan tal-GDPR. Barra minn hekk, tali rekwiżit addizzjonali jirriskja, fl-aħħar mill-aħħar, li jdgħajjef l-effettività u l-effett dissważiv tal-multi amministrattivi imposti fuq persuni ġuridiċi bħala kontrolluri.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kunċett ta' "impriża", fis-sens tal-Artikoli 101 u 102 TFUE [125], ma għandux effett fuq il-punt dwar jekk u f'liema kundizzjonijiet tista' tiġi imposta

---

[122] Dwar dan l-aspett, ara wkoll is-sentenza Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21), mogħtija fl-istess jum.

[123] Skont il-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

[124] Kif jirriżulta mill-Artikolu 58(4) u mill-Artikolu 83(8) tal-GDPR, moqrija fid-dawl tal-premessa 129 tiegħu.

[125] Li għaliha jsir riferiment fil-premessa 150 tal-GDPR.

multa amministrattiva skont il-GDPR fuq kontrollur li jkun persuna ġuridika u huwa rilevanti biss għad-determinazzjoni tal-ammont ta' tali multa.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-GDPR [126] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha multa amministrattiva tista' tiġi imposta fuq persuna ġuridika fil-kwalità tagħha ta' kontrollur għal ksur ta' dan ir-regolament [127] biss sa fejn dan il-ksur ikun ġie imputat qabel lil persuna fiżika identifikata.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jistgħux jipprevedu l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva anki meta l-ksur issanzjonat ma jkunx twettaq intenzjonalment jew b'negliġenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li l-kundizzjonijiet sostantivi li awtorità ta' superviżjoni għandha tosserva meta hija timponi tali multa fuq kontrollur jaqgħu biss taħt id-dritt tal-Unjoni u li l-Istati Membri ma għandhom ebda marġni ta' manuvra f'dan ir-rigward.

F'dak li jikkonċerna dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fost l-elementi elenkati fil-GDPR li abbażi tagħhom l-awtorità superviżorja għandha timponi tali multa, hemm "il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur" [128]. Għall-kuntrarju, ebda wieħed minn dawn l-elementi ma jsemmi xi possibbiltà li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-kontrollur fl-assenza ta' aġir żbaljat min-naħa tiegħu. Għalhekk, huwa biss il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR imwettaq mill-kontrollur intenzjonalment jew b'negliġenza li jista' jwassal għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq dan tal-aħħar skont l-Artikolu 83 ta' dan ir-regolament.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura ġenerali u mill-għan tal-GDPR. F'dan il-kuntest, hija ppreċiżat li l-eżistenza ta' sistema ta' sanzjonijiet skont il-GDPR li tippermetti li tiġi imposta, meta ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ jiġġustifikaw dan, multa amministrattiva toħloq, għall-kontrolluri u għall-proċessuri, inċentiv sabiex jikkonformaw ruħhom ma' dan ir-regolament u li, permezz tal-effett dissważiv tagħhom, il-multi amministrattivi jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-protezzjoni tas-suġġetti tad-data. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma qiesx li kien neċessarju li jipprevedi l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi fl-assenza ta' ħtija. Fid-dawl tal-fatt li l-GDPR għandu livell ta' protezzjoni kemm ekwivalenti kif ukoll omoġenju u li, għal dan l-għan, għandu jiġi applikat b'mod koerenti fl-Unjoni kollha, ikun kuntrarju għal dan l-għan li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu tali sistema għall-impożizzjoni ta' multa.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, skont l-Artikolu 83 tal-GDPR, multa amministrattiva tista' tiġi imposta biss jekk jiġi stabbilit li l-kontrollur, li huwa kemm persuna ġuridika kif ukoll impriża, ikun wettaq, intenzjonalment jew b'negliġenza, ksur tar-regoli li jinsabu f'dan ir-regolament.

---

[126] Artikolu 58(2)(i) u Artikolu 83(1) sa (6)(a) tal-GDPR.

[127] Imsemmija fl-Artikolu 83(4) sa (6) tal-GDPR.

[128] Artikolu 83(2)(b) tal-GDPR.

# II. Ċittadinanza tal-Unjoni

## 1. Miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni

### Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Nordic Info (C-128/22, EU:C:2023:951)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2004/38/KE – Artikoli 27 u 29 – Miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni għal raġunijiet ta' saħħa pubblika – Miżuri ta' portata ġenerali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-projbizzjoni ta' ħruġ mit-territorju nazzjonali sabiex jitwettqu vjaġġi mhux essenzjali lejn Stati Membri kklassifikati bħala żoni ta' riskju għoli fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID 19 kif ukoll l-obbligu għal kull vjaġġatur li jidħol fit-territorju nazzjonali minn wieħed minn dawn l-Istati Membri li jissottometti ruħu għal testijiet ta' skrinjar u li josserva kwarantina – Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen – Artikolu 23 – Eżerċizzju tal-kompetenzi tal-pulizija fil-qasam tas-saħħa pubblika – Ekwivalenza mal-eżerċizzju ta' verifiki fil-fruntieri – Artikolu 25 – Possibbiltà ta' introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID 19 – Kontrolli mwettqa fi Stat Membru fil-qafas ta' miżuri li jipprojbixxu l-qsim tal-fruntieri sabiex jitwettqu vjaġġi mhux essenzjali minn jew lejn Stati taż-żona Schengen ikklassifikati bħala żoni ta' riskju għoli fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID 19"*

Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, f'Lulju 2020 digriet ministerjali Belġjan ipprojbixxa l-vjaġġi mhux essenzjali bejn il-Belġju u l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, il-pajjiżi taż-żona Schengen u r-Renju Unit, fil-każ li dawn il-pajjiżi jkunu kklassifikati bħala żoni ta' riskju għoli ("żoni ħomor") fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tagħhom jew tal-livell ta' miżuri sanitarji restrittivi meħuda mill-awtoritajiet tagħhom. Il-leġiżlazzjoni Belġjana kienet tipprevedi wkoll l-obbligu, għal kull vjaġġatur li jidħol fit-territorju nazzjonali minn wieħed minn dawn il-pajjiżi, li jissottometti ruħu għal testijiet ta' skrinjar u li josserva kwarantina.

Matul dan il-perijodu, l-awtoritajiet Belġjani kienu jwettqu kontrolli sabiex jivverifikaw l-osservanza ta' dawn il-miżuri.

Bejn it-12 u l-15 ta' Lulju 2020, l-Isvezja kienet inkluża fost il-pajjiżi kklassifikati bħala żoni ta' riskju għoli. Nordic Info BV, aġenzija speċjalizzata fil-vjaġġi lejn u minn l-Iskandinavja, ikkanċellat, sabiex tikkonforma ruħha mal-leġiżlazzjoni Belġjana, il-vjaġġi kollha previsti mill-Belġju lejn l-Isvezja matul l-istaġun tas-sajf.

Din l-aġenzija tal-ivvjaġġar għalhekk ippreżentat rikors quddiem in-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża, il-Belġju), il-qorti tar-rinviju, fejn talbet kumpens għad-dannu li fil-fehma tagħha kienet ġarrbet minħabba nuqqasijiet allegatament imwettqa mill-Istat Belġjan fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

Permezz tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, jekk tali leġiżlazzjoni ġenerali ta' Stat Membru kinitx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 [129] li jirregolaw il-miżuri li jirrestrinġu l-libertà ta' moviment adottati għal raġunijiet

[129] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

ta' saħħa pubblika [130]. Min-naħa l-oħra, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-projbizzjoni ta' qsim tal-fruntieri interni ta' dan l-Istat Membru sabiex jitwettqu vjaġġi mhux essenzjali minn jew lejn pajjiżi taż-żona Schengen ikklassifikati bħala żoni ta' riskju għoli kinitx kompatibbli mal-artikoli tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen [131] dwar l-assenza ta' kontrolli fil-fruntieri interni, dwar il-possibbiltà li dawn il-kontrolli jiġu introdotti mill-ġdid b'mod temporanju u dwar l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-pulizija [132].

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fl-affermattiv għal dawn id-domandi, filwaqt li ppreċiżat il-kundizzjonijiet li għandha tissodisfa tali leġiżlazzjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fir-rigward tal-legalità, fid-dawl tad-Direttiva 2004/38, ta' miżuri li jirrestrinġu l-libertà ta' moviment stabbiliti minn Stat Membru fil-kuntest ta' pandemija bħalma kienet dik tal-COVID-19, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi dawn il-miżuri kellha tosserva l-kundizzjonijiet u l-garanziji kollha previsti fl-Artikoli 30 sa 32 ta' din id-direttiva, kellha tirrispetta d-drittijiet u kellha tosserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjonijiet, u kellha tosserva wkoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżat, fl-ewwel lok, li, minkejja li jinsabu fil-kapitolu tad-Direttiva 2004/38 intitolat "Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' dħul u fuq id-dritt ta' residenza minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika", l-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2004/38 isemmu espliċitament il-"libertà ta' moviment", b'tali mod li jkopru ż-żewġ aspetti ta' din il-libertà, jiġifieri d-dritt ta' dħul u d-dritt ta' ħruġ, u b'tali mod li jippermettu lill-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestrinġu kemm wieħed minn dawn id-drittijiet kif ukoll l-ieħor għal raġunijiet ta' saħħa pubblika. Il-miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu u li jistgħu jiġu adottati minn Stat Membru għal raġunijiet ta' saħħa pubblika taħt dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu għalhekk jinvolvu mhux biss projbizzjoni ta' tluq mit-territorju ta' Stat Membru sabiex jitwettqu, bħalma kien il-każ f'din il-kawża, vjaġġi mhux essenzjali, iżda jistgħu jinvolvu wkoll obbligu għall-vjaġġaturi li jidħlu f'dan it-territorju li jissottomettu ruħhom għal testijiet ta' skrinjar u li josservaw kwarantina.

Fit-tieni lok, ebda waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma kienet tipprekludi li tali miżuri restrittivi jiġu stabbiliti fil-forma ta' att b'portata ġenerali li jikkonċerna mingħajr ebda distinzjoni lil kull persuna li taqa' f'sitwazzjoni koperta minn dan l-att. Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-fatt li l-mard li jista' jiġġustifika tali miżuri – jiġifieri mard infettuż jew parassitarju kontaġjuż bħalma hija l-COVID-19 – jista' jaffettwa, minħabba l-karatteristiċi tiegħu stess, popolazzjonijiet sħaħ irrispettivament mill-aġir tal-individwi li jagħmlu parti minnhom.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, minkejja l-formulazzjoni tagħhom, li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, kienu maħsuba għal deċiżjonijiet individwali, il-kundizzjonijiet u l-garanziji kollha previsti fl-Artikoli 30 sa 32 tad-Direttiva 2004/38 għandhom jiġu osservati wkoll meta l-miżuri restrittivi jiġu adottati fil-forma ta' atti ta' portata ġenerali. B'hekk, skont l-Artikolu 30(1) u (2) ta' din id-direttiva, kull att ta' portata ġenerali li jistabbilixxi miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu għal raġunijiet ta' saħħa

---

[130] Dawn huma, b'mod partikolari, l-Artikoli 27 u 29 ta' din id-direttiva.

[131] Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2006 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2016, L 77, p. 1, rettifika fil-ĠU 2020, L 245, p. 32), kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/2225 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 (ĠU 2017, L 327, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 312, p. 107).

[132] B'mod partikolari, l-Artikoli 22, 23 u 25 ta' dan il-kodiċi.

pubblika għandu jiġi kkomunikat lill-pubbliku fil-kuntest ta' pubblikazzjoni uffiċjali tal-Istat Membru li jadottah u permezz ta' xandir fil-mezzi tal-komunikazzjoni uffiċjali li jkun suffiċjenti sabiex il-kontenut u l-effetti ta' dan l-att ikunu jistgħu jinftehmu, flimkien mar-raġunijiet preċiżi ta' saħħa pubblika invokati insostenn tal-imsemmi att. Barra minn hekk, sabiex jiġu osservati l-garanziji previsti fl-Artikoli 30(3) u 31 tal-imsemmija direttiva, l-att ta' portata ġenerali għandu jkun jista' jiġi kkontestat fil-kuntest ta' rimedju ġudizzjarju u, jekk ikun il-każ, amministrattiv, li l-modalitajiet għall-eżerċizzju tiegħu għandhom jiġu kkomunikati lill-pubbliku. Tali miżuri restrittivi għandhom josservaw ukoll il-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjonijiet stabbilit fil-Karta.

Fir-raba' u l-aħħar lok, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(1) u (3) tad-Direttiva 2004/38, kull miżura li tirrestrinġi l-moviment liberu stabbilita għal raġunijiet ta' saħħa pubblika għandha tkun proporzjonata fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika mfittex, fejn il-proporzjonalità ta' tali miżura għandha tiġi evalwata wkoll fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi, fil-prattika, li jiġi vverifikat, l-ewwel, li tali miżuri jkunu xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' interess ġenerali mfittex, f'dan il-każ il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, it-tieni, li dawn il-miżuri jkunu limitati għal dak li jkun strettament meħtieġ, jiġifieri li dan l-għan ma jkunx jista' raġonevolment jintlaħaq b'mod daqstant ieħor effettiv b'mezzi oħra inqas onerużi għad-drittijiet u għal-libertajiet iggarantiti lill-persuni kkonċernati, u, it-tielet, li l-imsemmija miżuri ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-imsemmi għan, li jimplika b'mod partikolari bbilanċjar tal-importanza ta' dan l-għan u tal-gravità tal-indħil f'dawn id-drittijiet u libertajiet.

Fir-rigward tal-kontrolli intiżi li tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali kontrolli jistgħu jitwettqu fit-territorju nazzjonali fil-każ biss li jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-pulizija, fis-sens tal-Artikolu 23(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Fil-każ li l-imsemmija kontrolli jitwettqu direttament fil-fruntieri interni, huwa meħtieġ li l-Istat Membru josserva l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikoli 25 sa 28 ta' dan il-kodiċi dwar l-introduzzjoni mill-ġdid b'mod temporanju tal-kontrolli fil-fruntieri interni, fejn it-theddida kkawżata minn pandemija bħalma hija dik tal-COVID-19 tikkorrispondi għal theddida gravi għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fis-sens tal-Artikolu 25(1) tal-imsemmi kodiċi.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-Artikolu 23(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-dispożizzjoni tiggarantixxi lill-Istati Membri d-dritt li jwettqu, fit-territorju nazzjonali tagħhom, inkluż fiż-żoni tal-fruntieri, kontrolli li jkunu ġġustifikati mill-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-pulizija kemm-il darba dan l-eżerċizzju ma jkollux effett ekwivalenti għal dak ta' verifika fil-fruntieri, punt dan li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Għal dan il-għan, il-punti (i) sa (iv) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 23(a) ta' dan il-kodiċi jipprovdu indizji li jiggwidaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' tali kompetenzi tal-pulizija.

F'dan ir-rigward, fir-rigward, l-ewwel, tal-indizju previst fil-punt (i) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 23(a) tal-imsemmi kodiċi, l-għanijiet imfittxija mill-kontrolli għandhom ikunu distinti minn dawk imfittxija mill-verifiki fil-fruntieri, jiġifieri dawk intiżi li jiġi żgurat li l-persuni jistgħu jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru jew joħorġu minnu. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan jidher li kien il-każ f'din il-kawża sa fejn l-għan prinċipali tal-kontrolli intiżi li tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni Belġjana inkwistjoni kien li jitrażżan, b'urġenza, it-tixrid tal-COVID-19 fi ħdan il-popolazzjoni Belġjana.

It-tieni, fir-rigward tal-indizju previst fil-punt (ii) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 23(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, huwa biżżejjed li dawn il-kontrolli jkunu ġew ippjanati u implimentati fid-dawl ta' ċirkustanzi li jistabbilixxu b'mod oġġettiv riskju ta' ħsara gravi u serja għas-saħħa pubblika, liema riskju jista' jiġi invokat minn Stat Membru taħt din id-dispożizzjoni, u abbażi ta' għarfien ġenerali li kellhom l-awtoritajiet fir-rigward taż-żoni ta' dħul fit-territorju nazzjonali u ta' ħruġ minnu li minnhom kienu mistennija jgħaddu numru kbir mill-vjaġġaturi koperti mill-imsemmija projbizzjoni.

It-tielet, fir-rigward tal-indizji previsti fil-punti (iii) u (iv) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 23(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-kontrolli kollha inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minn naħa, kellhom jitwettqu

b'mod aleatorju u, għaldaqstant, kellhom ikunu "saltwarji" u, min-naħa l-oħra, kellhom ikunu mfassla u eżegwiti b'mod li jkunu b'mod ċar distinti mill-verifiki sistematiċi mwettqa fuq il-persuni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-kuntest ta' pandemija bħalma kienet dik tal-COVID-19, l-Istati Membri kellhom ċertu marġni diskrezzjonali fir-rigward tal-intensità, tal-frekwenza u tas-selettività tal-kontrolli.

Fit-tieni lok, fil-każ li jirriżulta li l-kontrolli inkwistjoni jkunu twettqu fil-fruntieri interni, il-qorti tar-rinviju kien ser ikollha tivverifika jekk ir-Renju tal-Belġju kienx osserva l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikoli 25 sa 28 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen għall-introduzzjoni mill-ġdid b'mod temporanju tal-kontrolli fil-fruntieri interni fil-każ ta' theddida gravi għall-ordni pubbliku u/jew għas-sigurtà interna. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li pandemija ta' portata bħalma kienet il-COVID-19 setgħet tiġi kklassifikata bħala theddida gravi għall-ordni pubbliku u/jew għas-sigurtà interna, fis-sens tal-Artikolu 25(1) ta' dan il-kodiċi, sa fejn setgħet taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà, jiġifieri li tiġi żgurata l-ħajja taċ-ċittadini, u sa fejn tolqot is-sopravivenza stess ta' parti mill-popolazzjoni, b'mod partikolari tal-iktar persuni vulnerabbli.

### Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Chief Appeals Officer *et* (C-488/21, EU:C:2023:1013)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 21 u 45 TFUE – Dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – Ħaddiem li jikseb in-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti filwaqt li jżomm in-nazzjonalità ta' oriġini tiegħu – Direttiva 2004/38/KE – Artikolu 3 – Benefiċjarji – Il-punt 2(d) tal-Artikolu 2 – Membru tal-familja – Axxendenti diretti dipendenti tal-ħaddiem ċittadin tal-Unjoni – Artikolu 7(1)(a) u (d) – Dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur – Żamma tal-istatus ta' persuna dipendenti fl-Istat Membru ospitanti – Artikolu 14(2) – Żamma tad-dritt ta' residenza – Regolament (UE) Nru 492/2011 – Artikolu 7(2) – Ugwaljanza fit-trattament – Vantaġġi soċjali – Benefiċċji tal-assistenza soċjali – Piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru ospitanti"*

GV, ċittadina Rumena, hija omm AC, li hija wkoll ċittadina Rumena, filwaqt li din tal-aħħar tirrisjedi u taħdem fl-Irlanda. Barra minn hekk, AC ġiet naturalizzata Irlandiża.

Mill-2017, GV tirrisjedi fl-Irlanda ma' bintha u hija finanzjarjament dipendenti fuqha. F'Settembru 2017, minħabba d-deterjorazzjoni ta' saħħitha minħabba l-artrite, GV talbet l-għoti tal-benefiċċju tal-allowance tal-invalidità fuq il-bażi ta' liġi dwar il-protezzjoni soċjali.

Kif kien jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, din l-allowance, li kienet intiża li tipproteġi kontra l-faqar, kienet tikkostitwixxi benefiċċju ta' għajnuna soċjali ffinanzjat mill-baġit ġenerali, mingħajr ma l-persuna kkonċernata kellha tħallas kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, il-benefiċċju tal-allowance kien suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, marbuta b'mod partikolari mal-età, mar-riżorsi u mad-diżabbiltà. Minbarra dan, din l-allowance tal-invalidità kienet tikkostitwixxi "benefiċċju speċjali mħallas fi flus li ma jiddependix mill-kontribuzzjonijiet imħallsa", fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004 [133]. Fl-aħħar nett, jidher li d-dritt Irlandiż kien jeskludi l-ħlas ta' din l-allowance lil persuna li ma kinitx residenti b'mod abitwali fl-Irlanda, bħalma kienet persuna li ma kellhiex dritt ta' residenza hemmhekk.

---

[133] Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

Fi Frar 2018, l-applikazzjoni għal allowance tal-invalidità ppreżentata minn GV ġiet miċħuda, minħabba li hija ma kellhiex dritt ta' residenza fl-Irlanda.

L-Appeals Officer (l-Uffiċjal tal-Appelli, l-Irlanda), li kien responsabbli għall-eżami mill-ġdid taċ-ċaħda ta' din l-applikazzjoni, f'Lulju 2019, ikkonkluda li GV, bħala axxendent dirett dipendenti fuq ċittadina tal-Unjoni li taħdem fl-Irlanda, kellha dritt ta' residenza, iżda ma kellhiex id-dritt li tibbenefika minn benefiċċju ta' assistenza soċjali. Adit b'talba għal reviżjoni, iċ-Chief Appeals Officer (id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Appelli, l-Irlanda) ikkonferma dan ir-raġunament peress li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tittrasponi d-Direttiva 2004/38 [134], GV kienet issir, jekk tingħata l-allowance, piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali nazzjonali u li, għaldaqstant, hija ma kellhiex iktar dritt ta' residenza.

Permezz ta' sentenza mogħtija f'Lulju 2020, il-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) annullat id-deċiżjoni meħuda mid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Appelli. Din il-qorti qieset b'mod partikolari li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ċċitata iktar 'il fuq, sa fejn kienet tissuġġetta d-dritt ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin Irlandiż għall-kundizzjoni li dan il-membru tal-familja tiegħu ma jsirx piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat, kienet inkompatibbli mad-Direttiva 2004/38, li tirregola d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri.

Adita b'appell minn din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni kienx jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru jirrifjutaw l-għoti ta' benefiċċju ta' assistenza soċjali lil axxendent dirett li, fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni relatata ma' dan il-benefiċċju, ikun dipendenti fuq ħaddiem, ċittadin tal-Unjoni, jew li saħansitra tippermetti li jiġi rtirat fil-konfront tiegħu d-dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur, minħabba li l-għoti tal-imsemmi benefiċċju jkollu l-effett li dan il-membru tal-familja ma jibqax iktar dipendenti fuq il-ħaddiem li huwa ċittadin tal-Unjoni, b'tali mod li jsir piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tal-imsemmi Stat Membru.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' moviment liberu tal-ħaddiema [135], kif implimentat mir-Regolament Nru 492/2011 [136] dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, moqri flimkien mad-Direttiva 2004/38, jipprekludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva 2004/38, li l-qorti tar-rinviju talbet l-interpretazzjoni tagħha, tirregola biss il-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni fl-Istati Membri li ma jkunx dak li tiegħu jkollu n-nazzjonalità. Konsegwentement, din ma hijiex intiża li tagħti, fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, dritt ta' residenza dderivat lill-membri tal-familja ta' dan iċ-ċittadin. F'dan il-każ, wara n-naturalizzazzjoni ta' AC, din id-direttiva la għandha l-għan li tirregola d-dritt ta' residenza tagħha fl-Irlanda, u lanqas id-dritt ta' residenza dderivat li jistgħu jibbenefikaw minnu l-membri tal-familja tagħha.

---

[134] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

[135] Dan il-prinċipju huwa stabbilit fl-Artikolu 45 TFUE.

[136] Dan huwa b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru, li jkun eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu billi jkun mar u rrisjeda legalment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ma tistax tiġi assimilata ma' sitwazzjoni purament interna minħabba s-sempliċi fatt li dan iċ-ċittadin, fil-kuntest ta' din ir-residenza, ikun kiseb in-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti minbarra n-nazzjonalità ta' oriġini tiegħu. Għalhekk, l-effett utli tad-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni mill-Artikolu 21 TFUE u, b'mod iktar preċiż, lill-ħaddiema mill-Artikolu 45 TFUE jeżiġi li membru tal-familja ta' ħaddiem li jkun ċittadin tal-Unjoni li, wara li jkun eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu billi jkun mar jirrisjedi u jaħdem fl-Istat Membru ospitanti, ikun kiseb in-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru, jista' jingħata dritt ta' residenza dderivat. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għall-għoti tad-dritt ta' residenza dderivat li jibbenefika minnu dan il-membru tal-familja ma għandhomx ikunu iktar stretti minn dawk previsti fid-Direttiva 2004/38 għall-membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu bl-istabbiliment fi Stat Membru differenti minn dak tan-nazzjonalità tiegħu, peress li din id-direttiva għandha tiġi applikata b'analoġija għal tali sitwazzjoni. Fl-aħħar nett, ħaddiem li jkun ċittadin tal-Unjoni jibbenefika, inkluż meta, bħal f'dan il-każ, huwa jkun kiseb in-nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti, minbarra n-nazzjonalità ta' oriġini tiegħu, mid-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament, skont l-Artikolu 45(2) TFUE, kif implimentat mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 [137].

F'dan il-kuntest, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li minn qari konġunt ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 [138] jirriżulta li l-axxendenti diretti ta' ħaddiem li jkun ċittadin tal-Unjoni jibbenefikaw minn dritt ta' residenza dderivat ta' iktar minn tliet xhur, meta jkunu "dipendenti" fuq dan il-ħaddiem. Sabiex il-membru tal-familja kkonċernat ikun jista' jibbenefika minn dan id-dritt, din is-sitwazzjoni ta' dipendenza għandha tkun teżisti, fil-pajjiż ta' oriġini ta' din il-persuna, fil-mument meta hija titlob li tingħaqad maċ-ċittadin li fuqu tkun dipendenti. Il-persuna kkonċernata tista' żżomm l-imsemmi dritt sakemm tibqa' dipendenti fuq dan il-ħaddiem [139], u dan sakemm dan l-axxendent, li jkun irrisjeda legalment għal perijodu kontinwu ta' ħames snin fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, ikun jista' jitlob dritt ta' residenza permanenti [140].

Fit-tieni lok, fir-rigward tad-dritt iċċitat iktar 'il fuq ta' ugwaljanza fit-trattament li jibbenefika minnu ħaddiem li jkun ċittadin tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kunċett ta' "vantaġġi soċjali" previst minn din id-dispożizzjoni jinkludi l-vantaġġi kollha li, irrispettivament minn jekk ikunux marbuta ma' kuntratt ta' impjieg jew le, ġeneralment jingħataw lill-ħaddiema nazzjonali, prinċipalment minħabba l-kwalità oġġettiva tagħhom ta' ħaddiem jew minħabba s-sempliċi fatt tar-residenza tagħhom fit-territorju nazzjonali, u li l-estensjoni tagħhom għall-ħaddiema li jkunu ċittadini ta' Stati Membri oħra tidher xierqa sabiex tiffaċilita l-mobbiltà tagħhom fi ħdan l-Unjoni. Dan il-kunċett jista' jinkludi benefiċċji ta' assistenza soċjali li fl-istess ħin jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tar-Regolament Nru 883/2004, bħall-allowance tal-invalidità. Barra minn hekk, benefiċċju ta' għajnuna soċjali, bħalma hija l-allowance tal-invalidità mogħtija lil axxendent dirett, jikkostitwixxi għall-ħaddiem migrant "vantaġġ soċjali" fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, meta dan l-axxendent dirett ikun dipendenti fuq dan il-ħaddiem, fis-sens tal-punt 2(d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38. Barra minn hekk, l-imsemmi axxendent dirett dipendenti, bħala benefiċjarju indirett tal-ugwaljanza fit-trattament mogħti lill-imsemmi ħaddiem, jista' jinvoka l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 sabiex jikseb din l-allowance meta, skont id-

137 Skont din id-dispożizzjoni, il-ħaddiem li huwa ċittadin ta' Stat Membru igawdi, fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra, "[mill]-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħall-ħaddiema nazzjonali."

138 Dan huwa l-punt 2(d) tal-Artikolu 2 l-Artikolu 7(1)(a) u (d) tad-Direttiva 2004/38.

139 Konformement mal-Artikolu 14(2), moqri flimkien mal-punt 2(d) tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 7(1)(a) u (d) tad-Direttiva 2004/38.

140 Dan id-dritt ta' residenza permanenti huwa rregolat mill-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38.

dritt nazzjonali, din tingħata direttament lil tali axxendenti. Fid-dawl tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet li jistgħu jkunu suġġetti għalihom il-ħaddiem migrant u l-membri tal-familja tiegħu fl-Istat Membru ospitanti żgurata minn din id-dispożizzjoni, il-kwalità ta' axxendent "dipendenti" fis-sens tal-punt 2(d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38 ma tistax tiġi affettwata mill-għoti ta' benefiċċju ta' assistenza soċjali fl-Istat Membru ospitanti. Jekk jiġi deċiż mod ieħor, fil-prattika, dan il-membru tal-familja dipendenti jkun prekluż milli jitlob dan il-benefiċċju, b'tali mod li tiġi ppreġudikata l-ugwaljanza fit-trattament irrikonoxxuta lill-ħaddiem migrant. Għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li, permezz tal-kontribuzzjonijiet fiskali li jħallas fl-Istat Membru ospitanti ħaddiem migrant fil-kuntest tal-impjieg tiegħu, dan il-ħaddiem jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-politiki soċjali ta' dan l-Istat Membru u għandu, konsegwentement, igawdi minnhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-ħaddiema nazzjonali. Għaldaqstant, l-għan li jiġi evitat piż finanzjarju mhux raġonevoli fuq l-Istat Membru ospitanti ma jistax jiġġustifika inugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiema migranti u l-ħaddiema nazzjonali.

## 2. Telf taċ-ċittadinanza Ewropea minħabba t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru

### Sentenza tal-5 ta' Settembru 2023 (Awla Manja), Udlændinge- og Integrationsministeriet (Telf tan-nazzjonalità Daniża) (C-689/21, EU:C:2023:626)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 20 TFUE – Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ċittadin li għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru u n-nazzjonalità ta' Stat terz – Telf ipso jure tan-nazzjonalità tal-Istat Membru fl-età ta' 22 sena minħabba nuqqas ta' rabta effettiva ma' dan l-Istat Membru, fl-assenza ta' talba għaż-żamma tan-nazzjonalità qabel id-data li fiha din l-età tintlaħaq – Telf tal-istatus taċ-ċittadin tal-Unjoni – Eżami ta' proporzjonalità tal-konsegwenzi ta' dan it-telf fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni – Terminu ta' dekadenza"*

X, imwielda fl-Istati Uniti tal-Amerika minn omm Daniża u minn missier Amerikan, kellha, sa mit-twelid tagħha, in-nazzjonalità Daniża u dik Amerikana. Wara li għalqet l-età ta' 22 sena, hija ressqet, quddiem l-Udlændinge- og Integrationsministeriet (il-Ministeru għall-Immigrazzjoni u għall-Integrazzjoni, id-Danimarka), talba għaż-żamma tan-nazzjonalità Daniża tagħha.

Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2017, il-Ministeru għall-Immigrazzjoni u għall-Integrazzjoni informa lil X li hija kienet tilfet in-nazzjonalità Daniża fl-età ta' 22 sena, u li ma setax jagħti ż-żamma tan-nazzjonalità tagħha, sa fejn hija kienet ressqet it-talba tagħha wara li laħqet din l-età. Fl-assenza ta' talba għaż-żamma tan-nazzjonalità qabel ma tintlaħaq l-imsemmija età, il-leġiżlazzjoni Daniża kienet tipprevedi fil-fatt it-telf *ipso jure* tan-nazzjonalità għaċ-ċittadini Daniżi mwielda barra mit-territorju Daniż u li qatt ma jkunu rrisjedew hemmhekk u lanqas ma kellhom soġġorn f'kundizzjonijiet li juru rabta effettiva mad-Danimarka. Għaldaqstant, X tilfet in-nazzjonalità Daniża tagħha u, għalhekk, l-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni, mingħajr ma l-awtoritajiet Daniżi wettqu, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, stħarriġ tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi ta' dan it-telf fuq is-sitwazzjoni tagħha.

Fid-9 ta' Frar 2018, X adixxiet lill-qrati Daniżi b'rikors intiż għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka), staqsiet dwar jekk leġiżlazzjoni nazzjonali bħal-leġiżlazzjoni Daniża dwar in-nazzjonalità kinitx konformi mal-Artikolu 20 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li tali leġiżlazzjoni nazzjonali kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni sa fejn il-persuna kkonċernata kellha l-possibbiltà li tippreżenta, fil-limiti ta' terminu raġonevoli, talba għaż-żamma jew għall-irkupru tan-nazzjonalità, li tippermetti eżami tal-proporzjonalità tat-telf ta' nazzjonalità fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, u, jekk ikun il-każ, li tikseb iż-żamma jew l-irkupru *ex tunc* ta' din in-nazzjonalità, fejn tali terminu jista' jiddekorri biss mill-mument

li fih l-awtoritajiet kompetenti jkunu informawha debitament b'dan it-telf jew bl-imminenza tiegħu, kif ukoll bid-dritt tagħha li titlob, f'dan it-terminu, iż-żamma jew l-irkupru tal-imsemmija nazzjonalità.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabelxejn, li d-dritt tal-Unjoni la jipprekludi li Stat Membru jipprevedi, fil-kuntest tad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għall-kisba u għat-telf tan-nazzjonalità, li l-evalwazzjoni tal-eżistenza jew tal-assenza ta' rabta effettiva miegħu tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kriterji bħall-post tat-twelid u ta' residenza tal-persuna kkonċernata u l-kundizzjonijiet ta' soġġorn tagħha fit-territorju nazzjonali, u lanqas li dan l-Istat Membru jillimita din l-evalwazzjoni għall-perijodu sal-jum li fih din il-persuna tkun laħqet l-età ta' 22 sena.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru jseħħ *ipso iure* f'età partikolari u jwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta miegħu, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kompetenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jeżaminaw il-konsegwenzi ta' dan it-telf ta' nazzjonalità fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u, jekk ikun il-każ, li jippermettu lil din il-persuna żżomm in-nazzjonalità tagħha jew tirkupraha *ex tunc*.

Fir-rigward b'mod iktar partikolari tat-terminu għat-tressiq ta' talba intiża għal tali eżami għall-finijiet taż-żamma jew tal-irkupru tan-nazzjonalità, huwa l-kompitu, fl-assenza ta' terminu preċiż stabbilit mid-dritt tal-Unjoni għal dan l-għan, ta' kull Stat Membru li jirregola l-modalitajiet proċedurali intiżi li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni kemm-il darba dawn il-modalitajiet josservaw, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' effettività sa fejn dawn ma jirrendux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu, f'dan ir-rigward, jeżiġu, f'isem il-prinċipju ta' ċertezza legali, li tali talba titressaq lill-awtoritajiet kompetenti fil-limiti ta' terminu raġonevoli.

Madankollu, fid-dawl tal-konsegwenzi serji kkawżati mit-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, meta dan iwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet li dan tal-aħħar jislet mill-Artikolu 20 TFUE, regoli jew prattiki nazzjonali li jistgħu jkollhom l-effett li jipprekludu lill-persuna kkonċernata milli titlob li tiġi eżaminata n-natura proporzjonata ta' dawn il-konsegwenzi fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħux jitqiesu li huma konformi mal-prinċipju ta' effettività. Għalhekk, meta din il-persuna ma tkunx ġiet debitament informata bid-dritt li titlob tali eżami u bit-terminu li fih hija kellha tressaq tali talba, it-talba tagħha ma tistax titqies inammissibbli minħabba li dan it-terminu jkun skada.

F'dan il-każ, peress li, fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf tan-nazzjonalità Daniża fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, persuna kkonċernata, bħal X, għandha tkun f'pożizzjoni li tinvoka l-elementi rilevanti kollha li jkunu setgħu seħħew sat-tnejn u għoxrin sena tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-terminu għandu jiġi estiż, għal tul raġonevoli, lil hinn mid-data li fiha din il-persuna tilħaq din l-età. Barra minn hekk, dan it-terminu raġonevoli jista' jibda jiddekorri biss kemm-il darba l-awtoritajiet kompetenti jkunu debitament informawha bit-telf tan-nazzjonalità tagħha jew bl-imminenza tiegħu, kif ukoll bid-dritt tagħha li titlob, f'dan it-terminu, iż-żamma jew l-irkupru ta' din in-nazzjonalità. Fin-nuqqas ta' dan, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kompetenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwettqu eżami ta' proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf tan-nazzjonalità, b'mod inċidentali, fl-okkażjoni tal-applikazzjoni, mill-persuna kkonċernata, għal dokument tal-ivvjaġġar jew ta' kwalunkwe dokument ieħor li juri n-nazzjonalità tagħha.

Id-data rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' tali eżami tikkorrispondi neċessarjament għall-jum li fih il-persuna kkonċernata tkun laħqet l-età ta' 22 sena, peress li l-imsemmija data tagħmel parti integrali mill-kriterji leġittimi li l-Istat Membru jkun iddetermina, u li minnhom tiddependi ż-żamma jew it-telf tan-nazzjonalità tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja irrilevat li l-assenza ta' possibbiltà offruta mid-dritt nazzjonali, f'kundizzjonijiet konformi mad-dritt tal-Unjoni, li jinkiseb, mill-awtoritajiet nazzjonali u, eventwalment,

mill-qrati nazzjonali, eżami li jirrigwarda n-natura proporzjonata tal-konsegwenzi tat-telf tan-nazzjonalità tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni u li jista' jwassal, jekk ikun il-każ, għall-irkupru *ex tunc* ta' din in-nazzjonalità, ma tistax tiġi kkumpensata mill-possibbiltà ta' naturalizzazzjoni, irrispettivament mill-kundizzjonijiet, eventwalment favorevoli, li fihom din tista' tinkiseb.

## 3. Dritt ta' residenza dderivat ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni

### Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Omm Tajlandiża ta' wild minuri Olandiż) (C-459/20, EU:C:2023:499)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikolu 20 TFUE – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Deċiżjoni ta' rifjut ta' residenza minn Stat Membru kontra ċittadin ta' pajjiż terz ġenitur ta' wild minuri, li għandu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru – Wild li jinsab barra mit-territorju tal-Unjoni u li qatt ma rrisjeda fit-territorju tagħha"*

X, ċittadina Tajlandiża, irrisjediet b'mod regolari fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn hija kienet miżżewġa ma' A, ċittadin Olandiż. Il-wild tagħhom, ta' nazzjonalità Olandiża, twieled fit-Tajlandja fejn għex dejjem. Wara t-twelid tal-wild, X irritornat fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fl-2017, wara s-separazzjoni *de facto* tal-koppja, l-awtoritajiet Olandiżi rrevokaw id-dritt ta' residenza ta' X. Wara d-divorzju, X applikat, fl-2019, biex tirrisjedi fil-Pajjiżi l-Baxxi ma' ċittadin ieħor ta' dan l-Istat Membru. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Olandiżi vverifikaw *ex officio* jekk hija setgħetx tikseb dritt ta' residenza dderivat skont l-Artikolu 20 TFUE sabiex tkun tista' tirrisjedi mal-wild minuri tagħha, ċittadin tal-Unjoni, fit-territorju tal-Unjoni. L-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi) ċaħad din l-applikazzjoni fit-8 ta' Mejju 2019. Fl-istess jum, X tkeċċiet lejn it-Tajlandja.

Adita minn X b'rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda, ir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Utrecht (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi), li kienet il-qorti tar-rinviju, kellha dubju dwar l-interpretazzjoni li kellha tingħata lill-Artikolu 20 TFUE f'dan il-każ.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom ċittadin ta' pajjiż terz jista' jibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat ibbażat fuq l-Artikolu 20 TFUE meta l-wild minuri tal-imsemmi ċittadin ikun ċittadin tal-Unjoni, iżda jkun jinsab barra mit-territorju tal-Unjoni u qatt ma jkun irrisjeda fit-territorju tagħha.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi miżuri nazzjonali, inklużi deċiżjonijiet li jirrifjutaw id-dritt ta' residenza lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li jkollhom l-effett li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija effettiva tal-parti essenzjali tad-drittijiet mogħtija permezz tal-istatus tagħhom. Huwa wkoll neċessarju, f'dawn is-sitwazzjonijiet, li teżisti bejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u ċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, relazzjoni ta' dipendenza b'mod li deċiżjoni li tirrifjuta d-dritt ta' residenza liċ-ċittadin tal-pajjiż terz iċċaħħad lill-membru tal-familja tiegħu mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet marbuta mal-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni. Dan ikun il-każ meta dan tal-aħħar ikun imġiegħel jakkumpanja liċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni u jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu jew ma jkunx jista' jidħol u jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru li jkollu n-nazzjonalità tiegħu.

Issa, f'dan il-każ, il-wild minuri, ċittadin tal-Unjoni, kien ilu jgħix, mit-twelid tiegħu, f'pajjiż terz, mingħajr ma qatt irrisjeda fl-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fl-ewwel lok, li r-rifjut tad-

dritt ta' residenza fil-konfront tal-ġenitur, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' tali wild seta' jkollu konsegwenzi fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' dan tal-aħħar, skont l-Artikolu 20 TFUE, biss jekk jiġi stabbilit li kien ser jidħol u jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru li kellu n-nazzjonalità tiegħu flimkien mal-ġenitur jew kien ser jingħaqad miegħu f'dan it-territorju. Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa jekk dan kienx il-każ u jekk kinitx teżisti relazzjoni ta' dipendenza bejn il-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz u l-wild minuri tiegħu.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li t-talba għal dritt ta' residenza dderivat mill-imsemmi ġenitur, li fuqu l-wild ċittadin tal-Unjoni jkun dipendenti, ma tistax tiġi miċħuda minħabba li ċ-ċaqliq lejn l-Istat Membru li tiegħu l-wild ikollu n-nazzjonalità, li jippreżupponi l-eżerċizzju minn dan il-wild tad-drittijiet tiegħu bħala ċittadin tal-Unjoni, ma jkunx fl-interess, reali jew plawżibbli, tal-imsemmi wild. Fil-fatt, id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, mogħti lil kull ċittadin tal-Unjoni, jirriżulta direttament mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, mingħajr ma l-eżerċizzju tiegħu jkun suġġett għall-prova ta' kwalunkwe interess li jiġi invokat il-benefiċċju tiegħu jew għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun laħqet l-età meħtieġa sabiex ikollha l-kapaċità ġuridika li teżerċita hija stess id-drittijiet tagħha bħala ċittadin tal-Unjoni.

Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja preċedentement qieset li l-awtoritajiet kompetenti biex jagħtu deċiżjoni dwar applikazzjoni għal permess ta' residenza skont l-Artikolu 20 TFUE għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild ikkonċernat [141]. Issa, tali teħid ta' pożizzjoni ma kienx intiż biex tiġi miċħuda applikazzjoni għal permess ta' residenza, iżda, għall-kuntrarju, biex tiġi ostakolata l-adozzjoni ta' deċiżjoni li torbot lil dan il-wild biex jitlaq mit-territorju tal-Unjoni.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-evalwazzjoni, fil-kuntest ta' applikazzjoni għal dritt ta' residenza dderivat, tal-kwistjoni jekk wild minuri, ċittadin tal-Unjoni, ikunx dipendenti fuq il-ġenitur tiegħu ċittadin ta' pajjiż terz. Hija ppreċiżat, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni li tkun teżisti fil-mument meta jintalbu jiddeċiedu, sa fejn dawn l-awtoritajiet ikollhom jevalwaw il-konsegwenzi prevedibbli tad-deċiżjoni tagħhom fuq it-tgawdija effettiva, mill-wild ikkonċernat, tal-essenzjal tad-drittijiet li huwa jkollu abbażi tal-istatus mogħti lilu mill-Artikolu 20 TFUE.

Barra minn hekk, din l-evalwazzjoni għandha dejjem tkun ibbażata fuq eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni. B'mod partikolari, il-fatt li l-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz mhux dejjem ikun assuma l-manteniment ta' kuljum ta' dan il-wild, iżda issa jkollu l-kustodja esklużiva tiegħu, jew il-fatt li l-ġenitur l-ieħor, ċittadin tal-Unjoni, ikun jista' jassumi r-responsabbiltà ta' kuljum u effettiva tal-imsemmi wild, ma jistgħux jitqiesu li huma determinanti f'dan ir-rigward.

---

[141] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2017, ***Chavez-Vilchez et*** (C-133/15, EU:C:2017:354, punt 71), u tal-5 ta' Mejju 2022, ***Subdelegación del Gobierno en Toledo (Residenza ta' membru tal-familja – Riżorsi insuffiċjenti)***, (C-451/19 u C-532/19, EU:C:2022:354, punt 53).

# III. Libertajiet ta' moviment fl-Unjoni [142]

## 1. Libertà ta' stabbiliment

### Sentenza tat-8 ta' Ġunju 2023, Prestige and Limousine (C-50/21, EU:C:2023:448).

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 49 TFUE – Artikolu 107(1) TFUE – Servizz ta' kiri ta' vetturi privati bix-xufier (VPX) – Skema ta' awtorizzazzjoni li tinvolvi l-ħruġ, minbarra awtorizzazzjoni li tippermetti li jiġu pprovduti servizzi urbani u interurbani ta' trasport fit-territorju nazzjonali kollu, tat-tieni liċenzja ta' operat sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi urbani ta' trasport f'żona metropolitana – Limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis"*

Prestige and Limousine, SL (iktar 'il quddiem "P&L") toffri servizzi ta' kiri ta' vetturi privati bix-xufier (iktar 'il quddiem is-"servizzi ta' VPX") fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona (Spanja). P&L u erbatax-il impriża oħra li jipprovdu l-istess servizzi, fosthom impriżi marbuta ma' pjattaformi internazzjonali online, ikkontestaw quddiem it-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Cataluña, Spanja) il-validità ta' leġiżlazzjoni tal-Área Metropolitana de Barcelona (iż-Żona Metropolitana ta' Barcelona, Spanja, iktar 'il quddiem l-"AMB") dwar l-organizzazzjoni ta' tali servizzi fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona. Fil-kuntest ta' din it-tilwima, dik il-qorti kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari, mal-libertà ta' stabbiliment.

Din il-leġiżlazzjoni kienet teżiġi, minn naħa, minbarra l-awtorizzazzjoni nazzjonali meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' VPX urbani u interurbani fi Spanja, il-kisba ta' liċenzja addizzjonali sabiex jiġu eżerċitati servizzi ta' VPX fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona. Min-naħa l-oħra, hija kienet tillimita n-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis mogħtija għal din l-agglomerazzjoni. Skont il-qorti tar-rinviju, l-għan essenzjali mfittex mill-imsemmija leġiżlazzjoni kien li titnaqqas il-kompetizzjoni eżerċitata mis-servizzi ta' VPX fuq is-servizzi tat-taxis.

Sabiex tiġġustifika l-miżuri inkwistjoni, l-AMB invokat b'mod partikolari l-għan li tiżgura l-kwalità, is-sigurtà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tat-taxis. Hija indikat li dawn is-servizzi kienu meqjusa li kienu "servizz ta' interess ġenerali" sa fejn l-attività tat-taxis kienet irregolata b'mod intensiv, peress li s-servizzi tat-taxis kienu suġġetti, b'mod partikolari, għal kwoti ta' liċenzji, għal tariffi rregolati, għal obbligu ta' trasport universali u għal aċċessibbiltà għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. L-AMB irrilevat, f'dan ir-rigward, li l-vijabbiltà ekonomika ta' din l-attività kienet tidher ipperikolata minn kompetizzjoni dejjem tikber li ġejja mill-attività tas-servizzi ta' VPX.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni speċifika addizzjonali sabiex jiġu eżerċitati s-servizzi ta' VPX fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona seta', taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun kompatibbli mal-Artikolu 49 TFUE. Għall-kuntrarju, dan l-artikolu jipprekludi l-limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji tas-servizzi ta' VPX, peress li din il-miżura tidher li kienet tmur lil hinn

[142] Taħt din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll dawn is-sentenzi: is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), ***Chief Appeals Officer et*** (C-488/21, EU:C:2023:1013), ippreżentata fit-Taqsima II.1, "Miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni"; is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), ***Royal Antwerp Football Club*** (C-608/21, EU:C:2023:1010), ippreżentata fit-Taqsima VIII.1,, "Akkordji (Artikolu 101 TFUE)"; is-sentenza tad-9 ta' Frar 2023, ***Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid et (Irtirar tad-dritt ta' residenza ta' ħaddiem Tork)*** (C-402/21, EU:C:2023:77), ippreżentata fit-Taqsima XVII.2, "Interpetazzjoni ta' ftehim internazzjonali".

minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' ġestjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku ta' din l-agglomerazzjoni, kif ukoll ta' protezzjoni tal-ambjent.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argumenti mressqa mill-partijiet fil-kawża prinċipali insostenn tal-allegata inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li r-risposti li għandhom jingħataw għad-domandi preliminari jirriżultaw b'mod ċar mill-ġurisprudenza tagħha ma għandux l-effett li kien jirrendi tali talba inammissibbli, iżda kien jippermettilha li tirrispondiha, jekk ikun il-każ, permezz ta' digriet [143]. Barra minn hekk, il-fatt li qorti suprema nazzjonali tkun diġà eżaminat, fil-kuntest ta' tilwima li jkollha xebh ma' dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-rilevanza potenzjali tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija mill-qorti tar-rinviju ma huwiex ta' natura li jirrendi inammissibbli rinviju għal deċiżjoni preliminari intiż li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, konformement mal-Artikolu 267 TFUE.

Fit-tieni lok, wara li kkonkludiet li ż-żewġ miżuri previsti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma kinux jidhru li jagħtu għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, lill-impriżi li jipprovdu s-servizzi tat-taxis, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri mal-Artikolu 49 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabelxejn, li huma effettivament kienu jillimitaw l-aċċess għal kull parteċipant ġdid fis-suq, billi kienu jirrestrinġu n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' VPX stabbiliti fl-AMB, u kellhom għalhekk jiġu kklassifikati bħala restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment iggarantita minn din l-aħħar dispożizzjoni.

Sussegwentement, fir-rigward tal-eżistenza ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw tali restrizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-għan ta' ġestjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku ta' agglomerazzjoni kif ukoll dak tal-protezzjoni tal-ambjent f'tali agglomerazzjoni kienu jistgħu jikkostitwixxu tali raġunijiet. Madankollu, dan ma kienx il-każ fir-rigward tal-għan intiż li tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tas-servizzi tat-taxis, peress li l-preżervazzjoni ta' bilanċ bejn iż-żewġ mezzi ta' trasport urban inkwistjoni kienet taqa' taħt kunsiderazzjonijiet ta' natura purament ekonomika. Il-fatt li s-servizzi tat-taxis kienu kklassifikati, fid-dritt Spanjol, bħala "servizz ta' interess ġenerali" ma kellux effett f'dan ir-rigward. Fil-fatt, għalkemm il-karatteristiċi mressqa mill-AMB ċertament juru li r-regolamentazzjoni tas-servizzi tat-taxis kienet intiża b'mod partikolari sabiex tiżgura l-kwalità, is-sigurtà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tat-taxis, għall-benefiċċju tal-utenti, jidher, mill-banda l-oħra, li l-miżuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinux isegwu, minnhom infushom, dawn l-għanijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li ma kienx jidher li funzjoni partikolari ta' servizz pubbliku, li tista' taqa', jekk ikun il-każ, taħt il-kunċett ta' servizz ta' importanza ekonomika ġenerali (SIEĠ) fis-sens tal-Artikolu 106(2) TFUE, kienet ġiet fdata lill-fornituri tas-servizzi tat-taxis.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-proporzjonalità, minn naħa, tar-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni addizzjonali u, min-naħa l-oħra, tal-limitazzjoni tal-liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja tas-servizzi tat-taxis. Hija kkonkludiet li din l-ewwel miżura kienet tidher adatta sabiex jintlaħqu l-għanijiet invokati u setgħet titqies li kienet neċessarja sabiex tilħaqhom. Fid-dawl tan-natura tas-servizz inkwistjoni kif ukoll tal-impossibbiltà li ssir distinzjoni bejn il-vetturi użati għall-provvista tas-servizzi ta' VPX u dawk użati privatament fuq territorju urban vast, seta' jiġi kkunsidrat li kontroll *a posteriori* iseħħ tard wisq sabiex tiġi ggarantita li dan tal-aħħar ikun fil-fatt effettiv. Ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni addizzjonali seta' għalhekk ikun iġġustifikat, bil-kundizzjoni, madankollu, li din l-awtorizzazzjoni tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u li jkunu

143 Ara l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

magħrufa minn qabel, li jeskludu kull arbitrarjetà u li ma jirduppjawx il-kontrolli li diġà jkunu twettqu fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni nazzjonali, iżda li jissodisfaw il-bżonnijiet partikolari tal-agglomerazzjoni kkonċernata. Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux issodisfatti f'dan il-każ.

Min-naħa l-oħra, it-tieni miżura ma kinitx tidher li kienet xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għanijiet tal-ġestjoni tajba tat-trasport, tat-traffiku u tal-ispazju pubbliku. Fil-fatt, qabelxejn, ma ġewx invalidati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-argumenti mressqa favur is-servizzi ta' VPX li kienu juru li dawn is-servizzi setgħu fir-realtà jiffavorixxu t-twettiq tal-imsemmija għanijiet, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-użu tal-vettura privata, permezz tal-kontribuzzjoni ta' dawn is-servizzi għall-għan ta' mobbiltà effikaċi u inklużiva, permezz tal-livell tagħhom ta' diġitalizzazzjoni kif ukoll tal-flessibbiltà tagħhom fil-provvista ta' servizzi, u permezz tal-użu ta' vetturi li jużaw enerġiji alternattivi, inkoraġġut mil-leġiżlazzjoni tal-Istat dwar is-servizzi ta' VPX.

Sussegwentement, ma setax jiġi eskluż li l-possibbiltà ta' impatt tal-flotta ta' VPX fuq it-trasport, it-traffiku u l-ispazju pubbliku fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona setgħet tkun adegwatament limitata minn miżuri inqas restrittivi minn limitazzjoni tal-liċenzji. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet, bħala eżempji, għall-miżuri ta' organizzazzjoni tas-servizzi ta' VPX, għal-limitazzjonijiet ta' dawn is-servizzi waqt ċerti ħinijiet jew inkella għar-restrizzjonijiet tat-traffiku f'ċerti żoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li ma jistax jiġi eskluż li l-għan tal-protezzjoni tal-ambjent fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona seta' jintlaħaq permezz ta' miżuri li jkunu inqas ta' preġudizzju għal-libertà ta' stabbiliment, bħalma huma limiti ta' emissjoni applikabbli għall-vetturi li jiċċirkolaw f'din l-agglomerazzjoni.

### Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Xella Magyarország (C-106/22, EU:C:2023:568).

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-kapital – Libertà ta' stabbiliment – Regolament (UE) 2019/452 – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skrinjar tal-investimenti barranin f'impriżi residenti meqjusa bħala 'strateġiċi' – Deċiżjoni meħuda abbażi ta' din il-leġiżlazzjoni, li tipprojbixxi l-akkwist minn kumpannija residenti tal-ishma kollha ta' kumpannija residenti oħra – Impriża akkwistata meqjusa bħala 'strateġika' minħabba li l-attività prinċipali tagħha tikkonċerna l-estrazzjoni minerarja ta' ċerti materji primi bażiċi bħaż-żrar, ir-ramel u t-tafal – Impriża akkwirenti meqjusa bħala 'investitur barrani' minħabba li tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji li l-kumpannija holding tagħhom hija stabbilita f'pajjiż terz – Preġudizzju jew riskju ta' preġudizzju għall- interessi tal-Istat, għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru – Għan intiż li jiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista ta' materja prima bażika għall-benefiċċju tas-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari fil-livell reġjonali"*

Janes és Tár1sa kienet kumpannija rregolata mid-dritt Ungeriż li kellha bħala attività prinċipali l-estrazzjoni minerarja ta' żrar, ta' ramel u ta' tafal fil-barriera tagħha li tinsab f'Lázi (il-Kontea ta' Győr-Moson-Sopron, distrett ta' Pannonhalma, l-Ungerija).

Minħabba din l-attività, Janes és Társa kienet ikklassifikata bħala "impriża strateġika", fis-sens ta' liġi li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skrinjar tal-investimenti barranin. Is-sehem mis-suq tagħha fis-suq Ungeriż tal-produzzjoni tal-materja prima kkonċernata kien ta' 0.52 %.

Xella Magyarország kienet kumpannija oħra rregolata mid-dritt Ungeriż li kienet tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji li l-kumpannija ewlenija tagħhom kienet stabbilita fil-Bermuda u li kienet tappartjeni, fi tmiem katina, lil ċittadin Irlandiż. Hija kienet topera fis-suq Ungeriż tal-materjali tal-bini u kellha bħala attività prinċipali l-manifattura ta' elementi ta' kostruzzjoni fil-konkrit. Hija kienet tixtri madwar 90 % tal-produzzjoni annwali ta' Janes és Társa għall-ipproċessar, fil-fabbrika tagħha li tinsab qrib il-barriera, ta' din il-materja prima fi briks tar-ramel u l-ġir.

F'Ottubru 2020, Xella Magyarország ikkonkludiet kuntratt ta' bejgħ għall-akkwist tal-ishma kollha f'Janes és Társa, u talbet lill-ministru kompetenti jieħu nota tat-tranżazzjoni kkonċernata jew

jikkonferma li din il-formalità ma kinitx meħtieġa minħabba l-istruttura tal-proprjetà tagħha. Permezz ta' deċiżjoni adottata f'Lulju 2021, l-imsemmi ministru pprojbixxa l-eżekuzzjoni tal-operazzjoni legali kkomunikata, filwaqt li kklassifika lil Xella Magyarország bħala "investitur barrani" minħabba ż-żamma indiretta tagħha minn LSF10 XL Investments, kumpannija rreġistrata f'Bermuda.

Barra minn hekk, l-istess ministru sostna li s-sigurtà u l-prevedibbiltà tal-estrazzjoni u tal-provvista tal-materja prima kienu ta' importanza strateġika, b'mod partikolari fid-dawl tat-tfixkil serju tal-funzjonament tal-ktajjen tal-provvista globali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. Fil-fehma tiegħu, il-produzzjoni tal-granulat, bħar-ramel, iż-żrar u t-torba, għas-settur tal-kostruzzjoni, kienet diġà ddominata minn produtturi Ungeriżi b'kapital barrani. Għaldaqstant, l-ipoteżi li Janes és Társa ssir indirettament il-proprjetà ta' kumpannija rreġistrata f'Bermuda kienet toħloq riskju iktar fit-tul għas-sigurtà tal-provvista ta' materja prima, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, li seta' jippreġudika l-"interessi tal-Istat", fis-sens wiesa'.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment kienu jipprekludu l-mekkaniżmu ta' skrinjar tal-investimenti barranin inkwistjoni. Fil-fatt, dan il-mekkaniżmu kien jippermetti li jiġi pprojbit l-akkwist tal-proprjetà ta' kumpannija residenti meqjusa bħala strateġika minn kumpannija residenti oħra li tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji stabbiliti f'diversi Stati Membri, li fiha impriża ta' pajjiż terz ikollha influwenza determinanti. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument tal-Gvern Ungeriż li jgħid li tali akkwist jippreġudika jew jirriskja li jippreġudika l-interess tal-Istat li jikkonsisti fil-garanzija tas-sigurtà tal-provvista għall-benefiċċju tas-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari fil-livell lokali, fir-rigward tal-materja prima bażika.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtoritajiet ta' Stat Membru jipprojbixxu lil kumpannija tal-Unjoni, għal raġunijiet ta' sigurtà u ta' ordni pubbliku, milli takkwista sehem f'kumpannija residenti "strateġika" li jippermettilha teżerċita influwenza ċerta fuq il-ġestjoni u fuq il-kontroll ta' din l-aħħar kumpannija kienet tikkostitwixxi, manifestament, restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment ta' din il-kumpannija tal-Unjoni, f'dan il-każ, restrizzjoni partikolarment serja.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk din ir-restrizzjoni kinitx tista' tiġi ġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-ġurisprudenza tagħha, tali ġustifikazzjoni kienet tippreżupponi li r-restrizzjoni tkun xierqa biex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex minnha u li ma tmurx lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex dan jintlaħaq.

F'dan il-każ, l-interess speċifiku inkwistjoni f'dan il-każ, intiż li jiżgura s-sigurtà u l-kontinwità tal-provvista tas-settur tal-kostruzzjoni fir-rigward ta' ċerta materja prima bażika, seta' jaqa' taħt l-Artikolu 52(1) TFUE. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprevedi li restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tista' tiġi ġġustifikata minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika.

Madankollu, skont il-ġurisprudenza, anki jekk l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeterminaw, skont il-bżonnijiet nazzjonali tagħhom, ir-rekwiżiti tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika, dawn tal-aħħar jistgħu jiġu invokati biss fil-każ ta' theddida reali u suffiċjentement gravi, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà.

Fir-rigward speċifikament tal-għan marbut mas-sigurtà tal-provvista favur is-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari fil-livell lokali, għal dak li jirrigwarda ċerta materja prima bażika, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan ma setax jikkostitwixxi raġuni ta' sigurtà pubblika u, għaldaqstant, ma setax jiġġustifika eventwalment l-ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment inkwistjoni fil-kawża prinċipali, f'dan il-każ ta' natura partikolarment serja. Fil-fatt, ma setax jitqies li tali kien għan jaqa' taħt "interess fundamentali tas-soċjetà", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, ma kienx jidher li l-akkwist ipprojbit mid-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien effettivament ta' natura li joħloq "theddida reali u suffiċjentement gravi", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, minn naħa, qabel dan l-akkwist, madwar 90 % tal-produzzjoni tal-materja prima bażika kkonċernata li kienet ġejja mill-barriera tal-kumpannija akkwistata kienet diġà tinxtara mill-kumpannija akkwirenti, filwaqt li l-10 % li kien fadal kienet tinxtara minn impriżi lokali fis-settur tal-kostruzzjoni. Min-naħa l-oħra, kien magħruf li dawn il-materji primi bażiċi kellhom, min-natura tagħhom, valur tas-suq relattivament baxx meta mqabbla, fuq kollox, mal-ispiża tat-trasport tagħhom. Għaldaqstant, ir-riskju ta' esportazzjoni ta' parti sinjifikattiva tal-produzzjoni tal-imsemmija materja prima kien jidher ftit probabbli, jew kien saħansitra eskluż fil-prattika.

## 2. Libertà li jiġu pprovduti servizzi [144]

### Sentenza tas-16 ta' Marzu 2023, Beobank (C-351/21, EU:C:2023:215)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Servizzi ta' ħlas fis-suq intern – Direttiva 2007/64/KE – Artikolu 47(1)(a) – Informazzjoni għal min iħallas wara li jiġi riċevut l-ordni tal-ħlas tiegħu – Artikoli 58, 60 u 61 – Responsabbiltà tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas fil-każ ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati – Obbligu ta' dan il-fornitur li jirrimborsa t-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati lil min iħallas – Kuntratti qafas – Obbligu tal-imsemmi fornitur li jipprovdi lil min iħallas informazzjoni dwar il-benefiċjarju kkonċernat"*

ZG, resident Belġjan, kellu kont bankarju ma' Beobank, fil-Belġju, li għalih huwa kellu karta ta' debitu. Fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' April 2017, huwa għamel, fi stabbiliment li jinsab f'Valencia (Spanja), ħlas ta' EUR 100 permezz ta' din il-karta. Sussegwentement, saru żewġ ħlasijiet oħra permezz ta' din il-karta u fuq l-istess terminal ta' pagament b'mezz mobbli għall-ammonti, rispettivament, ta' EUR 991 u ta' EUR 993.

Quddiem il-qorti tar-rinviju, ZG talab, b'mod partikolari, ir-rimbors ta' dawn l-aħħar żewġ ħlasijiet, li huwa qies "mhux awtorizzati". Huwa spjega li la jiftakar l-isem, la l-indirizz tal-istabbiliment u lanqas dak li ġara wara dak li kkonsma fl-istabbiliment ikkonċernat, u jallega li kien vittma ta' frodi ffaċilitat bl-amministrazzjoni ta' droga. Madankollu, Beobank irrifjutat li twettaq ir-rimbors ta' dawn il-ħlasijiet, billi qieset li ZG kien effettivament awtorizzahom jew li, tal-inqas, wettaq "negliġenza serja".

Sussegwentement, dan l-organu bankarju pprovda biss lil ZG ir-referenza numerika u l-ġeolokalizzazzjoni tat-terminal ta' pagament użat, mingħajr ma indika l-identità tal-benefiċjarju tal-ħlasijiet kontenzjużi ħlief bil-mod li ġej: "COM SU VALENCIA ESP". Min-naħa tiegħu, l-istabbiliment bankarju tal-benefiċjarju tal-ħlasijiet kontenzjużi rrifjuta li jikkomunika l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar lil Beobank.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar il-portata tal-obbligu tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, previst minn dispożizzjoni tad-Direttiva 2007/64 [145], li jipprovdi "fejn ikun xieraq" lil min iħallas l-

[144] F'din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll dawn is-sentenzi: is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, ***Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka*** (C-167/22, EU:C:2023:1020), ippreżentata fit-Taqsima VII, "Trasport"; is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), ***European Superleague Company*** (C-333/21, EU:C:2023:1011), ippreżentata fit-Taqsima VIII.2, "Abbuż minn pożizzjoni dominanti (Artikolu 102 TFUE)"; is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, ***Google Ireland et*** (C-376/22, EU:C:2023:835), ippreżentata fit-Taqsima XI, "Internet u kummerċ elettroniku).

informazzjoni dwar il-benefiċjarju ta' tranżazzjoni ta' ħlas. Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal din id-domanda kellha tippermetti lill-qorti tar-rinviju tasal għal konklużjonijiet dwar l-obbligu, għal Beobank, li tirrimborsa l-ħlasijiet kontenzjużi.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas huwa obbligat, bis-saħħa ta' din l-istess dispożizzjoni, jipprovdi lil dan tal-aħħar l-informazzjoni li tippermetti li tiġi identifikata l-persuna fiżika jew ġuridika li tkun ibbenefikat minn tranżazzjoni ta' ħlas iddebitata mill-kont ta' min iħallas u mhux biss l-informazzjoni li dan il-fornitur, wara li jkun għamel ħiltu kollha, ikollu fir-rigward ta' din it-tranżazzjoni ta' ħlas.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sistema ta' responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi ta' ħlas fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux awtorizzati, prevista fl-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2007/64, kienet is-suġġett ta' armonizzazzjoni totali. Għalhekk, sistema ta' responsabbiltà parallela abbażi tal-istess fatt ġeneratur hija inkompatibbli ma' din id-direttiva, l-istess bħal sistema ta' responsabbiltà kompetitriċi, li tippermetti lill-utent ta' servizzi ta' ħlas jistabbilixxi din ir-responsabbiltà abbażi ta' fatti ġeneraturi oħra.

Issa, qorti nazzjonali ma tistax tinjora d-distinzjoni stabbilita fl-imsemmija direttiva fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas, skont jekk ikunux awtorizzati jew le. Għaldaqstant, tali qorti ma tistax tagħti deċiżjoni dwar talba għar-rimbors ta' ħlasijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali mingħajr ma tikklassifika, preliminarjament, dawn il-ħlasijiet bħala tranżazzjonijiet awtorizzati jew le. Fil-fatt, l-Artikolu 60(1), iċċitat iktar 'il fuq, moqri flimkien mal-Artikolu 86(1) tad-Direttiva 2007/64 [146], jipprekludi li utent ta' servizzi ta' ħlas ikun jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-fornitur ta' dawn is-servizzi minħabba l-fatt li dan il-fornitur ta' servizzi ikun naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 47(1)(a) ta' din id-direttiva, sa fejn din ir-responsabbiltà tirrigwarda r-rimbors ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas.

Madankollu, sa fejn il-qorti tar-rinviju kienet tqis li huwa neċessarju, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tan-natura awtorizzata jew le tal-ħlasijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkunu magħrufa n-natura u l-portata tal-informazzjoni li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas kellu jipprovdi lil dan tal-aħħar skont l-Artikolu 47(1)(a) tad-Direttiva 2007/64, ir-rilevanza tad-domandi preliminari għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali ma setgħetx tiġi kkontestata.

---

[145] Dan l-obbligu huwa previst fl-Artikolu 47(1)(a) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1, rettifika fil-ĠU 2009, L 187, p. 5).

[146] Din id-dispożizzjoni tirregola, għall-Istati Membri, il-konsegwenzi tal-armonizzazzjoni totali mwettqa mill-istess direttiva.

Fir-rigward, b'mod konkret, tan-natura u tal-portata tal-obbligi ta' informazzjoni previsti f'din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva 2007/64 twettaq armonizzazzjoni totali, li dawn l-obbligi jikkostitwixxu neċessarjament obbligi li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw mingħajr ma jkunu jistgħu jidderogaw minnhom u mingħajr ma jkunu jistgħu jnaqqsuhom billi jikklassifikawhom bħala obbligi ta' mezzi u mhux bħala obbligi ta' riżultat. Xejn fl-istruttura ta' dan l-Artikolu 47 ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li, billi jipprevedi obbligi li jindikaw b'mod preċiż l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried biss li jsiru sforzi f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, il-frażi "fejn ikun xieraq", li tinsab fl-Artikolu 47(1)(a) tad-Direttiva 2007/64, għandha tinftiehem fis-sens li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarju ta' tranżazzjoni ta' ħlas li l-fornitur ta' servizzi ta' dan il-ħlas għandu jipprovdi lil min iħallas, wara li l-ammont ta' tranżazzjoni ta' ħlas ikun iddebitat mill-kont ta' min iħallas jew fil-mument miftiehem skont l-Artikolu 47(2) ta' din id-direttiva, tinkludi dik li dan il-fornitur għandu jew li għandu jkollu konformement mad-dritt tal-Unjoni. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-għan li għandu jintlaħaq mill-imsemmija direttiva, li jikkonsisti, b'mod partikolari, f'li jiġi ggarantit li l-utenti ta' dawn is-servizzi jkunu jistgħu faċilment jidentifikaw it-tranżazzjonijiet ta' ħlas billi jkollhom "l-istess livell għoli ta' informazzjoni ċara". Sabiex jiġi żgurat l-ipproċessar integrat bis-sħiħ u dirett tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati u sabiex jitjiebu l-effiċjenza u l-ħeffa tal-ħlasijiet, din l-informazzjoni għandha tkun kemm neċessarja kif ukoll suffiċjenti fir-rigward kemm tal-kuntratt ta' servizzi ta' ħlas kif ukoll tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas stess u għandha tkun proporzjonata għall-ħtiġijiet ta' dawn l-utenti.

F'dan il-każ, sabiex jiġu ssodisfatti dawn ir-rekwiżiti, l-informazzjoni li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jipprovdi lil min iħallas, skont l-Artikolu 47(1)(a) tad-Direttiva 2007/64, għandha tkun suffiċjentement preċiża u sinjifikattiva. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' tali kwalità, min iħallas ma jkunx f'pożizzjoni, bl-għajnuna ta' din l-informazzjoni, li jidentifika b'mod ċert it-tranżazzjoni ta' ħlas ikkonċernata. Issa, ir-"referenza li tippermetti lil min iħallas jidentifika t-transazzjoni ta' ħlas", imsemmija fl-ewwel parti tas-sentenza tal-Artikolu 47(1)(a) tad-Direttiva 2007/64, ma tpoġġix lill-persuna li tħallas ikkonċernata f'pożizzjoni li torbot l-imsemmija referenza ma' tranżazzjoni ta' ħlas partikolari. Huwa għalhekk neċessarjament fil-kuntest tal-element addizzjonali msemmi fit-tieni parti tas-sentenza ta' dan l-Artikolu 47(1)(a), jiġifieri l-"informazzjoni dwar min jitħallas", li l-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas għandu jipprovdi, lil dan tal-aħħar, l-informazzjoni neċessarja sabiex jissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni.

## 3. Moviment liberu tal-kapital

### Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023, BA (Suċċessjoni – Politika soċjali dwar l-akkomodazzjoni fl-Unjoni) (C-670/21, EU:C:2023:763)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Moviment liberu tal-kapital – Artikoli 63 sa 65 TFUE –Taxxa fuq is-suċċessjoni – Moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi – Proprjetà immobbli li tinsab f'pajjiż terz – Trattament fiskali favorevoli għal proprjetà li tinsab fi Stat Membru jew fi Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea – Restrizzjoni – Ġustifikazzjoni – Politika dwar l-akkomodazzjoni – Effikaċja tal-kontrolli fiskali"*

A, resident Ġermaniż, li miet matul is-sena 2016, ħalla b'legat fl-2013 lil ibnu, BA, ukoll residenti fil-Ġermanja, parti minn proprjetà immobbli li tinsab fil-Kanada u mikrija għal finijiet residenzjali.

F'Lulju 2017, l-uffiċċju tat-taxxa kompetenti stabbilixxa l-ammont tat-taxxa tas-suċċessjoni dovuta minn BA fil-Ġermanja. Għall-kalkolu ta' dawn it-taxxi, din il-proprjetà immobbli ġiet evalwata skont il-valur fis-suq sħiħ tagħha. F'Marzu 2018, BA talab il-modifika tal-ammont ta' din l-istess taxxa, sabiex din il-proprjetà tiġi ntaxxata għal 90 % tal-valur fis-suq tagħha, kif previst fil-liġi Ġermaniża dwar it-

taxxa tas-suċċessjoni u tad-donazzjoni. Filwaqt li rrileva li din il-liġi teżiġi, sabiex il-proprjetà immobbli tkun tista' tibbenefika minn dan il-vantaġġ fiskali, li din il-proprjetà tkun tinsab fil-Ġermanja, fi Stat Membru ieħor jew fi Stat li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [147], BA sostna li l-imsemmija liġi tippreġudika l-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, stabbilit fl-Artikolu 63 TFUE. Madankollu, peress li qies li tali differenza fit-trattament bejn proprjetajiet immobbli li jinsabu f'wieħed minn dawn it-tliet tipi ta' pajjiżi u proprjetajiet tal-istess natura li jinsabu fi Stat terz differenti minn Stat parti għall-Ftehim ŻEE hija konformi ma' din l-istess dispożizzjoni, l-uffiċċju tat-taxxa l-ewwel ċaħad it-talba għal emenda mressqa minn BA u sussegwentement l-ilment li dan kien ressaq.

Adita b'rikors ta' BA, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità mal-Artikolu 63 TFUE ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi mill-benefiċċju ta' vantaġġ fiskali beni mikri għal finijiet residenzjali li jinsab fil-Kanada. Jekk tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, din il-qorti staqsiet jekk din ir-restrizzjoni setgħetx tiġi ġġustifikata skont l-Artikolu 65 TFUE [148] jew minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 63 sa 65 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, għall-kalkolu tat-taxxa tas-suċċessjoni, proprjetà immobbli mibnija li tagħmel parti mill-patrimonju privat, li tinsab fi Stat terz li ma jkunx Stat parti għall-Ftehim ŻEE u mikrija għal finijiet residenzjali, tiġi evalwata skont il-valur sħiħ tagħha fis-suq, filwaqt li beni tal-istess natura li jinsab fit-territorju nazzjonali, fi Stat Membru ieħor jew fi Stat parti għall-Ftehim ŻEE jiġi evalwat, għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, għal 90 % tal-valur fis-suq tiegħu.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fl-ewwel lok, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, li tissuġġetta l-benefiċċju tal-vantaġġ fiskali għal-lokalizzazzjoni tal-beni inklużi fis-suċċessjoni, twassal sabiex il-proprjetajiet immobbli li jinsabu fi Stat terz li ma jkunux Stat parti għall-Ftehim ŻEE jkunu suġġetti għal piż fiskali ikbar minn dawk li jinsabu fit-territorju nazzjonali, u b'hekk tnaqqas il-valur ta' din is-suċċessjoni u tista' tiddisswadi persuna fiżika, residenti fil-Ġermanja, milli tinvesti fi proprjetà immobbli mikrija għal finijiet residenzjali f'tali Stat terz jew milli żżomm tali beni li tiegħu tkun il-proprjetarja. Tali leġiżlazzjoni kienet tikkostitwixxi għalhekk restrizzjoni għall-moviment tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.

Filwaqt li eżaminat, fit-tieni lok, jekk din ir-restrizzjoni setgħetx tiġi ġġustifikata skont l-Artikolu 65 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat qabelxejn li l-kalkolu tat-taxxa tas-suċċessjoni huwa, b'applikazzjoni tal-istess leġiżlazzjoni, direttament marbut mal-valur fis-suq tal-beni inklużi fis-

---

[147] Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE").

[148] Skont din id-dispożizzjoni:

"1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 63 m'għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta' l-Istati Membri:

a) li japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li mhumiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit;

b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jevitaw il-ksur tal-liġi u tar-regolamenti nazzjonali, partikolarment fil-qasam fiskali u fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji, jew li jimponu proċeduri għal finijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew ta' statistika għad-dikjarazzjoni ta' movimenti ta' kapital, jew li jieħdu miżuri li jkunu ġustifikabbli minħabba fl-interess pubbliku jew is-sigurtà pubblika.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ta' restrizzjoni fuq id-dritt ta' stabbiliment li huma kompatibbli mat-Trattati. […]"

suċċessjoni. Konsegwentement, oġġettivament ma teżisti ebda differenza fis-sitwazzjoni li tista' tiġġustifika inugwaljanza fit-trattament fiskali f'dak li jirrigwarda l-livell tat-taxxa tas-suċċessjoni dovuta fir-rigward, rispettivament, ta' proprjetà immobbli li tinsab fil-Ġermanja, fi Stat Membru ieħor jew fi Stat parti għall-Ftehim ŻEE, u ta' proprjetà immobbli li tinsab fi Stat terz li ma jkunx wieħed mill-Istati partijiet għall-Ftehim ŻEE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, li jiġi aċċettat li sitwazzjonijiet ma jkunux paragunabbli minħabba s-sempliċi fatt li l-proprjetà immobbli inkwistjoni tinsab fi Stat terz li ma jkunx Stat parti għall-Ftehim ŻEE, filwaqt li l-Artikolu 63(1) TFUE jipprojbixxi preċiżament ir-restrizzjonijiet għall-moviment tal-kapital transkonfinali, iċaħħad lil din id-dispożizzjoni mill-kontenut tagħha.

Billi qieset, għalhekk, li d-differenza fit-trattament inkwistjoni kienet tikkonċerna sitwazzjonijiet oġġettivament paragunabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat, sussegwentement, jekk kienx possibbli li t-trattament differenti ta' dawn is-sitwazzjonijiet ikun iġġustifikat permezz ta' raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

F'dan ir-rigward, hija fakkret, minn naħa, li rekwiżiti marbuta mal-politika tal-akkomodazzjoni soċjali ta' Stat Membru u mal-finanzjament tagħha jistgħu, bħala prinċipju, jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Bl-istess mod, peress li l-Unjoni għandha għan ekonomiku u soċjali, id-drittijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertajiet ta' moviment għandhom jiġu bbilanċjati mal-għanijiet imfittxija mill-politika soċjali, li fosthom hemm, b'mod partikolari, protezzjoni soċjali adegwata. Fir-rigward tal-Ftehim ŻEE, huwa fid-dawl tar-relazzjonijiet privileġġati bejn l-Unjoni u l-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li għandu jinftiehem wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu, jiġifieri li s-suq intern miksub fit-territorju tal-Unjoni jiġi estiż għall-Istati tal-EFTA. B'hekk, għan relatat mal-politika soċjali, bħall-promozzjoni u l-provvista ta' akkomodazzjoni b'kera raġonevoli fl-Istati Membri u fl-Istati partijiet għall-Ftehim ŻEE, jista', bħala prinċipju, jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjonijiet għal-libertà ta' moviment tal-kapital. Madankollu, ma kienx jidher li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni kienet xierqa sabiex tiggarantixxi, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq ta' dan l-għan. B'mod partikolari, din il-leġiżlazzjoni, li kienet tapplika b'mod ġenerali, ma kinitx marbuta ma' postijiet fejn in-nuqqas ta' akkomodazzjoni b'kera raġonevoli kien partikolarment evidenti, bħal fl-ibliet il-kbar Ġermaniżi. Barra minn hekk, kull kategorija ta' proprjetà immobbli mikrija għal finijiet residenzjali, mill-iktar sempliċi sal-iktar lussuża, tista' tkun is-suġġett tal-evalwazzjoni għal 90 % tal-valur fis-suq tagħha għall-finijiet tal-kalkolu tat-taxxa tas-suċċessjoni. Barra minn hekk, ma kienx jidher li din il-leġiżlazzjoni tobbliga lill-werrieta jżommu r-residenza tagħhom għal ċertu perijodu u jużawha għal finijiet ta' kiri, b'tali mod li dawn ikunu jistgħu, wara li jkunu bbenefikaw mill-vantaġġ fiskali inkwistjoni, ibiegħu din l-akkomodazzjoni jew jużawha bħala residenza sekondarja. Għalhekk, dan il-vantaġġ fiskali ma setax jitqies li kien iġġustifikat mill-għan tal-promozzjoni u tal-provvista ta' akkomodazzjoni b'kera raġonevoli fl-Istati Membri u fl-Istati partijiet għall-Ftehim ŻEE.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-raġuni imperattiva ta' interess ġenerali marbuta man-neċessità li tiġi ggarantita l-effikaċja tal-kontrolli fiskali ma setgħetx tiġġustifika r-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ikkawżata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Wara li fakkret id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim fiskali bejn il-Ġermanja u l-Kanada [149], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-fatt, li l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu f'pożizzjoni li jitolbu lill-awtoritajiet Kanadiżi kompetenti l-informazzjoni neċessarja sabiex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienu ssodisfatti sabiex jingħata l-vantaġġ fiskali ċċitat iktar 'il fuq meta l-proprjetà immobbli tkun tinsab fil-Kanada.

---

[149] Ftehim bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Kanada għall-ħelsien mit-taxxa doppja fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul u ta' ċerti taxxi oħra, għall-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali u għall-provvista ta' assistenza fil-qasam tat-taxxa, konkluż f'Berlin fid-19 ta' April 2001 (BGBl. 2002 II, p. 670).

# IV. Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni

## 1. Politika tal-ażil

### Sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Refuġjat li wettaq delitt serju) (C-663/21, EU:C:2023:540)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2011/95/UE – Standards dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja – Artikolu 14(4)(b) – Revoka tal-istatus ta' refuġjat – Ċittadin ta' pajjiż terz ikkundannat permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment serju – Theddida għas-soċjetà – Stħarriġ tal-proporzjonalità – Direttiva 2008/115/UE – Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu b'mod irregolari – Posponiment tat-tneħħija"*

### Sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Refuġjat li wettaq delitt serju) (C-8/22, EU:C:2023:542)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2011/95/UE – Regoli dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja – Artikolu 14(4)(b) – Revoka tal-istatus ta' refuġjat – Ċittadin ta' pajjiż terz ikkundannat permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment serju – Theddida għas-soċjetà – Stħarriġ tal-proporzjonalità"*

### Sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Delitt partikolarment serju) (C-402/22, EU:C:2023:543)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2011/95/UE – Standards dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja – Artikolu 14(4)(b) – Revoka tal-istatus ta' refuġjat – Ċittadin ta' pajjiż terz ikkundannat permezz ta' sentenza finali għal delitt partikolarment serju – Theddida għas-soċjetà – Stħarriġ tal-proporzjonalità"*

Fil-kuntest tal-kawża *Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Refuġjat li wettaq delitt serju)* (C-663/21), f'Diċembru 2015, AA ngħata l-istatus ta' refuġjat fl-Awstrija. Bejn Marzu 2018 u Ottubru 2020, huwa ġie kkundannat diversi drabi għal pieni ta' priġunerija u kkundannat għall-ħlas ta' multa għal diversi delitti li jinkludu, b'mod partikolari, dawk ta' theddid serju, ta' distruzzjoni jew ta' degradazzjoni tal-proprjetà ta' ħaddieħor, ta' użu pprojbit ta' drogi, ta' traffikar ta' drogi, ta' offiża fuq il-persuna, kif ukoll ta' aġir aggressiv fil-konfront ta' uffiċjal tal-pulizija.

Permezz ta' deċiżjoni adottata f'Settembru 2019, l-awtorità kompetenti Awstrijaka rtirat l-istatus ta' refuġjat ta' AA, ħadet deċiżjoni ta' ritorn flimkien ma' projbizzjoni ta' residenza fil-konfront tiegħu u ffissat terminu għal tluq volontarju, filwaqt li ddikjarat li t-tneħħija tiegħu ma kinitx awtorizzata.

Wara rikors ippreżentat minn AA, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), permezz ta' sentenza mogħtija f'Mejju 2021, annullat id-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq ta' Settembru 2019. Din il-qorti kkonstatat li AA kien ġie kkundannat permezz ta' sentenza finali talli wettaq delitt partikolarment serju u li huwa kien ta' theddida għas-soċjetà. Madankollu, hija qieset li kellhom jiġu bbilanċjati l-interessi tal-Istat Membru ospitanti u dawk tal-persuna kkonċernata li tibbenefika minn protezzjoni internazzjonali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-miżuri li hija kienet ser tiġi esposta għalihom li kieku kellha tiġi rrevokata din il-protezzjoni. Issa, peress li AA, li kieku kellu jirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, kien ikun f'riskju ta' tortura jew ta' mewt, l-imsemmija qorti qieset li l-interessi tiegħu kienu jipprevalu fuq dawk tal-Awstrija. L-awtorità kompetenti Awstrijaka ppreżentat rikors għal reviżjoni kontra din is-sentenza quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija).

Fil-kuntest tal-kawża *Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Refuġjat li wettaq delitt serju)* (C-8/22), fi Frar 2007, XXX ingħata l-istatus ta' refuġjat fil-Belġju. Permezz ta' sentenza mogħtija f'Diċembru 2010, huwa ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' 25 sena, b'mod partikolari, għal serq bi vjolenza ta' diversi oġġetti mobbli u omiċidju volontarju bil-għan li jiġi ffaċilitat dan is-serq jew li jiżgura li ma jiġix ikkastigat għal għemilu.

Permezz ta' deċiżjoni adottata f'Mejju 2016, l-awtorità kompetenti Belġjana rtiratlu l-istatus ta' refuġjat. XXX ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju) li, permezz ta' sentenza mogħtija f'Awwissu 2019, ċaħad l-imsemmi rikors. Din il-qorti qieset li l-perikolu li jirrappreżenta XXX għas-soċjetà kien jirriżulta mill-kundanna tiegħu għal delitt partikolarment serju, b'tali mod li l-imsemmija awtorità ma kellhiex l-obbligu li turi li dan jikkostitwixxi perikolu reali, attwali u suffiċjentement serju għas-soċjetà. Għall-kuntrarju, kien XXX li kellu jistabbilixxi li, minkejja din il-kundanna, huwa ma kienx għadu jikkostitwixxi tali perikolu. XXX ippreżenta appell ta' kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju).

Fil-kuntest tal-kawża *Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Delitt partikolarment serju)* (C-402/22), f'Lulju 2018, M.A. ressaq applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Pajjiżi l-Baxxi. F'Ġunju 2020, l-awtorità kompetenti tal-Pajjiżi l-Baxxi ċaħdet din l-applikazzjoni minħabba li l-applikant, matul is-sena 2018, kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' 24 xahar talli, matul l-istess lejl, wettaq tliet attentati għall-pudur, tentattiv ta' attentat għall-pudur u serq ta' telefon ċellulari.

Wara rikors ippreżentat minn M.A., id-deċiżjoni ta' Ġunju 2020 ġiet annullata minn qorti tal-ewwel istanza minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni. L-awtorità kompetenti tal-Pajjiżi l-Baxxi appellat minn din is-sentenza quddiem ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi). Hija sostniet, minn naħa, li l-fatti li kien mixli bihom M.A. kellhom jitqiesu li kienu ksur uniku li jikkostitwixxi delitt partikolarment serju u, min-naħa l-oħra, li l-kundanna għal delitt partikolarment serju turi, bħala prinċipju, li M.A. kien ta' theddida għas-soċjetà.

F'dawn it-tliet kawżi, il-qrati tar-rinviju staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar il-kundizzjonijiet li kienet suġġetta għalihom ir-revoka tal-istatus ta' refuġjat skont l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 [150], kif ukoll dwar il-bilanċ, f'dan il-kuntest, bejn l-interessi tal-Istat Membru ospitanti u dawk tal-persuna kkonċernata li tibbenefika minn protezzjoni internazzjonali.

Permezz ta' dawn it-tliet sentenzi mogħtija fl-istess jum, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal dawn id-domandi, billi fissret, minn naħa, il-kunċetti ta' "delitt partikolarment serju" u ta' "theddida għas-soċjetà", kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-portata tal-istħarriġ tal-proporzjonalità li għandu jitwettaq f'dan il-kuntest. Hija spjegat ukoll ir-relazzjoni bejn ir-revoka tal-istatus ta' refuġjat u l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabel kollox, li, sabiex japplika l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, għandhom jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet distinti, jiġifieri li, minn naħa, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz

---

[150] Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9). L-Artikolu 14(4)(b) ta' din id-direttiva jipprovdi li "[l]-Istati Membri jistgħu jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus mogħti lil refuġjat minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, meta: […] hija, wara li tkun instabet ħatja minn sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikkostitwixxi periklu għall-komunità ta' dak l-Istat Membru".

ikkonċernat ikun ġie kkundannat permezz ta’ sentenza finali għal delitt partikolarment serju u li, min-naħa l-oħra, ikun ġie stabbilit li dan iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikun ta’ theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru li jkun jinsab fih. Għalhekk, ma jistax jitqies li l-fatt li l-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet tkun issodisfatta jkun biżżejjed biex jiġi stabbilit li t-tieni waħda tiġi ssodisfatta wkoll. Tali interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni tirriżulta kemm mill-kliem tagħha kif ukoll mill-paragun tagħha mal-kliem tal-Artikolu 12(2)(b) [151] u dak tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2011/95 [152].

Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, il-kunċett ta’ “delitt partikolarment serju” għandu, fin-nuqqas ta’ riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tiegħu, normalment jingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi. Minn naħa, it-terminu “delitt”, skont is-sens ordinarju tiegħu, jikkaratterizza, f’dan il-kuntest, att jew ommissjoni li jikkostitwixxu ksur serju tal-ordinament ġuridiku tas-soċjetà kkonċernata u li jiġi, minħabba f’hekk, issanzjonat kriminalment bħala tali fi ħdan din is-soċjetà. Min-naħa l-oħra, l-espressjoni “partikolarment serju”, sa fejn iżżid żewġ klassifikazzjonijiet ma’ dan il-kunċett ta’ “delitt”, tirreferi għal delitt ta’ gravità eċċezzjonali.

Fir-rigward tal-kuntest li fih jintuża l-kliem “delitt partikolarment serju”, hemm lok, minn naħa, li tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 2011/95, li jirreferi għal “delitt serju mhux politiku” u dwar l-Artikolu 17(1)(b) ta’ din id-direttiva, li jirreferi għal “delitt serju”, peress li dawn iż-żewġ artikoli għandhom ukoll l-għan li jċaħħdu mill-protezzjoni internazzjonali lil ċittadin ta’ pajjiż terz li jkun wettaq delitt li jippreżenta ċertu livell ta’ gravità. Min-naħa l-oħra, mill-paragun tal-Artikoli 12, 14, 17 u 21 tad-Direttiva 2011/95 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni impona rekwiżiti differenti fir-rigward tal-livell ta’ gravità tad-delitti li jistgħu jiġu invokati sabiex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni ta’ raġuni ta’ esklużjoni jew ta’ revoka tal-protezzjoni internazzjonali jew li jiġi rritornat refuġjat. B’hekk, l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2011/95 isemmi t-twettiq ta’ “delitt wieħed jew aktar” u l-Artikolu 12(2)(b) u l-Artikolu 17(1)(b) ta’ din id-direttiva jirreferu għat-twettiq ta’ “delitt serju”. Minn dan jirriżulta li l-użu, fl-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, tal-espressjoni “delitt partikolarment serju” jixhed l-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jissuġġetta l-applikazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni għas-sodisfazzjon, b’mod partikolari, ta’ kundizzjoni partikolarment rigoruża, marbuta mal-eżistenza ta’ kundanna definittiva għal delitt li jippreżenta gravità eċċezzjonali, superjuri għal dik tad-delitti li jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar ’il fuq ta’ din id-direttiva.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-livell ta’ gravità ta’ delitt fid-dawl tal-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, din għandha, mingħajr dubju, issir abbażi ta’ standard u ta’ kriterji komuni. Madankollu, sa fejn id-dritt kriminali tal-Istati Membri ma huwiex is-suġġett ta’ miżuri ġenerali ta’ armonizzazzjoni, hija għandha ssir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għażliet magħmula, fil-kuntest tas-sistema kriminali tal-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward tal-identifikazzjoni tad-delitti li, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, jippreżentaw gravità eċċezzjonali, sa fejn dawn ikunu l-iktar ta’ ħsara għall-ordinament ġuridiku tas-soċjetà.

---

[151] L-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi b’mod espliċitu li ċittadin ta’ pajjiż terz għandu jiġi eskluż mill-istatus ta’ refuġjat meta huwa jkun wettaq delitt serju mhux politiku barra mill-pajjiż ta’ refuġju qabel ma jitħalla jidħol bħala refuġjat, mingħajr ma jeżiġi bl-ebda mod li dan tal-aħħar ikun ta’ perikolu għas-soċjetà tal-Istat Membru li jinsab fih.

[152] L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2011/95, dwar l-għoti ta’ protezzjoni sussidjarja, li tista’ toffri protezzjoni iktar limitata mill-istatus ta’ refuġjat, jirreferi, fis-subparagrafu (b) tiegħu, għat-twettiq ta’ delitt serju u, fis-subparagrafu (d) tiegħu, għall-eżistenza ta’ theddida għas-soċjetà, liema elementi huma ppreżentati b’mod espliċitu bħala kundizzjonijiet alternattivi li kull waħda minnhom, meħuda waħedha, timplika l-esklużjoni mill-benefiċċju tal-protezzjoni sussidjarja.

Fi kwalunkwe każ, peress li din id-dispożizzjoni tirreferi għal kundanna definittiva għal "delitt partikolarment serju" fis-singular, il-livell ta' gravità ta' delitt ma jistax jintlaħaq permezz ta' kumulu ta' delitti distinti li ebda wieħed minnhom ma jikkostitwixxi delitt partikolarment serju.

Fl-aħħar nett, sabiex jiġi evalwat il-livell ta' gravità ta' tali delitt, għandhom jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni. F'dan ir-rigward, għandhom rilevanza sinjifikattiva, b'mod partikolari, il-motivi tad-deċiżjoni ta' kundanna, in-natura, kif ukoll l-ammont tal-piena inflitta u l-piena mogħtija, in-natura tad-delitt, iċ-ċirkustanzi kollha tat-twettiq ta' dan id-delitt, in-natura intenzjonali jew le ta' dan id-delitt, kif ukoll in-natura u l-portata tad-danni li huwa jkun ikkawża.

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, marbuta mal-fatt li jkun ġie stabbilit li ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida għas-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fl-ewwel lok, li miżura msemmija fl-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 tista' tiġi adottata biss meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ta' theddida reali, attwali u suffiċjentement gravi għal xi interess fundamentali tas-soċjetà ta' dan l-Istat Membru. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, b'mod partikolari, li mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li din tapplika biss meta dan iċ-ċittadin "jikkostitwixxi" theddida għas-soċjetà, fatt li jindika li din it-theddida għandha tkun reali u attwali. Għaldaqstant, iktar ma deċiżjoni skont din id-dispożizzjoni ddum ma tittieħed minn meta tinqata' l-kundanna definittiva għal delitt partikolarment serju, iktar għandha l-awtorità kompetenti tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-iżviluppi li jkunu seħħew wara t-twettiq ta' tali delitt, sabiex jiġi ddeterminat jekk teżistix theddida reali u suffiċjentement serja fil-ġurnata li fiha hija jkollha tagħti deċiżjoni dwar l-eventwali revoka tal-istatus ta' refuġjat. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha wkoll, f'dan ir-rigward, fuq il-fatt li minn paragun ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95 mal-Artikolu 14(4)(b) tagħha kien jirriżulta li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar hija suġġetta għal kundizzjonijiet rigorużi.

Fit-tieni lok, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tal-awtorità kompetenti u taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-eżistenza tat-theddida, hija l-awtorità kompetenti li, sabiex tapplika l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, għandha twettaq, għal kull każ individwali, evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha ta' dan il-każ. F'dan il-kuntest, din l-awtorità għandha jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha u għandha twettaq l-evalwazzjoni tagħha ta' dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex tiddetermina s-sens tad-deċiżjoni tagħha kif ukoll sabiex timmotivaha b'mod sħiħ.

Fl-aħħar lok, il-possibbiltà għall-Istat Membru li jadotta l-miżura prevista fl-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 għandha tiġi eżerċitata b'osservanza, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li jimplika bilanċ bejn, minn naħa, it-theddida li jikkostitwixxi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għas-soċjetà tal-Istat Membru li jkun jinsab fih u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet li għandhom jiġu ggarantiti lill-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet sostantivi tal-Artikolu 2(d) tal-imsemmija direttiva. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha wkoll tieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tara jekk ikunx possibbli li jiġu adottati miżuri oħra inqas ta' ħsara għad-drittijiet iggarantiti lir-refuġjati u għad-drittijiet fundamentali li jkunu daqstant ieħor effettivi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti.

Madankollu, meta tadotta tali miżura, l-imsemmija awtorità ma hijiex obbligata, barra minn hekk, li tivverifika li l-interess pubbliku li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jipprevali fuq l-interess ta' dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jżomm il-protezzjoni internazzjonali, fid-dawl tal-portata u tan-natura tal-miżuri li dan tal-aħħar jista' jiġi espost għalihom li kieku kellu jirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Fil-fatt, il-konsegwenzi, għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jew għas-soċjetà tal-Istat Membru li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jinsab fih, tar-ritorn eventwali tiegħu fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu ma humiex intiżi li jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tittieħed id-deċiżjoni ta' revoka tal-istatut ta' refuġjat, iżda, jekk ikun il-każ, meta l-awtorità kompetenti tkun biħsiebha tieħu deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward tal-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95 jikkorrispondi parzjalment għar-raġunijiet ta' tkeċċija li jinsabu fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève [153]. Għalhekk, sa fejn tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tipprevedi, fil-każijiet imsemmija fiha, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrevokaw l-istatus ta' refuġjat, filwaqt li tat-tieni tippermetti r-ritorn ta' refuġjat li jinsab f'wieħed minn dawn il-każijiet lejn pajjiż li fih ħajtu jew il-libertà tiegħu tiġi mhedda, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi protezzjoni internazzjonali tar-refuġjati kkonċernati iktar wiesgħa minn dik żgurata mill-Konvenzjoni ta' Genève. Konsegwentement, l-awtorità kompetenti tista', konformement mad-dritt tal-Unjoni, tkun intitolata tirrevoka, skont l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2011/95, l-istatus ta' refuġjat mogħti lil ċittadin ta' pajjiż terz, mingħajr madankollu ma tkun neċessarjament awtorizzata li tneħħi lil dan tal-aħħar lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Barra minn hekk, tali tneħħija timplika, mil-lat proċedurali, l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn, b'osservanza tal-garanziji sostantivi u proċedurali previsti mid-Direttiva 2008/115 [154], li tipprevedi, b'mod partikolari, fl-Artikolu 5 tagħha, li l-Istati Membri, meta jiġu biex jimplimentaw din id-direttiva, huma marbuta josservaw il-prinċipju ta' non-refoulement. Għaldaqstant, ir-revoka tal-istatus ta' refuġjat, skont l-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2011/95, ma tistax titqies li timplika t-teħid ta' pożizzjoni fir-rigward tal-kwistjoni distinta dwar jekk din il-persuna tistax titneħħa lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jipprekludi li tittieħed deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz fejn ikun stabbilit li t-tneħħija ta' dan tal-aħħar lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni previst tkun, bis-saħħa tal-prinċipju ta' non-refoulement, eskluża għal żmien indeterminat.

## 2. Politika ta' immigrazzjoni

### Sentenza tat-18 ta' April 2023, Afrin (C-1/23 PPU, EU:C:2023:296).

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Politika tal-immigrazzjoni – Direttiva 2003/86/KE – Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja – Artikolu 5(1) – Preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal dħul u għal residenza għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi l-obbligu għall-membri tal-familja tal-isponsor li jippreżentaw l-applikazzjoni personalment quddiem ir-rappreżentanza diplomatika kompetenti ta' dan l-Istat Membru – Impossibbiltà jew diffikultà eċċessiva li persuna tmur quddiem l-imsemmija rappreżentanza – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 7 u 24"*

X u Y, ċittadini Sirjani, iżżewġu fl-2016 fis-Sirja. Huma kellhom żewġt itfal, li twieldu rispettivament fl-2016 u fl-2018. Fl-2019, Y telaq mis-Sirja sabiex imur fil-Belġju, filwaqt li X u ż-żewġ uliedhom baqgħu

---

[153] L-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 [Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)], li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954, ikkompletata mill-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève") jipprovdi: "1. Ebda wieħed mill-Istati Kontraenti ma għandu jkeċċi jew jirritorna ('refouler'), bi kwalunkwe mod, refuġjat lejn il-fruntieri tat-territorji fejn il-ħajja jew il-libertà tiegħu tkun mhedda minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu, l-appartenenza tiegħu fi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni politika tiegħu. 2. Madankollu, il-benefiċċju ta' din id-dispożizzjoni ma jistax jiġi invokat minn refuġjat li fir-rigward tiegħu jkun hemm raġunijiet serji li jitqies li jkun perikolu għas-sigurtà tal-pajjiż fejn ikun jinsab jew li, minħabba li kien is-suġġett ta' kundanna definittiva għal delitt partikolarment serju, jikkostitwixxi theddida għall-komunità tal-imsemmi pajjiż." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[154] Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98)

fil-belt ta' Afrin, fil-Majjistral tas-Sirja, fejn kienu attwalment għadhom jgħixu. F'Awwissu 2022, lil Y ġiet irrikonoxxuta l-kwalità ta' refuġjat fil-Belġju.

Permezz ta' ittra elettronika tat-28 ta' Settembru 2022, indirizzata lill-Offices des étrangeres (l-Uffiċċju tal-Barranin, il-Belġju, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju"), l-avukat tar-rikorrenti ppreżenta applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja f'isem X kif ukoll f'isem iż-żewġ ulied, sabiex ikunu jistgħu jingħaqdu ma' Y fil-Belġju. Din l-ittra elettronika kienet tinkludi l-preċiżazzjoni li l-applikazzjoni kienet qiegħda tiġi ppreżentata mill-avukat tar-rikorrenti quddiem l-Uffiċċju, peress li X u wliedha kienu jinsabu f'ċirkustanzi eċċezzjonali li effettivament kienu jipprekluduhom milli jmorru quddiem rappreżentanza diplomatika Belġjana sabiex hemmhekk jippreżentaw l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja tagħhom, kif kien meħtieġ mil-leġiżlazzjoni Belġjana.

Fid-29 ta' Settembru 2022, l-Uffiċċju wieġeb li, skont din il-leġiżlazzjoni, ma kienx possibbli li tiġi ppreżentata tali applikazzjoni permezz tal-posta elettronika u stieden lir-rikorrenti jikkuntattjaw l-ambaxxata Belġjana kompetenti. Permezz ta' azzjoni għal miżuri provviżorji tad-9 ta' Novembru 2022, ir-rikorrenti ppreżentaw kawża kontra l-Istat Belġjan quddiem il-qorti tar-rinviju, sabiex jiksbu r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom għar-riunifikazzjoni tal-familja. Huma qiesu li l-leġiżlazzjoni Belġjana, li ma kinitx tippermetti lill-membri tal-familja ta' refuġjat jippreżentaw applikazzjoni għal dħul u għal residenza personalment biss u quddiem rappreżentanza diplomatika, anki meta kien impossibbli għal dawn il-persuni li jmorru hemmhekk, ma kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Il-qorti tar-rinviju kkonfermat li, skont id-dritt Belġjan, ebda deroga mill-obbligu ta' preżenza fiżika fil-bidu tal-proċedura ma kienet prevista f'sitwazzjoni bħal dik f'din il-kawża. Madankollu, din il-qorti osservat li X u wliedha ma kellhom ebda possibbiltà reali li jitilqu minn Afrin sabiex imorru quddiem rappreżentanza diplomatika Belġjana kompetenti, peress li l-pajjiżi konfinanti li kienu jilqgħu dawn ir-rappreżentanzi ma kinux siguri għall-persuni li ħarbu mis-Sirja jew kienu rriżultaw inaċċessibbli, minħabba passaġġ neċessarju minn linja ta' front ta' ġlied. Għalkemm l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2003/86 [155] iħalli f'idejn l-Istati Membri jiddeterminaw min, mill-isponsor jew mill-membri tal-familja tiegħu, seta' jippreżenta applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja, f'dan il-każ, l-għażla magħmula mil-leġiżlatur Belġjan kienet twassal sabiex lil X u lil uliedha kienet ġiet irrifjutata kull possibbiltà li jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom. Il-qorti tar-rinviju għalhekk fittxet li tistabbilixxi jekk dan ir-rifjut kienx jikkomprometti l-effett utli ta' din id-direttiva jew jekk kienx jikser id-drittijiet fundamentali [156] li kienet intiża li tipproteġi.

Fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li d-Direttiva 2003/86 [157], moqrija flimkien mal-Karta [158], tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi, għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal dħul u għal residenza abbażi tar-riunifikazzjoni tal-familja, li l-membri tal-familja tal-isponsor, b'mod partikolari ta' refuġjat irrikonoxxut, imorru personalment quddiem ir-rappreżentanza diplomatika jew konsulari ta' Stat Membru kompetenti għall-post tar-residenza tagħhom jew tar-residenza tagħhom barra mill-pajjiż anki jekk ikun impossibbli jew eċċessivament diffiċli għalihom li jmorru quddiem din ir-rappreżentanza. Madankollu,

[155] Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224).

[156] Għalhekk kienu intiżi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, iggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), id-dritt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi superjuri tal-wild, kif ukoll dak, għal dan il-wild, li jkollu regolarment relazzjoni personali maż-żewġ ġenituri tiegħu, stabbiliti fl-Artikolu 24 tagħha.

[157] Jiġifieri l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2003/86.

[158] Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-Artikoli 7 u 24(2) u (3) tal-Karta.

dan l-Istat Membru jżomm il-possibbiltà li jeżiġi li dawn il-membri jidhru personalment fi stadju sussegwenti tal-proċedura ta' applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, sabiex jintlaħaq l-għan tad-Direttiva 2003/86 li tiġi promossa r-riunifikazzjoni tal-familja, l-Istati Membri għandhom juru, f'sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-flessibbiltà neċessarja sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu effettivament jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għal riunifikazzjoni tal-familja fi żmien xieraq, billi jiffaċilitaw il-preżentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u billi jaċċettaw, b'mod partikolari, l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod. Fil-fatt, fl-assenza ta' tali flessibbiltà, ir-rekwiżit ta' dehra personali quddiem rappreżentanza diplomatika jew konsolari kompetenti matul il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ma jippermettix li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-eventwali ostakoli li jistgħu jipprekludu l-preżentazzjoni effettiva ta' tali applikazzjoni, b'mod partikolari meta l-membri tal-familja tal-isponsor jkunu f'pajjiż ikkaratterizzat minn kunflitt armat. Minbarra dan, fir-rigward tas-sitwazzjoni partikolari tar-refuġjati, l-assenza ta' kwalunkwe flessibbiltà min-naħa tal-Istat Membru kkonċernat, li tipprekludi lill-membri tal-familja tagħhom milli jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għar-riunifikazzjoni tal-familja irrispettivament miċ-ċirkustanzi, jista' jkollha bħala konsegwenza li l-persuni kkonċernati ma jirnexxielhomx josservaw it-terminu previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86 [159], li jimplika li r-riunifikazzjoni tal-familja tagħhom tista' tkun suġġetta għal kundizzjonijiet addizzjonali bi ksur tal-għan li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tar-refuġjati. B'konsegwenza ta' dan, ir-rekwiżit ta' dehra personali fil-mument tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għar-riunifikazzjoni, mingħajr ma jkunu ammessi derogi li jippermettu li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni konkreta tal-membri tal-familja tal-isponsor, iwassal sabiex fil-prattika jkun impossibbli l-eżerċizzju tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja, b'mod li tali leġiżlazzjoni, applikata mingħajr il-flessibbiltà neċessarja, tippreġudika l-għan imfittex mid-Direttiva 2003/86 u ċċaħħadha mill-effett utli tagħha.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li dispożizzjoni nazzjonali li tirrikjedi, mingħajr eċċezzjonijiet, id-dehra personali tal-membri tal-familja tal-isponsor għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja, anki meta din id-dehra tkun impossibbli jew eċċessivament diffiċli, tikser id-dritt għar-rispett tal-unità tal-familja stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, moqri, skont il-każ, flimkien mal-Artikolu 24(2) u (3) tagħha. Fil-fatt tali obbligu jikkostitwixxi ndħil sproporzjonat fid-dritt għar-rispett tal-unità tal-familja meta mqabbel mal-għan, ċertament leġittimu, li tiġi miġġielda l-frodi marbuta mar-riunifikazzjoni tal-familja. Billi l-proċedura ta' applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja tiżvolġi fi stadji, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li membri tal-familja tal-isponsor jidhru personalment fi stadju sussegwenti ta' din il-proċedura, mingħajr ma jkun neċessarju

---

159 Skont din id-dispożizzjoni, "[s]tati Membri jistgħu jirrikjedu li r-refuġjat jissodisfa l-kondizzjonijiet li jirreferi għalihom l-Artikolu 7(1) jekk l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ma tkunx issottomessa fi żmien perjodu ta' tliet xhur wara l-għoti ta' l-istatus ta' refuġjat." Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 7(1) tal-istess Direttiva 2003/86 jipprovdi: "Meta l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja tkun issottomessa, l-Istat Membru kkonċernat jista' jirrikjedi l-persuna li tkun issottomettiet l-applikazzjoni biex tipprovdi xiehda li l-isponsor għandu:

(a) akkomodazzjoni meqjusa bħala normali għal familja komparabbli fl-istess reġjun u li tissodisfa l-istandards ġenerali ta' saħħa u sigurta fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) assigurazzjoni kontra l-mard fir-rigward tar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini tiegħu stess fl-Istat Membru kkonċernat għalih innifsu/għaliha nnifisha u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha;

(c) riżorsi stabbli u regolari li huma suffiċjenti biex iżomm lilu nnifsu/lilha nnifisha u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha, mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat. Stati Membri għandhom jistmaw dawn ir-riżorsi b'referenza għan-natura u r-regolarita tagħhom u jistgħu jqisu il-livell ta' pagi minimi nazzjonali u penjonijiet kif ukoll in-numru ta' membri tal-familja."

li tiġi imposta, għall-finijiet tal-ipproċessar tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja, tali dehra sa mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni. Madankollu, sabiex ma jiġux ippreġudikati l-għan imfittex mid-Direttiva 2003/86 li tiġi promossa r-riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet fundamentali li din hija intiża li tipproteġi, meta l-Istat Membru jeżiġi d-dehra personali tal-membri tal-familja tal-isponsor fi stadju sussegwenti, dan l-Istat Membru għandu jiffaċilita din id-dehra, b'mod partikolari permezz tal-ħruġ ta' dokumenti konsolari jew ta' laissez-passer, u għandu jnaqqas in-numru ta' dehriet għal dak li jkun strettament neċessarju.

### Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Stadt Frankfurt am Main u Stadt Offenbach am Main (Tiġdid ta' permess ta' residenza fit-tieni Stat Membru) (C-829/21 u C-129/22, EU:C:2023:525)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-immigrazzjoni – Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti fit-tul – Direttiva 2003/109/KE – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4), Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(4), Artikolu 19(2) u Artikolu 22 – Dritt ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-istatus ta' resident fit-tul fi Stat Membru – Għoti mill-ewwel Stat Membru ta' 'permess ta' residenza tal-UE għal resident fit-tul' għal żmien illimitat – Ċittadin ta' pajjiż terz assenti mit-territorju tal-ewwel Stat Membru matul perijodu ta' iktar minn sitt snin – Telf konsekuttiv tad-dritt għall-istatus ta' resident fit-tul – Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess ta' residenza maħruġ mit-tieni Stat Membru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/109/KE – Ċaħda tal-applikazzjoni mit-tieni Stat Membru minħabba t-telf ta' dan id-dritt – Kundizzjonijiet"*

TE, ċittadina Ganjana, u EF, ċittadin Pakistani, kisbu permess ta' residenza tal-UE bħala resident fit-tul fl-Italja li, fost l-oħrajn, kien jinkludi l-kelma "*illimitata*" ([żmien] illimitat). Fl-2013 u fl-2014 rispettivament, huma daħlu fit-territorju Ġermaniż, mill-Italja. Abbażi tal-istatus tagħhom ta' resident fit-tul maħruġ fl-Italja, l-awtoritajiet Ġermaniżi tawhom, skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża fil-qasam tar-residenza tal-barranin [160], permess ta' residenza validu għal sena.

Sussegwentement, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu l-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-permessi ta' residenza ta' TE u EF. Dawn tal-aħħar ikkontestaw ġudizzjarment in-nuqqas ta' tiġdid. B'mod partikolari, fir-rigward ta' EF, iċ-ċaħda tat-tiġdid kienet ibbażata fuq ir-raġuni, prevista mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2003/109 [161], li huwa kien tilef id-dritt għall-istatus ta' resident fit-tul fl-Italja peress li huwa kien ilu iktar minn sitt snin ma jirrisjedi f'dan l-Istat Membru. L-istess raġuni tqajmet kontra TE fil-kuntest tal-proċedura li tikkonċerna l-kontestazzjoni taċ-ċaħda tal-applikazzjoni għal tiġdid tagħha.

Il-qrati Ġermaniżi aditi, rispettivament, b'rikorsi ta' TE u EF, jiġifieri l-Hessischer Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Superjuri ta' Hessen, il-Ġermanja) u l-Verwaltungsgericht Darmstadt (il-Qorti Amministrattiva ta' Darmstadt, il-Ġermanja), iddeċidew li jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/109.

[160] Gesetz über den Aufenthalt, die Erwerbstätigkeit und die Integration von Ausländern im Bundesgebiet (il-Liġi dwar ir-Residenza, ix-Xogħol u l-Integrazzjoni tal-Barranin fit-Territorju Federali), tat-30 ta' Lulju 2004 (BGBl. 2004 I, p. 1950), fil-verżjoni applikabbli għall-kawżi prinċipali.

[161] Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272), kif emendata bid-Direttiva 2011/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 (ĠU 2011, L 132, p. 1).

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet li hija suġġetta għalihom deċiżjoni, bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li tirrifjuta t-tiġdid ta' permess ta' residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz minħabba li dan ikun assenti mit-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-istatus ta' resident fit-tul matul perijodu ta' iktar minn sitt snin u jkun, għalhekk, tilef id-dritt għal dan l-istatus.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-benefiċċju tad-dritt għall-istatus ta' resident fit-tul fl-"ewwel Stat Membru" [162] huwa kundizzjoni imperattiva li għandha tiġi ssodisfatta minn qabel minn ċittadin ta' pajjiż terz li jkun jixtieq jikseb jew iġedded permess ta' residenza fit-"tieni Stat Membru" [163] skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/109. Konsegwentement, jekk it-tieni Stat Membru jikkonstata li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun tilef id-dritt tiegħu għall-istatus ta' resident għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru għar-raġuni, b'mod partikolari, kif jipprevedi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2003/109, li huwa kien assenti mit-territorju tal-ewwel Stat Membru matul perijodu ta' iktar minn sitt snin, din il-konstatazzjoni tostakola t-tiġdid ta' tali permess ta' residenza.

Sussegwentement, fir-rigward tad-data rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar id-dritt għall-istatus ta' resident fit-tul, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din hija d-data tal-preżentazzjoni, miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, tal-applikazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-permess ta' residenza skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/109. Madankollu, xejn ma jipprekludi lit-tieni Stat Membru milli jadotta deċiżjoni ġdida li tirrifjuta t-tiġdid jew li tirtira l-permess ta' residenza skont l-Artikolu 22 tal-imsemmija direttiva jekk huwa jqis li t-telf tad-dritt għall-istatus ta' resident fit-tul fl-ewwel Stat Membru jkun seħħ matul il-proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja marbuta mal-applikazzjoni għal tiġdid.

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-oneru tal-prova dwar il-benefiċċju tad-dritt għall-istatus ta' resident fit-tul fl-ewwel Stat Membru jaqa', bħala prinċipju, fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. Madankollu, mid-Direttiva 2003/109 [164] jirriżulta li permess ta' residenza tal-UE bħala resident fit-tul validu jippermetti li jiġi preżunt li dan iċ-ċittadin għad għandu dritt għall-imsemmi status. Huwa minnu li din il-preżunzjoni ma hijiex inkonfutabbli, peress li t-tieni Stat Membru jista' jqis neċessarju li jeżamina waħda mir-raġunijiet għat-telf tal-istatus ta' resident fit-tul imsemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/109. Madankollu, tali kontestazzjoni hija suġġetta għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' indizji suffiċjentement konkreti u konkordanti li waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun applikabbli.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-verifiki li għandu jwettaq it-tieni Stat Membru, fil-preżenza ta' tali indizji, fid-dawl tar-raġuni prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2003/109, billi jitlob, skont il-każ, l-assistenza tal-ewwel Stat Membru, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali [165]. Minn naħa, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi mistieden minn qabel jipproduċi l-prova ta' eventwali preżenżi fit-territorju tal-ewwel Stat Membru matul il-perijodu ta' sitt snin imsemmi f'din id-dispożizzjoni, fejn preżenza ta' tul totali ta' ftit ġranet biss f'dan it-territorju hija suffiċjenti sabiex tipprevjeni t-telf tad-dritt għall-istatus ta' resident fit-tul. Min-naħa l-oħra, fil-każ

---

[162] Skont l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2003/109, dan ifisser l-Istat Membru li għall-ewwel darba ta l-istatus ta' residenti fit-tul lil ċittadin ta' pajjiż terz.

[163] Skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2003/109, dan it-terminu jirreferi għal "xi Stat Membru minbarra dak li jkun ta' għall-ewwel darba l-istatus ta' residenti għat-tul lil ċittadin ta' pajjiż terz u li fih ir-residenti għat-tul jeżerċita d-dritt ta' residenza".

[164] B'mod iktar partikolari, mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2003/109, moqri fid-dawl tal-premessa 11 tagħha.

[165] Dan il-prinċipju huwa stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

ta' assenza f'dan l-istess territorju ta' perijodu ta' iktar minn sitt snin, it-tieni Stat Membru għandu jivverifika, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2003/109, jekk l-ewwel Stat Membru jkunx għamel użu mill-possibbiltà li jipprevedi li, "għal raġunijiet speċifiċi", ir-resident fit-tul iżomm l-istatus tiegħu fl-imsemmi Stat Membru fil-każ ta' tali assenza u, jekk dan ikun il-każ, jekk tali raġuni speċifika tkunx stabbilita.

## 3. Qsim tal-fruntieri

### Sentenza tal-5 ta' Settembru 2023 (Awla Manja), Il-Parlament vs Il-Kummissjoni (Eżenzjoni ta' viża għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti) (C-137/21, EU:C:2023:625)

*"Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Regolament (UE) 2018/1806 – Il-punt (f) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 – Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri – Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dan l-obbligu – Prinċipju ta' reċiproċità – Stedina għall-adozzjoni ta' att delegat li jissospendi provviżorjament l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu ta' tnax-il xahar għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti tal-Amerika"*

Skont ir-Regolament 2018/1806 [166], li jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u l-lista ta' dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dan l-obbligu, l-Unjoni stabbilixxiet bħala għan il-prinċipju ta' reċiproċità totali fil-qasam tal-viża, sabiex ittejjeb il-kredibbiltà u l-koerenza tal-politika esterna tagħha fir-rigward ta' pajjiżi terzi [167]. Għal dan il-għan, dan ir-regolament jipprovdi li mekkaniżmu li jippermetti l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità għandu jippermetti l-Unjoni tipprovdi risposta solidali fil-każ fejn wieħed mill-pajjiżi terzi fuq il-lista tal-Anness II tal-istess regolament jiddeċiedi li jissuġġetta għall-obbligu ta' viża liċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew iktar [168]. Ir-Regolament jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti konformement mal-Artikolu 290 TFUE, dwar b'mod partikolari s-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini ta' tali pajjiż terz [169].

---

166 Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU 2018, L 303, p. 39).

167 Ara l-premessa 14 tar-Regolament 2018/1806.

168 Ara l-premessa 15 tar-Regolament 2018/1806.

169 Ara l-premessa 17 u l-Artikolu 7(e), (f) u (h) tar-Regolament 2018/1806. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 7:

"Fejn pajjiż terz elenkat fl-Anness II jimponi ħtieġa tal-viża għal ċittadini ta' għall-anqas Stat Membru wieħed, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[...]

f) jekk fi żmien 24 xahar mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-punt(a), il-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx neħħa l-ħtieġa tal-viża, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 10 li jissospendi b'mod temporanju l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għal perijodu ta' 12-il xahar għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz. [...]. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6, matul il-perijodi ta' dik is-sospensjoni ċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-att delegat għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri;

[...]".

F'April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill komunikazzjoni [170] li kienet tindika li kienet qiegħda tippersisti sitwazzjoni ta' nuqqas ta' reċiproċità fir-rigward ta' tliet pajjiżi terzi, fosthom l-Istati Uniti tal-Amerika, li kienu jissuġġettaw għall-obbligu ta' viża liċ-ċittadini ta' ħames Stati Membri. Wara li l-Kummissjoni kkonstatat [171] li n-nuqqas ta' reċiproċità fil-qasam tal-viżas kien għadu jikkonċerna biss żewġ pajjiżi terzi, fosthom l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Parlament adotta, f'Marzu 2017, riżoluzzjoni [172] li fiha qies li l-Kummissjoni kienet "legalment obbligata […] tadotta att delegat biex tissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li ma jkunux neħħew il-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' ċerti Stati Membri" u stieden lill-Kummissjoni tadotta tali att. Il-Kummissjoni wieġbet fin-negattiv għal din it-talba f'Mejju 2017 [173]. Wara l-preżentazzjoni, mill-Kummissjoni, tas-sitt komunikazzjoni ta' segwitu tagħha f'Marzu 2020, il-Parlament tenna t-talba tiegħu għal teħid ta' azzjoni [174], peress li l-Istati Uniti tal-Amerika komplew jimponu obbligu ta' viża fuq iċ-ċittadini ta' erba' Stati Membri. Għal darba oħra, il-Kummissjoni ma weġbitx b'mod favorevoli għal din is-sejħa [175].

Peress li qies li l-punt (f) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament 2018/1806 jimponi fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tadotta att delegat meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' tali att previsti minn din id-dispożizzjoni, il-Parlament ippreżenta rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni kontra l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 265 TFUE.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni, jiġifieri, minn naħa, dwar it-terminu għall-preżentata ta' rikors previst minn din l-aħħar dispożizzjoni u, min-naħa l-oħra, dwar il-kunċett ta' teħid ta' pożizzjoni fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni f'kuntest interistituzzjonali. Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors għar-raġuni li, billi osservat il-kriterji tal-imsemmi regolament, il-Kummissjoni ma kinitx marret lil hinn mill-marġni ta' evalwazzjoni tagħha meta qieset li ma kinitx obbligata tadotta l-att delegat mitlub.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikors [176].

---

**170** Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tat-12 ta' April 2016, "Sitwazzjoni attwali u l-modi possibbli 'l quddiem rigward is-sitwazzjoni tan-nuqqas ta' reċiproċità ma' ċerti pajjiżi terzi fil-qasam tal-politika dwar il-viża" [COM(2016) 221 final].

**171** Permezz tat-tieni komunikazzjoni ta' segwitu tagħha, tal-21 ta' Diċembru 2016.

**172** Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tat-2 ta' Marzu 2017, dwar l-obbligi tal-Kummissjoni fil-qasam tar-reċiproċità tal-viżi b'konformità mal-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 593/2001 [2016/2986(RSP)] (ĠU 2018, C 263, p. 2, iktar 'il quddiem ir-"riżoluzzjoni ta' Marzu 2017").

**173** Permezz tal-komunikazzjoni ta' segwitu tagħha, tat-2 ta' Mejju 2017 [COM(2017) 227 final].

**174** Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tat-22 ta' Ottubru 2020, dwar l-obbligi tal-Kummissjoni fil-qasam tar-reċiproċità tal-viżi b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1806 [2020/2605(RSP)] (ĠU 2021, C 404, p. 157, iktar 'il quddiem ir-"riżoluzzjoni ta' Ottubru 2020").

**175** Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tiddefinixxi il-pożizzjoni tal-Kumissjoni wara r-reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 dwar l-obbligi tal-Kummissjoni fil-qasam tar-reċiproċità tal-viża u r-rapportar dwar il-progress attwali [COM(2020) 851 final] (iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni ta' Diċembru 2020").

**176** Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE, ir-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni huwa ammissibbli biss jekk l-istituzzjoni, il-korp jew l-organiżmu inkwistjoni jkunu preliminarjament intalbu jieħdu azzjoni. Jekk, wara l-iskadenza ta' terminu ta' xahrejn minn din is-sejħa, din l-istituzzjoni, dan il-korp jew dan l-organiżmu ma jkunux ħadu pożizzjoni, dan ir-rikors jista' jiġi ppreżentat f'terminu ġdid ta' xahrejn.

L-ewwel eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà kienet ibbażata fuq it-tardività ta’ dan tal-aħħar, peress li l-Parlament kien ippreżenta r-rikors tiegħu għal nuqqas li tittieħed azzjoni wara li bagħat lill-Kummissjoni, permezz ta’ riżoluzzjoni ta’ Ottubru 2020, it-tieni sejħa għal teħid ta’ azzjoni, minkejja li huwa ma kienx ippreżenta tali rikors wara r-riżoluzzjoni ta’ Marzu 2017. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kwistjoni dwar jekk il-Parlament naqasx b’dan il-mod milli josserva t-terminu għall-preżentata ta’ rikors previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE kienet tiddependi minn jekk din it-tieni sejħa għal teħid ta’ azzjoni kinitx, fid-dawl ta’ elementi oġġettivi li jirrigwardaw il-kontenut tagħha jew il-kuntest tagħha, distinta mill-ewwel waħda. F’dan ir-rigward, fil-komunikazzjoni ta’ wara r-riżoluzzjoni ta’ Marzu 2017, il-Kummissjoni kienet qieset b’mod partikolari li l-adozzjoni ta’ att delegat li jissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-viża tkun “għalissa” kontroproduttiva u ma tikkontribwixxix sabiex jintlaħaq l-għan tal-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Permezz tar-riżoluzzjoni tiegħu ta’ Ottubru 2020, il-Parlament kien stieden lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-metodu magħżul tliet snin qabel, fid-dawl tal-iżviluppi li kienu seħħew minn dakinhar. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f’dan ir-rigward, li diversi raġunijiet, kemm legali kif ukoll politiċi, setgħu wasslu lill-Parlament sabiex jirtira, inizjalment, mit-triq kontenzjuża wara l-adozzjoni ta’ din il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, jidher li kien wara li evalwa l-iżvilupp tas-sitwazzjoni wara l-adozzjoni tal-ewwel sejħa għal teħid ta’ azzjoni li l-Parlament adotta r-riżoluzzjoni ta’ Ottubru 2020. Peress li s-sejħiet sabiex tittieħed azzjoni inklużi fiż-żewġ riżoluzzjonijiet kienu distinti kemm fir-rigward tal-kontenut tagħhom kif ukoll tal-kuntest li fih ġew adottati, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-riżoluzzjoni ta’ Ottubru 2020 ma setax ikollha l-għan li tevita t-terminu għall-preżentata ta’ rikors previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE, liema terminu kien beda jiddekorri bis-sejħa sabiex tittieħed azzjoni li tinsab fir-riżoluzzjoni ta’ Marzu 2017.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà, li kienet ibbażata fuq l-eżistenza ta’ teħid ta’ pożizzjoni tal-Kummissjoni permezz tal-komunikazzjoni tagħha ta’ Diċembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE, hija tista’ tiġi adita sabiex jiġi kkonstatat li, bi ksur tat-Trattati, l-istituzzjoni kkonċernata tastjeni milli tagħti deċiżjoni. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-fatt li risposta ta’ istituzzjoni għal sejħa għal teħid ta’ azzjoni ma tissodisfax lill-persuna li tkun bagħtitilha ma jfissirx li din ir-risposta ma tikkostitwixxix teħid ta’ pożizzjoni, li l-adozzjoni tagħha ttemm in-nuqqas li tittieħed azzjoni. Madankollu, din is-soluzzjoni ma tistax tapplika f’kuntest interistituzzjonali, f’każijiet fejn l-inammissibbiltà tar-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni tippermetti lill-istituzzjoni kkonċernata tipperpetwa n-nuqqas ta’ azzjoni. Dan ikun il-każ jekk il-komunikazzjoni inkwistjoni tal-Kummissjoni kellha tiġi kklassifikata bħala “teħid ta’ pożizzjoni”, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE. Rifjut li tittieħed azzjoni wara sejħa għal teħid ta’ azzjoni jista’ għalhekk jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE peress li dan ir-rifjut, ikun kemm ikun espliċitu, ma jtemmx in-nuqqas li tittieħed azzjoni. F’dawn iċ-ċirkustanzi, f’kuntest interistituzzjonali, ir-risposta ta’ istituzzjoni li tikkonsisti, bħal f’dan il-każ, f’espożizzjoni tar-raġunijiet li għalihom, skont din l-istituzzjoni, ma tiġix adottata l-miżura mitluba għandha neċessarjament titqies li tkun rifjut li tittieħed azzjoni min-naħa ta’ din l-istituzzjoni u għandha għalhekk tkun tista’ titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta’ rikors ippreżentat skont l-Artikolu 265 TFUE.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-motiv uniku mqajjem, fuq il-mertu, mill-Parlament, li jgħid li l-Kummissjoni kisret it-Trattati billi ma adottatx, skont il-punt (f) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament 2018/1806, att delegat li jissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-obbligu ta’ viża fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istati Uniti tal-Amerika, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li huwa minnu li mill-kliem ta’ din id-dispożizzjoni kien jidher li jirriżulta li l-Kummissjoni hija obbligata tadotta tali att meta l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tiegħu jkunu ssodisfatti. Madankollu, din l-interpretazzjoni kellha tiġi eskluża fid-dawl tal-istruttura ġenerali tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament 2018/1806, ikkaratterizzata b’mod partikolari mill-istruttura f’diversi stadji tal-mekkaniżmu ta’ reċiproċità li huwa jistabbilixxi. Għalhekk, b’mod partikolari, mill-qari flimkien tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f’dan l-artikolu, moqri fid-dawl tal-premessa 17 tal-istess regolament, kien jirriżulta li l-Kummissjoni kellha marġni ta’ evalwazzjoni sabiex tadotta jew le att delegat ibbażat fuq dan l-artikolu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tadotta l-att delegat inkwistjoni wara l-iskadenza

tal-perijodu ta’ 24 xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 ta’ dan ir-regolament.

Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni t-tliet kriterji stabbiliti fil-punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament 2018/1806 sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lok, fir-rigward tal-għan ta’ reċiproċità totali, li tissospendi l-eżenzjoni mill-obbligu ta’ viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat jew, għall-kuntrarju, jekk kienx hemm lok li ma tittiħidx tali miżura, fid-dawl tal-interessi relatati, b’mod partikolari, mar-relazzjonijiet esterni tal-Istati Membri, tal-pajjiżi assoċjati ma’ Schengen u tal-Unjoni [177]. Wara li evalwat dawn it-tliet kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li l-Kummissjoni ma marritx lil hinn mill-marġni ta’ evalwazzjoni li hija kellha fil-każ ineżami meta qieset, wara s-sejħa għal teħid ta’ azzjoni li kienet ġiet indirizzata lilha mill-Parlament f’Ottubru 2020, li ma kinitx obbligata tadotta l-att delegat inkwistjoni. Konsegwentement, hija ċaħdet ir-rikors bħala infondat.

---

177 Skont il-punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament 2018/1806 :

“Fejn pajjiż terz elenkat fl-Anness II jimponi ħtieġa tal-viża għal ċittadini ta' għall-anqas Stat Membru wieħed, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

d) il-Kummissjoni għandha, meta tqis passi ulterjuri skont il-punt (e), (f) jew (h), tieħu kont tal-eżitu tal-miżuri meħudin mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jiġi żgurat vjaġġar mingħajr viża mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-passi meħudin skont il-punt (b) u l-konsegwenzi tas-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat;

[…]”.

# V. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

## 1. Mandat ta' arrest Ewropew

### a. Kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti

**Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), Puig Gordi *et* (C-158/21, EU:C:2023:57)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi – Possibbiltà li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew ġdid intiż għall-istess persuna"*

Wara l-adozzjoni tal-liġijiet li jirrigwardaw l-indipendenza tal-Komunità Awtonoma ta' Cataluña (Spanja) u ż-żamma tar-referendum għal dan il-għan, inbdew proċeduri kriminali kontra diversi persuni quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), il-qorti tar-rinviju. Fil-ħarifa tal-2019, diversi mandati ta' arrest Ewropej (MAE) b'hekk inħarġu minn din il-qorti. Il-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-MAE maħruġa kontra C. Puigdemont Casamajó u A. Comín Oliveres ġew sospiżi wara l-elezzjoni ta' dawn tal-aħħar fil-Parlament Ewropew. Fir-rigward tal-MAE maħruġ kontra L. Puig Gordi, in-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża, il-Belġju), permezz ta' digriet adottat f'Awwissu 2020, irrifjutat l-eżekuzzjoni tiegħu għar-raġuni li, fil-fehma tagħha, il-qorti tar-rinviju ma kellhiex kompetenza sabiex toħroġ dan il-MAE. Permezz ta' sentenza mogħtija f'Jannar 2021, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) ċaħdet l-appell ippreżentat minn dan id-digriet.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja sensiela ta' domandi intiżi, essenzjalment, li jiġi ddeterminat jekk awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tistax tirrifjuta li teżegwixxi MAE billi tallega n-nuqqas ta' kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex toħroġ dan il-mandat jew sabiex tiġġudika lill-persuna akkużata, u jekk id-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE [178] tipprekludix il-ħruġ ta' MAE ġdid wara li jkun ġie rrifjutat l-ewwel MAE.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, speċifikat b'mod partikolari l-kundizzjonijiet li jippermettu lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta li teżegwixxi MAE minħabba r-riskju ta' ksur, fil-każ ta' konsenja tal-persuna rikjesta, tad-dritt fundamentali ta' din il-persuna għal smigħ xieraq [179], b'rabta ma' tali nuqqas ta' kompetenza.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

---

[178] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584").

[179] Dan id-dritt huwa sanċit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' MAE billi tibbaża ruħha fuq raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni li ma tirriżultax mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, iżda biss mid-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-raġunijiet ikkunsidrati fil-ġurisprudenza tagħha bħala li jobbligaw jew jawtorizzaw li ma jingħatax segwitu għal MAE jirriżultaw kollha mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Barra minn hekk, jekk jiġi aċċettat li Stat Membru jkun jista' jżid, mal-imsemmija raġunijiet, raġunijiet oħra bbażati fuq id-dritt nazzjonali, li jippermettu li ma jiġix eżegwit MAE, dan ikun ta' ostakolu għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ssemplifikata ta' konsenja tal-persuni stabbilita minn din id-deċiżjoni qafas. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li Stat Membru għandu d-dritt, b'mod eċċezzjonali, li jinvoka raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni bbażata fuq l-obbligu li jiġi ggarantit ir-rispett tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti lill-persuna kkonċernata mid-dritt tal-Unjoni [180], b'osservanza tal-kundizzjonijiet stretti stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tivverifika jekk MAE jkunx inħareġ minn awtorità ġudizzjarja li kienet kompetenti għal dan il-għan u li ma tistax tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' dan il-MAE meta hija tqis li dan ma kienx il-każ [181]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jipprevedi li l-awtorità ġudizzjarja emittenti hija l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti li hija kompetenti sabiex toħroġ MAE permezz tad-dritt ta' dan l-Istat. Għalkemm l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tiżgura, qabel ma teżegwixxi MAE, li dan ikun inħareġ minn awtorità ġudizzjarja, hija ma tistax, għall-kuntrarju, tivverifika jekk l-awtorità inkwistjoni kinitx kompetenti sabiex toħroġ tali mandat fid-dawl tar-regoli tad-dritt tal-Istat Membru emittenti. Fil-kuntest tal-awtonomija proċedurali li hija rrikonoxxuta lilu, huwa fil-fatt kull Stat Membru li għandu jaħtar l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti sabiex joħorġu MAE, filwaqt li dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji sussegwentement għandhom jevalwaw huma stess il-kompetenza tagħhom għal dan il-għan fid-dawl tad-dritt tal-Istat Membru emittenti.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni mitluba tiddeċiedi l-konsenja ta' persuna li hija s-suġġett ta' MAE ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi dan tal-aħħar għar-raġuni li din il-persuna tirriskja, wara l-konsenja tagħha lill-Istat Membru emittenti, li tiġi ġġudikata minn qorti li ma jkollhiex kompetenza għal dan il-għan ħlief jekk,

– minn naħa, din l-awtorità ġudizzjarja jkollha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati li juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew iġġeneralizzati tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti jew ta' nuqqasijiet li jaffettwaw il-protezzjoni ġudizzjarja ta' grupp oġġettivament identifikabbli ta' persuni li tappartjeni għalih il-persuna kkonċernata, fid-dawl tar-rekwiżit ta' qorti stabbilita bil-liġi, li jimplikaw li l-partijiet fil-kawża kkonċernati jiġu, b'mod ġenerali, imċaħħda, f'dan l-Istat Membru, minn rimedju ġuridiku effettiv li jippermetti li tiġi mistħarrġa l-kompetenza tal-qorti kriminali mitluba li tiġġudikahom, u

– min-naħa l-oħra, l-imsemmija awtorità ġudizzjarja tikkonstata li jeżistu, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża inkwistjoni, motivi serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li, fid-dawl tal-elementi prodotti mill-persuna li tkun is-suġġett ta' dan il-MAE, il-qorti mitluba sabiex tieħu konjizzjoni tal-proċedura li għaliha din il-persuna ser tkun suġġetta tkun manifestament nieqsa minn kompetenza għal dan il-għan.

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kompetenza ta' qorti sabiex tieħu konjizzjoni ta' kawża hija parti mir-rekwiżit ta' "qorti stabbilita bil-liġi", li jirriżulta mill-Artikolu 47 tal-Karta.

---

[180] Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

[181] Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet abbażi tal-Artikolu 1(1) u (2) u tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

Konsegwentement, meta persuna li tkun is-suġġett ta’ MAE tallega li hija tkun ser tiġi esposta, wara l-konsenja tagħha, għal ksur tad-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti imparzjali, minħabba nuqqas ta’ kompetenza tal-qorti mitluba tiddeċiedi, hija l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni li għandha tevalwa l-fondatezza ta’ din l-allegazzjoni fil-kuntest ta’ dan l-eżami f’żewġ stadji. Meta l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tqis li l-elementi li hija jkolha ma jurux l-eżistenza tan-nuqqasijiet iċċitati iktar ’il fuq, din l-awtorità ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi dan il-MAE għal din ir-raġuni. Fil-fatt, meta, fl-Istat Membru emittenti, rimedji ġuridiċi jippermettu l-istħarriġ tal-kompetenza tal-qorti mitluba sabiex tiġġudika tali persuna (fil-forma ta’ eżami tal-kompetenza tagħha minn din il-qorti jew ta’ rimedju disponibbli quddiem qorti oħra), ir-riskju, għal din l-istess persuna, li tiġi ġġudikata minn qorti ta’ dan l-Istat Membru li ma jkollhiex kompetenza għal dan il-għan jista’, bħala prinċipju, jiġi eskluż mill-eżerċizzju, mill-imsemmija persuna, ta’ dawn ir-rimedji ġuridiċi. Fl-assenza ta’ elementi intiżi li juru l-eżistenza tan-nuqqasijiet iċċitati iktar ’il fuq, l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni ma tistax tippreżumi li tali rimedji ġuridiċi legali jkunu nieqsa, peress li din l-awtorità tkun għall-kuntrarju obbligata, skont il-prinċipju ta’ fiduċja reċiproka, li tibbaża l-analiżi tagħha fuq l-eżistenza u l-effettività tal-imsemmija rimedji ġuridiċi.

Fir-raba’ u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li diversi MAE suċċessivi jistgħu jinħarġu kontra persuna rikjesta sabiex tinkiseb il-konsenja tagħha minn Stat Membru wara li l-eżekuzzjoni tal-ewwel MAE li jirrigwarda lil din il-persuna tkun ġiet irrifjutata minn dan l-Istat Membru, sakemm l-eżekuzzjoni ta’ MAE ġdid ma twassalx għal ksur tad-drittijiet u tal-prinċipji ġuridiċi fundamentali stabbiliti fl-Artikolu 6 TUE [182], u sakemm il-ħruġ ta’ dan l-aħħar MAE jkun ta’ natura proporzjonata. Fil-fatt, il-ħruġ ta’ MAE ġdid jista’ jirriżulta neċessarju, b’mod partikolari, wara li jkunu ġew esklużi l-elementi li jkunu ostakolaw l-eżekuzzjoni tal-MAE preċedenti. Fil-kuntest tal-eżami tan-natura proporzjonata tal-ħruġ ta’ MAE ġdid, l-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha madankollu tieħu inkunsiderazzjoni n-natura u l-gravità tar-reat li bih il-persuna rikjesta tkun akkużata, il-konsegwenzi fuq din il-persuna tal-MAE maħruġ jew maħruġa preċedentement kontriha kif ukoll il-perspettivi ta’ eżekuzzjoni ta’ eventwali MAE ġdid.

### b. Eżekuzzjoni tal-mandati ta’ arrest Ewropej u kundizzjonijiet tal-konsenja

#### Sentenza tat-18 ta’ April 2023 (Awla Manja), E. D. L. (Raġuni għal rifjut ibbażata fuq il-mard) (C-699/21, EU:C:2023:295)

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Mandat ta’ arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Artikolu 23(4) – Proċeduri ta’ konsenja bejn Stati Membri – Raġunijiet għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni – Artikolu 4(3) TUE – Obbligu ta’ kooperazzjoni leali – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta’ arrest Ewropew – Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Projbizzjoni ta’ trattamenti inumani jew degradanti – Marda gravi, kronika u potenzjalment irreversibbli – Riskju ta’ perikolu serju għas-saħħa tal-persuna kkonċernata mill-mandat ta’ arrest Ewropew”*

Fl-2019, qorti Kroata ħarġet mandat ta’ arrest Ewropew kontra E. D. L., residenti fl-Italja, bil-għan li jitressqu proċeduri kriminali. Fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta’ dan il-mandat ta’ arrest, il-Corte d’appello di Milano (il-Qorti tal-Appell ta’ Milano, l-Italja) issuġġettat lil E. D. L. għal perizja psikjatrika, li minnha rriżulta li dan kien isofri minn problema psikotika li teħtieġ it-tkomplija ta’ trattament li ma kienx

[182] Dan l-obbligu huwa previst fl-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584

jagħmlu adatt għal ħajja f'ħabs. Il-Qorti tal-Appell ta' Milano għalhekk qieset li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest kienet ser tinterrompi t-trattament ta' E. D. L. u kienet ser twassal għal deterjorazzjoni ta' saħħtu, jekk mhux saħansitra għal riskju kkonfermat ta' suwiċidju. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Taljana [183] li tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [184] dwar il-mandat ta' arrest Ewropew ma kinux jipprevedu li l-konsenja ta' persuna rikjesta tista' tiġi rrifjutata għal tali raġunijiet ta' saħħa.

Peress li kellha dubji dwar il-kostituzzjonalità ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali, il-Qorti tal-Appell ta' Milano adixxiet lill-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja). Skont din il-qorti tal-aħħar, ir-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew previsti fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 lanqas ma jinkludu l-każ ta' perikolu serju għas-saħħa tal-persuna kkonċernata minħabba patoloġiji ta' natura kronika ta' tul potenzjalment indeterminat, bħal dawk li minnhom kien isofri E. D. L. Hija għalhekk iddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni li kellha tingħata lil din id-deċiżjoni qafas f'tali każ.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet li fihom l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha l-possibbiltà jew l-obbligu, abbażi tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li tissospendi l-konsenja ta' persuna rikjesta u li tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-każ ta' riskju ta' ħsara serja għas-saħħa ta' din il-persuna, kif ukoll dwar l-eżistenza, f'tali każ, ta' obbligu ta' diskussjoni mal-awtorità ġudizzjarja emittenti.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tipprevedix li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu jirrifjutaw li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew għas-sempliċi raġuni li l-persuna li tkun is-suġġett ta' tali mandat ta' arrest issofri minn patoloġiji gravi, ta' natura kronika u potenzjalment irreversibbli. Fid-dawl tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li fuqu huwa bbażat l-ispazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja [185], teżisti, effettivament, preżunzjoni li l-kuri u t-trattamenti offruti fl-Istati Membri għall-kura, b'mod partikolari, ta' tali patoloġiji, ikunu adegwati, inkluż fil-qasam tal-ħabsijiet.

Madankollu, fid-dawl tal-Artikolu 23(4) [186] tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija awtorizzata tissospendi temporanjament il-konsenja tal-persuna rikjesta, dejjem sakemm ikun hemm raġunijiet serji li wieħed jaħseb, abbażi ta' elementi oġġettivi, bħal ma huma dikjarazzjonijiet mediċi jew rapporti ta' perizja, li jkun hemm ir-riskju li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest tipperikola, b'mod manifest, is-saħħa ta' din il-persuna, pereżempju, minħabba marda jew kundizzjoni temporanja qabel id-data prevista għall-konsenja tagħha.

---

[183] Legge n. 69 – Disposizioni per conformare il diritto interno alla decisione quadro 2002/584/GAI del Consiglio, del 13 giugno 2002, relativa al mandato d'arresto europeo e alle procedure di consegna tra Stati membri (il-Liġi Nru 69, tat-22 ta' April 2005, li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Sabiex id-Dritt Nazzjonali jiġi Kkonformat mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri) (GURI Nru 98, tad-29 ta' April 2005, p. 6), fil-verżjoni tagħha kif emendata u applikabbli fi żmien il-fatti tal-kawża prinċipali.

[184] Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).

[185] Dan il-qasam tad-dritt tal-Unjoni huwa rregolat mill-Artikoli 67 *et seq.* TFUE u jinkludi, fost l-oħrajn, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

[186] Skont il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, "[i]l-konsenja tista' eċċezzjonalment tiġi posposta temporanjament għal raġunijiet umanitarji serji, per eżempju jekk hemm raġunijiet sostanzjali biex jitwemmen li dan ipoġġi manifestament f'perikolu l-ħajja jew is-saħħa tal-persuna rikjesta".

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma jistax jiġi eskluż li l-konsenja ta' persuna marida serjament tista' tkun tinvolvi, għal din il-persuna, riskju reali ta' trattamenti inumani jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, u dan minħabba jew, f'ċerti ċirkustanzi, indipendentement mil-livell ta' kwalità tal-kura disponibbli fl-Istat Membru emittenti, fil-każ fejn dawn it-trattamenti jilħqu l-limitu minimu ta' gravità li jaqbeż il-livell inevitabbli ta' tbatija inerenti għad-detenzjoni.

Għalhekk, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jkollha, fid-dawl tal-elementi oġġettivi quddiemha, raġunijiet serji u kkonfermati li bihom temmen li l-konsenja tal-persuna rikjesta, li tkun serjament marida, tkun ser tesponiha għal riskju reali ta' tnaqqis sinjifikattiv tal-aspettattivi ta' ħajja tagħha jew ta' deterjorament rapidu, sinjifikattiv u irrimedjabbli tal-istat tas-saħħa tagħha, din l-awtorità hija obbligata li tissospendi temporanjament il-konsenja. Hija għandha, barra minn hekk, titlob lill-awtorità ġudizzjarja emittenti tipprovdilha kull informazzjoni neċessarja sabiex tiżgura ruħha li l-modalitajiet li fihom ikunu ser jiġu eżerċitati l-proċeduri kriminali li jkunu taw lok għall-mandat ta' arrest Ewropew jew il-kundizzjonijiet tal-eventwali detenzjoni ta' din il-persuna jippermettu li jitwarrab ir-riskju inkwistjoni. Jekk l-awtorità ġudizzjarja emittenti tipprovdi tali garanziji, il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi eżegwit u għandha tiġi miftiehma data ġdida ta' konsenja.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-fatt li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tista' tiddiferixxi, sabiex tevita li jseħħ tali riskju ta' ħsara serja għas-saħħa, il-konsenja ta' persuna rikjesta għal perijodu kunsiderevoli, jekk mhux saħansitra b'mod indefinit, imur kontra l-istruttura ġenerali tal-Artikolu 23(4) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jsemmi n-natura "temporanja" tas-sospensjoni tal-konsenja.

Konsegwentement, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, kif ukoll f'dak ta' kull informazzjoni oħra li jkollha l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, din l-awtorità tal-aħħar tista' tasal għall-konklużjoni li, minn naħa, jeżistu raġunijiet serji u kkonfermati li wieħed jemmen li, fil-każ ta' konsenja lill-Istat Membru emittenti, il-persuna rikjesta ser tiġi esposta għal riskju ta' ħsara serja għal saħħitha u li, min-naħa l-oħra, dan ir-riskju ma jkunx jista' jitwarrab f'terminu raġonevoli. F'tali każ, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, abbażi tal-Artikolu 1(3) [187] tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Karta, tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew.

## Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), O. G. (Mandat ta' arrest Ewropew kontra ċittadin ta' Stat terz) (C-700/21, EU:C:2023:444)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew – Il-punt 6 tal-Artikolu 4 – Għan ta' riabilitazzjoni soċjali – Ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqgħodu jew jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*

O. G., ċittadin Moldovan, kien ġie kkundannat fir-Rumanija għal ħames snin priġunerija għar-reati ta' frodi fiskali u ta' miżappropriazzjoni ta' ammonti dovuti għall-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul u tal-VAT, imwettqa bejn ix-xhur ta' Settembru 2003 u ta' April 2004. Fit-13 ta' Frar 2012, il-Judecătoria Brașov (il-

[187] Skont din id-dispożizzjoni, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma jistax ikollha l-effett li temenda l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-osservanza tal-prinċipji legali fondamentali kif miġbura fl-Artikolu 6 TUE.

Qorti tal-Ewwel Istanza ta’ Brașov, ir-Rumanija) ħarġet, mandat ta’ arrest Ewropew għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta’ piena ta’ kustodja kontra O. G, li fil-frattemp kien stabbilixxa ruħu fl-Italja.

Permezz tal-ewwel sentenza tas-7 ta’ Lulju 2020, il-qorti tal-appell kompetenti [188] ordnat il-konsenja ta’ O. G. lill-awtorità ġudizzjarja emittenti. O. G. appella minn dik is-sentenza quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), li annullat l-imsemmija sentenza u bagħtet lura l-kawża quddiem il-qorti tal-appell.

Skont id-dritt tal-Unjoni [189], l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jeżegwixxu mandat ta’ arrest Ewropew biss għal raġunijiet li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [190], li jinkludu raġunijiet għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv, jiġifieri raġunijiet li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà – iżda mhux l-obbligu – li jipprevedu meta jittrasponu l-imsemmija deċiżjoni qafas. Waħda minn dawn ir-raġunijiet tirrigwarda l-possibbiltà li l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tirrifjuta li teżegwixxi tali mandat jekk dan ikun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta’ piena ta’ kustodja, meta l-persuna rikjesta tkun toqgħod fl-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni, tkun ċittadina tiegħu jew tirrisjedi fih, u meta l-imsemmi Stat jimpenja ruħu li jeżegwixxi din il-piena jew din l-ordni ta’ detenzjoni konformement mad-dritt nazzjonali tiegħu [191].

Il-qorti tal-appell ikkonstatat li l-leġiżlazzjoni li tittrasponi din ir-raġuni għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv fid-dritt Taljan kienet tillimita l-possibbiltà ta’ rifjut ta’ konsenja biss għaċ-ċittadini Taljani u għaċ-ċittadini ta’ Stati Membri oħra tal-Unjoni, bl-esklużjoni taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi, anki meta dawn tal-aħħar jipprovaw li jkunu stabbilixxew rabtiet ekonomiċi, professjonali u emotivi sodi fl-Italja.

Peress li qieset li n-natura fit-tul tal-istabbiliment tal-familja u professjonali ta’ O. G. fl-Italja kienet suffiċjentement stabbilita, dik il-qorti adixxiet lill-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja), li kienet il-qorti tar-rinviju, b’domandi dwar il-kostituzzjonalità ta’ din il-leġiżlazzjoni. Il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar jekk, bl-impożizzjoni tal-konsenja ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi residenti b’mod permanenti fl-Italja għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta’ piena ta’ kustodja f’pajjiż barrani, din il-leġiżlazzjoni kinitx tillimita b’mod indebitu l-kamp ta’ applikazzjoni tar-raġuni għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas, li l-għan tagħha huwa dak li tiġi żgurata l-integrazzjoni mill-ġdid soċjali tal-persuna kkundannata wara li tkun skontat il-piena tagħha, li tippreżupponi ż-żamma tar-rabtiet tal-familja u soċjali tagħha.

Il-qorti tar-rinviju qieset li qabel ma jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinitx konformi mal-Kostituzzjoni Taljana, kellha tiġi evalwata l-konformità ta’ din il-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

Mistoqsija mill-qorti tar-rinviju dwar l-interpretazzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li, filwaqt li tittrasponiha, teskludi b’mod assolut u awtomatiku mill-benefiċċju tar-raġuni għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta’ arrest Ewropew li hija tipprevedi lil kull ċittadin ta’ pajjiż terz li jirrisjedi fit-territorju ta’ dan l-Istat Membru, mingħajr ma l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tkun tista’ tevalwa r-rabtiet ta’ dan iċ-ċittadin mal-imsemmi Stat

[188] Il-Corte d’appello di Bologna (il-Qorti tal-Appell ta’ Bologna, l-Italja, iktar ’il quddiem il-“qorti tal-appell”).

[189] Artikolu 1(2) u Artikoli 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).

[190] Iktar ’il quddiem id-“Deċiżjoni Qafas”.

[191] Raġuni għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas.

Membru. Hija għamlet ukoll preċiżazzjonijiet kemm dwar l-evalwazzjoni li din l-awtorità għandha twettaq sabiex tiddetermina jekk ikunx hemm lok li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra ċittadin ta' pajjiż terz residenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, kif ukoll dwar l-elementi li jkunu jistgħu jindikaw jekk ikunux jeżistu, bejn l-imsemmi ċittadin u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, rabtiet li juru li jkun suffiċjentement integrat f'dan l-Istat, b'tali mod li l-eżekuzzjoni, fl-imsemmi Stat Membru, tal-piena ta' kustodja deċiża kontrih fl-Istat Membru emittenti tkun tista' tikkontribwixxi sabiex jiżdiedu l-possibilitajiet ta' riabilitazzjoni soċjali tiegħu wara li din il-piena tkun ġiet eżegwita.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

L-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, konformement mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi l-prinċipju. Ir-rifjut ta' eżekuzzjoni, li huwa possibbli biss għal raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju jew fakultattiv li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas, huwa maħsub bħala eċċezzjoni li għandha tiġi interpretata b'mod strett.

F'dak li jirrigwarda r-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas fid-dritt nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom marġni ta' evalwazzjoni. Għalhekk, dawn huma liberi li jittrasponu jew li ma jittrasponux dawn ir-raġunijiet fid-dritt nazzjonali tagħhom. Huma jistgħu wkoll jagħżlu li jillimitaw is-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, u b'hekk jiffaċilitaw il-konsenja tal-persuni rikjesti, konformement mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

Madankollu jeżistu limiti għall-marġni ta' evalwazzjoni tal-Istat Membru meta huwa jagħżel li jittrasponi raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv, bħal dik prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas.

Fl-ewwel lok, l-Istat Membru li jagħżel li jittrasponi din ir-raġuni għandu josserva d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, fosthom il-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, iggarantit fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [192], li jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat.

Ir-rekwiżit dwar in-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, għandu jiġi evalwat fid-dawl, b'mod partikolari, tas-suġġett u tal-għan li għandu jintlaħaq mill-att li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipji u tal-għanijiet tal-qasam li taħtu jaqa' dan l-att.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f'dan ir-rigward, li d-differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bejn iċ-ċittadini Taljani u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, minn naħa, u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, ġiet stabbilita bil-għan tat-traspożizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas, li ma tagħmel ebda distinzjoni skont jekk persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew, meta ma tkunx ċittadina tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, tkun jew ma tkunx ċittadina ta' Stat Membru ieħor.

Mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni u mill-għan imfittex minnha jirriżulta li ma jistax jiġi preżunt li ċittadin ta' pajjiż terz, li jkun is-suġġett ta' tali mandat ta' arrest Ewropew u li joqgħod jew li jirrisjedi fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, neċessarjament jinstab f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' ċittadin ta' dan l-

[192] Iktar 'il quddiem il-"Karta".

Istat Membru jew ta’ Stat Membru ieħor li joqgħod jew li jirrisjedi fl-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni, li jkun is-suġġett ta’ tali mandat. Bil-kontra ta’ dan, dawn il-persuni jistgħu jkunu jinsabu f’sitwazzjoni paragunabbli, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-raġuni għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv prevista f’din id-dispożizzjoni, meta huma jkollhom livell ta’ integrazzjoni ċert fl-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni.

Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali intiża għat-traspożizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas ma tkunx konformi mal-Artikolu 20 tal-Karta jekk din tittratta b’mod differenti, minn naħa, liċ-ċittadini rispettivi tagħha u liċ-ċittadini l-oħra tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, liċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi, billi tirrifjuta lil dawn tal-aħħar, b’mod assolut u awtomatiku, il-benefiċċju ta’ raġuni għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv prevista fid-Deċiżjoni Qafas, minkejja li dawn iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jkunu joqogħdu jew jirrisjedu fit-territorju ta’ dan l-Istat Membru u mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tal-livell ta’ integrazzjoni tagħhom fi ħdan is-soċjetà tal-imsemmi Stat Membru. Fil-fatt, tali differenza fit-trattament ma tistax titqies li hija oġġettivament iġġustifikata.

Min-naħa l-oħra, xejn ma jipprekludi lill-Istat Membru li jittrasponi l-imsemmija dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali tiegħu milli jissuġġetta, għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu s-suġġett ta’ mandat ta’ arrest Ewropew, il-benefiċċju tar-raġuni għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv prevista f’din id-dispożizzjoni għar-rekwiżit li dawn iċ-ċittadini jkunu joqogħdu u jirrisjedu f’dan l-Istat għal perijodu mhux interrott minimu, sakemm tali kundizzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jiġi ggarantit li l-persuna rikjesta jkollha livell ta’ integrazzjoni ċert fl-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni.

Fit-tieni lok, l-effett tat-traspożizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas ma jistax ikun dak li l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-marġni ta’ evalwazzjoni neċessarju sabiex tkun tista’ tiddeċiedi jekk ikun hemm jew ma jkunx hemm lok, fid-dawl tal-għan imfittex ta’ riabilitazzjoni soċjali, li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta’ arrest Ewropew.

Issa, leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni tikkomprometti l-għan ta’ riabilitazzjoni soċjali billi ċċaħħad lill-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni mis-setgħa li tevalwa jekk ir-rabtiet ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz li jkun is-suġġett ta’ mandat ta’ arrest Ewropew mal-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni jkunux suffiċjenti sabiex tiddetermina jekk l-eżekuzzjoni tal-piena f’dan l-Istat tkunx ser tikkontribwixxi għaż-żieda tal-possibbiltajiet ta’ riabilitazzjoni tiegħu wara li din il-piena tkun ġiet skontata.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, sabiex tevalwa jekk ikunx hemm lok li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ kontra ċittadin ta’ pajjiż terz li joqgħod jew li jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-elementi konkreti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-persuna rikjesta, li jistgħu jindikaw jekk jeżistux, bejn din il-persuna u l-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni, rabtiet li jippermettu l-konstatazzjoni ta’ integrazzjoni suffiċjenti f’dan l-Istat. Fost dawn l-elementi hemm ir-rabtiet tal-familja, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikollu mal-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni, kif ukoll in-natura, it-tul u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn tiegħu f’dan l-Istat Membru.

B’mod partikolari, meta l-persuna rikjesta tkun stabbilixxiet iċ-ċentru tal-ħajja tal-familja u tal-interessi tagħha fl-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-integrazzjoni mill-ġdid soċjali ta’ din il-persuna wara li tkun skontat il-piena tagħha fih tkun iffaċilitata mill-fatt li hija jkun jista’ jkollha kuntatti regolari u frekwenti mal-familja u mal-qraba tagħha.

## Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), GN (Raġuni għal rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-wild) (C-261/22, EU:C:2023:1017)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Artikolu 15(2) – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 7 – Rispett tal-ħajja privata u tal-familja – Artikolu 24(2) u (3) – Teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-wild – Dritt ta' kull wild li jżomm, b'mod regolari, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri – Omm li għandha tfal żgħar li jgħixu magħha"*

F'Ġunju 2020, l-awtoritajiet Belġjani ħarġu mandat ta' arrest Ewropew (iktar 'il quddiem il-"MAE") kontra GN għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija mogħtija għal reati ta' traffikar ta' persuni u ta' faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, imwettqa fl-2016 u fl-2017.

Fit-2 ta' Settembru 2021, GN ġiet arrestata ġewwa Bologna (l-Italja). Fil-mument tal-arrest tagħha, hija kienet tqila u kienet akkumpanjata minn binha ta' inqas minn tliet snin li kien jgħix magħha. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tagħha, il-Corte d'appello di Bologna (il-Qorti tal-Appell ta' Bologna, l-Italja) talbet, mingħajr suċċess, lill-awtoritajiet Belġjani jipprovdulha informazzjoni dwar, fost l-oħrajn, il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni, fil-Belġju, tal-pieni imposti kontra l-ommijiet li jgħixu mal-ulied minuri tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri previsti fir-rigward ta' dawn it-tfal.

Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Ottubru 2021, dik il-qorti rrifjutat il-konsenja ta' GN għar-raġuni li, fl-assenza ta' risposta sodisfaċenti għal din it-talba għal informazzjoni, ma kien hemm ebda ċertezza li d-dritt Belġjan kellu sistema ta' detenzjoni li tipproteġi d-drittijiet tal-ommijiet u tat-tfal żgħar tagħhom b'mod paragunabbli għal dik fis-seħħ fl-Italja.

Adita b'appell minn din id-deċiżjoni ta' rifjut, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), il-qorti tar-rinviju, indikat li la d-dispożizzjonijiet tal-liġi Taljana fis-seħħ [193] u lanqas id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [194] ma jipprevedu, bħala raġuni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' MAE, il-każ fejn il-persuna mfittxija tkun l-omm ta' tfal żgħar li jgħixu magħha. Madankollu, hija kellha dubju dwar jekk setgħetx tirrifjuta li teżegwixxi MAE minħabba l-fatt li l-konsenja tal-omm ta' tfal żgħar lill-Istat Membru emittenti tirriskja li tqiegħed f'perikolu d-dritt tagħha għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, kif ukoll l-aħjar interessi ta' wliedha, kif protetti, rispettivament, mill-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [195].

---

[193] Legge n. 69 - Disposizioni per conformare il diritto interno alla decisione quadro 2002/584/GAI del Consiglio, del 13 giugno 2002, relativa al mandato d'arresto europeo e alle procedure di consegna tra Stati membri (il-Liġi Nru 69, Dispożizzjonijiet li Jikkonformaw id-Dritt Nazzjonali mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri) tat-22 ta' April 2005 (GURI Nru 98 tad-29 ta' April 2005, p. 6), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mid-decreto legislativo n. 10 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 10) tat-2 ta' Frar 2021 (GURI Nru 30 tal 5 ta' Frar 2021) u li tapplika għall-fatti fil-kawża prinċipali.

[194] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584").

[195] L-Artikolu 7 tal-Karta jikkonċerna d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, filwaqt li l-Artikolu 24(2) jipprevedi li "[f[l-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja". Il-paragrafu 3 tal-istess artikoli jipprovdi li "[i]t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom, regolarment, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan ma jkunx kontra l-interessi tat-tfal".

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [196], moqrija fid-dawl tal-Karta [197], tipprekludi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta l-konsenja tal-persuna li tkun is-suġġett ta' MAE minħabba li din il-persuna tkun l-omm ta' tfal żgħar li jgħixu magħha, sakemm, l-ewwel nett, din l-awtorità ma jkollhiex informazzjoni li turi l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja ta' din il-persuna u ta' ħsara għall-aħjar interessi ta' wliedha minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-ommijiet ta' tfal żgħar u tal-kundizzjonijiet ta' kura ta' dawn it-tfal fl-Istat Membru emittenti u sakemm, it-tieni nett, ma jkunux jeżistu raġunijiet sostanzjali għaliex wieħed jemmen li, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tagħhom, il-persuni kkonċernati jkunu qegħdin f'dan ir-riskju minħabba tali kundizzjonijiet.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tipprevedix il-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' MAE għas-sempliċi raġuni li l-persuna mfittxija tkun l-omm ta' tfal żgħar li jgħixu magħha. Fil-fatt, fid-dawl tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, teżisti preżunzjoni li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' omm tali tfal u ta' kura ta' dawn tal-aħħar fl-Istat Membru emittenti tal-MAE huma adattati għal tali sitwazzjoni.

Madankollu, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [198] ma jistax ikollha l-effett li tbiddel l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u, f'dan il-każ, b'mod iktar speċifiku, dawk sanċiti fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 24(2) u (3) tagħha. B'hekk, minn naħa, l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-wild japplika wkoll fil-kuntest ta' MAE maħruġ kontra l-omm ta' tfal żgħar li, anki jekk dawn it-tfal ma jkunux id-destinatarji tiegħu, jimplika konsegwenzi sinjifikattivi għal dawn tal-aħħar. Min-naħa l-oħra, kull wild għandu d-dritt li jżomm, b'mod regolari, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri tiegħu, sakemm dan ma jmurx kontra l-interessi tiegħu, liema interessi għandhom jiġu evalwati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Il-possibbiltà għal ġenitur u l-wild tiegħu li jkunu flimkien hija element fundamentali tal-ħajja tal-familja.

Dan ifisser li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', b'mod eċċezzjonali, tastjeni milli teżegwixxi l-MAE jekk ikun jeżisti riskju reali li l-eżekuzzjoni tiegħu twassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija iktar 'il fuq. Madankollu, assenza ta' ċertezza ta' din l-awtorità fir-rigward tal-eżistenza, fl-Istat Membru emittenti, ta' kundizzjonijiet paragunabbli għal dawk li jeżistu fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni fir-rigward tad-detenzjoni ta' ommijiet ta' tfal żgħar u tal-kura ta' dawn tal-aħħar, ma tistax tippermetti li jitqies li dan ir-riskju jkun stabbilit. L-imsemmija awtorità hija obbligata tivverifika, fil-kuntest ta' eżami f'żewġ stadji, minn naħa, jekk ikunux jeżistu nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward ta' dawn il-kundizzjonijiet fl-Istat Membru emittenti, jew nuqqasijiet li jikkonċernaw l-imsemmija kundizzjonijiet u li jaffettwaw b'mod iktar speċifiku grupp oġġettivament identifikabbli ta' persuni u, min-naħa l-oħra, jekk ikunux jeżistu raġunijiet sostanzjali għaliex wieħed jemmen li, fid-dawl ta' tali kundizzjonijiet u tas-sitwazzjoni personali tagħhom, il-persuni kkonċernati jkunu jinsabu f'riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tqis li ma jkollhiex l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tieħu deċiżjoni dwar il-konsenja, hija għandha titlob lill-awtorità ġudizzjarja emittenti l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali u din tal-aħħar tkun obbligata tipprovdilha din l-informazzjoni. Fil-fatt,

[196] Artikolu 1(2) u (3) ta' din id-deċiżjoni qafas.

[197] Artikolu 7 u Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta.

[198] Artikolu 1(3) ta' din id-deċiżjoni qafas.

sabiex ma jiġix ipparalizzat il-funzjonament tal-MAE, dawn l-awtoritajiet għandhom jikkooperaw b'mod leali [199].

Konsegwentement, huwa biss meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tqis li, fid-dawl tal-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluża l-possibbiltà ta' assenza ta' garanziji mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, l-eżekuzzjoni tal-MAE tista' toħloq riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali inkwistjoni tal-persuni kkonċernati, li din l-awtorità għandha tastjeni milli teżegwixxi dan il-MAE.

## 2. Dritt għal informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali

### Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), K.B. u F.S. (Informazzjoni *ex officio* fil-qasam kriminali) (C-660/21, EU:C:2023:498)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Artikoli 3 u 4 – Obbligu impost fuq l-awtoritajiet kompetenti li jinformaw fil-pront lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta – Artikolu 8(2) – Dritt li jiġi invokat il-ksur ta' dan l-obbligu – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti kriminali li tiddeċiedi dwar il-mertu milli tikkonstata tali ksur ex officio – Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*

Fit-22 ta' Marzu 2021, aġenti tal-pulizija ġudizzjarja interrogaw u arrestaw *in flagranti delicto* lil K. B. u lil F. S. għal serq ta' karburant.

Il-qorti Franċiża adita bil-proċedura kriminali mressqa kontra K. B. u F. S. ikkonstatat li kienu twettqu atti ta' investigazzjoni u nġabru kummenti awtoinkriminanti qabel ma K. B. u F. S. ġew informati bid-drittijiet tagħhom, bi ksur tad-dritt nazzjonali [200] li jittrasponi l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13 [201]. Minħabba n-natura tardiva tat-tqegħid tagħhom taħt detenzjoni mill-pulizija u tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari dwar id-dritt li wieħed jibqa' sieket, l-imsemmija qorti qieset li kien hemm ksur tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-perkwiżizzjoni tal-vettura, id-detenzjoni mill-pulizija tal-persuni ssuspettati u l-atti kollha li jirriżultaw minnhom kellhom, bħala prinċipju, jiġu annullati. Madankollu, fid-dritt kriminali Franċiż [202], l-eċċezzjonijiet ta' nullità tal-proċedura, bħal ma huwa l-ksur tal-obbligu li persuna tiġi informata bid-dritt tagħha li tibqa' siekta fil-mument tat-tqegħid tagħha taħt detenzjoni mill-pulizija, kellhom jiġu eċċepiti mill-persuna kkonċernata jew mill-avukat tagħha qabel kull difiża fuq il-mertu. Issa, la l-persuni ssuspettati u lanqas l-avukat tagħhom ma qajmu eċċezzjoni ta' nullità bbażata fuq il-ksur ta' dan l-obbligu qabel id-difiża fuq il-mertu.

---

[199] Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali huwa previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE.

[200] L-Artikolu 63-1 tal-code de procédure pénale (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) jipprevedi b'mod partikolari li l-persuna mqiegħda taħt detenzjoni mill-pulizija għandha immedjatament tiġi informata minn uffiċjal tal-pulizija ġudizzjarja jew, taħt il-kontroll ta' dan tal-aħħar, minn aġent tal-pulizija ġudizzjarja, dwar il-fatt li hija tibbenefika mid-dritt, matul is-seduti, wara li tkun żvelat l-identità tagħha, li tagħmel dikjarazzjonijiet, li twieġeb għal mistoqsijiet li jsirulha jew li tibqa' siekta.

[201] Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1).

[202] F'dan il-każ, l-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Franċiż.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju osservat li, skont il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) il-qrati li jiddeċiedu dwar il-mertu huma pprojbiti milli jikkonstataw *ex officio* n-nullità tal-proċedura, bl-eċċezzjoni ta' dik li tirriżulta min-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħhom, peress li, bħal f'dan il-każ, l-imputat, li għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat meta jidher jew ikun irrappreżentat quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali, jista' jeċċepixxi tali nullità qabel id-difiża fuq il-mertu, filwaqt li l-istess imputat għandu wkoll, barra minn hekk, l-istess possibbiltà fl-appell jekk huwa ma jkunx deher jew jekk huwa ma kienx irrappreżentat fl-ewwel istanza.

F'dan il-kuntest, dik il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-projbizzjoni, imposta fuqha, li tikkonstata *ex officio* l-ksur ta' obbligu bħalma huwa dak, previst fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2012/13, li l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, irrispondiet li l-Artikoli 3 u 4 kif ukoll l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti li tagħti deċiżjoni dwar il-mertu f'materji kriminali milli tikkonstata *ex officio*, għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura, il-ksur tal-obbligu impost fuq l-awtoritajiet kompetenti li jinformaw fil-pront lill-persuni ssuspettati jew lill-persuni akkużati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, meta dawn ma jkunux ġew imċaħħda mill-possibbiltà konkreta u effettiva ta' aċċess għal avukat [203], jekk ikun hemm bżonn bl-użu tal-għajnuna legali [204], u li kellhom, l-istess bħal ma kellu, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom, id-dritt li jaċċedu għall-fajl tagħhom u li jinvokaw dan il-ksur f'terminu raġonevoli.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva 2012/13 [205] hija msejsa fuq id-drittijiet sanċiti b'mod partikolari fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta u hija intiża li tippromwovi dawn id-drittijiet fir-rigward tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali. Id-dritt li wieħed jibqa' sieket ma huwiex iggarantit biss mill-Artikolu 48 tal-Karta, li jirrigwarda l-preżunzjoni ta' innoċenza u d-drittijiet tad-difiża, iżda wkoll mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 Karta, li jirrigwarda d-dritt għal smigħ xieraq.

L-Artikolu 3(1)(e) u (2) kif ukoll l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2012/13 jipprevedu obbligu, impost fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari bid-dritt li jibqgħu siekta. F'kull każ, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mhux iktar tard minn qabel l-ewwel interrogazzjoni uffiċjali tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra.

Abbażi tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati, jew l-avukat tagħhom, ikollhom id-dritt li jikkontestaw, konformement mal-proċeduri nazzjonali, l-eventwali fatt li l-awtoritajiet kompetenti ma jipprovdux

---

[203] Konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1).

[204] Taħt il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU 2016, L 297, p. 1, rettifika fil-ĠU 2017, L 91, p. 40).

[205] Ara l-premessa 14 tad-Direttiva 2012/13.

jew jirrifjutaw li jipprovdu informazzjoni konformement ma' din id-direttiva. Peress li din id-dispożizzjoni hija intiża li tapplika b'mod partikolari f'sitwazzjoni fejn l-informazzjoni dwar id-dritt li wieħed jibqa' sieket tkun ġiet ipprovduta b'mod tardiv, il-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati, jew l-avukat tagħhom, għandhom ikunu jistgħu jikkontestaw dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni.

Id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq madankollu la tippreċiża l-modalitajiet u t-termini li fihom il-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati kif ukoll, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom jistgħu jinvokaw ksur tal-obbligu li tali persuni ssuspettati u tali persuni akkużati jiġu informati bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta u lanqas ma tippreċiża l-eventwali konsegwenzi proċedurali li jirriżultaw minn dan in-nuqqas ta' invokazzjoni, bħalma hija l-possibbiltà għall-qorti li tagħti deċiżjoni dwar il-mertu f'materji kriminali li tikkonstata tali ksur *ex officio* għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom marġni ta' manuvra sabiex jistabbilixxu dawn il-modalitajiet u dawn il-konsegwenzi.

Madankollu, meta jimplimentaw l-Artikolu 3(1)(e), l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, l-Istati Membri huma obbligati, konformement mal-Artikolu 51(1) tal-Karta, jiżguraw l-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw kemm mid-dritt għal rimedju effettiv u mid-dritt għal smigħ xieraq sanċiti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll mid-drittijiet tad-difiża sanċiti fl-Artikolu 48(2) tal-Karta, li huma kkonkretizzati minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Gvern Franċiż, id-dritt kriminali Franċiż [206] kien jippermetti li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati kif ukoll, jekk ikun il-każ, l-avukat tagħhom, jinvokaw f'kull mument, bejn it-tqegħid tagħhom taħt detenzjoni mill-pulizija u l-preżentazzjoni tad-difiża fuq il-mertu, kull ksur tal-obbligu li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jiġu informati fil-pront bid-dritt tagħhom li jibqgħu siekta, fejn għandu jiġi speċifikat li kemm dawn il-persuni ssuspettati u dawn il-persuni akkużati kif ukoll l-avukat tagħhom għandhom id-dritt ta' aċċess għall-fajl u, b'mod partikolari, għall-proċess verbal li jikkonstata l-informazzjoni dwar it-tqegħid taħt detenzjoni mill-pulizija u dwar id-drittijiet marbutin ma' din id-detenzjoni.

Issa, huwa permissibbli li l-Istati Membri, abbażi tal-marġni ta' manuvra mogħti lilhom mid-Direttiva 2012/13, jillimitaw *ratione temporis* l-invokazzjoni ta' tali ksur għall-istadju li jippreċedi l-preżentazzjoni tad-difiża fuq il-mertu. B'mod partikolari, il-projbizzjoni imposta fuq il-qorti kriminali li tiddeċiedi dwar il-mertu milli tikkonstata dan il-ksur *ex officio* għall-finijiet tal-annullament tal-proċedura tirrispetta, bħala prinċipju, id-drittijiet sanċiti fil-Karta, kemm-il darba l-persuni ssuspettati, il-persuni akkużati jew l-avukat tagħhom kellhom il-possibbiltà konkreta u effettiva li jinvokaw il-ksur inkwistjoni u li sabiex jagħmlu dan huma kellhom kemm terminu raġonevoli kif ukoll aċċess għall-fajl.

B'dan espost, tali konklużjoni hija valida biss sakemm dawn il-persuni kellhom b'mod konkret u effettiv, matul it-terminu li huma kellhom sabiex jinvokaw ksur tal-Artikolu 3(1)(e) u tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2012/13, id-dritt ta' aċċess għal avukat, kif sanċit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48 u kif huwa ffaċilitat mill-mekkaniżmu ta' għajnuna legali previst mid-Direttiva 2016/1919.

Il-fatt li d-dritt nazzjonali jagħti lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati l-possibbiltà konkreta u effettiva li jkollhom aċċess għal avukat madankollu ma jeskludix li, jekk jirrinunzjaw għal din il-possibbiltà, huma jkollhom, bħala prinċipju, isostnu l-eventwali konsegwenzi ta' din ir-rinunzja kemm-il darba din tkun twettqet konformement mad-Direttiva 2013/48. F'dan ir-rigward, il-persuna ssuspettata jew il-persuna akkużata għandha tkun irċeviet, bil-fomm jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti, b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem, dwar il-kontenut tad-dritt ta' aċċess għal avukat u

[206] B'mod partikolari l-Artikolu 63-1(3), l-Artikolu 63-4-1 u l-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

dwar l-eventwali konsegwenzi ta' rinunzja għalih u r-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, meta jiġi kkonstatat difett proċedurali, huma l-qrati nazzjonali li għandhom iwettqu l-evalwazzjoni tal-kwistjoni ta' jekk ikunx ġie pprovdut rimedju għal dan id-difett matul il-proċedura li ġiet warajh, fejn l-assenza ta' tali evalwazzjoni tkun fiha nnifisha *prima facie* inkompatibbli mar-rekwiżiti ta' smigħ xieraq fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [207]. Għalhekk, fil-każ fejn persuna ssuspettata ma tkunx ġiet informata, fi żmien utli, dwar id-drittijiet tagħha li ma tinkriminax ruħha u li tibqa' siekta, għandu jiġi ddeterminat jekk, minkejja din il-lakuna, il-proċedura kriminali fit-totalità tagħha tkunx tista' titqies li tkun xierqa, b'teħid inkunsiderazzjoni kemm ta' sensiela ta' fatturi li jinkludu l-kwistjoni ta' jekk id-dikjarazzjonijiet miġbura fl-assenza ta' tali informazzjoni jkunux parti integrali jew importanti mill-provi inkriminanti, kif ukoll tas-saħħa tal-elementi l-oħra tal-fajl [208].

## 3. Rikonoxximent reċiproku ta' kundanni f'materji kriminali

### Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, MV (Kumulu tal-pieni) (C-583/22 PPU, EU:C:2023:5).

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2008/675/ĠAI – Artikolu 3(1) – Prinċipju ta' assimilazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor – Obbligu li lil dawn il-kundanni jiġu rrikonoxxuti effetti ekwivalenti għal dawk marbuta mal-kundanni nazzjonali preċedenti – Regoli nazzjonali dwar il-kumulu tal-pieni a posteriori – Għadd ta' istanzi ta' ksur – Determinazzjoni ta' piena globali – Limitu massimu ta' ħmistax-il sena għall-pieni li jċaħħdu l-libertà għal żmien determinat – Artikolu 3(5) – Eċċezzjoni – Reat imwettaq qabel l-għoti jew l-eżekuzzjoni tal-kundanni fl-Istat Membru l-ieħor"*

Fl-10 ta' Ottubru 2003, MV, ċittadin Franċiż, ħataf studenta minn campus universitarju fil-Ġermanja u stupraha. Għalkemm qabel qatt ma kien is-suġġett ta' kundanna kriminali fil-Ġermanja, MV, għall-kuntrarju, kien ġie kkundannat diversi drabi fi Franza, b'mod partikolari għal piena ta' priġunerija ta' ħmistax-il sena. Dawn il-kundanni kollha kienu ngħataw minn qrati Franċiżi wara l-imsemmija data u kienu jirrigwardaw fatti mwettqa qabel Ottubru 2003.

Wara li nżamm arrestat fi Franza għal 17-il sena u 9 xhur, MV kien is-suġġett ta' konsenja lill-awtoritajiet Ġermaniżi f'Lulju 2021. Fi Frar 2022, il-Landgericht Freiburg im Breisgau (il-Qorti Reġjonali ta' Freiburg im Breisgau, il-Ġermanja) ikkundannat lil MV għall-fatti mwettqa f'Ottubru 2003 fil-Ġermanja, sabitu ħati ta' stupru aggravat u kkundannatu għal piena ta' priġunerija ta' sitt snin. Dik il-qorti kkunsidrat li l-piena "verament proporzjonata", fid-dawl tal-fatti mwettqa minn MV fil-Ġermanja, kienet tkun priġunerija ta' seba' snin. Madankollu, fid-dawl tal-impossibbiltà li jsir kumulu *a posteriori* mal-pieni mogħtija fi Franza, l-imsemmija qorti naqqset din il-piena b'sena "bħala kumpens".

---

[207] Qorti EDB, 28 ta' Jannar 2020, Mehmet Zeki Çelebi vs It-Turkija, CE:ECHR:2020:0128JUD002758207, punt 51.

[208] Ara, Qorti EDB, 13 ta' Settembru 2016, Ibrahim *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2016:0913JUD005054108, punti 273 u 274.

Il-qorti tar-rinviju, adita b'appell għal reviżjoni minn din is-sentenza, kellha dubju, essenzjalment, dwar il-kompatibbiltà tagħha mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 [209] li jipprevedu, minn naħa, il-prinċipju ta' assimilazzjoni tal-kundanni kriminali mogħtija fi Stati Membri oħra [210] u, min-naħa l-oħra, l-eċċezzjoni għal dan il-prinċipju [211].

F'dan il-kuntest, dik il-qorti indikat li l-kundanni mogħtija fi Franza kontra MV setgħu, bħala prinċipju, jiġu akkumulati jekk jiġu assimilati ma' kundanni mogħtija fil-Ġermanja. Madankollu, fil-kuntest tal-kumulu tal-pieni *a posteriori*, kellu jittieħed inkunsiderazzjoni l-limitu massimu ta' ħmistax-il sena previst għall-pieni ta' priġunerija għal żmien determinat, skont ir-regoli tad-dritt Ġermaniż. Issa, fil-każ ta' assimilazzjoni tal-kundanni mogħtija fi Franza kontra MV, dan il-limitu massimu kien diġà ntlaħaq bil-kundanna tal-persuna kkonċernata għal piena ta' priġunerija ta' ħmistax-il sena mogħtija f'dan l-Istat Membru. Konsegwentement, il-piena mogħtija kontrih fil-Ġermanja ma setgħetx, fil-prattika, tiġi eżegwita.

Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tal-prinċipju msemmi iktar 'il fuq f'dan il-każ. Fil-każ li dan il-prinċipju ma kienx applikabbli, din il-qorti staqsiet ukoll jekk, fid-determinazzjoni tal-piena imposta għar-reat imwettaq fit-territorju nazzjonali, l-iżvantaġġ li jirriżulta mill-impossibbiltà li jiġi ordnat il-kumulu tal-pieni *a posteriori* għandux neċessarjament jiġi stabbilit u mmotivat b'mod konkret.

Fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-eċċezzjoni għall-prinċipju ta' assimilazzjoni tal-kundanni kriminali mogħtija fi Stati Membri oħra kif ukoll l-obbligi tal-Istati Membri waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 [212], Stat Membru ma huwiex obbligat, meta jkun hemm proċeduri kriminali mibdija kontra persuna, jagħti lill-kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, kontra din il-persuna u għal fatti differenti, effetti ekwivalenti għal dawk marbuta mal-kundanni nazzjonali preċedenti konformement mar-regoli tad-dritt nazzjonali dwar il-kumulu tal-pieni meta, minn naħa, ir-reat li jkun wassal għal din il-proċedura jkun twettaq qabel ma dawn il-kundanni preċedenti jkunu ngħataw u, min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-kundanni preċedenti skont dawn ir-regoli jipprekludi lill-qorti nazzjonali adita b'dawn il-proċeduri milli timponi sentenza li tista' tiġi eżegwita kontra l-persuna kkonċernata.

---

209 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda (ĠU 2008, L 220, p. 32).

210 Dan il-prinċipju huwa previst fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li jipprevedi li "[k]ull Stat Membru għandu jiżgura li matul proċedimenti kriminali kontra persuna, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, li fir-rigward tagħhom inkisbet informazzjoni taħt strumenti applikabbli għal għajnuna legali reċiproka jew għall-iskambju ta' informazzjoni estratta minn fedini penali, jittieħdu inkunsiderazzjoni sal-livell li jittieħdu inkunsiderazzjoni kundanni nazzjonali preċedenti, u li jiġu attribwiti lilhom effetti legali ekwivalenti bħal kundanni nazzjonali preċedenti, bi qbil mad-dritt nazzjonali".

211 Din l-eċċezzjoni hija prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li jipprevedi li "[j]ekk ir-reat li għalih il-proċedimenti ġodda jitwettqu ġie kommess qabel mal-kundanna preċedenti tkun ingħatat jew tkun ġiet eżegwita kompletament, il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx ikollhom l-effett li jobbligaw lill-Istati Membri biex japplikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar kif jiġu imposti s-sentenzi, fejn l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli għal kundanni barranin tillimita lill-imħallef fl-impożizzjoni ta' sentenza fil-proċedimenti ġodda".

212 Dan huwa, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(1) u (5) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabel kollox li din id-deċiżjoni qafas [213] timponi bħala prinċipju fuq l-Istati Membri t-teħid inkunsiderazzjoni, meta jkun hemm proċeduri kriminali mibdija kontra persuna, ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor kontra din l-istess persuna għal fatti differenti. Madankollu, skont l-eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, jekk ir-reat li jkun wassal għall-proċedura l-ġdida jkun twettaq qabel ma tingħata jew tiġi eżegwita kompletament il-kundanna preċedenti, l-Istati Membri ma humiex obbligati japplikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar l-għoti ta' pieni meta l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għal kundanni mogħtija barra mill-pajjiż ikollha l-konsegwenza li tillimita s-setgħa li għandha l-qorti li timponi piena fil-kuntest tal-proċeduri l-ġodda.

Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat sussegwentement li, peress li l-kundizzjoni ta' natura temporali prevista minn din l-eċċezzjoni kienet issodisfatta fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, dawn tal-aħħar setgħu jaqgħu taħt din l-eċċezzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li r-regoli tad-dritt Ġermaniż dwar il-kumulu tal-pieni jikkostitwixxu "regoli nazzjonali [...] dwar kif jiġu imposti [il-pieni]" u, min-naħa l-oħra, li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli fir-rigward tal-kundanni preċedenti mogħtija fi Franza kienet ser tipprekludi lill-qorti nazzjonali milli tagħti piena li tista' tiġi eżegwita. Għaldaqstant, il-fatt, f'dan il-każ, li lill-kundanni preċedenti mogħtija fi Franza jingħataw effetti ekwivalenti għal dawk marbuta mal-kundanni nazzjonali preċedenti kien ser ikollu bħala konsegwenza li "[j]illimita lill-imħallef fl-impożizzjoni ta' [piena] fil-proċedimenti ġodda". Konsegwentement, l-imsemmija eċċezzjoni kienet applikabbli fiċ-ċirkustanzi tal-każ u kellha l-effett li teħles lill-qorti nazzjonali mill-obbligu li tagħti lill-kundanni preċedenti mogħtija fi Franza effetti ekwivalenti għal dawk marbuta mal-kundanni nazzjonali skont ir-regoli dwar il-kumulu tal-pieni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, fis-sens ta' din id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 [214], ma jeżiġix li l-qorti nazzjonali tistabbilixxi u timmotiva b'mod konkret l-iżvantaġġ li jirriżulta mill-impossibbiltà li jiġi ordnat il-kumulu tal-pieni *a posteriori* li hija prevista għall-kundanni nazzjonali preċedenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat f'dan ir-rigward li, f'kull proċedura kriminali li taqa' taħt l-eċċezzjoni msemmija iktar 'il fuq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li "il-qrati tagħhom jistgħu b'xi mod ieħor jieħdu in konsiderazzjoni kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn". Madankollu, l-ebda obbligu ma jista' jiġi dedott mid-dispożizzjoni li tipprevedi din l-eċċezzjoni f'dak li jirrigwarda l-modalitajiet konkreti, ta' dritt sostantiv jew proċedurali, li għandhom jiġu osservati, f'dan ir-rigward, mill-qrati nazzjonali. Għalhekk, minn din id-dispożizzjoni ma jistax jiġi dedott obbligu għall-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu li tipproċedi, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, għal kalkolu kkwantifikat tal-iżvantaġġ li jirriżulta mill-impossibbiltà li jiġu applikati r-regoli nazzjonali dwar il-kumulu tal-pieni previsti għall-kundanni nazzjonali u li tagħti sussegwentement tnaqqis tal-piena bbażat fuq dan il-kalkolu.

## 4. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

### Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), G. K. *et* (Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew) (C-281/22, EU:C:2023:1018)

[213] Ara l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

[214] Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li jipprevedi li "[m]adankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'tali każijiet il-qrati tagħhom jistgħu b'xi mod ieħor jieħdu in konsiderazzjoni kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn."

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew – Regolament (UE) 2017/1939 – Artikolu 31 – Investigazzjonijiet transkonfinali – Awtorizzazzjoni ġudizzjarja – Portata tal-istħarriġ – Artikolu 32 – Infurzar ta' miżuri assenjati"*

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew wettaq, permezz ta' Prosekutur Delegat Ewropew fil-Ġermanja, investigazzjonijiet preliminari fir-rigward ta' G.K., S. L. u B O. D. GmbH, issuspettati li kienu għamlu dikjarazzjonijiet doganali foloz u li b'hekk ikkawżaw dannu ta' madwar EUR 1 295 000 għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Fil-kuntest tal-investigazzjoni li żvolġiet fil-Ġermanja, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew qies neċessarju li jinġabru provi fi Stati Membri oħra, fosthom l-Awstrija. Għal dan il-għan, il-Prosekutur Delegat Ewropew Ġermaniż inkarigat mill-każ assenja [215] lil assistent Prosekutur Delegat Ewropew Awstrijak it-tfittxijiet u l-qbid ta' beni li jinsabu fl-Awstrija li kienu jappartjenu lill-persuni akkużati. Fid-9 ta' Novembru 2021, dan tal-aħħar ordna tfittxijiet u qbid, kemm fil-bini kummerċjali ta' B O. D. u tal-kumpannija omm tagħha kif ukoll fid-djar ta' G. K.u ta' S.L., li kollha jinsabu fl-Awstrija. Huwa talab ukoll lill-qrati Awstrijaki kompetenti jawtorizzaw dawn il-miżuri [216]. Dawn l-awtorizzazzjonijiet inkisbu, u l-miżuri ordnati ġew eżegwiti.

Fl-1 ta' Diċembru 2021, G.K., B O. D. u S. L. ippreżentaw rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati Awstrijaċi li kienu awtorizzaw il-miżuri inkwistjoni quddiem l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija), il-qorti tar-rinviju. B'mod partikolari, huma kkontestaw il-ġustifikazzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni ordnati fil-konfront tagħhom.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk, fil-każ li miżura ta' investigazzjoni assenjata teżiġi l-kisba ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja fl-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew, din il-miżura jkollhiex tiġi eżaminata minn qorti ta' dan l-Istat Membru fid-dawl tar-regoli proċedurali u sostantivi kollha previsti minn dan l-istess Stat Membru.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ipprovdiet kjarifiki dwar il-portata tal-istħarriġ li jista' jiġi eżerċitat mill-qrati aditi b'talba tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew għall-awtorizzazzjoni ta' miżura ta' investigazzjoni assenjata.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(3) tar-Regolament 2017/1939 jipprevedi l-kisba ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja skont id-dritt tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew meta miżura ta' investigazzjoni assenjata tkun teżiġi tali awtorizzazzjoni skont id-dritt ta' dan l-Istat Membru, l-Artikoli 31 u 32 ta' dan ir-regolament ma jispeċifikawx il-portata tal-istħarriġ li għandu jitwettaq mill-qorti kompetenti. Madankollu, mill-formulazzjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli [217] jirriżulta li l-adozzjoni ta' miżura ta' investigazzjoni assenjata, kif ukoll il-ġustifikazzjoni tagħha, huma rregolati mid-dritt tal-Istat Membru tal-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat mill-każ, filwaqt li l-eżekuzzjoni ta' tali miżura hija rregolata mid-dritt tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew. Id-distinzjoni hekk stabbilita minn dawn l-artikoli,

---

[215] Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU 2017, L 283, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament 2017/1939")

[216] L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(3) tar-Regolament 2017/1939 jipprovdi li, jekk il-miżura teżiġi awtorizzazzjoni ġudizzjarja skont id-dritt tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew, dan tal-aħħar għandu jikseb din l-awtorizzazzjoni skont id-dritt ta' dan l-Istat Membru.

[217] B'mod iktar speċifiku, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 31(1) u (2) u tal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2017/1939.

bejn il-ġustifikazzjoni u l-adozzjoni ta' miżura ta' investigazzjoni assenjata, minn naħa, u l-eżekuzzjoni tagħha, min-naħa l-oħra, tirrifletti l-loġika wara s-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-Istati Membri, li hija bbażata fuq il-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u ta' rikonoxximent reċiproku. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bbażata fuq dawn il-prinċipji, l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma hijiex mistennija tistħarreġ l-osservanza, mill-awtorità ta' emissjoni, tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ tad-deċiżjoni ġudizzjarja li hija għandha teżegwixxi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret sussegwentement li, permezz tal-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ir-Regolament 2017/1939 għandu l-għan li jiġġieled b'mod iktar effikaċi r-reati li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni [218]. Minn dan isegwi li, billi ddefinixxa l-proċeduri previsti minn dan ir-regolament, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi mekkaniżmu li jiggarantixxi grad ta' effikaċja tal-investigazzjonijiet transkonfinali mwettqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tal-inqas daqstant għoli daqs dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-proċeduri previsti fil-kuntest tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-Istati Membri bbażata fuq il-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u ta' rikonoxximent reċiproku. Madankollu, għalkemm l-għoti tal-awtorizzazzjoni ġudizzjarja msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(3) tal-imsemmi regolament jista' jkun suġġett għal eżami, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew, tal-elementi relatati mal-ġustifikazzjoni u mal-adozzjoni tal-miżura ta' investigazzjoni assenjata kkonċernata, dan iwassal, fil-prattika, għal sistema inqas effikaċi minn dik stabbilita minn tali strumenti legali u għalhekk jippreġudika l-għan imfittex mill-istess regolament. Fil-fatt, minn naħa, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew għandha, b'mod partikolari, teżamina fid-dettall il-fajl kollu tal-każ, li għandu jiġi trażmess lilha u, jekk ikun il-każ, tradott. Min-naħa l-oħra, sabiex twettaq l-eżami tagħha, hija għandha tapplika d-dritt tal-Istat Membru tal-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat mill-każ, għalkemm ma tistax titqies li hija fl-aħjar pożizzjoni li twettaq dan.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-Regolament 2017/1939 jistabbilixxi, għall-finijiet tal-kooperazzjoni bejn il-Prosekuturi Delegati Ewropej fil-kuntest tal-investigazzjonijiet transkonfinali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, distinzjoni bejn ir-responsabbiltajiet marbuta mal-ġustifikazzjoni u mal-adozzjoni tal-miżura assenjata, li jaqgħu taħt il-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat mill-każ, u dawk relatati mal-eżekuzzjoni ta' din il-miżura, li jaqgħu taħt l-assistent Prosekutur Delegat Ewropew. Konformement ma' dan it-tqassim ta' responsabbiltajiet, l-istħarriġ relatat mal-awtorizzazzjoni ġudizzjarja li tkun meħtieġa skont id-dritt tal-Istat Membru tal-assistent Prosekutur Delegat Ewropew jista' jkopri biss l-elementi relatati mal-eżekuzzjoni ta' din il-miżura, bl-esklużjoni tal-elementi relatati mal-ġustifikazzjoni u mal-adozzjoni tal-imsemmija miżura.

Fir-rigward tal-elementi relatati mal-ġustifikazzjoni u mal-adozzjoni tal-miżura assenjata, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat madankollu li dawn għandhom ikunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju minn qabel fl-Istat Membru tal-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat mill-każ f'sitwazzjoni ta' ndħil serju fid-drittijiet tal-persuna kkonċernata ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament 2017/1939, huwa l-Istat Membru tal-Prosekutur Delegat inkarigat mill-każ li għandu jipprevedi stħarriġ ġudizzjarju minn qabel tal-kundizzjonijiet dwar il-ġustifikazzjoni u l-adozzjoni ta' miżura ta' investigazzjoni assenjata, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-każ ta' miżuri ta' investigazzjoni bħal tfittxijiet fi djar privati, miżuri kawtelatorji relatati ma' beni personali jew l-iffriżar tal-assi, huwa għalhekk dan l-Istat Membru li għandu jipprevedi, fid-dritt nazzjonali, salvagwardji adegwati u suffiċjenti, bħalma huwa stħarriġ ġudizzjarju minn qabel, sabiex jiġu żgurati l-legalità u n-neċessità ta' tali miżuri.

---

218 Ara l-premessi 12, 14, 20 u 60 tar-Regolament 2017/1939.

# VI. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

## 1. Regolament Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri

### Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, TT (Tneħħija illegali tal-wild) (C-87/22, EU:C:2023:571)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikoli 10 u 15 – Trasferiment lil qorti li tinsab f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-każ – Kundizzjonijiet – Qorti tal-Istat Membru fejn il-wild tneħħa illegalment – Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 – Interessi superjuri tal-wild"*

TT u AK, ċittadini Slovakki, huma l-ġenituri ta' V u M, imwielda fis-Slovakkja fl-2012. Fl-2014, il-familja stabbilixxiet ruħha fl-Awstrija. TT u AK isseparaw fl-2020 u AK ħadet lill-ulied jgħixu magħha fis-Slovakkja, mingħajr il-kunsens ta' TT. Dan tal-aħħar għalhekk ressaq, quddiem qorti Slovakka, talba għar-ritorn tal-ulied skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 [219]. Fl-istess ħin, huwa ppreżenta rikors quddiem qorti Awstrijaka sabiex jingħata l-kustodja esklużiva taż-żewġt itfal. AK adixxa lill-istess qorti sabiex din titlob lil qorti Slovakka tiddikjara li kellha ġurisdizzjoni fil-qasam tad-dritt ta' kustodja tal-ulied skont ir-Regolament Nru 2201/2003 [220, 221], filwaqt li argumenta li l-qrati Slovakki kienu jinsabu f'pożizzjoni aħjar sabiex jagħtu deċiżjoni dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward taż-żewġ ulied.

Il-qorti tat-trasferiment kellha dubju dwar jekk il-ġurisdizzjoni sabiex tittieħed konjizzjoni tal-kustodja tal-ulied tistax tiġi ttrasferita, skont ir-Regolament Nru 2201/2003 [222], lil qorti tal-Istat Membru li fih il-wild ikun stabbilixxa r-residenza abitwali tiegħu wara tneħħija illegali u jekk il-kundizzjonijiet previsti għal tali trasferiment ikollhomx natura eżawrjenti.

Adita minn din il-qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-qorti ta' Stat Membru li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu ta' kawża fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament tkun tista' eċċezzjonalment titlob it-trasferiment, previst fl-Artikolu 15(1)(b) tal-imsemmi regolament, lil qorti tal-Istat Membru li fih dan il-wild ikun tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

---

219 Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tal-Minuri, iffirmata f'Den Haag fil-25 ta' Ottubru 1980.

220 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63). L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi l-possibbiltà, eċċezzjonalment, għall-qrati ta' Stat Membru li jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-mertu ta' kawża li jittrasferixxu din il-kawża jew parti speċifika tagħha lil qorti ta' Stat Membru ieħor li l-wild ikollu konnessjoni partikolari miegħu, jekk din tal-aħħar tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tieħu konjizzjoni tagħha, u meta dan ikun fl-aħjar interessi tal-wild.

221 B'mod partikolari fl-Artikolu 15(1)(b), (2)(a) u (5) ta' dan ir-regolament.

222 Skont l-Artikolu 15(1)(b) ta' dan ir-regolament.

Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri li jinsabu fir-Regolament Nru 2201/2003 ġew maħsuba bil-għan li jissodisfaw l-aħjar interess tal-wild u, għal dan l-għan, jiffavorixxu l-kriterju ta' prossimità. Għalhekk, regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali hija stabbilita [223] favur il-qrati tal-Istat Membru li fih il-wild ikollu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument meta l-qorti tiġi adita. Madankollu, din ir-regola tapplika [224] bla ħsara, b'mod partikolari, għall-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati tal-Istat Membru li fih il-wild kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tiegħu. Din id-dispożizzjoni, li timplimenta l-għan intiż li jiġu skoraġġuti t-tneħħija jew iż-żamma illegali ta' wild bejn Stati Membri, għandha l-għan li tinnewtralizza l-effett li l-applikazzjoni tar-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali twassal fil-każ ta' tneħħija illegali tal-wild ikkonċernat, jiġifieri t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni lejn l-Istat Membru li fih dan il-wild ikun kiseb residenza abitwali ġdida wara t-tneħħija jew iż-żamma illegali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-qorti ta' Stat Membru, li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża, tipproċedi, b'mod eċċezzjonali, għat-trasferiment tal-kawża lil qorti ta' Stat Membru ieħor, bil-kundizzjoni li din tal-aħħar tiddikjara li jkollha ġurisdizzjoni f'terminu ta' sitt ġimgħat. Il-possibbiltà li jintalab it-trasferiment teżisti wkoll favur qorti li l-ġurisdizzjoni tagħha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, u ma huwiex eskluż li t-trasferiment isir lil qorti tal-Istat Membru li fih il-wild ikkonċernat ikun tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu. Fil-fatt, l-aħjar interess tal-wild, wieħed mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2201/2003, jikkostitwixxi kunsiderazzjoni primarja, u t-trasferiment inkwistjoni għandu jaqdi dan l-interess. Għalhekk ma huwiex kuntrarju għall-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2201/2003 jekk qorti li jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri abbażi tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament tkun tista' titlob it-trasferiment tal-kawża mressqa quddiemha lil qorti ta' Stat Membru ieħor fejn il-wild ikkonċernat ikun tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu.

Madankollu, it-trasferiment inkwistjoni jista' jintalab biss jekk ikunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi u eżawrjenti [225], jiġifieri jekk ikun hemm "rabta partikolari" bejn il-wild u Stat Membru ieħor, jekk il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-mertu ta' kawża tqis li qorti ta' dan l-Istat Membru ieħor tkun "f'pożizzjoni aħjar" sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża u jekk it-trasferiment jaqdi l-aħjar interess tal-wild ikkonċernat, fis-sens li ma jkunx hemmx riskju li jkun hemm effett detrimentali fuq is-sitwazzjoni ta' dan tal-aħħar. L-eżistenza ta' talba għal ritorn ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, li ma kinitx is-suġġett ta' deċiżjoni definittiva fl-Istat Membru li fih il-wild ikkonċernat tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu, ma tistax tostakola t-trasferiment inkwistjoni, iżda din iċ-ċirkustanza għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi tal-osservanza tal-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex dan isir.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-fatt li l-wild ikun ċittadin ta' Stat Membru huwa wieħed mill-kriterji li jippermettu li jitqies li huwa jkollu "rabta partikolari" ma' dan l-Istat Membru.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjoni li l-qorti li lejha jkun maħsub li jsir it-trasferiment għandha tkun "f'pożizzjoni aħjar" sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża, il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni diversi elementi. Qabelxejn, it-trasferiment għandu jkun ta' natura li jipprovdi valur miżjud reali u konkret għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-wild, meta mqabbel mal-ipoteżi taż-żamma tal-kawża quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni. Dan ikun il-każ, *inter alia*, meta l-qorti li lejha jkun

[223] Konformement mal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament.

[224] Konformement mal-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament.

[225] Elenkati, b'mod eżawrjenti, fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

maħsub li twettaq it-trasferiment tkun adottat, fuq talba tal-partijiet fil-kawża prinċipali u skont ir-regoli ta' proċedura applikabbli, numru ta' miżuri provviżorji ta' urġenza bbażati, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003. Sussegwentement, dan it-trasferiment ma jkunx jista' iwassal għar-riskju manifest li l-ġenitur li jitlob ir-ritorn tal-wild jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jsostni l-argumenti tiegħu b'mod effettiv quddiem il-qorti li lejha jkun previst li jsir dan it-trasferiment. Fl-aħħar nett, meta talba għal ritorn ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 tkun tressqet quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih il-wild ikkonċernat ikun tneħħa illegalment, ebda qorti ta' dan l-Istat Membru ma tista' titqies li tkun "fl-aħjar pożizzjoni" sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża qabel ma jkun skada t-terminu ta' sitt ġimgħat, previst għat-teħid ta' deċiżjoni dwar it-talba għar-ritorn tal-wild [226]. Barra minn hekk, id-dewmien sostanzjali tal-qrati tal-imsemmi Stat Membru sabiex jiddeċiedu dwar din it-talba jista' jikkostitwixxi element kontra l-konstatazzjoni li dawn il-qrati jkunu f'pożizzjoni aħjar sabiex jagħtu deċiżjoni dwar il-mertu tad-dritt ta' kustodja. Fil-fatt, wara li jkunu ġew informati bit-tneħħija illegali ta' wild, il-qrati tal-Istat kontraenti li fit-territorju tiegħu jkun tneħħa l-wild ma jistgħux jiddeċiedu fuq il-mertu tad-dritt ta' kustodja sakemm jiġi stabbilit li, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għar-ritorn tal-wild ma jkunux ġew issodisfatti [227].

Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-aħjar interess tal-wild, l-evalwazzjoni tagħha ma tistax tinjora l-impossibbiltà temporanja tal-qrati tal-Istat Membru li fih il-wild ikun tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu li jadotta deċiżjoni fuq il-mertu tad-dritt ta' kustodja, konformi ma' dan l-interess, qabel ma l-qorti ta' dan l-Istat Membru, adita bit-talba għar-ritorn ta' dan il-wild, tkun, tal-inqas, tat deċiżjoni dwarha.

## 2. Regolament Nru 805/2004 li joħloq titolu eżekuttiv Ewropew għal talbiet mhux ikkontestati

### Sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Lufthansa Technik AERO Alzey (C-393/21, EU:C:2023:104)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 805/2004 – Titolu eżekuttiv Ewropew għal talbiet mhux ikkontestati – Artikolu 23(ċ) – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew – Ċirkustanzi eċċezzjonali – Kunċett"*

Fl-14 ta' Ġunju 2019, l-Amtsgericht Hünfeld (il-Qorti Distrettwali ta' Hünfeld, il-Ġermanja) ikkomunikat lil Arik Air Limited ordni ta' ħlas għall-irkupru ta' kreditu ta' EUR 2 292 993.32 favur Lufthansa Technik AERO Alzey GmbH (iktar 'il quddiem "Lufthansa"), u ħarġet sussegwentement, fl-24 ta' Ottubru 2019, titolu eżekuttiv Ewropew u, fit-2 ta' Diċembru 2019, ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew.

Uffiċjal ġudizzjarju (iktar 'il quddiem l-"uffiċjal") fil-Litwanja ntalab minn Lufthansa jeżegwixxi dan it-titolu eżekuttiv fil-konfront ta' Arik Air.

Din il-kumpannija tal-aħħar ressqet quddiem il-Landgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja) talba [228] għall-irtirar taċ-ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew u għall-

[226] Previst fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003.

[227] Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

[228] Din it-talba tressqet fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [titolu eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 38).

waqfien tal-irkupru forzat tal-kreditu. Hija qieset li l-Qorti Distrettwali ta' Hünfeld kienet ikkomunikatilha b'mod irregolari l-atti proċedurali, fatt li allegatament wassal għan-nuqqas ta' osservanza minnha tat-terminu sabiex tikkontesta l-ordni ta' ħlas inkwistjoni.

Fil-Litwanja, Arik Air talbet ukoll lill-uffiċjal jissospendi l-proċedura ta' eżekuzzjoni sad-deċiżjoni definittiva tal-Qorti Reġjonali ta' Frankfurt am Main, liema talba ġiet miċħuda mill-uffiċjal, peress li qies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma kinitx tippermetti sospensjoni f'dawn iċ-ċirkustanzi.

Permezz ta' digriet adottat f'April 2020, il-Qorti Reġjonali ta' Frankfurt am Main, peress li qieset b'mod partikolari li Arik Air ma kinitx uriet li l-imsemmi titolu kien inħareġ b'mod illegali, issuġġettat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata tat-titolu eżekuttiv Ewropew ikkonċernat għad-depożitu ta' garanzija ta' EUR 2 000 000.

Permezz ta' digriet adottat f'Ġunju 2020, il-Kauno apylinkės teismas (il-Qorti Distrettwali ta' Kaunas, il-Litwanja) ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn Arik Air kontra d-deċiżjoni tal-uffiċjal li permezz tagħha kienet ġiet irrifjutata s-sospensjoni ta' din il-proċedura ta' eżekuzzjoni.

Fl-appell, il-Kauno apygardos teismas (il-Qorti Reġjonali ta' Kaunas, il-Litwanja) annullat dan id-digriet u ssospendiet il-proċedura ta' eżekuzzjoni inkwistjoni sakemm tingħata s-sentenza definittiva mill-qorti Ġermaniża dwar it-talbiet ta' Arik Air. Dik il-qorti qieset li, fid-dawl tar-riskju ta' dannu sproporzjonat li jista' jirriżulta mill-proċedura ta' eżekuzzjoni mibdija kontra Arik Air, il-preżentata ta' rikors kontra ċ-ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew quddiem il-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini kienet suffiċjenti bħala bażi għas-sospensjoni ta' din il-proċedura. Hija qieset ukoll li ma kienet teżisti l-ebda raġuni li tippermetti li jitqies li kienet il-Qorti Reġjonali ta' Frankfurt am Main li kellha tiddeċiedi fuq il-fondatezza tat-talba għal sospensjoni tal-atti ta' eżekuzzjoni.

Lufthansa għalhekk ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Qorti Suprema tal-Litwanja) kontra din id-deċiżjoni.

Adita minn din il-qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet dwar is-sens u l-portata tal-kunċett ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali" li jippermettu lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, skont l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 805/2004 [229], tissospendi l-eżekuzzjoni ta' sentenza ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew fl-Istat Membru ta' oriġini.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-kunċett ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali", inkluż fl-Artikolu 23(ċ) tar-Regolament Nru 805/2004, ikopri sitwazzjoni li fiha t-tkomplija tal-proċedura ta'

---

[229] Skont din id-dispożizzjoni, intitolata "Twaqqif jew limitazzjoni ta' l-infurzar" :

"Fejn id-debitur ikun

– ikkontesta sentenza ċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar [titolu eżekuttiv Ewropew], inkluża applikazzjoni għar-reviżjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 19, jew

– applika għall-korrezzjoni jew l-irtirar ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar skond l-Artikolu 10,

il-qorti kompetenti jew awtorità fl-Istat Membru ta' l-infurzar tista', wara applikazzjoni mid-debitur:

(a) tillimiti l-proċeduri ta' infurzar għal miżuri protettivi; jew

(b) tagħmel l-infurzar kondizzjonat fuq il-provvista ta' dik il-garanzija hekk kif tista' tistabbilixxi; jew

(ċ) taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, twaqqaf il-proċeduri ta' infurzar."

eżekuzzjoni ta' sentenza ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew, meta d-debitur ikun ippreżenta, fl-Istat Membru ta' oriġini, rikors kontra din is-sentenza jew talba għall-korrezzjoni jew għall-irtirar taċ-ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew, tesponi lil dan id-debitur għal riskju reali ta' dannu partikolarment gravi. Il-kumpens għal tali dannu, fil-każ ta' annullament tal-imsemmija sentenza jew fil-każ ta' korrezzjoni jew irtirar taċ-ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew ikun impossibbli jew estremament diffiċli. Dan il-kunċett ma jkoprix ċirkustanzi relatati mal-proċedura ġudizzjarja mibdija fl-Istat Membru ta' oriġini kontra s-sentenza ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew jew kontra ċ-ċertifikat ta' titolu eżekuttiv Ewropew.

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, qabelxejn, li l-kunċett ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali" huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-użu mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ta' dan il-kunċett juri li dan tal-aħħar ma kellux l-intenzjoni jillimita l-portata ta' din id-dispożizzjoni unikament għas-sitwazzjonijiet ta' forza maġġuri, li jirriżultaw, bħala regola ġenerali, minn avvenimenti imprevedibbli u irreżistibbli li jkunu ġejjin minn kawża barra mill-kontroll tad-debitur. Konsegwentement, il-possibbiltà ta' sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' sentenza ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew għandha titqies li hija rriżervata għall-każijiet fejn it-tkomplija tal-eżekuzzjoni tesponi lid-debitur għal riskju reali ta' dannu partikolarment gravi li l-kumpens tiegħu jkun impossibbli jew estremament diffiċli fil-każ li jintlaqa' r-rikors jew fil-każ li tintlaqa' t-talba mressqa fl-Istat Membru ta' oriġini. Barra minn hekk, il-bidu ta' tali proċedura ġudizzjarja mid-debitur jikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżami, mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, tal-eżistenza taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali.

Barra minn hekk, it-tqassim tal-kompetenzi mwettaq mir-Regolament Nru 805/2004 bejn il-qrati u l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' oriġini u dawk tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jimplika li dawn tal-aħħar ma humiex kompetenti biex jeżaminaw, fil-kuntest ta' talba għal sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni, sentenza dwar talba mhux ikkontestata mogħtija fl-Istat Membru ta' oriġini jew dwar iċ-ċertifikazzjoni tagħha bħala titolu eżekuttiv Ewropew. Għalhekk, il-qrati jew l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandhom marġni ta' diskrezzjoni limitat f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi li fid-dawl tagħhom tista' tintlaqa' talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni. Matul l-eżami ta' tali talba, dawn il-qrati jew awtoritajiet għandhom jillimitaw ruħhom, sabiex jistabbilixxu l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali fis-sens tal-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament, li jfittxu bilanċ bejn l-interess tal-kreditur, li jikkonsisti fl-eżekuzzjoni immedjata tas-sentenza dwar il-kreditu tiegħu, u dak tad-debitur, li jikkonsisti fl-evitar ta' dannu partikolarment gravi u irreparabbli jew diffiċilment reparabbli.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 805/2004 jippermetti l-applikazzjoni simultanja tal-miżuri ta' limitazzjoni u ta' kostituzzjoni ta' garanzija previsti minnu fil-punti (a) u (b) [230], iżda ma jippermettix l-applikazzjoni simultanja ta' waħda minn dawn iż-żewġ miżuri ma' dik ta' sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni msemmija fil-punt (ċ) tiegħu.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta n-natura eżekuttiva ta' sentenza ċċertifikata bħala titolu eżekuttiv Ewropew tkun ġiet sospiża fl-Istat Membru ta' oriġini u ċ-ċertifikat previst f'dan l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 805/2004 jkun ġie ppreżentat lill-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, din il-qorti għandha tissospendi, fuq il-bażi ta' din is-sentenza, il-proċedura ta' eżekuzzjoni mibdija f'dan l-aħħar Stat [231].

---

[230] Dawn il-miżuri huma intiżi rispettivament li jillimitaw l-proċedura ta' eżekuzzjoni għal miżuri kawtelatorji (a) u jissuġġettaw l-eżekuzzjoni għall-kostituzzjoni ta' garanzija ddeterminata mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni (b).

[231] Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq il-bażi tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 805/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 11 tiegħu.

L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 805/2004, intitolat "Ħtiġiet għal ċertifikazzjoni bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar [titolu eżekuttiv Ewropew]", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu : "Fejn sentenza ċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar ittemm mill tibqa' tista' tiġi nfurzata jew l-infurzar tagħha ikun ġie sospiż jew limitat, ċertifikat li juri n-nuqqas ta' limitazzjoni ta' l-infurzar għandu, ma' l-applikazzjoni f'kull żmien tal-qorti ta' oriġini, jinħareġ, bl-użu tal-formola standard fl-Anness IV."

L-Artikolu 11 tal-istess regolament, intitolat "Effett taċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar [titolu eżekuttiv Ewropew]", jipprovdi min-naħa tiegħu: "Iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għandu jkollu effett biss fil-limiti ta' l-infurzabilità tas-sentenza"

# VII. Trasport

### Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (Tul massimu ta' parkeġġ) (C-167/22, EU:C:2023:1020)

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq – Regolament (KE) Nru 1072/2009 – Artikoli 8 u 9 – Regolament (KE) Nru 561/2006 – Perijodu ta' mistrieħ – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi tul massimu ta' parkeġġ ta' 25 siegħa fiż-żoni ta' mistrieħ pubbliċi tul in-network tal-awtostradi ta' Stat Membru – Ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bit-triq – Oneru tal-prova"*

Ir-Regolament Nru 1072/2009, li jintroduċi regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija [232], għandu l-għan li jistabbilixxi politika komuni tat-trasport li tinvolvi l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kollha fir-rigward tal-fornitur ta' servizzi ta' trasport dovuti għan-nazzjonalità tiegħu jew għall-fatt li jkun stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikollhom jiġu pprovduti s-servizzi.

Fl-1 ta' Lulju 2018, ir-Renju tad-Danimarka stabbilixxa regola li tillimita għal 25 siegħa t-tul massimu ta' parkeġġ fiż-żoni ta' mistrieħ pubbliċi tul in-network tal-awtostradi tiegħu (iktar 'il quddiem ir-"regola tal-25 siegħa") [233].

Wara li bagħtet lir-Renju tad-Danimarka talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea fetħet proċedura għal ksur, abbażi tal-Artikolu 258 TFUE, minħabba nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li tiġi żgurata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport kif iggarantita mir-Regolament Nru 1072/2009. Hija sostniet, essenzjalment, li, għalkemm ma kinitx qiegħda tintroduċi direttament diskriminazzjoni, ir-regola tal-25 siegħa kienet tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport peress li ma kinitx taffettwa bl-istess mod lit-trasportaturi bit-triq stabbiliti fid-Danimarka u lit-trasportaturi bit-triq mhux residenti. Ir-Renju tad-Danimarka kkontesta kull ksur f'dan ir-rigward u pprovda l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni. Peress li qieset li din ir-risposta ma kinitx konvinċenti, hija bagħtet lil dan l-Istat Membru opinjoni motivata, li għaliha huwa wieġeb billi żamm il-pożizzjoni tiegħu dwar il-konformità tar-regola tal-25 siegħa mad-dritt tal-Unjoni. Peress li baqgħet mhux konvinta mill-argumenti mressqa mill-Gvern Daniż, il-Kummissjoni ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, sabiex jiġi kkonstatat li, meta stabbilixxa r-regola tal-25 siegħa, ir-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport previsti fl-Artikoli 1, 8 u 9 tar-Regolament Nru 1072/2009. Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, din ir-regola kienet taffettwa iktar lit-trasportaturi mhux residenti u l-ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li kien jirriżulta minnha ma kien iġġustifikat minn ebda waħda mir-raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku invokati minn dan l-Istat Membru.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors tal-Kummissjoni. Hija fakkret, fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita tagħha, li, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-oneru tal-prova fir-rigward tal-istabbiliment tal-eżistenza ta' tali nuqqas jaqa' fuq il-Kummissjoni, mingħajr ma din tkun tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe preżunzjoni. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kinitx ipproduċiet, b'mod suffiċjenti fid-dritt, il-prova tal-allegazzjonijiet tagħha.

---

[232] Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU 2009, L 300, p. 72, rettifika fil-ĠU 2018, L 241, p. 14).

[233] Din ir-regola ġiet implimentata mill-awtorità tat-toroq skont l-Artikolu 92(1) tal-færdselsloven (il-Kodiċi tat-Triq Daniż).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Wara li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-Renju tad-Danimarka, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-mertu tal-kawża u fakkret, l-ewwel nett, li s-servizzi li għandhom jiġu kklassifikati bħala "servizz fil-qasam tat-trasport" jaqgħu taħt l-Artikolu 58(1) TFUE, li huwa dispożizzjoni speċifika, b'tali mod li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE, dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'mod ġenerali [234]. Dan ma jipprekludix li att tal-Unjoni adottat abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar it-trasport [235] ikun jista', sa fejn jiġi ddeterminat f'dan l-att, jagħmel applikabbli għal settur tat-trasport il-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi kif stabbilit fl-Artikolu 56 TFUE.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-Regolament Nru 1072/2009 japplika għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi fir-rigward tal-vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Unjoni kif ukoll għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, jiġifieri t-trasport nazzjonali ta' merkanzija bit-triq f'isem terzi mwettaq b'mod temporanju minn trasportatur mhux residenti [236]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 1072/2009 jispeċifika, b'mod partikolari, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 9(1) ta' dan l-istess regolament għandhom jiġu applikati bl-istess mod għat-trasportaturi mhux residenti u għal dawk stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti, sabiex tiġi evitata kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità jew il-post ta' stabbiliment.

Sussegwentement, fir-rigward tal-argument tar-Renju tad-Danimarka dwar il-fatt li l-kompetenza sabiex jiġu stabbiliti regoli fil-qasam tat-tul tal-parkeġġ fiż-żoni ta' mistrieħ pubbliċi tappartjeni lill-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni, u għalhekk, f'dan il-każ, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1072/2009. F'dan il-kuntest, huma għandhom, barra minn hekk, jieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli dwar il-perijodi ta' sewqan, il-pawżi u l-perijodi ta' mistrieħ li għandhom jiġu osservati, skont ir-Regolament Nru 561/2006 [237], mix-xufiera li jwettqu t-trasport ta' merkanzija b'vetturi li l-massa massima awtorizzata tagħhom taqbeż it-3.5 tunnellati [238] (iktar 'il quddiem il-"vetturi kkonċernati"). L-osservanza ta' dawn il-perijodi ta' mistrieħ tista' tiddependi, *inter alia*, mid-disponibbiltà ta' żoni ta' mistrieħ fuq l-awtostradi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, min-natura tagħha stess, regola bħal dik tal-25 siegħa għandha l-konsegwenza li tagħmel dawn iż-żoni ta' mistrieħ indisponibbli għall-finijiet tal-osservanza tad-diversi perijodi ta' mistrieħ previsti fir-Regolament Nru 561/2006 [239]. Minn dan isegwi li, *a priori,* tali regola jista' jkollha effett konkret fuq l-eżerċizzju, mit-trasportaturi mhux residenti, tad-drittijiet ta' trasport, b'mod partikolari, tad-drittijiet ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ, u tista' taffettwa iktar lil dawn tal-aħħar milli lit-trasportaturi stabbiliti fid-Danimarka.

---

[234] Sentenzi tal-20 ta' Diċembru 2017, ***Asociación Profesional Elite Taxi*** (C-434/15, EU:C:2017:981, punt 44) u tat-8 ta' Diċembru 2020, ***Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill*** (C-628/18, EU:C:2020:1000, punt 145).

[235] Jiġifieri, it-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, li jinkludi l-Artikoli 90 sa 100 TFUE.

[236] Skont l-Artikolu 1(1) u (4) tar-Regolament Nru 1072/2009, moqri flimkien mal-punt 6 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament.

[237] Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta'ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU 2006, L 102, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 195, p. 83).

[238] Dawn ir-regoli huma espressament imsemmija fil-premessa 13 u fl-Artikolu 9(1)(d) tar-Regolament Nru 1072/2009.

[239] Perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa (ta' mill-inqas 45 siegħa) u perijodi mnaqqsa ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa (ta' inqas minn 45 siegħa, li jistgħu jitnaqqsu, b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8(6) tar-Regolament Nru 561/2006, għal minimu ta' 24 siegħa konsekuttivi), bl-eċċezzjoni biss tal-perijodi mnaqqsa ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa li jvarjaw minn 24 sa 25 siegħa.

Madankollu, f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, huwa l-oneru tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u li tipproduċi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-provi neċessarji għall-verifika minn din tal-aħħar tal-eżistenza ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, mingħajr ma l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq kwalunkwe preżunzjoni. F'dan il-każ, ir-Renju tad-Danimarka pproduċa, fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża u fir-risposta tiegħu, data dwar in-numru ta' postijiet ta' parkeġġ disponibbli għall-vetturi kkonċernati, b'mod partikolari dwar dawk il-postijiet ipprovduti mis-settur privat, u għamel preċiżazzjonijiet dwar din id-data waqt is-seduta. Issa, fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni sempliċement invokat assenza ta' kapaċità ta' parkeġġ alternattiva suffiċjenti mqassma fuq in-network Daniż tal-awtostradi u, barra minn hekk, fir-replika tagħha, sempliċement osservat li d-data prodotta bħala difiża mir-Renju tad-Danimarka ma kinitx tbiddel il-konklużjonijiet tagħha fuq dan il-livell.

Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ma pproduċiet ebda data oġġettiva li tistabbilixxi l-insuffiċjenza tal-kapaċitajiet alternattivi ta' parkeġġ għall-finijiet tal-osservanza tal-perijodi ta' mistrieħ li jaqbżu l-25 siegħa. Issa, mingħajr tali data oġġettiva, ma setax jiġi stabbilit, ħlief abbażi ta' preżunzjonijiet, li r-regola tal-25 siegħa kienet effettivament ta' natura li tostakola l-attivitajiet ta' trasport ta' kabotaġġ imwettqa minn fornituri mhux residenti għad-detriment ta' dawn tal-aħħar meta mqabbla ma' dawk stabbiliti fid-Danimarka. Għalhekk, is-sempliċi eżistenza ta' problemi ta' kapaċità fiż-żoni ta' mistrieħ pubbliċi tan-network tal-awtostradi Daniżi u l-identifikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat tal-isfidi li għandhom jiġu affrontati f'termini ta' kapaċità ta' parkeġġ, li kienet waħda mir-raġunijiet prinċipali għall-introduzzjoni tar-regola tal-25 siegħa, ma kinux jippermettu li jiġi konkluż li din ir-regola kienet tikser ir-Regolament Nru 1072/2009. L-istess kellu japplika għall-fatt li l-kapaċitajiet ta' parkeġġ ipprovduti mis-settur privat kienu inqas minn dawk taż-żoni ta' mistrieħ pubbliċi, peress li, f'dan il-limitu ta' 25 siegħa, il-parkeġġ ta' dawn il-vetturi baqa' permess f'tali żoni.

Fl-aħħar nett, f'dan il-każ, il-Kummissjoni lanqas ma stabbilixxiet oġġettivament li l-lokalizzazzjoni tal-postijiet alternattivi pprovduti mis-settur privat u t-tqassim tagħhom fit-territorju kif ukoll in-natura bi ħlas ta' wħud minn dawn il-postijiet kienu ta' natura li jostakolaw l-attivitajiet ta' trasport għad-detriment tal-fornituri mhux residenti, iżda, f'dan ir-rigward, sempliċement ibbażat ruħha fuq preżunzjonijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kummissjoni ma pproduċietx, b'mod suffiċjenti fid-dritt, il-prova tal-affermazzjonijiet tagħha li r-regola tal-25 siegħa tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1072/2009. Għaldaqstant, hija ċaħdet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni.

# VIII. Kompetizzjoni

## 1. Akkordji (Artikolu 101 TFUE) [240]

### Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), International Skating Union vs Il-Kummissjoni (C-124/21 P, EU:C:2023:1012)

*"Appell – Kompetizzjoni – Regoli stabbiliti minn federazzjoni sportiva internazzjonali – Pattinaġġ fuq is-silġ – Entità rregolata mid-dritt privat li għandha setgħat regolatorji, ta' kontroll, ta' deċiżjoni u ta' sanzjoni – Regoli dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet, il-parteċipazzjoni tal-atleti f'dawn il-kompetizzjonijiet kif ukoll l-arbitraġġ tat-tilwim – Eżerċizzju parallel ta' attivitajiet ekonomiċi – Organizzazzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet – Artikolu 101(1) TFUE – Deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li għandha effett ħażin fuq il-kompetizzjoni – Kunċetti ta' 'għan' u ta' 'effett' antikompetittivi – Eventwali ġustifikazzjoni – Kundizzjonijiet"*

L-International Skating Union (l-Unjoni Internazzjonali ta' Pattinaġġ, iktar 'il quddiem l-"ISU"), assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat li għandha s-sede tagħha fl-Isvizzera, kienet tippreżenta ruħha bħala l-unika federazzjoni sportiva internazzjonali rrikonoxxuta mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (KOI) fil-qasam tal-pattinaġġ artistiku kif ukoll tal-pattinaġġ veloċi fuq is-silġ. Filwaqt li kienet tissorvelja l-assoċjazzjonijiet nazzjonali inkarigati minn dawn iż-żewġ dixxiplini, li kienu membri tagħha, l-ISU tat lilha nnifisha l-għan statutorju li tirregola, tamministra, tiġġestixxi u tippromwovi l-imsemmija dixxiplini fuq skala dinjija. Hija kienet teżerċita, b'mod parallel, attività ekonomika li tikkonsisti, b'mod partikolari, fl-organizzazzjoni ta' diversi avvenimenti ta' pattinaġġ veloċi kif ukoll ta' pattinaġġ fuq is-silġ fil-kuntest ta' kompetizzjonijiet internazzjonali, bħalma huma l-kampjonati tal-Ewropa u tad-dinja kif ukoll il-Logħob Olimpiku tax-Xitwa.

Skont l-għan statutorju tagħha, l-ISU adottat u ppubblikat numru ta' atti li jistabbilixxu regoli, li jinkludu, b'mod partikolari, regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel kif ukoll regoli ta' eliġibbiltà. Dawn ir-regoli kienu jiddeterminaw, rispettivament, il-kundizzjonijiet għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet internazzjonali ta' pattinaġġ fuq is-silġ u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-atleti f'tali kompetizzjonijiet. Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-imsemmija regoli, ir-regoli stabbiliti mill-ISU kienu jinkludu, barra minn hekk, sistema ta' sanzjonijiet. Fl-aħħar nett, l-ISU adottat ukoll regoli li kienu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' arbitraġġ tat-tilwim (iktar 'il quddiem ir-"regoli ta' arbitraġġ"), li kienu jagħtu lill-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport, li tinsab f'Lausanne (l-Isvizzera), ġurisdizzjoni esklużiva sabiex jieħu konjizzjoni tiegħu.

Adita b'ilment imressaq minn żewġ pattinaturi professjonali, il-Kummissjoni Ewropea qieset, permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Diċembru 2017 [241] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), li r-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà tal-ISU kienu inkompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE sa fejn kellhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Fil-fatt, billi pprekludew lill-pattinaturi veloċi professjonali milli jipparteċipaw liberament f'avvenimenti internazzjonali organizzati minn terzi, huma

[240] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), ***European Superleague Company*** (C-333/21, EU:C:2023:1011), ippreżentata fit-Taqsima VIII.2, "Abbuż minn pożizzjoni dominanti (Artikolu 102 TFUE)".

[241] Deċiżjoni C(2017) 8230 final tal-Kummissjoni Ewropea tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT/40208 – Regoli ta' Eliġibilità tal-Unjoni Internazzjonali tal-Pattinaġġ).

ċaħħdu lil dawn it-terzi mis-servizzi tal-atleti li kienu neċessarji sabiex jorganizzaw dawn il-kompetizzjonijiet. Konsegwentement, il-Kummissjoni ordnat lill-ISU, taħt piena ta' pagamenti ta' penalità, ittemm il-ksur kif ikkonstatat, mingħajr madankollu ma imponiet fuqha multa. Barra minn hekk, din l-istituzzjoni qieset li r-regoli ta' arbitraġġ kienu jsaħħu dan il-ksur sa fejn dawn ma kinux jippermettu lill-persuni kkonċernati jiksbu stħarriġ ġudizzjarju effettiv, fid-dawl tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, tad-deċiżjonijiet adottati mill-ISU.

Filwaqt li tat deċiżjoni, permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020 [242] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), dwar ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-ISU kontra d-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx ivvizzjata b'illegalità sa fejn kienet tirrigwarda r-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà tal-ISU, iżda kienet illegali sa fejn kienet tikkonċerna r-regoli ta' arbitraġġ.

F'dan il-kuntest, l-ISU ppreżentat appell mis-sentenza appellata, sabiex tikseb l-annullament tagħha sa fejn din kienet iddeċidiet li l-Kummissjoni kienet ikklassifikat, ġustament, ir-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà inkwistjoni bħala aġir li kellu l-"għan" li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. Iż-żewġ pattinaturi professjonali li ressqu l-ilment imsemmi iktar 'il fuq kif ukoll l-European Elite Athletes Association (l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Atleti Elit), min-naħa tagħhom, ippreżentaw appell inċidentali minn din l-istess sentenza, sabiex jiksbu l-annullament parzjali tagħha, sa fejn din kienet annullat id-deċiżjoni kontenzjuża fl-elementi tagħha dwar ir-regoli ta' arbitraġġ.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija fl-istess jum bħal żewġ sentenzi oħra [243] dwar l-applikazzjoni tad-dritt ekonomiku tal-Unjoni għar-regoli stabbiliti minn federazzjonijiet sportivi internazzjonali jew nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet l-appell prinċipali iżda laqgħet l-appell inċidentali u annullat, konsegwentement, is-sentenza appellata għal dak li jirrigwarda r-regoli ta' arbitraġġ. Fl-aħħar nett, filwaqt li tat deċiżjoni definittiva dwar il-parti korrispondenti tar-rikors tal-ISU quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-analiżi ta' dawn ir-regoli adottata mill-Kummissjoni ma kienet affettwata minn ebda wieħed mill-ilmenti esposti mill-ISU, b'tali mod li kien hemm lok li r-rikors tagħha jiġi miċħud ukoll f'dan ir-rigward.

Din il-kawża ppermettiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel preċiżazzjonijiet ġodda dwar l-obbligi li għandhom il-federazzjonijiet sportivi fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE, meta dawn ikunu stabbilixxew, fl-eżerċizzju tas-setgħat li huma jkollhom skont l-istatuti tagħhom, regoli ta' awtorizzazzjoni u ta' kontroll, flimkien ma' sanzjonijiet, dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi, filwaqt li jeżerċitaw b'mod parallel attività ekonomika f'dan il-qasam. F'din l-okkażjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b'mod partikolari li r-rekwiżit fundamentali li tali regoli għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv jimplika, fil-preżenza ta' dispożizzjonijiet li jagħtu ġurisdizzjoni obbligatorja u esklużiva lil korp ta' arbitraġġ għar-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-applikazzjoni tar-regoli inkwistjoni, li jiġi żgurat li l-qorti msejħa sabiex tistħarreġ is-sentenzi mogħtija minn dan il-korp tkun f'pożizzjoni, minn naħa, li tiżgura l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku tad-dritt tal-Unjoni, li fosthom hemm ir-regoli tal-kompetizzjoni, u, min-naħa l-oħra, li tadixxi, jekk ikun hemm lok, lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari, skont l-Artikolu 267 TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

- **Fuq l-appell prinċipali**

[242] Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020, ***International Skating Union vs Il-Kummissjoni*** (T-93/18, EU:T:2020:610).

[243] Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, ***European Superleague Company*** (C-333/21), u tal-21 ta' Diċembru 2023, ***Royal Antwerp Football Club*** (C-680/21).

Qabel l-eżami tal-ilmenti tal-ISU li kienu qegħdin jikkontestaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-"għan" imsemmi fl-Artikolu 101(1) TFUE fil-preżenza tar-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddelimitat is-suġġett tal-appell ippreżentat quddiemha għall-eżami tagħha. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li ma kienx ikkontestat li l-ISU kellha tiġi kklassifikata, fid-dawl tal-Artikolu 101 TFUE, bħala "assoċjazzjoni ta' impriżi", li kienet teżerċita, barra minn hekk, attività ekonomika li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali ta' pattinaġġ veloċi fuq is-silġ. Lanqas ma kien ikkontestat li dawn ir-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà kienu jikkostitwixxu "deċiżjoni ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi" li tista' "taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri", fis-sens ta' dan l-istess artikolu. Fl-aħħar nett, il-konstatazzjonijiet fis-sens li din id-deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi, jekk kellha titqies li taqa' taħt il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE, ma kinitx tissodisfa d-diversi kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tkun tista' tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 101(3) TFUE lanqas ma kienu kkontestati fl-appell.

Wara li ppreċiżat dan, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabelxejn, li, sa fejn il-prattika ta' sport tikkostitwixxi attività ekonomika, hija taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma applikabbli fil-preżenza ta' tali attività, ħlief għal ċerti regoli speċifiċi adottati esklużivament għal raġunijiet ta' natura mhux ekonomika u li jirrigwardaw kwistjonijiet li jirrigwardaw biss l-isport bħala tali. Bl-eċċezzjoni ta' dawn ir-regoli speċifiċi, ir-regoli li jirriżultaw mill-assoċjazzjonijiet sportivi u, b'mod iktar wiesa', l-aġir tal-assoċjazzjonijiet li jkunu adottawhom, jaqgħu għalhekk taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar id-dritt tal-kompetizzjoni meta l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ikunu ssodisfatti. Dan japplika, b'mod partikolari, għar-regoli li jistabbilixxu sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel ta' kompetizzjonijiet sportivi, minn naħa, u għar-regoli li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-atleti f'tali kompetizzjonijiet, min-naħa l-oħra, peress li l-organizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi kif ukoll il-prattika tal-isport fuq bażi professjonali jew semiprofessjonali jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi.

Madankollu, sa fejn l-attività sportiva, anki jekk eżerċitata bħala attività ekonomika, għandha karatteristiċi speċifiċi ħafna, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, il-karatterizzazzjoni tal-eżistenza ta' aġir li jkollu bħala "għan" jew bħala "effett" il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni tista' timplika t-teħid inkunsiderazzjoni, fost elementi oħra u sakemm dawn ikunu rilevanti, ta' tali karatteristiċi speċifiċi relatati, pereżempju, man-natura, mal-organizzazzjoni jew mal-funzjonament tal-isport ikkonċernat, skont il-grad ta' professjonalizzazzjoni tiegħu.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-elementi li jikkaratterizzaw l-eżistenza ta' aġir li jkollu bħala "għan" il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, billi enfasizzat, qabelxejn, l-interpretazzjoni stretta li għandha tingħata lil dan il-kunċett, fid-dawl tas-sistema legali u probatorja tiegħu. Għalhekk, l-imsemmi kunċett għandu jinftiehem bħala li jirreferi esklużivament għal ċerti tipi ta' koordinazzjoni bejn impriżi jew deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jippreżentaw, min-natura tagħhom stess, grad suffiċjenti ta' ħsara fir-rigward tal-kompetizzjoni li jeskludi n-neċessità ta' eżami tal-effetti tagħhom. Sabiex jiġi ddeterminat, f'każ partikolari, jekk l-aġir inkwistjoni kienx jippreżenta tali grad ta' ħsara, kien neċessarju li jiġi eżaminat, l-ewwel nett, il-kontenut tal-ftehim, tad-deċiżjoni jew tal-prattika inkwistjoni, it-tieni nett, il-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fih kienu jinsabu u, it-tielet nett, l-għanijiet li kienu intiżi li jintlaħqu, fil-kuntest ta' evalwazzjoni bbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi kollha msemmija iktar 'il fuq. Għall-kuntrarju, l-ebda analiżi tal-effetti tagħhom ma kienet meħtieġa, u lanqas tal-eventwali effetti pożittivi tagħhom fuq il-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li ċertu aġir partikolari, bħalma huma regoli etiċi jew deontoloġiċi adottati minn assoċjazzjoni, jista' ma jaqax taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE anki jekk ikollu bħala effetti inerenti li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, sa fejn dan ikun iġġustifikat mit-tfittxija ta' għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali li, fihom infushom, ma jkunux ta' natura antikompetittiva u sa fejn in-neċessità u n-natura proporzjonata tal-mezzi implimentati għal dan l-għan ikunu ġew debitament stabbiliti. Madankollu, hija ppreċiżat li

din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi applikata fil-preżenza ta' aġir li jippreżenta grad ta' ħsara li jiġġustifika li jitqies li l-"għan" proprju tiegħu jkun il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Kien fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-argumenti tal-ISU intiżi li jikkontestaw il-klassifikazzjoni adottata f'dan il-każ.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiġi kkritikata talli qieset, l-istess bħall-Kummissjoni, li, fid-dawl tat-tip ta' aġir inkwistjoni f'dan il-każ, l-eżami tal-għan tiegħu kellu jsir fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi mogħtija fil-kawżi MOTOE [244] u Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas [245] dwar l-eżerċizzju parallel, mill-istess entità, ta' attività ekonomika u ta' setgħa li tkun tista' tintuża sabiex tipprekludi kompetituri attwali jew potenzjali milli jidħlu fis-suq ikkonċernat.

F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat li, fid-dawl tal-kunflitt ta' interessi inerenti għal tali sitwazzjoni, tali setgħa, indipendentement mill-oriġini tagħha, tista' tingħata lil impriża partikolari biss bil-kundizzjoni li tkun suġġetta għal limiti, obbligi u stħarriġ, għaliex fl-assenza ta' dan din is-setgħa, meta tingħata lil impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti taħt kwalunkwe titolu, tkun tikser, permezz tal-eżistenza tagħha stess, l-Artikolu 102 TFUE, moqri, jekk ikun il-każ, flimkien mal-Artikolu 106 TFUE. Bl-istess mod, tali setgħa tista' titqies li jkollha bħala "għan" il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

F'dan il-każ, peress li kkonstatat li t-tip ta' aġir inkwistjoni f'dan il-każ kien jikkonsisti f'deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li tikkonferixxi lill-ISU setgħa regolatorja, ta' kontroll u ta' sanzjoni li tippermettilha tawtorizza jew tipprekludi l-aċċess ta' impriżi potenzjalment kompetituri għas-suq tal-organizzazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali tal-pattinaġġ veloċi fuq is-silġ, li fih l-ISU kienet teżerċita hija stess attività ekonomika, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, ġustament, li l-eżami ta' dan l-aġir kellu jitwettaq fid-dawl tal-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenzi MOTOE u Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas.

Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni f'dan il-każ, mill-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq jirriżulta li għandu jiġi vverifikat jekk is-setgħa inkwistjoni tkunx irregolata minn kriterji sostantivi trasparenti, ċari u preċiżi li jippermettu li jiġi evitat kull użu arbitrarju, u li jkollhom, barra minn hekk, jiġu stabbiliti, f'forma aċċessibbli, qabel kull implimentazzjoni. Pereżempju, fil-qasam sportiv, dawn jistgħu jkunu kriterji li jippromwovu, b'mod adegwat u effettiv, iż-żamma ta' kompetizzjonijiet ibbażati fuq opportunitajiet indaqs u l-mertu. Madankollu, anki fil-preżenza ta' kriterji adatti, dawn għandhom ikunu xierqa sabiex jiżguraw l-eżerċizzju nondiskriminatorju ta' tali setgħa u, fir-rigward tas-sanzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu imposti, in-natura kemm oġġettiva kif ukoll proporzjonata tagħhom. Fl-aħħar nett, l-imsemmija kriterji għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ effettiv. Barra minn hekk, is-setgħa inkwistjoni għandha tkun irregolata minn modalitajiet proċedurali trasparenti u nondiskriminatorji, bħal dawk dwar it-termini applikabbli għat-tressiq ta' talba għal awtorizzazzjoni minn qabel u għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwarha, li ma għandhomx ikunu jistgħu jaffettwaw lill-impriżi potenzjalment kompetituri billi jipprekluduhom milli jaċċedu b'mod effettiv għas-suq.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi, fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-għan tar-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà, meta rreferiet għall-kwistjoni dwar jekk dawn ir-regoli

244 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, ***MOTOE*** (C-49/07, EU:C:2008:376).

245 Sentenza tat-28 ta' Frar 2013, ***Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas*** (C-1/12, EU:C:2013:127).

kinux imfassla b'mod li jippermetti li jiġi evitat li s-setgħat ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ta' kontroll u ta' sanzjoni li huma jagħtu lill-ISU jintużaw b'mod arbitrarju, diskriminatorju jew sproporzjonat.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fi tmiem l-eżami tagħha tar-regoli inkwistjoni fid-dawl tal-kriterji ċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li dawn ir-regoli ma kienu ġġustifikati, b'mod verifikabbli, minn ebda għan speċifiku u li kienu jagħtu setgħa diskrezzjonali lill-ISU sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-proġetti ta' kompetizzjoni suġġetti għall-awtorizzazzjoni tagħha, fl-assenza ta' kriterji ta' awtorizzazzjoni trasparenti, oġġettivi, nondiskriminatorji u, konsegwentement, verifikabbli. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll, ġustament, li s-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-ISU fuq l-atleti li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet li ma jkunux kisbu l-awtorizzazzjoni minn qabel tagħha ma kinux irregolati minn kriterji xierqa sabiex tiġi żgurata n-natura oġġettiva u proporzjonata tagħhom.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, deher li l-imsemmija regoli kienu ta' natura li jippermettu, jekk mhux l-esklużjoni mis-suq ta' kull impriża kompetitriċi, anki jekk daqstant effikaċi, tal-inqas il-limitazzjoni tal-ippjanar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet alternattivi jew ġodda skont il-format jew il-kontenut tagħhom. B'dan il-mod, dawn kienu, barra minn hekk, ta' natura li jċaħħdu lill-atleti minn kull possibbiltà li jipparteċipaw f'dawn il-kompetizzjonijiet, minkejja li dawn jistgħu jkunu ta' interess għalihom, pereżempju minħabba format innovattiv, filwaqt li josservaw il-prinċipji, il-valuri u r-regoli kollha tal-logħob li fuqhom hija bbażata d-dixxiplina sportiva kkonċernata. Fl-aħħar nett, dawn kienu, fl-aħħar mill-aħħar, ta' natura li jċaħħdu lill-ispettaturi u lit-telespettaturi minn kull possibbiltà li jiġu offruti li jattendu l-imsemmija kompetizzjonijiet jew li jaraw ix-xandira tagħhom. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi jew ta' klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti meta qieset li l-Kummissjoni kienet ġustament ikklassifikat ir-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà bħala aġir li għandu l-"għan" li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

- **Fuq l-appell inċidentali**

Fil-kuntest tal-appell inċidentali, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-ilmenti li jirrigwardaw il-kunsiderazzjonijiet li fuqhom il-Qorti Ġenerali kienet ibbażat ruħha sabiex tinvalida l-analiżi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' arbitraġġ, jiġifieri l-ammissjoni tal-ġustifikazzjoni tagħhom abbażi tal-eżistenza ta' interessi leġittimi marbuta mal-karatteristiċi speċifiċi tal-isport.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat qabelxejn li r-regoli ta' arbitraġġ inkwistjoni japplikaw għal tilwim li jista' jseħħ fir-rigward tal-prattika ta' sport bħala attività ekonomika fit-territorju tal-Unjoni. Minn dan isegwi li dawn ir-regoli jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'tali mod li għandhom josservawh, sa fejn dawn jiġu implimentati fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattati UE u FUE, indipendentement mill-post fejn ikunu stabbiliti l-entitajiet li adottawhom.

Barra minn hekk, peress li l-Artikoli 101 u 102 TFUE huma dispożizzjonijiet ta' effett dirett li joħolqu drittijiet għall-individwi, li l-qrati nazzjonali għandhom jipproteġu, u li jaqgħu taħt l-ordni pubbliku tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ammettiet il-possibbiltà, għall-individwi, li jattribwixxu t-tilwim tagħhom lil korp ta' arbitraġġ li s-sentenzi tiegħu jistgħu jagħtu lok għal stħarriġ ġudizzjarju limitat, fakkret li dan tal-aħħar għandu madankollu, fi kwalunkwe każ, ikun jista' jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk dawn id-deċiżjonijiet josservawx dawn l-artikoli. Tali rekwiżit huwa impost, iktar u iktar, fil-preżenza ta' mekkaniżmu ta' arbitraġġ impost minn individwu fuq ieħor sabiex jagħti ġurisdizzjoni obbligatorja u esklużiva lil korp ta' arbitraġġ.

Fil-fatt, peress li r-regoli adottati mill-assoċjazzjonijiet sportivi ma jistgħux jillimitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni, regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà għandhom ikunu akkumpanjati minn stħarriġ ġudizzjarju effettiv. Dan ir-rekwiżit innifsu jimplika li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ id-deċiżjonijiet mogħtija minn korp ta' arbitraġġ tkun tista' tivverifika li dawn id-deċiżjonijiet josservaw l-Artikoli 101 u 102 TFUE. Barra minn hekk, din il-qorti għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Artikolu 267 TFUE, b'mod li

tkun tista', jekk ikun il-każ, tissodisfa l-obbligu li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja meta hija tqis li deċiżjoni tagħha tkun neċessarja fuq kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni li tkun tqajmet f'kawża pendenti quddiemha.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Qorti Ġenerali sempliċement qieset, b'mod indifferenzjat u astratt, li r-regoli ta' arbitraġġ "jistgħu jkunu ġġustifikati minn interessi leġittimi marbuta mal-ispeċifiċità tal-isport" sa fejn dawn jafdaw l-istħarriġ tat-tilwim marbut mal-implimentazzjoni tar-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà lil "qorti speċjalizzata". Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma fittxitx li tiżgura li r-regoli ta' arbitraġġ kienu konformi mar-rekwiżiti kollha msemmija preċedentement u li b'hekk kienu jippermettu stħarriġ effettiv tal-osservanza tal-Artikolu 101 TFUE, minkejja li l-Kummissjoni kienet ġustament ibbażat ruħha fuq dawn ir-rekwiżiti sabiex tibbaża l-konklużjoni tagħha li l-imsemmija regoli kienu jsaħħu n-natura antikompetittiva tar-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà tal-ISU. B'hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta ddeċidiet li, minkejja din l-assenza ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv, l-effikaċja sħiħa tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kienet żgurata fid-dawl, minn naħa, tal-eżistenza ta' rimedji ġudizzjarji li jippermettu lill-persuni destinatarji ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' awtorizzazzjoni ta' kompetizzjoni jew ta' deċiżjoni ta' ineliġibbiltà jitolbu l-kumpens għad-dannu li tkun ikkawżatilhom din id-deċiżjoni quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti u, min-naħa l-oħra, tal-possibbiltà li jressqu lment quddiem il-Kummissjoni jew quddiem awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, dawn il-mekkaniżmi jistgħu jikkompletaw tali kontroll, iżda ma jistgħux jirrimedjaw l-assenza tagħhom.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata, sa fejn laqgħet parzjalment it-talbiet għal annullament tal-ISU.

- **Fuq ir-rikors fil-Kawża T-93/18**

Peress li qieset li l-parti tar-rikors għal annullament li kien għad baqa' li tiġi eżaminata wara l-annullament parzjali tas-sentenza appellata kienet fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tagħti hija stess deċiżjoni definittiva dwar din il-parti. F'dan ir-rigward, hija fakkret b'mod partikolari li, meta l-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 jew tal-Artikolu 102 TFUE, hija għandha s-setgħa tobbliga, permezz ta' deċiżjoni, lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati sabiex itemmu dan il-ksur u, għal dan l-għan, timponi fuqhom kull miżura korrettiva li tkun proporzjonata għall-imsemmi ksur u neċessarja sabiex jitwaqqaf effettivament. F'dan il-każ, fid-dawl tal-portata tar-rekwiżit ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv espost iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni ġustament ikkonkludiet li r-regoli ta' arbitraġġ kienu jsaħħu l-ksur inkwistjoni, billi jirrendu iktar diffiċli l-istħarriġ ġudizzjarju, fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport li jkunu ngħataw wara deċiżjonijiet adottati mill-ISU skont is-setgħat diskrezzjonali mogħtija lilha mir-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel u ta' eliġibbiltà. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet ġustament ordnat lill-ISU ttemm din is-sitwazzjoni.

## Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Royal Antwerp Football Club (C-680/21, EU:C:2023:1010)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Suq intern – Regoli stabbiliti minn assoċjazzjonijiet sportivi internazzjonali u nazzjonali – Futbol professjonali – Entitajiet irregolati mid-dritt privat b'setgħat regolatorji, ta' kontroll u ta' sanzjoni – Regoli li jobbligaw lill-klabbs tal-futbol professjonali jirrikorru għal numru minimu ta' plejers 'imrawma lokalment' – Artikolu 101(1) TFUE – Deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li tippreġudika l-kompetizzjoni – Kunċetti ta' 'għan' u ta' 'effett' antikompetittiv – Eżenzjoni skont l-Artikolu 101(3) TFUE – Kundizzjonijiet – Artikolu 45 TFUE – Diskriminazzjoni indiretta minħabba n-nazzjonalità – Ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema – Ġustifikazzjoni – Kundizzjonijiet – Oneru tal-prova"*

L-Union des associations européennes de football (UEFA) hija assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Svizzeru li l-għanijiet prinċipali tagħha huma s-sorveljanza u l-kontroll tal-iżvilupp tal-futbol, ta' kull tip, fuq livell Ewropew. Hija tiġbor fiha d-diversi assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol Ewropej responsabbli għall-organizzazzjoni tal-futbol fl-Istat tagħhom – fosthom l-Union royale belge des sociétés de football association ASBL (URBSFA) għall-Belġju. Dawn l-assoċjazzjonijiet, inkwantu membri tal-UEFA, huma obbligati josservaw l-istatuti, ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tagħha u huma obbligati wkoll jiżguraw li dawn jiġu osservati, fl-Istat ta' ġurisdizzjoni tagħhom, mil-legi professjonali li jaqgħu taħthom kif ukoll mill-klabbs u mill-plejers.

Fl-2005, l-UEFA adottat regoli li jipprevedu li l-klabbs tal-futbol professjonali li jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet internazzjonali tagħha tal-futbol ta' bejn il-klabbs għandhom jinkludu fil-lista tal-plejers tal-logħba numru massimu ta' 25 plejer li minnhom minimu ta' 8 għandhom ikunu "plejers imrawma lokalment", iddefiniti bħala plejers li, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, ikunu ġew imrawma matul mill-inqas tliet snin mill-klabb tagħhom jew minn klabb ieħor affiljat mal-istess assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol (iktar 'il quddiem ir-"regoli dwar il-'plejers imrawma lokalment'"). Minn dawn it-8 plejers, mill-inqas 4 plejers kellhom ikunu ġew imrawma mill-klabb li jinkludihom fil-lista. Fl-2011, l-URBSFA introduċiet fir-regolamenti tagħha regoli dwar il-"plejers imrawma lokalment", iddefiniti bħala plejers li, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, ikunu ġew imrawma matul mill-inqas tliet snin minn klabb Belġjan.

UL huwa plejer tal-futbol li għandu n-nazzjonalità ta' pajjiż terz kif ukoll in-nazzjonalità Belġjana. Huwa jeżerċita attività professjonali fil-Belġju fejn lagħab għar-Royal Antwerp, klabb tal-futbol professjonali bbażat fil-Belġju, u sussegwentement għal klabb tal-futbol professjonali ieħor fil-Belġju.

Peress li qiesu li r-regoli dwar il-"plejers imrawma lokalment" kienu kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE, UL u r-Royal Antwerp adixxew lill-Cour Belge d'arbitrage pour le Sport (CBAS) (il-Qorti Belġjana ta' Arbitraġġ għall-Isport, il-Belġju) b'talba għal kumpens għad-danni kkawżati minn dawn ir-regoli. Peress li dawn it-talbiet ġew miċħuda minn din tal-aħħar, UL u r-Royal Antwerp adixxew lit-tribunal de première instance francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju), il-qorti tar-rinviju, b'rikors għall-annullament tas-sentenza ta' arbitraġġ.

F'dan il-kuntest, dik il-qorti ddeċidiet li tressaq diversi domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja intiżi, essenzjalment, li jsir magħruf jekk ir-regoli dwar il-"plejers imrawma lokalment" adottati mill-UEFA u mill-URBSFA setgħux jiġu kklassifikati bħala "ftehim bejn impriżi", bħala "deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi" jew bħala "prattika miftiehma" ta' natura antikompetittiva, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE. Hija staqsiet ukoll dwar il-konformità tar-regoli adottati mill-URBSFA mal-moviment liberu tal-ħaddiema ggarantit fl-Artikolu 45 TFUE.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija fl-istess jum bħal żewġ sentenzi oħra [246] dwar l-applikazzjoni tad-dritt ekonomiku tal-Unjoni għar-regoli stabbiliti minn federazzjonijiet sportivi internazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet preċiżazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE għar-regoli adottati minn federazzjonijiet sportivi għal dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni tat-timijiet, il-parteċipazzjoni tal-plejers fihom kif ukoll it-trawwim ta' dawn tal-aħħar.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

---

[246] Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, ***International Skating Union vs Il-Kummissjoni*** (C-124/21), u tal-21 ta' Diċembru 2023, ***European Superleague Company*** (C-333/21).

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, fl-ewwel lok, li r-regoli dwar il-"plejers imrawma lokalment" jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE. F'dan ir-rigward, hija fakkret li, sa fejn il-prattika ta' sport jikkostitwixxi attività ekonomika, dan jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma applikabbli għal tali attività, ħlief għal ċerti regoli speċifiċi li, minn naħa, ikunu ġew adottati esklużivament għal raġunijiet ta' natura mhux ekonomika u li, min-naħa l-oħra, jittrattaw kwistjonijiet li jikkonċernaw biss l-isport bħala tali. Issa, ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, irrispettivament minn jekk kinux joħorġu mill-UEFA jew mill-URBSFA, ma kinux jaqgħu taħt din l-eċċezzjoni. Fil-fatt, huma kienu jikkonċernaw attivitajiet ekonomiċi. Barra minn hekk, minkejja li ma kinux jirregolaw formalment il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-plejers, dawn ir-regoli kellhom jitqiesu li kellhom inċidenza diretta fuq dan ix-xogħol inkwantu kienu jissuġġettaw għal ċerti kundizzjonijiet, li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom huwa suġġett għal sanzjonijiet, il-kompożizzjoni tat-timijiet li jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet tal-futbol ta' bejn il-klabbs kif ukoll, konsegwentement, il-parteċipazzjoni tal-plejers infushom f'dawn il-kompetizzjonijiet.

Fit-tieni lok, meta ttrattat il-konsegwenzi li jistgħu jkunu marbuta mal-Artikolu 165 TFUE – li jiddikjara kemm l-għanijiet li huma attribwiti lill-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-isport kif ukoll il-mezzi li għalihom wieħed jista' jirrikorri bħala kontribut biex dawn l-għanijiet jintlaħqu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din id-dispożizzjoni ma tikkostitwixxix regola speċjali li teskludi l-isport totalment jew parzjalment mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt primarju tal-Unjoni li jistgħu jiġu applikati għalih jew li jimponu li jiġi rriżervat għall-isport trattament partikolari fil-kuntest ta' din l-applikazzjoni. Barra minn hekk, hija fakkret li l-partikolaritajiet inevitabbli li jikkaratterizzaw l-attività sportiva jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost elementi oħra u sa fejn jirriżultaw li huma rilevanti, fl-applikazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE, premess, madankollu, li dan it-teħid inkunsiderazzjoni jseħħ biss fil-kuntest u b'osservanza tal-kundizzjonijiet kif ukoll tal-kriterji ta' applikazzjoni previsti għal kull waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat, inizjalment, il-kwistjoni dwar jekk ir-regoli tal-UEFA u tal-URBSFA dwar il-"plejers imrawma lokalment" kinux kompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE.

F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat, qabel kollox, li r-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellhom jiġu kkategorizzati bħala "deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi" sa fejn, minn naħa, kienu joħorġu mill-UEFA u mill-URBSFA, li huma assoċjazzjonijiet ta' impriżi, u, min-naħa l-oħra, kellhom inċidenza diretta fuq il-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju tal-attività ekonomika tal-impriżi li kienu direttament jew indirettament membri tagħhom.

Sussegwentement, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk dawn ir-regoli kellhomx għan antikompetittiv, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fl-ewwel lok, li, mill-kontenut tagħhom, kienu jidhru li jimponu fuq il-klabbs tal-futbol professjonali li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet tal-futbol ta' bejn il-klabbs li jaqgħu taħt dawn l-assoċjazzjonijiet l-obbligu li jinkludu fil-lista tal-plejers tal-logħba numru minimu ta' "plejers imrawma lokalment" taħt piena ta' sanzjonijiet. Billi jagħmlu hekk, dawn ir-regoli kienu jidhru li jillimitaw, min-natura tagħhom stess, il-possibbiltà li kellhom dawn il-klabbs li jinkludu f'din il-lista plejers li ma jissodisfawx tali rekwiżiti. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fih jidħlu dawn ir-regoli, min-natura speċifika tal-futbol professjonali, b'mod partikolari mill-importanza soċjali, kulturali u medjatika tiegħu kif ukoll mill-fatt li dan l-isport jistrieħ fuq it-trasparenza u l-mertu sportiv, kien jirriżulta li kien permess li assoċjazzjonijiet bħall-UEFA u l-URBSFA jadottaw regoli relatati, b'mod partikolari, mal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet f'din id-dixxiplina, mal-iżvolġiment tajjeb ta' dawn il-kompetizzjonijiet u mal-parteċipazzjoni tal-isportivi fihom u, b'mod iktar partikolari, li jirregolaw il-kundizzjonijiet li fihom il-klabbs tal-futbol professjonali ikunu jistgħu jikkostitwixxu t-timijiet li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet ta' bejn il-klabbs fil-konfini territorjali tagħhom. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-għan li dawn ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali jfittxu li jilħqu, dawn kienu jidhru li jillimitaw jew jikkontrollaw wieħed mill-parametri essenzjali tal-kompetizzjoni, jiġifieri r-reklutaġġ ta' plejers ta' talent, irrispettivament mill-klabb u l-post fejn ikunu ġew imrawma, li jippermetti lit-tim tagħhom jirbaħ meta jilgħab kontra t-tim avversarju. Din il-limitazzjoni kienet tali li jkollha effett fuq il-kompetizzjoni bejn il-klabbs mhux biss fis-"suq introduttiv jew ta' provvista" kkostitwit, mill-perspettiva

ekonomika, mir-reklutaġġ tal-plejers, iżda wkoll fis-"suq ta' implimentazzjoni" kkostitwit, mill-istess perspettiva, mill-kompetizzjonijiet tal-futbol ta' bejn il-klabbs.

Madankollu, il-qorti tar-rinviju, fid-dawl ta' dawn l-ispjegazzjonijiet u billi ħadet inkunsiderazzjoni l-argumenti u l-provi kollha sottomessi mill-partijiet, kellha tiddetermina jekk ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinux jimplikaw, min-natura tagħhom stess, livell suffiċjenti ta' noċività fir-rigward tal-kompetizzjoni biex ikunu jistgħu jitqiesu li kellhom bħala "għan" ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni. Fin-negattiv, din il-qorti kellha sussegwentement tiddetermina jekk dawn ir-regoli setgħux jitqiesu li kellhom bħala effett, attwali jew potenzjali, ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat.

Finalment, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk dawn ir-regoli setgħux ikunu ġġustifikati jew jekk kinux jibbenefikaw minn eżenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li ċertu aġir partikolari, bħar-regoli etiċi jew deontoloġiċi adottati minn assoċjazzjoni, ma jaqax neċessarjament taħt il-projbizzjoni ddikjarata fl-Artikolu 101(1) TFUE, anki jekk ikollhom bħala effetti inerenti r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, sa fejn ikunu ġġustifikati mit-tiftix ta' għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali neqsin, fihom infushom, minn natura antikompetittiva u sa fejn il-ħtieġa u n-natura proporzjonata tal-mezzi implimentati f'dan ir-rigward ikunu ġew debitament stabbiliti.

Madankollu hija ppreċiżat li din il-ġurisprudenza ma tistax tapplika fil-preżenza ta' aġir li jkollu livell ta' noċività li jiġġustifika li jiġi kkunsidrat li dan għandu bħala "għan" speċifiku li joħloq prevenzjoni, restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni, bla ħsara għall-eventwali benefiċċju minn eżenzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE, sa fejn ikunu ġew osservati l-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-rigward, liema fatt għandu jiġi pprovat mill-parti li tinvoka tali eżenzjoni.

Fir-rigward ta' din l-eżenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex tkun tista' tintalab l-eżenzjoni, l-aġir ikkunsidrat għandu jippermetti, b'livell ta' probabbiltà suffiċjenti, li jkun hemm kisbiet ta' effikaċja filwaqt li sehem ekwu tal-profitti li jirriżultaw minn dawn il-kisbiet jiġi rriżervat għall-utenti, mingħajr ma jiġu imposti restrizzjonijiet li ma humiex indispensabbli għat-twettiq ta' tali kisbiet u mingħajr ma tiġi eliminata kull kompetizzjoni effettiva għal parti sostanzjali mill-prodotti jew mis-servizzi kkonċernati. Kienet il-qorti tar-rinviju, jekk kellha tqis li r-regoli dwar il-plejers imrawma lokalment kellhom bħala għan jew bħala effett ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, li kellha tevalwa jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux issodisfatti f'dan il-każ.

Sussegwentement, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk ir-regoli tal-URBSFA dwar il-"plejers imrawma lokalment" kinux kompatibbli mal-Artikolu 45 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dawn ir-regoli, mal-ewwel daqqa ta' għajn, kienu jippreġudikaw il-moviment liberu tal-ħaddiema. Fil-fatt, dawn kienu jistrieħu fuq rabta ta' natura "nazzjonali" sa fejn, minn naħa, kienu jiddefinixxu l-"plejers imrawma lokalment" bħala dawk li jkunu ġew imrawma fi ħdan klabb "Belġjan". Min-naħa l-oħra, dawn ir-regoli kienu jimponu fuq il-klabbs tal-futbol professjonali li jixtiequ jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet tal-futbol ta' bejn il-klabbs li jaqgħu taħt l-URBSFA l-obbligu li jinkludu fil-lista tal-plejers tagħhom u li jinkludu fil-lista tal-plejers tal-logħba numru minimu ta' plejers li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu kklassifikati b'dan il-mod. Għalhekk tali regoli setgħu jiżvantaġġjaw lill-plejers tal-futbol professjonali li jkunu jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru, jiġifieri l-Belġju, li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, u li ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet rikjesti minn dawn ir-regoli. B'dan il-mod, dawn ir-regoli setgħu joħolqu diskriminazzjoni indiretta fil-konfront tal-plejers provenjenti minn Stat Membru ieħor, inkwantu kienu jispiċċaw jiġu applikati prinċipalment għad-detriment ta' dawn tal-aħħar.

Fir-rigward tal-eżistenza ta' eventwali ġustifikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li miżuri li ma joriġinawx mill-Istat jistgħu jiġu aċċettati, anki meta jostakolaw moviment liberu stabbilit mit-Trattat FUE, jekk jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi – li għandhom jiġu pprovati mill-awtur ta' dawn il-miżuri. B'hekk, l-ewwel nett, l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri għandha tfittex għan leġittimu ta' interess ġenerali kompatibbli mat-Trattat u, għalhekk, ta' natura li ma tkunx purament ekonomika, u, it-tieni nett, dawn il-miżuri għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jfisser li jkunu adatti

biex jiggarantixxu t-twettiq ta' dan l-għan u li ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun neċessarju biex dan l-għan jintlaħaq.

F'dan il-każ, l-għan li jiġu inkoraġġuti r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' plejers żgħażagħ tal-futbol professjonali jikkostitwixxi tali għan ta' interess ġenerali. Fir-rigward tan-natura adatta ta' dawn ir-regoli sabiex jiggarantixxu li dan l-għan jintlaħaq, din għandha tiġi evalwata, b'mod partikolari, fir-rigward tal-fatt li, billi jitqiegħdu fuq l-istess livell il-plejers żgħażagħ kollha li jkunu ġew imrawma minn kwalunkwe klabb affiljat mal-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol inkwistjoni, l-imsemmija regoli jistgħu ma jikkostitwixxux inċentivi reali u sinjifikattivi għal uħud minn dawn il-klabbs, b'mod partikolari għal dawk li jkollhom riżorsi finanzjarji sinjifikattivi, li jirreklutaw plejers żgħażagħ bil-għan li jħarġuhom huma stess. Għall-kuntrarju, tali politika ta' reklutaġġ u ta' taħriġ hija mqiegħda fuq l-istess livell bħar-reklutaġġ ta' plejers żgħażagħ diġà mrawma minn kwalunkwe klabb ieħor li wkoll ikun affiljat ma' din l-assoċjazzjoni, ikun fejn ikun jinsab dan il-klabb ieħor fil-konfini territorjali tal-imsemmija assoċjazzjoni. Issa, huwa preċiżament l-investiment lokali fit-trawwim tal-plejers żgħażagħ, b'mod partikolari meta dan isir minn klabbs żgħar, jekk ikun il-każ bi sħubija ma' klabbs oħra fl-istess reġjun, ta' daqs potenzjalment transkonfinali, li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjoni soċjali u edukattiva tal-isport.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kienet biss il-qorti tar-rinviju li kellha, fl-aħħar mill-aħħar, tevalwa jekk ir-regoli tal-URBSFA kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet preċedentement iddikjarati, fid-dawl tal-argumenti u tal-provi prodotti mill-partijiet.

## 2. Abbuż minn pożizzjoni dominanti (Artikolu 102 TFUE) [247]

### Sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations (C-680/20, EU:C:2023:33)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Artikolu 102 TFUE – Pożizzjoni dominanti – Imputazzjoni lill-produttur tal-aġir tad-distributuri tiegħu – Eżistenza ta' rabtiet kuntrattwali bejn il-produttur u d-distributuri – Kunċett ta' 'unità ekonomika' – Kamp ta' applikazzjoni – Operat abbużiv – Klawżola ta' esklużività – Ħtieġa li jintwerew l-effetti fuq is-suq"*

Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Ottubru 2017, l-Awtorità Taljana ta' Garanzija tal-Kompetizzjoni u tas-Suq (iktar 'il quddiem l-"AGKS") [248] ikkonstatat li Unilever Italia Mkt. Operations Srl (iktar 'il quddiem "Unilever") kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq Taljan tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ġelati f'pakketti individwali intiżi li jiġu kkunsmati "barra", jiġifieri barra mid-dar tal-konsumaturi, f'diversi punti ta' bejgħ.

L-abbuż allegat fil-konfront ta' Unilever kien jirriżulta minn aġir materjalment imwettaq mhux minn din il-kumpannija, iżda minn distributuri indipendenti tal-prodotti tagħha li kienu imponew klawżoli ta' esklużività fuq l-operaturi tal-imsemmija punti ta' bejgħ. F'dan ir-rigward, l-AGKS qieset b'mod partikolari li l-prattiki, li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni tagħha, kienu eskludew, jew tal-inqas illimitaw, il-possibbiltà għall-operaturi kompetituri li jikkompetu abbażi tal-merti tal-prodotti tagħhom.

---

[247] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), ***Meta Platforms et (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali)*** (C-252/21, EU:C:2023:537), ippreżentata fit-Taqsima I.4, "Protezzjoni tad-data personali".

[248] Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (l-Awtorità ta' Garanzija tal-Kompetizzjoni u tas-Suq, l-Italja).

F’dan il-kuntest, hija ma qisitx li kien obbligatorju li tanalizza l-istudji ekonomiċi prodotti minn Unilever sabiex turi li l-prattiki kkontestati ma kellhomx effett ta’ esklużjoni kontra l-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effettivi, minħabba li dawn l-istudji kienu irrilevanti fil-preżenza ta’ klawżoli ta’ esklużività, peress li l-użu ta’ tali klawżoli minn impriża f’pożizzjoni dominanti kien suffiċjenti sabiex jikkaratterizza użu abbużiv minn din il-pożizzjoni.

Konsegwentement, l-AGKS imponiet fuq Unilever multa ta’ EUR 60 668 580 talli abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

Ir-rikors ippreżentat minn Unilever kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud kollu kemm hu mill-qorti tal-ewwel istanza.

Adit b’appell, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) għamel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-AGKS.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-modalitajiet ta’ implimentazzjoni tal-projbizzjoni ta’ abbuż minn pożizzjoni dominanti prevista fl-Artikolu 102 TFUE fil-konfront ta’ impriża dominanti li n-network ta’ distribuzzjoni tagħha jkun organizzat esklużivament fuq bażi kuntrattwali u speċifikat, f’dan il-kuntest, l-oneru tal-prova li jaqa’ fuq l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li aġir abbużiv imwettaq minn distributuri li jagħmlu parti min-network ta’ distribuzzjoni ta’ produttur li jgawdi minn pożizzjoni dominanti, bħalma kienet Unilever, jista’ jiġi imputat lil dan tal-aħħar skont l-Artikolu 102 TFUE jekk jiġi stabbilit li dan l-aġir ma jkunx ġie adottat b’mod indipendenti mid-distributuri tiegħu, iżda jkun jagħmel parti minn politika deċiża unilateralment minn dan il-produttur u implimentata permezz tal-imsemmija distributuri.

Fil-fatt, f’każ bħal dan, id-distributuri u, konsegwentement, in-network ta’ distribuzzjoni li dawn tal-aħħar jifformaw mal-impriża dominanti għandhom jitqiesu li jkunu sempliċement strument ta’ ramifikazzjoni territorjali tal-politika kummerċjali tal-imsemmija impriża u, għalhekk, bħala l-istrument li permezz tiegħu, jekk ikun il-każ, tkun ġiet implimentata l-prattika ta’ esklużjoni inkwistjoni.

Dan japplika b’mod partikolari meta, bħal f’dan il-każ, id-distributuri ta’ produttur dominanti jkunu obbligati jġiegħlu lill-operaturi ta’ punti ta’ bejgħ jiffirmaw kuntratti standard ipprovduti minn dan il-produttur u li jinkludu klawżoli ta’ esklużività għall-benefiċċju tal-prodotti tiegħu.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għad-domanda dwar jekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, f’każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità tal-kompetizzjoni kompetenti kinitx obbligata tistabbilixxi li klawżoli ta’ esklużività li jkunu jinsabu f’kuntratti ta’ distribuzzjoni jkollhomx l-effett li jeskludu mis-suq kompetituri effiċjenti daqs l-impriża f’pożizzjoni dominanti u jekk din l-awtorità tkunx obbligata teżamina fid-dettall l-analiżi ekonomiċi prodotti minn din l-impriża, b’mod partikolari meta dawn ikunu bbażati fuq test imsejjaħ tal-“kompetitur daqstant effettiv”.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li abbuż ta’ pożizzjoni dominanti jista’ b’mod partikolari jiġi stabbilit meta l-aġir ikkritikat ikun ipproduċa effetti ta’ esklużjoni fir-rigward ta’ kompetituri daqstant effettivi bħall-awtur ta’ dan l-aġir f’termini ta’ struttura ta’ spejjeż, ta’ kapaċità ta’ innovazzjoni jew ta’ kwalità jew inkella meta l-imsemmi aġir ikun ibbażat fuq l-użu ta’ mezzi differenti minn dawk li jaqgħu taħt kompetizzjoni “normali”, jiġifieri bbażata fuq il-merti. B’mod ġenerali, huma l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni li għandhom juru n-natura abbużiva ta’ aġir fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha li jikkaratterizzaw l-aġir inkwistjoni, u dan jinkludi dawk enfasizzati mill-provi prodotti bħala difiża mill-impriża f’pożizzjoni dominanti.

Ċertament, sabiex tiġi stabbilita n-natura abbużiva ta’ aġir, awtorità tal-kompetizzjoni ma għandhiex neċessarjament turi li dan l-aġir effettivament ikun ipproduċa effetti antikompetittivi. Għalhekk, awtorità tal-kompetizzjoni tista’ tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE billi tistabbilixxi li, matul il-perijodu li matulu l-aġir inkwistjoni jkun ġie implimentat, dan kellu jkollu, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fuq il-merti minkejja n-nuqqas ta’ effett tiegħu. Madankollu, din il-konstatazzjoni għandha, bħala prinċipju, tkun ibbażata fuq provi tanġibbli, li juru, billi jmorru lil hinn mis-sempliċi ipoteżi, il-kapaċità effettiva tal-prattika inkwistjoni li tipproduċi tali effetti, fejn l-eżistenza ta’ dubju f’dan ir-rigward għandha tibbenefika lill-impriża li tirrikorri għal tali prattika.

Għalkemm awtorità tal-kompetizzjoni tista’ tibbaża ruħha fuq it-tagħlim tax-xjenzi ekonomiċi, ikkonfermati minn studji empiriċi jew komportamentali, sabiex tevalwa l-kapaċità tal-aġir ta’ impriża li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, elementi oħra speċifiċi għaċ-ċirkustanzi tal-każ, bħalma huma l-portata tal-imsemmi aġir fis-suq, ir-restrizzjonijiet tal-kapaċitajiet imposti fuq il-fornituri ta’ materja prima jew il-fatt li l-impriża f’pożizzjoni dominanti ikollha titqies, tal-inqas fir-rigward ta’ parti mid-domanda, li tkun sieħba inevitabbli, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl ta’ dan it-tagħlim, l-aġir inkwistjoni jkollux jitqies li kellu l-kapaċità li jipproduċi effetti ta’ esklużjoni fis-suq ikkonċernat.

F’dan il-kuntest, fir-rigward b’mod iktar partikolari tal-użu ta’ klawżoli ta’ esklużività, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-klawżoli li permezz tagħhom partijiet kontraenti jintrabtu li jixtru l-bżonnijiet tagħhom kollha jew parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom mingħand impriża f’pożizzjoni dominanti, anki jekk ma jkunux suġġetti għal tnaqqis, jikkostitwixxu, min-natura tagħhom, sfruttament ta’ pożizzjoni dominanti u li l-istess jgħodd għat-tnaqqis għal fedeltà mogħti minn tali impriża.

Fis-sentenza Intel [249], il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, kienet ippreċiżat din il-ġurisprudenza billi indikat, fl-ewwel lok, li, meta impriża f’pożizzjoni dominanti ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jipproduċi l-effetti ta’ esklużjoni allegati u tipproduċi provi insostenn tal-allegazzjonijiet tagħha, l-awtorità tal-kompetizzjoni hija b’mod partikolari obbligata tevalwa l-eventwali eżistenza ta’ strateġija intiża li teskludi lill-kompetituri tal-inqas daqstant effettivi bħall-impriża f’pożizzjoni dominanti.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-analiżi tal-kapaċità ta’ esklużjoni hija rilevanti wkoll għall-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk sistema ta’ tnaqqis li bħala prinċipju taqa’ taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 102 TFUE tistax tkun oġġettivament iġġustifikata. Barra minn hekk, l-effett ta’ esklużjoni li jirriżulta minn sistema ta’ tnaqqis, żvantaġġuża għall-kompetizzjoni, jista’ jiġi kkumpensat, jew anki maqbuż, permezz tal-vantaġġi f’dak li jirrigwarda l-effikaċja li minnhom japprofitta wkoll il-konsumatur. Tali bbilanċjar tal-effetti, favorevoli u sfavorevoli għall-kompetizzjoni, tal-prattika kkontestata jista’ jsir biss wara analiżi tal-kapaċità ta’ esklużjoni tal-kompetituri li jkunu mill-inqas effiċjenti daqs l-impriża f’pożizzjoni dominanti, inerenti għall-prattika inkwistjoni.

Issa, din il-preċiżazzjoni magħmula fis-sentenza Intel fir-rigward tas-sistemi ta’ tnaqqis għandha tinftiehem bħala li tapplika wkoll għall-klawżoli ta’ esklużività.

Minn dan isegwi li, minn naħa, meta awtorità tal-kompetizzjoni tissuspetta li impriża tkun kisret l-Artikolu 102 TFUE billi tkun irrikorriet għal tali klawżoli u meta din tal-aħħar tikkontesta, matul il-proċedura, il-kapaċità konkreta tal-imsemmija klawżoli li jeskludu mis-suq kompetituri daqstant effiċjenti, bi provi insostenn, din l-awtorità għandha tiżgura ruħha, fl-istadju tal-karatterizzazzjoni tal-

---

[249] Sentenza tas-6 ta’ Settembru 2017, ***Intel vs Il-Kummissjoni*** (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 138, iktar ’il quddiem is-“sentenza Intel”).

ksur, li dawn il-klawżoli kellhom, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-kapaċità effettiva li jeskludu mis-suq kompetituri effiċjenti daqs din l-impriża.

Min-naħa l-oħra, l-awtorità tal-kompetizzjoni li tkun fetħet din il-proċedura għandha wkoll tevalwa, b'mod konkret, il-kapaċità ta' dawn il-klawżoli li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, meta, matul il-proċedura amministrattiva, l-impriża ssuspettata ssostni li jeżistu ġustifikazzjonijiet għall-aġir tagħha.

Fi kwalunkwe każ, il-produzzjoni matul il-proċedura ta' provi li jistgħu juru n-nuqqas ta' kapaċità li jiġu prodotti effetti restrittivi toħloq l-obbligu li l-imsemmija awtorità tal-kompetizzjoni teżaminahom.

Konsegwentement, meta l-impriża f'pożizzjoni dominanti tkun ipproduċiet studju ekonomiku sabiex turi li l-prattika li qed tiġi akkużata biha ma tistax teskludi kompetituri, l-awtorità tal-kompetizzjoni kompetenti ma tistax teskludi r-rilevanza ta' dan l-istudju mingħajr ma tesponi r-raġunijiet għalfejn hija tqis li dan ma jippermettix li tingħata prova tal-inkapaċità tal-prattiki kkontestati li jippreġudikaw il-kompetizzjoni effettiva fis-suq ikkonċernat u, konsegwentement, mingħajr ma tqiegħed lil din l-impriża f'pożizzjoni li tiddetermina l-offerta ta' prova li tkun tista' titressaq minflokha.

Peress li l-qorti tar-rinviju rreferiet espressament, fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha, għat-test tal-"kompetitur daqstant effettiv", il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fl-aħħar nett, li tali test huwa biss metodu fost oħrajn li jippermetti li jiġi evalwat jekk prattika jkollhiex il-kapaċità li tipproduċi effetti ta' esklużjoni. Konsegwentement, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ma jistax ikollhom l-obbligu ġuridiku li jużaw dan it-test sabiex jikkonstataw in-natura abbużiva ta' prattika. Madankollu, jekk ir-riżultati ta' test ta' din in-natura jiġu ppreżentati mill-impriża kkonċernata matul il-proċedura amministrattiva, l-awtorità tal-kompetizzjoni hija obbligata teżamina l-valur probatorju tagħhom.

### Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2023:1011)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Suq intern – Regoli stabbiliti minn assoċjazzjonijiet sportivi internazzjonali – Futbol professjonali – Entitajiet irregolati mid-dritt privat li għandhom setgħat regolatorji, ta' kontroll, ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' sanzjoni – Regoli dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet, il-parteċipazzjoni ta' klabbs tal-futbol u ta' plejers f'dawn il-kompetizzjonijiet kif ukoll l-isfruttament tad-drittijiet kummerċjali u tal-midja relatati mal-imsemmija kompetizzjonijiet – Eżerċizzju b'mod parallel ta' attivitajiet ekonomiċi – Organizzazzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet – Sfruttament tad-drittijiet kummerċjali u tal-midja korrispondenti – Artikolu 101(1) TFUE – Deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li tippreġudika l-kompetizzjoni – Kunċetti ta' 'għan' u ta' 'effett' antikompetittivi – Eżenzjoni skont l-Artikolu 101(3) TFUE – Kundizzjonijiet – Artikolu 102 TFUE – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Ġustifikazzjoni – Kundizzjonijiet – Artikolu 56 TFUE – Ostakoli għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi – Eventwali ġustifikazzjoni – Kundizzjonijiet – Oneru tal-prova"*

Il-Fédération internationale de football association (FIFA) hija assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Svizzeru li għandha l-għan, b'mod partikolari, li tistabbilixxi regoli u dispożizzjonijiet li jirregolaw il-futbol u l-kwistjonijiet relatati miegħu, kif ukoll li tikkontrolla l-futbol f'kull forma tiegħu fuq livell dinji, iżda wkoll li torganizza l-kompetizzjonijiet internazzjonali tagħha stess. Il-FIFA hija komposta minn assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li huma membri ta' waħda mis-sitt konfederazzjonijiet kontinentali li hija tirrikonoxxi – fosthom l-Union des associations européennes de football (UEFA), assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Svizzeru li l-missjonijiet prinċipali tagħha jikkonsistu fis-sorveljanza u fil-kontroll tal-iżvilupp tal-futbol, fil-forom kollha tiegħu, fuq livell Ewropew. Bħala membri tal-FIFA u tal-UEFA, dawn l-assoċjazzjonijiet nazzjonali għandhom l-obbligu, b'mod partikolari, li jaraw li l-membri tagħhom jew l-affiljati tagħhom josservaw l-istatuti, ir-regolamenti, id-direttivi u d-deċiżjonijiet tal-FIFA u tal-UEFA, kif ukoll li jiżguraw li dawn jiġu osservati mill-atturi kollha tal-futbol, b'mod partikolari mill-kampjonati professjonali, mill-klabbs u mill-plejers.

Skont l-istatuti rispettivi tagħhom, il-FIFA u l-UEFA għandhom is-setgħa jawtorizzaw il-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol professjonali u b'mod partikolari l-kompetizzjonijiet bejn il-klabbs tal-futbol affiljati ma' assoċjazzjoni nazzjonali (jew "kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs)". Huma jistgħu wkoll jorganizzaw tali kompetizzjonijiet u jisfruttaw id-diversi drittijiet marbuta magħhom.

European Superleague Company, SL (iktar 'il quddiem "ESLC") hija kumpannija rregolata mid-dritt Spanjol ikkostitwita minn diversi klabbs tal-futbol professjonali bil-għan li torganizza kompetizzjoni Ewropea annwali ġdida tal-futbol bejn il-klabbs, imsejħa "Superleague".

Il-ftehim bejn l-azzjonisti u l-investiment, li jorbot lill-promoturi tal-proġett, jissuġġetta l-istabbiliment tas-Superleague għar-rikonoxximent tagħha mill-FIFA jew mill-UEFA bħala kompetizzjoni ġdida kompatibbli mal-istatuti tagħhom.

Wara t-tħabbir tal-ħolqien ta' Superleague, il-FIFA u l-UEFA ppubblikaw, fil-21 ta' Jannar 2021, dikjarazzjoni komuni sabiex jesprimu r-rifjut tagħhom li jirrikonoxxu din il-kompetizzjoni ġdida u wissew dwar il-fatt li kull plejer jew kull klabb li jipparteċipa f'din il-kompetizzjoni kien ser jiġi eskluż minn dawk organizzati mill-FIFA u mill-UEFA. Permezz ta' stqarrija oħra, l-UEFA u diversi assoċjazzjonijiet nazzjonali fakkru l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri dixxiplinari kontra l-parteċipanti fis-Superleague, b'mod partikolari l-esklużjoni tagħhom minn ċerti kompetizzjonijiet kbar Ewropej u dinjija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, ESLC adixxiet lill-Juzgado de lo Mercantil nº 17 de Madrid (il-Qorti Kummerċjali Nru 17 ta' Madrid, Spanja) b'azzjoni ġudizzjarja intiża, essenzjalment, sabiex tiġi kkonstatata n-natura illegali u dannuża ta' dawn l-avviżi kif ukoll tal-aġir li permezz tiegħu l-FIFA, l-UEFA u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali li kienu membri tagħhom setgħu jikkonkretizzawhom.

Skont dik il-qorti, il-FIFA u l-UEFA kellhom pożizzjoni ta' monopolju jew, tal-inqas, ta' dominanza fis-suq tal-organizzazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol bejn il-klabbs, kif ukoll f'dak tal-isfruttament tad-diversi drittijiet marbuta magħhom. F'dan il-kuntest, hija kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-istatuti tal-FIFA u tal-UEFA mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar id-diversi libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija fl-istess jum bħal żewġ sentenzi oħra [250] dwar l-applikazzjoni tad-dritt ekonomiku tal-Unjoni għar-regoli stabbiliti minn federazzjonijiet sportivi internazzjonali jew nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom ir-regoli stabbiliti mill-FIFA u mill-UEFA dwar, minn naħa, l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol bejn il-klabbs, il-parteċipazzjoni tal-klabbs tal-futbol u tal-plejers fihom, kif ukoll is-sanzjonijiet stabbiliti b'mod aċċessorju għal dawn ir-regoli, u, min-naħa l-oħra, l-isfruttament tad-diversi drittijiet marbuta ma' dawn il-kompetizzjonijiet, setgħu jitqiesu li jikkostitwixxu abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, kif ukoll akkordju antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE. Hija tat deċiżjoni wkoll dwar il-kompatibbiltà ta' dawn ir-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ta' parteċipazzjoni u ta' sanzjoni mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet tliet sensiliet ta' osservazzjonijiet.

---

[250] Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, ***International Skating Union vs Il-Kummissjoni*** (C-124/21), u tal-21 ta' Diċembru 2023, ***Royal Antwerp Football Club*** (C-680/21).

Qabel kollox, hija ppreċiżat li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju kienu jirrigwardaw esklużivament ir-regoli adottati mill-FIFA u mill-UEFA dwar, minn naħa, l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol bejn il-klabbs u l-parteċipazzjoni tal-klabbs tal-futbol professjonali u tal-plejers tagħhom fihom, u, min-naħa l-oħra, l-isfruttament tad-diversi drittijiet marbuta ma' dawn il-kompetizzjonijiet. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kienet mitluba tieħu pożizzjoni la fuq l-eżistenza stess tal-FIFA u tal-UEFA, la fuq il-fondatezza ta' regoli oħra adottati minn dawn iż-żewġ federazzjonijiet, u lanqas, fl-aħħar nett, fuq l-eżistenza jew il-karatteristiċi tal-proġett ta' Superleague fih innifsu, kemm fid-dawl tar-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll fid-dawl tal-libertajiet ekonomiċi stabbiliti mit-Trattat FUE.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-regoli kollha li ġiet mistoqsija dwarhom kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar id-dritt tal-kompetizzjoni, kif ukoll dawk dwar il-libertajiet ta' moviment. F'dan ir-rigward, hija fakkret li, sa fejn l-eżerċizzju ta' sport jikkostitwixxi attività ekonomika, huwa jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma applikabbli fil-preżenza ta' tali attività, ħlief għal ċerti regoli speċifiċi adottati esklużivament għal raġunijiet mhux ekonomiċi u li jirrigwardaw biss kwistjonijiet li jikkonċernaw biss l-isport bħala tali. Issa, ir-regoli inkwistjoni, kemm jekk kienu joriġinaw mill-FIFA jew mill-UEFA, ma kinux jaqgħu taħt tali eċċezzjoni, peress li kienu jirrigwardaw l-eżerċizzju tal-futbol bħala attività ekonomika.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-konsegwenzi li setgħu jiġu dedotti mill-Artikolu 165 TFUE – li jistabbilixxi kemm l-għanijiet li huma assenjati lill-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-isport kif ukoll il-mezzi li jistgħu jintużaw sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din id-dispożizzjoni ma kinitx tikkostitwixxi regola speċjali li tneħħi l-isport mid-dispożizzjonijiet kollha jew minn parti mid-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni li jistgħu jiġu applikati għalih jew li timponi li jingħatalu trattament partikolari fil-kuntest ta' din l-applikazzjoni. Barra minn hekk, hija fakkret li l-karatteristiċi speċifiċi li jikkaratterizzaw l-attività sportiva jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost elementi oħra u sa fejn dawn ikunu rilevanti, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar id-dritt tal-kompetizzjoni u l-libertajiet ta' moviment, filwaqt li jiġi osservat, madankollu, li dan it-teħid inkunsiderazzjoni jista' jsir biss fil-kuntest u b'osservanza tal-kundizzjonijiet kif ukoll tal-kriterji ta' applikazzjoni previsti f'kull waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u wara li rrilevat li l-FIFA u l-UEFA kellhom jiġu kklassifikati bħala "impriżi", fis-sens tad-dritt Ewropew tal-kompetizzjoni, sa fejn dawn jeżerċitaw attivitajiet ekonomiċi bħall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet tal-futbol u bħall-isfruttament tad-drittijiet marbuta magħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fl-ewwel lok, dwar jekk l-istabbiliment mill-FIFA u mill-UEFA ta' regoli dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs kif ukoll dwar il-parteċipazzjoni fihom, taħt piena ta' sanzjonijiet, setax jitqies, minn naħa, li jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE u, min-naħa l-oħra, li kien akkordju antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja esponiet li l-karatteristiċi speċifiċi tal-futbol professjonali, b'mod partikolari l-importanza soċjali, kulturali u medjatiku tiegħu, kif ukoll il-fatt li dan l-isport huwa bbażat fuq il-ftuħ u l-mertu sportiv, kienu jippermettu li jitqies li huwa leġittimu li l-organizzazzjoni u l-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-futbol professjonali jiġu suġġetti għal regoli komuni intiżi li jiggarantixxu l-omoġeneità u l-koordinazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet fi ħdan kalendarju ġenerali kif ukoll sabiex jippromwovu ż-żamma ta' kompetizzjonijiet sportivi bbażati fuq ċerta ugwaljanza tal-opportunitajiet kif ukoll fuq il-mertu. Barra minn hekk, kien leġittimu li tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn ir-regoli komuni permezz ta' regoli bħal dawk stabbiliti mill-FIFA u mill-UEFA f'dak li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-imsemmija kompetizzjonijiet kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-klabbs u tal-plejers fihom. Minn dan isegwi li, fil-kuntest speċifiku tal-futbol professjonali u tal-attivitajiet ekonomiċi li għalihom l-eżerċizzju ta' dan l-isport jagħti lok, la l-adozzjoni ta' dawn ir-regoli u lanqas l-implimentazzjoni tagħhom ma setgħu jiġu kklassifikati, bħala prinċipju u b'mod ġenerali, bħala "abbuż minn pożizzjoni dominanti", fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE. L-istess kien japplika għas-sanzjonijiet imposti b'mod aċċessorju għal dawn ir-regoli, peress li tali sanzjonijiet kienu leġittimi, bħala prinċipju tagħhom, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-imsemmija regoli.

Madankollu, l-ebda waħda minn dawn il-karatteristiċi speċifiċi ma setgħet tippermetti li jitqiesu li jkunu leġittimi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' regoli, kif ukoll tas-sanzjonijiet imposti b'mod aċċessorju għalihom, li ma kinux limitati minn kriterji sostantivi kif ukoll minn modalitajiet proċedurali xierqa sabiex jiżguraw in-natura trasparenti, oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata tagħhom. B'mod iktar preċiż, kien neċessarju li dawn il-kriterji u dawn il-kundizzjonijiet ikunu ġew stabbiliti, f'forma aċċessibbli, qabel kull implimentazzjoni tar-regoli inkwistjoni. Barra minn hekk, sabiex l-imsemmija kriterji u l-imsemmija kundizzjonijiet setgħu jkunu jistgħu jitqiesu li jkunu nondiskriminatorji, huma kellhom ma jissuġġettawx l-organizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet terzi kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-klabbs u tal-plejers fihom għal rekwiżiti li jkunu differenti minn dawk applikabbli għall-kompetizzjonijiet organizzati u kkummerċjalizzati mill-entità li tieħu d-deċiżjonijiet, jew li jkunu identiċi jew simili, iżda impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jiġu ssodisfatti fil-prattika minn impriża li ma jkollhiex l-istess kwalità ta' assoċjazzjoni jew l-istess setgħat bħal dik l-entità u li, għalhekk, tkun tinsab f'sitwazzjoni differenti minnha. Fl-aħħar nett, sabiex is-sanzjonijiet imposti b'mod aċċessorju għal dawn ir-regoli ma jkunux diskrezzjonali, huma kellhom ikunu rregolati minn kriterji li jkollhom mhux biss ikunu, huma wkoll, trasparenti, oġġettivi, preċiżi u nondiskriminatorji, iżda jkollhom jiggarantixxu wkoll li dawn is-sanzjonijiet jiġu ddeterminati, f'kull każ konkret, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fid-dawl, b'mod partikolari, tan-natura, tat-tul kif ukoll tal-gravità tan-nuqqas ikkonstatat.

Minn dan isegwi li, fil-każ fejn regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ta' parteċipazzjoni u ta' sanzjoni ma jkunux irregolati minn kriterji sostantivi u minn modalitajiet proċedurali xierqa sabiex tiġi ggarantita n-natura trasparenti, oġġettiva, preċiża, nondiskriminatorja u proporzjonata tagħhom, l-adozzjoni tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom kienu jikkostitwixxu abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE għall-imsemmija regoli, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, anki jekk l-adozzjoni ta' regoli għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs setgħet kienet motivata mit-tfittxija ta' ċerti għanijiet leġittimi, bħal dak li jikkonsisti f'li jiġu osservati l-prinċipji, il-valuri u r-regoli tal-logħba li fuqhom huwa bbażat il-futbol professjonali, dawn taw lill-FIFA u lill-UEFA s-setgħa li jawtorizzaw, jikkontrollaw jew jikkundizzjonaw l-aċċess ta' kull impriża potenzjalment kompetitriċi fis-suq ikkonċernat, u għalhekk li jiddeterminaw kemm il-livell ta' kompetizzjoni li jista' jeżisti f'dan is-suq kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom setgħet tiġi eżerċitata din il-kompetizzjoni potenzjali.

Barra minn hekk, ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-klabbs u tal-plejers f'dawn il-kompetizzjonijiet kienu tali li jsaħħu l-għan antikompetittiv li huwa inerenti għal kull mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni minn qabel li ma għandux limiti, obbligi u kontroll li jkunu jistgħu jiżguraw in-natura trasparenti, oġġettiva, preċiża u nondiskriminatorja tagħhom, billi jipprekludew lil kull impriża organizzatriċi ta' kompetizzjoni potenzjalment kompetitriċi milli tuża r-riżorsi disponibbli fis-suq, jiġifieri l-klabbs u l-plejers, peress li dawn tal-aħħar kienu jesponu ruħhom, fil-każ ta' parteċipazzjoni f'kompetizzjoni li ma tkunx irċeviet l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-FIFA u tal-UEFA, għal sanzjonijiet li la jkunu limitati minn xi kriterju materjali u lanqas minn xi modalità proċedurali li tiżgura n-natura trasparenti, oġġettiva, preċiża, nondiskriminatorja u proporzjonata tagħhom.

Minn dan isegwi li, fil-każ fejn dawn ma kinux limitati minn tali kriterji u minn tali modalitajiet proċedurali, ir-regoli inkwistjoni kienu jippreżentaw, min-natura tagħhom stess, grad suffiċjenti ta' noċività għall-kompetizzjoni u kellhom konsegwentement jitqiesu li kellhom l-għan li jipprekluduha. Għaldaqstant, dawn kienu jaqgħu taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE, mingħajr ma kien neċessarju li jiġu eżaminati l-effetti attwali jew potenzjali tagħha.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni dwar jekk ir-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ta' parteċipazzjoni u ta' sanzjoni inkwistjoni setgħux jibbenefikaw minn eżenzjoni jew jitqiesu li kienu ġġustifikati. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li ċertu aġir partikolari, bħal regoli etiċi jew deontoloġiċi adottati minn assoċjazzjoni, jista' ma jaqax taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE anki jekk ikollu bħala effetti inerenti li jirrestrinġi l-kompetizzjoni,

sakemm dan ikun iġġustifikat mit-tfittxija ta' għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali li, fihom infushom, ma jkunux ta' natura antikompetittiva u sakemm in-neċessità u n-natura proporzjonata tal-mezzi implimentati għal dan l-għan ikunu ġew debitament stabbiliti. Madankollu, hija ppreċiżat li din il-ġurisprudenza ma tapplikax fil-preżenza ta' aġir li min-natura tiegħu stess jikser l-Artikolu 102 TFUE jew jippreżenta grad ta' noċività li jiġġustifika li jitqies li għandu bħala "għan" il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE.

It-tieni nett, fir-rigward tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 101(3) TFUE, hija l-parti li tinvoka l-benefiċċju tagħha li għandha tistabbilixxi li jkunu ġew issodisfatti erba' kundizzjonijiet kumulattivi. B'hekk, l-aġir ikkunsidrat kellu jippermetti, bi grad ta' probabbiltà suffiċjenti, il-kisba ta' żieda fl-effiċjenza filwaqt li jirriżerva lill-utenti parti ekwa tal-profitti li jirriżultaw minn din iż-żieda, mingħajr ma jimponi restrizzjonijiet li ma jkunux indispensabbli sabiex tinkiseb tali żieda u mingħajr ma tiġi eliminata kull kompetizzjoni effettiva għal parti sostanzjali tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati.

Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa, abbażi tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kawża prinċipali, jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux ġew osservati f'dan il-każ. Madankollu, fir-rigward tal-aħħar kundizzjoni relatata mas-sussistenza ta' kompetizzjoni effettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-qorti tar-rinviju kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li r-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ta' parteċipazzjoni u ta' sanzjoni ma kinux limitati minn kriterji materjali u minn modalitajiet proċedurali xierqa sabiex tiġi ggarantita n-natura trasparenti, oġġettiva, preċiża u nondiskriminatorja tagħhom, peress li tali sitwazzjoni kienet ta' natura li tippermetti lill-entitajiet li adottaw dawn ir-regoli jipprekludu kull kompetizzjoni fis-suq tal-organizzazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs fit-territorju tal-Unjoni.

Koerentement, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 102 TFUE jirriżulta li aġir abbużiv ta' impriża li jkollha pożizzjoni dominanti jista' jevita l-projbizzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni jekk l-impriża kkonċernata tistabbilixxi li l-aġir tagħha kien jew oġġettivament iġġustifikat minn ċirkustanzi esterni għall-impriża u proporzjonat għal din il-ġustifikazzjoni, jew ibbilanċjat, jew anki maqbuż, permezz ta' vantaġġi f'termini ta' effikaċja li minnhom jibbenefikaw ukoll il-konsumaturi.

F'dan il-każ, fir-rigward, minn naħa, tal-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni oġġettiva, ir-regoli stabbiliti mill-FIFA u mill-UEFA kellhom l-għan li jirriżervaw lil dawn l-entitajiet l-organizzazzjoni ta' kull kompetizzjoni ta' dan it-tip, bir-riskju li tiġi eliminata kull kompetizzjoni min-naħa ta' impriża terza, b'tali mod li tali aġir kien jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti pprojbit mill-Artikolu 102 TFUE u mhux iġġustifikat minn neċessitajiet ta' natura teknika u kummerċjali. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-vantaġġi f'termini ta' effikaċja, kienu dawn iż-żewġ assoċjazzjonijiet sportivi li kellhom juru, quddiem il-qorti tar-rinviju, li setgħet tinkiseb żieda fl-effiċjenza permezz tal-aġir tagħhom, li din iż-żieda fl-effiċjenza kienet tinnewtralizza l-effetti dannużi probabbli ta' dan l-aġir fuq il-kompetizzjoni fis-swieq affettwati kif ukoll fuq l-interessi tal-konsumaturi, li l-imsemmi aġir kien indispensabbli għat-twettiq ta' tali żieda fl-effiċjenza u li ma kienx jelimina kompetizzjoni effettiva billi jneħħi t-totalità jew il-parti l-kbira tas-sorsi eżistenti tal-kompetizzjoni attwali jew potenzjali.

Fit-tielet lok, fir-rigward tar-regoli tal-FIFA u tal-UEFA dwar id-drittijiet li setgħu jirriżultaw mill-kompetizzjonijiet tal-futbol professjonali bejn il-klabbs organizzati minn dawn l-entitajiet, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dawn ir-regoli kienu, fid-dawl tal-kontenut tagħhom, tal-għanijiet li kienu intiżi oġġettivament li jilħqu fir-rigward tal-kompetizzjoni kif ukoll tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku tagħhom, ta' natura mhux biss li jipprekludu kull kompetizzjoni bejn il-klabbs tal-futbol professjonali li kienu affiljati mal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li kienu membri tal-FIFA u tal-UEFA, fil-kuntest tal-kummerċjalizzazzjoni tad-diversi drittijiet marbuta mal-logħob li fihom dawn kienu jipparteċipaw, iżda wkoll li jaffettwaw il-funzjonament tal-kompetizzjoni għad-detriment ta' impriżi terzi li joperaw f'numru ta' swieq tal-midja jew ta' servizzi downstream għal din il-kummerċjalizzazzjoni, bi ħsara għall-konsumaturi u għat-telespettaturi.

Minn dan isegwi li tali regoli kellhom l-għan li jipprekludu jew li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-swieq differenti kkonċernati, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, u kienu jikkostitwixxu "abbuż" minn pożizzjoni

dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, sakemm in-natura tagħhom ma kinitx tkun iġġustifikata, b'mod partikolari fir-rigward tat-twettiq taż-żieda fl-effiċjenza kif ukoll tal-profitt irriżervat għall-utenti. Kienet għalhekk il-qorti tar-rinviju li kellha tiddetermina, minn naħa, jekk in-negozjar tax-xiri ta' dawn id-drittijiet mingħand żewġ bejjiegħa esklużivi kienx jippermetti lix-xerrejja attwali jew potenzjali jnaqqsu l-ispejjeż ta' tranżazzjonijiet kif ukoll l-inċertezza li kienu kkonfrontati biha li kieku kellhom jinnegozjaw każ b'każ mal-klabbs parteċipanti u, min-naħa l-oħra, jekk il-profitt magħmul mill-bejgħ iċċentralizzat tal-imsemmija drittijiet kienx jippermetti li tiġi żgurata, b'mod ipprovat, ċerta forma ta' ridistribuzzjoni *in solidum* fi ħdan il-futbol għall-benefiċċju tal-utenti kollha.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-regoli ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ta' parteċipazzjoni u ta' sanzjoni kienu jikkostitwixxu ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE. Fil-fatt, billi kienu jippermettu lill-FIFA u lill-UEFA jikkontrollaw, b'mod diskrezzjonali, il-possibbiltà għal kull impriża terza li torganizza u li tikkummerċjalizza l-kompetizzjonijiet bejn il-klabbs fit-territorju tal-Unjoni, il-possibbiltà għal kull klabb tal-futbol professjonali li jipparteċipa f'dawn il-kompetizzjonijiet kif ukoll, indirettament, il-possibbiltà għal kull impriża oħra li tipprovdi servizzi marbuta mal-organizzazzjoni jew mal-kummerċjalizzazzjoni tal-imsemmija kompetizzjonijiet, dawn ir-regoli kienu ta' natura mhux biss li jostakolaw jew li jirrendu inqas attraenti d-diversi attivitajiet ekonomiċi kkonċernati, iżda li jipprekluduhom, billi jillimitaw l-aċċess ta' kull operatur ġdid għal dawn il-kompetizzjonijiet. Barra minn hekk, l-assenza ta' kriterju oġġettiv, nondiskriminatorju u magħruf minn qabel li jillimita dawn ir-regoli ma kienx jippermettix li l-adozzjoni ta' dawn tal-aħħar titqies li tkun iġġustifikata minn għan leġittimu ta' interess ġenerali.

## 3. Konċentrazzjonijiet

### Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments (C-376/20 P, EU:C:2023:561)

*"Appell – Kompetizzjoni – Regolament (KE) Nru 139/2004 – Kontroll tal-konċentrazzjonijiet ta' impriżi – Servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli – Deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern – Suq oligopolistiku – Tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva – Effetti mhux ikkoordinati – Livell ta' prova – Marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam ekonomiku – Limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju – Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali – Fatturi rilevanti sabiex jintwera tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva – Kunċetti ta' 'mutur importanti tal-kompetizzjoni' u ta' 'kompetituri mill-qrib' – Prossimità tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni – Analiżi kwantitattiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq il-prezzijiet – Żieda fl-effikaċja – Żnaturament – Ilment imqajjem ex officio mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Annullament"*

Proġett ta' konċentrazzjoni bejn tnejn mill-erba' operaturi tat-telefonija mobbli attivi fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli fir-Renju Unit ġie kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea fil-11 ta' Settembru 2015. Dan il-proġett kellu jippermetti lil CK Hutchison Holdings Ltd, permezz tas-sussidjarja indiretta tagħha Hutchison 3G UK Investments Ltd, li saret CK Telecoms UK Investments Ltd (iktar 'il quddiem "CK Telecoms"), tieħu l-kontroll esklużiv ta' Telefónica Europe plc (iktar 'il quddiem "O2"). Wara l-konċentrazzjoni ppjanata, Hutchison 3G UK Ltd (iktar 'il quddiem "Three"), sussidjarja indiretta ta' CK Hutchison Holdings, u O2 kellhom isiru l-attur prinċipali ta' dan is-suq, quddiem iż-żewġ operaturi l-oħra li kien fadal, jiġifieri EE Ltd, sussidjarja ta' BT Group plc (iktar 'il quddiem "BT/EE") u operatur storiku preċedenti, kif ukoll Vodafone.

Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Mejju 2016 [251], il-Kummissjoni, skont ir-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet [252] u l-Linji Gwida tagħha fuq l-istima jew kalkolu ta' l-għaqdiet orizzontali [253], iddikjarat il-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern. Din l-istituzzjoni żviluppat tliet "teoriji tad-dannu". Fil-fatt, hija qieset li l-konċentrazzjoni kienet ser toħloq tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva minħabba effetti mhux ikkoordinati li jirriżultaw, l-ewwel, mill-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet kompetittivi qawwija fis-suq bl-imnut (l-ewwel "teorija tad-dannu"), li probabbilment kienet ser twassal għal żieda fil-prezzijiet tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli u għal limitazzjoni tal-għażla għall-konsumaturi. It-tieni, peress li s-suq inkwistjoni kien ikkaratterizzat mill-fatt li BT/EE u Three, minn naħa, u Vodafone u O2, min-naħa l-oħra, kienu kkonkludew ftehim ta' kondiviżjoni tan-network, l-operazzjoni kienet ser tinfluwenza b'mod negattiv il-kwalità tas-servizzi għall-konsumaturi, billi tostakola l-iżvilupp tal-infrastruttura tan-network mobbli fir-Renju Unit (it-tieni "teorija tad-dannu"). It-tielet, il-konċentrazzjoni seta' jkollha effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi fis-suq bl-ingrossa (it-tielet "teorija tad-dannu").

Adita minn CK Telecoms b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali għalhekk intalbet tagħti deċiżjoni, għall-ewwel darba, dwar il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet għal konċentrazzjoni f'suq oligopolistiku li la kienet ser twassal għall-ħolqien u lanqas għat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti individwali jew kollettiva, iżda li setgħet tagħti lok għal effetti mhux ikkoordinati.

Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Mejju 2020 [254], il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża, peress li essenzjalment qieset li l-Kummissjoni ma kienx irnexxielha tipproduċi l-prova li l-konċentrazzjoni kkomunikata kienet ser toħloq effetti mhux ikkoordinati li setgħu jikkostitwixxu tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, kemm fis-suq bl-imnut, skont l-ewwel u t-tieni teorija tad-dannu, jew fis-suq bl-ingrossa, skont it-tielet teorija.

Il-Kummissjoni ppreżentat appell fil-konfront tas-sentenza appellata.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, qieset li l-parti l-kbira tal-ilmenti fformulati mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-sitt aggravji invokati insostenn tal-appell tagħha kienu fondati u, konsegwentement, annullat is-sentenza appellata fl-intier tagħha. F'din l-okkażjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet, b'mod partikolari, dwar: (i) il-livell ta' prova meħtieġ mill-Kummissjoni sabiex tikkonstata l-eventwali eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, (ii) l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, (iii) il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju, (iv) l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib", (v) iż-żieda fl-effikaċja li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, u (vi) l-evalwazzjoni globali tal-fatturi rilevanti li jistgħu

---

[251] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2016 li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern (Każ M.7612 – Hutchison 3G UK/Telefónica UK), innotifikata bin-numru C(2016) 2796, disponibbli bl-Ingliż, fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tagħha, fl-indirizz li ġej: <https ://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/decisions/m7612_6555_3.pdf>, u ppubblikata fil-forma ta' sommarju f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2016, C 357, p. 15, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

[252] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

[253] Linji ta' gwida fuq l-istima jew kalkolu ta' l-għaqdiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 10, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida").

[254] Sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, ***CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni*** (T-399/16, EU:T:2020:217, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

jinfluwenzaw il-probabbiltà li konċentrazzjoni tista’ twassal jew le għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi f’suq oligopolistiku.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

L-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-aggravju intiż li tiġi kkontestata, fuq livell ta’ prinċipju, id-determinazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-livell ta’ prova meħtieġ mill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-analiżi prospettiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni inkwistjoni, sabiex turi l-eventwali eżistenza ta’ tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva ta’ natura li jiġġustifika deċiżjoni ta’ inkompatibbiltà.

Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell ta’ prova meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, qabelxejn, li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet li jiddelimitaw il-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet [255] huma ta’ natura simetrika fir-rigward tar-rekwiżiti ta’ prova imposti fuq il-Kummissjoni sabiex turi li konċentrazzjoni kkomunikata tfixkel jew le b’mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva u jkollha għalhekk tiġi ddikjarata inkompatibbli jew kompatibbli mas-suq intern. F’dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-analiżi hekk meħtieġa ma tista’ tkun ibbażata fuq ebda preżunzjoni ġenerali ta’ kompatibbiltà jew ta’ inkompatibbiltà mas-suq intern. Barra minn hekk, il-livell ta’ prova meħtieġ la jiddependi mit-tip ta’ konċentrazzjoni eżaminata mill-Kummissjoni u lanqas mill-kumplessità intrinsika ta’ teżi ta’ tfixkil għall-kompetizzjoni mressqa fir-rigward ta’ konċentrazzjoni kkomunikata. F’dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tan-natura prospettiva tal-analiżi ekonomika meħtieġa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sabiex tkun tista’ tagħti deċiżjoni dwar operazzjoni ta’ konċentrazzjoni, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi, permezz ta’ elementi suffiċjentement sinjifikattivi u konkordanti, li jkun iktar probabbli milli improbabbli li din il-konċentrazzjoni tfixkel jew le b’mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f’parti sostanzjali minnu. Għaldaqstant, billi qieset, fis-sentenza appellata, li l-Kummissjoni hija obbligata turi bi “probabbiltà serja l-eżistenza ta’ tfixkil sinjifikattiv” għal kompetizzjoni effettiva wara l-konċentrazzjoni u li “r-rekwiżit ta’ prova applikabbli f’dan il-każ huwa, konsegwentement, iktar strett minn dak li permezz tiegħu tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva jkun ‘iktar probabbli milli improbabbli’”, il-Qorti Ġenerali kienet applikat rekwiżit ta’ prova li ma kienx jirriżulta mir-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, u wettqet, b’dan il-mod, żball ta’ liġi.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kienet żbaljata l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali lill-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, moqri fid-dawl tal-premessa 25 tiegħu, fir-rigward tal-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-eventwali eżistenza ta’ tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva li jirriżulta minn konċentrazzjoni li jkollha effetti mhux ikkoordinati f’suq oligopolistiku. Il-Qorti Ġenerali qieset li din il-premessa tipprevedi żewġ kundizzjonijiet kumulattivi sabiex tali effetti, f’ċerti ċirkustanzi, ikun jista’ jkollhom bħala konsegwenza tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, jiġifieri, minn naħa, l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tal-pressjonijiet kompetittivi fuq il-kompetituri l-oħra. Għalhekk, din il-qorti eżiġiet li l-Kummissjoni turi li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kienu ssodisfatti f’dan il-każ. Issa, sa fejn tali interpretazzjoni, li teħtieġ in-natura kumulattiva tal-imsemmija kundizzjonijiet, timplika li l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin u ż-żieda unilaterali tal-prezzijiet li jistgħu jirriżultaw minnha qatt ma kienu, waħedhom, suffiċjenti sabiex juru tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, din l-interpretazzjoni kienet inkompatibbli mal-għan tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, li huwa intiż li jistabbilixxi kontroll tal-konċentrazzjonijiet kollha li jistgħu jwasslu għal tali tfixkil, inklużi dawk li jagħtu lok għal effetti mhux ikkoordinati.

---

[255] Ara, f’dan il-każ, l-Artikolu 2(2) u (3) u l-Artikolu 8(1) u (3) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet.

Abbażi tal-konsegwenzi misluta mill-kunsiderazzjonijiet ta' prinċipju preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, it-tielet, l-aggravju li permezz tiegħu l-Kummissjoni kkritikat, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali, qabel kollox, li qabżet il-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha billi interpretat il-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib", sussegwentement, li żnaturat kemm id-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll ir-risposta tagħha u, fl-aħħar, li wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib" li jinsabu fil-Linji Gwida.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat qabelxejn li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiġi kkritikata li marret lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija kellha twettaq meta interpretat dawn il-kunċetti. Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-imsemmija kunċetti jeħtieġu analiżi ekonomika matul l-implimentazzjoni tagħhom, il-qorti tal-Unjoni xorta tibqa' kompetenti sabiex tinterpretahom fl-eżerċizzju tal-istħarriġ li għandha fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħuda fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet.

Madankollu, l-eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-motivi kkritikati wera li l-insuffiċjenzi sostnuti mill-Qorti Ġenerali, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-imsemmija kunċetti, kienu jirriżultaw kemm minn żnaturament tad-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll minn interpretazzjoni żbaljata tal-kunċetti ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" u ta' "kompetituri mill-qrib".

Minn naħa, minn din id-deċiżjoni ma kienx jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li l-eliminazzjoni ta' "mutur importanti tal-kompetizzjoni" jew il-prossimità tal-kompetizzjoni kienu biżżejjed f'dan il-każ, fihom infushom, sabiex jipprovaw tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Għaldaqstant, meta ddeċidiet il-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali żnaturat is-sens tad-deċiżjoni kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li, sabiex impriża tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "mutur importanti tal-kompetizzjoni", il-Kummissjoni għandha turi, b'mod partikolari, li l-impriża kkonċernata kienet tikkompeti b'mod partikolarment aggressiv f'termini ta' prezz u kienet iġġiegħel lill-atturi l-oħra fis-suq jallinjaw ruħhom mal-prezzijiet tagħha, filwaqt li huwa biżżejjed li l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-impriża inkwistjoni kellha rwol iktar importanti fil-kompetizzjoni milli kienu jħallu li jiġi preżunt il-partijiet tas-suq tagħha jew kwalunkwe indikatur simili ieħor, kif jikkonferma l-punt 37 tal-Linji Gwida. Kien għalhekk b'mod żbaljat li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, f'dan il-każ, li l-Kummissjoni ma kinitx uriet b'mod suffiċjenti fid-dritt li Three kienet taqa' taħt dan il-kunċett. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' "kompetituri mill-qrib", il-Qorti Ġenerali lanqas ma kellha raġun teżiġi li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-prossimità "partikolari" tal-partijiet fil-konċentrazzjoni sabiex tkun tista' tikklassifikahom bħala "kompetituri mill-qrib".

Ir-raba', fir-rigward tal-analiżi kwantitattiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq il-prezzijiet, meqjusa wkoll insuffiċjentement sostnuta mill-Qorti Ġenerali, mill-eżami tal-punti rilevanti tas-sentenza appellata kien jirriżulta li ebda wieħed mill-elementi kkunsidrati mill-Qorti Ġenerali ma kien xieraq sabiex isostni l-konstatazzjoni kkritikata.

Fil-fatt, minn naħa, billi osservat, wara li pparagunat l-istima, ippreżentata bħala mhux ikkontestata, taż-żieda fil-prezzijiet mistennija f'dan il-każ ma' valuri ogħla stabbiliti f'każijiet oħra, li dawn il-valuri madankollu ma tqisux li kienu "sinjifikattivi" mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali żnaturat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni fl-ewwel istanza, li kienu juru n-nuqqas ta' qbil tal-partijiet dwar l-istima li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni, u b'mod żbaljat ipparagunat din il-kawża ma' dawn il-każijiet l-oħra ta' konċentrazzjoni eżaminati mill-Kummissjoni.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali żbaljat ukoll meta qieset li l-Kummissjoni kellha tinkludi fl-analiżi kwantitattiva tagħha żieda fl-effikaċja msejħa "standard" li, skont din il-qorti, huma speċifiċi għall-konċentrazzjonijiet kollha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huma biss il-partijiet fl-operazzjoni li għandhom jistabbilixxu tali effetti favur il-kompetizzjoni, li ma jistgħux, barra minn hekk, jiġu preżunti.

Il-ħames, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-aggravju li permezz tiegħu l-Kummissjoni kkritikat lill-Qorti Ġenerali li ma analizzatx jekk il-fatturi rilevanti kollha kinux jippermettu li jiġi kkunsidrat li hija kien irnexxielha, f'dan il-każ, tistabbilixxi li l-konċentrazzjoni kienet ser twassal għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva u li b'hekk illimitat b'mod żbaljat l-eżami tagħha għal ċerti fatturi li jsostnu l-ewwel teorija tad-dannu u għall-punt dwar jekk, meħuda separatament, dawn il-fatturi kinux suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit tali tfixkil. Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet dan l-aggravju u kkonstatat li, billi ma wettqitx, wara l-eżami tagħha tal-fondatezza tal-fatturi u tal-konstatazzjonijiet ikkontestati minn CK Telecoms fl-ewwel istanza u fid-dawl tar-riżultat li jirriżulta minn dan l-eżami, evalwazzjoni globali tal-fatturi u tal-konstatazzjonijiet rilevanti sabiex tivverifika jekk il-Kummissjoni kinitx uriet l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

Is-sitt, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-motivi msemmija fl-appell li fuqhom ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali sabiex twarrab l-analiżi tal-Kummissjoni taħt it-tieni teorija tad-dannu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, minn naħa, li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni ma wettqitx evalwazzjoni ta' degradazzjoni possibbli tal-kwalità tan-network tal-entità li kienet tirriżulta mill-konċentrazzjoni kienet ir-riżultat ta' żnaturament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li CK Telecoms ma kinitx ikkritikat lill-Kummissjoni, quddiem il-Qorti Ġenerali, li kienet naqset milli tippreċiża jew tanalizza l-kuntest temporali xieraq li fih din l-istituzzjoni kellha l-intenzjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' effetti mhux ikkoordinati u ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Madankollu, il-Qorti Ġenerali wettqet fuq inizjattiva tagħha stess analiżi ta' din il-problema. Għalhekk, din il-qorti qajmet b'mod żbaljat *ex officio* lment li madankollu ma jistax jiġi kklassifikat bħala motiv ta' ordni pubbliku.

Fid-dawl tal-importanza, tan-natura u tal-portata tal-iżbalji mwettqa mill-Qorti Ġenerali, li kienu jaffettwaw ir-raġunament kollu segwit minnha fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien hemm lok li tannulla din tal-aħħar. Peress li l-Qorti Ġenerali kienet tat is-sentenza tagħha mingħajr ma eżaminat il-motivi kollha mqajma u peress li n-natura u l-portata tal-iżbalji identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja kienu jeħtieġu, essenzjalment, analiżi ġdida, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kawża ma kinitx fi stat li tiġi deċiża u, konsegwentement, bagħtitha lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

## 4. Għajnuna mill-Istat

### Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), DOBELES HES (C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-obbligu għall-operatur pubbliku li jikseb il-provvisti tiegħu mingħand produtturi ta' enerġiji rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq – Assenza ta' ħlas ta' parti mill-għajnuna kkonċernata – Talba għal kumpens imressqa minn dawn il-produtturi quddiem awtorità pubblika distinta minn dik li, bħala prinċipju, hija marbuta, skont din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tħallas din l-għajnuna u li l-baġit tagħha huwa intiż biss li jiżgura l-funzjonament tagħha stess – Għajnuna ġdida – Obbligu ta' komunikazzjoni – Għajnuna de minimis – Regolament (UE) Nru 1407/2013 – Artikolu 5(2) – Akkumulazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-ammonti ta' għajnuna diġà mħallsa matul il-perijodu ta' referenza abbażi tal-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali"*

Il-kumpanniji "DOBELES HES" SIA u "GM" SIA (iktar 'il quddiem il-"produtturi kkonċernati") joperaw impjanti idroelettriċi fil-Latvja u jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Sas-7 ta' Ġunju 2005, dispożizzjoni tal-Liġi Latvjana dwar l-Enerġija kienet tipprovdi li l-produtturi tal-elettriku kellhom, taħt ċerti kundizzjonijiet, id-dritt li jbigħu l-eċċess ta' produzzjoni elettrika tagħhom lill-impriża ta' distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata bi prezz preferenzjali li kien jikkorrispondi għad-doppju tat-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku, kif iddeterminata mill-awtorità regolatorja nazzjonali.

B'effett mid-dħul fis-seħħ, fit-8 ta' Ġunju 2005, ta' dispożizzjonijiet ġodda li jirregolaw il-bejgħ mill-produtturi tal-elettriku tal-eċċess ta' produzzjoni b'tariffa preferenzjali, dispożizzjoni partikolari ppermettiet lill-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli li kienu diġà bdew l-attività tagħhom f'dik id-data jżommu l-benefiċċju tar-regoli preċedenti.

L-awtorità regolatorja interpretat din id-dispożizzjoni fis-sens li kienet tiffriża, għal dawn il-produtturi, it-tariffa preferenzjali applikabbli fil-valur tagħha fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2005, u għalhekk ma baqgħetx taġġornaha. B'hekk, minn dik id-data, iż-żewġ produtturi kkonċernati biegħu l-eċċess tal-produzzjoni tagħhom bi prezz li kien jikkorrispondi għad-doppju tat-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku li kienet fis-seħħ dak iż-żmien. Madankollu, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2010, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja) qieset li l-interpretazzjoni mogħtija lid-dispożizzjoni inkwistjoni mill-awtorità regolatorja, sa fejn din tal-aħħar kienet qieset li l-kelma "prezz" kellha tinftiehem bħala prezz fiss, u mhux bħala mekkaniżmu ta' ffissar tal-prezzijiet, kienet żbaljata, b'tali mod li kienet żbaljat ukoll meta qieset li ma kinitx għadha kompetenti, b'effett mit-8 ta' Ġunju 2005, sabiex tiffissa t-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-produtturi kkonċernati ressqu quddiem l-awtorità regolatorja, kull wieħed fir-rigward tiegħu stess, talba għall-kumpens tat-telf imġarrab minħabba n-nuqqas ta' aġġornament tal-imsemmija tariffa medja b'effett mit-8 ta' Ġunju 2005. Peress li l-awtorità regolatorja rrifjutat li tilqa' t-talba rispettiva tagħhom, il-produtturi kkonċernati, fl-2011, ressqu l-każ quddiem il-qorti amministrattiva li, permezz ta' sentenzi tal-31 ta' Mejju 2019 u tal-10 ta' Lulju 2019, laqgħet parti mill-pretensjonijiet rispettivi tagħhom, filwaqt li ssuġġettat il-ħlas tas-somom li kellhom jitħallsu mill-awtorità regolatorja, bħala ħlas ta' għajnuna mill-Istat, għall-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tawtorizza tali għajnuna.

L-awtorità regolatorja ppreżentat appell fil-kassazzjoni kontra dawn is-sentenzi quddiem l-Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema, il-Latvja). Peress li kellha dubji, b'mod partikolari, dwar il-klassifikazzjoni li kellha tingħata lill-kumpens kontenzjuż, fid-dawl tal-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat", kif ukoll dwar ir-rekwiżiti li kellhom jiġu ssodisfatti, jekk ikun il-każ, sabiex ikun jista' jitħallas dan il-kumpens, fid-dawl tal-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-Qorti Suprema ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel, min-naħa tagħha, sensiela ta' domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett, li kienu mfassla b'termini identiċi fiż-żewġ kawżi.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, speċifikat il-kundizzjonijiet li fihom miżura nazzjonali li tippermetti lill-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jibbenefikaw minn tariffa miżjuda tista' tiġi kklassifikata bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Barra minn hekk, fil-każ li din il-klassifikazzjoni tiġi kkonstatata fil-konfront tal-miżura inkwistjoni, meta din ma tkunx ġiet debitament ikkomunikata lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu rrikonoxxiet li l-qorti nazzjonali tista' tilqa' talba għall-ħlas ta' somma bħala tali miżura ta' għajnuna, filwaqt li tissuġġetta l-ħlas għar-rekwiżit ta' komunikazzjoni minn qabel tal-għajnuna lill-Kummissjoni kif ukoll għall-kisba tal-kunsens ta' din l-istituzzjoni f'dan ir-rigward.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet l-elementi ta' interpretazzjoni mitluba mill-qorti tar-rinviju sabiex tkun tista' tiddetermina jekk il-miżura nazzjonali li tkun wasslet għall-kawżi li kellha quddiemha setgħetx tiġi kklassifikata bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, l-ewwel nett, il-kwistjoni ta' jekk leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-impriża ta' distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata tixtri l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq u li tipprevedi li l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn dan ikollhom jiġu ffinanzjati permezz ta' imposta obbligatorja sostnuta mill-konsumaturi finali kinitx tikkostitwixxi intervent "permezz ta' riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-fondi li joriġinaw minn imposta li l-piż finanzjarju tagħha jinġarr *de facto* minn kategorija ddefinita ta' persuni setgħu jitqiesu li jkollhom in-natura ta' "riżorsi tal-Istat" fil-każ

biss li l-imposta inkwistjoni tkun obbligatorja taħt id-dritt nazzjonali. B'hekk, il-fondi pprovduti minn taxxa jew minn imposti obbligatorji oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u amministrati u mqassma konformement ma' din il-leġiżlazzjoni kienu jikkostitwixxu "riżorsi tal-Istat", fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni. Madankollu, il-fatt li somom baqgħu kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kien biżżejjed sabiex jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat". Għaldaqstant, bla ħsara għall-verifiki li kellhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, il-fondi li permezz tagħhom kien jingħata vantaġġ tariffarju, skont il-leġiżlazzjoni Latvjana kkonċernata, lill-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kienu "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, fid-dawl taż-żewġ kriterji alternattivi ta' dan il-kunċett.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-data tal-liberalizzazzjoni kompleta tas-suq tal-elettriku fil-Latvja kienet irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk l-għajnuna pprovduta mill-operatur pubbliku f'dan l-Istat Membru meta jixtri l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq kellhiex tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat.

Barra minn hekk, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tkun stabbilixxiet "għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-pagament ta' somma mitluba quddiem qorti skont din il-leġiżlazzjoni jikkostitwixxi wkoll tali għajnuna. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk somom jikkorrispondux għal "għajnuna mill-Istat" huwa irrilevanti jekk ir-rikorsi intiżi li jinkiseb il-ħlas tagħhom ikunux ikklassifikati bħala "talbiet għal kumpens" jew bħala "talbiet għad-danni" skont id-dritt nazzjonali.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm il-qorti nazzjonali tista', jekk ikun il-każ, tagħti deċiżjoni li minnha jirriżulta li waħda mill-partijiet ikollha, skont id-dritt nazzjonali, tirċievi somma li tikkorrispondi għal għajnuna mill-Istat, dan bl-ebda mod ma jfisser li, f'dan il-każ, il-qorti nazzjonali tkun qiegħda tagħti din l-għajnuna hija stess. Fil-fatt, l-istabbiliment bħala tali ta' għajnuna mill-Istat ma jistax joħroġ minn deċiżjoni ġudizzjarja peress li dan l-istabbiliment jaqa' taħt evalwazzjoni ta' opportunità li ma taqax taħt il-kompetenza tal-qorti. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi dritt legali għal pagament miżjud għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, talbiet ġudizzjarji intiżi li jinkiseb il-benefiċċju komplet ta' dan id-dritt għandhom jitqiesu li huma talbiet għall-ħlas tal-parti ta' din l-għajnuna mill-Istat li ma tkunx tħallset, u mhux bħala talbiet intiżi għall-għoti mill-qorti adita ta' għajnuna mill-Istat distinta.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-kriterji previsti, fil-qasam tal-għajnuna *de minimis*, fir-Regolament Nru 1407/2013 [256], li ma hijiex suġġett għall-obbligu ta' komunikazzjoni previst fl-Artikolu 108(3) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-osservanza tal-livell *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-ammont tal-għajnuna mitluba taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti kkunsidrat flimkien mal-ammont tal-ħlasijiet li jkunu diġà saru matul il-perijodu ta' riferiment taħt din il-leġiżlazzjoni.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-relazzjoni bejn il-prerogattivi rispettivi tal-qorti nazzjonali u tal-Kummissjoni, fil-każ li s-somom mitluba mill-produtturi kkonċernati fil-kawżi prinċipali jikkorrispondu għal għajnuna mill-Istat.

F'dan il-każ, sa fejn l-għajnuna inkwistjoni ma kienet tikkorrispondi għal ebda waħda mill-kategoriji ta' għajnuna eżistenti previsti fid-dritt tal-Unjoni [257], bla ħsara għall-verifiki li kellhom jitwettqu mill-qorti

---

[256] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 [TFUE] għall-għajnuna *de minimis* (ĠU 2013, L 352, p. 1, rettifika fil-ĠU 2021, L 410, p. 204).

[257] Artikolu 1(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9).

tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja minn dan ikkonkludiet li l-għajnuna inkwistjoni, inkluża l-parti tagħha li l-ħlas tagħha jintalab sussegwentement, kellha tiġi kklassifikata bħala "għajnuna ġdida" [258].

B'hekk, filwaqt li qiegħdet ruħha, fid-dawl tal-konstatazzjoni preċedenti, fl-ipoteżi li l-qorti nazzjonali kellha quddiemha talba intiża li jinkiseb il-ħlas ta' għajnuna li kienet illegali minħabba li ma kinitx ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-funzjoni ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-qorti nazzjonali kellha, bħala prinċipju, twassal lil din tal-aħħar sabiex tiċħad tali talba. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li tikkundanna lill-konvenut iħallas l-għajnuna inkwistjoni, iżda bil-kundizzjoni li din tkun ikkomunikata minn qabel lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati u bil-kundizzjoni li din l-istituzzjoni tkun tat il-kunsens tagħha, jew tkun meqjusa li tat dan il-kunsens, hija wkoll ta' natura li tevita li tingħata għajnuna ġdida bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE u tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2015/1589.

### Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Braesch *et* (C-284/21 P, EU:C:2023:58)

*"Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikoli 107 u 108 TFUE – Għajnuna għar-ristrutturazzjoni – Settur bankarju – Fażi ta' eżami preliminari – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Pjan ta' ristrutturazzjoni – Impenji meħuda mill-Istat Membru kkonċernat – Miżuri ta' kondiviżjoni tal-oneri – Konverżjoni ta' djun subordinat f'kapital – Detenturi ta' bonds – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Locus standi – Persuna fiżika jew ġuridika direttament u individwalment ikkonċernata – Ksur tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati – Nuqqas ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali – Artikolu 108(2) TFUE – Kunċett ta' 'interessat' – Regolament (UE) Nru 2015/1589 – Artikolu 1(h) – Kunċett ta' 'parti interessata' – Miżuri nazzjonali meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea – Inamissibbiltà tar-rikors"*

Fl-2008, il-bank Taljan Banca Monte dei Paschi di Siena (iktar 'il quddiem "BMPS") wettaq żieda fil-kapital ta' EUR 950 miljun, sottoskritta fl-intier tagħha minn J. P. Morgan Securities Ltd (iktar 'il quddiem "JPM"), bis-saħħa ta' kuntratti konklużi bejniethom (iktar 'il quddiem il-"kuntratti FRESH"). JPM kisbet il-fondi neċessarji sabiex tiffinanzja din l-operazzjoni mingħand Mitsubishi UFJ Investor Services & Banking (Luxembourg) SA (iktar 'il quddiem "MUFJ") li, għal dan il-għan, ħarġet bonds imsejħa FRESH fl-ammont ta' EUR 1 biljun. Id-detenturi ta' dawn il-bonds kienu jirċievu, min-naħa tagħhom, tariffi fil-forma ta' kupuni trażmessi lilhom minn MUFJ.

Fl-aħħar tal-2016, BMPS ressaq talba għal għajnuna finanzjarja pubblika eċċezzjonali fil-forma ta' rikapitalizzazzjoni preventiva taħt il-leġiżlazzjoni Taljana. Wara din it-talba, l-awtoritajiet Taljani kkomunikaw lill-Kummissjoni Ewropea għajnuna għar-rikapitalizzazzjoni ta' BMPS fl-ammont ta' EUR 5.4 biljuni. Din l-għajnuna kellha tiżdied ma' għajnuna finanzjarja individwali ta' EUR 15-il biljun favur BMPS, li l-Kummissjoni kienet temporanjament approvat b'deċiżjoni tad-29 ta' Diċembru 2016.

Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2017 [259], il-Kummissjoni approvat, wara l-fażi ta' eżami preliminari, kemm l-għajnuna finanzjarja ta' EUR 15-il biljun favur BMPS kif ukoll l-għajnuna għar-rikapitalizzazzjoni preventiva tiegħu fl-ammont ta' EUR 5.4 biljuni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"). Dawn il-

[258] Fis-sens tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2015/1589.

[259] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2017) 4690 final tal-4 ta' Lulju 2017 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.47677 (2017/N) – L-Italja, għajnuna ġdida u pjan ta' ristrutturazzjoni mmodifikat tal-Banca Monte dei Paschi di Siena.

miżuri ta' għajnuna, li kienu akkompanjati minn pjan ta' ristrutturazzjoni ta' BMPS u ta' impenji proposti mill-awtoritajiet Taljani, tqiesu li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja [260].

Il-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' BMPS kien jipprevedi, b'mod partikolari, il-possibbiltà li l-kuntratti FRESH konklużi bejn dan tal-aħħar u JPM jiġu annullati. Wara l-annullament tal-imsemmija kuntratti, diversi detenturi ta' bonds FRESH adixxew lill-Qorti Ġenerali b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, dawn ir-rikorrenti sostnew, b'mod partikolari, li huma kienu ġarrbu telf ekonomiku sostanzjali minħabba l-annullament tal-kuntratti FRESH u li dan l-annullament kien jirriżulta mill-pjan ta' ristrutturazzjoni li jakkumpanja l-miżuri ta' għajnuna kkomunikati mir-Repubblika Taljana.

Quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà minħabba li r-rikorrenti la kellhom interess ġuridiku u lanqas *locus standi* fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Peress li din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ġiet miċħuda mill-Qorti Ġenerali [261], il-Kummissjoni ppreżentat appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja limitat biss għall-kwistjoni dwar il-*locus standi*. Filwaqt li laqgħet dan l-appell, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-parametri tal-kunċett ta' "partijiet interessati" fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE, li jagħti *locus standi* bħala persuna direttament u individwalment ikkonċernata, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Permezz tal-uniku aggravju tagħha, il-Kummissjoni kkritikat, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li, bħala "partijiet interessati" fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE u "parti interessata" fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament 2015/1589 [262], ir-rikorrenti kellhom *locus standi* sabiex jitolbu l-annullament, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [263], tad-deċiżjoni kontenzjuża, u dan sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet proċedurali li huma kellhom abbażi tal-Artikolu 108(2) TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mill-ġurisprudenza tagħha jirriżulta li "partijiet interessati", fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE, jistgħu jippreżentaw rikors intiż għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra għajnuna mill-Istat ikkomunikata, adottata fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari, bil-kundizzjoni li jfittxu li jipproteġu d-drittijiet proċedurali li huma jisiltu minn din id-dispożizzjoni tal-aħħar. Issa, peress li d-deċiżjoni kontenżjuza kienet ġiet adottata fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari, mingħajr il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, u peress li r-rikorrenti kienu qegħdin ifittxu li jissalvagwardaw id-drittijiet proċedurali li huma kellhom taħt din id-dispożizzjoni, il-Qorti Ġenerali ġustament eżaminat il-kwalità tagħhom ta' "partijiet interessati" sabiex tiddetermina jekk ir-rikors tagħhom kienx ammissibbli skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

---

260 Skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE dwar l-għajnuna intiża sabiex tirrimedja disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru.

261 Sentenza tal-24 ta' Frar 2021, ***Braesch et vs Il-Kummissjoni*** (T-161/18, EU:T:2021:102).

262 Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

263 Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jipprevedi żewġ eżempji li fihom jiġi rrikonoxxut il-*locus standi* lil persuna fiżika jew ġuridika sabiex tippreżenta rikors kontra att tal-Unjoni li tiegħu hija ma tkunx destinatarja. Minn naħa, tali rikors jista' jiġi ppreżentat sakemm dan l-att ikun jikkonċernaha direttament u individwalment. Min-naħa l-oħra, tali persuna tista' tippreżenta rikors kontra att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni jekk dan ikun jikkonċernaha direttament.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li r-rikorrenti kellhom il-kwalità ta' "partijiet interessati" fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna kkomunikata, kif imwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 TFUE

Ir-Regolament 2015/1589 jiddefinixxi l-kunċett ta' "parti interessata", li huwa analogu għal dak ta' "partijiet interessati" fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE, bħala li jkopri kull persuna, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi li l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati bl-għoti ta' għajnuna. Peress li dan il-kunċett jingħata interpretazzjoni wiesgħa fil-ġurisprudenza, huwa jista' jinkludi kull persuna f'pożizzjoni li turi li l-għoti ta' għajnuna mill-Istat jista' jkollu effett konkret fuq is-sitwazzjoni tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li l-impenji tal-awtoritajiet Taljani dwar il-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' BMPS, li kienu qegħdin jakkumpanjaw il-miżuri ta' għajnuna kkomunikati u li kienu jwasslu, skont ir-rikorrenti, għal telf ekonomiku sinjifikattiv għad-detenturi tal-bonds FRESH, kienu jagħmlu parti integrali mill-miżuri ta' għajnuna kkomunikati, peress li l-Kummissjoni, permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, għamlet vinkolanti l-imsemmija miżuri, b'tali mod li din id-deċiżjoni kienet tirrigwarda kemm il-miżuri ta' għajnuna kkomunikati kif ukoll l-impenji tal-awtoritajiet Taljani. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-għoti tal-għajnuna kkomunikata u, għaldaqstant, l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, seta' jkollhom effett konkret fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrenti, b'tali mod li kellhom jiġu kklassifikati bħala "parti interessata" fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament 2015/1589.

Issa, meta ddeċidiet hekk, il-Qorti Ġenerali kisret ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw il-portata tad-deċiżjoni kontenzjuża.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta miżura ta' għajnuna kkomunikata tintegra, fuq proposta tal-Istat Membru kkonċernat, impenji aċċettati minnu, minn dan ma jirriżultax madankollu li dawn l-impenji għandhom jitqiesu li huma imposti bħala tali mill-Kummissjoni u li l-eventwali effetti dannużi tagħhom fuq terzi huma għalhekk attribwibbli għad-deċiżjoni adottata minn din l-istituzzjoni.

Fil-fatt, permezz ta' deċiżjoni adottata fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma tista' timponi jew tipprojbixxi lill-Istat Membru kkonċernat, iżda għandha biss id-dritt li tapprova, permezz ta' deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet, il-proġett ta' għajnuna kif ikkomunikat minn dan l-Istat Membru, billi tiddikjara din l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern.

Minn dan isegwi li, permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet sempliċement awtorizzat lir-Repubblika Taljana timplimenta l-għajnuna mill-Istat ikkomunikata billi ħadet nota tal-kuntest fattwali ddefinit minn qabel minn dan l-Istat Membru fil-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' BMPS u l-impenji li dan tal-aħħar ikkomunika sabiex jitneħħa kull dubju dwar il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq intern, fis-sens tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Għaldaqstant, ma setax jitqies li l-impenji proposti mir-Repubblika Taljana fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami preliminari kienu ġew imposti mid-deċiżjoni kontenzjuża stess, peress li dawn l-impenji rriżultaw biss minn atti adottati minn dan l-Istat Membru.

Għaldaqstant, l-annullament tal-kuntratti FRESH, waqt l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni li kien jakkumpanja l-għajnuna kkomunikata, ma setax jitqies li kien effett vinkolanti tad-deċiżjoni kontenzjuża, peress li dan ma kienx irriżulta mill-implimentazzjoni tal-imsemmija għajnuna bħala tali. Min-naħa l-oħra, huwa rriżulta mill-miżuri, ċertament marbuta fil-fatt, iżda ġuridikament distinti, adottati mill-Istat Membru li kien ikkomunika din l-għajnuna lill-Kummissjoni. Il-fatt li dawn il-miżuri, b'mod partikolari, kienu ġew adottati minn dan l-Istat Membru bil-għan li tinkiseb mill-Kummissjoni deċiżjoni li tawtorizza l-imsemmija għajnuna u li din tkun is-suġġett ta' impenji meħuda inkunsiderazzjoni f'tali deċiżjoni ta' din l-istituzzjoni kien irrilevanti f'dan ir-rigward.

Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, l-impenji msemmija fid-deċiżjoni kontenzjuża ma kinux ġew imposti jew magħmula vinkolanti mill-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni, iżda kienu jikkostitwixxu miżuri purament nazzjonali kkomunikati mir-Repubblika Taljana, skont l-Artikolu 108(3) TFUE, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, li ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni

bħala element fattwali sabiex tevalwa jekk l-għajnuna inkwistjoni setgħetx, fl-assenza ta' kull dubju f'dan ir-rigward, tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari.

Bi tweġiba għall-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-obbligu tal-Kummissjoni li tivverifika l-konformità tal-miżuri ta' għajnuna kkomunikati mir-Repubblika Taljana mad-dritt tal-Unjoni, fl-intier tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, barra minn hekk, li, skont ġurisprudenza ferm stabbilita, il-proċedura prevista fl-Artikolu 108 TFUE qatt ma għandha twassal għal riżultat li jmur kontra d-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat. Għaldaqstant, għajnuna li, bħala tali jew permezz ta' ċerti modalitajiet tagħha, tikser dispożizzjonijiet jew prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern. Għaldaqstant, konformement ma' din il-ġurisprudenza, fid-deċiżjoni kontenzjuża l-Kummissjoni vverifikat li l-għajnuna kkomunikata kienet konformi mad-Direttiva 2014/59 [264]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni b'mod partikolari vverifikat li l-miżuri ta' kondiviżjoni tal-oneri previsti mill-pjan ta' ristrutturazzjoni propost mir-Repubblika Taljana, li wasslu għall-annullament tal-kuntratti FRESH, kienu adegwati sabiex jillimitaw l-ammont tal-għajnuna mogħtija għall-minimu neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li jikkonsisti fir-rikapitalizzazzjoni ta' BMPS.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma kellhiex tivverifika jekk dawn il-miżuri ta' kondiviżjoni tal-oneri kinux jiksru huma stess id-drittijiet li r-rikorrenti affermaw li kellhom taħt id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali. Fil-fatt, tali ksur, anki jekk jiġi preżunt li jkun stabbilit, ma kienx jirriżulta mill-għajnuna bħala tali, mill-għan tagħha jew mill-modalitajiet inseparabbli tagħha, iżda mill-miżuri adottati mir-Repubblika Taljana sabiex tikseb mill-Kummissjoni deċiżjoni li tawtorizza l-imsemmija għajnuna fi tmiem il-fażi ta' investigazzjoni preliminari.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-miżuri ta' kondiviżjoni tal-oneri jidħlu fil-kuntest ta' pjan ta' ristrutturazzjoni li jeħtieġ il-ħlas ta' għajnuna mill-Istat, ikkomunikati mir-Repubblika Taljana lill-Kummissjoni sabiex tintalab l-approvazzjoni tagħhom fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari, ma kienx jagħti lir-rikorrenti, li qiesu lilhom infushom affettwati minn dawn il-miżuri, il-kwalità ta' "parti interessata", fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament 2015/1589, fil-kuntest tal-proċedura mmexxija minn din l-istituzzjoni skont l-Artikolu 108 TFUE. Għalkemm ir-rikorrenti qiesu li, minħabba l-adozzjoni tal-miżuri ta' kondiviżjoni tal-oneri previsti mill-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' BMPS, ir-Repubblika Taljana kisret id-dritt tal-Unjoni, kien quddiem il-qorti nazzjonali, li kienet l-unika li kellha ġurisdizzjoni f'dan ir-rigward, li huma kellhom jikkontestaw il-legalità ta' dawn il-miżuri, peress li din il-qorti kellha l-possibbiltà, jew saħansitra l-obbligu fil-każ li tiddeċiedi fl-aħħar istanza, li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, jekk ikun hemm bżonn, sabiex tistaqsiha dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. Issa, din kienet preċiżament is-sitwazzjoni f'dan il-każ, peress li r-rikorrenti ma kinux qegħdin jallegaw li kienu ġew affettwati mill-għajnuna inkwistjoni, iżda allegaw biss li kienu affettwati mill-miżuri ta' kondiviżjoni tal-oneri previsti mill-pjan ta' ristrutturazzjoni previst mid-deċiżjoni kontenzjuża.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-aggravju uniku mqajjem mill-Kummissjoni fl-appell tagħha u annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Peress li l-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet, barra minn hekk, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni fl-ewwel istanza u ċaħdet, għaldaqstant, ir-rikors tar-rikorrenti bħala inammissibbli.

[264] Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

## Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Il-Lussemburgu *et* vs Il-Kummissjoni (C-451/21 P u C-454/21 P, EU:C:2023:948)

*"Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem adottati minn Stat Membru – Għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern – Obbligu ta' rkupru ta' din l-għajnuna – Kunċett ta' 'vantaġġ' – Determinazzjoni tal-qafas ta' riferiment – Tassazzjoni 'normali' skont id-dritt nazzjonali – Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Tassazzjoni diretta – Interpretazzjoni stretta – Setgħat tal-Kummissjoni Ewropea – Obbligu ta' motivazzjoni – Klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti – Kunċett ta' 'abbuż ta' dritt' – Evalwazzjoni ex ante mill-awtorità tat-taxxa tal-Istat Membru kkonċernat – Prinċipju ta' ċertezza legali"*

Bejn l-2008 u l-2014, l-awtorità tat-taxxa Lussemburgiża ħarġet żewġ sensiliet ta' deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem ("tax rulings", iktar 'il quddiem "DTQ") dwar żewġ operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni mwettqa minn diversi kumpanniji Lussemburgiżi tal-grupp Engie.

L-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni inkwistjoni, li kellhom struttura ekonomika u ġuridika simili, kienu bbażati, it-tnejn li huma, fuq iċ-ċessjoni, fi ħdan il-grupp Engie, tal-assi ta' kumpannija lil kumpannija sussidjarja. Sabiex tiffinanzja dan ix-xiri, il-kumpannija sussidjarja kisbet mingħand kumpannija intermedjarja self mingħajr interessi li b'mod obbligatorju seta' jiġi kkonvertit f'azzjonijiet fl-iskadenza, imsejjaħ obbligu b'interessi żero rimborsabbli f'azzjonijiet (iktar 'il quddiem l-"OŻRA"). Fi tmiem is-self, il-kumpannija sussidjarja kellha tirrimborsa, permezz ta' ħruġ ta' azzjonijiet, l-ammont nominali tas-self flimkien ma' "primjum" li kien jikkonsisti fil-profitti kollha li hija kienet għamlet matul il-perijodu tas-self, ikklassifikati bħala "akkumulazzjonijiet fuq l-OŻRA".

Sabiex tiffinanzja s-sottoskrizzjoni tagħha għas-self, il-kumpannija intermedjarja, min-naħa tagħha, għamlet użu minn kuntratt ta' bejgħ forward imħallas minn qabel konkluż ma' kumpannija holding tal-grupp Engie, li kienet l-unika azzjonista kemm tal-kumpannija sussidjarja kif ukoll tal-kumpannija intermedjarja. Waqt il-konklużjoni tal-imsemmi kuntratt, il-kumpannija holding ħallset lill-kumpannija intermedjarja ammont li kien jikkorrispondi għall-ammont nominali tal-OŻRA, li bħala korrispettiv għalih il-kumpannija intermedjarja ttrasferixxiet lill-kumpannija holding id-drittijiet relatati mal-azzjonijiet li nħarġu fi tmiem l-OŻRA, inklużi dawk li jikkorrispondu, jekk ikun il-każ, għall-valur akkumulat tal-akkumulazzjonijiet fuq l-OŻRA.

Wara li talbet informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Lussemburgiżi dwar id-DTQ adottati fir-rigward tal-grupp Engie, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni kkonstatat, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2018 [265], li l-Gran Dukat tal-Lussemburgu kien, permezz tal-awtorità tat-taxxa tiegħu, ta, bi ksur tal-Artikolu 107(1) u tal-Artikolu 108(3) TFUE, vantaġġ selettiv lill-grupp Engie. Hija ordnat l-irkupru ta' dan il-vantaġġ mingħand il-benefiċjarji. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni essenzjalment qieset li, minħabba d-DTQ inkwistjoni, kważi l-profitti kollha magħmula mis-sussidjarji ta' Engie fil-Lussemburgu ma kinux ġew intaxxati.

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-kumpanniji tal-grupp Engie ppreżentaw rikorsi għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali [266].

Adita b'appelli ppreżentati mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu u mill-kumpanniji tal-grupp Engie, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, u

---

[265] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/421 tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44888 (2016/C) (ex 2016/NN) implimentata mil-Lussemburgu favur Engie (ĠU 2019, L 78, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

[266] Sentenza tat-12 ta' Mejju 2021, ***Il-Lussemburgu et vs Il-Kummissjoni*** (T-516/18 u T-525/18, EU:T:2019:251).

sussegwentement, fid-deċiżjoni definittiva tagħha tat-tilwima, annullat ukoll id-deċiżjoni kontenzjuża. F'dan il-kuntest, hija ppreċiżat il-ġurisprudenza tagħha dwar id-definizzjoni u l-analiżi tal-qafas ta' riferiment li fid-dawl tiegħu kellha tiġi evalwata s-selettività ta' miżuri fiskali sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ammissibbli l-aggravji li kienu qegħdin jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali tal-qafas ta' riferiment li kien joħroġ mid-dritt Lussemburgiż u li l-Kummissjoni ddeterminat sabiex teżamina jekk id-DTQ inkwistjoni kinux jagħtu vantaġġ selettiv lill-grupp Engie.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali kinitx iddelimitat b'mod xieraq is-sistema ta' riferiment fid-dritt Lussemburgiż u, b'estensjoni, interpretatx b'mod korrett id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkostitwixxu din is-sistema kienet kwistjoni ta' dritt li setgħet tkun is-suġġett tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell. Għalhekk, l-argumenti tal-appellanti intiżi li jikkontestaw l-għażla tal-qafas ta' riferiment jew it-tifsira tiegħu fl-ewwel stadju tal-analiżi tal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv kienu ammissibbli, peress li din l-analiżi kienet tirriżulta minn klassifikazzjoni ġuridika tad-dritt nazzjonali abbażi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Wara li ddikjarat dawn l-aggravji ammissibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fil-mertu, li, sabiex miżura fiskali nazzjonali tiġi kklassifikata "selettiva" għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni għandha tidentifika, l-ewwel nett, is-sistema ta' riferiment, jiġifieri s-sistema fiskali "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, u għandha, sussegwentement, turi li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga minn din is-sistema ta' riferiment, sa fejn hija kienet tintroduċi differenzazzjonijiet bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan imfittex minn din tal-aħħar, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, barra minn hekk, li, minbarra l-oqsma li fihom id-dritt fiskali tal-Unjoni huwa s-suġġett ta' armonizzazzjoni, huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jiddetermina, permezz tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, il-karatteristiċi li jikkostitwixxu t-taxxa, li jiddefinixxu, bħala prinċipju, is-sistema ta' riferiment jew is-sistema fiskali "normali". Dan japplika b'mod partikolari għad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa, tal-fatt taxxabbli tagħha u tal-eżenzjonijiet eventwali marbuta miegħu. Minn dan isegwi li huwa biss id-dritt nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi identifikata l-imsemmija sistema ta' riferiment. Madankollu, din il-konklużjoni hija bla ħsara għall-possibbiltà li jiġi kkonstatat li l-qafas ta' riferiment innifsu, kif jirriżulta mid-dritt nazzjonali, ikun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, peress li s-sistema fiskali inkwistjoni tkun ġiet ikkonfigurata skont parametri manifestament diskriminatorji, intiżi li jiġi evitat l-imsemmi dritt.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sabiex tistabbilixxi s-selettività tad-DTQ inkwistjoni, il-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq erba' linji ta' raġunament, li t-tieni waħda minnhom ġiet approvata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Fil-kuntest ta' din it-tieni linja ta' raġunament, il-Kummissjoni sostniet li l-eżenzjoni tad-dħul li jikkorrispondi għall-akkumulazzjonijiet fuq l-OŻRA, mogħtija skont id-DTQ fil-livell tal-kumpanniji holding, kienet tidderoga mill-applikazzjoni "normali" tal-Artikoli 164 u 166 tal-Liġi Lussemburgiża dwar it-Taxxa fuq id-Dħul (iktar 'il quddiem il-

"LIR")[267], relatati rispettivament mat-tassazzjoni tad-distribuzzjonijiet tal-profitti u mal-eżenzjoni tad-dħul mill-ishma.

Peress li l-Gran Dukat tal-Lussemburgu kkontesta l-interpretazzjoni tal-Artikoli 164 u 166 tal-LIR adottata mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, meta l-interpretazzjoni tas-sistema fiskali "normali" mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat tkun kompatibbli mal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni, il-Kummissjoni tista' titbiegħed minn din l-interpretazzjoni biss jekk tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi li interpretazzjoni oħra tipprevali fil-ġurisprudenza jew fil-prassi amministrattiva ta' dan l-Istat Membru, billi tibbaża ruħha fuq elementi affidabbli u konkordanti, suġġetti għal dibattitu kontradittorju.

Issa, l-elementi li fuqhom il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha ma kinux jippermettulha tikkonstata validament li l-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi b'mod suffiċjenti fid-dritt li, fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Artikoli 164 u 166 tal-LIR, kienet tipprevali fid-dritt Lussemburgiż interpretazzjoni differenti minn dik imressqa mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, peress li din tal-aħħar kienet kompatibbli mal-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kien fi tmiem analiżi vvizzjata bi żball ta' liġi u bi żnaturament tal-fatti li l-Qorti Ġenerali kkonfermat il-fondatezza tat-tieni linja ta' raġunament imressqa mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi s-selettività tad-DTQ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, barra minn hekk, l-argumentazzjoni tal-appellanti dwar ir-raba' linja ta' raġunament ippreżentata, sussidjarjament, mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi s-selettività tad-DTQ inkwistjoni, li l-vantaġġ selettiv kien jirriżulta mill-assenza ta' applikazzjoni, mill-awtoritajiet tat-taxxa Lussemburgiżi, tal-Artikolu 6 tal-Liġi dwar l-Adattament Fiskali[268] dwar l-abbuż ta' dritt. Fuq dan il-punt, l-appellanti kkontestaw l-analiżi tal-Qorti Ġenerali li kienet tgħid li l-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi n-natura selettiva tad-DTQ fid-dawl tal-imsemmi artikolu, mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni l-prassi amministrattiva nazzjonali relatata ma' din id-dispożizzjoni, għar-raġuni li din tal-aħħar ma kinitx tqajjem diffikultà ta' interpretazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-klassifikazzjoni ta' miżura fiskali bħala "selettiva" tippreżupponi mhux biss l-għarfien tal-kontenut tar-regoli ta' dritt rilevanti, iżda teżiġi wkoll l-eżami tal-portata tagħhom ibbażat, fost l-oħrajn, fuq il-prassi amministrattiva u ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, hija enfasizzat li l-Artikolu 6 tal-Liġi dwar l-Adattament Fiskali dwar l-abbuż ta' dritt jippreżenta min-natura tiegħu livell partikolarment għoli ta' ġeneralità. L-għażla li tiġi prevista tali dispożizzjoni u li jiġu ddefiniti l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tagħha taqa' taħt il-kompetenzi proprji tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta fl-oqsma li ma kinux is-suġġett ta' armonizzazzjoni fid-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, tal-awtonomija fiskali tagħhom.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li l-ommissjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa Lussemburgiżi li japplikaw l-Artikolu 6 tal-Liġi dwar l-Adattament Fiskali sabiex jirrifjutaw trattament fiskali mitlub minn persuna taxxabbli f'talba għal DTQ wasslet għall-għoti ta' vantaġġ selettiv ħlief sa fejn din l-ommissjoni tmur kontra l-ġurisprudenza jew il-prassi amministrattiva nazzjonali dwar din id-dispożizzjoni. Fil-każ kuntrarju, il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tiddefinixxi hija stess x'jikkostitwixxi jew le applikazzjoni korretta ta' tali dispożizzjoni, u dan jeċċedi l-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati fil-qasam tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

[267] Loi du 4 décembre 1967, concernant l'impôt sur le revenu (il-Liġi tal-4 ta' Diċembru 1967 dwar it-Taxxa fuq id-Dħul) (Mémorial A 1967, p. 1228), kif emendata.

[268] Steueranpassungsgesetz (il-Liġi dwar l-Adattament Fiskali), tas-16 ta' Ottubru 1934 (Mémorial A 1934, p. 9001).

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta qieset li t-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-prassi amministrattiva tal-awtoritajiet tat-taxxa Lussemburgiżi dwar l-Artikolu 6 tal-Liġi dwar l-Adattament Fiskali ma kienx meħtieġ, minħabba li din id-dispożizzjoni ma kienet qajmet ebda diffikultà ta' interpretazzjoni.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata. Barra minn hekk, peress li qieset li t-tilwima kienet fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, sussegwentement, hija stess ir-rikorsi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ppreżentati mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu u mill-kumpanniji tal-grupp Engie.

Insostenn tar-rikorsi għal annullament tagħhom, dawn il-partijiet kienu qegħdin jikkontestaw, essenzjalment, l-erba' linji ta' raġunament li fuqhom kienet ibbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi s-selettività tad-DTQ inkwistjoni.

Fir-rigward tat-tieni linja ta' raġunament imressqa mill-Kummissjoni, li kienet tgħid li l-eżenzjoni tad-dħul li jikkorrispondi għall-akkumulazzjonijiet fuq l-OŻRA, mogħtija skont id-DTQ fil-livell tal-kumpanniji holding, kienet tidderoga mill-applikazzjoni "normali" tal-Artikoli 164 u 166 tal-LIR, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, minn naħa, li mill-analiżi tagħha tal-aggravji kien jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali kienet ivvizzjata bi żnaturament tal-fatti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet tbiegħdet mill-interpretazzjoni tal-Artikoli 164 u 166 tal-LIR mogħtija mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu mingħajr ma stabbilixxiet li din kienet inkompatibbli mal-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet jew li kienet tipprevali interpretazzjoni oħra fil-ġurisprudenza jew fil-prassi amministrattiva Lussemburgiża, fatt li jikkostitwixxi żball ta' liġi.

Wara li kkonstatat li mill-analiżi tagħha tal-aggravji kien jirriżulta li r-raba' linja ta' raġunament kienet ukoll ivvizzjata fid-dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-motivi għal annullament li kienu jirrigwardaw l-ewwel u t-tielet linji ta' raġunament, li fihom il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq qafas ta' riferiment estiż għas-sistema Lussemburgiża ta' tassazzjoni tal-kumpanniji sabiex tistabbilixxi s-selettività tad-DTQ.

F'dan ir-rigward tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat b'mod partikolari li s-sistema ta' riferiment jew is-sistema fiskali "normali" kellha tinkludi d-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-eżenzjonijiet li l-awtorità fiskali nazzjonali qieset applikabbli għall-każ inkwistjoni, meta, bħal f'dan il-każ, dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux, fihom innifishom, vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'tali ipoteżi, fid-dawl tal-kompetenzi proprji tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u tar-rispett dovut għall-awtonomija fiskali tagħhom, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi deroga minn qafas ta' riferiment billi tillimita ruħha li tikkonstata li miżura titbiegħed minn għan ġenerali ta' tassazzjoni tal-kumpanniji kollha residenti fl-Istat Membru kkonċernat, mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jispeċifikaw il-modalitajiet li bihom l-imsemmi għan jiġi implimentat. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma inkludietx l-Artikolu 166 tal-LIR fil-qafas ta' riferiment estiż għas-sistema Lussemburgiża tat-tassazzjoni tal-kumpanniji, meta din id-dispożizzjoni kienet tikkostitwixxi l-bażi legali tad-DTQ inkwistjoni. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dan l-iżball neċessarjament kien ivvizzja l-analiżi kollha ta' selettività mwettqa mill-Kummissjoni abbażi tal-qafas ta' riferiment estiż għas-sistema Lussemburgiża tat-tassazzjoni tal-kumpanniji.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet il-motivi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża bbażati fuq żbalji ta' evalwazzjoni u ta' liġi fl-identifikazzjoni ta' vantaġġ selettiv u annullat, konsegwentement, din id-deċiżjoni.

## Sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Amazon.com *et* (C-457/21 P, EU:C:2023:985)

*"Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem adottata minn Stat Membru – Għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' 'vantaġġ' – Determinazzjoni tal-qafas ta' riferiment – Tassazzjoni 'normali' skont id-dritt nazzjonali – Prinċipju ta' distakkament – Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-Qorti Ġenerali"*

Mill-2006, il-grupp Amazon issokta bl-attivitajiet kummerċjali tiegħu fl-Ewropa permezz ta' żewġ kumpanniji stabbiliti fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, jiġifieri, minn naħa, Amazon Europe Holding Technologies SCS (iktar 'il quddiem "LuxSCS") u, min-naħa l-oħra, Amazon EU Sàrl (iktar 'il quddiem "LuxOpCo"), sussidjarja sħiħa ta' LuxSCS.

F'dan il-kuntest, LuxSCS kisbet, permezz ta' diversi ftehimiet konklużi ma' entitajiet Amerikani tal-grupp Amazon, id-dritt li tisfrutta ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jirrigwardaw, essenzjalment, it-teknoloġija, id-data tal-klijenti u t-trade marks tal-imsemmi grupp, kif ukoll id-dritt li tikkonċedi l-imsemmija assi intanġibbli permezz ta' sottoliċenzja. F'dan ir-rigward, LuxSCS ikkonkludiet, b'mod partikolari, ftehim ta' liċenzja ma' LuxOpCo, bħala operatur prinċipali tal-attivitajiet kummerċjali tal-grupp Amazon fl-Ewropa. Skont dan il-ftehim, LuxOpCo ntrabtet li tħallas royalty lil LuxSCS bħala korrispettiv għall-użu tal-assi intanġibbli.

Fl-2014, il-grupp Amazon kien is-suġġett ta' ristrutturazzjoni ġdida u l-arranġament kuntrattwali eżistenti bejn LuxSCS u LuxOpCo ma baqax iktar applikabbli.

Bi tħejjija għar-ristrutturazzjoni tal-2006, l-awtoritajiet tat-taxxa Lussemburgiżi taw lill-grupp Amazon, wara talba ta' dan tal-aħħar, deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem ("tax ruling", iktar 'il quddiem "DTQ") dwar it-trattament ta' LuxOpCo u ta' LuxSCS għall-finijiet tat-taxxa Lussemburgiża fuq id-dħul tal-kumpanniji. Minn naħa, din id-DTQ ikkonfermat li LuxSCS ma kinitx suġġetta għat-taxxa Lussemburgiża fuq id-dħul tal-kumpanniji minħabba l-forma legali tagħha u, min-naħa l-oħra, approvat il-metodu ta' kalkolu tal-ammont tar-royalty annwali dovuta minn LuxOpCo lil LuxSCS skont l-imsemmi ftehim ta' liċenzja.

Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 [269] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), il-Kummissjoni Ewropea qieset li din id-DTQ, kif ukoll l-implimentazzjoni annwali tagħha mill-2006 sal-2014, kienet tikkostitwixxi għajnuna lill-grupp Amazon li kienet inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset b'mod partikolari li l-metodu ta' kalkolu tal-ammont tar-royalty annwali dovut minn LuxOpCo lil LuxSCS, kif approvat fid-DTQ, ma kienx jippermetti l-kisba ta' riżultat ta' distakkament. Skont il-Kummissjoni, ir-royalty annwali kkalkolata skont dan il-metodu kienet għolja wisq, li kien inaqqas artifiċjalment il-bażi taxxabbli ta' LuxOpCo.

Adita b'żewġ rikorsi għal annullament ippreżentati mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu u mill-grupp Amazon kontra d-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali annullat din id-deċiżjoni permezz ta' sentenza tat-12 ta' Mejju 2021 [270], minħabba, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma kienx irnexxielha turi l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

---

[269] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/859 tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar għajnuna mill-Istat SA.38944 (2014/C) (ex 2014/NN) implimentata mil-Lussemburgu lil Amazon (ĠU 2018, L 153, p. 1).

[270] Sentenza tat-12 ta' Mejju 2021, ***Il-Lussemburgu u Amazon vs Il-Kummissjoni*** (T-816/17 u T-318/18, EU:T:2021:252).

L-appell ippreżentat mill-Kummissjoni ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet, permezz ta' sostituzzjoni tal-motivi u b'estensjoni tas-sentenza tagħha Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni [271], li bl-applikazzjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża, tal-prinċipju ta' distakkament, billi dan il-prinċipju ma ġiex inkorporat fid-dritt fiskali Lussemburgiż fil-mument tal-adozzjoni tad-DTQ, il-Kummissjoni wettqet żball fl-identifikazzjoni tal-qafas ta' riferiment li fir-rigward tiegħu kellha tiġi evalwata din id-DTQ, li vvizzja r-raġunament kollu tagħha dwar l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ammissibbli l-aggravji li kkontestaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament magħmula mill-Qorti Ġenerali insostenn tal-konklużjoni tagħha li tgħid li l-Kummissjoni ma kienx irnexxielha turi l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Peress li l-Kummissjoni inkludiet il-prinċipju ta' distakkament fil-qafas ta' riferiment użat għall-finijiet tal-eżami tagħha tal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-kwistjoni dwar jekk, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kinitx iddelimitat b'mod xieraq is-sistema ta' riferiment rilevanti u, b'estensjoni, kinitx interpretat u applikat b'mod korrett id-dispożizzjonijiet kostitwenti kienet kwistjoni ta' liġi li setgħet tkun is-suġġett ta' stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell.

Dan kien ifisser li kienu ammissibbli l-argumenti tal-Kummissjoni intiżi li jikkontestaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament magħmula mill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi li s-sistema ta' riferiment adottata fid-deċiżjoni kontenzjuża kienet żbaljata u, għaldaqstant, li l-eżistenza ta' vantaġġ favur il-grupp Amazon ma kinitx stabbilita.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fit-tieni lok, li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' distakkament jista' jiġi applikat għall-finijiet tal-eżami tal-miżuri ta' natura fiskali fil-kuntest tal-Artikolu 107(1) TFUE biss jekk jiġi rrikonoxxut mid-dritt nazzjonali kkonċernat u skont il-modalitajiet iddefiniti minn dan tal-aħħar. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni setgħet, b'mod ġenerali, tapplika l-prinċipju ta' distakkament fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, mingħajr ma ppreċiżat li din l-istituzzjoni kienet, minn qabel, obbligata tiżgura ruħha li dan il-prinċipju kien inkorporat fid-dritt fiskali Lussemburgiż u li kien hemm riferiment espress għalih bħala tali fl-imsemmi dritt.

Barra minn hekk, billi rreferiet għall-"importanza prattika ċerta" li kellhom il-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u għall-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) fl-evalwazzjoni tal-osservanza tal-prinċipju ta' distakkament minkejja li dawn il-linji gwida ma humiex vinkolanti fir-rigward tal-pajjiżi membri tal-OECD, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi ieħor sa fejn ippreżupponiet l-applikabbiltà tal-imsemmija linji gwida mingħajr ma stħarrġet jekk il-Kummissjoni kinitx żgurat ruħha li d-dritt fiskali Lussemburgiż kien għamel riferiment espliċitu għalihom.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-analiżi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, kienet ivvizzjata fid-dritt peress li kienet ibbażata fuq determinazzjoni żbaljata tas-sistema ta' riferiment rilevanti.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, madankollu, li tiċħad l-appell fl-intier tiegħu, permezz ta' sostituzzjoni tal-motivi.

[271] Sentenza tat-8 ta' Novembru 2022, ***Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni*** (C-885/19 P u C-898/19 P; EU:C:2022:859, iktar 'il quddiem is-"sentenza Fiat").

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li, sabiex stabbilixxiet l-eżistenza ta’ vantaġġ favur il-grupp Amazon, il-Kummissjoni applikat il-prinċipju ta’ distakkament bħallikieku kien ġie rrikonoxxut bħala tali fid-dritt tal-Unjoni, filwaqt li mis-sentenza Fiat kien jirriżulta li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, ma kienx hemm prinċipju awtonomu ta’ distakkament li japplika indipendentement mill-inkorporazzjoni ta’ dan tal-aħħar fid-dritt nazzjonali.

It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li d-dritt Lussemburgiż dwar it-taxxa fuq id-dħul ġie interpretat mill-amministrazzjoni fiskali fis-sens li jistabbilixxi l-prinċipju ta’ distakkament fid-dritt fiskali Lussemburgiż. Madankollu, kif jirriżulta mis-sentenza Fiat, hija biss inkorporazzjoni ta’ dan il-prinċipju bħala tali fid-dritt nazzjonali, li teħtieġ *a minima* li dan tal-aħħar jirreferi espliċitament għall-imsemmi prinċipju, li tippermetti lill-Kummissjoni tapplikah fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta’ vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni stess fid-deċiżjoni kontenzjuża, dan ir-rekwiżit ma kienx issodisfatt waqt l-adozzjoni tad-DTQ inkwistjoni, b’tali mod li din l-istituzzjoni ma setgħetx tapplika dan il-prinċipju retroattivament fl-imsemmija deċiżjoni.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, billi applikat, fid-deċiżjoni kontenzjuża, linji gwida tal-OECD fil-qasam tal-ipprezzar tat-trasferimenti mingħajr ma wriet li dawn kienu ġew, kompletament jew parzjalment, espliċitament riprodotti fid-dritt Lussemburgiż, il-Kummissjoni kisret il-projbizzjoni, imfakkra fis-sentenza Fiat, ta’ teħid inkunsiderazzjoni, fl-eżami tal-eżistenza ta’ vantaġġ fiskali selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u għall-finijiet li jiġi stabbilit l-oneru fiskali li normalment għandu jaqa’ fuq impriża, ta’ parametri u regoli esterni għas-sistema fiskali nazzjonali inkwistjoni, bħal dawn il-linji gwida, sakemm din tal-aħħar ma kinitx tirreferi għalihom espliċitament.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kienet ġustament ikkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet l-eżistenza ta’ vantaġġ favur il-grupp Amazon, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, u, konsegwentement, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża. Għalhekk, hija ċaħdet fl-intier tiegħu l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni.

# IX. Dispożizzjonijiet fiskali [272]

## Sentenza tat-28 ta’ Frar 2023 (Awla Manja), Fenix International (C-695/20, EU:C:2023:127)

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Setgħa ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 291(2) TFUE – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 28 u 397 – Persuna taxxabbli li taġixxi f’isimha iżda għall-benefiċċju ta’ ħaddieħor – Fornitur ta’ servizzi b’mod elettroniku – Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 – Artikolu 9a – Preżunzjoni – Validità”*

Fenix International Ltd (iktar ’il quddiem “Fenix”), kumpannija rreġistrata għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fir-Renju Unit, topera fuq l-internet pjattaforma ta’ network soċjali magħrufa bl-isem ta’ Only fans. Din il-pjattaforma hija proposta lill-“utenti” mid-dinja kollha, li jinqasmu f’“ideaturi” u f’“fans”. Kull ideatur għandu “profil”, li fuqu huwa jtella’ u jippubblika kontenut, bħal ritratti, video u messaġġi, li l-fans ikunu jistgħu jaċċedu għalih billi jwettqu ħlasijiet individwali jew billi jħallsu abbonament fix-xahar. Fenix kienet tiffissa l-ammont minimu meħtieġ kemm għall-abbonamenti kif ukoll għat-tips kif ukoll il-kundizzjonijiet ġenerali għall-użu tal-pjattaforma. Minbarra din il-pjattaforma, Fenix kienet tipprovdi l-mekkaniżmu li jippermetti li jitwettqu t-tranżazzjonijiet finanzjarji. Fenix kienet responsabbli għall-ġbir u għad-distribuzzjoni tal-ħlasijiet imwettqa mill-fans, billi tirrikorri għal fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas. Fenix kienet tiġbor 20 % ta’ kull somma mħallsa favur ideatur u kienet tapplika fir-rigward tas-somma hekk miġbura l-VAT b’rata ta’ 20 %, li kienet tkun inkluża fuq il-fatturi li kienet toħroġ. Il-ħlasijiet kollha kienu jidhru fuq ir-rendikont bankarju tal-fan ikkonċernat bħala ħlasijiet ikkreditati lil Fenix.

Permezz ta’ avviżi ta’ tassazzjoni relatati mal-VAT li kellha titħallas għall-perijodu ta’ bejn Lulju 2017 u Jannar 2020 kif ukoll għal April 2020, l-awtorità tat-taxxa, billi qieset li Fenix kellha titqies li kienet qiegħda taġixxi f’isimha [273], talbet lil Fenix tħallas il-VAT fuq is-somma kollha rċevuta mingħand fan u mhux biss fuq l-20 % ta’ din is-somma, li hija kienet tiġbor bħala remunerazzjoni.

Fenix ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju [274], li bih ikkontestat il-validità tal-bażi ġuridika tal-avviżi ta’ tassazzjoni [275], kif ukoll l-ammonti rispettivi tagħhom. Insostenn tar-rikors tagħha, Fenix

---

[272] F’din it-taqsima għandha tissemma wkoll is-sentenza tal-24 ta’ Lulju 2023 (Awla Manja), ***Lin*** (C-107/23 PPU, EU:C:2023:606), li hija ppreżentata fit-Taqsima I.2, “Prinċipji ta’ *nullum crimen, nulla poena sine lege* u ta’ proporzjonalità tal-pieni”.

[273] Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9a(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta’ Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta’ implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2011, L 77, p. 1), kif emendat bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1042/2013 tas-7 ta’ Ottubru 2013 (ĠU 2013, L 284, p. 1), il-persuna taxxabbli li tipparteċipa fi provvista ta’ servizzi pprovduti b’mod elettroniku permezz ta’ network ta’ telekomunikazzjoni, ta’ interfaċċa jew ta’ portal, bħal pjattaforma ta’ tniżżil għall-applikazzjonijiet “għandha titqies bħala li tkun qed taġixxi f’isimha, iżda fl-interess tal-fornitur ta’ dawk is-servizzi sakemm dak il-fornitur ma jkunx indikat espliċitament bħala l-fornitur minn dik il-persuna taxxabbli u dak jiġi rifless fl-arranġamenti kuntrattwali bejn il-partijiet”. It-tieni subparagrafu ta’ din id-dispożizzjoni jistabbilixxi żewġ kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti “[s]abiex il-fornitur tas-servizzi fornuti b’mod elettroniku jitqies bħala indikat espliċitament li hu l-fornitur ta’ dawk is-servizzi mill-persuna taxxabbli”. Fl-aħħar, skont it-tielet subparagrafu tal-imsemmija dispożizzjoni “persuna taxxabbli li, fir-rigward ta’ forniment ta’ servizzi fornuti b’mod elettroniku, tawtorizza l-imposizzjoni ta’ ħlas mingħand il-klijent jew l-għoti tas-servizzi, jew tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-forniment, ma għandhiex tkun permessa tindika espliċitament persuna oħra bħala l-fornitur ta’ dawk is-servizzi”.

[274] Il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali), ir-Renju Unit).

sostniet li, billi kien adotta d-dispożizzjoni kkontestata, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea eċċeda l-limiti tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilu mid-Direttiva dwar il-VAT [276]. Fil-fatt, id-dispożizzjoni kkontestata kienet tmur lil hinn mill-Artikolu 28 tad-Direttiva [277], li kienet intiża li tikkostitwixxi miżura ta' applikazzjoni tiegħu, billi kienet tipprevedi li l-mandatarju li jipparteċipa fi provvista ta' servizzi b'mod elettroniku għandu jitqies li jkun rċieva u pprovda l-imsemmija servizzi, anki meta l-identità tal-fornitur tkun magħrufa. Din kienet tibdel fundamentalment ir-responsabbiltà tal-mandatarju fil-qasam tal-VAT, billi kienet tittrasferixxi l-piż fiskali fuq il-pjattaformi operati fuq l-internet, inkwantu fil-prattika jkun impossibbli li tiġi kkonfutata l-preżunzjoni stabbilita.

Mistoqsija mill-qorti tar-rinviju dwar il-validità tad-dispożizzjoni kkontestata [278], inkwantu l-Kunsill eċċeda s-setgħat ta' implimentazzjoni li huwa kien jibbenefika minnhom taħt it-Trattat FUE u d-Direttiva dwar il-VAT, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, kkonstatat, permezz tas-sentenza tagħha, li l-eżami ta' din id-dispożizzjoni ma rrileva ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità ta' din id-dispożizzjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fl-ewwel lok, li, anki jekk l-implimentazzjoni tal-atti ġuridikament vinkolanti tal-Unjoni taqa' fuq l-Istati Membri [279], setgħat ta' implimentazzjoni jistgħu, f'każijiet speċifiċi debitament iġġustifikati u fil-każijiet speċifikament previsti mit-Trattat UE, jingħataw lill-Kunsill bis-saħħa tal-Artikolu 291(2) TFUE. Fir-rigward tad-Direttiva dwar il-VAT, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni, huwa awtorizzat jadotta l-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni tagħha. Din l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill hija spjegata u ġġustifikata, minn naħa, minn neċessità li l-miżuri ta' implimentazzjoni ta' din id-direttiva jkunu uniformi, u, min-naħa l-oħra, mir-

---

275 Jiġifieri l-Artikolu 9a(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjoni kkontestata").

276 Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT". L-Artikolu 397 tagħha jipprevedi li "[i]l-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jimplimenta din id-Direttiva".

277 L-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi li meta persuna taxxabbli, li taġixxi f'isimha, iżda għall-benefiċċju ta' ħaddieħor, tipparteċipa fi provvista ta' servizzi, hija għandha titqies li tkun irċeviet u pprovdiet is-servizzi inkwistjoni hija stess.

278 Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar it-talbiet tal-qrati tar-Renju Unit imressqa qabel it-tmiem tal-perijodu tranżitorju stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 7), jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2020.

279 Artikolu 291(1) TFUE.

rieda li tiġi rriżervata lill-Kunsill is-setgħa li jadotta tali miżuri ta' implimentazzjoni minħabba l-effett, xi drabi mhux negliġibbli, li dawn il-miżuri jistgħu jkollhom fuq il-baġits tal-Istati Membri. Fost il-miżuri adottati mill-Kunsill abbażi tal-imsemmija awtorizzazzjoni hemm id-dispożizzjoni kkontestata, li hija intiża li tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 28 tal-imsemmija direttiva.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-limiti tas-setgħat ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 291(2) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-elementi essenzjali ta' leġiżlazzjoni bażika ma jistgħux jiġu adottati f'atti ta' implimentazzjoni, u lanqas f'atti ta' delega, iżda dawn għandhom jiġu adottati b'osservanza tal-proċedura leġiżlattiva applikabbli, jiġifieri, fir-rigward tad-Direttiva dwar il-VAT, il-proċedura speċjali stabbilita fl-Artikolu 113 TFUE [280].

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunsiderazzjonijiet relatati mal-limiti tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tagħha, ikunu wkoll validi meta, b'applikazzjoni tal-Artikolu 291(2) TFUE, tali setgħat jingħataw lill-Kunsill. Fil-fatt, minn naħa, billi tirreferi kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Kunsill, din id-dispożizzjoni ma tagħmel ebda distinzjoni fir-rigward tan-natura u tal-portata tas-setgħat ta' implimentazzjoni abbażi tal-istituzzjoni investita bihom. Min-naħa l-oħra, mill-istruttura tal-Artikoli 290 u 291 TFUE jirriżulta li l-eżerċizzju mill-Kunsill tas-setgħat ta' implimentazzjoni ma jistax jiġi rregolat minn kundizzjonijiet differenti minn dawk imposti fuq il-Kummissjoni meta hija tintalab teżerċita s-setgħa ta' implimentazzjoni tagħha.

Għaldaqstant, is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kunsill jinkludu s-setgħa ta' adozzjoni ta' miżuri neċessarji jew utli għall-implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv li abbażi tiegħu dawn ikunu adottati u li sempliċement jippreċiżaw il-kontenut tagħhom, b'osservanza tal-għanijiet ġenerali essenzjali mfittxija minn ta' dan l-att, mingħajr ma jemendawh jew jikkompletawh, fl-elementi essenzjali jew f'dawk mhux essenzjali tiegħu. B'mod partikolari, għandu jitqies li miżura ta' implimentazzjoni sempliċement tippreċiża d-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv ikkonċernat meta din tkun intiża biss, b'mod ġenerali jew f'ċerti każijiet partikolari, li tiċċara l-portata ta' dawn id-dispożizzjonijiet jew li tiddetermina l-modalitajiet ta' applikazzjoni tagħhom, bil-kundizzjoni madankollu li, b'dan il-mod, din il-miżura tevita kull kontradizzjoni fir-rigward tal-għanijiet tal-imsemmija dispożizzjonijiet u bl-ebda mod ma tbiddel il-kontenut normattiv ta' dan l-att jew il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk, billi adotta d-dispożizzjoni kkontestata, il-Kunsill tkunx osservat il-limiti tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilu, il-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk din id-dispożizzjoni sempliċement tippreċiżax il-kontenut tal-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-VAT li din timplimenta, fatt li jimplika li jiġi eżaminat jekk din tosservax l-għanijiet ġenerali essenzjali ta' din id-direttiva, jekk din hijiex neċessarja jew utli sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu 28, u jekk din ma tikkompletax u lanqas ma temenda bl-ebda mod lil dan tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat qabelxejn li d-dispożizzjoni kkontestata tosserva l-għanijiet ġenerali essenzjali tad-Direttiva dwar il-VAT u tal-Artikolu 28 tagħha. Fil-fatt, l-għan tad-dispożizzjoni kkontestata huwa li tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi tas-sistema attwali tal-VAT f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, it-tassazzjoni tas-servizzi pprovduti b'mod elettroniku lil persuna mhux taxxabbli [281], u tal-preżunzjoni, stabbilita fl-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-VAT, li tgħid li l-

---

[280] L-Artikolu 113 TFUE jipprevedi li "[i]l-Kunsill, li jaġixxi unanimament skond il-proċedura leġislattiva speċjali u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni li tittratta dwar taxxi fuq it-turnover, dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta daqs kemm din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja sabiex tiżgura l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern u tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni".

[281] Li, mill-1 ta' Jannar 2015, huma taxxabbli fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-klijent, dan ikollu d-domiċilju tiegħu jew ir-residenza abitwali tiegħu, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tal-persuna taxxabbli li tipprovdi dawn is-servizzi.

persuna taxxabbli li, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi, taġixxi bħala intermedjarja f'isimha, iżda għall-benefiċċju ta' ħaddieħor, għandha titqies li tkun il-fornitur ta' dawn is-servizzi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet sussegwentement li d-dispożizzjoni kkontestata hija utli, saħansitra neċessarja, għall-implimentazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-VAT, fid-dawl tal-interess li tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali tal-fornituri ta' servizzi u ta' dak li tiġi evitata t-tassazzjoni doppja jew in-nuqqas ta' tassazzjoni li jirriżultaw minn modalitajiet ta' implimentazzjoni differenti bejn l-Istati Membri.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-aħħar nett eżaminat jekk id-dispożizzjoni kkontestata kinitx tosserva l-projbizzjoni li jiġi kkompletat jew emendat il-kontenut tal-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-VAT. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li bl-ebda mod ma kien jirriżulta mid-Direttiva dwar il-VAT li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien irrinunzja milli jiżgura, jekk ikun il-każ, permezz tal-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill skont din id-direttiva, applikazzjoni uniformi tal-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi Artikolu 28, b'mod partikolari dik li tgħid, sabiex tkun tista' titqies li jkun il-fornitur ta' servizz, il-persuna taxxabbli li tipparteċipa f'din il-provvista jkollha taġixxi f'isimha, iżda għall-benefiċċju ta' ħaddieħor. B'mod iktar speċifiku, id-dispożizzjoni kkontestata ma tistax titqies li tikkompleta jew temenda l-kontenut tal-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-VAT, u b'mod partikolari l-preżunzjoni stabbilita f'dan l-artikolu, iżda tikkostitwixxi sempliċi preċiżjoni ta' dan il-kontenut, fil-kuntest speċifiku tas-servizzi pprovduti b'mod elettroniku permezz ta' network ta' telekomunikazzjoni, ta' interfaċċa jew ta' portal, bħal pjattaforma ta' tniżżil għall-applikazzjonijiet. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni tieħu kompletament inkunsiderazzjoni r-realtà ekonomika u kummerċjali tat-tranżazzjonijiet bħala kriterju fundamentali għall-applikazzjoni tas-sistema komuni tal-VAT. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, billi adotta d-dispożizzjoni kkontestata, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-VAT f'kundizzjonijiet uniformi fl-Unjoni, il-Kunsill ma eċċediex is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilu mid-Direttiva dwar il-VAT, b'applikazzjoni tal-Artikolu 291(2) TFUE.

# X. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet

## 1. Propjetà intellettwali u industrijali

### Sentenza tas-16 ta' Frar 2023, Monz Handelsgesellschaft International (C-472/21, EU:C:2023:105)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Disinn – Direttiva 98/71/KE – Artikolu 3(3) u (4) – Kundizzjonijiet għall-kisba tal-protezzjoni ta' parti komponenti ta' prodott kumpless – Kunċetti ta' 'viżibbiltà' u ta' 'użu normali' – Viżibbiltà ta' parti komponenti ta' prodott kumpless waqt l-użu normali ta' dan il-prodott mill-utent finali"*

Monz, kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż, hija l-proprjetarja tad-disinn li jirrappreżenta s-sarġ ta' rota jew ta' mutur, irreġistrat sa mill-2011 mad-Deutsches Patent- und Markenamt (l-Uffiċċju Ġermaniż tal-Privattivi u tat-Trade Marks, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem id-"DPMA").

Fis-27 ta' Lulju 2016, Büchel, kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż, talbet quddiem id-DPMA l-invalidità tal-imsemmi disinn, billi sostniet li ma kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tal-protezzjoni legali tad-disinni [282]. Hija sostniet li dan id-disinn applikat għal sarġ ta' rota, li huwa parti komponenti ta' prodott kumpless bħal ma hija rota jew mutur, ma jkunx viżibbli fil-każ ta' użu normali ta' dan il-prodott.

Id-DPMA ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità billi qies li, għad-disinn inkwistjoni, ma kien hemm ebda raġuni għalfejn għandu jiġi eskluż mill-protezzjoni legali abbażi ta' disinni. Huwa qies li l-parti komponenti li fuqha jiġi applikat id-disinn tibqa' viżibbli fil-każ ta' użu normali tal-prodott kumpless, li jkopri wkoll iż-żarmar u l-armar tas-sarġ għal raġunijiet minbarra l-manutenzjoni, is-servizz jew it-tiswija.

Wara li tressaq quddiemha rikors kontra din id-deċiżjoni, il-Bundespatentgericht (il-Qorti Federali tal-Privattivi, il-Ġermanja) iddikjarat l-invalidità tad-disinn inkwistjoni għar-raġuni li ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti ta' novità u ta' karattru individwali. Fil-fehma tagħha, parti komponenti li hija viżibbli biss waqt is-separazzjoni tagħha minn prodott kumpless ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni ta' viżibbiltà u għaldaqstant ma setgħetx tibbenefika mill-imsemmija protezzjoni legali. Barra minn hekk, dik il-qorti qieset li kien biss il-fatt li wieħed isuq, jirkeb fuq ir-rota jew jinżel minnha li jista' jitqies li huwa użu normali peress li n-naħa ta' taħt tas-sarġ ma hijiex viżibbli fil-kuntest ta' dan l-użu.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), adita b'appell ippreżentat minn Monz, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, minn naħa, jekk ir-rekwiżit tal-viżibbiltà tad-disinni applikati għal prodott jew inkorporati fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless kellux jiġi evalwat skont ċerti kundizzjonijiet tal-użu tal-prodott kumpless jew, għall-kuntrarju, skont l-unika possibbiltà oġġettiva li d-disinn applikat jiġi rrikonoxxut fuq il-parti komponenti kif integrata fil-prodott kumpless. Min-naħa l-oħra, hija staqsiet, essenzjalment, liema kienu l-kriterji rilevanti sabiex jiġi kklassifikat l-użu normali ta' prodott kumpless mill-utent finali.

---

[282] Fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Gesetz über den rechtlichen Schutz von Design (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Disinni), tal-24 ta' Frar 2014 (BGBl. 2014 I, p. 122), li kienet tittrasponi d-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' disinji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 120)

Permezz tas-sentenza preliminari tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, ir-rekwiżit ta' viżibbiltà sabiex disinn applikat għal prodott jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless ikun jista' jibbenefika mill-protezzjoni legali tad-disinni u, min-naħa l-oħra, il-kriterji rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-"użu normali" ta' dan il-prodott, fis-sens tal-Artikolu 3(3) u (4) tad-Direttiva 98/71.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat fuq il-kwistjoni tal-viżibbiltà ta' parti komponenti, ladarba tkun ġiet inkorporata fi prodott kumpless. Qabelxejn, hija fakkret li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 98/71 jistabbilixxi regola speċjali speċifika għad-disinni applikati għal prodott jew inkorporati fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless. Hija enfasizzat, f'dan ir-rigward, li hija d-dehra ta' prodott jew ta' parti minn prodott li hija s-suġġett tal-protezzjoni legali tad-disinni.

Fir-rigward tar-rekwiżiti li kellhom jiġu ssodisfatti sabiex id-dehra tal-parti komponenti ta' prodott kumpless tkun tista' tiġi protetta bħala disinn, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza preċedenti tagħha li kienet tgħid li din il-parti komponenti għandha tkun viżibbli u ddelimitata minn karatteristiċi li jikkostitwixxu d-dehra partikolari tagħha, li jimplika li l-imsemmija parti komponenti ma tkunx tista' titħallat kompletament fil-prodott kollu kemm hu. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-ġurisprudenza, li tidħol fil-kuntest tal-protezzjoni tad-disinni prevista mir-Regolament Nru 6/2002 [283], hija applikabbli wkoll għas-sistema ta' protezzjoni tad-disinni tad-Direttiva 98/71.

Madankollu, sabiex tibbenefika mill-protezzjoni legali tad-disinni, il-parti komponenti, ladarba inkorporata fil-prodott kumpless, għandha tibqa' viżibbli waqt l-użu normali ta' dan il-prodott. Għalhekk, evalwazzjoni *in abstracto* tal-viżibbiltà tal-parti komponenti inkorporata fil-prodott kumpless, mingħajr rabta ma' xi sitwazzjoni konkreta ta' użu ta' dan il-prodott, ma kinitx biżżejjed sabiex tali parti komponenti tkun tista' tibbenefika minn protezzjoni legali. Madankollu, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 98/71 ma jeżiġix li parti komponenti inkorporata fi prodott kumpless tibqa' viżibbli fl-intier tagħha f'kull mument li jintuża l-imsemmi prodott.

Għaldaqstant, il-viżibbiltà ta' parti inkorporata fi prodott kumpless ma tistax tiġi evalwata biss mill-perspettiva tal-utent finali ta' dan il-prodott, iżda wkoll mill-perspettiva ta' osservatur estern.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kunċett ta' "użu normali" ta' tali prodott mill-utent finali, fis-sens tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 98/71. Għal dak li jirrigwarda, minn naħa, il-kwistjoni dwar jekk l-użu normali ta' prodott kumpless jikkorrispondix għall-użu mixtieq mill-produttur tal-parti komponenti, għal dak mixtieq mill-produttur tal-prodott kumpless jew għall-użu abitwali mill-utent finali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din id-dispożizzjoni tkopri l-użu normali tal-prodott kumpless mill-utent finali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-użu normali jew abitwali ta' prodott kumpless mill-utent finali jikkorrispondi, bħala regola ġenerali, għal użu konformi mal-użu intenzjonat tal-prodott kumpless mixtieq mill-produttur jew mid-disinjatur tiegħu. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried ikopri l-użu abitwali tal-prodott kumpless mill-utent finali, sabiex jeskludi użu ta' dan il-prodott fi stadji oħra tal-kummerċ u b'hekk jevita evażjoni tal-kundizzjoni ta' viżibbiltà. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-użu normali ta' prodott kumpless ma tistax tkun ibbażata biss fuq l-intenzjoni tal-produttur tal-parti komponenti jew tal-prodott kumpless.

283 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kwistjoni dwar liema użu ta' prodott kumpless mill-utent finali jikkostitwixxi "użu normali", fis-sens tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 98/71, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li din id-dispożizzjoni ma kinitx tippreċiża liema tip ta' użu tal-prodott kien kopert minn dan il-kunċett u kienet tirreferi, b'mod ġenerali, għall-użu ta' tali prodott mill-utent finali jargumenta favur interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett. F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-fatt li, fil-prattika, l-użu ta' prodott fil-funzjoni prinċipali tiegħu kien jeħtieġ ħafna drabi diversi atti li jistgħu jitwettqu qabel jew wara li l-prodott ikun issodisfa din il-funzjoni prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-użu normali ta' prodott kumpless ikopri dawn l-atti kollha, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jkunu espressament esklużi, jiġifieri l-atti relatati mal-manutenzjoni, mas-servizz u mat-tiswija.

Konsegwentement, il-kunċett ta' "użu normali" għandu jkopri l-atti relatati mal-użu abitwali ta' prodott kif ukoll atti oħra li jistgħu raġonevolment jitwettqu waqt tali użu u li huma abitwali mill-perspettiva tal-utent finali, inklużi dawk li jistgħu jitwettqu qabel jew wara li l-prodott ikun wettaq il-funzjoni prinċipali tiegħu, bħall-ħażna u t-trasport tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit tal-viżibbiltà tad-disinni li jiġu applikati għal prodott jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti minn prodott kumpless għandu jiġi evalwat fid-dawl ta' sitwazzjoni ta' użu normali tal-prodott kumpless, b'tali mod li l-parti kkonċernata, ladarba inkorporata f'dan il-prodott, tibqa' viżibbli waqt tali użu. Għal dan il-għan, il-viżibbiltà ta' parti komponenti ta' prodott kumpless waqt l-użu normali tiegħu mill-utent finali għandha tiġi evalwata mill-perspettiva ta' dan l-utent, kif ukoll minn dik ta' osservatur estern. Dan l-użu normali għandu jkopri l-atti mwettqa waqt l-użu prinċipali ta' prodott kumpless, kif ukoll dawk li jkollhom normalment jitwettqu mill-utent finali fil-kuntest ta' tali użu, bl-eċċezzjoni tal-manutenzjoni, tas-servizz u tat-tiswija.

## 2. Assigurazzjoni għall-vetturi bil-mutur

### Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023, KBC Verzekeringen (C-286/22, EU:C:2023:767)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur – Direttiva 2009/103/KE – Il-punt 1 tal-Artikolu 1 – Kunċett ta' 'vettura' – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-kumpens awtomatiku ta' ċerti utenti tat-triq li jkunu vittmi ta' inċidenti tat-traffiku – Persuna li ma ssuq l-ebda 'vettura bil-mutur' fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni – Kunċett ekwivalenti għal dak ta' 'vettura' fis-sens tad-Direttiva 2009/103 – Rota mgħammra b'mutur elettriku li jipprovdi assistenza għall-użu tal-pedali, b'funzjoni ta' aċċellerazzjoni li tista' tiġi attivata biss wara l-użu tal-forza muskolari"*

Fl-14 ta' Ottubru 2017, BV (iktar 'il quddiem il-"vittma"), li kienet qiegħda tiċċirkula fuq rota megħjuna bl-enerġija elettrika fit-toroq pubbliċi, intlaqtet minn karozza assigurata minn KBC Verzekeringen NV (iktar 'il quddiem "KBC"). Il-vittma mietet. Peress li l-inċident tqies li kien "inċident tal-ivjaġġar", P&V Verzekeringen CVBA (iktar 'il quddiem "P&V"), l-assiguratur tal-persuna li timpjega lill-vittma fil-qasam tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, ħallas kumpens u ġie ssurrogat fid-drittijiet tagħha u dawk tal-aventi kawża tagħha.

P&V ħarrket lil KBC sabiex tikseb ir-rimbors tal-ispejjeż tagħha, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. F'dan il-każ, din kienet tipprevedi b'mod partikolari obbligu, għall-assiguraturi tar-responsabbiltà ċivili tas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur involuti f'inċident tat-traffiku, li jikkumpensaw fil-każijiet kollha d-danni mġarrba mill-vittmi ta' dan l-inċident meta dawn jitqiesu li jkunu "utenti dgħajfa tat-triq", fejn din il-klassifikazzjoni kienet tiddependi minn jekk il-vittma tal-inċident kinitx jew le s-sewwieq ta' "vettura bil-mutur" fil-mument ta' dan l-inċident. KBC ressqet kontrotalba intiża li jinkiseb rimbors mingħand P&V għal somma ta' flus li kienet tħallset indebitament. Fid-difiża tagħha, P&V argumentat li l-vittma ma setgħetx titqies li kienet is-sewwieq ta' vettura bil-mutur.

Adita b'appell ippreżentat minn KBC, il-Hof van Cassatie (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Belġju) għamlet domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "vettura", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/103 [284].

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li rota mgħammra b'mutur elettriku li jipprovdi biss assistenza għall-użu tal-pedali u li jkollha funzjoni li tippermettilha taċċellera mingħajr użu ta' pedali sa veloċità ta' 20 kilometru fis-siegħa li tista' tiġi attivata biss wara l-użu tal-forza muskolari ma taqax taħt dan il-kunċett.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabelxejn, li mill-formulazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/103 kien jirriżulta li jaqgħu biss taħt il-kunċett ta' "vettura", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-vetturi intiżi għal użu fuq l-art li jistgħu jitħaddmu b'forza mekkanika, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jiċċaqalqu fuq il-binarji. Madankollu, din il-formulazzjoni ma kinitx tippermetti, waħedha, li jiġi ddeterminat jekk tali forza mekkanika kellhiex ikollha rwol esklużiv fit-tħaddim tal-vettura kkonċernata.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, minn naħa, li, skont il-premessa 2 tad-Direttiva 2009/103, l-obbligu ta' "[a]ssigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur" jirreferi għall-"assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur" u li din l-espressjoni tradizzjonalment tirreferi għall-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' inġenji bħall-muturi, il-vetturi u t-trakkijiet li, ħlief fil-każijiet fejn ma jkunux għadhom jintużaw, ikunu joperaw esklużivament b'forza mekkanika.

Għall-kuntrarju, l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/103 [285] ppreċiża li kull Stat Membru kellu jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex titqies ineffettiva, f'dak li jirrigwarda pretensjonijiet minn terzi li jkunu vittmi ta' inċident, kull dispożizzjoni legali jew klawżola kuntrattwali li tinsab f'polza ta' assigurazzjoni li teskludi mill-assigurazzjoni l-użu jew is-sewqan ta' vetturi minn persuni li ma jkollhomx liċenzja li tippermettilhom isuqu l-vettura kkonċernata. Issa, mid-Direttiva 2006/126 [286] rriżulta li, bħala prinċipju, kien biss is-sewqan ta' vetturi li jistgħu jiċċirkulaw bil-qawwa tagħhom stess, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jimxu fuq binarji, li kienu suġġett għal liċenzja tas-sewqan nazzjonali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2009/103, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din kienet intiża li tiggarantixxi li l-vittmi tal-inċidenti kkawżati mill-vetturi bil-mutur jibbenefikaw minn trattament paragunabbli, irrispettivament mill-post fit-territorju tal-Unjoni fejn iseħħ l-inċident, kif ukoll li b'hekk tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom.

Issa, inġenji li ma jitħaddmux esklużivament b'forza mekkanika u li għalhekk ma jkunux jistgħux jiċċaqilqu fuq l-art mingħajr l-użu tal-forza muskolari, bħal rota megħjuna bl-enerġija elettrika li tista' taċċellera mingħajr użu ta' pedali sa veloċità ta' 20 kilometru fis-siegħa, ma jidhrux li huma ta' natura li jikkawżaw lil terzi danni fiżiċi jew materjali paragunabbli, fir-rigward tal-gravità jew tal-kwantità tagħhom, għal dawk li jistgħu jikkawżaw il-muturi, il-karozzi, it-trakkijiet jew vetturi oħra, li jiċċirkulaw

---

[284] Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11).

[285] Direttiva 2009/103, Artikolu 13(1)(b)

[286] Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU 2006, L 403, p. 18), Artikolu 4(1).

fuq l-art, imħaddma esklużivament minn forza mekkanika. Fil-fatt, dawn tal-aħħar jistgħu jilħqu veloċità kunsiderevolment ogħla minn dik li tista' tintlaħaq minn tali inġenji u, għadhom sal-lum, użati l-iktar għall-finijiet taċ-ċirkulazzjoni. L-għan ta' protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku kkawżati mill-vetturi bil-mutur, imfittex mid-Direttiva 2009/103, għalhekk ma jeżiġix li tali inġenji jaqgħu taħt il-kunċett ta' "vettura", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva.

## 3. Vetturi bil-mutur

### Sentenza tal-21 ta' Marzu 2023 (Awla Manja), Mercedes-Benz Group (Responsabbiltà tal-manifatturi ta' vetturi mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni) (C-100/21, EU:C:2023:229)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur – Direttiva 2007/46/KE – Artikolu 18(1) – Artikolu 26(1) – Artikolu 46 – Regolament (KE) Nru 715/2007 – Artikolu 5(2) – Vetturi bil-mutur – Magna diesel – Emissjonijiet ta' inkwinanti – Valv għar-riċirkulazzjoni tal-gassijiet tal-exhaust (valv EGR) – Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' ossidu tan-nitroġenu (NOx) limitat minn 'firxa ta' temperaturi' – Apparat ta' manipulazzjoni – Protezzjoni tal-interessi ta' xerrej individwali ta' vettura mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni illegali – Dritt għal kumpens abbażi tar-responsabbiltà delittwali tal-manifattur ta' din il-vettura – Metodu ta' kalkolu tal-kumpens – Prinċipju ta' effettività – Artikolu 267 TFUE – Ammissibbiltà – Talba mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn Imħallef uniku"*

QB kien xtara fl-2014, mingħand bejjiegħ, vettura użata tad-ditta Mercedes-Benz, mudell C 220 CDI, mgħammra b'magna diesel ta' ġenerazzjoni Euro 5. Din il-vettura, imqiegħda fis-suq mill-manifattur tal-karozzi Mercedes-Benz Group AG (preċedentement Daimler AG), kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba fl-2013. L-imsemmija vettura kienet mgħammra b'software ta' programmazzjoni tal-magna li jnaqqas ir-rata ta' riċirkulazzjoni tal-gassijiet tal-exhaust meta t-temperaturi esterni jkunu jinsabu taħt ċertu livell, li kellu bħala konsegwenza żieda fl-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx). Għalhekk, din ir-riċirkulazzjoni kienet tkun biss kompletament effettiva jekk it-temperatura esterna ma kinitx tinżel taħt dan il-limitu.

QB ippreżenta rikors quddiem il-Landgericht Ravensburg (il-Qorti Reġjonali ta' Ravensburg, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju, intiż għall-kumpens għad-dannu li Mercedes-Benz Group kienet ikkawżatlu meta installat fil-vettura inkwistjoni apparat ta' manipulazzjoni, ipprojbit skont ir-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur [287].

Għandu jitfakkar li dan ir-regolament għandu bħala għan li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u, b'mod iktar speċifiku, li jitnaqqsu kunsiderevolment l-emissjonijiet ta' NOx tal-vetturi b'magna diesel sabiex titjieb il-kwalità tal-arja u jiġu osservati l-valuri limitu f'termini ta' tniġġis [288]. Huwa kien jiddefinixxi "tagħmir ta' riduzzjoni [apparat ta' manipulazzjoni]" bħala "kull element tad-disinn li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, id-dawrien tal-magna (RPM), it-transmission gear, il-vakwu fil-manifold jew parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta' xi parti mis-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet, li tnaqqas l-effettività tas-sistema

[287] Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1), u b'mod iktar preċiż l-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament.

[288] Premessi 1 u 6 tar-Regolament dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur.

ta' kontroll ta' l-emissjonijiet taħt kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta' vettura" [289]. Barra minn hekk, id-Direttiva li kienet tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, kif applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali [290], kienet tinkludi d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ta' natura ġenerali applikabbli għall-approvazzjoni tal-vetturi ġodda kollha li kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif ukoll tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi maħsuba għal tali vetturi, bil-għan li jiġu ffaċilitati r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u t-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni tagħhom fl-Unjoni [291].

Skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fid-dritt Ġermaniż, l-eżerċizzju tad-dritt għall-kumpens mix-xerrej individwali ta' vettura bil-mutur li ma tkunx konformi mad-dritt tal-Unjoni, jippreżupponi l-ksur ta' liġi intiża li tipproteġi lil ħaddieħor [292]. Il-qorti tar-rinviju għalhekk iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti, f'dan il-każ, tad-Direttiva Qafas [293], minn naħa, u tar-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur [294], min-naħa l-oħra, kinux jipproteġu, minbarra l-interessi ġenerali, l-interessi partikolari ta' xerrej individwali ta' vettura bil-mutur fil-konfront tal-manifattur tagħha meta din il-vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit minn dan ir-regolament. Barra minn hekk, hija staqsiet jekk, fil-kuntest tal-kumpens għad-dannu kkawżat lix-xerrej ta' vettura mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit, id-dritt tal-Unjoni kienx jipprekludi li l-benefiċċju miksub mill-użu effettiv ta' din il-vettura jiġi imputat fuq ir-rimbors tal-prezz tax-xiri tal-imsemmija vettura u, jekk dan ma jkunx il-każ, li dan il-benefiċċju jiġi kkalkolat abbażi tal-prezz tax-xiri totali tal-istess vettura.

Bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet importanti dwar il-kwistjoni tad-dritt għall-kumpens tax-xerrejja tal-vetturi li l-magni tagħhom ikunu ġew mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni illegali intiż li titnaqqas l-effiċjenza tas-sistema ta' kontroll ta' emissjonijiet inkwinanti ta' partiċelli ta' NOx.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li kienet il-qorti tar-rinviju, minn naħa, li kellha tiddeċiedi, fid-dawl tal-ġurisprudenza tagħha, jekk ikun il-każ, jekk is-software, li bih kienet mgħammra l-vettura mixtrija minn QB, kienx jikkostitwixxi "apparat ta' manipulazzjoni" fis-sens tar-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Min-naħa l-oħra, hija fakkret li l-projbizzjoni tal-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet kellha tliet eċċezzjonijiet, li l-unika waħda li kienet rilevanti fil-kawża ineżami kienet tikkonċerna l-każ fejn "il-bżonn tat-tagħmir huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura" [295]. Sabiex jiġi

---

289 Artikolu 3(10) tar-Regolament dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur.

290 Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Qafas) (ĠU 2007, L 263, p. 1), kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 385/2009 tas-7 ta' Mejju 2009 (ĠU 2009, L 118, p. 13, rettifika fil-ĠU 2009 L 128, p. 61) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva Qafas").

291 Artikolu 1 tad-Direttiva Qafas.

292 Artikolu 823(2) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili).

293 Jiġifieri, l-Artikolu 18(1), l-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 46 tad-Direttiva Qafas.

294 Jiġifieri, l-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur.

295 Eċċezzjoni li tinsab fl-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur.

ġġustifikat, tali apparat ta' manipulazzjoni kellu jissodisfa strettament il-bżonn li jiġu evitati r-riskji immedjati ta' ħsara lill-magna ta' gravità tali li joħolqu perikolu konkret matul is-sewqan tal-vettura mgħammra bl-imsemmi apparat. Barra minn hekk, apparat ta' manipulazzjoni li, f'kundizzjonijiet normali ta' sewqan, ikollu jitħaddem fil-parti l-kbira tas-sena sabiex il-magna tiġi protetta minn ħsara jew minn inċident u sabiex il-funzjonament sigur tal-vettura jiġi żgurat, imur manifestament kontra l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent imfittex minn dan ir-regolament u għalhekk ma jistax jiġi ġġustifikat. Hawnhekk kienet ukoll il-qorti tar-rinviju li kellha twettaq l-evalwazzjonijiet fattwali neċessarji għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Prinċipalment, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Qafas u tar-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur, ikkunsidrati flimkien, kienu jipproteġu, minbarra interessi ġenerali, l-interessi partikolari ta' xerrej individwali ta' vettura bil-mutur fil-konfront tal-manifattur tagħha meta din il-vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-projbizzjoni tal-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni, li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet, kellha għan ġenerali li jikkonsisti fil-garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u li kien fil-kuntest tat-tfittxija ta' dan l-għan ġenerali li hemm l-obbligu, għall-manifatturi, li jipprovdu lill-konsumaturi u lill-utenti informazzjoni oġġettiva u preċiża dwar in-natura ftit jew wisq inkwinanti tal-vetturi fil-mument meta dawn tal-aħħar iwettqu d-deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom. Barra minn hekk, il-vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Qafas għandhom ikunu s-suġġett ta' approvazzjoni tat-tip, u din l-approvazzjoni tista' tingħata biss jekk it-tip ta' vettura inkwistjoni jissodisfa d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur, b'mod partikolari dawk dwar l-emissjonijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, konformement mad-Direttiva Qafas, minbarra dawn ir-rekwiżiti relatati mal-approvazzjoni tat-tip KE li jaqgħu fuq il-manifatturi, dawn tal-aħħar huma wkoll obbligati joħorġu ċertifikat ta' konformità lix-xerrej individwali ta' vettura. Skont din id-direttiva qafas, dan iċ-ċertifikat huwa obbligatorju għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u tal-bejgħ jew tat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni ta' vettura. Barra minn hekk, is-sanzjonijiet previsti mid-Direttiva Qafas għandhom jiggarantixxu li x-xerrej ta' vettura jkollu ċertifikat ta' konformità li jippermettilu jirreġistraha fi kwalunkwe Stat Membru mingħajr ma jkollu għalfejn jipprovdi dokumenti tekniċi addizzjonali. Għalhekk, dan ix-xerrej jista' raġonevolment jistenna li r-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur jiġi osservat. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva Qafas, ikkunsidrata flimkien mar-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur, kienet tistabbilixxi rabta diretta bejn il-manifattur tal-vetturi u x-xerrej individwali ta' vettura bil-mutur intiża li tiggarantixxi lil dan tal-aħħar li din il-vettura tkun konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li ma huwiex eskluż li tip ta' vettura, kopert minn approvazzjoni tat-tip KE, li jippermetti li din il-vettura tintuża fit-triq, jista' oriġinarjament jiġi approvat mill-awtorità kompetenti fil-qasam tal-approvazzjoni mingħajr ma tkun ġiet żvelata lilha l-preżenza ta' software, bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ. Id-Direttiva Qafas kienet tipprevedi s-sitwazzjoni fejn l-illegalità ta' element ta' disinn ta' vettura, fid-dawl, pereżempju, tar-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur, tiġi skoperta biss wara din l-approvazzjoni. Għaldaqstant, l-illegalità ta' apparat ta' manipulazzjoni li bih tkun mgħammra vettura bil-mutur, skoperta wara l-approvazzjoni tat-tip KE għal din il-vettura, tista' ddaħħal inkwistjoni l-validità ta' din l-approvazzjoni u, b'estensjoni, dik taċ-ċertifikat ta' konformità intiż li jiċċertifika li din il-vettura, li tappartjeni għas-serje tat-tip approvat, tkun qiegħda tissodisfa l-atti regolatorji kollha fil-mument tal-produzzjoni tagħha. Din l-illegalità kienet għalhekk ta' natura, b'mod partikolari, li toħloq inċertezza fir-rigward tal-possibbiltà ta' reġistrazzjoni, ta' bejgħ jew ta' dħul fiċ-ċirkulazzjoni tal-imsemmija vettura u, fl-aħħar mill-aħħar, li kienet tippreġudika lix-xerrej ta' vettura li jkollha apparat ta' manipulazzjoni pprojbit.

Fit-tieni lok, b'risposta għall-kwistjoni dwar jekk, essenzjalment, id-dritt tal-Unjoni kellux jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest tal-kumpens għad-dannu kkawżat lix-xerrej ta' vettura mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit, jipprekludi li l-benefiċċju miksub mill-użu effettiv ta' din il-vettura jiġi imputat

fuq ir-rimbors tal-prezz tax-xiri tal-imsemmija vettura u, jekk dan ma jkunx il-każ, li dan il-benefiċċju jiġi kkalkolat abbażi tal-prezz tax-xiri totali tal-istess vettura, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt f'dan il-qasam, kienet il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat li kellha tiddetermina r-regoli dwar il-kumpens għad-dannu effettivament ikkawżat lix-xerrej ta' vettura mgħammra b'tali apparat, sakemm dan il-kumpens ikun xieraq għad-dannu mġarrab.

Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-interpretazzjoni li hija waslet għaliha, fis-sens li d-Direttiva Qafas tipproteġi l-interessi partikolari tax-xerrej individwali ta' vettura bil-mutur fil-konfront tal-manifattur tagħha meta din il-vettura tkun mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit, b'tali mod li huwa jkollu dritt li l-imsemmija vettura ma tkunx mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni. Min-naħa l-oħra, hija enfasizzat li d-Direttiva Qafas u r-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur kienu jipprevedu li huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu sanzjonijiet, li għandhom ikunu effettivi, effikaċi, proporzjonati u dissważivi, applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tagħhom. Konsegwentement, l-Istati Membri huma obbligati jipprevedu li x-xerrej ta' vettura mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni pprojbit jibbenefika minn dritt għal kumpens mill-manifattur ta' din il-vettura. Huwa effettivament kull Stat Membru li għandu jiddetermina l-modalitajiet għall-kisba ta' tali kumpens. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrendi, fil-prattika, impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-kisba, mix-xerrej ta' vettura bil-mutur, ta' kumpens xieraq għad-danni kkawżati lilu mill-ksur, mill-manifattur ta' din il-vettura, tal-projbizzjoni tal-użu ta' apparat ta' manipulazzjoni, ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' effettività. Bla ħsara għal din ir-riżerva, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-qrati għandhom jiżguraw li l-protezzjoni tad-drittijiet iggarantiti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma twassalx għall-arrikkiment indebitu. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju kellha tivverifika jekk l-imputazzjoni tal-benefiċċju miksub mill-użu effettiv tal-vettura kkonċernata kinitx tiżgura kumpens xieraq lix-xerrej, sakemm jiġi stabbilit li dan tal-aħħar ġarrab dannu marbut mal-installazzjoni fil-vettura tiegħu ta' apparat ta' manipulazzjoni pprojbit.

## 4. Rilaxx ta' organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM)

### Sentenza tas-7 ta' Frar 2023 (Awla Manja), Confédération paysanne *et* (Mutaġenesi każwali *in vitro*) (C-688/21, EU:C:2023:75)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Rilaxx intenzjonat ta' organiżmi ġenetikament modifikati – Direttiva 2001/18/KE – Artikolu 3(1) – Il-punt 1 tal-Anness I B – Kamp ta' applikazzjoni – Eżenzjonijiet – Tekniki/metodi ta' modifika ġenetika użati tradizzjonalment u li s-sikurezza tagħhom ilha pprovata għal żmien twil – Mutaġenesi każwali in vitro"*

Fl-2015, il-Confédération paysanne, sindakat agrikolu Franċiż, u tmien assoċjazzjonijiet li kellhom bħala għan il-protezzjoni tal-ambjent u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-perikoli li jippreżentaw l-organiżmi ġenetikament modifikati (GMO) adixxew lill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) b'rikors dwar l-esklużjoni ta' ċerti tekniki jew metodi ta' mutaġenesi [296] mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Franċiża intiża li tittrasponi d-Direttiva 2001/18 [297], dwar ir-rilaxx intenzjonat ta' GMO fl-ambjent. F'dan il-kuntest, il-Kunsill tal-Istat kien ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal

[296] Teknika li tippermetti li jiġu pprovokati artifiċjalment, bl-għajnuna ta' fatturi kimiċi jew fiżiċi, mutazzjonijiet b'ritmu ferm iktar mgħaġġel (minn 1 000 għal 10 000 darba) minn dak tal-mutazzjonijiet spontanji.

[297] Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 77).

deċiżjoni preliminari, li tat lok għas-sentenza Confédération paysanne *et* (C‑528/16), mogħtija fl-2018 [298].

Din il-kawża kienet estensjoni ta' din is-sentenza, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18 biss l-organiżmi miksuba permezz ta' tekniki/metodi ta' mutaġenesi li kienu ntużaw tradizzjonalment għal diversi applikazzjonijiet u li s-sikurezza tagħhom kienet ilha pprovata għal żmien twil. Il-Kunsill tal-Istat qies li mill-imsemmija sentenza kien jirriżulta li għandhom ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18 l-organiżmi miksuba permezz ta' tekniki/metodi li dehru jew li ġew prinċipalment żviluppati wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-direttiva, b'mod partikolari permezz ta' tekniki ta' "mutaġenesi każwali *in vitro*" [299]. B'hekk, il-Kunsill tal-Istat ta ordni u, sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni tiegħu, il-Gvern Franċiż ipprepara, *inter alia*, abbozz ta' digriet dwar l-emenda tal-lista ta' tekniki tal-ksib ta' GMO li kienu tradizzjonalment intużaw mingħajr ebda żvantaġġ ipprovat għas-saħħa pubblika jew għall-ambjent. Dan l-abbozz ta' digriet kien jipprevedi li l-mutaġenesi każwali, bl-eċċezzjoni tal-mutaġenesi każwali *in vitro*, kellha titqies li taqa' taħt tali użu.

Wara l-komunikazzjoni tal-imsemmi abbozz ta' digriet [300], il-Kummissjoni Ewropea tat opinjoni ddettaljata, li fiha hija indikat li ma kienx iġġustifikat, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u fid-dawl tal-progress xjentifiku, li ssir distinzjoni bejn il-mutaġenesi każwali *in vivo* u l-mutaġenesi każwali *in vitro*. Peress li l-abbozz ta' digriet ma ġiex adottat mill-awtoritajiet Franċiżi, il-Confédération paysanne u l-kollettiv ta' assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent adixxew mill-ġdid il-Kunsill tal-Istat sabiex jiksbu l-eżekuzzjoni tal-ordni mogħtija.

Il-qorti amministrattiva għolja qieset li kellha bżonn preċiżazzjonijiet dwar il-portata tas-sentenza Confédération paysanne *et*, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-użi tal-mutaġenesi każwali *in vitro*, kienx hemm lok li jitqies li din it-teknika/metodu kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18. Għalhekk hija adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom l-organiżmi miksuba bl-applikazzjoni ta' teknika/metodu ta' mutaġenesi li kienet ibbażata fuq l-istess modalitajiet ta' modifika, permezz tal-aġent mutaġeniku, tal-materjal ġenetiku bħal teknika/metodu ta' mutaġenesi użata tradizzjonalment għal diversi applikazzjonijiet u li s-sikurezza tagħha kienet ilha pprovata għal żmien twil, iżda li kienet distinta minn din it-tieni teknika/metodu ta' mutaġenesi permezz ta' karatteristiċi oħra, ikunu, bħala prinċipju, esklużi mill-eżenzjoni prevista mid-Direttiva 2001/1818 [301].

### ***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

---

[298] Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, ***Confédération paysanne et*** (C‑528/16, EU:C:2018:583).

[299] Il-mutaġenesi każwali tindika proċess li matulu, wara li jiġu pprovokati artifiċjalment, bl-għajnuna ta' fatturi kimiċi jew fiżiċi, mutazzjonijiet b'ritmu ħafna iktar mgħaġġel minn dak tal-mutazzjonijiet spontanji, il-mutazzjonijiet jirriżultaw fl-organiżmi b'mod każwali. Il-mutaġenesi każwali *in vitro* hija teknika li tissuġġetta ċ-ċelloli ta' pjanti kkultivati *in vitro* għal aġenti mutaġeniċi kimiċi jew fiżiċi, kuntrarjament għall-mutaġenesi każwali *in vivo*, li kienet ipprattikata fuq il-pjanti sħaħ jew fuq partijiet tal-pjanti.

[300] Skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1).

[301] Eżenzjoni prevista mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/18, moqri flimkien mal-punt 1 tal-Anness I B tagħha. Skont din id-dispożizzjoni, din id-direttiva ma tapplikax għall-organiżmi miksuba permezz tat-tekniki ta' modifika ġenetika elenkati fl-Anness I B tagħha, fosthom il-mutaġenesi.

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-limitazzjoni tal-portata tal-eżenzjoni prevista mid-Direttiva 2001/18 fir-rigward tal-applikabbiltà ta' din tal-aħħar għat-tekniki/metodi ta' mutaġenesi, b'riferiment għall-kriterju doppju tal-użu tradizzjonali għal diversi applikazzjonijiet, minn naħa, u tas-sikurezza li tkun ilha pprovata għal żmien twil, min-naħa l-oħra [302], kienet marbuta mill-qrib mal-għan stess tal-imsemmija direttiva [303], jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, konformement mal-prinċipju ta' prekawzjoni. L-applikazzjoni ta' dan il-kriterju doppju kienet tippermetti għalhekk li jiġi żgurat li, minħabba l-anzjanità kif ukoll il-varjetà ta' użi ta' teknika/metodu ta' mutaġenesi u tal-informazzjoni disponibbli dwar is-sikurezza tagħha, l-organiżmi miksuba permezz ta' din it-teknika/metodu jkunu jistgħu jiġu rrilaxxati fl-ambjent jew imqiegħda fis-suq fi ħdan l-Unjoni Ewropea, mingħajr ma jkun jidher indispensabbli, sabiex tiġi evitata l-okkorrenza ta' effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, li dawn l-organiżmi jiġu suġġetti għall-proċeduri ta' evalwazzjoni tar-riskji [304].

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li estensjoni ġenerali tal-benefiċċju tal-eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18 għall-organiżmi miksuba bl-applikazzjoni ta' teknika/metodu ta' mutaġenesi li hija bbażata fuq l-istess modalitajiet ta' modifika, permezz tal-aġent mutaġeniku, tal-materjal ġenetiku tal-organiżmu kkonċernat bħal teknika/metodu ta' mutaġenesi użata tradizzjonalment għal diversi applikazzjonijiet u li s-sikurezza tagħha tkun ilha pprovata għal żmien twil, iżda li tgħaqqad dawn il-modalitajiet ma' karatteristiċi oħra, distinti minn dawk ta' din it-tieni teknika/metodu ta' mutaġenesi, ma tosservax l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

Fil-fatt, ir-rilaxx fl-ambjent jew it-tqegħid fis-suq, mingħajr proċedura ta' evalwazzjoni tar-riskji, ta' organiżmi miksuba permezz ta' tali teknika/metodu ta' mutaġenesi seta', f'ċerti każijiet, jimplika effetti negattivi, possibbilment irreversibbli u li jaffettwaw diversi Stati Membri, fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, anki meta dawn il-karatteristiċi ma kellhomx il-modalitajiet ta' modifika, permezz tal-aġent mutaġeniku, tal-materjal ġenetiku tal-organiżmu kkonċernat.

Madankollu, li dak li jkun iqis li l-organiżmi miksuba bl-applikazzjoni ta' teknika/metodu ta' mutaġenesi li tradizzjonalment tkun intużat għal diversi applikazzjonijiet u li s-sikurezza tagħha kienet ipprovata jaqgħu neċessarjament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18 meta din it-teknika/metodu tkun ġiet suġġetta għal xi kwalunkwe modifika ifisser li tkun ta' natura li tneħħi b'mod estensiv l-effett utli tal-eżenzjoni prevista minn din id-direttiva. Fil-fatt, tali interpretazzjoni tista' tirrendi eċċessivament diffiċli kull forma ta' adattament tat-tekniki/metodi ta' mutaġenesi, filwaqt ukoll li din l-interpretazzjoni ma tkunx meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem imfittex mill-imsemmija direttiva, konformement mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li teknika/metodu ta' mutaġenesi tinkludi karatteristika jew diversi karatteristiċi distinti minn dawk ta' teknika/metodu ta' mutaġenesi użata tradizzjonalment għal diversi applikazzjonijiet u li s-sikurezza tagħha tkun ilha pprovata għal żmien twil ma jiġġustifikax l-esklużjoni tal-eżenzjoni prevista mid-Direttiva ħlief jekk jiġi stabbilit li dawn il-karatteristiċi jkunu jistgħu jwasslu għal modifiki tal-materjal ġenetiku tal-organiżmu kkonċernat differenti, min-natura tagħhom jew mir-ritmu li fih dawn iseħħu, minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din it-tieni teknika/metodu ta' mutaġenesi.

---

[302] Dan il-kriterju doppju ġie applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ***Confédération paysanne et*** (C-528/16).

[303] Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/18, din hija intiża sabiex, konformement mal-prinċipju ta' prekawzjoni, tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, minn naħa, meta jkun hemm rilaxx intenzjonat ta' GMO fl-ambjent għal kull skop għajr it-tqegħid tagħhom fis-suq fi ħdan l-Unjoni u, min-naħa l-oħra, meta jitqiegħdu fis-suq fi ħdan l-Unjoni GMO bħala prodotti jew elementi ta' prodotti.

[304] Previsti rispettivament fil-Parti B u fil-Parti Ċ tad-Direttiva 2001/18.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat, fl-aħħar parti tal-analiżi tagħha, fuq id-distinzjoni bejn it-tekniki ta' mutaġenesi *in vivo* u *in vitro*, li kienet fiċ-ċentru tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Hija rrilevat f'dan ir-rigward, wara analiżi tas-sistema prevista fid-Direttiva 2001/18 dwar it-tekniki/metodi li jinvolvu l-kultivazzjonijiet *in vitro*, li l-kunsiderazzjoni li, minħabba l-effetti inerenti għall-kultivazzjonijiet *in vitro*, organiżmu miksub permezz tal-applikazzjoni *in vitro* ta' teknika/metodu ta' mutaġenesi inizjalment użata *in vivo* huwa eskluż mill-eżenzjoni prevista mid-Direttiva 2001/18 tmur kontra l-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma qiesx li dawn l-effetti inerenti kienu rilevanti sabiex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-Direttiva 2001/18 kienet tipprevedi l-esklużjoni ta' diversi tekniki ta' modifika ġenetika li jimplikaw l-użu ta' kultivazzjonijiet *in vitro* mis-sistema ta' sorveljanza tal-GMO prevista minn din id-direttiva.

## 5. Vjaġġi, vaganzi u pakketti tal-ivvjaġġar

### Sentenza tat-8 ta' Ġunju 2023, UFC – Que choisir u CLCV (C-407/21, EU:C:2023:449)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta – Direttiva (UE) 2015/2302 – Artikolu 12(2) sa (4) – Xoljiment ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar – Ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji – Pandemija tal-COVID-19 – Rimbors tal-pagamenti mwettqa mill-vjaġġatur ikkonċernat abbażi ta' pakkett tal-ivvjaġġar –Rimbors fil-forma ta' somma flus jew rimbors ekwivalenti, fil-forma ta' nota ta' kreditu ('vawċer') – Obbligu li dan il-vjaġġatur jiġi rrimborsat mhux iktar tard minn 14-il jum wara x-xoljiment tal-kuntratt ikkonċernat – Deroga temporali għal dan l-obbligu – Modulazzjoni tal-effetti temporali ta' deċiżjoni li tkun ittieħdet konformement mad-dritt nazzjonali u li tannulla leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra l-imsemmi obbligu"*

Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-Gvern Franċiż adotta leġiżlazzjoni intiża li kienet teżenta temporanjament l-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar mill-obbligu tagħhom li jirrimborsaw il-pagamenti mwettqa mill-vjaġġaturi fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar [305]. Żewġ assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi talbu quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) l-annullament ta' din il-leġiżlazzjoni, billi allegaw ksur tad-dritt tal-vjaġġaturi li kienu kkonkludew dan it-tip ta' kuntratt li jxoljuh wara li jkunu seħħew "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" u li jiġu rrimborsati għall-pagamenti kollha mwettqa abbażi ta' dan il-pakkett tal-ivvjaġġar mhux iktar tard minn 14-il jum wara dan ix-xoljiment, kif kien previst mid-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar [306].

---

305 Skont l-Artikolu 1 tal-ordonnance no 2020-315 du 25 mars 2020 relative aux conditions financières de résolution de certains contrats de voyages touristiques et de séjours en cas de circonstances exceptionnelles et inévitables ou de force majeure (id-Digriet Nru 2020-315 tal-25 ta' Marzu 2020 dwar il-Kundizzjonijiet Finanzjarji għall-Ħall ta' Ċerti Kuntratti ta' Vvjaġġar Turistiku u Vaganzi fil-Każ ta' Ċirkustanzi Inevitabbli u Finanzjarji jew Forza Maġġuri) l-organizzaturi tal-ivvjaġġar kienu awtorizzati, fir-rigward tal-"ħall" ikkomunikat bejn l-1 ta' Marzu u l-15 ta' Settembru 2020, li jwettqu l-obbligu ta' rimbors tagħhom billi jipproponu lill-vjaġġatur ikkonċernat, mhux iktar tard minn 3 xhur wara l-komunikazzjoni tal-"ħall" tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar ikkonċernat, vawċer għal ammont ugwali għall-pagamenti mwettqa abbażi ta' dan il-pakkett, fejn tali proposta kienet valida għal perijodu ta' 18-il xahar.

306 Ara l-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU 2015, L 326, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar"). Skont l-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, il-vjaġġatur għandu d-dritt li jxolji kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar qabel il-bidu tal-pakkett tal-ivvjaġġar mingħajr ma jħallas spejjeż ta' xoljiment jekk "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji", li jseħħu fil-post ta' destinazzjoni kkonċernat jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu,

B'mod partikolari dik il-qorti kellha dubji rigward l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "rimbors" previst minn din id-direttiva, kif ukoll dwar il-kompatibbiltà ma' din tal-aħħar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-eżenzjoni temporanja tal-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar mill-obbligu ta' rimbors tagħhom.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kunċett ta' "rimbors" fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar. Minbarra dan, hija tat deċiżjoni dwar l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ma' din id-direttiva [307] u dwar il-modulazzjoni tal-effetti temporali ta' deċiżjoni nazzjonali ta' annullament ta' din l-istess leġiżlazzjoni, meqjusa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, skont interpretazzjoni letterali, il-kunċett ta' "rimbors" fis-sens tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar [308] japplika għal ħlas lura tal-pagamenti mwettqa abbażi ta' pakkett tal-ivvjaġġar unikament fil-forma ta' somma flus. Il-possibbiltà li dan l-obbligu ta' ħlas ta' somma flus jiġi ssostitwit permezz ta' arranġament li jkollu forma oħra, bħalma hija, b'mod partikolari, il-proposta ta' vawċers, ma kinitx espressament prevista f'din id-direttiva. Dan id-dritt għar-rimbors fi flus, li l-konsumaturi jistgħu jiddisponu minnhom liberament, jagħmel parti minn għan ta' protezzjoni tal-interessi tagħhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar tipprekludi l-eżenzjoni temporanja tal-organizzaturi tal-pakketti tal-ivvjaġġar [309], fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, mill-obbligu tagħhom li jirrimborsaw lill-vjaġġaturi kkonċernati, mhux iktar tard minn 14-il jum wara x-xoljiment ta' kuntratt, il-pagamenti kollha mwettqa, abbażi tal-kuntratt xolt. Din il-konklużjoni tibqa' l-istess ukoll meta tali miżura nazzjonali tkun intiża li jiġi evitat li, minħabba n-numru sinjifikattiv ta' talbiet għal rimbors mistennija, is-solvenza ta' dawn l-organizzaturi tal-ivvjaġġar tiġi affettwata sal-punt li tipperikola l-eżistenza tagħhom u li għalhekk tinżamm il-vijabbiltà tas-settur ikkonċernat.

---

għandhom konsegwenzi importanti fuq l-eżekuzzjoni ta' dan il-pakkett jew fuq it-trasport ta' passiġġieri lejn dan il-post ta' destinazzjoni.

307 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 12(2) sa (4) tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar.

308 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar. It-tieni sentenza tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu tipprevedi li, fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, dan il-vjaġġatur għandu dritt għar-rimbors sħiħ tal-pagamenti mwettqa abbażi tal-imsemmi pakkett. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 4 u mal-Artikolu 12(3)(b) ta' din l-istess direttiva, jekk l-organizzatur tal-ivvjaġġar ikkonċernat ikun prekluż milli jwettaq kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar minħabba "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji", huwa jista' jxolji l-imsemmi kuntratt u jirrimborsa kompletament lil dan il-vjaġġatur il-pagamenti mwettqa għal dan il-pakkett u dan mingħajr dewmien eċċessiv, u fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard minn 14-il jum wara x-xoljiment tal-istess kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar.

309 Ara l-Artikolu 4 u l-Artikolu 12(2) sa (4) tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji"[310]. Skont il-prinċipju ta' ċertezza legali u fid-dawl tal-protezzjoni tal-konsumaturi, dan il-kunċett seta' jkopri l-pandemija tal-COVID-19, sa fejn kien jiżvela l-eżistenza ta' "riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem"[311], u seta' jiġi applikat għax-xoljimenti ta' kuntratti ta' pakketti tal-ivvjaġġar meta dawn ikunu bbażati fuq il-konsegwenzi pprovokati minn tali avveniment.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" huwa simili għall-kunċett ta' "forza maġġuri" u jikkostitwixxi, fid-dawl b'mod partikolari tax-xogħol preparatorju tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar, implimentazzjoni eżawrjenti ta' dan il-kunċett tal-aħħar għall-finijiet ta' din id-direttiva. Għalhekk, l-Istati Membri ma setgħux jeħilsu, abbażi tal-forza maġġuri, lanqas temporanjament biss, lill-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar mill-obbligu ta' rimbors tagħhom previst minn din id-direttiva peress li din ma tipprevedi ebda eċċezzjoni għan-natura imperattiva ta' dan l-obbligu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, anki li kieku kellu jitqies li l-Istati Membri jkunu jistgħu jsostnu, quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom, li n-nuqqas ta' konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva jkun iġġustifikat abbażi ta' forza maġġuri, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li, fiċ-ċirkustanzi ta' kriżi sanitarja dinjija bħall-pandemija tal-COVID-19, l-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar jiġu eżentati temporanjament mill-obbligu tagħhom li jirrimborsaw lill-vjaġġaturi kkonċernati l-pagamenti mwettqa abbażi ta' pakkett tal-ivvjaġġar ma tissodisfax il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-invokazzjoni ta' forza maġġuri mill-Istati Membri.

Għalhekk, l-ewwel, minkejja li l-pandemija tal-COVID-19 taqa' taħt ċirkustanzi li fuqhom ma jkollux kontroll l-Istat Membru kkonċernat u minkejja li dawn tal-aħħar ikunu anormali u imprevedibbli, leġiżlazzjoni nazzjonali li eżentat, b'mod ġenerali, lill-organizzaturi tal-ivvjaġġar kollha mill-obbligu ta' rimbors tagħhom ma setgħetx, min-natura tagħha stess, tiġi ġġustifikata mill-forza maġġuri. Fil-fatt, sospensjoni provviżorja ġġeneralizzata ta' dan l-obbligu ta' rimbors ma kinitx tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni finanzjarja konkreta u individwali tal-organizzaturi ta' vjaġġi kkonċernati. It-tieni, ma ġiex ipprovat li l-konsegwenzi finanzjarji li din il-leġiżlazzjoni kienet intiża li taffaċċja ma setgħux jiġu evitati mod ieħor ħlief bil-ksur tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar, u b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat. It-tielet, din l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali, li kienet tipprevedi li l-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar jiġu eżentati mill-obbligu ta' rimbors tagħhom matul perijodu li jista' jestendi sa 21 xahar mill-komunikazzjoni tal-"ħall" tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar ikkonċernat, ma ġietx manifestament maħsuba b'mod li jiġu limitati l-effetti tagħha għall-perijodu neċessarju sabiex jiġu rrimedjati d-diffikultajiet ikkawżati mill-avveniment li seta' jitqies li kien forza maġġuri.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta qorti nazzjonali tiġi adita, konformement mad-dritt intern tagħha, b'rikors għall-annullament ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li hija tqis li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, hija obbligata tannulla din il-leġiżlazzjoni. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li t-theddida tal-interessi ekonomiċi tal-operaturi attivi f'dan is-settur tal-pakketti tal-ivvjaġġar, li nħolqot mill-pandemija tal-COVID-19, ma kinitx paragunabbli mal-kunsiderazzjonijiet imperattivi marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent jew mal-provvista tal-elettriku tal-Istat Membru kkonċernat, li kienu ċirkustanzi straordinarji li għalihom hija, barra minn hekk, kienet irrikonoxxiet lill-

[310] Kif previst fl-Artikolu 12(2) u (3)(b) tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar. Il-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" huwa ddefinit fil-punt 12 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva bħala "sitwazzjoni lil hinn mill-kontroll tal-parti li tinvoka tali sitwazzjoni u li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġu evitati anke jekk ikunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha".

[311] Skont il-premessa 31 tad-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar, li jippreċiża l-portata tal-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji", billi r-riskji sinjifikattivi għas-saħħa tal-bniedem jaqgħu taħt dan il-kunċett.

qrati nazzjonali l-possibbiltà li jimmodulaw temporalment u li jaġġustaw l-effetti tad-deċiżjonijiet tagħhom ta' annullament ta' leġiżlazzjoni nazzjonali meqjusa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li ma kienx jidher li l-annullament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, lill-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar mill-obbligu ta' rimbors tagħhom, kien ser ikollu konsegwenzi dannużi fuq is-settur ta' pakketti tal-ivvjaġġar ta' portata tali li ż-żamma tal-effetti tagħha tkun neċessarja għall-finijiet li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-operaturi ta' dan is-settur. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali [312] ma jippermettix lil qorti nazzjonali, adita b'rikors għal annullament ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra d-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar, li timmodula l-effetti temporali tad-deċiżjoni tagħha li tannulla din il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

[312] Previst fl-Artikolu 4(3) TUE.

# XI. Internet u kummerċ elettroniku

**Sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Google Ireland *et* (C-376/22, EU:C:2023:835)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2000/31/KE – Servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni – Artikolu 3(1) – Prinċipju ta' kontroll fl-Istat Membru ta' oriġini – Artikolu 3(4) – Deroga mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni – Kunċett ta' 'miżuri meħuda fir-rigward ta' servizz partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni' – Artikolu 3(5) – Possibbiltà ta' komunikazzjoni a posteriori tal-miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-każ ta' urġenza – Nuqqas ta' komunikazzjoni – Infurzabbiltà ta' dawn il-miżuri – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi fuq il-fornituri ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni, kemm jekk stabbiliti fit-territorju tiegħu u kemm jekk le, numru ta' obbligi fil-qasam tal-kontroll u tal-komunikazzjoni tal-kontenut allegatament illegali – Direttiva 2010/13/UE – Servizzi tal-media awdjoviżiva – Servizz ta' pjattaformi ta' video-sharing"*

Google Ireland Limited, Meta Platforms Ireland Limited u Tik Tok Technology Limited huma kumpanniji stabbiliti fl-Irlanda li jipprovdu, b'mod partikolari fl-Awstrija, servizzi ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni.

Permezz tad-deċiżjonijiet tagħha, adottati fl-2021, il-Kommunikationsbehörde Austria (KommAustria) (l-Awtorità Regolatorja ta' Komunikazzjonijiet Awstrijaka) iddikjarat li t-tliet kumpanniji msemmija iktar 'il fuq kienu suġġetti għal-liġi Awstrijaka [313].

Peress li qiesu li din il-liġi Awstrijaka, li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni, kemm jekk stabbiliti fl-Awstrija u kemm jekk xi mkien ieħor, sett ta' obbligi fil-qasam tal-kontroll u tal-komunikazzjoni tal-kontenut allegatament illegali, ma kellhiex tapplika għalihom, dawn il-kumpanniji ppreżentaw rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-KommAustria. Dawn ir-rikorsi ġew miċħuda fl-ewwel istanza.

Wara din iċ-ċaħda, l-imsemmija kumpanniji ppreżentaw appelli għal reviżjoni quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija). Insostenn ta' dawn l-appelli, huma sostnew b'mod partikolari li l-obbligi stabbiliti mil-liġi Awstrijaka kienu sproporzjonati u inkompatibbli mal-moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u mal-prinċipju ta' kontroll ta' dawn is-servizzi mill-Istat Membru ta' oriġini (jew, fi kliem ieħor, mill-Istat li fit-territorju tiegħu jkun stabbilit il-fornitur ta' servizzi), liema prinċipju huwa previst fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku [314].

Peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-liġi Awstrijaka u tal-obbligi li hija timponi fuq il-fornituri ta' servizzi mad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li tipprevedi l-possibbiltà għal Stat Membru li ma jkunx dak tal-oriġini li jidderoga, taħt ċerti kundizzjonijiet, mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, il-Qorti Amministrattiva ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva.

---

[313] Jiġifieri, għall-Bundesgesetz über Maßnahmen zum Schutz der Nutzer auf Kommunikationsplattformen (Kommunikationsplattformen-Gesetz) (il-Liġi Federali Awstrijaka dwar Miżuri ta' Protezzjoni ta' Utenti ta' Pjattaformi ta' Komunikazzjoni) (BGBl. I, 151/2020).

[314] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku").

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni dwar jekk Stat Membru ta' destinazzjoni ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jkunx jista' jidderoga mill-moviment liberu ta' dawn is-servizzi billi mhux biss jieħu miżuri individwali u konkreti, iżda wkoll miżuri ġenerali u astratti li jikkonċernaw kategorija ta' servizzi partikolari u, b'mod konkret, jekk dawn il-miżuri jkunux jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri meħuda fir-rigward ta' servizz partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni" fis-sens tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku [315].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-possibbiltà ta' deroga mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni tikkonċerna, skont il-kliem tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, "servizz partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni". F'dan il-kuntest, l-użu tal-kelma "partikolari" donnu kien jindika li s-servizz hekk imsemmi għandu jinftiehem bħala servizz individwalizzat. Konsegwentement, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri ġenerali u astratti li jikkonċernaw kategorija ta' servizzi partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni deskritta b'termini ġenerali u li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' din il-kategorija ta' servizzi.

Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku tuża l-kunċett ta' "miżuri". Fil-fatt, bl-użu ta' tali terminu wiesa' u ġenerali, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri n-natura u l-forma tal-miżuri li huma jkunu jistgħu jadottaw sabiex jidderogaw mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Mill-banda l-oħra, l-użu ta' dan it-terminu bl-ebda mod ma jippreġudika s-sustanza u l-kontenut materjali ta' dawn il-miżuri.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li din l-interpretazzjoni letterali kienet ikkorroborata mill-analiżi kuntestwali tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

Fil-fatt, il-possibbiltà ta' deroga mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-Istat Membru ta' destinazzjoni ta' dawn is-servizzi għandu jitlob minn qabel lill-Istat Membru tal-oriġini tagħhom jieħu xi miżuri partikolari [316], liema kundizzjoni tippreżupponi l-possibbiltà li jiġu identifikati l-fornituri u, konsegwentement, l-Istati Membri kkonċernati. Issa, li kieku l-Istati Membri kienu awtorizzati jirrestrinġu l-moviment liberu ta' tali servizzi permezz ta' miżuri ta' natura ġenerali u astratta li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' kategorija ta' dawn is-servizzi, tali identifikazzjoni tkun, jekk mhux impossibbli, tal-inqas eċċessivament diffiċli, b'tali mod li l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li josservaw tali kundizzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja saħqet li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku hija bbażata fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' kontroll fl-Istat Membru ta' oriġini u ta' rikonoxximent reċiproku, b'tali mod li, fil-kuntest tal-qasam ikkoordinat [317], is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jiġu rregolati biss fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu stabbiliti l-fornituri ta' dawn is-servizzi. Issa, li kieku l-Istati Membri ta' destinazzjoni kienu awtorizzati jadottaw miżuri ta' natura ġenerali u astratta li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' kategorija ta' dawn is-servizzi, irrispettivament minn jekk dan ikunx stabbilit jew le f'dan l-Istat Membru tal-aħħar, il-prinċipju ta' kontroll fl-Istat Membru ta' oriġini jitqiegħed f'dubju. Fil-fatt, dan il-prinċipju jaqsam il-kompetenza regolatorja bejn l-Istat Membru ta' oriġini u l-Istat Membru ta' destinazzjoni. Issa, li kieku l-Istat Membru tal-aħħar kellu jiġi awtorizzat jadotta tali miżuri, dan ikollu l-effett li titnaqqar il-kompetenza regolatorja tal-Istat Membru ta' oriġini

---

[315] Artikolu 3(4) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

[316] Artikolu 3(4)(b) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

[317] Fis-sens tal-Artikolu 2(h) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

u dawn il-fornituri jiġu ssuġġettati kemm għal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat, kif ukoll għal dik jew għal dawk tal-Istati Membri ta' destinazzjoni. It-tqegħid f'dubju ta' dan il-prinċipju jqiegħed f'perikolu s-sistema u l-għanijiet tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, il-possibbiltà li l-Istat Membru ta' destinazzjoni jitħalla jadotta tali miżuri timmina l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u tmur kontra l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku hija intiża li telimina l-ostakoli legali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li joriġinaw mid-diverġenzi fil-leġiżlazzjonijiet, kif ukoll mill-inċertezza legali tas-sistemi nazzjonali applikabbli għal dawn is-servizzi. Issa, il-possibbiltà li jiġu adottati l-miżuri msemmija iktar 'il fuq fl-aħħar mill-aħħar tkun tfisser li l-fornituri ta' servizzi kkonċernati jkunu suġġetti għal leġiżlazzjonijiet differenti u, għaldaqstant, li jerġgħu jiġu introdotti l-ostakoli legali għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li din id-direttiva hija intiża li telimina.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li miżuri ġenerali u astratti li jikkonċernaw kategorija ta' servizzi partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni deskritta b'termini ġenerali u li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' din il-kategorija ta' servizzi ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "miżuri meħuda fir-rigward ta' servizz partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni" fis-sens tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

# XII. Politika ekonomika u monetarja

## Sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, BĊE vs Crédit lyonnais (C-389/21 P, EU:C:2023:368)

*"Appell – Politika ekonomika u monetarja – Superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Regolament (UE) Nru 575/2013 – Kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva – Kejl tal-iskopertura – Artikolu 429(14) – Esklużjoni tal-iskoperturi li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet – Rifjut parzjali ta' awtorizzazzjoni – Setgħa diskrezzjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – Rikors għal annullament – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Stħarriġ ġudizzjarju"*

Crédit lyonnais hija kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata inkorporata taħt id-dritt Franċiż u awtorizzata bħala istituzzjoni ta' kreditu. Din l-istituzzjoni ta' kreditu hija sussidjarja ta' Crédit agricole SA u, abbażi ta' dan, hija suġġetta għas-superviżjoni prudenzjali diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

Fil-5 ta' Mejju 2015, Crédit agricole, f'isimha u f'isem l-entitajiet tal-grupp Crédit agricole, fosthom Crédit lyonnais, talbet lill-BĊE l-awtorizzazzjoni [318] li teskludi għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva l-iskoperturi fir-rigward tal-Caisse des dépôts et consignations (CDC), istituzzjoni pubblika Franċiża, li rriżultaw mid-depożiti mwettqa f'diversi kotba tat-tfaddil, li kellhom, skont il-leġiżlazzjoni Franċiża applikabbli, jiġu ttrasferiti b'mod obbligatorju liċ-CDC (iktar 'il quddiem it-"tfaddil irregolat").

Id-deċiżjoni tal-24 ta' Awwissu 2016, li permezz tagħha l-BĊE kien irrifjuta li jagħti lil Crédit agricole l-awtorizzazzjoni mitluba, ġiet annullata permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali [319]. Wara din is-sentenza, Crédit agricole reġgħet ressqet quddiem il-BĊE t-talba tagħha għal awtorizzazzjoni sabiex teskludi l-iskoperturi fir-rigward taċ-CDC. Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Mejju 2019 [320], il-BĊE awtorizza lil Crédit agricole u lill-entitajiet li jifformaw parti mill-grupp Crédit agricole, bl-eċċezzjoni ta' Crédit lyonnais, biex jeskludu mill-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva l-iskoperturi kollha tagħhom fir-rigward taċ-CDC. Għall-kuntrarju, Crédit lyonnais ġiet awtorizzata teskludi biss 66 % minn dawn l-iskoperturi. Fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-BĊE, billi qies li huwa kellu setgħa diskrezzjonali f'dan il-każ, applika metodoloġija li tieħu inkunsiderazzjoni tliet elementi, jiġifieri, il-kwalità tal-kreditu tal-amministrazzjoni ċentrali Franċiża, ir-riskju ta' bejgħ ta' emerġenza u l-livell ta' konċentrazzjoni tal-iskoperturi fir-rigward taċ-CDC.

Ir-rikors ta' Crédit lyonnais, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din kienet irrifjutat li tawtorizza lil din tal-aħħar teskludi mill-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva tagħha l-iskoperturi kollha tagħha fir-rigward taċ-CDC, intlaqa' mill-Qorti Ġenerali [321]. Konkretament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-motiv tad-deċiżjoni kontenzjuża bbażat fuq il-livell ta' riskju ta' bejgħ ta'

---

[318] Prevista fl-Artikolu 429(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6, fil-ĠU 2017, L 20, p. 2, u fil-ĠU 2013, L 92, p. 29), kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 tal-10 ta' Ottubru 2014 (ĠU 2015, L 11, p. 37, rettifika fil-ĠU 2017, L 60, p. 64).

[319] Sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, ***Crédit agricole vs BĊE*** (T-758/16, EU:T:2018:472).

[320] Deċiżjoni ECB SSM-2019-FRCAG-39 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

[321] Sentenza tal-14 ta' April 2021, ***Crédit lyonnais vs BĊE*** (T-504/19, EU:T:2021:185, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

emerġenza kien ivvizzjat b' "illegalità". Konsegwentement, hija qieset li ż-żewġ elementi l-oħra tal-metodoloġija applikata mill-BĊE ma setgħux iwasslu li l-BĊE jirrifjuta, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li jagħti lil Crédit lyonnais il-benefiċċju tal-esklużjoni għall-iskoperturi kollha ta' din l-istituzzjoni fir-rigward taċ-CDC.

Adita bl-appell ippreżentat mill-BĊE, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata u, filwaqt li qatgħet definittivament il-kawża, ċaħdet ir-rikors ta' Crédit lyonnais. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat il-livell ta' stħarriġ eżerċitat mill-qorti tal-Unjoni fl-evalwazzjoni tal-legalità tad-deċiżjonijiet amministrattivi adottati mill-BĊE, meta dan igawdi minn marġni ta' evalwazzjoni wiesa'.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sa fejn il-BĊE, fl-għażla ta' jekk jagħtix jew le l-awtorizzazzjoni, għandu setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li jeskludi għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva skoperturi li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, l-istħarriġ ġudizzjarju li l-qorti tal-Unjoni għandha teżerċita fuq il-fondatezza tal-motivi tad-deċiżjoni tal-BĊE ma għandux iwassalha biex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-BĊE b'dik tagħha. Dan l-istħarriġ huwa intiż li jiġi vverifikat li tali deċiżjoni ma tkunx ibbażata fuq fatti materjalment ineżatti u li ma tkun ivvizzjata minn ebda żball manifest ta' evalwazzjoni jew minn użu ħażin ta' poter. F'dan ir-rigward, il-qorti tal-Unjoni għandha b'mod partikolari tivverifika mhux biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk ikunux tali li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom. Fil-fatt, meta istituzzjoni jkollha setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, l-osservanza tal-garanziji proċedurali, li fosthom hemm l-obbligu tagħha li teżamina, b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni inkwistjoni, hija ta' importanza fundamentali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta wettqet l-evalwazzjoni tagħha tal-karatteristiċi tat-tfaddil irregolat u tal-effett kumulattiv tagħhom, il-Qorti Ġenerali qieset li l-livell ta' riskju ta' bejgħ ta' emerġenza ma kienx għoli biżżejjed sabiex jiġġustifika r-rifjut tal-BĊE li jeskludi mill-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva l-iskoperturi kollha ta' Crédit lyonnais fir-rigward taċ-CDC.

Issa, b'dan il-mod, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ma kkontestatx il-konstatazzjonijiet tal-BĊE dwar il-karatteristiċi tat-tfaddil irregolat li wassluh biex jikkonkludi li dawn il-karatteristiċi ma kinux jippermettu li jiġi eskluż kompletament kull riskju li Crédit lyonnais tista' tkun obbligata tipproċedi għal bejgħ ta' emerġenza. Dan japplika b'mod partikolari għall-konstatazzjonijiet tal-BĊE dwar il-likwidità qawwija tat-tfaddil irregolat fl-assenza ta' sistema legali li tillimita l-irtirar tiegħu kif ukoll l-obbligu għal Crédit lyonnais li tirrimborsa lid-depożitanti anki matul il-perijodu ta' aġġustament ta' għaxart ijiem bejn il-pożizzjonijiet ta' din tal-aħħar u dawk taċ-CDC. Konsegwentement, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali ma daħħalx inkwistjoni l-eżattezza materjali, l-affidabbiltà jew il-koerenza tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża, u ma stabbilixxiex li dawn l-elementi ma jikkostitwixxux id-data rilevanti kollha li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-BĊE.

Min-naħa l-oħra, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li qalet li d-data meħuda inkunsiderazzjoni mill-BĊE ma kinitx ta' natura li tissostanzja l-konklużjonijiet misluta mid-deċiżjoni kontenzjuża rriżultat mill-evalwazzjoni tagħha stess tal-livell ta' riskju ta' bejgħ ta' emerġenza. Din l-evalwazzjoni, li hija bbażata fuq l-istess elementi bħal dawk meħuda inkunsiderazzjoni mill-BĊE, kienet differenti minn dik magħmula minn din l-istituzzjoni, mingħajr madankollu ma tistabbilixxi n-natura manifestament żbaljata tagħha.

Billi rraġunat b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali, minflok ma wettqet l-istħarriġ tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni li hija kellha twettaq, issostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-BĊE fil-każ fejn din l-istituzzjoni tibbenefika madankollu minn marġni ta' evalwazzjoni wiesa'.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-ġustifikazzjoni tal-BĊE bbażata fuq l-esperjenza tal-kriżijiet bankarji reċenti, din tal-aħħar ma stabbilixxietx kif il-kunsiderazzjonijiet fis-sens li l-fondi ta' tfaddil irregolati ma jistgħux jiġu investiti, bid-differenza tad-depożiti mingħajr maturità, f'attiv riskjuż jew mhux likwidu kienu ta' natura li juru n-natura manifestament żbaljata tal-evalwazzjoni magħmula mill-BĊE tax-xenarju ta' riskju ta' ġbid massiv li kellu jintuża għall-analiżi tar-riskju ta' bejgħ ta' emerġenza li għalih kienet esposta Crédit lyonnais. L-istess kien japplika fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq id-differenza bejn il-garanzija doppja tar-Repubblika Franċiża li jibbenefikaw minnha l-kotba tat-tfaddil irregolat u l-mekkaniżmu ta' garanzija li jirriżulta mid-Direttiva 2014/49 [322].

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża billi ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha stess tar-riskju ta' bejgħ ta' emerġenza li kienet esposta għalih Crédit lyonnais, mingħajr ma stabbilixxiet kif l-evalwazzjoni tal-BĊE li kienet tinsab f'din id-deċiżjoni f'dan ir-rigward kienet ivvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni. B'dan il-mod, hija qabżet il-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. Barra minn hekk, hija kienet ukoll żbaljata meta qieset li l-BĊE kien naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jeżamina b'reqqa u b'imparzjalità l-elementi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni inkwistjoni.

Wara l-annullament parzjali tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni definittiva dwar ir-rikors fl-ewwel istanza. Filwaqt li analizzat l-argumenti mqajma minn Crédit lyonnais fl-ewwel istanza, hija qieset li, fid-dawl tal-istħarriġ ġudizzjarju limitat li hija kellha twettaq fid-dawl tal-marġni ta' evalwazzjoni wiesa' li għandu l-BĊE f'dan il-każ, Crédit lyonnais ma rnexxilhiex turi li l-evalwazzjonijiet ta' din l-istituzzjoni, li jinsabu fid-deċiżjoni kontenzjuża, relatati mar-riskju ta' bejgħ ta' emerġenza u mal-kwalità ta' kreditu tal-amministrazzjoni Franċiża kienu manifestament żbaljati. B'hekk hija kkonfermat id-deċiżjoni ta' rifjut tal-BĊE dwar l-esklużjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon tal-effett ta' lieva ta' Crédit lyonnais, ta' 34 % tal-iskoperturi tagħha fir-rigward taċ-CDC.

---

322 Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU 2014, L 173, p. 149, rettifika fil-ĠU 2014, L 212, p. 47 u fil-ĠU 2014, L 309, p. 37).

# XIII. Kuntratti pubbliċi

## Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Infraestruturas de Portugal u Futrifer Indústrias Ferroviárias (C-66/22, EU:C:2023:1016)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2014/24/UE – Il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 57(4) – Għoti ta' kuntratti pubbliċi fis-settur tat-trasport – Direttiva 2014/25/UE – Artikolu 80(1) – Raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni – Obbligu ta' traspożizzjoni – Konklużjoni minn operatur ekonomiku ta' ftehimiet intiżi għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni – Setgħa tal-awtorità kontraenti – Effett ta' deċiżjoni preċedenti ta' awtorità tal-kompetizzjoni – Prinċipju ta' proporzjonalità – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal rimedju effettiv – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Obbligu ta' motivazzjoni"*

Toscca hija operatur ekonomiku li ssottomettiet offerta fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku organizzata minn Infraestruturas de Portugal għax-xiri ta' riffieda u ta' binarji tal-arżnu bil-krijożoti intiżi għas-settur tal-infrastrutturi ferrovjarji, kuntratt li ngħata lil Futrifer. Peress li r-rikors għal annullament ippreżentat minn Toscca kontra din id-deċiżjoni ta' għoti ġie miċħud, hija appellat quddiem it-Tribunal Central Administrativo Norte (il-Qorti Amministrattiva Ċentrali tat-Tramuntana, il-Portugall). Dik il-qorti laqgħet dan l-appell permezz ta' sentenza u kkundannat lil Infraestruturas de Portugal tagħti l-kuntratt lil Toscca. Dik is-sentenza ġiet annullata, minħabba nuqqas ta' motivazzjoni, mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall), li bagħtet lura l-kawża lill-Qorti Amministrattiva Ċentrali tat-Tramuntana. Dik il-qorti tat sentenza oħra, li permezz tagħha hija kkonfermat is-soluzzjoni adottata fl-ewwel sentenza tagħha.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema, li kienet il-qorti tar-rinviju, ġiet adita b'appelli ppreżentati minn Infraestruturas de Portugal u minn Futrifer kontra dik it-tieni sentenza. Hija indikat li, fl-2019, Futrifer kienet ġiet ikkundannata mill-Autoridade da Concorrência (l-Awtorità tal-Kompetizzjoni, il-Portugall) għall-ħlas ta' multa għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni fil-kuntest ta' proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, organizzati fl-2014 u fl-2015, mill-istess awtorità kontraenti.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, qabelxejn, dwar l-eżistenza ta' obbligu, għall-Istati Membri, li jittrasponu r-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni previsti mid-Direttivi 2014/24 [323] u 2014/25 [324]. Hija sussegwentement iċċarat il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tas-setgħa tal-awtoritajiet kontraenti sabiex jeskludu lil operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku fid-dawl ta' nuqqas ta' affidabbiltà, minħabba ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni mwettaq barra mill-proċedura ta' għoti tal-kuntratt pubbliku kkonċernata. Fl-aħħar nett, hija ppreċiżat l-obbligu tal-awtoritajiet kontraenti li jimmotivaw deċiżjoni dwar l-affidabbiltà ta' operatur ekonomiku, fid-dawl tar-raġuni

---

[323] Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68). L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 57(4) ta' din id-direttiva jipprevedi l-każijiet li fihom l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeskludu jew ikunu obbligati mill-Istati Membri jeskludu lil kull operatur ekonomiku mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt.

[324] Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU 2014, L 94, p. 243). It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 80(1) tad-Direttiva 2014/25 jipprevedi li, jekk l-Istati Membri jitolbu dan, ir-regoli u l-kriterji oġġettivi ta' esklużjoni għandhom jinkludu barra minn hekk il-kriterji ta' esklużjoni elenkati fl-Artikolu 57(4) tad-Direttiva 2014/24, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

fakultattiva għal esklużjoni marbuta mal-parteċipazzjoni ta' tali operatur fi ftehimiet intiżi għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, prevista mid-Direttiva 2014/24.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk l-Istati Membri għandhomx l-obbligu li jittrasponu fid-dritt nazzjonali tagħhom ir-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni msemmija fid-Direttiva 2014/24 [325], kif ukoll fid-dispożizzjoni tad-Direttiva 2014/25 li tirreferi għal dawn ir-raġunijiet.

Fir-rigward, minn naħa, tar-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni previsti mid-Direttiva 2014/24, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jirriżulta minn uħud mis-sentenzi tagħha [326], l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jittrasponu dawn ir-raġunijiet fid-dritt nazzjonali tagħhom. Dan l-obbligu jimplika li huma għandhom jipprevedu jew il-possibbiltà jew l-obbligu għall-awtoritajiet kontraenti li japplikaw l-imsemmija raġunijiet. Fil-fatt, l-ewwel nett, mill-formulazzjoni tad-dispożizzjoni tad-Direttiva 2014/24 dwar ir-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni jirriżulta li l-għażla li jiġi deċiż jekk operatur ekonomiku ikollux jiġi eskluż jew le minn proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal waħda minn dawn ir-raġunijiet taqa' fuq l-awtoritajiet kontraenti, sakemm l-Istati Membri ma jiddeċidux li jittrasformaw din il-possibbiltà ta' esklużjoni f'obbligu. Konsegwentement, sabiex dawn l-awtoritajiet kontraenti ma jiġux imċaħħda, tal-inqas, mill-possibbiltà li japplikaw dawn ir-raġunijiet għal esklużjoni, Stat Membru ma jistax jastjeni milli jintegra dawn ir-raġunijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu li tittrasponi d-Direttiva 2014/24. It-tieni nett, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata wkoll mill-kuntest tad-dispożizzjoni dwar ir-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni, li tikkuntrasta ma' dispożizzjonijiet oħra ta' din id-direttiva li joffru lill-Istati Membri għażla għat-traspożizzjoni, jew le, ta' dawn id-dispożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-għażla li titħalla lill-Istati Membri fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni [327] ma setgħetx tiġi estiża għat-traspożizzjoni jew le ta' dawn ir-raġunijiet fid-dritt nazzjonali. F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, l-għan imfittex mid-Direttiva 2014/24 fir-rigward tar-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti lill-awtoritajiet kontraenti, u lilhom biss, il-kompitu li jevalwaw l-integrità u l-affidabbiltà tal-operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku u, jekk ikun il-każ, li jeskludu lill-operaturi li huma jkunu jqisu li ma jkunux affidabbli.

Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tad-Direttiva 2014/25 [328], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Istati Membri għandhom, skont l-obbligu tagħhom li jittrasponu l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 80(1) ta' din id-direttiva, jipprevedu, tal-inqas, il-possibbiltà għall-entitajiet kontraenti li jinkludu, fost ir-regoli u l-kriterji ta' esklużjoni applikabbli fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva, ir-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni previsti mid-Direttiva 2014/24, bla ħsara għall-eventwali deċiżjoni tal-imsemmija Stati li tkun tikkonsisti f'li jimponu fuq dawn l-entitajiet li jinkludu dawn ir-raġunijiet fost dawn il-kriterji.

---

325 B'mod iktar preċiż fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 57(4) ta' din id-direttiva.

326 Sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2019, ***Meca*** (C-41/18, EU:C:2019:507, punt 33); tat-30 ta' Jannar 2020, ***Tim*** (C-395/18, EU:C:2020:58, punti 34 u 40); kif ukoll tat-3 ta' Ġunju 2021, ***Rad Service et*** (C-210/20, EU:C:2021:445, punt 28). Skont dawn is-sentenzi, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jittrasponu jew le r-raġunijiet għal esklużjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni.

327 Skont l-Artikolu 57(7) tad-Direttiva 2014/24.

328 B'mod iktar preċiż, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 80(1) ta' din id-direttiva.

Wara li għamlet dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fl-ewwel lok, dwar ir-raġuni fakultattiva għal esklużjoni marbuta mal-konklużjoni, minn operatur ekonomiku, ta' ftehimiet intiżi għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, prevista mid-Direttiva 2014/24 [329]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din ir-raġuni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-possibbiltà li offerta ta' offerent tiġi eskluża minħabba l-eżistenza ta' indizji serji ta' aġir ta' dan tal-aħħar li jista' joħloq distorsjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku li fil-kuntest tagħha jkun seħħ dan it-tip ta' aġir. Fil-fatt, tali limitazzjoni ma tirriżultax mill-formulazzjoni tad-dispożizzjoni li tipprevedi din ir-raġuni għal esklużjoni. Barra minn hekk, mill-kuntest li taħtu taqa' din id-dispożizzjoni [330] jirriżulta li d-Direttiva 2014/24 tippermetti, fi kwalunkwe mument tal-proċedura, lill-awtoritajiet kontraenti jeskludu jew jiġu obbligati mill-Istati Membri jeskludu lil operatur ekonomiku meta jkun jidher li dan jinsab, fid-dawl tal-atti li huwa jkun wettaq jew li huwa jkun naqas milli jwettaq jew qabel, jew matul il-proċedura, f'waħda mis-sitwazzjonijiet koperti mir-raġunijiet għal esklużjoni previsti minn din l-istess direttiva. Tali interpretazzjoni ta' din l-istess dispożizzjoni tippermetti lill-awtorità kontraenti tiżgura ruħha mill-integrità u mill-affidabbiltà ta' kull wieħed mill-operaturi ekonomiċi li jkunu jistgħu jiġu ddubitati mhux biss fil-każ ta' parteċipazzjoni ta' tali operatur f'aġir antikompetittiv fil-kuntest tal-proċedura inkwistjoni, iżda wkoll fil-każ ta' parteċipazzjoni ta' dan l-operatur f'tali aġir preċedenti.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li r-raġuni fakultattiva għal esklużjoni marbuta mal-konklużjoni, minn operatur ekonomiku, ta' ftehimiet intiżi għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, prevista mid-Direttiva 2014/24, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti biss lill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni s-setgħa li tagħti deċiżjoni dwar l-esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Ċertament, meta tkun teżisti proċedura speċifika rregolata mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt nazzjonali sabiex tittieħed azzjoni kontra ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, li fiha l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tkun inkarigata twettaq investigazzjonijiet għal dan l-għan, l-awtorità kontraenti għandha, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-provi prodotti, tibbaża ruħha, bħala prinċipju, fuq l-eżitu ta' tali proċedura. F'dan il-kuntest, id-deċiżjoni ta' tali awtorità li tkun ikkonstatat ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni u li tkun imponiet fuq offerent, għal dan il-motiv, sanzjoni pekunjarja jista' jkollha importanza partikolari, iktar u iktar jekk din is-sanzjoni jkollha magħha projbizzjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi. Madankollu, għalkemm tali deċiżjoni tista' twassal lill-awtorità kontraenti teskludi lil dan l-operatur ekonomiku mill-proċedura ta' għoti tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni, l-assenza ta' tali deċiżjoni la tista' tipprekludi u lanqas tista' teżenta lill-awtorità kontraenti milli twettaq tali evalwazzjoni. Din l-evalwazzjoni għandha titwettaq fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha sabiex jiġi vverifikat jekk l-applikazzjoni tar-raġuni għal esklużjoni marbuta mal-konklużjoni, minn operatur ekonomiku, ta' ftehimiet intiżi għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni tkunx iġġustifikata. Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali li torbot l-evalwazzjoni tal-integrità u tal-affidabbiltà tal-offerenti mal-konklużjonijiet ta' deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar, b'mod partikolari, il-parteċipazzjoni futura fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku tippreġudika s-setgħa ta' evalwazzjoni li għandha tgawdi l-awtorità kontraenti fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni previsti mid-Direttiva 2014/24.

Fi tmiem l-analiżi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu, fil-leġiżlazzjoni tagħhom, il-portata tar-raġuni għal esklużjoni marbuta mal-parteċipazzjoni tal-operatur ekonomiku kkonċernat f'aġir antikompetittiv.

---

[329] Skont il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 57(4) tad-Direttiva 2014/24, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeskludu jew jistgħu jiġu obbligati mill-Istati Membri jeskludu lil kull operatur ekonomiku milli jipparteċipa fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt meta dawn l-awtoritajiet ikollhom elementi suffiċjentement plawsibbli sabiex jikkonkludu li l-operatur ekonomiku kkonkluda ftehimiet ma' operaturi ekonomiċi oħra intiżi għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

[330] B'mod partikolari mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 57(5) tad-Direttiva 2014/24.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti dwar l-affidabbiltà ta' operatur ekonomiku, adottata b'applikazzjoni tar-raġuni fakultattiva għal esklużjoni, prevista mid-Direttiva 2014/24, marbuta mal-konklużjoni, minn operatur ekonomiku, ta' ftehimiet għandha tkun motivata. Dan l-obbligu jirrigwarda, minn naħa, id-deċiżjonijiet li permezz tagħhom l-awtorità kontraenti teskludi lil offerent b'applikazzjoni, b'mod partikolari, ta' tali raġuni fakultattiva għal esklużjoni. Min-naħa l-oħra, l-awtorità kontraenti tkun suġġetta għal dan l-obbligu ta' motivazzjoni meta tikkonstata li offerent ikun ikkonċernat minn waħda mir-raġunijiet fakultattivi għal esklużjoni, iżda tieħu deċiżjoni ta' nuqqas ta' esklużjoni, pereżempju, minħabba li l-esklużjoni tkun tikkostitwixxi miżura sproporzjonata. Fil-fatt, tali deċiżjoni taffettwa s-sitwazzjoni ġuridika tal-operaturi ekonomiċi l-oħra li jipparteċipaw fil-proċedura ta' għoti tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni, li għandhom ikunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom, jekk ikun il-każ, billi jippreżentaw rikors kontriha.

# XIV. Politika soċjali [331]

## 1. Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali

### Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, TP (Persuna li tħejji montaġġi awdjoviżivi għat-televiżjoni pubblika) (C-356/21, EU:C:2023:9)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Artikolu 3(1)(a) u (ċ) – Kundizzjonijiet ta' aċċess għall-attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha – Kundizzjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol – Projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali – Imprenditur indipendenti li jaħdem abbażi ta' kuntratt għal xogħlijiet – Terminazzjoni u nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt – Libertà li tintgħażel parti kontraenti"*

Bejn is-sena 2010 u s-sena 2017, J. K. kien jipprepara personalment, abbażi ta' kuntratti għal xogħlijiet konsekuttivi għal żmien qasir, konklużi fil-kuntest tal-attività ekonomika indipendenti tiegħu, montaġġi awdjoviżivi, trailers jew dokumentarji ta' attwalità għar-reġija u għall-promozzjoni ta' programm ta' TP, kumpannija li topera stazzjon tat-televiżjoni pubbliku fuq skala nazzjonali fil-Polonja.

Fl-20 ta' Novembru 2017, ġie konkluż kuntratt ġdid għal xogħlijiet bejn J. K. u TP għal perijodu ta' xahar, li kien jipprevedi żewġ perijodi ta' servizz fil-ġimgħa f'Diċembru. Madankollu, wara l-pubblikazzjoni, fl-4 ta' Diċembru 2017, minn J. K. u mis-sieħeb tiegħu, ta' video intiż li jippromwovi t-tolleranza lejn il-koppji ta' persuni tal-istess sess fuq YouTube, TP informat lil J. K. bl-annullament ta' dawn iż-żewġ perijodi ta' servizz ta' kull ġimgħa.

B'hekk, J. K. ma wettaq ebda perijodu ta' servizz matul ix-xahar ta' Diċembru 2017, u ebda kuntratt ġdid għal xogħlijiet ma ġie konkluż bejnu u TP.

Sussegwentement, J. K. ippreżenta rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, is-Sąd Rejonowy dla m. st. Warszawy w Warszawie (il-Qorti Distrettwali tal-Belt ta' Varsavja, il-Polonja), intiż, b'mod partikolari, għall-kumpens għad-dannu morali li jirriżulta mir-rifjut ta' TP li jġedded il-kuntratt tiegħu, rifjut li temm ir-relazzjoni professjonali bejniethom, għal raġuni bbażata, skont J. K., fuq l-orjentazzjoni sesswali tiegħu.

Fil-kuntest ta' din il-kawża, dik il-qorti kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni tad-dritt Pollakk [332] mad-dritt tal-Unjoni, sa fejn din id-dispożizzjoni teskludi mill-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, mogħtija mid-Direttiva 2000/78 [333], l-għażla libera tal-kontraent, iżda biss sakemm din l-għażla ma tkunx ibbażata fuq is-sess, ir-razza, l-oriġini etnika jew in-nazzjonalità.

---

[331] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll is-sentenza tal-21 ta' DIċembru 2023 (Awla Manja), ***Chief Appeals Officer et*** (C-488/21, EU:C:2023:1013), li hija ppreżentata fit-Taqsima II.1, "Miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni".

[332] Dan huwa l-punt 3 tal-Artikolu 5 tal-ustawa o wdrożeniu niektórych przepisów Unii Europejskiej w zakresie równego traktowania (il-Liġi dwar l-Implimentazzjoni ta' Ċerti Dispożizzjonijiet tad-Dritt tal-Unjoni dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament), tat-3 ta' Diċembru 2010 (Dz. U. Nru 254, pożizzjoni 1700). Fil-verżjoni kkonsolidata tagħha (Dz. U. tal-2016, pożizzjoni 1219), din id-dispożizzjoni tipprevedi li din il-liġi ma tapplikax għall-għażla libera tal-kontraent, sakemm din l-għażla ma tkunx ibbażata fuq is-sess, ir-razza, l-oriġini etnika jew in-nazzjonalità.

[333] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(1)(a) u (ċ) tad-Direttiva 2000/78 jipprekludi tali dispożizzjoni nazzjonali li kellha l-effett li teskludi, abbażi tal-għażla libera tal-kontraent, mill-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet ir-rifjut, ibbażat fuq l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna, li jiġi konkluż jew imġedded kuntratt ma' din tal-aħħar li jkollu bħala suġġett it-twettiq, minn din il-persuna ta' ċerti prestazzjonijiet fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' attività indipendenti.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li t-termini "impjieg", "xogħol għal rasu" u "xogħol", li jinsabu fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 [334], għandhom jinftiehmu fis-sens wiesa'. Għalhekk, id-Direttiva 2000/78 hija intiża li tkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet professjonali, inklużi dawk imwettqa minn ħaddiema indipendenti sabiex jiżguraw is-sussistenza tagħhom. Madankollu, għandha ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u dawk li jikkonsistu f'sempliċi provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi lil destinatarju wieħed jew iktar, li ma jaqgħux f'dan il-kamp ta' applikazzjoni.

Għaldaqstant, sabiex attivitajiet professjonali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, dawn l-attivitajiet għandhom ikunu reali u għandhom jiġu eżerċitati fil-kuntest ta' relazzjoni legali kkaratterizzata minn ċerta stabbiltà, punt dan li kellu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-attività eżerċitata minn J. K.

Issa, peress li din tal-aħħar kienet tikkostitwixxi attività professjonali reali u effettiva, eżerċitata personalment, b'mod regolari, għall-benefiċċju tal-istess destinatarju u kienet tippermetti lil J. K. jaċċedi, kompletament jew parzjalment, għal mezzi ta' għajxien, il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ta' aċċess għal tali attività kinux jaqgħu taħt l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 ma kinitx tiddependi mill-klassifikazzjoni ta' din l-attività bħala attività ta' "persuna impjegata" jew bħala attività ta' "persuna li taħdem għal rasha".

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sabiex persuna tkun tista' teżerċita l-attività professjonali tagħha b'mod effettiv, il-konklużjoni ta' kuntratt għal xogħlijiet tikkostitwixxi ċirkustanza li l-eżistenza tagħha tista' tkun imperattiva. Konsegwentement, il-kunċett ta' "kundizzjonijiet ta' aċċess" għall-attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha [335] jista' jinkludi l-konklużjoni ta' tali kuntratt, u r-rifjut li dan il-kuntratt jiġi konkluż għal raġunijiet marbuta mal-orjentazzjoni sesswali tal-kontraent jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 [336], il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fid-dawl tal-għan ta' din id-direttiva, il-kunċett ta' "kundizzjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jkopri, f'sens wiesa', il-kundizzjonijiet applikabbli għal kull forma ta' attività bħala persuna impjegata u bħala persuna li taħdem għal rasha, tkun xi tkun il-forma ġuridika li taħtha hija eżerċitata.

---

334 Skont l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78, "[f]il-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda il-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji ta' għażla u l-kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluża l-promozzjoni".

335 Fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78.

336 Skont l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78, din hija applikabbli f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga.

Konsegwentement, il-fatt li J. K. ma seta' jeżerċita ebda wieħed mill-perijodi ta' servizz previsti mill-kuntratt għal xogħlijiet jidher li kien jikkostitwixxi waqfien involontarju ta' attività bħala ħaddiem li jaħdem għal rasu li seta' jiġi assimilat ma' tkeċċija ta' ħaddiem impjegat, punt dan li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni ta' TP li ma ġġeddidx il-kuntratt għal xogħlijiet ma' J. K., fil-fehma tiegħu minħabba l-orjentazzjoni sesswali tiegħu, u li b'hekk ittemm ir-relazzjoni professjonali eżistenti bejniethom, kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li jekk jiġi aċċettat li l-libertà li jiġi konkluż kuntratt tippermetti li jiġi rrifjutat li jiġi konkluż kuntratt ma' persuna minħabba l-orjentazzjoni sesswali ta' din tal-aħħar, l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 jiġi mċaħħad mill-effett utli tiegħu sa fejn din id-dispożizzjoni tipprojbixxi preċiżament kull diskriminazzjoni bbażata fuq tali raġuni fir-rigward tal-aċċess għall-attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha.

Għalhekk, sa fejn il-libertà ta' intrapriża ma tikkostitwixxix prerogattiva assoluta, id-dispożizzjoni tad-dritt Pollakk inkwistjoni, li ma tinkludix l-orjentazzjoni sesswali fost l-eċċezzjonijiet għal-libertà tal-għażla ta' kontraent, ma tistax tiġġustifika, f'dan il-każ, esklużjoni mill-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet, mogħtija mid-Direttiva 2000/78, meta din l-esklużjoni ma tkunx neċessarja, konformement mal-Artikolu 2(5) ta' din id-direttiva, għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-oħrajn, f'soċjetà demokratika.

## 2. Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol

### Sentenza tat-28 ta' Novembru 2023 (Awla Manja), Commune d'Ans (C-148/22, EU:C:2023:924)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Ħolqien ta' qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol – Projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin – Settur pubbliku – Regolament tax-xogħol ta' amministrazzjoni pubblika li jipprojbixxu l-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol – Velu Iżlamiku – Rekwiżit ta' newtralità fil-kuntatti mal-pubbliku, mal-ġerarkija u mal-kollegi"*

OP ilha mill-11 ta' Ottubru 2016 tokkupa l-pożizzjoni ta' "kap tal-uffiċċju" fil-Komun ta' Ans (il-Belġju), funzjoni li hija teżerċita prinċipalment mingħajr kuntatt mal-utenti tas-servizz pubbliku.

Fit-8 ta' Frar 2021, hija talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tilbes il-velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol tagħha. Din it-talba ġiet provviżorjament miċħuda mill-persuna li timpjegaha.

Sussegwentement, il-kunsill komunali emenda r-regolament tax-xogħol tal-Komun ta' Ans billi inkluda obbligu ta' "newtralità esklużiva" fuq il-post tax-xogħol, mifhum bħala li jipprojbixxi lill-ħaddiema kollha tiegħu milli jilbsu, fuq dan il-post, kwalunkwe simbolu viżibbli li jista' jiżvela t-twemmin tagħhom, b'mod partikolari reliġjuż jew filosofiku, kemm jekk ikunu f'kuntatt mal-pubbliku u kemm jekk le.

Peress li qieset li kienet is-suġġett ta' diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon tagħha, OP ressqet azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni quddiem it-tribunal du travail de Liège (il-Qorti Industrijali ta' Liège, il-Belġju).

Skont dik il-qorti, il-projbizzjoni tal-ilbies tal-velu Iżlamiku, imposta fuq OP mill-persuna li timpjegaha skont ir-regolament tax-xogħol, kienet toħloq differenza fit-trattament li tikkostitwixxi diskriminazzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2000/78 [337]. Fid-dawl tad-dubji li hija kellha dwar il-konformità ma' din id-direttiva tad-dispożizzjoni tar-regolament tax-xogħol inkwistjoni, l-imsemmija qorti ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li regola interna ta' amministrazzjoni komunali li tipprojbixxi, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, lill-membri tal-persunal ta' din l-amministrazzjoni milli jilbsu b'mod viżibbli, fuq il-post tax-xogħol, kwalunkwe simbolu li jiżvela, b'mod partikolari, twemmin filosofiku jew reliġjuż, tista' tiġi ġġustifikata mir-rieda tal-imsemmija amministrazzjoni li tistabbilixxi ambjent amministrattiv totalment newtrali sakemm din ir-regola tkun adatta, neċessarja u proporzjonata fir-rigward ta' dan il-kuntest u fid-dawl tad-diversi drittijiet u interessi inkwistjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Wara li warrbet, abbażi tal-punti ta' fatt imressqa mill-qorti tar-rinviju, l-ipoteżi ta' diskriminazzjoni diretta, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li regola interna stabbilita minn persuna li timpjega, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, setgħet tikkostitwixxi differenza fit-trattament ibbażata indirettament fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, jekk jiġi stabbilit li l-obbligu ta' dehra newtrali inkluż f'din ir-regola jwassal, fil-fatt, għal żvantaġġ partikolari għall-persuni li jaderixxu ma' reliġjon jew li jkollhom twemmin partikolari.

Tali differenza fit-trattament ma tikkostitwixxix madankollu diskriminazzjoni indiretta, skont l-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78, jekk tkun iġġustifikata oġġettivament minn għan leġittimu u jekk il-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu xierqa u neċessarji.

Fl-ewwel lok, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dispożizzjoni ta' regolament tax-xogħol ta' amministrazzjoni pubblika, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, tista' titqies li jkollha għan leġittimu, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fil-fatt, fl-assenza ta' qbil fil-livell tal-Unjoni Ewropea, kull Stat Membru, inkluż, jekk ikun il-każ, l-entitajiet infrastatali tiegħu, b'osservanza tal-kompetenzi li huma rrikonoxxuti lilhom, għandu jingħata setgħa ta' evalwazzjoni fil-kunċett tan-newtralità tas-servizz pubbliku li huwa jkun jixtieq jippromwovi fuq il-post tax-xogħol. Din is-setgħa ta' evalwazzjoni tippermetti lill-Istati Membri u lil dawn l-entitajiet infrastatali jieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest tagħhom stess, fid-dawl tad-diversità tal-approċċi tagħhom fir-rigward tal-post li huma jkollhom l-intenzjoni jagħtu, fi ħdanhom, lir-reliġjon jew lit-twemmin filosofiku fis-settur pubbliku. Madankollu, il-qrati nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jivverifikaw jekk il-miżuri nazzjonali, reġjonali jew lokali meħuda jkunux iġġustifikati bħala prinċipju u jekk ikunux proporzjonati.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-dispożizzjoni tar-regolamenti tax-xogħol kellha tkun adatta sabiex tiżgura l-applikazzjoni tajba tal-għan imfittex mill-persuna li timpjega. F'dan ir-rigward, qabel kollox, il-qorti tar-rinviju kellha tivverifika jekk il-Komun ta' Ans kienx qiegħed isegwi l-għan ta' "newtralità esklużiva" b'mod verament koerenti u sistematiku fir-rigward tal-ħaddiema kollha.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-għan leġittimu li jikkonsisti f'li jiġi żgurat, permezz ta' tali politika ta' "newtralità esklużiva", ambjent amministrattiv totalment newtrali jista'

[337] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

jintlaħaq b'mod effettiv biss jekk ebda manifestazzjoni viżibbli ta' twemmin, b'mod partikolari filosofiku jew reliġjuż, ma tiġi ammessa meta l-ħaddiema jkunu f'kuntatt mal-utenti tas-servizz pubbliku jew ikunu f'kuntatt bejniethom. Fil-fatt, l-użu ta' kull sinjal, anki ta' daqs żgħir, jikkomprometti l-kapaċità tal-miżura li tilħaq l-għan allegatament imfittex u għalhekk jimmina l-koerenza stess ta' din il-politika.

Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju kellha twettaq, fid-dawl tal-elementi karatteristiċi kollha tal-kuntest li fih ġiet adottata din ir-regola, ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni billi ħadet inkunsiderazzjoni, minn naħa, id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali inkwistjoni, u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' newtralità intiż li jiggarantixxi lill-utenti u lill-persunal tal-amministrazzjoni pubblika ambjent amministrattiv mingħajr manifestazzjonijiet viżibbli ta' twemmin, b'mod partikolari filosofiku jew reliġjuż.

### Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2023, AP Assistenzprofis (C-518/22, EU:C:2023:956)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Artikolu 2(5) – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà – Artikolu 19 – Awtonomija tal-ħajja u inklużjoni fis-soċjetà – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 26 – Integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni b'diżabbiltà – Servizz ta' assistenza personali għall-persuni b'diżabbiltà – Offerta ta' impjieg li tinkludi l-indikazzjoni ta' età minima u ta' età massima tal-persuna mfittxija – Teħid inkunsiderazzjoni tax-xewqat u tal-interessi tal-persuna b'diżabbiltà – Ġustifikazzjoni"*

Matul ix-xahar ta' Lulju 2018, AP Assistenzprofis GmbH, kumpannija li tipprovdi servizzi ta' assistenza u ta' pariri lill-persuni b'diżabbiltà, ippubblikat offerta ta' impjieg li kienet tindika li A, studenta ta' 28 sena, kienet qiegħda tfittex assistenti personali tas-sess femminili sabiex jgħinuha fl-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum u li kellhom "ikollhom preferibbilment bejn 18 u 30 sena".

J.M.P., li twieldet fis-sena 1968, applikat għal din l-offerta u rċeviet risposta fin-negattiv min-naħa ta' AP Assistenzprofis.

Peress li qieset li kienet is-suġġett ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, J.M.P. ippreżentat rikors kontra AP Assistenzprofis quddiem l-Arbeitsgericht Köln (il-Qorti Industrijali ta' Köln, il-Ġermanja) għall-finijiet li tikseb kumpens għad-dannu li jirriżulta minn din id-diskriminazzjoni. Dik il-qorti laqgħet l-imsemmi rikors.

Wara sentenza tal-Landesarbeitsgericht Köln (il-Qorti Industrijali Superjuri ta' Köln, il-Ġermanja), li permezz tagħha ntlaqa' l-appell ippreżentat minn AP Assistenzprofis, J.M.P. ippreżentat rikors għal reviżjoni kontra dik is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja).

Peress li kellha dubji dwar il-ġustifikazzjoni, skont id-Direttiva 2000/78 [338], tad-diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-età li kienet sofriet J.M.P. u peress li xtaqet tikseb kjarifiki dwar il-konċiljazzjoni, fid-dawl tal-istess direttiva, tad-dritt għal protezzjoni effikaċi kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età mad-dritt tal-persuna b'diżabbiltà għal protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-

[338] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 4, p. 79).

diżabbiltà tagħha, din l-aħħar qorti ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li d-Direttiva 2000/78, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dwar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll fid-dawl tal-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà [339], bit-titolu "Għajxien indipendenti u inklużjoni fil-komunità", ma kinitx tipprekludi li r-reklutaġġ ta' persuna li tipprovdi assistenza personali jkun suġġett għal kundizzjoni ta' età, skont leġiżlazzjoni nazzjonali, jekk tali miżura tkun neċessarja għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat id-differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età inkwistjoni fil-kawża prinċipali sabiex tiddetermina jekk din kinitx iġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78 [340].

Qabel kollox, hija kkonstatat li din id-differenza fit-trattament kienet tirriżulta minn miżura prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali [341], skont l-imsemmi Artikolu 2(5).

Hija sussegwentement eżaminat jekk din il-miżura kinitx tfittex l-għan tal-"protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn", stabbilit minn din id-dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni riedet tilħaq għan intiż għall-protezzjoni tal-awtodeterminazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, billi tiggarantixxi d-dritt għall-espressjoni tax-xewqat u għall-għażla libera tal-imsemmija persuni meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-provvista ta' servizzi ta' assistenza personali u meta dawn is-servizzi jiġu pprovduti, peress li dawn is-servizzi jikkonċernaw l-oqsma kollha tal-ħajja u jestendu fil-fond fl-isfera privata u intima tal-persuni li jirċevuhom. Dan l-għan jaqa' taħt l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78.

Fil-fatt, dan id-dritt għall-espressjoni tax-xewqat u għall-għażla libera jikkonkretizza d-dritt għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà stabbilit fl-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Barra minn hekk, l-osservanza tal-awtodeterminazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà tikkostitwixxi għan stabbilit fl-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tan-NU, li d-dispożizzjonijiet tagħha jistgħu jiġu invokati għall-interpretazzjoni ta' dawk tad-Direttiva 2000/78.

---

339 Approvata f'isem l-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 (ĠU 2010, L 23, p. 35, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni tan-NU").

340 Skont din id-dispożizzjoni, id-Direttiva ma għandhiex tippreġudika l-miżuri previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għas-sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubbliku u għall-prevenzjoni ta' reati kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa kif ukoll għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor.

341 Dan huwa l-Artikolu 8(1) tas-Sozialgesetzbuch, Neuntes Buch (IX) (il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, Ktieb IX), tat-23 ta' Diċembru 2016 (BGBl. 2016 I, p. 3234, iktar 'il quddiem is-"SGB IX"), moqri flimkien mal-Artikolu 33 tas-Sozialgesetzbuch, Erstes Buch (I) (il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, Ktieb I), tal-11 ta' Diċembru 1975 (BGB1. 1975 I, p. 3015, iktar 'il quddiem is-"SGB I"), li jipprevedi li, waqt it-teħid ta' deċiżjoni li tikkonċerna l-provvista ta' servizzi ta' assistenza personali u waqt l-eżekuzzjoni tas-servizzi intiżi li jippromwovu l-parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-persuna b'diżabbiltà, għandhom ikunu rrispettati x-xewqat leġittimi tal-benefiċjarji ta' dawn servizzi, sa fejn dawn ikunu raġonevoli u filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali, l-età, is-sess, il-familja kif ukoll il-bżonnijiet reliġjużi u filosofiċi tal-imsemmija benefiċjarji.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat jekk id-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinitx tirriżulta minn miżura neċessarja għall-protezzjoni tal-imsemmi dritt għall-awtodeterminazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f'dan ir-rigward, li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-preferenza għal ċerta kategorija ta' età espressa mill-persuna b'diżabbiltà seta' jippromwovi r-rispett tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni ta' din il-persuna waqt il-provvista ta' servizzi ta' assistenza personali, sa fejn kien jidher raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tappartjeni għall-istess kategorija ta' età bħall-persuna b'diżabbiltà tintegra ruħha iktar faċilment fl-ambjent personali, soċjali u universitarju ta' din tal-aħħar.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, bla ħsara għall-verifiki li kellhom isiru mill-qorti tar-rinviju fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali, id-differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età f'dan il-każ kienet tirriżulta minn miżura neċessarja għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor, fis-sens tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78, u, konsegwentement, setgħet tiġi ġġustifikata fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni.

## 3. Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

### Sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, Sparkasse Südpfalz (C-206/22, EU:C:2023:984)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema – Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol – Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 7 – Dritt għal-leave annwali mħallas – Virus SARS-Cov-2 – Miżura ta' kwarantina – Impossibbiltà ta' trasferiment tal-leave annwali mħallas mogħti għal perijodu li jikkoinċidi ma' perijodu ta' kwarantina"*

TF, impjegat ta' Sparkasse Südpfalz sa mis-sena 2003, ħa leave annwali mħallas għall-perijodu ta' bejn it-3 u l-11 ta' Diċembru 2020.

Jum qabel il-bidu tal-imsemmi leave, l-awtorità kompetenti Ġermaniża ordnat, konformement mal-miżuri sanitarji nazzjonali intiżi li jiġi miġġieled it-tixrid tal-virus SARS-CoV-2, it-tqegħid taħt kwarantina ta' TF għall-perijodu mit-2 sal-11 ta' Diċembru 2020 minħabba li dan kien f'kuntatt ma' persuna infettata b'dan il-virus.

B'hekk, fl-4 ta' Marzu 2021, TF talab lill-persuna li timpjegah tittrasferixxi l-ġranet ta' leave annwali mħallas mogħtija għall-perijodu li kien jikkoinċidi mal-perijodu ta' tqegħid taħt kwarantina li għalih huwa kien suġġett.

Peress li dan it-trasferiment ġie rrifjutat, TF adixxa lill-Arbeitsgericht Ludwigshafen am Rhein (il-Qorti Industrijali ta' Ludwigshafen am Rhein, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju.

Fil-kuntest ta' din il-kawża, din tal-aħħar kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-ġurisprudenza tal-qrati Ġermaniżi, li tgħid li s-sempliċi tqegħid taħt kwarantina ma huwiex ekwivalenti għal inkapaċità għax-xogħol li tobbliga lill-persuna li timpjega tittrasferixxi l-jiem ta' leave mogħtija, mad-dritt għal-leave annwali mħallas iggarantit mid-dritt tal-Unjoni.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali prassi nazzjonali, li ma tippermettix it-trasferiment tal-jiem ta' leave annwali mħallas mogħtija lil ħaddiem li ma jkunx marid, li jikkoinċidu ma' perijodu ta' kwarantina, kienet kompatibbli mad-dritt għal-leave annwali mħallas stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kkonkretizzat fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 [342].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

L-ewwel nett, wara li fakkret l-iskop doppju tal-leave annwali mħallas, jiġifieri, minn naħa, li l-ħaddiem ikun jista' jistrieħ mit-twettiq tal-kompiti imposti fuqu skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu u, min-naħa l-oħra, li jkollu perijodu ta' serħan u ta' rikreazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-iskop tal-miżura ta' kwarantina, prevista mid-dritt Ġermaniż, kien differenti. Fil-fatt, din il-miżura kienet intiża li jiġi evitat it-tixrid ta' marda kontaġjuża permezz tal-iżolament tal-persuni li jkunu jistgħu jiżviluppaw is-sintomi tagħha.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li tali miżura kienet, bħall-okkorrenza ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard, avveniment imprevedibbli u indipendenti mir-rieda tal-persuna li tkun suġġetta għaliha.

Madankollu, ħaddiem li jkun taħt kwarantina minħabba li kellu kuntatt ma' persuna infettata bil-virus SARS-CoV-2, iżda li ma jkunx inkapaċi għax-xogħol b'ċertifikat mediku, jinsab f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' ħaddiem bil-leave tal-mard, li jbati minn restrizzjonijiet fiżiċi jew psikiċi kkawżati mill-mard. Għalhekk, l-iskop tat-tqegħid taħt kwarantina ma huwiex, bħala prinċipju, paragunabbli ma' dak ta' leave tal-mard. Għaldaqstant, perijodu ta' kwarantina ma jistax, fih innifsu, jostakola t-twettiq tal-iskopijiet tal-leave annwali mħallas.

It-tielet nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm il-kwarantina jista' jkollha effett fuq il-kundizzjonijiet li fihom ħaddiem jgħaddi l-ħin liberu tiegħu, dan ma jippreġudikax, fih innifsu, id-dritt ta' dan il-ħaddiem li jibbenefika b'mod effettiv mil-leave annwali mħallas tiegħu. Fil-fatt, matul dan il-perijodu ta' leave annwali, il-ħaddiem ma jista' jkun suġġett, min-naħa tal-persuna li timpjegah, għal ebda obbligu li jista' jimpedixxih milli b'mod liberu u mingħajr interruzzjonijiet jaqdi l-interessi tiegħu sabiex jinnewtralizza l-effetti tax-xogħol fuq is-sigurtà u s-saħħa tiegħu.

Għaldaqstant, il-persuna li timpjega ma tistax tkun obbligata tikkumpensa l-iżvantaġġi li jirriżultaw minn avveniment imprevedibbli, bħalma huwa tqegħid taħt kwarantina impost minn awtorità pubblika, li jipprekludi lill-impjegat tagħha milli jibbenefika b'mod sħiħ mid-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas. Fil-fatt, id-Direttiva 2003/88 ma hijiex intiża li kull avveniment, li jkun jista' jipprekludi lill-ħaddiem milli jgawdi perijodu ta' mistrieħ jew ta' rilassament bis-sħiħ u bil-mod li jixtieq, jiġġustifika li jingħatalu leave addizzjonali sabiex jiġi ggarantit l-iskop tal-leave annwali.

[342] Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

# XV. Protezzjoni tal-konsumaturi [343]

## 1. Klawżoli inġusti

### Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, D.V. (Onorarji tal-avukat – Prinċipju ta' tariffa fis-siegħa) (C-395/21, EU:C:2023:14)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur – Artikolu 4(2) – Evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali – Esklużjoni tal-klawżoli marbuta mas-suġġett prinċipali tal-kuntratt – Klawżola li tipprevedi l-ħlas ta' onorarji tal-avukat skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa – Artikolu 6(1) – Setgħat tal-qorti nazzjonali fil-preżenza ta' klawżola kkwalifikata bħala 'inġusta'"*

M.A., bħala konsumatur, ikkonkluda ħames kuntratti għall-provvista ta' servizzi legali ma' D.V., avukat. Kull wieħed minn dawn il-kuntratti kien jipprevedi li l-onorarji tal-avukat kellhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' rata fis-siegħa, stabbilita għal EUR 100 għall-konsultazzjonijiet jew għas-servizzi legali pprovduti lil M.A.

Peress li ma rċeviex l-onorarji kollha mitluba, D.V. ippreżenta rikors quddiem il-qorti tal-ewwel istanza intiż li M.A. jiġi kkundannat iħallas l-onorarji dovuti fir-rigward tas-servizzi legali mwettqa. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet parzjalment it-talba ta' D.V, filwaqt madankollu li kkonstatat in-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali dwar il-prezzijiet tas-servizzi pprovduti, u naqqset bin-nofs l-onorarji mitluba. Peress li din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-qorti tal-appell, D.V. ippreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem il-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Qorti Suprema tal-Litwanja).

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn din il-qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 [344]. Fis-sentenza tagħha, hija ffokat b'mod partikolari fuq ir-rekwiżit ta' trasparenza tal-klawżoli li kienu jirrigwardaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratti għall-provvista ta' servizzi legali u l-effetti tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola li ffissat il-prezz ta' dawn is-servizzi.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li klawżola ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur li tiffissa l-prezz tas-servizzi pprovduti skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa taqa' taħt il-"kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt" skont id-Direttiva 93/13 [345].

Sussegwentement, wara li eżaminat jekk din il-klawżola, li kienet tinkludi biss ir-rata fis-siegħa applikata, kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' redazzjoni ċara u li tinftiehem [346], il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat

---

[343] F'din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll is-sentenzi segwenti: is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2023, ***UFC – Que choisir u CLCV*** (C-407/21, EU:C:2023:449), ippreżentata fit-Taqsima X.5, "Vjaġġi, vaganzi u pakketti tal-ivvjaġġar"; is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2023, ***Green Network (Ordni ta' rimbors ta' spejjeż)*** (C-5/22, EU:C:2023:273), ippreżentata fit-Taqsima XVI, "Enerġija".

[344] B'mod partikolari, tal-Artikolu 3(1), tal-Artikolu 4(2), tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

[345] Fis-sens tal-Artikolu 4(2) tagħha.

li, fid-dawl tan-natura tas-servizzi li kienu s-suġġett ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali, ikun ta' spiss diffiċli, jekk mhux impossibbli, għall-bejjiegħ jew fornitur li jipprevedi, sa mill-konklużjoni tal-kuntratt, in-numru eżatt ta' sigħat neċessarji sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt u, għalhekk, l-ispiża totali effettiva tas-servizzi tiegħu. Madankollu, anki jekk ma jkunx jista' jiġi mistenni minn bejjiegħ jew fornitur li jinforma lill-konsumatur dwar il-konsegwenzi finanzjarji finali tal-impenn tiegħu, li jiddependu fuq avvenimenti futuri, imprevedibbli u indipendenti mir-rieda ta' dan il-bejjiegħ jew fornitur, dan tal-aħħar għandu jikkomunika lill-konsumatur, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, l-informazzjoni li tippermettilu jieħu d-deċiżjoni tiegħu bi prudenza u b'għarfien sħiħ tal-possibbiltà li jseħħu tali avvenimenti u dwar il-konsegwenzi li jistgħu jwasslu għalihom fir-rigward tat-tul tal-provvista ta' servizzi legali.

Din l-informazzjoni, li tista' tvarja skont, minn naħa, l-għan u n-natura tas-servizzi previsti u, min-naħa l-oħra, ir-regoli professjonali u deontoloġiċi applikabbli, għandha tinkludi indikazzjonijiet li jippermettu lill-konsumatur jevalwa l-ispiża totali approssimattiva ta' dawn is-servizzi. Stima tan-numru prevedibbli jew minimu ta' sigħat ta' xogħol meħtieġa jew impenn li jintbagħtu, f'intervalli raġonevoli, fatturi jew rapporti perjodiċi li jindikaw in-numru ta' sigħat ta' xogħol imwettqa jistgħu jikkostitwixxu tali indikazzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li kienet il-qorti nazzjonali li kellha tevalwa, billi tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-kunsiderazzjonijiet u l-elementi rilevanti kollha li jirrigwardaw il-konklużjoni tal-kuntratt ikkonċernat, jekk il-bejjiegħ jew fornitur kienx ikkomunika lill-konsumatur l-informazzjoni prekuntrattwali xierqa.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li klawżola li tiffissa l-prezz skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa mingħajr ma tiġi kkomunikata lill-konsumatur, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, informazzjoni li tippermettilu jieħu d-deċiżjoni tiegħu bi prudenza u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi ekonomiċi li ġġib magħha l-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' redazzjoni ċara u li tinftiehem.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt konkluż ma' konsumatur għandha tkun ibbażata, bħala prinċipju, fuq evalwazzjoni globali li ma tiħux inkunsiderazzjoni biss l-eventwali nuqqas ta' trasparenza ta' din il-klawżola. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni għall-konsumaturi [347].

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li klawżola ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali li tistabbilixxi, skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa, il-prezz ta' dawn is-servizzi u li taqa', għaldaqstant, taħt is-suġġett prinċipali ta' dan il-kuntratt, ma għandhiex titqies li tkun inġusta [348]

---

[346] Rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13.

[347] Konformement mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13.

[348] Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13.

minħabba s-sempliċi fatt li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta’ trasparenza, ħlief jekk l-Istat Membru li d-dritt nazzjonali tiegħu japplika għall-kuntratt inkwistjoni jkun ippreveda espressament, bħal f’dan il-każ, li l-klassifikazzjoni bħala “klawżola inġusta” tirriżulta minn dan il-fatt biss.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-konsegwenzi tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta’ klawżola dwar il-prezz, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-qorti nazzjonali hija obbligata teskludi l-applikazzjoni ta’ din il-klawżola, sakemm il-konsumatur ma jopponix dan.

Hija ppreċiżat li, meta, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern, kuntratt għall-provvista ta’ servizzi legali ma jkunx jista’ jibqa’ fis-seħħ wara t-tneħħija tal-klawżola inġusta relatata mal-prezz u meta dawn is-servizzi jkunu ġew ipprovduti, id-Direttiva 93/13 [349] ma tipprekludix l-invalidazzjoni ta’ dan il-kuntratt u lanqas li l-qorti nazzjonali terġa’ tistabbilixxi s-sitwazzjoni li fiha kien ikun jinsab il-konsumatur fl-assenza ta’ din il-klawżola, anki jekk dan iwassal sabiex il-bejjiegħ jew il-fornitur ma jirċievi ebda remunerazzjoni għas-servizzi tiegħu.

Fir-rigward tal-konsegwenzi għall-konsumatur li jista’ jwassal għalihom l-annullament tal-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha fis-sens li, fir-rigward ta’ kuntratt ta’ self, l-annullament ta’ tali kuntratt kollu kemm hu jirrendi bħala prinċipju immedjatament eżiġibbli l-ammont tas-self dovut fi proporzjonijiet li jirriskjaw li jaqbżu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-konsumatur u jista’ jwassal għal konsegwenzi partikolarment dannużi għalih [350]. Madankollu, in-natura partikolarment dannuża tal-annullament ta’ kuntratt ma tistax tiġi ridotta biss għall-konsegwenzi ta’ natura purament pekunjarja.

Fil-fatt, ma huwiex eskluż li l-annullament ta’ kuntratt li jirrigwarda l-provvista ta’ servizzi legali li diġà jkunu ġew ipprovduti jista’ jqiegħed lill-konsumatur f’sitwazzjoni ta’ inċertezza legali, b’mod partikolari fil-każ fejn id-dritt nazzjonali jippermetti lill-bejjiegħ jew lill-fornitur jitlob remunerazzjoni għal dawn is-servizzi fuq bażi differenti minn dik tal-kuntratt annullat. Barra minn hekk, l-invalidità tal-kuntratt jista’ eventwalment ikollha effett fuq il-validità u l-effikaċja tal-atti mwettqa bis-saħħa tiegħu.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-każ li l-invalidazzjoni tal-kuntratt fl-intier tiegħu tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi, punt dan li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, id-Direttiva 93/13 [351] ma tipprekludix li l-qorti nazzjonali tirrimedja għan-nullità tal-klawżola inġusta billi tissostitwixxiha b’dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta’ natura supplenti jew applikabbli fil-każ ta’ ftehim tal-partijiet fl-imsemmi kuntratt. Għall-kuntrarju, din id-direttiva tipprekludi li l-qorti nazzjonali tissostitwixxi l-klawżola inġusta annullata bi stima ġudizzjarja tal-livell tar-remunerazzjoni dovuta għall-imsemmija servizzi.

### Sentenza tad-9 ta’ Novembru 2023, Všeobecná úverová banka (C-598/21, EU:C:2023:845)

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kuntratt ta’ kreditu għall-konsum – Direttiva 93/13/KEE – Artikolu 1(2) – Klawżola li tirrifletti dispożizzjoni leġiżlattiva imperattiva – Artikolu 3(1), Artikolu 4(1), Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) – Klawżola ta’ skadenza antiċipata tat-*

---

[349] Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13.

[350] Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta’ Marzu 2020, ***Gómez del Moral Guasch*** (C-125/18, EU:C:2020:138, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[351] Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13.

*terminu – Stħarriġ ġudizzjarju – Proporzjonalità fid-dawl tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kuntrattwali tal-konsumatur – Artikoli 7 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Kuntratt iggarantit permezz ta' garanzija fuq proprjetà immobbli – Bejgħ ekstraġudizzjarju tad-dar tal-konsumatur"*

SP u CI, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ikkonkludew kreditu għall-konsum rimborsabbli fuq perijodu ta' 20 sena u ggarantit permezz ta' garanzija immobiljari, jiġifieri d-dar tal-familja li fiha huma kellhom id-domiċilju tagħhom.

Inqas minn sena wara l-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, peress li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu inadempjenti fil-ħlas, il-persuna li ssellef eżiġiet ir-rimbors tas-somom kollha dovuti skont il-kuntratt ta' kreditu, abbażi ta' klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu inkluża f'dan il-kuntratt. Sussegwentement hija pproċediet bl-eżekuzzjoni tal-garanzija tagħha permezz tal-bejgħ b'irkant ekstraġudizzjarju tal-proprjetà immobbli mogħtija bħala garanzija.

Adita mir-rikorrenti b'talba għas-sospensjoni ta' dan il-bejgħ, l-Okresný súd Prešov (il-Qorti Distrettwali ta' Prešov, is-Slovakkja) ċaħdet it-talba tagħhom permezz tal-ewwel sentenza, li hija sussegwentement ikkonfermat, fuq rinviju, minkejja l-annullament tagħha mill-Krajský súd v Prešove (il-Qorti Reġjonali ta' Prešov, is-Slovakkja). Ir-rikorrenti appellaw minn din it-tieni sentenza quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Prešov, il-qorti tar-rinviju. Skont din tal-aħħar, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tawtorizza l-eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' garanzija immobiljari permezz ta' bejgħ bl-irkant tal-proprjetà li kienet tikkostitwixxi r-residenza tal-konsumaturi setgħet tmur kontra d-Direttiva 93/13 kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 [352] u, b'mod iktar partikolari, fuq il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta ta' klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu li tinsab f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum, meta din il-klawżola tippermetti l-bejgħ ekstraġudizzjarju tar-residenza tal-familja tal-konsumatur.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu li tippermetti lill-kreditur jitlob ir-rimbors antiċipat tas-somma kollha li tkun għadha dovuta fil-każ tan-nuqqas mid-debitur li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13. Għalhekk, hija enfasizzat li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, din il-klawżola ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala "klawżola li tirrifletti dispożizzjonijiet mandatorji statutorji jew regolatorji", fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, għalkemm din l-istess klawżola tirrepeti ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali [353], dawn ma humiex imperattivi u ma jissodisfawx it-tieni kundizzjoni meħtieġa minn dan l-Artikolu 1(2) sabiex tiġi applikata l-esklużjoni prevista fih.

Fit-tieni lok, wara li fakkret ir-regoli ġenerali li jirregolaw l-istħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-kriterji li fid-dawl tagħhom il-qorti nazzjonali tista' tidentifika n-natura eventwalment inġusta ta' klawżola ta' kuntratt ta' self ipotekarju għal żmien twil li tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom il-kreditur ikun awtorizzat jeżiġi r-rimbors antiċipat tiegħu, bħalma hija l-klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu.

---

[352] Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

[353] F'dan il-każ, l-Artikolu 53(9) u l-Artikolu 565 tal-Kodiċi Ċivili Slovakk.

Għalhekk, waqt din l-evalwazzjoni, il-kwistjoni dwar, l-ewwel, jekk il-possibbiltà tal-bejjiegħ jew fornitur li jiddikjara eżiġibbli t-totalità tas-self tiddependix min-nuqqas ta' eżekuzzjoni mill-konsumatur ta' obbligu li jkun ta' natura essenzjali fil-kuntest tar-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni u, it-tieni, jekk din il-possibbiltà tkunx prevista għall-każijiet li fihom tali nuqqas ta' eżekuzzjoni jkun ta' natura suffiċjentement serja meta mqabbla mat-tul u mal-ammont tas-self, hija importanti. It-tielet, huwa importanti wkoll li jiġi stabbilit jekk il-possibbiltà tal-bejjiegħ jew fornitur tidderogax mir-regoli tad-dritt ordinarju applikabbli fil-qasam fl-assenza ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali speċifiċi u, ir-raba', jekk id-dritt nazzjonali jipprevedix mezzi adegwati u effikaċi li jippermettu lill-konsumatur suġġett għall-applikazzjoni ta' tali klawżola jirrimedja l-effetti tal-eżiġibbiltà tas-self.

Għaldaqstant, meta tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu, il-qorti nazzjonali kellha b'mod partikolari teżamina n-natura proporzjonata tal-possibbiltà mogħtija lill-kreditur li jeżiġi, skont din il-klawżola, is-somom kollha dovuti fid-dawl tal-kuntratt. Għaldaqstant, dik il-qorti kellha tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari sa fejn il-konsumatur ikun naqas milli jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu, bħalma huwa l-ammont tal-pagamenti mensili li ma kinux ġew onorati meta mqabbla mal-ammont totali tal-kreditu u mat-tul tal-kuntratt.

Madankollu, il-kriterji msemmija preċedentement la huma kumulattivi jew alternattivi u lanqas ma huma eżawrjenti. Għalhekk, minn naħa, fl-istħarriġ ġudizzjarju tan-natura proporzjonata tal-klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu, jistgħu jiżdiedu kriterji addizzjonali, bħalma huma l-eventwali żbilanċ kuntrattwali maħluq mill-klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu u ċ-ċirkustanza li l-implimentazzjoni tagħha tista', jekk ikun il-każ, twassal għall-irkupru mill-kreditur tas-somom dovuti abbażi tal-kuntratt permezz tal-bejgħ tar-residenza tal-familja tal-konsumatur mingħajr ebda proċess ġudizzjarju. Min-naħa l-oħra, fl-evalwazzjoni tagħha tal-mezzi li jippermettu lill-konsumatur jirrimedja l-effetti tal-eżiġibbiltà tas-self, il-qorti nazzjonali kellha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tad-dritt fundamentali għar-residenza [354], il-konsegwenzi li ġġib magħha t-tkeċċija tal-konsumatur u tal-familja tiegħu mill-akkomodazzjoni li tikkostitwixxi r-residenza prinċipali tagħhom. Għaldaqstant, b'applikazzjoni ta' dawn il-kriterji u billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li fihom ġie konkluż il-kuntratt, il-qorti nazzjonali setgħet tikkonkludi li l-klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu tkunx inġusta meta tikkonstata li l-bejjiegħ jew fornitur seta', skont din il-klawżola, jeżerċita d-dritt tiegħu li jitlob ir-rimbors antiċipat tal-bilanċ li jkun għadu dovut abbażi tas-self mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-importanza tan-nuqqas tal-konsumatur meta mqabbel mal-ammont mogħti u mat-tul tas-self.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet u ddeċidiet li d-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-Karta [355], tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-istħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta ta' klawżola ta' skadenza antiċipata tat-terminu li tinsab f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum ma jiħux inkunsiderazzjoni n-natura proporzjonata tal-possibbiltà mogħtija lill-bejjiegħ jew fornitur li jeżerċita d-dritt li huwa jislet minn din il-klawżola, fid-dawl ta' kriterji speċifiċi. Fost dawn tal-aħħar hemm kriterji marbuta b'mod partikolari ma' kemm huwa serju n-nuqqas ta' twettiq mill-konsumatur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, bħall-ammont tal-pagamenti mensili li huwa jkun għadu ma ħallasx meta mqabbel mal-ammont totali tal-kreditu u mat-tul tal-kuntratt, kif ukoll mal-possibbiltà li l-infurzar ta' din il-klawżola jwassal sabiex il-bejjiegħ jew fornitur ikun jista' jipproċedi għall-irkupru tas-somom dovuti skont l-imsemmija klawżola permezz tal-bejgħ, mingħajr ebda proċess ġudizzjarju, tar-residenza tal-familja tal-konsumatur.

---

[354] Ara l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

[355] Artikoli 7 u 38 tal-Karta.

## 2. Dritt ta' rtirar tal-kuntratti mill-bogħod

**Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), BMW Bank *et* (C-38/21, C-47/21 u C-232/21, EU:C:2023:1014)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Kuntratt ta' leasing li jirrigwarda vettura bil-mutur mingħajr obbligu ta' xiri – Direttiva 2008/48/KE – Artikolu 2(2)(d) – Kunċett ta' kuntratt ta' leasing mingħajr obbligu ta' xiri tas-suġġett tal-kuntratt – Direttiva 2002/65/KE – Artikolu 1(1) u Artikolu 2(b) – Kunċett ta' kuntratt ta' servizzi finanzjarji – Direttiva 2011/83/UE – Il-punt 6 tal-Artikolu 2 u Artikolu 3(1) – Kunċett ta' kuntratt ta' servizz – Il-punt 7 tal-Artikolu 2 – Kunċett ta' kuntratt mill-bogħod –– Il-punt 8 tal-Artikolu 2 – Kunċett ta' kuntratt lil hinn mill-post tan-negozju – Artikolu 16(l) – Eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar fir-rigward ta' provvista ta' servizzi ta' kiri ta' vetturi – Kuntratt ta' kreditu intiż għax-xiri ta' vettura bil-mutur – Direttiva 2008/48 – Artikolu 10(2) – Rekwiżiti dwar l-informazzjoni li għandha tissemma fil-kuntratt – Preżunzjoni ta' osservanza tal-obbligu ta' informazzjoni fil-każ ta' użu ta' mudell regolatorju ta' informazzjoni – Assenza ta' effett dirett orizzontali ta' direttiva – Artikolu 14(1) – Dritt ta' rtirar – Bidu tat-terminu għall-irtirar fil-każ ta' informazzjoni inkompleta jew imprecizà – Natura abbużiva tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar – Dekadenza tad-dritt ta' rtirar – Obbligu ta' restituzzjoni minn qabel tal-vettura fil-każ tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar fir-rigward ta' kuntratt ta' kreditu konness"*

It-tliet kawżi magħquda waqgħu fil-kuntest ta' diversi tilwimiet bejn konsumaturi u istituzzjonijiet finanzjarji marbuta ma' konċessjonarji ta' vetturi bil-mutur, li kienu jikkonċernaw il-validità tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar tagħhom li kien jirrigwarda, rispettivament, kuntratt ta' leasing dwar vettura bil-mutur mingħajr obbligu ta' xiri (Kawża C-38/21) u diversi kuntratti ta' kreditu intiżi għall-finanzjament tax-xiri ta' vetturi bil-mutur użati (Kawżi C-47/21 u C-232/21).

Fil-Kawża C-38/21, VK mar fil-bini ta' konċessjonarju tal-vetturi bil-mutur BMW fejn impjegat tiegħu, li aġixxa bħala intermedjarju tal-kreditu għal BMW Bank GmbH, offra lil VK vettura bil-mutur b'leasing u ppreżenta l-elementi differenti ta' dan it-tip ta' kuntratt, bħat-tul u l-pagamenti mensili. F'Novembru 2018, VK, b'mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, ikkonkluda kuntratt ta' leasing ma' BMW Bank fir-rigward ta' vettura bil-mutur għal użu privat. Skont dan il-kuntratt, konkluż għal 24 xahar u li kien ibbażat fuq għoti ta' self minn BMW Bank, VK ma kienx obbligat jixtri l-vettura fl-iskadenza tal-perijodu kuntrattwali. Fil-25 ta' Ġunju 2019, VK indika li xtaq jirtira mill-kuntratt ta' leasing. Fil-fatt, huwa qies li t-terminu għall-irtirar ta' erbatax-il jum previst mid-dritt nazzjonali kien għadu ma bediex jiddekorri, minħabba n-natura insuffiċjenti u illeġibbli tal-informazzjoni li kien imissha ġiet ipprovduta lilu skont dan id-dritt.

Fil-Kawżi C-47/21 u C-232/21, diversi konsumaturi kkonkludew kuntratti ta' self għax-xiri ta' vetturi użati għall-finijiet ta' użu privat. Waqt il-preparazzjoni u l-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti, il-konċessjonarji tal-vetturi bil-mutur li mingħandhom inxtraw il-vetturi aġixxew bħala intermedjarji ta' C. Bank AG (Kawża C-47/21) kif ukoll ta' Volkswagen Bank GmbH u ta' Audi Bank (Kawża C-232/21). Sussegwentement, dawn il-konsumaturi rtiraw mill-kuntratti ta' self konklużi, filwaqt li talbu essenzjalment ir-rimbors tal-pagamenti mensili mħallsa sad-data tal-irtirar. Fil-fehma tagħhom, it-terminu għall-irtirar ta' erbatax-il jum previst mid-dritt nazzjonali kien għadu ma bediex jiddekorri peress li l-informazzjoni dwar id-dritt ta' rtirar kif ukoll l-informazzjoni obbligatorja l-oħra ma kinitx ġiet debitament trażmessa lilhom.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat, fil-kuntest ta' kuntratt ta' leasing ta' vettura bil-mutur mingħajr obbligu ta' xiri għall-konsumatur, il-kamp

ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2002/65 [356], 2008/48 [357] u 2011/83 [358] fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll il-portata tal-kunċetti ta' "kuntratt ta' servizz", ta' "kuntratt mill-bogħod" u ta' "kuntratt lil hinn mill-post tan-negozju", fis-sens ta' din l-aħħar direttiva. Barra minn hekk, hija tat deċiżjoni, fil-kuntest ta' kuntratti ta' kreditu, dwar diversi aspetti tal-obbligu impost fuq il-kredituri, skont id-Direttiva 2008/48, li jipprovdu lill-konsumaturi informazzjoni dwar, b'mod partikolari, id-dritt ta' rtirar kif ukoll il-konsegwenzi tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni żbaljata jew inkompleta dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat, dejjem f'dan il-kuntest u taħt l-istess direttiva, il-kwistjoni tal-eżerċizzju abbużiv mill-konsumatur tad-dritt ta' rtirar u dik tad-dekadenza ta' dan l-istess dritt.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat in-natura ta' kuntratt ta' leasing dwar vettura bil-mutur mingħajr obbligu ta' xiri għall-konsumatur, fid-dawl tad-Direttivi 2002/65, 2008/48 u 2011/83.

Fir-rigward, l-ewwel nett, tad-Direttiva 2011/83, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet u ddeċidiet li kuntratt ta' leasing ta' vettura bil-mutur, ikkaratterizzat mill-fatt li la dan il-kuntratt u lanqas kuntratt separat ma kienu jipprevedu li l-konsumatur kien obbligat jixtri l-vettura mal-iskadenza tal-kuntratt, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva bħala "kuntratt ta' servizz", fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 2 tagħha [359]. Fil-fatt, dan il-kunċett huwa ddefinit b'mod wiesa' u għandu jinftiehem fis-sens li jinkludi l-kuntratti kollha li ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "kuntratti ta' bejgħ", previst f'din l-istess direttiva [360]. Fil-każ ineżami, kuntratt ta' leasing li permezz tiegħu kummerċjant kien jintrabat li jqiegħed vettura għad-dispożizzjoni ta' konsumatur b'korrispettiv ta' ħlasijiet bin-nifs mingħajr obbligu ta' xiri tal-imsemmija vettura fi tmiem il-leasing, ma kienx jaqa' taħt dan l-aħħar kunċett, peress li ma kienx jipprevedi t-trasferiment tas-sjieda tal-vettura lill-konsumatur. Tali kuntratt ta' leasing lanqas ma kien jaqa' taħt il-lista ta' kuntratti esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/83 [361].

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali kuntratt ma kienx jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48. Fil-fatt, għalkemm kien jaqa' tabilħaqq taħt il-kunċett ta' "leasing" previst minn din id-direttiva [362], madankollu kien espressament eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha peress li ma kien marbut ma' ebda obbligu, għall-konsumatur, li jixtri l-oġġett tal-kuntratt fi tmiemu.

---

356 Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 321, rettifika fil-ĠU 2013, L 228, p. 14).

357 Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifiki fil-ĠU 2009, L 207, p. 14, fil-ĠU 2010, L 199, p. 40, u fil-ĠU 2011, L 234, p. 46).

358 Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64).

359 Skont il-punt 6 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83, il-kunċett ta' "kuntratt ta' servizz" jikkorrispondi għal "kwalunkwe kuntratt li mhuwiex kuntratt ta' bejgħ li abbażi tiegħu l-kummerċjant iforni jew jimpenja ruħu li jforni servizz lill-konsumatur u l-konsumatur iħallas jew jimpenja ruħu li jħallas il-prezz ta' dan".

360 Skont il-punt 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83, il-"kuntratt ta' bejgħ" huwa ddefinit bħala "kwalunkwe kuntratt li permezz tiegħu l-kummerċjant jittrasferixxi jew jimpenja ruħu li jittrasferixxi l-proprjetà ta' oġġetti lil konsumatur u l-konsumatur iħallas jew jimpenja ruħu li jħallas il-prezz ta' dan, inkluż kwalunkwe kuntratt li għandu bħala l-oġġett tiegħu kemm l-oġġetti kif ukoll is-servizzi".

361 Kif previst fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/83.

362 Fis-sens tal-Artikolu 2(2)(d) tad-Direttiva 2008/48.

It-tielet nett, fir-rigward tad-Direttiva 2002/65, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li kuntratt ta' leasing li jirrigwarda vettura bil-mutur, ikkaratterizzat b'mod partikolari mill-fatt li la dan il-kuntratt u lanqas kuntratt separat ma jipprevedu li l-konsumatur ikun obbligat jixtri l-vettura mal-iskadenza tal-kuntratt, ma kienx jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, kuntratt għandu jkollu b'mod partikolari l-għan li jipprovdi "servizz finanzjarju" [363], bħalma huwa servizz li jirrigwarda l-kreditu. Għalkemm huwa minnu li kuntratt ta' leasing ta' vettura bil-mutur mingħajr obbligu ta' xiri jinkludi kemm element ta' kreditu kif ukoll element ta' kiri, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li tali kuntratt ma kienx essenzjalment differenti minn kuntratt ta' kiri ta' vettura għal żmien twil. Peress li l-għan prinċipali ta' dan it-tip ta' kuntratt kien għalhekk il-kiri tal-vettura, dan ma setax jiġi kklassifikat bħala kuntratt ta' servizz finanzjarju relatat mal-kreditu.

Fit-tieni lok, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2011/83 fir-rigward ta' kuntratt ta' leasing li jirrigwarda vettura bil-mutur mingħajr obbligu ta' xiri għall-konsumatur, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, l-ewwel nett, il-kunċetti ta' "kuntratt mill-bogħod" [364] u ta' "kuntratt lil hinn mill-post tan-negozju" [365].

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li kuntratt ta' servizz konkluż bejn konsumatur u kummerċjant, b'mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, ma jistax jiġi kklassifikat bħala "kuntratt mill-bogħod" meta l-fażi ta' negozjati li tkun ippreċediet din il-konklużjoni tkun żvolġiet fil-preżenza fiżika simultanja tal-konsumatur u ta' intermedjarju li jaġixxi f'isem jew għan-nom tal-kummerċjant, liema intermedjarju jkun ipprovda lill-konsumatur l-informazzjoni kollha prevista fid-Direttiva 2011/83 [366], li tippermetti lill-konsumatur jagħmel mistoqsijiet lill-intermedjarju dwar il-kuntratt previst jew l-offerta proposta, sabiex ineħħi kull inċertezza dwar il-portata tal-eventwali impenn kuntrattwali tiegħu mal-kummerċjant.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kuntratt ta' servizz konkluż bejn konsumatur u kummerċjant ma jistax jiġi kklassifikat bħala "kuntratt lil hinn mill-post tan-negozju" meta, matul il-fażi preparatorja li tippreċedi l-konklużjoni tal-kuntratt bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, il-konsumatur ikun mar fil-post tan-negozju ta' intermedjarju li jaġixxi f'isem jew għan-nom tal-kummerċjant għall-finijiet tan-negozjar ta' dan il-kuntratt iżda li jopera f'qasam ieħor ta' attività differenti minn dan il-kummerċjant, bil-kundizzjoni li jkunu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel kundizzjoni teħtieġ li l-konsumatur seta', bħala konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, jistenna, billi jmur fil-post tan-negozju tal-intermedjarju, li jiġi avviċinat kummerċjalment min-naħa ta' dan tal-aħħar għall-finijiet tan-negozjar u tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz mal-kummerċjant. It-tieni kundizzjoni teħtieġ li l-konsumatur seta' faċilment jifhem li dan l-intermedjarju kien qiegħed jaġixxi f'isem jew għan-nom tal-imsemmi kummerċjant.

It-tieni nett, meta eżaminat l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2011/83 li jipprovdu li l-konsumatur ma għandux dritt ta' rtirar f'ċerti każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kuntratt ta' leasing li

---

363 Skont l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2002/65, kull "servizz ta' natura bankarja, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni personali, ta' investiment jew ta' ħlas" jaqa' taħt il-kunċett ta' servizz finanzjarju.

364 Skont il-punt 7 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83, jaqa' taħt dan il-kunċett "kwalunkwe kuntratt konkluż bejn il-kummerċjant u il-konsumatur fil-qafas ta' skema ta' bejgħ mill-bogħod organizzat jew skema ta' forniment ta' servizzi, mingħajr il-preżenza simultanja u fiżika tal-kummerċjant u l-konsumatur, bl-użu esklużiv ta' mezz wieħed jew iktar tal-komunikazzjoni mill-bogħod, sal-konklużjoni tal-kuntratt, inkluża l-konklużjoni tal-kuntratt stess".

365 Skont il-punt 8 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83, jaqa' taħt dan il-kunċett "kwalunkwe kuntratt bejn il-kummerċjant u il-konsumatur konkluż fil-preżenza simultanja u fiżika tal-kummerċjant u l-konsumatur, f'post li mhuwiex dak tan-negozju tal-kummerċjant".

366 B'mod partikolari, fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/83.

jirrigwarda vettura bil-mutur konkluż bejn kummerċjant u konsumatur u kklassifikat bħala kuntratt ta' servizz mill-bogħod jew lil hinn mill-post tan-negozju fis-sens ta' din id-direttiva jaqa' taħt l-eċċezzjoni dwar il-provvista ta' servizzi ta' kiri ta' vetturi b'data jew b'perijodu ta' eżekuzzjoni speċifiċi [367], peress li l-għan prinċipali ta' tali kuntratt huwa li jippermetti lill-konsumatur juża vettura matul il-perijodu speċifiku previst mill-imsemmi kuntratt, b'korrispettiv ta' ħlas regolari ta' somom ta' flus. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li t-terminu "speċifiku" li tirreferi għalih din l-eċċezzjoni jista' jkopri wkoll kuntratti ta' kiri għal żmien twil, bħalma kien il-kuntratt ta' leasing ta' 24 xahar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm dan il-perijodu jiġi speċifikat b'mod suffiċjentement preċiż fil-kuntratt. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fil-kuntest ta' kuntratt ta' leasing li jirrigwarda vettura miksuba speċjalment fuq talba tal-konsumatur sabiex tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan tal-aħħar, il-kummerċjant jista', fil-każ fejn dritt ta' rtirar jiġi rrikonoxxut lill-konsumatur, jiltaqa' ma' diffikultajiet sabiex iqiegħed il-vettura għal użu ġdid. Fil-fatt, minħabba b'mod partikolari dawn l-ispeċifikazzjonijiet, il-kummerċjant jista' ma jirnexxilux, f'terminu raġonevoli wara l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar, joffri l-vettura għal użu ieħor ekwivalenti għall-perijodu li jikkorrispondi għat-tul tal-leasing oriġinarjament previst, mingħajr ma jġarrab dannu ekonomiku sinjifikattiv.

Fit-tielet lok, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/48, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabelxejn, li l-kuntratti ta' self għax-xiri ta' vetturi użati intiżi għal użu privat, inkwistjoni fil-Kawżi C-47/21 u C-232/21, kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48 bħala kuntratti ta' kreditu [368].

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-obbligu tal-kummerċjant dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kuntratti ta' kreditu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva [369] u, b'mod partikolari, tal-obbligu tiegħu ta' informazzjoni dwar id-dritt ta' rtirar [370]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet u ddeċidiet li dan l-obbligu jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi preżunzjoni legali li l-kummerċjant ikun osserva l-obbligu tiegħu li jinforma lill-konsumatur bid-dritt ta' rtirar tiegħu meta dan il-kummerċjant jirreferi, f'kuntratt, għal dispożizzjonijiet nazzjonali li huma stess jirreferu għal mudell ta' informazzjoni regolatorju rigward id-dritt ta' ritirar, filwaqt li juża klawżoli li jinsabu f'dan il-mudell li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/48 [371]. Fin-nuqqas li tkun tista' tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni konformement ma' din id-direttiva, qorti nazzjonali, adita b'tilwima esklużivament bejn individwi, ma hijiex obbligata, abbażi tad-dritt tal-Unjoni biss, li ma tapplikax tali leġiżlazzjoni, bla ħsara għall-possibbiltà ta' din il-qorti li teskludiha abbażi tad-dritt intern tagħha u, fin-nuqqas ta' dan, abbażi tad-dritt tal-parti leża min-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni li titlob kumpens għad-dannu konsegwenzjali li ġarrbet.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar aspetti differenti marbuta mad-dritt ta' rtirar, kif previst mid-Direttiva 2008/48 [372].

---

367 L-Artikolu 16(l) tad-Direttiva 2011/83 jikkonċerna l-eċċezzjoni dwar "il-forniment ta' akkomodazzjoni għal skopijiet mhux residenzjali, trasport tal-oġġetti, servizzi tal-kiri tal-karozzi, kejtering jew servizzi relatati ma' attivitajiet ta' divertiment jekk il-kuntratt jipprevedi data speċifika jew perjodu speċifiku ta' eżekuzzjoni".

368 Konformement mal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/48.

369 Kif previsti fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48.

370 L-Artikolu 10(2)(p) tad-Direttiva 2008/48 jipprevedi l-obbligu li fil-kuntratti ta' kreditu jissemmew l-eżistenza jew l-assenza ta' dritt ta' rtirar, il-perijodu li matul tiegħu jista' jiġi eżerċitat dan id-dritt u l-kundizzjonijiet l-oħra relatati mal-eżerċizzju tiegħu.

371 Artikolu 10(2)(p) tad-Direttiva 2008/48.

372 Skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2008/48, il-konsumatur għandu terminu ta' erbatax-il jum kalendarji sabiex jirtira mill-kuntratt ta' kreditu mingħajr ma jipprovdi raġuni.

L-ewwel nett, hija ppreċiżat il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-irtirar. F'dan ir-rigward, meta informazzjoni pprovduta mill-persuna li ssellef lill-konsumatur skont din id-direttiva [373] tirriżulta inkompleta jew żbaljata, it-terminu ta' erbatax-il jum previst mid-Direttiva 2008/48 jibda jiddekorri biss jekk in-natura inkompleta jew żbaljata ta' din l-informazzjoni ma tkunx tista' taffettwa l-kapaċità tal-konsumatur li jevalwa l-portata tad-drittijiet u tal-obbligi tiegħu taħt l-imsemmija direttiva u lanqas id-deċiżjoni tiegħu li jikkonkludi l-kuntratt u li ċċaħħdu, jekk ikun il-każ, mill-possibbiltà li jeżerċita d-drittijiet tiegħu, essenzjalment, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li kienu jipprevalu li kieku din l-informazzjoni tkun ġiet ipprovduta b'mod komplet u eżatt. Fil-fatt, il-provvista ta' informazzjoni inkompleta jew żbaljata tista' tiġi assimilata ma' nuqqas ta' informazzjoni bil-kundizzjoni biss li l-konsumatur jiġi, minħabba f'hekk, żvijat fir-rigward tad-drittijiet u tal-obbligi tiegħu u li, għaldaqstant, jasal jikkonkludi kuntratt li huwa ma kienx jikkonkludi li kieku kellu informazzjoni kompleta u materjalment eżatta.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat l-effett tal-eżekuzzjoni sħiħa ta' kuntratt ta' kreditu fuq iż-żamma tad-dritt ta' rtirar. Għalhekk, hija qieset li l-eżekuzzjoni sħiħa ta' tali kuntratt timplika l-estinzjoni ta' dan id-dritt. Fil-fatt, peress li l-eżekuzzjoni ta' kuntratt tikkostitwixxi l-mekkaniżmu naturali ta' estinzjoni tal-obbligi kuntrattwali, konsumatur ma jistax jinvoka iktar id-dritt ta' rtirar ladarba l-kuntratt ta' kreditu jkun ġie eżegwit fl-intier tiegħu mill-partijiet u l-obbligi reċiproċi li jirriżultaw minn dan il-kuntratt ikunu, minħabba f'hekk, intemmu.

It-tielet nett, fir-rigward tal-kwistjoni tal-eżerċizzju mill-konsumatur tad-dritt ta' rtirar tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet u ddeċidiet li l-persuna li ssellef ma tistax validament tinvoka l-fatt li l-konsumatur, minħabba l-aġir ta' dan tal-aħħar li jkun seħħ bejn il-konklużjoni tal-kuntratt u l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar, ikun eżerċita dan id-dritt b'mod abbużiv, meta, minħabba n-natura inkompleta jew żbaljata tal-informazzjoni li tinsab fil-kuntratt ta' kreditu, bi ksur tad-Direttiva 2008/48, it-terminu għall-irtirar ma jkunx beda jiddekorri minħabba li din in-natura tkun affettwat il-kapaċità tal-konsumatur li jevalwa l-portata tad-drittijiet u tal-obbligi tiegħu skont din id-direttiva kif ukoll id-deċiżjoni tiegħu li jikkonkludi l-kuntratt.

Ir-raba' nett, filwaqt li tat deċiżjoni dwar id-dekadenza tad-dritt ta' rtirar, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-Direttiva 2008/48 tipprekludi li l-persuna li ssellef tkun tista', meta l-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu konformement mal-kundizzjonijiet previsti minn din id-direttiva [374], tinvoka d-dekadenza ta' dan id-dritt meta mill-inqas wieħed mill-elementi ta' informazzjoni obbligatorja msemmija mill-istess direttiva [375] ma jkunx jinsab fil-kuntratt ta' kreditu jew kien jinsab fih b'mod inkomplet jew żbaljat mingħajr ma jkun ġie debitament ikkomunikat sussegwentement u meta, għal din ir-raġuni, it-terminu għall-irtirar ma jkunx beda jiddekorri. Fil-fatt, id-Direttiva 2008/48 ma tipprevedi ebda limitazzjoni *ratione temporis* għall-eżerċizzju, mill-konsumatur, tad-dritt ta' rtirar tiegħu fil-każ li għadu kif issemma. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax timponi tali limitazzjoni.

Il-ħames nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-effetti tad-dritt ta' rtirar. Hija rrilevat għalhekk li dan id-dritt, moqri flimkien mal-prinċipju ta' effettività, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, meta l-konsumatur jirtira minn kuntratt ta' kreditu konness [376], huwa jkollu jirrestitwixxi lura lill-persuna li ssellef l-oġġett iffinanzjat mill-kreditu jew jintimah sabiex jirkupra dan l-oġġett mingħajr ma din il-persuna li ssellef tkun obbligata, fl-istess waqt, tirrimborsa l-pagamenti mensili tal-kreditu diġà

[373] Skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48.

[374] Kif previsti fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2008/48.

[375] Kif previsti fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48.

[376] Fis-sens tal-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48.

mħallsa mill-konsumatur. Fil-fatt, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, regoli proċedurali nazzjonali li jimponu fuq il-persuna li tissellef, li tirtira mill-kuntratt, ir-restituzzjoni lill-persuna li ssellef tal-oġġett iffinanzjat mill-kreditu jew l-intimazzjoni tagħha sabiex tirkupra dan l-oġġett, mingħajr ma l-persuna li ssellef tkun marbuta b'obbligu ta' rimbors simultanju tal-pagamenti mensili tal-kreditu diġà mħallsa, huma ta' natura li jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar.

# XVI. Enerġija

### Sentenza tat-30 ta' Marzu 2023, Green Network (Ordni ta' rimbors ta' spejjeż) (C-5/22, EU:C:2023:273)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern tal-elettriku – Direttiva 2009/72/KE – Artikolu 37 – Anness I – Funzjonijiet u kompetenzi tal-awtorità regolatorja nazzjonali – Protezzjoni tal-konsumaturi – Spejjeż amministrattivi ta' ġestjoni – Setgħa tal-awtorità regolatorja nazzjonali li tordna r-rimbors tas-somom imħallsa mill-klijenti finali skont klawżoli kuntrattwali ssanzjonati minn din l-awtorità"*

Fl-2019, l-Autorità di Regolazione per Energia Reti e Ambiente (l-Awtorità Regolatorja tal-Enerġija, tan-Networks u tal-Ambjent, l-Italja) imponiet fuq Green Network, kumpannija Taljana ta' distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali, sanzjoni amministrattiva pekunjarja ta' EUR 655 000 talli kisret obbligi ta' trasparenza tariffarja. Din l-awtorità ordnatilha wkoll tħallas lura lill-klijenti finali tagħha l-ammont ta' EUR 13 987 495.22, iffatturat lilhom bħala spejjeż ta' ġestjoni amministrattiva skont klawżola kuntrattwali meqjusa li kienet illegali minn din l-awtorità.

Wara li kkontestat din id-deċiżjoni mingħajr suċċess quddiem qorti amministrattiva, Green Network ippreżentat appell quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), fejn sostniet li s-setgħa tal-awtorità regolatorja nazzjonali li timponi l-ħlas lura ta' somom iffatturati lill-klijenti, prevista fid-dritt Taljan, kienet tmur kontra d-Direttiva 2009/72 [377].

F'dan il-kuntest, il-Kunsill tal-Istat għamel żewġ domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja li jirrigwardaw l-Artikolu 37(1) u (4) tad-Direttiva 2009/72, dwar is-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji, u l-Anness I tagħha, li jistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri sabiex jipproteġu lill-konsumaturi.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 37(1)(i) u (n) [378] u (4)(d) [379] tad-Direttiva 2009/72, kif ukoll l-Anness I tagħha, ma jipprekludux li Stat Membru jagħti lill-awtorità regolatorja nazzjonali s-setgħa li tordna lill-impriżi tal-elettriku jirrimborsaw lill-klijenti finali tagħhom is-somma li tikkorrispondi għall-korrispettiv imħallas minnhom bħala "spejjeż ta' ġestjoni amministrattiva" skont klawżola kuntrattwali meqjusa illegali minn din l-awtorità. L-istess jgħodd f'dawk il-każijiet fejn din l-ordni għal rimbors ma tkunx ibbażata fuq raġunijiet ta' kwalità tas-servizz ikkonċernat mogħti minn dawn l-impriżi, iżda fuq il-ksur tal-obbligi ta' trasparenza tariffarja.

#### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, qabelxejn, li, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/72, din tal-aħħar teżiġi li l-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom prerogattivi wiesgħa

---

[377] Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55).

[378] Dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw, rispettivament, id-dmirijiet tal-awtoritajiet regolatorji fir-rigward tal-osservanza tal-obbligi ta' trasparenza u l-protezzjoni tal-konsumaturi.

[379] Din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-awtoritajiet regolatorji għandhom il-funzjoni li jimponu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq l-impriżi tal-elettriku li ma josservawx l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva 2009/72 jew kwalunkwe deċiżjoni legalment vinkolanti applikabbli tal-awtorità regolatorja jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi tali sanzjonijiet.

fil-qasam tar-regolamentazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-elettriku, sabiex, b'mod partikolari, tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi.

Hija rrilevat, imbagħad, li l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/72, dwar il-funzjonijiet u l-kompetenzi tal-awtorità regolatorja, ma jsemmix il-kompetenza li l-impriżi tal-elettriku jintalbu jirrimborsaw kull somma li jkunu rċevew bħala korrispettiv għal klawżola kuntrattwali meqjusa illegali. Madankollu, l-użu, fl-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2009/72, tal-espressjoni "l-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom għall-anqas dawn is-setgħat" jindika li, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 37(1), (3) u (6) ta' din id-direttiva, jistgħu jiġu attribwiti lil awtorità bħal din setgħat oħra minbarra dawk espressament imsemmija f'dan l-Artikolu 37(4).

Barra minn hekk, il-funzjoni li tiġi żgurata l-osservanza tal-obbligi ta' trasparenza li għandhom l-impriżi tal-elettriku u dik li jiġu protetti l-konsumaturi jaqgħu taħt il-funzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 37(1), (3) u (6) tal-imsemmija direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, għaldaqstant, li Stat Membru jista' jagħti lil tali awtorità s-setgħa li tobbliga lil dawn l-operaturi jħallsu lura s-somom miġbura minnhom bi ksur tar-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari, dawk li jikkonċernaw l-obbligu ta' trasparenza u l-eżattezza tal-kont.

Tali interpretazzjoni ma hijiex imqiegħda f'dubju mill-fatt li l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/72 jipprevedi, essenzjalment, li l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tieħu l-miżuri meħtieġa "f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali konċernati oħra inklużi awtoritajiet tal-kompetizzjoni, fejn ikun il-każ, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom", jew li l-Artikolu 37(1)(n) ta' din id-direttiva jinkludi l-espressjoni "flimkien ma' awtoritajiet relevanti oħra".

Fil-fatt, minn dawn id-dispożizzjonijiet ma rriżultax li, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija biss waħda minn dawn l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra li tista' tordna li jitħallsu lura s-somom li l-impriżi tal-elettriku jkunu rċevew indebitament mingħand il-klijenti finali. Għall-kuntrarju, l-użu tal-kliem "fejn ikun il-każ" jimplika li tali konsultazzjoni tkun neċessarja biss fejn il-miżura li tkun prevista l-adozzjoni tagħha jista' jkollha implikazzjonijiet għal awtoritajiet kompetenti oħra.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sa fejn il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-osservanza tal-obbligi ta' trasparenza jaqgħu taħt il-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/72, ma kinitx rilevanti r-raġuni eżatta għaliex, sabiex titwettaq waħda minn dawn il-funzjonijiet, tali impriża tiġi ordnata tirrimborsa lill-klijenti tagħha.

# XVII. Ftehimiet internazzjonali [380]

## 1. Kompetenza esterna tal-Unjoni

### Sentenza tas-17 ta' Jannar 2023 (Awla Manja), Spanja vs Il-Kummissjoni (C-632/20 P, EU:C:2023:28)

*"Appell – Relazzjonijiet esterni – Ftehim ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra – Komunikazzjonijiet elettroniċi – Regolament (UE) 2018/1971– Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) – Artikolu 35(2) – Parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja tal-Kosovo f'dan il-korp – Kunċetti ta' 'pajjiż terz' u ta' 'Stat terz' – Kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea"*

Bejn l-2001 u l-2015, l-Unjoni Ewropea ffirmat ftehimiet ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni (FSA) ma' sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, fosthom il-Kosovo. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea fasslet azzjonijiet bil-għan, b'mod partikolari, li l-leġiżlazzjoni ta' dawn il-pajjiżi tiġi allineata mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li l-Balkani tal-Punent jiġu integrati fi ħdan il-korpi regolatorji eżistenti, bħalma huwa l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) stabbilit permezz tar-Regolament 2018/1971 [381]. Sabiex tistabbilixxi relazzjoni eqreb bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) tal-Unjoni u tal-Balkani tal-Punent, il-Kummissjoni adottat, fit-18 ta' Marzu 2019, sitt deċiżjonijiet li kienu jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-BEREC. Fost dawn id-deċiżjonijiet kien hemm deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni aċċettat il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-Bord tar-Regolaturi u fil-gruppi ta' ħidma tal-BEREC kif ukoll fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") [382].

Ir-Renju ta' Spanja kien ippreżenta rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża bbażat fuq il-ksur, mill-Kummissjoni, tal-Artikolu 35 tar-Regolament 2018/1971 [383]. Huwa sostna, essenzjalment, li

---

[380] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023, ***BA (Suċċessjoni - Politika soċjali dwar l-akkomodazzjoni fl-Unjoni)*** (C-670/21, EU:C:2023:763), li hija ppreżentata fit-Taqsima III.3, "Moviment liberu tal-kapital".

[381] Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU 2018, L 321, p. 1).

[382] Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Marzu 2019 dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tal-Kosovo fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2019, C 115, p. 26).

[383] Skont din id-dispożizzjoni, intitolata "Kooperazzjoni mal-korpi tal-Unjoni, mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali": "1. Sa fejn ikun meħtieġ biex il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC jilħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u jwettqu l-kompiti tagħhom, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dawn jistgħu jikkooperaw ma' korpi, uffiċċji, aġenziji u gruppi konsultattivi kompetenti tal-Unjoni, ma' awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Għal dak il-għan u soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma. Dawk l-arranġamenti ma għandhomx joħolqu obbligi ġuridiċi. 2. Il-Bord tar-Regolaturi, il-gruppi ta' ħidma u l-Bord Maniġerjali għandhom ikunu miftuħin għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi li jkollhom responsabbiltà primarja fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika fejn dawk il-pajjiżi terzi jkunu daħlu fi ftehimiet mal-Unjoni għal dak l-iskop. Taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk il-ftehimiet, għandhom jiġu żviluppati arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, sa fejn u l-mod kif dawn l-awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi kkonċernati ser jieħdu sehem mingħajr id-dritt tal-vot fil-ħidma tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni fl-

din id-deċiżjoni tmur kontra l-kunċett ta' "pajjiż terz" użat f'din id-dispożizzjoni, sa fejn din tal-aħħar ma setgħetx tkopri lill-Kosovo peress li dan tal-aħħar ma huwiex Stat sovran. Dan ir-rikors kien ġie miċħud fl-intier tiegħu mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Settembru 2020, Spanja vs Il-Kummissjoni [384] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

Fl-appell ippreżentat mir-Renju ta' Spanja, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll id-deċiżjoni kontenzjuża tal-Kummissjoni, minħabba li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset [385] li l-kompetenza li tistabbilixxi l-arranġamenti ta' ħidma applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-ARN ta' pajjiżi terzi fil-BEREC, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971, taqa' fuq il-Kummissjoni, b'mod unilaterali, skont l-Artikolu 17 TUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kunċett ta' "pajjiż terz" użat fl-Artikolu 35 tar-Regolament 2018/1971, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset qabel kollox li interpretazzjoni letterali tat-Trattati ma tippermettix li jiġi ddeterminat is-sens tiegħu. Barra minn hekk, il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tat-Trattati UE u FUE ma jużawx flimkien it-termini "Stat terz" u "pajjiż terz". Issa, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet redatti bil-lingwi kollha tal-Unjoni u, fil-każ ta' diverġenza bejn dawn id-diversi verżjonijiet, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha. Fil-fatt, il-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, billi bbażat ruħha fuq il-premessa li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-"pajjiżi terzi" jippermettu li jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali ma' entitajiet "li ma humiex Stati", qieset li l-portata tal-kunċett ta' "pajjiż terz" kienet tmur, fis-sens tal-Artikolu 35(2), lil hinn mill-Istati sovrani biss. Madankollu, din il-premessa ġiet stabbilita mingħajr ma l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni d-differenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tat-Trattati UE u FUE, li l-formulazzjoni tagħhom ma tippermettix li jiġi konkluż li teżisti differenza ta' tifsira bejn it-termini "pajjiż terz" u "Stat terz". Peress li t-termini "pajjiż terz" ma jissemmewx barra minn hekk fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha tar-Regolament 2018/1971, peress li huwa biss l-ekwivalenti tat-termini "Stat terz" li jintuża f'xi wħud minnhom, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet ivvizzjat il-motivazzjoni tagħha bi żball ta' liġi.

---

inizjattivi meħuda mill-BEREC, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal għall-Uffiċċju tal-BEREC. Fi kwalunkwe każ, fejn jidħlu l-materji marbutin mal-persunal, dawk l-arranġamenti għandhom ikunu konformi mar-Regolamenti tal-Persunal. […]"

[384] Sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, ***Spanja vs Il-Kummissjoni*** (T-370/19, EU:T:2020:440).

[385] Ara l-punti 77 u 82 tas-sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, ***Spanja vs Il-Kummissjoni*** (T-370/18, EU:T:2020:440).

Peress li d-dispożittiv tas-sentenza appellata seta' madankollu jkun fondat għal motivi legali oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali setgħetx tikkonkludi ġustament li l-Kummissjoni ma kinitx kisret l-Artikolu 35 tar-Regolament 2018/1971 meta assimilat il-Kosovo ma' "pajjiż terz", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, sabiex jiġi ggarantit l-effett utli tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971, entità territorjali li tinsab barra mill-Unjoni u li tagħha din tal-aħħar ma tkunx irrikonoxxiet il-kwalità ta' Stat indipendenti għandha tkun tista' tiġi assimilata ma' "pajjiż terz" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mingħajr ma jkun hemm ksur tad-dritt internazzjonali. Fil-każ tal-Kosovo, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kienet qieset li l-adozzjoni, fis-17 ta' Frar 2008, tad-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo la kienet kisret id-dritt internazzjonali ġenerali, la r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 (1999) u lanqas il-qafas kostituzzjonali applikabbli [386]. Barra minn hekk, kif tindika l-ewwel nota ta' qiegħ il-paġna tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-assimilazzjoni msemmija iktar 'il fuq ma kinitx ta' natura li taffettwa l-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-Kosovo għandux il-kwalità ta' Stat indipendenti kif isostnu l-awtoritajiet tiegħu. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kosovo seta' jiġi assimilat ma' "pajjiż terz", fis-sens tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971, mingħajr ma jkun hemm ksur tad-dritt internazzjonali.

Fir-rigward, barra minn hekk, tal-integrazzjoni ta' "pajjiżi terzi" fis-sistema ta' parteċipazzjoni prevista fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont din id-dispożizzjoni, il-parteċipazzjoni tal-ARN ta' tali pajjiżi hija suġġetta għal żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, li jikkonsistu fl-eżistenza ta' "ftehim" konkluż mal-Unjoni, minn naħa, u fil-fatt li dan il-ftehim ikun ġie konkluż "għal dak l-iskop", min-naħa l-oħra. L-Unjoni kkonkludiet diversi ftehimiet internazzjonali mal-Kosovo, u għalhekk tirrikonoxxi l-kapaċità tiegħu li jikkonkludi tali ftehimiet. Fost dawn tal-aħħar hemm il-FSA mal-Kosovo [387], li jipprevedi, fl-Artikolu 111 tiegħu, li l-kooperazzjoni stabbilita fil-qasam tan-networks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandha essenzjalment tkopri l-oqsma prijoritarji tal-acquis tal-Unjoni f'dan is-settur u li l-partijiet għandhom isaħħu din il-kooperazzjoni. Għaldaqstant, il-FSA mal-Kosovo għandu wkoll jitqies li ġie konkluż sabiex jippermetti l-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fl-istanzi tal-BEREC, sa fejn l-Artikolu 111 ta' dan il-ftehim huwa ddedikat għall-adozzjoni tal-acquis tal-Unjoni u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet fil-qasam tan-networks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, skont l-għan ta' kooperazzjoni mfittex, l-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971 jiftaħ ċerti korpi tal-BEREC għall-parteċipazzjoni tal-ARN tal-pajjiżi terzi prinċipalment kompetenti fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx kisret, fid-deċiżjoni kontenzjuża, l-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971, meta qieset li l-Kosovo seta' jiġi assimilat ma' "pajjiż terz", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-interpretazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-konsegwenzi tal-assenza ta' pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-istatus tal-Kosovo fir-rigward tad-dritt internazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx tikser il-FSA mal-Kosovo u r-Regolament 2018/1971 minħabba s-sempliċi fatt li hija kienet tistabbilixxi kooperazzjoni mal-ARN tal-Kosovo billi timplimenta dawn l-atti u li din id-deċiżjoni ma kinitx timplika rikonoxximent tal-Kosovo bħala Stat terz. Għaldaqstant, l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża mill-Kummissjoni ma setgħetx tiġi interpretata bħala li timplika r-rikonoxximent impliċitu mill-Unjoni tal-istatus tal-Kosovo bħala Stat indipendenti.

---

386 Opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tat-22 ta' Lulju 2010, "Konformità mad-dritt internazzjonali tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza dwar il-Kosovo" (*CIJ Receuil 2010*, p. 403),

387 Ftehim ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (ĠU 2016, L 71, p. 3, iktar 'il quddiem il-"FSA mal-Kosovo").

Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li l-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo tikkorrispondi għall-parteċipazzjoni prevista fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-aggravju kien infondat billi qieset b'mod partikolari li din id-dispożizzjoni tal-FSA mal-Kosovo effettivament tikkostitwixxi ftehim "għal dan l-iskop", fis-sens tar-Regolament 2018/1971. Fil-fatt, l-Artikolu 35(1) ta' dan ir-regolament jipprevedi diversi livelli u forom ta' kooperazzjoni ftit jew wisq stretti permezz, b'mod partikolari, ta' arranġamenti ta' ħidma mal-ARN ta' pajjiżi terzi. Għall-kuntrarju, il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-korpi tal-BEREC ma tistax tiġi assimilata ma' integrazzjoni ta' din l-ARN f'dan il-korp tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC ma tippermettix li l-Kosovo jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Madankollu, fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-appell tar-Renju ta' Spanja sa fejn dan tal-aħħar kien jirrigwarda, essenzjalment, in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni. Hija kkonstatat qabelxejn li d-deċiżjoni kontenzjuża ma setgħetx tittieħed bis-saħħa tal-Artikolu 17 TUE abbażi tal-funzjonijiet eżekuttivi jew ta' rappreżentanza esterna tal-Kummissjoni, peress li din tal-aħħar kienet biss imsejħa, fil-kuntest tal-adozzjoni tal-arranġamenti ta' ħidma inkwistjoni, teżerċita setgħa ta' kontroll. B'mod partikolari, mill-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971 rriżulta li l-arranġamenti ta' ħidma ma kellhomx bħala għan ir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni bħala tali, iżda li jippreċiżaw b'mod partikolari n-natura, il-portata u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-ħidma ta' organi tal-Unjoni tal-ARN tal-pajjiżi terzi li kkonkludew ftehimiet mal-Unjoni għal dan l-iskop. Sussegwentement, il-fatt li l-Artikolu 35(2) tar-Regolament 2018/1971 ma jsemmix, kif inhu l-każ fl-Artikolu 35(1) tiegħu, li l-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma "soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni" ma jfissirx li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza li tistabbilixxihom mal-ARN tal-pajjiżi terzi. Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC, prevista f'din id-dispożizzjoni, tikkostitwixxi forma iktar stretta ta' kooperazzjoni mal-ARN tal-pajjiżi terzi minn dik stabbilita skont l-Artikolu 35(1) tal-istess regolament. Fl-aħħar nett, il-fatt li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi unilateralment dwar ċerti arranġamenti ta' ħidma għall-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC, mingħajr il-kunsens tagħhom, ma jistax jiġi kkonċiljat mal-indipendenza tal-BEREC u jmur lil hinn mill-funzjoni ta' kontroll mogħtija lill-Kummissjoni mir-Regolament. B'hekk, billi ddeċidiet li l-kompetenza li jiġu stabbiliti arranġamenti ta' ħidma applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-ARN ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari tal-ARN tal-Kosovo, kienet tappartjeni lill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali injorat it-tqassim tal-kompetenzi bejn, minn naħa, il-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC, kif ukoll ir-regoli li jiggarantixxu l-indipendenza tal-BEREC previsti fir-Regolament. Tali arranġamenti għandhom jiġu miftiehma bejn il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC, minn naħa, u l-awtoritajiet kompetenti ta' dawn il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, u għandhom jiġu awtorizzati konġuntament, kif jirriżulta mir-Regolament 2018/1971 [388], mill-Bord tar-Regolaturi u mid-Direttur tal-Uffiċċju tal-BEREC. Filwaqt li ppreċiżat li din il-kompetenza ma tappartjenix lill-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet [389] li l-Kummissjoni kellha kompetenza unilaterali sabiex tistabbilixxi l-imsemmija arranġamenti.

Għaldaqstant, filwaqt li annullat is-sentenza appellata u d-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet fis-seħħ, minħabba l-ħtieġa tal-arranġamenti inkwistjoni, l-effetti tad-deċiżjoni annullata sakemm tiġi ssostitwita b'att ġdid.

---

388 Artikolu 9(i) u Artikolu 20(6)(m) tar-Regolament 2018/1971.

389 Sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, ***Spanja vs Il-Kummissjoni*** (T-370/19, EU:T:2020:440, punti 77 u 82).

## 2. Interpretazzjoni ta' ftehim internazzjonali

**Sentenza tad-9 ta' Frar 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid *et* (Irtirar tad-dritt ta' residenza ta' ħaddiem Tork) (C-402/21, EU:C:2023:77)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija – Deċiżjoni Nru 1/80 – Artikoli 6 u 7 – Ċittadini Torok diġà integrati fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u li jibbenefikaw minn dritt ta' residenza korrelattiv – Deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali li jirtiraw id-dritt ta' residenza ta' ċittadini Torok li jirrisjedu legalment fl-Istat Membru kkonċernat għal iktar minn 20 sena minħabba li jirrappreżentaw theddida attwali, reali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà – Artikolu 13 – Klawżola 'standstill' – Artikolu 14 – Ġustifikazzjoni – Raġunijiet ta' ordni pubbliku"*

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-permess ta' residenza għal żmien indeterminat ta' ċittadin barrani jista' jiġi rtirat, fost l-oħrajn, meta jkun ġie kkundannat għal reati punibbli b'piena ta' priġunerija ta' tliet snin jew iktar u meta t-tul totali tal-pieni imposti jilħaq ċertu limitu. Madankollu, sal-2012, l-irtirar kien ipprojbit meta ċ-ċittadin ikun ilu jirrisjedi legalment f'dan il-pajjiż għal mill-inqas 20 sena. Wara emenda leġiżlattiva li saret f'Lulju 2012, motivata mill-evoluzzjoni tal-perċezzjoni tal-protezzjoni tal-ordni pubbliku fi ħdan is-soċjetà Olandiża, tneħħiet din il-projbizzjoni [390].

B'applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ġdida, il-permessi ta' residenza għal żmien indeterminat ta' S, E u C, tliet ċittadini Torok li kienu ilhom jirrisjedu legalment fil-Pajjiżi l-Baxxi għal iktar minn 20 sena, ġew irtirati permezz ta' deċiżjonijiet tal-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi). L-irtirar kien motivat mill-fatt li, matul ir-residenza tagħhom, huma kienu s-suġġett ta' diversi kundanni kriminali, li tagħhom il-gravità tar-reati u t-tul totali tal-pieni ta' priġunerija fissi kienu jilħqu l-limitu rikjest, u mill-fatt li dan l-aġir kien jikkostitwixxi theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà.

Ir-rikorsi ppreżentati rispettivament minn S, E u C kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) wasslu għal riżultati diverġenti fir-rigward tal-applikabbiltà, f'dan il-każ, tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni [391], applikabbli mill-1 ta' Diċembru 1980. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi klawżola standstill li tipprojbixxi lill-Istati Membri milli jintroduċu restrizzjonijiet ġodda dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg tal-ħaddiema Torok u tal-membri tal-familja tagħhom li jinsabu fit-territorju tagħhom f'sitwazzjoni regolari f'dak li jirrigwarda r-residenza u l-impjieg. Madankollu, skont l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-impjieg u l-moviment liberu tal-ħaddiema tista' tkun suġġetta għal limitazzjonijiet iġġustifikati, b'mod partikolari, minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku.

Adit fl-appell fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċieda li jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata u r-rabta tal-Artikoli 13 u 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 japplika għal ċittadini Torok li diġà għandhom drittijiet fil-qasam tal-impjieg u tal-moviment liberu bis-saħħa ta'

[390] Besluit houdende wijziging van het Vreemdelingenbesluit 2000 in verband met aanscherping van de glijdende schaal (id-Digriet li Jemenda d-Digriet dwar il-Barranin bil-Għan li Tissaħħaħ l-Iskala Mobbli), tas-26 ta' Marzu 2012 (Stb. 2012, Nru 158).

[391] Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tad-19 ta' Settembru 1980 dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija.

din id-deċiżjoni. Hija ppreċiżat, barra minn hekk, f'liema kundizzjonijiet restrizzjoni ġdida ta' dawn id-drittijiet, li kontriha ċ-ċittadini Torok jistgħu jinvokaw l-imsemmi Artikolu 13, tista' tiġi ġġustifikata permezz ta' rekwiżiti ta' ordni pubbliku fis-sens tal-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-portata tal-klawżola standstill stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Hija fakkret il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li din il-klawżola għandha effett dirett u għandha, fid-dawl tal-għan tad-Deċiżjoni Nru 1/80 li jikkonsisti fl-istabbiliment tal-moviment liberu tal-ħaddiema, tiġi interpretata b'mod wiesa'. Fil-fatt, kemm restrizzjoni ġdida li twebbes il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-ewwel attività professjonali ta' ħaddiem Tork jew tal-membri tal-familja tiegħu kif ukoll dik li, ladarba dan il-ħaddiem jew il-membri tal-familja tiegħu jibbenefikaw minn drittijiet fil-qasam tal-impjieg bis-saħħa tal-Artikolu 6 jew l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [392], tirrestrinġi l-aċċess tiegħu għal impjieg iggarantit minn dawn id-drittijiet, imorru kontra l-għan tal-imsemmija deċiżjoni.

Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rriżulta li miżuri ta' Stat Membru intiżi li jiddefinixxu l-kriterji ta' regolarità tas-sitwazzjoni taċ-ċittadini Torok, billi jadottaw jew jemendaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ta' residenza ta' dawn iċ-ċittadini fit-territorju tiegħu, jistgħu jikkostitwixxu restrizzjonijiet ġodda fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-irtirar tad-drittijiet ta' residenza li l-persuni kkonċernati għandhom skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tillimita d-dritt tagħhom għal moviment liberu meta mqabbla mad-dritt għal moviment liberu li huma kienu jgawdu minnu fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni u tikkostitwixxi, għaldaqstant, restrizzjoni ġdida fis-sens tal-Artikolu 13 tal-imsemmija deċiżjoni. Din id-dispożizzjoni għalhekk setgħet tiġi invokata miċ-ċittadini Torok ikkonċernati.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat ir-rabta bejn l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Hija enfasizzat li l-eċċezzjoni għall-projbizzjoni li jiġu adottati "restrizzjonijiet ġodda" minħabba rekwiżiti ta' ordni pubbliku, prevista fl-Artikolu 14, tidderoga mill-moviment liberu tal-ħaddiema u għandha għalhekk tiġi interpretata b'mod strett. Barra minn hekk, miżuri nazzjonali li jaqgħu taħt dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan ta' protezzjoni tal-ordni pubbliku mfittex u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq.

Barra minn hekk, fir-rigward taċ-ċittadini Torok residenti, bħal S, E u C, għal iktar minn 10 snin fl-Istat Membru ospitanti, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 14, għall-Artikolu 12 tad-Direttiva 2003/109 [393] fil-qasam tal-protezzjoni ta' residenti għal żmien twil. Fil-fatt, il-miżuri ġġustifikati għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika fir-rigward ta' tali residenti jippreżupponu li l-awtoritajiet nazzjonali jevalwaw każ b'każ, filwaqt li josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, jekk l-aġir individwali ta' din tal-aħħar jirrappreżentax riskju attwali, reali u suffiċjentement serju għal interess fundamentali tas-soċjetà.

---

[392] L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jipprevedu d-drittijiet fil-qasam tal-impjieg tal-ħaddiema Torok u, rispettivament, tal-membri tal-familja tagħhom li ġew awtorizzati jingħaqdu magħhom.

[393] Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-miżura leġiżlattiva inkwistjoni kienet taqa' taħt il-marġni ta' evalwazzjoni tal-awtoritajiet Olandiżi msemmija fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Madankollu, ir-riferiment għall-evoluzzjoni tal-perċezzjonijiet soċjali u l-ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordni pubbliku ma kinux biżżejjed waħedhom sabiex jilleġittimaw din il-miżura. Il-qorti tar-rinviju kellha tevalwa wkoll, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet mogħtija mid-Deċiżjoni Nru 1/80, jekk il-miżura nazzjonali kinitx xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex, jekk kinitx tmur lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq u jekk hija kinitx qiegħda tipprevedi evalwazzjoni preliminari u individwali tas-sitwazzjoni attwali tal-ħaddiem Tork ikkonċernat.

# Kapitolu 2 – Il-Qorti Ġenerali

## I. Kawżi tal-unjoni

### 1. *Locus standi*

**Digriet tas-6 ta' Settembru 2023, KEPD vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-578/22, EU:T:2023:522)**

*"Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Ipproċessar ta' data personali mill-Europol – Regolament (UE) 2016/794 – Prerogattivi istituzzjonali tal-KEPD – Locus standi – Rikors parzjalment inammissibbli u parzjalment manifestament inammissibbli"*

Fit-3 ta' Jannar 2022, wara investigazzjoni ex officio, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) adotta deċiżjoni kontra l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) [394]. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-KEPD ordna lill-Europol, essenzjalment, li twettaq, għal kull kontribuzzjoni rċevuta mill-4 ta' Jannar 2022, il-kategorizzazzjoni tas-suġġetti tad-data f'terminu ta' sitt xhur mid-data tal-wasla tal-kontribuzzjoni u f'terminu ta' tnax-il xahar għas-settijiet ta' data eżistenti fid-data ta' dik id-deċiżjoni, termini li warajhom il-Europol kienet obbligata tħassar din id-data.

Fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament tal-Europol emendat [395]. Dan tal-aħħar kien jipprevedi, essenzjalment, permezz ta' żewġ dispożizzjonijiet tranżitorji [396], il-kundizzjonijiet li fihom il-Europol kellha tipproċedi, f'terminu determinat, għall-kategorizzazzjoni tas-settijiet ta' data fil-pussess tagħha fil-mument tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Europol emendat u ppreċiża l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li bihom l-ipproċessar ta' data personali mhux relatata mal-kategoriji ta' suġġetti tad-data elenkati fl-Anness II tar-Regolament Europol emendat u li kienet ġiet ittrasferita lil Europol qabel it-28 ta' Ġunju 2022 kellu jiġi awtorizzat bħala appoġġ għal investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja.

Il-KEPD qies li d-dispożizzjonijiet ikkontestati kienu jiksru l-indipendenza u s-setgħat tiegħu bħala awtorità superviżorja, sa fejn, fil-fehma tiegħu, dawn kienu jillegalizzaw retroattivament il-prattiki taż-żamma tad-data kontenzjuża tal-Europol u kienu jannullaw de facto d-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar 2022. Għalhekk, taħt l-Artikolu 263 TFUE, huwa talab, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-annullament tagħhom. Huwa allega li l-locus standi tiegħu kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jkun jista' jkollu azzjoni ġudizzjarja sabiex jiddefendi l-prerogattivi istituzzjonali tiegħu u, b'mod partikolari, l-indipendenza tiegħu bħala awtorità superviżorja.

---

[394] Skont l-Artikolu 43(3)(e) tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU 2016, L 135, p. 53, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Europol inizjali").

[395] Regolament (UE) 2022/991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni (ĠU 2022, L 169, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Europol emendat"), li emenda r-Regolament Europol inizjali.

[396] L-Artikoli 74a u 74b tar-Regolament Europol emendat (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet ikkontestati").

F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ġiet adita, għall-ewwel darba, b’rikors għal annullament ippreżentat mill-KEPD kontra att leġiżlattiv tal-Kunsill u tal-Parlament, li qajjem b’mod partikolari l-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qorti Ġenerali sabiex tieħu konjizzjoni tal-imsemmi rikors, il-kwistjoni tal-applikazzjoni tas-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88) [397] b’analoġija għal dan il-każ, u dik tal-inċidenza diretta tal-KEPD, assimilat ma’ persuna ġuridika, skont ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kompetenza tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors ippreżentat mill-KEPD u osservat, qabelxejn, li dan la jinsab fost ir-rikorrenti msemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [398], u lanqas fil-lista tal-istituzzjonijiet tal-Artikolu 13(1) TUE [399]. Sussegwentement, hija rrilevat li għalkemm l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jsemmi espressament il-korpi u l-organi tal-Unjoni fil-lista tal-awturi tal-atti li l-legalità tagħhom tista’ tiġi kkontestata fil-kuntest ta’ rikors għal annullament, l-istess ma japplikax fir-rigward tat-tieni u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Għalhekk, hija ppreċiżat li għalkemm l-istatus tal-KEPD, bħala awtorità indipendenti ta’ superviżjoni, huwa stabbilit kemm fit-Trattat FUE kif ukoll mill-Karta [400], huwa ġie stabbilit bħala korp tal-Unjoni mhux b’att tad-dritt primarju, iżda b’att tad-dritt sekondarju [401]. Għaldaqstant, għalkemm huwa korp tal-Unjoni li għandu status partikolari, il-KEPD ma huwiex istituzzjoni tal-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, ma jistax jitqies li jinsab fost ir-rikorrenti msemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fl-aħħar, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kienet kompetenti sabiex tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors sa fejn huma rriżervati għall-Qorti tal-Ġustizzja r-rikorsi msemmija fl-Artikolu 263 TFUE, ippreżentati b’mod partikolari minn istituzzjoni tal-Unjoni kontra att leġiżlattiv [402] u sa fejn il-KEPD la huwa istituzzjoni u lanqas rikorrent imsemmi fit-tieni u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali evalwat jekk il-KEPD kellux locus standi skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88). Hija osservat li, f’dik is-sentenza, invokata mill-KEPD insostenn tal-locus standi partikolari tiegħu intiż għas-salvagwardja tal-prerogattivi istituzzjonali tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat li l-Parlament ma kellu ebda possibbiltà li jikkontesta, quddiem il-qrati tal-Unjoni, l-atti adottati mill-istituzzjonijiet l-oħra li jistgħu jippreġudikaw il-prerogattivi tiegħu stess u għażlet li timla din il-lakuna billi tirrikorri għall-prinċipju ġenerali tal-ekwilibriju istituzzjonali. Għall-kuntrarju, il-KEPD jista’ jippreżenta rikors għal annullament abbażi tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE peress li huwa korp maħluq minn att tad-dritt sekondarju tal-Unjoni li jista’ jiġi assimilat ma’ persuna ġuridika. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li għalkemm il-KEPD għandu status partikolari, irrikonoxxut kemm mit-Trattat FUE kif ukoll mill-Karta, u

---

397 Sentenza tat-22 ta’ Mejju 1990, ***Il-Parlament vs Il-Kunsill*** (C-70/88, EU:C:1990:217).

398 Skont din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista’ tiġi adita b’rikors ippreżentat, minn naħa, minn Stat Membru, mill-Parlament, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u mill-Kumitat tar-Reġjuni.

399 Is-seba’ istituzzjonijiet imsemmija f’din id-dispożizzjoni huma l-Parlament, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri.

400 Skont l-Artikolu 16(2) TFUE u l-Artikolu 8(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), l-osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni għandha tkun suġġetta għas-superviżjoni ta’ awtoritajiet indipendenti.

401 L-Artikolu 41(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta’ individwu fir-rigward ta’ l-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta’ dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102, rettifika fil-ĠU 2013, L 298, p. 50).

402 Skont l-Artikolu 51(b) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

għalkemm il-ħolqien ta' awtoritajiet ta' superviżjoni indipendenti huwa element essenzjali tal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, l-indipendenza li biha l-KEPD għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fil-prattika ma hijiex intiża li tillimita s-setgħat tal-leġiżlatur tal-Unjoni [403]. Konsegwentement, il-KEPD huwa obbligat jeżerċita l-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu b'indipendenza sħiħa u huwa fil-kuntest tal-atti leġiżlattivi adottati b'mod konġunt mill-Parlament u mill-Kunsill u konformement magħhom li huwa jeżerċita superviżjoni fir-rigward tal-osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li s-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88) ma setgħetx tiġi applikata b'analoġija għas-sitwazzjoni tal-KEPD, li ma jistax jiġi rrikonoxxut locus standi skont din is-sentenza u li għandu jitqies li huwa rikorrent li għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fit-tielet lok, fil-kuntest tal-eżami tal-locus standi tal-KEPD skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali analizzat, preliminarjament, jekk dan setax, bħala korp tal-Unjoni, jiġi assimilat ma' persuna ġuridika fis-sens ta' dan l-artikolu. Hija rrilevat li, b'applikazzjoni ta' interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-prinċipji ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv u ta' Stat tad-dritt, korp tal-Unjoni, bħalma huwa l-KEPD, għandu, bħala "persuna ġuridika", locus standi għall-annullament tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, bil-kundizzjoni li jkun direttament u individwalment ikkonċernat minnhom fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, l-istess bħal persuna jew entità oħra, tali persuna ġuridika tista' tkun affettwata b'mod negattiv fid-drittijiet jew fl-interessi tagħha minn att tal-Unjoni u għandha għalhekk tkun f'pożizzjoni, b'osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet, li tfittex l-annullament ta' tali att.

Fir-rigward tal-kundizzjoni li persuna ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata, il-Qorti Ġenerali fakkret li skont din il-kundizzjoni għandhom jiġu ssodisfatti kumulattivament żewġ kriterji. F'dak li jikkonċerna, l-ewwel, il-kriterju dwar l-effetti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati fuq is-sitwazzjoni legali tal-KEPD, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-KEPD huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-applikazzjoni mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni tar-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data personali [404]. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jemendaw ir-Regolament Europol inizjali u ma jaffettwawx in-natura jew il-portata tal-funzjonijiet mogħtija lill-KEPD mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, filwaqt li huwa minnu li s-sistema legali li l-KEPD huwa inkarigat bis-superviżjoni tagħha ġiet emendata, il-kompetenzi tiegħu ma ġewx mibdula, peress li l-mod li bih huwa jista' legalment jeżerċita dawn tal-aħħar ma nbidilx bħala tali. Għaldaqstant, il-KEPD ma kienx direttament ikkonċernat mid-dispożizzjonijiet ikkontestati, sa fejn id-drittijiet, l-obbligi jew il-kompetenzi tiegħu ma ġewx affettwati minn dawn id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, fir-rigward tal-effetti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati fuq id-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar 2022, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li din kienet deċiżjoni amministrattiva li ma setgħetx ikollha effett fuq atti leġiżlattivi, bħar-Regolament Europol emendat, u lanqas ma setghet taffettwa l-kontenut tiegħu.

It-tieni, fir-rigward tal-kriterju dwar il-marġni ta' evalwazzjoni tad-destinatarji responsabbli mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, il-Qorti Ġenerali rrilevat li dawn tal-aħħar iħallu ċertu marġni ta' evalwazzjoni lill-Europol. Għaldaqstant, dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex ta' natura purament awtomatika u jirriżultaw biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-konfront tal-KEPD, mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra

---

403 Kif previst fl-Artikolu 14(1) u fl-Artikolu 16(1) TUE.

404 Skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39), u tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament Europol inizjali.

Konsegwentement, peress li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma kinux jaffettwaw direttament is-sitwazzjoni legali tal-KEPD u peress li l-kundizzjonijiet li r-rikorrent ikun ikkonċernat direttament u individwalment mill-att li jkun qiegħed jitlob l-annullament tiegħu huma kumulattivi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikors kien inammissibbli.

Fit-3 ta' Jannar 2022, wara investigazzjoni ex officio, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) adotta deċiżjoni kontra l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol). Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-KEPD ordna lill-Europol, essenzjalment, li twettaq, għal kull kontribuzzjoni rċevuta mill-4 ta' Jannar 2022, il-kategorizzazzjoni tal-persuni kkonċernati f'terminu ta' sitt xhur mid-data tal-wasla tal-kontribuzzjoni u f'terminu ta' tnax-il xahar għas-settijiet ta' data eżistenti fid-data ta' dik id-deċiżjoni, termini li warajhom il-Europol kienet obbligata tħassar din id-data.

Fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament tal-Europol emendat. Dan tal-aħħar jipprovdi, essenzjalment, permezz taż-żewġ dispożizzjonijiet tranżitorji, il-kundizzjonijiet li fihom il-Europol tipproċedi, f'terminu determinat, għall-kategorizzazzjoni tas-settijiet ta' data fil-pussess tagħha fil-mument tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Eurpol emendat u jippreċiżaw il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li fihom l-ipproċessar ta' data personali mhux relatata mal-kategoriji ta' persuni konċernati elenkati fl-Anness II tar-Regolament Europol emendat u li ġiet ittrasferita lil Europol qabel it-28 ta' Ġunju 2022 hija awtorizzata bħala appoġġ għal investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja.

Il-KEPD qies li d-dispożizzjonijiet ikkontestati kienu jiksru l-indipendenza u s-setgħat tiegħu bħala awtorità superviżorja, sa fejn, fil-fehma tiegħu, dawn kienu jillegalizzaw retroattivament il-prattiki taż-żamma tad-data kontenzjuża ta' Europol u kienu jannullaw de facto d-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar 2022. Għalhekk, skont l-Artikolu 263 TFUE, huwa talab, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-annullament tagħhom. Huwa allega li l-locus standi tiegħu kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jkun jista' jkollu azzjoni ġudizzjarja sabiex jiddefendi l-prerogattivi istituzzjonali tiegħu u, b'mod partikolari, l-indipendenza tiegħu bħala awtorità superviżorja.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali hija adita, għall-ewwel darba, b'rikors għal annullament ippreżentat mill-KEPD kontra att leġiżlattiv tal-Kunsill u tal-Parlament, li jqajjem b'mod partikolari l-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qorti Ġenerali sabiex tieħu konjizzjoni tal-imsemmi rikors, il-kwistjoni tal-applikazzjoni tas-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88), b'analoġija għal dan il-każ, u dik tal-interess dirett tal-KEPD, assimilata ma' persuna ġuridika, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali teżamina l-kompetenza tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors ippreżentat mill-KEPD u tosserva, qabelxejn, li dan la jinsab fost ir-rikorrenti msemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u lanqas fil-lista tal-istituzzjonijiet tal-Artikolu 13(1) TUE. Sussegwentement, hija tirrileva li għalkemm l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jsemmi espressament il-korpi u l-organi tal-Unjoni fil-lista tal-awturi tal-atti li l-legalità tagħhom tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' rikors għal annullament, l-istess ma japplikax fir-rigward tat-tieni u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Għalhekk, hija tippreċiża li għalkemm l-istatus tal-KEPD, bħala awtorità indipendenti ta' superviżjoni, huwa stabbilit kemm fit-Trattat FUE kif ukoll mill-Karta, ġie stabbilit bħala korp tal-Unjoni mhux b'att ta' dritt primarju, iżda b'att ta' dritt sekondarju. Għaldaqstant, għalkemm il-KEPD huwa korp tal-Unjoni li għandu status partikolari, ma huwiex istituzzjoni tal-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, ma jistax jitqies li jinsab fost ir-rikorrenti msemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fl-aħħar, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li hija kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors sa fejn huma rriżervati għall-Qorti tal-Ġustizzja r-rikorsi msemmija fl-Artikolu 263 TFUE, ippreżentati b'mod partikolari minn istituzzjoni tal-Unjoni kontra att leġiżlattiv u sa fejn il-KEPD la huwa istituzzjoni u lanqas rikorrent imsemmi fit-tieni u fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tevalwa jekk il-KEPD għandux locus standi skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88). Hija tinnota li, f'din is-sentenza, invokata mill-KEPD insostenn tal-locus standi partikolari tiegħu intiż għas-salvagwardja tal-prerogattivi istituzzjonali tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Parlament ma kellu ebda possibbiltà li jikkontesta, quddiem il-qrati tal-Unjoni, l-atti adottati mill-istituzzjonijiet l-oħra li jistgħu jippreġudikaw il-prerogattivi tiegħu stess u hija għażlet li timla din il-lakuna billi tirrikorri għall-prinċipju ġenerali tal-ekwilibriju istituzzjonali. Min-naħa l-oħra, il-KEPD jista' jippreżenta rikors għal annullament abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE meta jkun korp maħluq minn att tad-dritt sekondarju tal-Unjoni li jista' jiġi assimilat ma' persuna ġuridika. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li għalkemm il-KEPD għandu status partikolari, rrikonoxxut kemm mit-Trattat FUE kif ukoll mill-Karta, u li l-ħolqien ta' awtoritajiet ta' superviżjoni indipendenti huwa element essenzjali tal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, l-indipendenza li fiha l-KEPD għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fil-prattika ma hijiex intiża li tillimita s-setgħat tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Konsegwentement, il-KEPD huwa obbligat jeżerċita l-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu b'indipendenza sħiħa u huwa fil-kuntest tal-atti leġiżlattivi adottati b'mod konġunt mill-Parlament u mill-Kunsill u konformement magħhom li jistħarreġ l-osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li s-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-70/88) ma tistax tiġi applikata b'analoġija għas-sitwazzjoni tal-KEPD, li ma jistax jiġi rrikonoxxut locus standi skont din is-sentenza u li għandu jitqies bħala rikorrent li għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fit-tielet lok, fil-kuntest tal-eżami tal-locus standi tal-KEPD skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali tanalizza, preliminarjament, jekk dan jistax, bħala korp tal-Unjoni, jiġi assimilat ma' persuna ġuridika fis-sens ta' dan l-artikolu. Hija tirrileva li, b'applikazzjoni ta' interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-prinċipji ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv u ta' Stat tad-dritt, korp tal-Unjoni, bħall-KEPD, għandu, bħala "persuna ġuridika", locus standi għall-annullament tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, bil-kundizzjoni li jkun direttament u individwalment ikkonċernat minnhom fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, l-istess bħal persuna jew entità oħra, tali persuna ġuridika tista' tkun affettwata b'mod negattiv fid-drittijiet jew fl-interessi tagħha minn att tal-Unjoni u għandha għalhekk tkun f'pożizzjoni, b'osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet, li tfittex l-annullament ta' tali att.

F'dak li jikkonċerna, l-ewwel, il-kriterju dwar l-effetti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati fuq is-sitwazzjoni legali tal-KEPD, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li l-KEPD huwa responsabbli għall-istħarriġ tal-applikazzjoni mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni tar-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data personali. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet ikkontestati jemendaw ir-Regolament Europol inizjali u ma jaffettwawx in-natura jew il-portata tal-funzjonijiet mogħtija lill-KEPD mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, filwaqt li huwa minnu li s-sistema legali li l-KEPD huwa inkarigat li jistħarreġ ġiet emendata, il-kompetenzi tiegħu ma ġewx mibdula, peress li l-mod li bih huwa jista' legalment jeżerċita dawn tal-aħħar ma nbidilx bħala tali. Għaldaqstant, il-KEPD ma huwiex direttament ikkonċernat mid-dispożizzjonijiet ikkontestati, sa fejn id-drittijiet, l-obbligi jew il-kompetenzi tiegħu ma ġewx affettwati minn dawn id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, fir-rigward tal-effetti tad-dispożizzjonijiet ikkontestati fuq id-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar 2022, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li din hija deċiżjoni amministrattiva li ma jistax ikollha effett fuq atti leġiżlattivi, bħar-Regolament Europol emendat, u lanqas taffettwa l-kontenut tiegħu.

It-tieni, fir-rigward tal-kriterju dwar il-marġni ta' diskrezzjoni tad-destinatarji responsabbli mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, il-Qorti Ġenerali tirrileva li dawn tal-aħħar iħallu ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-Europol. Għaldaqstant, dawn ma humiex ta' natura purament awtomatika u jirriżultaw biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-konfront tal-KEPD, mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra

Konsegwentement, peress li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jaffettwawx direttament is-sitwazzjoni legali tal-KEPD u peress li l-kundizzjonijiet li r-rikorrent ikun ikkonċernat direttament u individwalment

mill-att li jkun qiegħed jitlob l-annullament tiegħu huma kumulattivi, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li r-rikors huwa inammissibbli.

## Digriet tal-20 ta' Settembru 2023, Nicoventures Trading *et* vs Il-Kummissjoni (T-706/22, EU:T:2023:579)

*"Rikors għal annullament – Saħħa pubblika – Irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna – Inċidenza diretta – Nuqqas ta' inċidenza individwali – Inammissibbiltà"*

Imwaqqfa fl-2011 fi ħdan il-grupp British American Tobacco, Nicoventures Trading, waħda mir-rikorrenti, kienet tiżviluppa u tikkummerċjalizza prodotti innovattivi mhux kombustibbli, bħalma huma prodotti tat-tabakk imsaħħna. Hija kienet tbiegħhom lil kumpanniji oħra tal-grupp, fosthom ir-rikorrenti l-oħra, li kienu jiżguraw jew li kellhom l-intenzjoni li jiżguraw id-distribuzzjoni tagħhom fis-suq ta' erbatax-il Stat Membru.

Fid-29 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat id-Direttiva Delegata 2022/2100 [405] (iktar 'il quddiem l-"att ikkontestat"), li temenda d-Direttiva 2014/40 [406] fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna. L-effett ta' dan l-att kien li jipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna li jkun fihom togħma karatterizzanti u li jissuġġetta l-prodotti tat-tabakk imsaħħna għat-tipjip li ma jkunx fihom togħma karatterizzanti għall-istess obbligi ta' ttikkettjar bħal ċerti prodotti oħra tat-tabakk għat-tipjip, jiġifieri s-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipa tal-ilma. L-Istati Membri kienu meħtieġa jadottaw il-miżuri ta' traspożizzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dawn il-projbizzjonijiet u obbligi ġodda qabel it-23 ta' Ottubru 2023.

Filwaqt li sostnew li l-att ikkontestat kellu effett negattiv fuq is-sitwazzjoni legali tagħhom, ir-rikorrenti adixxew lill-Qorti Ġenerali b'rikors għal annullament ta' dan l-att.

Permezz tad-digriet tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli, minħabba li r-rikorrenti ma kinux ikkonċernati individwalment mill-att ikkontestat.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

Fil-preambolu, il-Qorti Ġenerali fakkret li skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra l-atti indirizzati lilha jew li jirrigwardawha direttament u individwalment, kif ukoll kontra l-atti regolatorji li jirrigwardawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni.

Sa fejn l-att ikkontestat, li kien att regolatorju, kien jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni u minħabba f'hekk ma kienx jaqa' taħt l-aħħar ipoteżi prevista mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk ir-rikorrenti kinux direttament u individwalment ikkonċernati minn dan l-att, fis-sens tat-tieni ipoteżi ta' din id-dispożizzjoni.

---

405 Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2100 tad-29 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan (ĠU 2022, L 283, p. 4).

406 Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU 2014, L 127, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015 L 150, p. 24).

Fir-rigward tal-inċidenza diretta, il-Qorti Ġenerali, wara li fakkret iż-żewġ kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti kumulattivament f'dan ir-rigward, ikkonstatat li r-rikorrenti kienu suġġetti għal projbizzjoni u għal obbligi li jirriżultaw direttament mill-att ikkontestat, indipendentement mill-fatt li dan l-att kien jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni, jiġifieri miżuri ta' traspożizzjoni. Fil-fatt, il-miżuri ta' traspożizzjoni previsti minn dan l-att kienu neċessarji biss għall-applikazzjoni sħiħa tal-imsemmija projbizzjoni u obbligi fid-drittijiet tal-Istati Membri, mingħajr ma dawn għandhom setgħa ta' evalwazzjoni awtonoma, peress li l-att ikkontestat ma kien iħalli ebda marġni ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kellhom jitqiesu li kienu direttament ikkonċernati mill-att ikkontestat.

Fir-rigward tal-inċidenza individwali, il-Qorti Ġenerali fakkret li att ta' portata ġenerali jista' jikkonċerna individwalment lil ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u għalhekk ikollu natura deċiżjonali fir-rigward tagħhom, jekk dan l-att jaffettwa lil persuna fiżika jew ġuridika minħabba ċerti kwalitajiet li jkunu partikolari għaliha jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzaha meta mqabbla ma' kull persuna oħra u minħabba dan il-fatt tindividwalizzaha b'mod analogu għal dak ta' destinatarju.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-awtorizzazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet u n-notifiki ta' kummerċjalizzazzjoni meħtieġa mid-Direttiva 2014/40, qabel it-tqegħid fis-suq tal-prodotti tat-tabakk, u li jinvokaw ir-rikorrenti, ma kinux jippermettu li jiġi stabbilit li huma kienu individwalment ikkonċernati mill-att ikkontestat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset l-ewwel nett li l-fatt li l-operaturi, li għamlu dikjarazzjoni jew notifika jew li kellhom awtorizzazzjoni, kienu identifikabbli fil-mument tal-adozzjoni tal-att ikkontestat ma kienx suffiċjenti fih innifsu sabiex jiġi konkluż li l-imsemmija operaturi kienu kkonċernati individwalment.

It-tieni nett, in-numru ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi affettwati mill-att ikkontestat lanqas ma kien determinanti.

It-tielet nett, anki jekk il-projbizzjoni assoluta ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna li fihom togħmiet karatterizzanti li tirriżulta mill-att ikkontestat neċessarjament kellha l-effett li ddaħħal inkwistjoni l-awtorizzazzjonijiet miżmuma minn uħud mir-rikorrenti, dawn l-awtorizzazzjonijiet ma setgħux jitqiesu li kienu jikkaratterizzaw u li jindividwalizzaw il-pożizzjoni tal-proprjetarji tagħhom fir-rigward tal-att ikkontestat, daqslikieku kienu d-destinatarji tagħhom. Fil-fatt, qabel kollox, l-effetti tal-att ikkontestat iseħħu bl-istess mod kemm fir-rigward tal-operaturi li jkunu kisbu awtorizzazzjoni kif ukoll fir-rigward tal-operaturi li jkunu għamlu d-dikjarazzjonijiet jew in-notifiki previsti mid-Direttiva 2014/40, jew ukoll fir-rigward tal-operaturi li jkunu għadhom ma kisbux awtorizzazzjoni jew għamlu dikjarazzjoni jew notifika, iżda li jkollhom l-intenzjoni li jqiegħdu tali prodotti fis-suq. Sussegwentement, l-awtorizzazzjonijiet kif ukoll id-dikjarazzjonijiet jew in-notifiki kienu jissodisfaw rekwiżiti oġġettivi, iddeterminati b'mod ġenerali u astratt għall-operaturi kollha, mingħajr element ta' esklużività għall-operaturi inkwistjoni. Fl-aħħar nett, sa fejn id-Direttiva 2014/40 tipprevedi li diversi atti delegati jistgħu jispeċifikaw jew jemendaw il-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, l-awtorizzazzjonijiet u d-drittijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma setgħux jitqiesu li kienu miksuba b'mod indefinit.

Ir-raba' nett, il-fatt li r-rikorrenti ma kinux jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħal operaturi li jinsabu upstream u downstream fil-katina ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tal-prodotti inkwistjoni kien irrilevanti. Fil-fatt, ir-rikorrenti kellhom jistabbilixxu li huma kienu ġew affettwati minħabba kwalità jew sitwazzjoni ta' fatt li kienet tagħhom stess u li tiddistingwihom bħalma jkun id-destinatarju ta' deċiżjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq effett sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom. Fil-fatt, ma huwiex biżżejjed li ċerti operaturi jkunu iktar ekonomikament affettwati minn att ta' portata ġenerali milli oħrajn sabiex jindividwalizzawhom meta

mqabbla ma' dawn l-operaturi l-oħra, peress li dan l-att jiġi applikat abbażi ta' sitwazzjoni ddeterminata oġġettivament. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li persuna fiżika jew ġuridika tista' titlef sors importanti ta' dħul minħabba leġiżlazzjoni ġdida ma jipprovax li hija tinsab f'sitwazzjoni speċifika. Lanqas ma huwa biżżejjed sabiex juri li din il-leġiżlazzjoni tikkonċernaha individwalment, peress li din il-persuna għandha tippreżenta l-prova ta' ċirkustanzi li jippermettu li jitqies li d-dannu allegatament imġarrab ikun ta' natura li jindividwalizzaha fir-rigward ta' kull operatur ekonomiku ieħor ikkonċernat mill-imsemmija leġiżlazzjoni bl-istess mod bħalha.

## 2. Rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali

### Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2023, IMG vs Il-Kummissjoni (T-752/20, EU:T:2023:366)

*"Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Investigazzjonijiet tal-OLAF – Rivelazzjonijiet fl-istampa – Danni materjali u morali – Rabta kawżali – Imputabbiltà tar-rivelazzjonijiet – Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi – Kunfidenzjalità tal-opinjonijiet legali"*

Skont l-istatuti tagħha, International Management Group (IMG) ġiet stabbilita bħala organizzazzjoni internazzjonali, bil-għan li tippermetti lill-Istati parteċipanti fir-rikostruzzjoni tal-Bosnja-Ħerzegovina jkollhom entità ddedikata għal dan il-għan. Fil-kuntest tal-attivitajiet tagħha, li fil-frattemp saru iktar estiżi, hija kkonkludiet diversi ftehimiet mal-Kummissjoni Ewropea, b'applikazzjoni b'mod partikolari tal-metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea msejjaħ ta' "ġestjoni indiretta jew konġunta".

Fi tmiem l-investigazzjoni tiegħu dwar l-istatus legali tar-rikorrenti, fid-9 ta' Diċembru 2014, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) stabbilixxa rapport finali, li fih qies li r-rikorrenti ma kinitx "organizzazzjoni internazzjonali" fis-sens tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni u li kien saħansitra possibbli li lanqas biss kellha personalità ġuridika proprja.

Ftit wara li tħejja, ir-rapport tal-OLAF intbagħat lid-destinatarji legali, jiġifieri lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-Kummissjoni. Sussegwentement, il-kontenut tiegħu kien is-suġġett ta' rivelazzjonijiet fl-istampa. Fit-13 ta' Frar 2015, l-informazzjoni dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport ġiet ippubblikata fir-rivista Der Spiegel u, fl-11 ta' Diċembru 2015, ir-rapport ġie ppubblikat fis-sit internet tal-gazzetta New Europe. L-investigazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni ma ppermettewx li jiġi identifikat is-sors ta' din ir-rivelazzjoni.

Ir-rikorrenti ppreżentat rikors għal kumpens għad-danni materjali u morali li hija allegatament ġarrbet b'konsegwenza tar-rivelazzjoni tar-rapport tal-OLAF fl-istampa minħabba l-illegalità tal-aġir tal-Kummissjoni u tal-OLAF.

Filwaqt li ċaħdet dan ir-rikors, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi minħabba ommissjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni u dwar il-portata tad-dmir ta' diliġenza f'dan il-kuntest, b'mod partikolari fir-rigward tal-passi li jkollhom jittieħdu, bħala reazzjoni għar-rivelazzjoni fl-istampa ta' dokument, mill-istituzzjoni tal-Unjoni inkarigata li tiżgura l-kunfidenzjalità tiegħu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-illegalità mqajma mir-rikorrenti, ibbażata fuq ksur tad-dmir ta' premura u ta' diliġenza tal-Kummissjoni u li kienet tikkonsisti f'nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni, ikkaratterizzata mill-fatt li ma kkundannatx pubblikament ir-rivelazzjoni tar-rapport tal-

OLAF, li ma waqqfitx it-tixrid ta' informazzjoni falza pprovokat minn dan l-iżvelar u li ma rrettifikatx l-imsemmija informazzjoni, kellha tiġi miċħuda.

Fir-rigward tad-dmir ta' premura, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dan jirrigwarda speċifikament l-obbligi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-konfront tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal tagħhom, u jimplika b'mod partikolari t-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi individwali tagħhom. Issa, dan il-każ ma kienx jikkonċerna r-relazzjonijiet bejn l-amministrazzjoni tal-Unjoni u wieħed mill-uffiċjali jew membri tal-persunal tagħha. Konsegwentement, id-dmir ta' premura ma kienx japplika għal dan il-każ.

Fir-rigward tal-ksur tad-dmir ta' diliġenza, il-Qorti Ġenerali bdiet billi fakkret, minn naħa, li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tista' tiġi stabbilita biss jekk il-persuna li tqis li tkun ġarrbet dannu tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju jiddependi mis-setgħa ta' evalwazzjoni li għandhom l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu tal-Unjoni li jkunu kisru din ir-regola u mill-kwistjoni ta' jekk dawn ikunux kisru b'mod manifest u gravi l-limiti imposti fuq din is-setgħa, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tal-imsemmija regola, tad-diffikultajiet ta' interpretazzjoni jew ta' applikazzjoni li jistgħu jirriżultaw minnha kif ukoll tal-kumplessità tas-sitwazzjoni li jkollha tiġi rregolata. Min-naħa l-oħra, l-ommissjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà tal-Unjoni fil-każ biss li l-imsemmija istituzzjonijiet ikunu kisru obbligu legali li jaġixxu, li jirriżulta minn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

B'hekk, minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk istituzzjoni wettqitx ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi minħabba ommissjoni jimplika li għandu jiġi ddeterminat jekk jiġux issodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel, l-eżistenza ta' obbligu legali li tittieħed azzjoni, it-tieni, l-eżistenza ta' setgħa ta' evalwazzjoni għall-istituzzjoni, għall-korp jew għall-organu tal-Unjoni inkwistjoni u, it-tielet, ksur b'mod manifest u serju minn dawn tal-aħħar tal-limiti imposti fuq din is-setgħa.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma kinitx stabbilixxiet li l-Kummissjoni kienet marbuta b'obbligu legali li taġixxi. F'dan il-kuntest, hija rrilevat li l-ksur tad-dmir ta' diliġenza invokat mir-rikorrenti kien intrinsikament marbut mar-Regolament Nru 883/2013 [407] u li, skont dan ir-regolament, il-Kummissjoni hija obbligata tiżgura l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Madankollu, minkejja dan l-obbligu, id-dmir ta' diliġenza li għalih hija suġġetta l-Kummissjoni ma jistax jimponi fuqha, meta ma tkunx kisret l-imsemmi obbligu u meta r-responsabbiltà għar-rivelazzjoni tar-rapport tal-OLAF fl-istampa ma tkunx tista' tiġi imputata lilha, obbligu li taġixxi billi tikkundanna r-rivelazzjoni fl-istampa ta' informazzjoni dwar tali investigazzjoni u billi tiddistakka ruħha mill-informazzjoni ppubblikata. Fil-fatt, id-dmir ta' diliġenza ma għandux il-portata li attribwixxietlu r-rikorrenti. Kienet ir-rivelazzjoni ta' dan ir-rapport fl-istampa li kkostitwixxiet ksur tal-obbligu ta' kunfidenzjalità li madankollu l-imputazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni ma ġietx ipprovata, u mhux l-ommissjoni allegata mir-rikorrenti fil-konfront tal-Kummissjoni.

Il-Qorti Ġenerali żiedet tgħid li, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni kellha obbligu legali li taġixxi minħabba d-dmir ta' diliġenza tagħha, ma setax jitqies li l-ksur ta' dan id-dmir, allegat mir-rikorrenti, kien jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li kellha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

---

407 Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU 2013, L 248, p. 1).

F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat li, fil-każ li jkun jeżisti tali obbligu, id-dmir ta' diliġenza jkollu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' rivelazzjoni ta' dokument kunfidenzjali li fir-rigward tagħha ma jkunx intwera li kienet ikkawżata mill-istituzzjoni kkonċernata, din l-istituzzjoni jkollha l-obbligu li ma taggravax id-dannu li jkun jista' jirriżulta minn dan il-ksur ta' kunfidenzjalità.

Issa, tali obbligu li taġixxi sabiex ma jiġix aggravat id-dannu kkawżat minn ksur tal-kunfidenzjalità li ma kienx imputabbli lilha ma jirriżultax mir-Regolament Nru 883/2013. Fil-fatt, meta jipprevedi li l-istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom jiżguraw l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, dan ir-regolament jistabbilixxi obbligu għal dawn l-istituzzjonijiet li jiggarantixxu li l-kontenut tal-investigazzjonijiet tal-OLAF jibqa' kunfidenzjali. Għall-kuntrarju, huwa ma jimponix fuqhom, meta din il-kunfidenzjalità ma tkunx ġiet osservata u meta l-iżvelar ma joriġinax mill-istituzzjoni kkonċernata, obbligi li jikkundannaw ir-rivelazzjoni, li jtemmu t-tixrid tal-informazzjoni inkwistjoni jew li jirrettifikaw dik l-informazzjoni li tkun żbaljata. Tali obbligi ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt l-obbligu li tiġi żgurata l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Fil-fatt, minn naħa, peress li kien hemm ksur tal-imsemmija kunfidenzjalità, l-obbligu tal-Kummissjoni li tiżgura l-osservanza tagħha tilef l-iskop tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-ewwel, l-eventwali neċessità li tiġi kkundannata r-rivelazzjoni tmur lil hinn mis-sempliċi obbligu li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità, it-tieni, f'każ bħal dan, ikun impossibbli għall-Kummissjoni li ttemm it-tixrid tar-rapport tal-OLAF li jirriżulta minn din ir-rivelazzjoni permezz tal-istampa u, it-tielet, jekk jitqies li ċerta informazzjoni mxerrda tkun żbaljata, ir-rettifika tagħha ma tkunx ta' natura li tistabbilixxi mill-ġdid in-natura kunfidenzjali tagħha, li tkun għebet definittivament.

Skont l-istatuti tagħha, International Management Group (IMG) ġiet stabbilita bħala organizzazzjoni internazzjonali, bil-għan li tippermetti lill-Istati parteċipanti fir-rikostruzzjoni tal-Bosnja-Ħerzegovina jkollhom entità ddedikata għal dan il-għan. Fil-kuntest tal-attivitajiet tagħha, li fil-frattemp saru iktar estiżi, hija kkonkludiet diversi ftehimiet mal-Kummissjoni Ewropea, b'applikazzjoni b'mod partikolari tal-metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea msejjaħ ta' "ġestjoni indiretta jew konġunta".

Fi tmiem l-investigazzjoni tiegħu dwar l-istatus legali tar-rikorrenti, fid-9 ta' Diċembru 2014, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) stabbilixxa rapport finali, li fih qies li r-rikorrenti ma kinitx "organizzazzjoni internazzjonali" fis-sens tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni u li kien saħansitra possibbli li lanqas biss kellha personalità ġuridika proprja.

Ftit wara li tħejja, ir-rapport tal-OLAF intbagħat lid-destinatarji legali, jiġifieri lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-Kummissjoni. Sussegwentement, il-kontenut tiegħu kien is-suġġett ta' rivelazzjonijiet fl-istampa. Fit-13 ta' Frar 2015, l-informazzjoni dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport ġiet ippubblikata fir-rivista Der Spiegel u, fl-11 ta' Diċembru 2015, ir-rapport ġie ppubblikat fis-sit internet tal-gazzetta New Europe. L-investigazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni ma ppermettewx li jiġi identifikat is-sors ta' din ir-rivelazzjoni.

Ir-rikorrenti ppreżentat rikors għal kumpens għad-danni materjali u morali li hija allegatament ġarrbet minħabba r-rivelazzjoni tar-rapport tal-OLAF fl-istampa minħabba l-illegalità tal-aġir tal-Kummissjoni u tal-OLAF.

Filwaqt li ċaħdet dan ir-rikors, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li kellha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi minħabba ommissjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni u dwar il-portata tad-dmir ta' diliġenza f'dan il-kuntest, b'mod partikolari fir-rigward tal-passi li għandhom jittieħdu, bħala reazzjoni għar-rivelazzjoni fl-istampa ta' dokument, mill-istituzzjoni tal-Unjoni inkarigata li tiżgura l-kunfidenzjalità tiegħu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-illegalità mqajma mir-rikorrenti, ibbażata fuq ksur tad-dmir ta' premura u ta' diliġenza tal-Kummissjoni u li tikkonsisti f'nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni, ikkaratterizzata mill-fatt li ma kkundannatx pubblikament ir-rivelazzjoni tar-rapport tal-OLAF, li ma waqqfitx it-tixrid ta' informazzjoni falza pprovokat minn dan l-iżvelar u li ma rrettifikatx l-imsemmija informazzjoni, kellha tiġi miċħuda.

Fir-rigward tad-dmir ta' premura, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dan jirrigwarda speċifikament l-obbligi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-konfront tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal tagħhom, u jimplika b'mod partikolari t-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi individwali tagħhom. Konsegwentement, id-dmir ta' premura ma japplikax għal dan il-każ.

Fir-rigward tal-ksur tad-dmir ta' diliġenza, il-Qorti Ġenerali bdiet billi fakkret, minn naħa, li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tista' tiġi stabbilita biss jekk il-persuna li tqis li tkun ġarrbet dannu tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju jiddependi mis-setgħa diskrezzjonali li għandhom l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu tal-Unjoni li jkunu kisru din ir-regola u mill-kwistjoni ta' jekk dawn kisrux b'mod manifest u gravi l-limiti imposti fuq din is-setgħa, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tal-imsemmija regola, tad-diffikultajiet ta' interpretazzjoni jew ta' applikazzjoni li jistgħu jirriżultaw minnha kif ukoll tal-kumplessità tas-sitwazzjoni li għandha tiġi rregolata. Min-naħa l-oħra, l-ommissjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà tal-Unjoni fil-każ biss li l-imsemmija istituzzjonijiet ikunu kisru obbligu legali li jaġixxu, li jirriżulta minn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

B'hekk, minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk istituzzjoni wettqitx ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi minħabba ommissjoni jimplika li għandu jiġi ddeterminat jekk humiex issodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel, l-eżistenza ta' obbligu legali li tittieħed azzjoni, it-tieni, l-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali għall-istituzzjoni, għall-korp jew għall-organu tal-Unjoni inkwistjoni u, it-tielet, ksur b'mod manifest u serju minn dawn tal-aħħar tal-limiti imposti fuq din is-setgħa.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma stabbilixxietx li l-Kummissjoni kienet marbuta b'obbligu legali li taġixxi. F'dan il-kuntest, hija rrilevat li l-ksur tad-dmir ta' diliġenza invokat mir-rikorrenti huwa intrinsikament marbut mar-Regolament Nru 883/2013 u li, skont dan ir-regolament, il-Kummissjoni hija obbligata tiżgura l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Madankollu, minkejja dan l-obbligu, id-dmir ta' diliġenza li għalih hija suġġetta l-Kummissjoni ma jistax jimponilha, meta ma tkunx kisret l-imsemmi obbligu u meta r-responsabbiltà għar-rivelazzjoni tar-rapport tal-OLAF fl-istampa ma tkunx tista' tiġi imputata lilha, obbligu li taġixxi billi tikkundanna r-rivelazzjoni fl-istampa ta' informazzjoni dwar tali investigazzjoni u billi tiddistakka ruħha mill-informazzjoni ppubblikata. Fil-fatt, id-dmir ta' diliġenza ma għandux il-portata li tattribwixxilu r-rikorrenti. Kienet ir-rivelazzjoni ta' dan ir-rapport fl-istampa li kkostitwixxiet ksur tal-obbligu ta' kunfidenzjalità li madankollu l-imputazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni ma ġietx ipprovata, u mhux l-ommissjoni allegata mir-rikorrenti fil-konfront tal-Kummissjoni.

Il-Qorti Ġenerali żiedet tgħid li, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni kellha obbligu legali li taġixxi minħabba d-dmir ta' diliġenza tagħha, ma jistax jitqies li l-ksur ta' dan id-dmir, allegat mir-rikorrenti, jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat li, fil-każ li jeżisti tali obbligu, id-dmir ta' diliġenza jkollu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' rivelazzjoni ta' dokument kunfidenzjali li fir-rigward tagħha ma jkunx intwera li kienet ikkawżata mill-istituzzjoni kkonċernata, din l-istituzzjoni jkollha l-obbligu li ma taggravax id-dannu li jista' jirriżulta minn dan il-ksur tal-kunfidenzjalità.

Issa, tali obbligu li taġixxi sabiex ma jiġix aggravat id-dannu kkawżat minn ksur tal-kunfidenzjalità li ma huwiex imputabbli lilha ma jirriżultax mir-Regolament Nru 883/2013. Fil-fatt, meta jipprevedi li l-

istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom jiżguraw l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, dan ir-regolament jistabbilixxi obbligu għal dawn l-istituzzjonijiet li jiggarantixxu li l-kontenut tal-investigazzjonijiet tal-OLAF jibqa' kunfidenzjali. Għall-kuntrarju, huwa ma jimponix fuqhom, meta din il-kunfidenzjalità ma tkunx ġiet osservata u meta l-iżvelar ma joriġinax mill-istituzzjoni kkonċernata, obbligi li jikkundannaw ir-rivelazzjoni, li jtemmu t-tixrid tal-informazzjoni inkwistjoni jew li jikkoreġu dik l-informazzjoni li tkun żbaljata. Tali obbligi ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt l-obbligu li tiġi żgurata l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Fil-fatt, minn naħa, peress li kien hemm ksur tal-imsemmija kunfidenzjalità, l-obbligu tal-Kummissjoni li tiżgura l-osservanza tagħha tilef l-iskop tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-ewwel, l-eventwali neċessità li tiġi kkundannata r-rivelazzjoni tmur lil hinn mis-sempliċi obbligu li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità, it-tieni, f'każ bħal dan, ikun impossibbli għall-Kummissjoni li ttemm it-tixrid tar-rapport tal-OLAF li jirriżulta minn din ir-rivelazzjoni permezz tal-istampa u, it-tielet, jekk jitqies li ċerta informazzjoni mxerrda hija żbaljata, ir-rettifika tagħha ma tkunx ta' natura li tistabbilixxi mill-ġdid in-natura kunfidenzjali tagħha, li għebet definittivament.

## 3. Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni [408]

### Sentenza tas-26 ta' Lulju 2023, Stockdale vs Il-Kunsill *et* (T-776/20, EU:T:2023:422)

*"Rikors għal annullament u għad-danni – Membru tal-persunal internazzjonali bil-kuntratt mar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja Ħerzegovina – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Natura kuntrattwali tat-tilwima – Assenza ta' klawżola ta' arbitraġġ u ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni – Artikoli 263, 268, 272 u 274 TFUE – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ammissibbiltà – Identifikazzjoni tal-konvenuti – Kunċett ta' 'korp jew organu tal-Unjoni' – Nuqqas ta' ġurisdizzjoni u inammissibbiltà parzjali"*

Ir-rikorrent, ċittadin tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, kien jokkupa l-funzjonijiet ta' kap tal-finanzi u tal-amministrazzjoni mar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"RSUE") fil-Bosnja-Ħerzegovina bejn l-2006 u l-31 ta' Diċembru 2020 u, f'dan ir-rigward, kien ikkonkluda 17-il kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat (KŻD) ma' dan ir-RSUE. Wara l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u mill-Euratom [409], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020 u li kien jipprevedi perijodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina adotta deċiżjoni ta' xoljiment tal-aħħar kuntratt ta' xogħol tar-rikorrent b'effett minn din id-data.

Fil-kuntest ta' rikors għal annullament u għad-danni, ippreżentat kontra l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u r-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, ir-rikorrent talab, prinċipalment, l-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment, kif ukoll il-kumpens għad-danni li huwa allegatament ġarrab minħabba din id-deċiżjoni. Huwa talab ukoll il-klassifikazzjoni mill-ġdid tar-relazzjoni kuntrattwali tiegħu f'kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat (KŻI) u l-kumpens għad-danni li huwa allegatament ġarrab minħabba n-nuqqas ta' adozzjoni ta' status ċar applikabbli għalih. Barra minn hekk, ir-rikorrent talab, sussidjarjament, li tiġi

[408] F'din it-taqsima għandu jissemma wkoll id-digriet tas-6 ta' Settembru 2023, ***KEPD vs Il-Parlament u Il-Kunsill*** (T-578/22, EU:T:2023:522), li huwa ppreżentat fit-Taqsima I.1, "*Locus standi*" iktar 'il fuq.

[409] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 7).

stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni fil-każ li jinċaħdu t-talbiet tiegħu mressqa b'mod prinċipali.

Adita b'eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u ta' inammissibbiltà mqajma mill-konvenuti, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar dawn it-talbiet qabel ma daħlet fil-mertu u laqgħathom parzjalment. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar diversi kwistjonijiet ġodda. Qabel kollox, hija stabbilixxiet li, meta tilwima ta' natura kuntrattwali li tinvolvi lill-Unjoni titressaq quddiem il-Qorti Ġenerali, filwaqt li l-kuntratt inkwistjoni ma jkunx jinkludi klawżola ta' arbitraġġ favuriha, hija xorta jkollha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-legalità tal-atti meħuda minn entitajiet li jaqgħu taħt l-Unjoni [410] u sabiex tagħti deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-Unjoni [411], jekk ebda qorti nazzjonali li jkollha ġurisdizzjoni ma tkun tista' tiġi identifikata abbażi tal-kuntratt jew tar-Regolament Brussell Ia [412]. Sussegwentement, hija identifikat lir-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina bħala l-korp tal-Unjoni li adotta d-deċiżjoni ta' xoljiment. Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-talba għal kumpens għad-danni allegatament ikkawżati mill-assenza ta' sistema legali ġenerali applikabbli għall-membri tal-persunal li jaqgħu taħt il-PESK, il-Qorti Ġenerali qieset li kien il-Kunsill li kien kompetenti sabiex, jekk ikun il-każ, jadotta tali sistema.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-kapijiet tat-talbiet marbuta rispettivament mad-deċiżjoni ta' xoljiment u mas-suċċessjoni ta' KŻD.

Preliminarjament, hija kkonstatat li t-talbiet tar-rikorrent ifformulati fil-kuntest ta' dawn il-kapijiet tat-talbiet kienu ta' natura kuntrattwali. Fil-fatt, minn naħa, id-deċiżjoni ta' xoljiment kellha rabta diretta mal-kuntratt inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, it-talbiet għal klassifikazzjoni mill-ġdid tar-relazzjoni ta' impjieg f'KŻI kienu jirriżultaw mill-KŻD suċċessivi kollha konklużi bejn ir-rikorrent u r-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina. Issa, fl-assenza ta' klawżola ta' arbitraġġ li kienet tinsab fil-KŻD, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi skont l-Artikolu 272 TFUE, b'tali mod li, konformement mal-Artikolu 274 TFUE, dawn il-kapijiet ta' talbiet kienu jaqgħu, bħala prinċipju, taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta, fil-kuntest ta' tilwima ta' natura kuntrattwali, il-qorti tal-Unjoni tirrinunzja għall-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikoli 263 u 268 TFUE, dan isir sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni koerenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet mal-Artikoli 272 u 274 TFUE u, għaldaqstant, sabiex tinżamm il-koerenza tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, ikkostitwita minn ġabra sħiħa ta' rimedji u ta' proċeduri intiżi li jiżguraw, rispettivament, l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni, u l-kumpens għad-danni kkawżati mill-Unjoni. Għalhekk, fil-kuntest ta' tilwima ta' natura kuntrattwali, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tirrifjuta l-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mit-Trattat FUE meta dan ikollu l-effett li jeżenta minn kull stħarriġ ġudizzjarju, mill-qorti tal-Unjoni jew mill-qrati tal-Istati Membri, atti tal-Unjoni jew talba għall-kumpens għad-danni kkawżati mill-Unjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, minkejja n-natura kuntrattwali tal-kapijiet tat-talbiet ifformulati f'dan il-każ, sabiex tiġi ggarantita l-eżistenza ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv, il-Qorti Ġenerali vverifikat li r-rikorrent

410 Skont l-Artikolu 263 TFUE.

411 Skont l-Artikolu 268 TFUE.

412 Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell Ia").

seta' jressaq tali talbiet quddiem qorti ta' Stat Membru. Din kienet ir-raġuni għaliex, qabel kollox, hija ċaħdet l-argument tal-konvenuti li dawn il-kapijiet tat-talbiet setgħu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Bosnja-Ħerzegovina. Bl-istess mod, hija ċaħdet l-argument li r-rikorrent kellu l-possibbiltà li jadixxi l-istanza arbitrali prevista fil-kuntratt inkwistjoni, peress li l-ġurisdizzjoni ta' tali istanza ma setgħetx tiġi prevista bl-esklużjoni ta' dik tal-qorti tal-Unjoni jew tal-qrati tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, peress li l-kontenut tal-kuntratt inkwistjoni ma kienx jippermetti li tiġi identifikata qorti ta' Stat Membru li kellha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kapijiet tat-talbiet inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta r-Regolament Brussell Ia, li kien japplika f'dan il-każ. Fil-fatt, id-deċiżjoni ta' xoljiment ma kinitx tikkostitwixxi att ta' awtorità pubblika [413], iżda kienet ibbażata fuq il-kuntratt inkwistjoni. Għaldaqstant, il-kapijiet tat-talbiet inkwistjoni kienu jaqgħu taħt il-materji ċivili u kummerċjali u, peress li kienu jikkonċernaw tilwima ta' natura kuntrattwali, meqjusa li taqa', bħala prinċipju, taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Brussell Ia kinux jippermettu li tiġi identifikata qorti ta' Stat Membru li kellha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar dawn il-kapijiet tat-talbiet.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-persuna li timpjega lir-rikorrent kienet ir-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, u li peress li ebda qorti ta' Stat Membru ma kellha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-kapijiet tat-talbiet inkwistjoni, marbuta mal-kuntratt, id-dispożizzjoni ġenerali tar-Regolament Brussell Ia li tipprovdi li, "[j]ekk il-konvenut ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru, il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kull Stat Membru għandha, [...] tkun determinata bil-liġi ta' dak l-Istat Membru" [414] kellha, bħala prinċipju, tapplika.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kienet ser timplika li l-eventwali ġurisdizzjoni ta' qorti nazzjonali jkollha natura aleatorja, sa fejn tkun il-liġi ta' kull Stat Membru li tiddetermina jekk il-qrati tiegħu ikunux jistgħu jiġu aditi b'tali tilwima, bil-konsegwenza possibbli li, fl-aħħar mill-aħħar, ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġurisdizzjoni. Hija qieset li din il-konsegwenza kienet partikolarment probabbli f'dan il-każ, peress li, bħar-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, ir-rikorrent kellu d-domiċilju tiegħu f'pajjiż terz, u peress li ma kienx jidher b'mod manifest li din it-tilwima kellha element ta' rabta ma' Stat Membru.

Issa, peress li l-Qorti Ġenerali ma tistax, fil-kuntest ta' tilwima ta' natura kuntrattwali li fiha l-Unjoni tkun parti, tirrifjuta l-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikoli 263 u 268 TFUE, meta dan iwassal li jiġi eskluż kull stħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-Unjoni jew talba għall-kumpens għad-danni kkawżati mill-Unjoni, hija kellha teżamina jekk it-talbiet imressqa fil-kapijiet tat-talbiet inkwistjoni kinux jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni li hija siltet minn dawn id-dispożizzjonijiet.

F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, fil-kuntest tal-ewwel kap tat-talbiet, il-Qorti Ġenerali kellha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni kemm, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, dwar it-talba għal stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni ta' xoljiment, li kienet deċiżjoni adottata minn entità tal-Unjoni u stabbilita skont it-Trattati, jiġifieri r-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, kif ukoll, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, dwar it-talba għall-kumpens pekunjarju għad-dannu morali kif ukoll għad-dannu materjali allegatament imġarrab minħabba l-imsemmija deċiżjoni.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-talba tar-rikorrent intiża li l-Qorti Ġenerali tordna r-reintegrazzjoni tar-rikorrent fi ħdan il-persunal tar-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, il-Qorti Ġenerali rrinunzjat għall-ġurisdizzjoni tagħha, peress li l-qorti tal-Unjoni ma tistax, bħala prinċipju, inkluż fil-kuntest ta' rikors

---

[413] Fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Brussell Ia.

[414] Artikolu 6(1) tar-Regolament Brussell Ia.

għad-danni, tindirizza ordnijiet lil istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni mingħajr ma tindaħal fil-prerogattivi tal-awtorità amministrattiva. Għalkemm id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-għoti ta' kumpens *in natura* li jista' jieħu l-forma ta' ordni *di fare* jew *di non fare*, li tista' twassal lill-istituzzjoni konvenuta tadotta aġir partikolari, tali ipoteżi tista' tiġi prevista biss f'każijiet partikolari fejn ir-rikorrent jinvoka dannu li ma jistax jiġi kkumpensat b'mod sħiħ permezz ta' kumpens u li l-karatteristiċi partikolari tiegħu jkunu jeħtieġu l-għoti ta' ordni *di fare* jew *di non fare*, b'mod partikolari jekk tali ordni tkun intiża li twaqqaf il-fatt li jikkawża dannu li l-effetti tiegħu jkunu kontinwi, li ma kienx il-każ fil-każ ineżami.

It-tieni nett, fir-rigward tat-tieni kap tat-talbiet, il-Qorti Ġenerali ċaħditu kollu kemm hu, minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha. Fil-fatt, minn naħa, hija ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-talba għal ordni indirizzata lir-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, fil-kwalità tiegħu ta' persuna li timpjega lir-rikorrent, intiża li tinkiseb il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu f'KŻI. Min-naħa l-oħra, peress li t-talba intiża li l-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-konvenuti kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom ma ġietx ippreżentata insostenn tat-talbiet għal annullament u lanqas għall-kumpens għal dannu, hija kellha titqies li kienet intiża biss li l-Qorti Ġenerali tieħu pożizzjoni permezz ta' dikjarazzjoni ġenerali jew ta' prinċipju, ħaġa li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni li hija tislet mit-Trattati.

Fit-tieni lok, fuq l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà dwar l-identifikazzjoni tal-konvenut jew tal-konvenuti, fir-rigward, l-ewwel, tal-ewwel kap tat-talbiet, sa fejn il-Qorti Ġenerali kellha ġurisdizzjoni sabiex teżaminah inkwantu kien intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment u għall-kumpens pekunjarju għad-danni morali u materjali allegatament ikkawżati minn din id-deċiżjoni, hija fakkret, minn naħa, li rikors għal annullament għandu għalhekk jiġi ppreżentat kontra l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu tal-Unjoni li jkunu adottaw l-att inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, hija għandha ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tat-tilwim dwar il-kumpens għad-danni kkawżati minn din tal-aħħar, irrappreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali mill-istituzzjoni, mill-korp jew mill-organu li jkunu akkużati bil-fatt li jkun ta lok għar-responsabbiltà.

F'dan il-każ, peress li l-ewwel kap tat-talbiet kien jirrigwarda d-deċiżjoni ta' xoljiment, li kienet imputabbli lir-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk dan tal-aħħar setax jiġi kklassifikat bħala korp jew organu tal-Unjoni li seta' jkun konvenut fil-kuntest tar-rikorsi għal annullament u għad-danni mhux kuntrattwali inkwistjoni f'dan il-każ.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li entità jew struttura li taqa' taħt l-iskema organizzattiva tal-Unjoni jew li topera fi ħdanha tista' titqies li tkun korp jew organu tal-Unjoni jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istatus tagħha, hija jkollha kapaċità legali suffiċjenti sabiex tkun tista' titqies li tkun korp awtonomu tal-Unjoni u tiġi rrikonoxxuta lilha l-kwalità ta' konvenut. B'mod partikolari, hija għandha tiġi kklassifikata bħala korp jew organu tal-Unjoni meta, minn naħa, ikollha mandat intrinsikament marbut mal-funzjonament tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, tkun ġuridikament distinta mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni eżistenti.

Issa, ir-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina għandu tali mandat peress li, qabel kollox, huwa nħatar mill-Kunsill sabiex jeżerċita "mandat dwar kwestjonijiet partikolari ta' politika" [415]. Sussegwentement, għalkemm dan ir-RSUE kien responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-mandat tiegħu u jaġixxi taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà, din l-awtorità ma kinitx tkopri l-ġestjoni amministrattiva fil-kuntest ta' mandat simili, b'mod partikolari fil-qasam tal-persunal. Barra minn hekk, ir-RSUE huwa legalment distint mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-

[415] Skont l-Artikolu 33 TUE.

organi l-oħra tal-Unjoni sa fejn għandu l-kapaċità legali li jagħti kuntratti u jixtri oġġetti, jikkonkludi kuntratt mal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tan-nefqa tiegħu u jilqa' persunal issekondat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mis-SEAE. Fl-aħħar nett, fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal bil-kuntratt tiegħu, huwa għandu kapaċità legali li tippermettilu jaġixxi b'mod awtonomu u, f'dan ir-rigward, huwa responsabbli mit-twaqqif ta' tim u jista' jikkonkludi kuntratti għar-reklutaġġ ta' persunal internazzjonali, li huwa jagħżel mingħajr ma jkollu jikseb l-approvazzjoni ta' istituzzjonijiet, korpi jew organi oħra tal-Unjoni, peress li dan il-persunal jaqa' taħt l-awtorità diretta tiegħu.

Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, għall-finijiet ta' din il-kawża, li kienet tirrigwarda kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-persunal tar-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, dan tal-aħħar kellu jiġi assimilat mal-korpi u mal-organi tal-Unjoni li jistgħu jkunu konvenuti fil-kuntest ta' rikors għal annullament jew għal responsabbiltà mhux kuntrattwali u li l-ewwel kap tat-talbiet kien ammissibbli fir-rigward ta' dan ir-RSUE.

It-tieni, fir-rigward tal-kap tat-talbiet intiż għall-kumpens għad-danni li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba n-nuqqas ta' adozzjoni ta' status ċar applikabbli għalih, il-Qorti Ġenerali qieset li kull eventwali nuqqas żbaljat fl-adozzjoni ta' sistema ġenerali applikabbli għall-persunal bil-kuntratt li jaqa', b'mod ġenerali, taħt il-PESK jew, b'mod partikolari, taħt ir-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, kellu jiġi imputat lill-Kunsill, b'tali mod li dan il-kap tat-talbiet kien ammissibbli fir-rigward ta' dan tal-aħħar.

Fil-fatt, huwa l-Kunsill li għandu jfassal il-PESK u li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għad-definizzjoni u għall-implimentazzjoni ta' din il-politika, abbażi tal-linji gwida ġenerali u l-linji strateġiċi ddefiniti mill-Kunsill Ewropew. Issa, l-adozzjoni, jekk ikun il-każ, ta' sistema legali applikabbli għall-persunal bil-kuntratt irreklutat fil-kuntest tal-PESK taqa' taħt l-implimentazzjoni ta' din tal-aħħar u, għaldaqstant, taħt il-kompetenza tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li, fl-2012, il-Kummissjoni kienet issuġġeriet lill-Kunsill sabiex japplika l-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni għall-membri tal-persunal bil-kuntratt tal-missjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK u r-RSUE. Madankollu, hija kkonstatat li l-adozzjoni ta' sistema legali applikabbli għall-persunal bil-kuntratt irreklutat fil-kuntest tal-PESK, applikabbli għall-persunal bil-kuntratt internazzjonali tar-RSUE fil-Bosnja-Ħerzegovina, taqa' taħt il-kompetenzi u l-għażla tal-Kunsill u li jekk dan is-suġġeriment ma ġiex segwit b'effett, dan kien għaliex id-delegazzjonijiet tal-Istati Membri ma laħqux ftehim fi ħdan il-Kunsill.

# II. Dritt istituzzjonali [416]

### Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2023, TC vs Il-Parlament (T-309/21, EU:T:2023:315)

*"Dritt istituzzjonali – Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew – Allowance ta' assistenza parlamentari – Irkupru tas-somom imħallsa indebitament – Terminu raġonevoli – Oneru tal-prova – Dritt għal smigħ – Protezzjoni tad-data personali – Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1725 – Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal"*

Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Marzu 2019, L vs Il-Parlament [417], il-Qorti Ġenerali kienet annullat id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jiġi xolt il-kuntratt ta' assistent parlamentari akkreditat ta' L (iktar 'il quddiem l-"APA"), akkreditat għall-finijiet tal-assistenza ta' TC, ir-rikorrent, Membru tal-Parlament Ewropew, minħabba t-tmiem tar-rabta ta' fiduċja għaliex ma kienx osserva r-regoli dwar l-awtorizzazzjonijiet sabiex jiġu eżerċitati attivitajiet esterni. Il-Qorti Ġenerali kienet ikkonstatat, effettivament, li mill-atti tal-proċess jirriżulta li r-rikorrent mhux biss kien jaf bl-attivitajiet esterni tal-APA, iżda li, barra minn hekk, kien direttament responsabbli għalihom.

Wara li ngħatat din is-sentenza, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament informa lir-rikorrent bil-ftuħ ta' proċedura ta' rkupru tas-somom imħallsa indebitament [418], li kienet tikkonċerna l-assistenza parlamentari mogħtija lir-rikorrent mill-APA. Fl-istess ħin, ir-rikorrent intalab jippreżenta, f'terminu ta' xahrejn, osservazzjonijiet u provi li jikkonfutaw il-konklużjonijiet preliminari tal-Parlament dwar l-attivitajiet esterni li kien eżerċita l-APA u li juru li dan tal-aħħar kien effettivament eżerċita funzjonijiet ta' assistent parlamentari akkreditat. Bi tweġiba, ir-rikorrent bagħat lill-Parlament osservazzjonijiet u provi addizzjonali, filwaqt li talab lill-Parlament jgħaddilu għadd ta' dokumenti u informazzjoni dwar il-fajl personali tal-APA, il-kopji tal-korrispondenza li l-APA kellu mar-rappreżentanti tal-Parlament dwar ix-xogħol tiegħu u l-fajl sħiħ tal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2019. Il-Parlament laqa' parzjalment it-talbiet għal dokumenti u informazzjoni tar-rikorrent.

Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Marzu 2021 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament qies li somma flus kienet ġiet indebitament sostnuta minn din l-istituzzjoni fil-kuntest tal-impjieg tal-APA u li din kellha tiġi rkuprata mingħand ir-rikorrent [419]. Sussegwentement, fil-31 ta' Marzu 2021, id-Direttur Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament ħareġ nota ta' debitu li tordna l-irkupru tal-imsemmija somma.

Adita b'rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni kkontestata, li hija laqgħet, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar id-dritt ta' debitur li jinvoka ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli fejn l-istituzzjoni tibgħatlu nota ta' debitu fi żmien ħames snin, liema terminu ġie ffissat mir-Regolament Finanzjarju, affermat mill-ġdid l-importanza tal-osservanza tal-prinċipju tad-dritt għal smigħ fil-proċeduri ta' rkupru ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari miftuħa mill-Parlament fil-konfront tal-Membri tiegħu u, fl-

[416] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2023, ***Stockdale vs Il-Kunsill et*** (T-776/20, EU:T:2023:422), li hija ppreżentata fit-Taqsima I.3, "Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni".

[417] Sentenza tas-7 ta' Marzu 2019, ***L vs Il-Parlament*** (T-59/17, EU:T:2019:140).

[418] Bis-saħħa tal-Artikolu 68 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2009, C 159, p. 1, iktar 'il quddiem il-"MIS").

[419] Skont l-Artikolu 68(1) tal-MIS.

aħħar, solviet il-kwistjoni ġdida tad-dritt li wieħed jinvoka, taħt il-garanzija tad-dritt għal smigħ, raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex data personali tiġi trażmessa lilu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli, minħabba li l-Parlament allegatament ibbaża d-deċiżjoni kkontestata fuq informazzjoni tal-kawża L vs Il-Parlament, li fiha r-rikors kien ġie ppreżentat f'April 2017.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li l-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni jistabbilixxi l-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli, li jagħmel parti integrali mid-dritt għal amministrazzjoni tajba u li l-osservanza ta' terminu raġonevoli hija meħtieġa f'kull każ fejn, kemm-il darba l-liġi tibqa' siekta, il-prinċipji ta' ċertezza legali jew ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jżommu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi milli jaġixxu mingħajr l-ebda limitu ta' żmien. Mill-banda l-oħra, fejn l-amministrazzjoni taġixxi fit-terminu li jkun ġie speċifikament previst lilha permezz ta' liġi, ma jkunx jista' jiġi validament allegat li jkunu ġew injorati r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt li wieħed ikollu l-kawżi tiegħu ttrattati f'terminu raġonevoli.

Madankollu, għall-kuntrarju tar-regolament preċedenti [420], dak applikabbli fil-każ ineżami [421] issa kien jipprevedi li l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jibgħat in-nota ta' debitu minnufih wara li jistabbilixxi l-kreditu u mhux iktar tard minn ħames snin minn meta l-istituzzjoni tal-Unjoni tkun f'pożizzjoni li tinvoka l-kreditu tagħha.

Għalhekk, ma kienx hemm lok, f'dan il-każ, li jintuża l-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli sabiex jiġi evalwat iż-żmien li fih intbagħtet in-nota ta' debitu. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, minn naħa, in-nota ta' debitu ntbagħtet lir-rikorrent immedjatament wara li kien ġie stabbilit il-kreditu fid-deċiżjoni kkontestata u li, min-naħa l-oħra, il-mument li fih il-Parlament kien f'pożizzjoni li jinvoka l-kreditu tiegħu kien jikkoinċidi mal-preżentata tar-rikors fil-kawża L vs Il-Parlament jew mal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża tal-aħħar, b'mod li t-terminu ta' ħames snin previst mir-Regolament Finanzjarju fis-seħħ kien ġie osservat mill-Parlament.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali laqgħet il-motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ. Preliminarjament, hija fakkret li d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali fil-konfront tagħha li tolqotha b'mod negattiv huwa ggarantit, b'mod speċifiku, mill-MIS [422], li bis-saħħa tagħhom il-Membru kkonċernat għandu jinstema' qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni f'dan il-qasam. Dan id-dritt jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesprimi, b'mod utli u effettiv, il-perspettiva tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni li tkun tista' taffettwa l-interessi tagħha b'mod negattiv.

---

**420** Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1) u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 966/2012 (ĠU 2012, L 362, p. 1).

**421** It-tieni paragrafu tal-Artikolu 98(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1).

**422** Artikolu 68(2) tal-MIS.

F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li numru ta’ talbiet lill-Parlament għal dokumenti u informazzjoni mressqa mir-rikorrent kienu ġew miċħuda, ħlief għad-dokumenti li jikkonċernaw it-tmiem tal-kuntratt tal-APA.

Hija fakkret li, fil-każ ta’ dubju dwar ir-regolarità tal-użu tal-ispejjeż ta’ assistenza parlamentari mħallsa lil APA, huwa l-Membru Parlamentari li għandu jistabbilixxi li dan l-APA jkun ħadem għalih, b’rabta mal-mandat parlamentari tiegħu, matul il-perijodu kollu li fih ikunu tħallsu dawn l-ispejjeż. Barra minn hekk, fejn huwa jiġi msejjaħ jipprova dan, il-Membru Parlamentari għandu jittrażmetti lill-Parlament, fit-terminu mogħti lilu, il-provi li jkollu f’idejh. Jekk xi provi oħra jidhru rilevanti, huwa jista’, abbażi tad-dritt għal smigħ, jitlob lill-istituzzjonijiet, lill-organi u lill-aġenziji tal-Unjoni li jkollhom dawn il-provi li jittrażmettuhomlu, kemm-il darba jikkonċernaw informazzjoni li tkun neċessarja għalih sabiex ikun jista’ jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu b’mod utli u effettiv dwar l-irkupru previst. Meta jirċievi talba bħal din, il-Parlament ma jistax jirrifjuta li jipprovdi l-informazzjoni mitluba mingħajr ma jikser id-dritt għal smigħ, sakemm ma jinvokax, insostenn ta’ dan ir-rifjut, raġunijiet li jkunu jistgħu jitqiesu ġġustifikati fid-dawl, minn naħa, taċ-ċirkustanzi tal-każ u, min-naħa l-oħra, tar-regoli applikabbli.

Il-Qorti Ġenerali eżaminat, għalhekk, jekk ir-raġunijiet invokati mill-Parlament sabiex ma jittrażmettix l-informazzjoni mitluba mir-rikorrent kinux iġġustifikati.

L-ewwel, il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx ir-raġunijiet invokati mill-Parlament sabiex tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent li jiġu trażmessi lilu l-“messaġġi elettroniċi kollha tas-snin 2015, 2016 u 2019” u l-korrispondenza li huwa kellu mas-servizzi kompetenti tal-Parlament dwar ix-xogħol tal-APA. Hija fakkret li kull istituzzjoni torganizza xogħolha skont ir-regoli li japplikaw għaliha u li hija tista’ tippromulga u qieset li, f’dan il-każ, il-Parlament seta’ jillimita l-perijodu ta’ konservazzjoni tal-messaġġi elettroniċi tal-Membri, filwaqt li jippermettilhom li jżommuha f’fajls personali. Madankollu, hija ddeterminat jekk, f’dan il-każ, din il-miżura kinitx ġiet implimentata b’mod li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal smigħ.

Issa, hija kkonstatat li, sa mill-bidu tas-sena 2016, il-Parlament kien jaf b’sitwazzjoni kunfliġġenti bejn ir-rikorrent u l-APA dwar jekk dan tal-aħħar kienx eżerċita jew le l-attivitajiet tiegħu fir-rigward tar-rikorrent skont ir-regoli dwar l-assistenza parlamentari. Konsegwentement, minn dan il-mument ’il quddiem, kien neċessarju li l-Parlament jiżgura l-konservazzjoni tal-messaġġi elettroniċi li setgħet tistabbilixxi n-natura eżatta tal-attivitajiet tal-APA matul l-iżvolġiment tal-proċedura ta’ tkeċċija u, jekk din tal-aħħar tkun wasslet għal proċeduri oħra, ġudizzjarji jew amministrattivi, bħal proċedura ta’ rkupru, matul il-perijodu kollu li fih dawn il-proċeduri oħra jkunu għadhom pendenti.

Barra minn hekk, il-possibbiltà li jsir arkivju personali ma tistax teħles lill-Parlament mill-obbligu li jiżgura l-konservazzjoni ta’ kull messaġġ elettroniku rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk, konformement mar-regoli tal-istituzzjoni, APA eżerċitax l-attivitajiet tiegħu, b’mod effettiv u esklużiv, fir-rigward tal-Membru li ġie assenjat lilu, b’rabta diretta mal-mandat ta’ dan tal-aħħar. Hija żiedet tgħid li din il-possibbiltà ma tistax teħles lill-Parlament mill-obbligu li jittrażmetti l-messaġġi elettroniċi miżmuma b’dan il-mod, fejn, skont id-dritt għal smigħ, li huwa fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, huwa jintalab jagħmel dan mill-Membru kkonċernat li, bħal f’dan il-każ, ikun is-suġġett ta’ proċedura ta’ rkupru għal użu irregolari ta’ spejjeż ta’ assistenza parlamentari.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx ir-raġunijiet invokati mill-Parlament sabiex tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent dwar il-“fajl personali” tal-APA (id-dokumenti kollha marbuta mar-reklutaġġ u max-xogħol tiegħu), inkluż l-informazzjoni dwar in-numru ta’ drabi li ntalbet l-protezzjoni tal-Parlament għal dan l-APA u dwar il-preżenza tiegħu li tista’ tinġabar mill-kard ta’ aċċess tal-Parlament tiegħu.

Fir-rigward tar-raġuni li t-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni kienet tmur kontra r-Regolament dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data [423], il-Qorti Ġenerali rrilevat li kien minnu li, peress din kellha tgħin id-difiża tiegħu fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru, l-informazzjoni mitluba mir-rikorrent ma setgħetx titqies li kienet "neċessarja għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lir-riċevitur" [424]. Għall-istess raġuni, it-trażmissjoni tal-imsemmija informazzjoni lir-rikorrent ma setgħetx titqies li kienet tissodisfa "fini speċifiku fl-interess pubbliku" [425].

Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrilevat li t-talba għal osservazzjonijiet mibgħuta mill-Parlament lir-rikorrent sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal smigħ kienet ibbażata, f'dan il-każ, fuq provi miżmuma minn din l-istituzzjoni mingħajr ma seta', fejn meħtieġ, ikun jaf bihom ir-rikorrent jew fuq provi li r-rikorrent kien jaf bihom billi kien is-superjur ġerarkiku tal-APA, iżda li huwa ma kienx għad kellu.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-importanza li tingħata lid-dritt għal smigħ, il-fatt li tali provi setgħu jinstabu fil-"fajl personali" tal-APA ma setax, bħala tali, iżomm dawn il-provi milli jiġu trażmessi lir-rikorrent sabiex ikun jista' jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu b'mod utli u effettiv fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-imsemmi dritt.

Fil-fatt, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ma huwiex dritt assolut, iżda għandu jitqies b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u għandu jiġi bbilanċjat, għal dan il-għan, ma' drittijiet fundamentali oħra, fil-kuntest ta' proċess li, fid-dawl tal-fatti tal-każ, jagħti lil kull wieħed mid-drittijiet involuti l-post li jixraqlu fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Il-ħtieġa li jiġi żgurat tali bilanċ bejn id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u d-drittijiet fundamentali l-oħra rrikonoxxuti f'dan l-ordinament ġuridiku hija enfasizzata mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data [426], li tiegħu r-Regolament dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni huwa l-ekwivalenti.

Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma setax jiġi aċċettat li l-Parlament seta' jistieden lir-rikorrent jieħu pożizzjoni b'mod utli u effettiv dwar provi li jinsabu, jekk ikun il-każ, fil-fajl tal-APA, mingħajr ma jagħtih aċċess għal dawn il-provi, wara li jkun ibbilanċja, minn naħa, l-interess ta' dan l-APA li l-informazzjoni li tikkonċernah ma tgħaddix f'idejn terzi u, min-naħa l-oħra, l-interess tar-rikorrent li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu b'mod utli u effettiv fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru li nfetħet kontrih.

Fir-rigward tar-raġuni li t-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni kienet tmur kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea dwar il-fajls individwali tal-uffiċjali u

---

423 Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39)

424 Fis-sens tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament 2018/1725.

425 Fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament 2018/1725.

426 Premessa 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

aġenti [427], li japplikaw għall-assistenti parlamentari, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, sa fejn kien meħtieġ li r-rikorrent jeżerċita d-dritt tiegħu għal smigħ, il-kunfidenzjalità tad-dokumenti inkwistjoni ma setgħetx tiġi invokata kontra r-rikorrent, li, barra minn hekk, bħala s-superjur ġerarkiku tal-APA, kien l-awtur ta' wħud mid-dokumenti kkonċernati.

Fl-aħħar, it-tielet, il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx ir-raġunijiet invokati mill-Parlament sabiex tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent dwar il-proċess tal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2019. Fil-fatt, fir-rigward tal-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet tat l-anonimat lill-APA fil-proċedura li wasslet għal dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-anonimat huwa intiż li jħalli barra l-isem ta' parti fil-kawża jew dak ta' persuni oħra msemmija fil-kuntest tal-proċedura kkonċernata, jew saħansitra ta' informazzjoni oħra fid-dokumenti relatati mal-kawża li l-pubbliku jkollu aċċess għalihom. Għall-kuntrarju, l-anonimat mogħti mill-Qorti Ġenerali ma jikkonċernax il-kunfidenzjalità ta' provi miżmuma fil-proċess tal-imsemmija proċedura lil hinn minn din tal-aħħar, fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn il-partijiet u terzi. Konsegwentement, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-anonimat ma kinitx żammet lill-Parlament milli jgħaddi lir-rikorrent id-dokumenti skambjati fis-sentenza tas-7 ta' Marzu 2019, li setgħu jkunu rilevanti sabiex ir-rikorrent jeżerċita d-dritt tiegħu għal smigħ.

[427] Artikolu 26 tar-Regolament Nru 31(KEE), 11(KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, kif emendat.

# III. Kompetizzjoni

## 1. Proċedura – Talba għal informazzjoni

### Sentenza tal-24 ta' Mejju 2023, Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni (T-451/20, EU:T:2023:276)

*"Kompetizzjoni – Suq tad-data – Proċedura amministrattiva – Artikolu 18(3) u Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Talba għal informazzjoni – Kamra virtwali tad-data – Obbligu ta' motivazzjoni – Ċertezza legali – Drittijiet tad-difiża – Neċessità tal-informazzjoni mitluba – Abbuż ta' poter – Dritt għar-rispett tal-ħajja privata – Proporzjonalità – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Sigriet professjonali"*

Abbażi tas-suspetti tagħha ta' aġir antikompetittiv minn naħa tal-grupp Facebook fl-użu tiegħu ta' data u fl-operazzjoni tal-pjattaforma ta' network soċjali tiegħu, il-Kummissjoni Ewropea bagħtet, permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2020 [428], talba għal informazzjoni lil Meta Platforms Ireland Ltd, li kienet Facebook Ireland Ltd. Din id-deċiżjoni, adottata skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 [429], kienet tobbliga lil Meta Platforms Ireland tipprovdi lill-Kummissjoni d-dokumenti kollha ppreparati jew irċevuti minn tlieta mill-persuni responsabbli tagħha fil-perijodu msemmi li kienu jinkludu terminu jew diversi termini ta' tfittxija ddefiniti fl-annessi. Fil-każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba, l-imsemmija deċiżjoni kienet tipprevedi pagamenti ta' penalità potenzjali ta' kuljum ta' EUR 8 miljuni [430].

Id-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2020 issostitwixxiet deċiżjoni simili preċedenti, li kienet tipprevedi kriterji ta' tfittxija usa'. Din id-deċiżjoni l-ġdida, meħuda wara skambji bejn il-Kummissjoni u Meta Platforms Ireland, naqqset in-numru ta' dokumenti mitluba permezz ta' rfinar tat-termini ta' tfittxija u billi llimitat in-numru ta' persuni responsabbli kkonċernati.

Fil-15 ta' Lulju 2020, Meta Platforms Ireland, minn naħa, ippreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2020 u, min-naħa l-oħra, ressqet talba għal miżuri provviżorji.

Permezz ta' digriet għal miżuri provviżorji tad-29 ta' Ottubru 2020 [431], il-President tal-Qorti Ġenerali ordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2020 sakemm tiġi stabbilita proċedura speċifika għall-produzzjoni tad-dokumenti mitluba li ma kinux relatati mal-attivitajiet kummerċjali ta' Meta Platforms Ireland u li kienu jinkludu, barra minn hekk, data personali sensittiva. Wara dan id-digriet, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' emenda [432] li kienet tipprevedi li l-imsemmija dokumenti

---

[428] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 3011 final tal-4 ta' Mejju 202 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) u tal-Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40628 – Prattiki ta' Facebook relatati mad-data).

[429] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

[430] Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat fir-rigward ta' Meta Platforms Ireland Ltd talba għal informazzjoni taħt l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fil-kuntest tal-investigazzjoni parallela tagħha dwar ċerti prattiki relatati mal-prodott Marketplace. Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Meta Platforms Ireland Ltd kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tal-istess jum fil-kawża Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni (T-452/20).

[431] Digriet tad-29 ta' Ottubru 2020, ***Facebook Ireland vs Il-Kummissjoni*** (T-451/20 R, mhux ippubblikat, EU:T:2020:515).

[432] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 9231 final tal-11 ta' Diċembru 2020.

jistgħu jiġu inklużi fil-fajl tal-investigazzjoni biss wara li jkunu ġew eżaminati f'kamra virtwali tad-data skont il-modalitajiet ippreċiżati fid-digriet għal miżuri provviżorji.

Wara li Meta Platforms Ireland adattat ir-rikors għal annullament tagħha sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni din id-deċiżjoni ta' emenda, il-Ħames Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħha fl-intier tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali eżaminat, għall-ewwel darba, il-legalità ta' talba għal informazzjoni permezz ta' termini ta' tfittxija taħt ir-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll il-legalità ta' proċedura ta' kamra virtwali tad-data għall-ipproċessar ta' dokumenti li jkun fihom data personali sensittiva.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikors għal annullament tagħha, Meta Platforms Ireland sostniet b'mod partikolari li l-applikazzjoni tat-termini ta' tfittxija ppreċiżati fit-talba għal informazzjoni kienet twassal inevitabbilment għall-identifikazzjoni ta' numru kbir ta' dokumenti irrilevanti għall-investigazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, li kien imur kontra l-prinċipju ta' neċessità stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003.

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni tista', permezz ta' sempliċi talba jew permezz ta' deċiżjoni, titlob lill-impriżi jipprovdu "l-informazzjoni kollha neċessarja" bil-għan li tivverifika l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni tista' titlob biss informazzjoni li tista' tippermettilha tivverifika l-preżunzjonijiet ta' ksur li jiġġustifikaw it-twettiq tal-investigazzjoni tagħha. Fid-dawl tas-setgħa ta' investigazzjoni wiesgħa mogħtija lill-Kummissjoni mir-Regolament Nru 1/2003, dan ir-rekwiżit ta' neċessità jiġi ssodisfatt jekk il-Kummissjoni tkun tista' raġonevolment tippreżupponi, fid-data tat-talba, li l-informazzjoni tkun tista' tgħinha tiddetermina l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Insostenn tal-ilmenti tagħha kontra l-osservanza tal-prinċipju ta' neċessità, Meta Platforms Ireland kienet ikkontestat ċerti termini ta' tfittxija li jinsabu fit-talba għal informazzjoni, filwaqt li sostniet li din il-kritika speċifika kellha tinftiehem bħala eżempji mhux eżawrjenti, intiżi li juru l-argument iktar ġenerali tagħha. Fil-fehma tagħha, kien ikun irraġonevoli, jekk mhux impossibbli, li kull terminu ta' tfittxija jiġi kopert separatament.

Madankollu, dan l-approċċ ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali, li qieset li evalwazzjoni globali tal-osservanza tal-prinċipju ta' neċessità stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 ma kinitx adatta f'dan il-każ, anki jekk tkun possibbli. Fil-fatt, il-fatt li ċerti termini ta' tfittxija jistgħu jkunu, kif sostniet Meta Platforms Ireland, vagi wisq, ma kellu ebda effett fuq il-fatt li termini oħra ta' tfittxija jistgħu jkunu suffiċjentement preċiżi jew iffokati sabiex jippermettu li jiġi kkonstatat li dawn ikunu ta' natura li jgħinu lill-Kummissjoni tiddetermina l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Fid-dawl tal-preżunzjoni ta' legalità li minnha jibbenefikaw l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, għalhekk, li kienu biss it-termini ta' tfittxija speċifikament ikkontestati minn Meta Platforms Ireland li setgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ tal-osservanza tal-prinċipju ta' neċessità. It-termini l-oħra ta' tfittxija kellhom, għall-kuntrarju, jitqiesu li kienu ġew iddefiniti konformement ma' dan il-prinċipju.

Barra minn hekk, wara li rrilevat li l-argumenti relatati mat-termini ta' tfittxija invokati għall-ewwel darba fl-istadju tar-replika kienu inammissibbli, il-Qorti Ġenerali wettqet stħarriġ biss tat-termini ta' tfittxija msemmija fir-rikors. Billi qieset li Meta Platforms Ireland ma kienx irnexxilha tistabbilixxi li dawn it-termini kienu kuntrarji għall-prinċipju ta' neċessità, il-Qorti Ġenerali ċaħdet id-diversi argumenti mressqa f'dan ir-rigward bħala infondati.

Fil-kuntest tar-rikors għal annullament tagħha, Meta Platforms Ireland sostniet ukoll li, billi eżiġiet il-produzzjoni ta' diversi dokumenti privati u irrilevanti, id-deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2020, kif emendata

(iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), kienet tikser id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont l-Artikolu 7 tal-Karta, li jinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 8(1) tal-KEDB, kull persuna għandha dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-komunikazzjonijiet tagħha.

Fir-rigward tal-ostakoli għall-imsemmi dritt, l-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprevedi li kull limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti minnha għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tosserva l-kontenut essenzjali tagħhom. Barra minn hekk, filwaqt li jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità, jista' jkun hemm limitazzjonijiet biss jekk dawn ikunu neċessarji u jkunu jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

Fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk l-ostakolu għall-Artikolu 7 tal-Karta kkawżat mid-deċiżjoni kkontestata kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tagħha.

Wara li rrilevat li r-Regolament Nru 1/2003 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta d-deċiżjoni kkontestata, b'mod li l-indħil fil-ħajja privata kkawżat minnha jkun previst mil-liġi, li din id-deċiżjoni kienet tissodisfa għanijiet ta' interess ġenerali tal-Unjoni, u li Meta Platforms Ireland ma kinitx sostniet li d-deċiżjoni kkontestata tippreġudika l-kontenut essenzjali tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk id-deċiżjoni kkontestata kinitx tikkawża ostakolu sproporzjonat għal dan id-dritt.

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali kkonfermat, fl-ewwel lok, li talba għal informazzjoni taħt l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 tikkostitwixxi miżura adatta sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Kummissjoni, jiġifieri ż-żamma tas-sistema ta' kompetizzjoni mixtieqa mit-Trattati.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni kkontestata kinitx teċċedi dak li kien neċessarju sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet ta' interess ġenerali, il-Qorti Ġenerali nnotat li, wara l-għoti tad-digriet għal miżuri provviżorji tad-29 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni adottat proċedura separata għall-ipproċessar tad-dokumenti li kellhom jiġu prodotti minn Meta Platforms Ireland, iżda li, *prima facie*, ma kellhomx rabta mal-attivitajiet kummerċjali tagħha u li kienu jinkludu data personali sensittiva (iktar 'il quddiem id-"dokumenti protetti").

Skont din il-proċedura, id-dokumenti protetti kellhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni fuq mezz elettroniku separat u jitqiegħdu f'kamra virtwali tad-data aċċessibbli għal numru limitat ta' membri tat-tim inkarigat mill-investigazzjoni, fil-preżenza tal-avukati ta' Meta Platforms Ireland, bil-għan li jintgħażlu d-dokumenti li kellhom jiġu inklużi fil-fajl. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil persistenti dwar il-klassifikazzjoni ta' dokument, id-deċiżjoni ta' emenda kienet tipprevedi, barra minn hekk, sistema ta' arbitraġġ. Skont din id-deċiżjoni, id-dokumenti protetti setgħu, barra minn hekk, jiġu trażmessi lill-Kummissjoni f'forma redatta billi jitneħħew l-ismijiet tal-persuni kkonċernati u kull informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom. Fuq talba tal-Kummissjoni, iġġustifikata mill-bżonnijiet tal-investigazzjoni, dawn id-dokumenti kellhom madankollu jiġu trażmessi lilha fil-verżjoni sħiħa tagħhom.

Il-Qorti Ġenerali osservat, barra minn hekk, li ma kienx ikkontestat li ċerti dokumenti mitluba mill-Kummissjoni kienu jinkludu data personali sensittiva li setgħet taqa' taħt id-data msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2016/679 [433] u fl-Artikolu 10 tar-Regolament 2018/1725 [434], li l-possibbiltà ta' pproċessar tagħha hija suġġetta għat-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-ipproċessar għandu jkun ifittex interess pubbliku sinjifikattiv, ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni;
- l-ipproċessar għandu jkun neċessarju għat-twettiq ta' dan l-interess pubbliku;
- id-dritt tal-Unjoni għandu jkun proporzjonat mal-għan imfittex, jirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data u jipprevedi miżuri adatti u speċifiċi għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u tal-interessi tas-suġġett tad-data.

Peress li dawn il-kundizzjonijiet huma wkoll rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, id-deċiżjoni kkontestata kinitx teċċedi dak li kien neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali li hija tkun qiegħda tfittex, il-Qorti Ġenerali fakkret, minn naħa, li talba għal informazzjoni bħad-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi miżura adatta sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Kummissjoni (l-ewwel kundizzjoni) u, min-naħa l-oħra, li l-ipproċessar ta' data personali li d-deċiżjoni kkontestata timplika kien neċessarju għat-twettiq tal-interess pubbliku sinjifikattiv imfittex (it-tieni kundizzjoni).

Filwaqt li rreferiet għall-modalitajiet ta' trażmissjoni, ta' konsultazzjoni, ta' evalwazzjoni u ta' anonimizzazzjoni tad-dokumenti protetti, il-Qorti Ġenerali qieset li t-tielet kundizzjoni ċċitata iktar 'il fuq kienet issodisfatta wkoll f'dan il-każ.

Wara li b'hekk stabbilixxiet li d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn kienet tipprevedi l-proċedura tal-kamra virtwali tad-data, ma kinitx teċċedi dak li kien neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittex, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fit-tielet lok, li l-inkonvenjenzi ta' din il-proċedura lanqas ma kienu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija.

Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ostakolu għad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata kkawżat mid-deċiżjoni kkontestata kien jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u ċaħdet, konsegwentement, l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-Artikolu 7 tagħha.

Peress li l-motivi l-oħra mqajma minn Meta Platforms Ireland rriżultaw ukoll infondati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

## 2. Akkordji – Kalkolu tal-multi

### Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, Clariant u Clariant International vs Il-Kummissjoni (T-590/20, EU:T:2023:650)

---

[433] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127. p. 2).

[434] Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

*"Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-etilen – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE – Koordinazzjoni fuq element tal-prezz tax-xiri – Proċedura ta' riżolviment – Multa – Aġġustament tal-ammont bażiku tal-multa – Punt 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi – Reċidiva – Punt 28 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi – Ġurisdizzjoni sħiħa – Kontrotalba għal żieda tal-ammont tal-multa"*

Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Lulju 2020 [435] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat li erba' impriżi kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE billi ppartecipaw, fil-perijodu mis-26 ta' Diċembru 2011 sad-29 ta' Marzu 2017, fi ksur uniku u kontinwu li kien jikkonsisti fl-iskambju ta' informazzjoni tariffarja u kummerċjali sensittiva u fl-iffissar ta' element tal-prezz marbut max-xiri ta' etilen, fit-territorju Belġjan, Ġermaniż, Franċiż u tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Fost l-erba' impriżi ssanzjonati f'dan ir-rigward kien hemm Clariant International AG, li aċċettat mingħajr riżervi r-responsabbiltà tagħha għall-parteċipazzjoni diretta tagħha fil-ksur inkwistjoni għall-perijodu kkonċernat, u Clariant AG, li aċċettat mingħajr riżervi r-responsabbiltà tagħha "konġuntament u *in solidum*" inkwantu kumpannija omm ta' Clariant International AG.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa imposta konġuntament u *in solidum* fuq dawn iż-żewġ impriżi, il-Kummissjoni, inizjalment, iddeterminat l-ammont bażiku billi għamlet riferiment għall-valur tax-xiri ta' etilen miksub matul il-perijodu li jkopri l-aħħar sena kompleta ta' parteċipazzjoni fil-ksur, jiġifieri l-2016.

Sussegwentement, il-Kummissjoni wettqet aġġustamenti tal-ammont bażiku. Minn naħa, hija żiedet b'50 % l-ammont bażiku tal-multa minħabba ċ-ċirkustanza aggravanti ta' reċidiva, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi [436]. Min-naħa l-oħra, hija applikat żieda ta' 10 % tal-ammont bażiku sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-każ u tan-neċessità li jintlaħaq ammont suffiċjentement dissważiv tal-multa, konformement mal-punt 37 tal-istess linji gwida.

Ulterjorment u fl-aħħar nett, wara li żgurat ruħha li l-multa ma kinitx teċċedi 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali taż-żewġ impriżi fl-2019, il-Kummissjoni tathom tnaqqis ta' 30 % tal-ammont tal-multa għall-kooperazzjoni tagħhom bis-saħħa tal-Komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni tal-2006 [437], kif ukoll tnaqqis ta' 10 % għall-kooperazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' riżolviment.

Clariant AG u Clariant International AG ippreżentaw rikors intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-ammont tal-multa imposta u, sussidjarjament, għat-tnaqqis ta' dan l-ammont. Barra minn hekk, huma talbu li tiġi miċħuda l-kontrotalba tal-Kummissjoni li l-ammont tal-multa jiġi miżjud billi jitneħħa l-benefiċċju ta' 10 % mogħti għall-kooperazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' riżolviment.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu, kif ukoll il-kontrotalba tal-Kummissjoni. Fis-sentenza tagħha, hija ttrattat b'mod partikolari l-kwistjoni tal-fondatezza u tal-motivazzjoni tal-applikazzjoni ta' żieda tal-ammont bażiku tal-multa taħt il-punt 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi minħabba li l-ftehim kien akkordju fil-qasam tax-xiri. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, hija tat deċiżjoni dwar il-kontrotalba tal-Kummissjoni intiża għall-irtirar tal-benefiċċju ta' 10 % mogħti lir-rikorrenti għall-kooperazzjoni tagħhom waqt il-proċedura ta' riżolviment minħabba li, permezz ta' dan

---

435 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4817 final tal-14 ta' Lulju 2020 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE (AT.40410 - Etilen).

436 Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

437 Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2016, C 144, p. 23).

ir-rikors, dawn kienu qegħdin idaħħlu inkwistjoni l-elementi rrikonoxxuti u aċċettati għall-finijiet tar-riżolviment tat-tilwima.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq l-argument li l-Kummissjoni żiedet b'mod żbaljat l-ammont bażiku tal-multa bis-saħħa tal-punt 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi billi bbażat ruħha fuq in-neċessità li tieħu inkunsiderazzjoni kemm il-karatteristiċi tal-kawża kif ukoll ir-rekwiżit li jintlaħaq livell dissważiv.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali osservat, qabel kollox, li sa fejn il-ksur kien jirrigwarda akkordju fil-qasam tax-xiri u l-parteċipanti ma kinux kollha preżenti fl-istess swieq downstream, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont bażiku tal-multa mill-valur tax-xiri pjuttost milli mill-valur tal-bejgħ tal-prodotti mibjugħa fis-swieq downstream.

Sussegwentement, hija kkonstatat li, billi applikat żieda ta' dan l-ammont bażiku ta' 10 % skont il-punt 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi, il-Kummissjoni eżerċitat debitament is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha u ma wettqitx żbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-kawża, jiġifieri l-fatt li l-ftehim inkwistjoni kien akkordju fil-qasam tax-xiri u l-valur tax-xiri, meħud inkunsiderazzjoni minflok il-valur tal-bejgħ, ma kienx fih innifsu tali li jikkostitwixxi valur ta' sostituzzjoni adegwat biex tiġi riflessa l-importanza ekonomika tal-ksur. Hija ħadet ukoll inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jintlaħaq ammont dissważiv tal-multa billi kkonstatat li, kieku l-metodu ġenerali previst mil-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi kellu jiġi applikat mingħajr l-iċken aġġustament, allura l-effett dissważiv ma kienx jiġi żgurat. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma kellhiex obbligu tieħu inkunsiderazzjoni l-effetti tal-aġir inkriminat fis-suq ladarba ż-żieda tal-multa taħt il-punt 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi ma hijiex suġġetta għat-turija minn qabel ta' tali effetti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni kienet motivat ir-raġunijiet li wassluha tqis li l-karatteristiċi tal-kawża u n-neċessità li jintlaħaq ammont dissważiv tal-multa kienu jiġġustifikaw li ma tapplikax il-metodu ġenerali u li żżid dan l-ammont bażiku u li hija kienet spjegat debitament l-elementi li hija ħadet inkunsiderazzjoni sabiex tiddetermina li żieda ta' 10 % tal-ammont bażiku tal-multa kienet xierqa. F'dan ir-rigward, peress li l-Kummissjoni ma għandhiex obbligu tindika ċ-ċifri kollha relattivi għal kull wieħed mill-istadji tal-metodu ta' kalkolu, hija ma kellhiex l-obbligu tipprovdi spjegazzjoni supplimentari dwar ir-rata ta' żieda speċifika magħżula.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kontrotalba tal-Kummissjoni. Hija kkonstatat li, fil-kuntest tal-proċedura ta' riżolviment, b'korrispettiv għal tnaqqis ta' 10 % tal-ammont tal-multa li ġie impost fuqhom fi tmiem proċedura ordinarja, il-partijiet fil-proċedura ta' riżolviment għandhom jirrikonoxxu, b'mod partikolari, ir-responsabbiltà tagħhom fil-ksur u indikazzjoni tal-ammont massimu tal-multi li huma jistennew li jkun ser jiġi impost fuqhom mill-Kummissjoni u li huma jaċċettaw. Madankollu, il-Qorti Ġenerali osservat li l-partijiet fil-proċedura ta' riżolviment ma għandhomx obbligu, bis-saħħa tal-Komunikazzjoni dwar ir-riżolviment ta' tilwim [438], jaċċettaw l-ammont finali tal-multa u l-parametri kollha tagħha sabiex ikunu jistgħu jaslu għal riżolviment.

Għalhekk, il-fatt li Clariant AG u Clariant International AG aċċettaw ammont massimu tal-multa fil-proposta tagħhom ta' riżolviment ma setax jiġi ekwiparat ma' turija li jkunu aċċettaw l-ammont eżatt finali tagħha u l-modalitajiet tal-kalkolu tagħha, flimkien mal-aġġustamenti mwettqa bis-saħħa tal-punti 28 u 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi. Barra minn hekk, iż-żidiet tal-multa applikati bis-

---

[438] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mod ta' proċedimenti ta' riżolviment ta' tilwim bil-għan li jiġu adottati Deċiżjonijiet skond l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 fil-każijiet tal-kartelli (ĠU 2008, C 167, p. 1).

saħħa tal-imsemmija punti 28 u 37 tal-Linji Gwida ma kinux ġew espressament ammessi minn dawn l-impriżi fil-proposta tagħhom ta' riżolviment u ma kinux suġġetti għal evalwazzjoni komuni mal-Kummissjoni waqt il-proċedura. Konsegwentement il-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq il-premessa li r-rikorrenti ma kinux ser idaħħlu iżjed inkwistjoni ż-żidiet tal-multa bis-saħħa tal-punti 28 u 37 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi fil-kuntest ta' rikors.

Għaldaqstant, sa fejn, permezz tar-rikors tagħhom, dawn l-impriżi kkontestaw l-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqhom billi sostnew li l-applikazzjoni tal-imsemmija punti kienet żbaljata, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex turi li kien iġġustifikat li tneħħi l-benefiċċju ta' 10 % mogħti minħabba l-kooperazzjoni tagħhom għall-finijiet tar-riżolviment tat-tilwima.

Fid-dawl ta' dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu kif ukoll il-kontrotalba tal-Kummissjoni.

## 3. Għajnuna mill-Istat

### Sentenza tal-10 ta' Mejju 2023, Ryanair u Condor Flugdienst vs Il-Kummissjoni (Lufthansa; COVID-19) (T-34/21 u T-87/21, EU:T:2023:248)

*"Għajnuna mill-Istat – Suq Ġermaniż tat-trasport bl-ajru – Għajnuna mogħtija mill-Ġermanja favur kumpannija tal-ajru fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Rikapitalizzazzjoni ta' Deutsche Lufthansa – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Qafas temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat – Rikors għal annullament – Locus standi – Effett sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva – Ammissibbiltà – Saħħa sinjifikattiva fis-suq – Miżuri addizzjonali sabiex jiġi ppreżervat l-eżerċizzju ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq – Obbligu ta' motivazzjoni"*

Fit-12 ta' Ġunju 2020, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea għajnuna individwali fil-forma ta' rikapitalizzazzjoni ta' EUR 6 biljuni (iktar 'il quddiem il-"miżura inkwistjoni") mogħtija lil Deutsche Lufthansa AG (iktar 'il quddiem "DLH"). Din ir-rikapitalizzazzjoni, li kienet tifforma parti minn sensiela usa' ta' miżuri ta' appoġġ favur il-grupp Lufthansa [439], kienet intiża li tistabbilixxi mill-ġdid il-pożizzjoni kontabbli u l-likwidità tal-impriżi tal-imsemmi grupp fis-sitwazzjoni eċċezzjonali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

Il-miżura inkwistjoni kienet tinkludi tliet elementi distinti, jiġifieri holding fil-kapital ta' madwar EUR 300 miljun, holding passiv mhux konvertibbli f'azzjonijiet ta' madwar EUR 4.7 biljuni (iktar 'il quddiem il-"holding passiv I") u holding passiv ta' EUR 1 biljun bil-karatteristiċi ta' bond konvertibbli (iktar' il quddiem il-"holding passiv II").

Mingħajr ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, il-Kummissjoni kklassifikat il-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern [440]

---

[439] DLH hija l-kumpannija omm li tmexxi l-grupp Lufthansa, li jinkludi b'mod partikolari l-kumpanniji tal-ajru Lufthansa Passenger Airlines, Brussels Airlines SA/NV, Austrian Airlines AG, Swiss International Air Lines Ltd u Edelweiss Air AG.

[440] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4372 final tal-25 ta' Ġunju 2020, dwar l-għajnuna mill-Istat SA 57153 (2020/N) – Il-Ġermanja – COVID-19 – Għajnuna favur Lufthansa (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2021) 9606 final, li tikkoreġi d-deċiżjoni kkontestata.

skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE [441] u l-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Qafas Temporanju għal Miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex Jingħata Sostenn lill-Ekonomija Matul it-Tifqigħa Preżenti tal-COVID-19 [442].

Il-kumpanniji tal-ajru Ryanair DAC u Condor Flugdienst GmbH (iktar 'il quddiem "Condor") ippreżentaw żewġ rikorsi għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li ntlaqgħu mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali minħabba li, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kisret diversi kundizzjonijiet u rekwiżiti previsti mill-Qafas Temporanju.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

- **Fuq l-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament**

Fir-rigward tal-kwalità tar-rikorrenti sabiex jikkontestaw il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra att li tiegħu hija ma tkunx destinatarja f'żewġ każijiet alternattivi, jiġifieri, minn naħa, jekk l-att inkwistjoni jikkonċernaha direttament u individwalment u, min-naħa l-oħra, jekk dan ikun att regolatorju li jikkonċernaha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni.

Peress li d-deċiżjoni kkontestata, li kienet indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ma kinitx tikkostitwixxi att regolatorju, il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk ir-rikorrenti kinux direttament u individwalment ikkonċernati minn din id-deċiżjoni.

Fir-rigward, minn naħa, tal-inċidenza individwali, mill-ġurisprudenza jirriżulta li din il-kundizzjoni tista' tiġi ssodisfatta jekk ir-rikorrenti jipproduċu provi li jippermettu li jintwera li l-miżura kkonċernata tkun tista' tippreġudika sostanzjalment il-pożizzjonijiet tagħhom fis-suq inkwistjoni. Għalhekk, Ryanair u Condor urew il-kwalità tagħhom ta' kompetituri diretti tal-grupp Lufthansa fuq numru kbir ta' rotot tal-ajru, li jikkostitwixxu wkoll swieq inkwistjoni. Ryanair enfasizzat ukoll il-kwalità tagħha ta' kompetitriċi diretta tal-grupp Lufthansa fis-suq Ġermaniż, Belġjan u Awstrijak.

Wara li rrilevat li, fl-istadju tal-eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li d-definizzjoni tas-suq inkwistjoni mressqa mir-rikorrenti tkun plawżibbli, bla ħsara għall-eżami fil-mertu ta' din il-kwistjoni, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-miżura inkwistjoni setgħet taffettwa b'mod sostanzjali l-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrenti fis-swieq tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri.

Fil-fatt, minn analiżi tad-data rilevanti u kredibbli pprovduta mir-rikorrenti, moqrija flimkien mad-deċiżjoni kkontestata, irriżulta li l-miżura inkwistjoni mhux biss setgħet tippermetti lill-grupp Lufthansa jaffaċċja riskju ta' ħruġ mis-swieq li fihom huwa kien jinsab f'kompetizzjoni diretta mar-rikorrenti, iżda wkoll li jsaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu. Għalhekk, l-għoti tal-miżura inkwistjoni kien *prima facie* ta' natura li jipprovoka telf mid-dħul jew żvilupp inqas favorevoli minn dak li kien ikun irreġistrat fl-assenza ta' tali miżura.

Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-inċidenza diretta tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali fakkret li kompetitur tal-benefiċjarju ta' għajnuna jkun direttament ikkonċernat minn deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza

[441] Skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE, l-għajnuna maħsuba sabiex jiġi rrimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

[442] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2020 dwar il-Qafas Temporanju għal Miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex Jingħata Sostenn lill-Ekonomija Matul it-Tifqigħa Preżenti tal-COVID-19 tal-20 ta' Marzu 2020 (ĠU 2020, C 91 I, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Qafas Temporanju"), kif emendata, l-ewwel darba, fit-3 ta' April 2020 (ĠU 2020, C 112 I, p. 1) u, it-tieni darba, fit-8 ta' Mejju 2020 (ĠU 2020, C 164, p. 3).

lil Stat Membru jħallasha meta ma jkun hemm ebda dubju dwar ir-rieda tal-imsemmi Stat li jagħmel dan, kif kien il-każ hawnhekk.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li r-rikorrenti setgħu jikkontestaw il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata permezz tar-rikorsi għal annullament tagħhom.

- **Fuq il-fondatezza tar-rikorsi għal annullament**

Qabel ma eżaminat il-fondatezza tad-diversi motivi għal annullament invokati mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kummissjoni hija marbuta bl-oqfsa u bil-komunikazzjonijiet li hija tadotta fil-qasam speċifiku tal-għajnuna mill-Istat, sa fejn dawn ma jiddevjawx mir-regoli tat-Trattat. Għaldaqstant, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tivverifika jekk il-Kummissjoni tkunx osservat ir-regoli li hija adottat f'dan il-qasam.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat, barra minn hekk, li, fil-kuntest tal-istħarriġ li hija teżerċita fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi mwettqa mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, hija ma tistax, ċertament, tissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika tagħha għal dik tal-Kummissjoni. Madankollu, hija ma għandhiex tivverifika biss l-eżattezza materjali tal-provi prodotti, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li jkollha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk ikunux ta' natura li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom. Barra minn hekk, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni huwa sħiħ fir-rigward tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni li ma jinvolvux evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi jew ukoll fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' natura strettament legali.

*A. Fuq l-eliġibbiltà ta' DLH għall-għajnuna kkomunikata*

Wara li għamlet dawn it-tfakkiriet, il-Qorti Ġenerali eżaminat, qabelxejn, id-diversi lmenti li jikkontestaw l-eliġibbiltà ta' DLH għall-għajnuna kkomunikata. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti invokaw b'mod partikolari ksur tal-punt 49(c) tal-Qafas Temporanju, li jipprovdi li, sabiex ikun eliġibbli għal miżura ta' rikapitalizzazzjoni, il-benefiċjarju għandu jkun f'inkapaċità li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq taħt kundizzjonijiet raġonevoli.

Skont id-deċiżjoni kkontestata, din il-kundizzjoni kienet issodisfatta peress li DLH ma kellhiex garanziji suffiċjenti sabiex tiffinanzja ruħha fis-swieq għall-ammont totali tal-għajnuna.

Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat, madankollu, li xejn fid-deċiżjoni kkontestata ma kien jindika li l-Kummissjoni eżaminat l-eventwali disponibbiltà ta' garanziji, bħall-ajruplani ta' DLH li jkunu liberi minn kwalunkwe piż, il-valur tagħhom u l-kundizzjonijiet ta' self eventwali li jkun jista' jiġi ġġenerat fis-swieq finanzjarji bl-għoti ta' tali garanziji. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni li l-"garanziji", mhux identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, ma jkunux suffiċjenti sabiex ikopru l-ammont totali tal-fondi neċessarji, kienet ibbażata fuq premessa żbaljata, li tgħid li l-finanzjament li jista' jiġi ġġenerat fis-swieq għandu neċessarjament ikopri l-bżonnijiet kollha tal-benefiċjarju. Fil-fatt, la l-formulazzjoni, la l-għan u lanqas il-kuntest li minnu jifforma parti l-punt 49(c) tal-Qafas Temporanju ma jsostnu t-teżi li l-benefiċjarju kellu jkun f'inkapaċità li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq għall-bżonnijiet kollha tiegħu.

Peress li l-Kummissjoni naqset milli teżamina jekk DLH setgħetx tħaddem parti mhux negliġibbli tal-finanzjament neċessarju fis-swieq, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li hija ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha għall-finijiet tal-eżami tal-miżura inkwistjoni fil-punt 49(c) tal-Qafas Temporanju. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-ilment ta' Ryanair ibbażat fuq il-ksur tal-imsemmi paragrafu, u iktar u iktar, dak ta' Condor ibbażat fuq l-eżistenza ta' dubji serji f'dan ir-rigward.

*B. Fuq ir-remunerazzjoni u l-ħruġ tal-Istat*

Il-Qorti Ġenerali sussegwentement ittrattat l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-kundizzjonijiet previsti fil-Qafas Temporanju f'dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni u l-ħruġ tal-Istat.

F'dan ir-rigward, Ryanair akkużat, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni li ma pprevedietx mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni tal-Istat Ġermaniż f'dak li jirrigwarda, minn naħa, il-holding fil-kapital ta' DLH u, min-naħa l-oħra, il-holding passiv II wara l-konverżjoni eventwali tiegħu f'ekwità.

Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni ta' strumenti ta' ekwità, bħalma huwa l-holding fil-kapital, il-punt 61 tal-Qafas Temporanju jipprovdi li kull miżura ta' rikapitalizzazzjoni għandha tinkludi mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni, li jżid ir-remunerazzjoni tal-Istat, biex il-benefiċjarju jkun inċentivat jixtri lura l-holding tal-Istat. Il-punt 62 tal-imsemmi qafas jipprevedi li l-Kummissjoni tista' taċċetta mekkaniżmi oħra, bil-kundizzjoni li dawn jipproduċu globalment riżultat simili f'dak li jirrigwarda l-effetti ta' inċentiv fuq il-ħruġ tal-Istat mill-kapital u li jkollhom impatt globalment simili fuq ir-remunerazzjoni tal-Istat.

Peress li l-holding tal-Istat Ġermaniż fil-kapital ta' DLH ma kellu l-ebda mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni fis-sens tal-punt 61 tal-Qafas Temporanju, il-Kummissjoni qieset li l-istruttura globali tal-għajnuna kkomunikata kienet tikkostitwixxi mekkaniżmu alternattiv ta' żieda fir-remunerazzjoni fis-sens tal-punt 62, sa fejn kienet tinkludi effetti ta' inċentiv suffiċjentement qawwija fuq il-ħruġ tal-Istat mill-kapital ta' DLH. Insostenn ta' din il-konklużjoni, il-Kummissjoni għamlet riferiment, b'mod partikolari, għat-tnaqqis kbir fil-prezz li bih il-Ġermanja kienet akkwistat l-azzjonijiet ta' DLH, li jagħti lill-Istat remunerazzjoni ogħla minn dik li kienet tirriżulta mill-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni.

Madankollu, dan l-argument ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali, li rrilevat li l-prezz tal-azzjonijiet sottoskritti mill-Istat fil-mument tad-dħul tiegħu fil-kapital tal-benefiċjarju kien irregolat mill-punt 60 tal-Qafas Temporanju, li jipprovdi li injezzjoni ta' ekwità mill-Istat għandha ssir bi prezz li ma jeċċedix il-prezz medju tal-azzjonijiet matul il-ħmistax-il jum qabel it-talba għal injezzjoni ta' ekwità. Issa, is-suġġett u l-għan ta' din ir-regola huma differenti minn dawk li fuqhom huwa bbażat il-mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni. Fil-fatt, filwaqt li dan l-aħħar mekkaniżmu huwa intiż li jinkoraġġixxi lill-benefiċjarju kkonċernat jixtri lura l-holding tal-Istat malajr kemm jista' jkun, ir-regola dwar il-prezz tax-xiri tal-azzjonijiet għandha l-għan, essenzjalment, li tiggarantixxi li l-prezz li bih l-Istat jixtri lura l-azzjonijiet ma jeċċedix il-prezz tas-suq tagħhom. Peress li l-prezz tal-azzjonijiet jista' jvarja kemm 'il fuq kif ukoll 'l-isfel, il-prezz tax-xiri ma huwiex neċessarjament intiż li jżid, tul iż-żmien, l-inċentiv tal-benefiċjarju kkonċernat li jixtri lura l-holding tal-Istat.

Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, il-livell tal-prezz tal-azzjonijiet fil-mument tad-dħul tal-Istat Ġermaniż fil-kapital ta' DLH ma kienx jikkostitwixxi mekkaniżmu alternattiv ta' żieda fir-remunerazzjoni ta' dan l-Istat.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-holding passiv II, li jikkostitwixxi strument ibridu, il-punt 68 tal-Qafas Temporanju jeżiġi li, wara l-konverżjoni tiegħu f'ekwità, għandu jiġi previst mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni sabiex tiżdied ir-remunerazzjoni tal-Istat, sabiex il-benefiċjarji kkonċernati jiġu mħeġġa jixtru lura l-holding sottoskritt mill-Istat. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, kien paċifiku li l-holding passiv II, waqt il-konverżjoni tiegħu f'ekwità, lanqas ma kellu mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni jew mekkaniżmu simili.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni kisret il-Qafas Temporanju sa fejn naqset milli teżiġi l-inklużjoni ta' mekkaniżmu ta' żieda fir-remunerazzjoni tal-Istat jew ta' mekkaniżmu simili fir-remunerazzjoni tal-holding fil-kapital u tal-holding passiv II, waqt il-konverżjoni ta' dan tal-aħħar f'ekwità.

*C. Fuq l-eżistenza ta' saħħa sinjifikattiva fis-suq tal-grupp Lufthansa fis-swieq inkwistjoni u l-impenji strutturali*

Il-Qorti Ġenerali eżaminat fl-aħħar nett l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-punt 72 tal-Qafas Temporanju li jipprovdi, meta l-benefiċjarju ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni meħuda fil-kuntest tal-COVID-19 ta' ammont ogħla minn EUR 250 000 000 ikun impriża li jkollha saħħa sinjifikattiva fis-suq (iktar 'il quddiem "SSS") f'mill-inqas wieħed mis-swieq inkwistjoni li fihom hija teżerċita l-attivitajiet tagħha, l-Istati Membri għandhom jipproponu miżuri addizzjonali sabiex jippreżervaw l-eżerċizzju ta' kompetizzjoni effettiva fl-imsemmija swieq.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti, essenzjalment, qajmu tliet gruppi ta' lmenti dwar a) id-definizzjoni tas-swieq inkwistjoni, b) l-eżistenza ta' SSS tal-grupp Lufthansa f'dawn is-swieq u c) in-natura effikaċi u suffiċjenti tal-impenji strutturali aċċettati mill-Kummissjoni.

a. Fuq id-definizzjoni tas-swieq rilevanti

Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-definizzjoni tas-swieq rilevanti, il-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li s-swieq li fihom il-grupp Lufthansa kien jeżerċita l-attivitajiet tiegħu kienu s-swieq tal-provvista ta' servizzi ta' trasport bl-ajru tal-passiġġieri bi tluq minn u b'destinazzjoni lejn l-ajruporti moqdija minn dan il-grupp. Għalhekk hija identifikat is-swieq inkwistjoni skont l-approċċ ta' "kull ajruport individwali". Dan l-approċċ ġie kkontestat mir-rikorrenti, li sostnew li d-definizzjoni mill-Kummissjoni tas-swieq ta' provvista tas-servizzi ta' trasport bl-ajru ta' passiġġieri kellha ssir abbażi ta' pari ta' bliet bejn punt ta' oriġini u punt ta' destinazzjoni (iktar 'il quddiem is-"swieq O & D").

Peress li l-punt 72 tal-Qafas Temporanju ma jispeċifikax il-metodu li bih għandhom jiġu ddefiniti s-swieq rilevanti, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni li jaqgħu taħt il-Qafas Temporanju huma intiżi li jirrimedjaw disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru, billi jsostnu, b'mod partikolari, il-vijabbiltà tal-impriżi milquta mill-pandemija tal-COVID-19 sabiex jistabbilixxu mill-ġdid l-istruttura tal-kapital tagħhom fil-livell eżistenti qabel il-pandemija. Dawn il-miżuri ta' għajnuna jirrigwardaw għalhekk is-sitwazzjoni finanzjarja globali tal-benefiċjarju u, b'mod iktar ġenerali, dik tas-settur ekonomiku kkonċernat.

F'dan il-kuntest, il-miżura inkwistjoni kienet intiża li tiggarantixxi, essenzjalment, li l-kumpanniji tal-grupp Lufthansa jkollhom biżżejjed likwidità u li d-disturb ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 ma jikkompromettix il-vijabbiltà tagħhom, u mhux li ssostni l-preżenza tal-imsemmi grupp fuq linja tal-ajru partikolari jew oħra. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament irrilevat li l-miżura inkwistjoni kienet intiża li tippreżerva l-kapaċità globali tal-grupp Lufthansa li jipprovdi servizzi ta' trasport bl-ajru u li, konsegwentement, ma kienx xieraq li jiġi eżaminat l-impatt tal-miżura inkwistjoni f'kull suq O & D meħud b'mod iżolat.

L-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq l-approċċ segwit fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, li fih is-swieq rilevanti jiġu ddefiniti skont l-approċċ O & D, lanqas ma kienu konvinċenti, sa fejn din l-analoġija ma kinitx tieħu inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-partikolaritajiet tal-Qafas Temporanju u tal-miżura inkwistjoni, li ma kellhiex rabta diretta ma' swieq O & D partikolari minflok ma' oħrajn.

Għaldaqstant, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt 72 tal-Qafas Temporanju, il-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tiddefinixxi s-swieq inkwistjoni skont l-approċċ ta' "kull ajruport individwali".

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, barra minn hekk, l-ilmenti mressqa sussidjarjament minn Ryanair fis-sens li l-Kummissjoni applikat l-approċċ ta' "kull ajruport individwali" b'mod żbaljat, billi llimitat l-eżami tagħha biss għall-ajruporti li jinsabu fl-Unjoni fejn il-grupp Lufthansa kellu bażi. Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, peress li Ryanair ma wrietx b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-grupp Lufthansa seta' jkollu SSS fl-ajruporti li fihom dan il-grupp ma kellux bażi, il-Kummissjoni setgħet ġustament teskludi dawn l-ajruporti mill-analiżi tagħha. Barra minn hekk, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni ma għandhiex kompetenza biex teżamina jekk il-grupp Lufthansa għandux SSS f'ajruport barra mill-Unjoni.

b. Fuq l-eżistenza ta’ SSS tal-grupp Lufthansa fl-ajruporti rilevanti

Peress li l-argumenti kollha tar-rikorrenti dwar id-definizzjoni tas-swieq rilevanti ġew miċħuda bħala infondati, il-Qorti Ġenerali analizzat, fit-tieni lok, l-ilmenti dwar l-eżistenza ta’ SSS tal-grupp Lufthansa fl-ajruporti eżaminati mill-Kummissjoni.

Peress li l-kunċett ta’ SSS ma kienx iddefinit fil-Qafas Temporanju, u lanqas b’mod iktar ġenerali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali bdiet billi rrilevat li dan il-kunċett għandu jitqies li huwa, essenzjalment, ekwivalenti għal dak ta’ pożizzjoni dominanti fid-dritt tal-kompetizzjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita, tali pożizzjoni dominanti hija ddefinita bħala sitwazzjoni ta’ saħħa ekonomika miżmuma minn impriża li tagħtiha s-saħħa li tostakola l-preżervazzjoni ta’ kompetizzjoni effettiva fis-suq inkwistjoni billi tagħtiha l-possibbiltà li taġixxi, b’mod sinjifikattiv, indipendentement mill-kompetituri tagħha, mill-klijenti tagħha u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-konsumaturi.

Fid-deċiżjoni kkontestata, kif irrettifikata, il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha tal-eżistenza ta’ SSS tal-grupp Lufthansa fl-għaxar ajruporti eżaminati [443] fuq il-parti tas-slots miżmuma minn dan il-grupp f’dawn l-ajruporti, fuq il-livell ta’ konġestjoni f’dawn tal-aħħar u fuq il-parti tas-slots miżmuma mill-kompetituri, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni wkoll in-numru ta’ ajruplani bbażati f’uħud mill-ajruporti mill-imsemmi grupp u mill-kompetituri tiegħu.

F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dawn il-kriterji, li jirrigwardaw essenzjalment il-kapaċità tal-ajruporti u li jikkonċernaw l-aċċess tal-kumpanniji tal-ajru għall-infrastruttura tal-ajruport, ma kinux jipprovdu informazzjoni diretta dwar l-ishma mis-suq tal-grupp Lufthansa fis-suq ta’ provvista ta’ servizzi ta’ trasport bl-ajru ta’ passiġġieri fl-ajruporti eżaminati. Madankollu, peress li r-relazzjoni bejn l-ishma tas-suq miżmuma minn dan tal-aħħar u mill-kompetituri tiegħu kienet tikkostitwixxi indizju validu tal-eżistenza ta’ SSS, il-Kummissjoni ma setgħetx tinjora l-fatturi li kienu jipprovdu informazzjoni relatata magħha, bħan-numru ta’ titjiriet u ta’ postijiet offruti minn u lejn l-ajruporti kkonċernati. Minn dan isegwi li, billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha sabiex tevalwa s-saħħa fis-suq tal-grupp Lufthansa fl-ajruporti kkonċernati, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni.

Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni wettqet ukoll żball manifest ta’ evalwazzjoni meta kkonkludiet, abbażi biss tal-kriterji eżaminati minnha, li l-grupp Lufthansa kien igawdi minn SSS fl-ajruporti ta’ Frankfurt u ta’ München matul l-istaġuni tas-sajf 2019 u tax-xitwa 2019/2020, iżda li dan ma kienx il-każ fir-rigward tal-ajruporti rilevanti l-oħra. F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-evalwazzjoni globali tal-kriterji analizzati mill-Kummissjoni għall-ajruporti ta’ Düsseldorf u ta’ Vjenna matul l-istaġun tas-sajf 2019 turi l-eżistenza, minn naħa, ta’ sehem mis-slots kbir ħafna tal-grupp Lufthansa fl-ajruport ta’ Düsseldorf u, min-naħa l-oħra, ta’ sehem mis-slots kbir fl-ajruport ta’ Vjenna, inkluż matul il-ħinijiet l-iktar intensivi, livell għoli ħafna ta’ konġestjoni fiż-żewġ ajruporti, ikkaratterizzat minn konġestjoni kważi sħiħa matul il-ħinijiet l-iktar intensivi u pożizzjoni dgħajfa tal-kompetituri tal-imsemmi grupp. Għalhekk, abbażi ta’ dawn il-kriterji biss, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi b’mod korrett li l-grupp Lufthansa ma kellux SSS fl-ajruporti ta’ Düsseldorf u ta’ Vjenna tal-inqas matul l-istaġun tas-sajf 2019. Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, id-data li wasslet lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-grupp Lufthansa kellu SSS fl-ajruporti ta’ Frankfurt u ta’ München ma kinitx sostanzjalment differenti minn dik li tikkonċerna l-ajruporti ta’ Düsseldorf u ta’ Vjenna, tal-inqas f’dak li jirrigwarda l-istaġun tas-sajf 2019. Fuq din il-bażi, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-ilmenti tar-rikorrenti.

c. Fuq l-impenji strutturali

[443] Jiġifieri l-ajruporti ta’ Berlin Tegel, Brussell, Düsseldorf, Frankfurt, Hamburg, München, Palma de Mallorca, Stuttgart, Vjenna u Hanover.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilmenti li kkontestaw diversi aspetti tal-impenji strutturali aċċettati mill-Kummissjoni skont il-punt 72 tal-Qafas Temporanju, bil-għan li tippreżerva l-eżerċizzju ta' kompetizzjoni effettiva fl-ajruporti ta' Frankfurt u ta' München.

Skont l-imsemmi punt 72, l-Istati Membri setgħu, meta jipproponu tali miżuri, joffru impenji strutturali jew komportamentali previsti fl-Avviż dwar ir-rimedji [444]. Skont dan l-avviż, l-impenji proposti għandhom isolvu kompletament il-problemi ta' kompetizzjoni, għandhom ikunu kompleti u effikaċi f'kull aspett u għandhom, barra minn hekk, ikunu jistgħu jiġu eżegwiti b'mod effettiv u fi żmien qasir. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari teżamina l-elementi kollha rilevanti relatati mal-miżura proposta stess, bħat-tip, id-daqs u l-portata tal-miżura proposta, evalwati skont l-istruttura u l-karatteristiċi partikolari tas-suq li fih iqumu l-problemi ta' kompetizzjoni, inkluża l-pożizzjoni tal-partijiet u ta' operaturi oħra fis-suq.

Kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-partikolaritajiet tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat u, b'mod iktar partikolari, tal-Qafas Temporanju, li fih jinsab ir-rekwiżit għal miżuri addizzjonali. Peress li l-għajnuna mogħtija taħt dan il-qafas temporanju kellha l-għan li tiżgura l-kontinwità operattiva tal-impriżi vijabbli matul il-pandemija tal-COVID-19, l-impenji indikati fil-punt 72 tiegħu kellhom jitfasslu b'tali mod li jiggarantixxu li, wara l-għoti tal-għajnuna, il-benefiċjarju ma jsirx iktar b'saħħtu fis-suq milli kien qabel it-tifqigħa tal-COVID-19 u li fis-swieq ikkonċernati jinżamm l-eżerċizzju ta' kompetizzjoni effettiva.

F'dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata kienet tipprevedi, bħala miżuri proposti mill-Ġermanja skont il-punt 72 tal-Qafas Temporanju, b'mod partikolari t-trasferiment minn DLH ta' 24 slot għal kull jum f'kull wieħed mill-ajruporti ta' Frankfurt u ta' München, kif ukoll tal-assi addizzjonali, kif meħtieġ mir-regolatur tas-slots sabiex ikunu jistgħu jiġu ttrasferiti s-slots.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti kkontestaw, fost affarijiet oħra, il-proċedura ta' trasferiment tas-slots ivvalidata fid-deċiżjoni kkontestata, li kellha tiżvolġi f'żewġ stadji. Matul l-ewwel stadju, is-slots kellhom jiġu offruti lill-"operaturi ġodda" biss. Jekk, wara perijodu determinat li jaqbeż diversi staġuni, is-slots ma jkunux ġew ittrasferiti lil operatur ġdid, fit-tieni stadju, dawn kienu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tat-trasportaturi li diġà jkollhom bażi f'dawn iż-żewġ ajruporti.

Filwaqt li fakkret l-obbligu tal-Kummissjoni li teżamina l-elementi rilevanti kollha li jirrigwardaw l-impenji proposti, evalwati skont l-istruttura u l-karatteristiċi partikolari tas-suq inkwistjoni, inkluża l-pożizzjoni tal-partijiet u ta' operaturi oħra fis-suq, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni naqset milli teżamina l-adegwatezza tal-esklużjoni tal-kompetituri diġà bbażati fl-ajruporti ta' Frankfurt u ta' München mill-ewwel stadju tal-proċedura. Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda raġuni li setgħet turi li din l-esklużjoni kienet ta' natura li tippreżerva l-eżerċizzju ta' kompetizzjoni effettiva fis-swieq inkwistjoni u li kienet neċessarja sabiex tagħmel dan.

Issa, f'dan il-każ, tali eżami kien iktar u iktar neċessarju peress li l-istruttura tas-suq fl-ajruporti ta' Frankfurt u ta' München kienet ikkaratterizzata, skont id-deċiżjoni kkontestata stess, mill-piż ħafna ikbar tal-grupp Lufthansa meta mqabbel ma' dak tal-eqreb kompetituri tiegħu, li diġà kellhom bażi f'dawn l-ajruporti, b'tali mod li l-esklużjoni ta' dawn tal-aħħar matul l-ewwel stadju tal-proċedura setgħet twassal għal iktar frammentazzjoni tal-kompetizzjoni f'dawn l-ajruporti. Barra minn hekk, il-fatt li l-eqreb kompetituri tal-grupp Lufthansa, li, minħabba l-preżenza tagħhom fl-ajruporti ta' Frankfurt u ta' München, setgħu jkunu f'pożizzjoni aħjar sabiex jakkwistaw il-portafoll ta' slots inkwistjoni u sabiex iżidu l-pressjoni kompetittiva, setgħu jsiru eliġibbli fit-tieni stadju tal-proċedura

[444] Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rimedji aċċettabbli taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 u taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 (ĠU 2008, C 267, p. 1).

ma jikkontestax din il-konklużjoni, peress li l-eliġibbiltà tagħhom tiddependi mill-falliment tal-ewwel stadju.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, billi eskludiet il-kompetituri li diġà kellhom bażi fl-ajruporti ta' Frankfurt u ta' München mill-ewwel stadju tal-proċedura ta' trasferiment tas-slots, il-Kummissjoni ma eżaminatx l-elementi rilevanti kollha relatati mal-impenn propost, u għalhekk wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

F'dak li jirrigwarda t-trasferiment tas-slots ta' DLH fl-ajruporti ta' Frankfurt u ta' München, Condor, barra minn hekk, invokat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni sa fejn din ma ġġustifikatx kif ir-rekwiżit, previst fid-deċiżjoni kkontestata, li t-trasferiment tas-slots jsir bi ħlas minflok ma jiġi impost it-trasferiment tagħhom mingħajr ħlas, kien, minn naħa, konformi mar-regoli applikabbli u kien jagħmel, min-naħa l-oħra, l-impenji suffiċjentement attraenti għal xerrej eventwali.

Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-rekwiżit li t-trasferiment tas-slots kellu jsir bi ħlas kellu importanza essenzjali fl-istruttura tad-deċiżjoni kkontestata, b'tali mod li l-Kummissjoni kienet obbligata tindika r-raġunijiet għalfejn hija qieset li dan ir-rekwiżit kien konformi mar-regoli applikabbli f'dan il-qasam. Issa, fl-assenza ta' kwalunkwe indikazzjoni dwar ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni tqis li t-trasferiment tas-slots inkwistjoni kellu jsir bi ħlas u mhux mingħajr ħlas u li dan ir-rekwiżit ma kellux il-konsegwenza li jnaqqas l-attrattività tal-imsemmija slots u, għaldaqstant, l-effikaċja tal-impenji relatati magħhom, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha fid-deċiżjoni kkontestata.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni kkontestata, kif irrettifikata, kienet ivvizzjata b'diversi żbalji u irregolaritajiet u, konsegwentement, annullatha.

### Sentenza tat-13 ta' Settembru 2023, ITD u Danske Fragtmænd vs Il-Kummissjoni (T-525/20, EU:T:2023:542)

*"Għajnuna mill-Istat – Settur postali u trasport tal-merkanzija bit-triq – Ilment ta' kompetitur – Kontribuzzjoni ta' kapital mogħtija minn impriża pubblika lis-sussidjarja tagħha – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna mill-Istat fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari – Kumpannija omm tal-grupp ikkontrollata b'mod konġunt minn żewġ Stati Membri – Approvazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' kapital mill-kumpannija omm tal-grupp – Imputabbiltà lill-Istat"*

PostNord Logistics A/S hija impriża ta' trasport bit-triq ta' merkanzija fid-Danimarka li PostNord Group AB għandha 100 % tal-ishma tagħha. Din tal-aħħar, min-naħa tagħha, hija sussidjarja ta' PostNord AB li għandha 100 % tal-ishma tagħha u li 40 % tal-kapital azzjonarju tagħha huwa proprjetà tar-Renju tad-Danimarka, filwaqt li 60 % tiegħu huwa proprjetà tar-Renju tal-Isvezja.

Fl-aħħar tal-2018, PostNord Group iddeċidiet li żżid il-kapital fir-rigward ta' PostNord Logistics b'ammont ta' 115-il miljun krona Daniża (madwar EUR 15.4 miljuni), li l-ewwel parti minnu tħallset fl-20 ta' Diċembru 2018 (iktar 'il quddiem iż-"żieda fil-kapital"). Fid-dawl tal-ammont inkwistjoni, PostNord Group issuġġettat din iż-żieda fil-kapital għall-approvazzjoni minn qabel tal-bord tad-diretturi ta' PostNord.

Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li ITD [445], assoċjazzjoni professjonali li tiġbor flimkien kumpanniji ta' trasport u ta' loġistika Daniżi, ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea, billi allegat, b'mod partikolari, li ż-żieda fil-kapital kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li kienet illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Billi qieset, b'mod partikolari, li, fin-nuqqas ta' imputabbiltà lill-Istat Daniż u dak Svediż, iż-żieda fil-kapital ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni ċaħdet dan l-ilment mingħajr ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE [446].

Adita b'rikors għal annullament ippreżentat minn ITD u minn kumpannija kompetitriċi ta' PostNord Logistics, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, minħabba li din tal-aħħar wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali minkejja d-diffikultajiet serji mqajma mill-evalwazzjoni taż-żieda fil-kapital fid-dawl tal-Artikolu 107 TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

It-tressiq ta' lment li jinforma lill-Kummissjoni dwar għajnuna allegatament illegali għandu l-effett li jniedi l-ftuħ tal-fażi ta' eżami preliminari prevista mill-Artikolu 108(3) TFUE. Jekk il-Kummissjoni tikkonstata, fi tmiem dan l-eżami preliminari, li l-miżura inkwistjoni, sa fejn taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, ma tqajjimx dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, hija tieħu deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet. Mill-banda l-oħra, fil-preżenza ta' diffikultajiet serji li jqumu matul l-eżami tan-natura ta' għajnuna tal-miżura inkwistjoni jew tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, ikun meħtieġ li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE. Fir-rigward ta' dan l-aħħar punt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li n-natura insuffiċjenti jew inkompleta tal-eżami mwettaq mill-Kummissjoni matul il-proċedura ta' eżami preliminari tikkostitwixxi indizju tal-eżistenza ta' tali diffikultajiet.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, ir-rikorrenti sostnew, essenzjalment, li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li ż-żieda fil-kapital ma kinitx imputabbli lill-Istat Daniż u dak Svediż kienet kontradetta miċ-ċirkustanzi tal-każ, punt li jixhed l-eżistenza ta' diffikultajiet serji li jeħtieġu l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm kien minnu li l-imputabbiltà taż-żieda fil-kapital lill-Istat Daniż u dak Svediż ma setgħetx tiġi dedotta mis-sempliċi fatt li PostNord Group, li kienet obbligata tapprova l-imsemmija żieda fil-kapital, hija impriża pubblika, kien għadu neċessarju għall-Kummissjoni li teżamina jekk l-awtoritajiet pubbliċi kellhomx jitqiesu li kienu involuti, b'mod jew ieħor, fl-adozzjoni ta' din il-miżura.

Issa, filwaqt li kkonstatat li l-Kummissjoni eżaminat l-involviment tal-awtoritajiet Daniżi u dawk Svediżi fiż-żieda fil-kapital fid-dawl ta' tnax-il fattur differenti, il-Qorti Ġenerali qieset li dan l-eżami u l-konklużjoni ta' assenza ta' involviment li waslet għaliha l-Kummissjoni kienu jixhdu diffikultajiet serji, ta' natura li kienu jobbligawha tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali qieset, fl-ewwel lok, li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti, fis-sens li l-bord tad-diretturi ta' PostNord kien kompost minn ħdax-il membru li tmienja minnhom kienu membri li l-ħatra tagħhom kienet taqa' f'idejn il-ministri tal-Istat Daniż u dak Svediż, li tnejn minnhom

---

[445] ITD, Brancheorganisation for den danske vejgodstransport A/S (iktar 'il quddiem "ITD").

[446] Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020) 3006 final tat-12 ta' Mejju 2020 dwar għajnuna mill-Istat SA.52489 (2018/FC) - Id-Danimarka u SA.52658 - L-Isvezja (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

kienu wkoll uffiċjali għolja, kienu intiżi li jistabbilixxu li, fil-mument taż-żieda fil-kapital, PostNord kienet tgawdi minn marġni ta' indipendenza limitata fir-rigward ta' dawn l-Istati Membri. Il-fatt li dawn l-elementi organiċi, li setgħu jikkostitwixxu indizju mhux negliġibbli tal-imputabbiltà lill-Istat Daniż u dak Svediż taż-żieda fil-kapital, ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni kif xieraq, kien juri n-natura inkompleta u insuffiċjenti tal-eżami tagħha u kien jikkostitwixxi għalhekk l-ewwel indikazzjoni tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji.

Peress li r-rabtiet organiċi bejn impriża pubblika u l-Istat li jkollu l-ishma tagħha ma humiex biżżejjed, bħala prinċipju, sabiex jistabbilixxu l-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura meħuda minn din l-impriża, il-Qorti Ġenerali, fit-tieni lok, iffokat fuq sinjali oħra ta' involviment tal-awtoritajiet pubbliċi Daniżi u dawk Svediżi li l-Kummissjoni seta' kellha, liema sinjali oħra kkonfermaw in-natura inkompleta u insuffiċjenti tal-eżami tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat qabelxejn li l-Kummissjoni naqset milli teżamina jekk l-eżistenza ta' djalogu dwar ir-ristrutturazzjoni tal-attività ta' PostNord fid-Danimarka, li kienet seħħet bejn din tal-aħħar u l-Istat Daniż u dak Svediż, setgħetx tikkonċerna l-attività ta' PostNord Logistics, minkejja li dan l-element kien tressaq minn ITD fl-ilment tagħha, bħala indizju tar-rwol ta' superviżjoni u ta' kontroll eżerċitat mill-imsemmija Stati fuq iż-żieda fil-kapital, approvata minn PostNord.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li PostNord, li tipprovdi, prinċipalment, servizzi postali fuq livell nazzjonali fid-Danimarka u fl-Isvezja u li s-sussidjarji tagħha huma, barra minn hekk, fdati bis-servizz postali universali f'dawn l-Istati Membri, tfittex li tilħaq għanijiet ta' interess ġenerali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-imsemmija Stati. Issa, minkejja li din iċ-ċirkustanza kellha t-tendenza li tistabbilixxi, skont il-ġurisprudenza, li l-awtoritajiet pubbliċi Daniżi u Svediżi kienu taw attenzjoni speċjali għad-deċiżjonijiet meħuda minn PostNord, il-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni dan l-element fl-analiżi tagħha tal-imputabbiltà lill-imsemmija Stati Membri taż-żieda fil-kapital, kif approvata minn PostNord.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, fis-sens li l-ammont taż-żieda fil-kapital f'valur assolut ma kienx ta' natura li jqajjem suspetti dwar l-involviment tal-Istat Daniż u dak Svediż fl-adozzjoni ta' din il-miżura, kienet turi għal darba oħra n-natura inkompleta u insuffiċjenti tal-eżami tagħha, iktar u iktar ġaladarba dan l-ammont, ta' madwar EUR 15.4 miljun, kien jaqbeż il-limitu li lil hinn minnu l-kontribuzzjonijiet interni ta' kapital fil-grupp kellhom jiksbu l-approvazzjoni ta' PostNord, li l-bord tad-diretturi tagħha kellu rabtiet mill-qrib ma' dawn l-Istati.

Għaldaqstant, peress li r-rikorrenti pproduċew il-prova tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji li l-Kummissjoni ma rnexxiliex tegħleb waqt l-eżami tagħha taż-żieda fil-kapital fid-dawl tal-Artikolu 107 TFUE, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors tagħhom sa fejn kien dirett kontra dik il-parti mid-deċiżjoni kkontestata li fiha l-Kummissjoni, mingħajr ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, ikkonkludiet li din iż-żieda fil-kapital ma kinitx imputabbli lill-Istat Daniż u dak Svediż u, konsegwentement, ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

### Sentenza tal-20 ta' Settembru 2023, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (T-131/16 RENV, EU:T:2021:561) [447]

[447] Sunt komuni għall-kawżi Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (T-131/16 RENV) u Magnetrol International et vs Il-Kummissjoni (T-263/16 RENV, T-265/16, T-311/16, T-319/16, T-321/16, T-343/16, T-350/16, T-350/16, T-444/16, T-800/16 u T-832/16).

*"Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna implimentata mill-Belġju – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u li tordna l-irkupru tal-għajnuna mħallsa – Deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem (tax ruling) – Profitti taxxabbli – Eżenzjoni tal-profitti eċċessivi – Vantaġġ – Natura selettiva – Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni – Irkupru"*

### Sentenza tal-20 ta' Settembru 2023, Magnetrol International *et* vs Il-Kummissjoni (T-263/16 RENV, T-265/16, T-311/16, T-319/16, T-321/16, T-343/16, T-350/16, T-444/16, T-800/16 u T-832/16, EU:T:2023:565)

*"Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna implimentata mill-Belġju – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u li tordna l-irkupru tal-għajnuna mħallsa – Deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem (tax ruling) – Profitti taxxabbli – Eżenzjoni tal-profitti eċċessivi – Vantaġġ – Natura selettiva – Irkupru"*

Bejn l-2004 u l-2014, l-amministrazzjoni tat-taxxa Belġjana ħarġet deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem (tax rulings) favur entitajiet Belġjani ta' gruppi multinazzjonali ta' impriżi. Permezz ta' dawn id-deċiżjonijiet bil-quddiem, l-imsemmija entitajiet setgħu jnaqqsu l-bażi taxxabbli tagħhom fil-Belġju billi jnaqqsu l-profitti kkunsidrati bħala "eċċessivi" mill-profitti li huma kienu rreġistraw. Skont l-awtoritajiet tat-taxxa Belġjani, dawn il-profitti eċċessivi kienu jirriżultaw minn sinerġiji, minn ekonomiji ta' skala jew minn benefiċċji oħra li jirriżultaw mill-fatt li jagħmlu parti minn grupp multinazzjonali u għalhekk ma kinux imputabbli lill-entitajiet Belġjani inkwistjoni.

Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Jannar 2016 [448], il-Kummissjoni kkonstatat li l-iskema ta' eżenzjoni tal-profitti eċċessivi, li permezz tagħha r-Renju tal-Belġju kien ħareġ id-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem, kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li kienet inkompatibbli mas-suq intern. Billi qieset li din l-iskema kienet ġiet implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, il-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-għajnuna hekk mogħtija mingħand il-benefiċjarji tagħha, li l-lista definittiva tagħhom kellha sussegwentement tiġi stabbilita mir-Renju tal-Belġju.

Adita wara rikorsi għal annullament ippreżentati mir-Renju tal-Belġju u minn diversi impriżi identifikati fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew li bbenefikaw minn deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni permezz ta' sentenza tal-14 ta' Frar 2019 [449], minħabba li hija kienet ikkonstatat b'mod żbaljat l-eżistenza ta' skema ta' għajnuna.

Fuq appell ippreżentat mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u, min-naħa l-oħra, ċaħdet definittivament il-motivi li kkontestaw l-eżistenza ta' skema ta' għajnuna u l-kompetenza tal-Kummissjoni [450]. Peress li l-kawża ma kinitx fi stat li tiġi deċiża fir-rigward tal-motivi ta' annullament li kienu għadhom ma ġewx eżaminati mill-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar dawn il-motivi.

---

[448] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699 tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju (ĠU 2016, L 260, p. 61, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

[449] Sentenza tal-14 ta' Frar 2019, ***Il-Belġju u Magnetrol International vs Il-Kummissjoni*** (T-131/16 u T-263/16, EU:T:2019:91).

[450] Sentenza tas-16 ta' Settembru 2021, ***Il-Kummissjoni vs Il-Belġju u Magnetrol International*** (C-337/19 P, EU:C:2021:741).

Fil-proċedura wara l-kawża ntbagħtet lura, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi kollha għal annullament suġġetti għall-istħarriġ tagħha u ċaħdet, konsegwentement, ir-rikorsi tar-Renju tal-Belġju u tal-impriżi rikorrenti fl-intier tagħhom.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikorsi għal annullament tagħhom, ir-Renju tal-Belġju u l-impriżi rikorrenti kkontestaw b'mod partikolari l-eżistenza ta' vantaġġ li kien jirriżulta mill-iskema ta' profitti eċċessivi u s-selettività tagħha.

Fir-rigward tas-sistema ta' riferiment, jiġifieri s-sistema fiskali ordinarja jew "normali" li fir-rigward tagħha kellhom jiġu analizzati ż-żewġ elementi preċedenti, ir-Renju tal-Belġju u r-rikorrenti kkritikaw lill-Kummissjoni li kienet qieset b'mod żbaljat li s-sistema tat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji fil-Belġju kienet tipprevedi li l-profitti kollha rreġistrati tal-kumpanniji kienu ntaxxati, filwaqt li injorat il-possibbiltà li jsiru aġġustamenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet eskludiet b'mod żbaljat l-iskema ta' profitti eċċessivi mill-imsemmija sistema ta' riferiment.

F'dan ir-rigward, madankollu, mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul kien jirriżulta li l-profitti taxxabbli kienu kkostitwiti, fundamentalment, mill-profitti kollha rreġistrati mill-impriżi suġġetti għat-taxxa fil-Belġju. Fil-fatt, dawn il-profitti rreġistrati kienu jikkostitwixxu l-punt ta' tluq tal-kalkolu tal-imsemmija taxxa, li fuqhom setgħu jsiru l-aġġustamenti pożittivi u negattivi legalment previsti. Issa, filwaqt li l-leġiżlazzjoni applikabbli kienet tissuġġetta l-aġġustament negattiv tal-profitti għal kundizzjoni doppja, jiġifieri li l-profitti tal-entità Belġjana li kellhom jiġu aġġustati jkunu ġew inklużi wkoll fil-profitti ta' kumpannija relatata oħra u li din tal-aħħar kienet tagħmel dawn il-profitti li kieku kienu applikabbli kundizzjonijiet simili għal dawk miftiehma bejn kumpanniji indipendenti, l-eżenzjoni tal-profitti eċċessivi applikata mill-awtoritajiet tat-taxxa Belġjani fid-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem tagħhom ma kinitx suġġetta għal din il-kundizzjoni doppja. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni ġustament qieset li l-iskema ta' eżenzjoni tal-profitti eċċessivi, kif applikata mill-awtoritajiet tat-taxxa Belġjani, ma kinitx tagħmel parti mis-sistema ta' riferiment applikabbli f'dan il-każ.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll il-kritika mressqa mir-Renju tal-Belġju u mill-impriżi rikorrenti fir-rigward tal-konstatazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, tal-eżistenza ta' vantaġġ li jiffavorixxi lill-benefiċjarji tad-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem.

Minn naħa, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-Kummissjoni kienet effettivament eżaminat il-kriterju tal-vantaġġ u kienet ipprovdiet l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tiġi kkunsidrata l-eżistenza ta' vantaġġ. Il-fatt li l-analiżi tal-vantaġġ iddaħħlet f'taqsima li tkopri wkoll l-eżami tas-selettività ma kellu l-ebda impatt f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-implimentazzjoni tal-iskema ta' profitti eċċessivi, ikkaratterizzata mill-għoti ta' eżenzjonijiet bi ksur tal-kundizzjonijiet legali applikabbli, setgħet twassal għal tnaqqis mit-taxxa li l-entitajiet benefiċjarji kien ikollhom normalment iħallsu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata li kkonstatat li din l-iskema kienet ta' natura li tiffavorixxi lill-benefiċjarji tagħha.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, barra minn hekk, id-diversi lmenti mressqa kontra l-konstatazzjoni mill-Kummissjoni, wara r-raġunament prinċipali tagħha, li l-iskema ta' profitti eċċessivi dderogat mis-sistema ordinarja tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Belġju, sa fejn ma kinitx prevista mill-imsemmija sistema l-prassi tal-awtoritajiet tat-taxxa Belġjani li tikkonsisti fit-twettiq ta' aġġustament negattiv unilaterali mingħajr il-bżonn li jiġi stabbilit li l-profitti li għandhom jiġu aġġustati kienu ġew inklużi fil-profitti ta' kumpannija oħra u li kienu profitti li kienu jsiru minn din il-kumpannija l-oħra li kieku t-tranżazzjonijiet ikkonċernati kienu saru bejn kumpanniji indipendenti. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-ilmenti mressqa kontra l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-vantaġġ li jirriżulta minn tali prassi tal-awtoritajiet tat-taxxa Belġjani, b'deroga mis-sistema ta' riferiment, ma kienx aċċessibbli għall-entitajiet kollha li jinsabu f'sitwazzjoni legali u fattwali simili.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fid-dawl tal-prassi amministrattiva tal-awtoritajiet tat-taxxa, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonstatat li l-entitajiet li jagħmlu parti minn grupp multinazzjonali li bbenefikaw mill-eżenzjoni tal-profitti eċċessivi rċevew trattament iddifferenzjat meta mqabbla ma' entitajiet oħra fil-Belġju li ma bbenefikawx minnu, minkejja li dawn l-entitajiet kienu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli fid-dawl tal-għan tar-regoli fiskali tad-dritt ordinarju, jiġifieri l-intaxxar tal-profitti taxxabbli kollha tal-kumpanniji kollha residenti jew attivi permezz ta' stabbiliment permanenti fil-Belġju.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball ta' evalwazzjoni meta sostniet li l-iskema inkwistjoni kienet selettiva sa fejn eskludiet il-kumpanniji li kienu ddeċidew li ma jagħmlux investimenti fil-Belġju, li ma jiċċentralizzawx attivitajiet fil-Belġju u li ma joħolqux impjiegi hemmhekk. Fil-fatt, mill-kampjun tad-deċiżjonijiet bil-quddiem analizzat fid-deċiżjoni kkontestata rriżulta li dawn id-deċiżjonijiet kollha kienu ngħataw wara proposti ta' dawk li ressqu talba li jagħmlu investimenti fil-Belġju, li jirrilokaw ċerti funzjonijiet fil-Belġju jew li joħolqu ċertu numru ta' impjiegi hemmhekk.

Fit-tielet lok, peress li l-ebda deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem inkluża fl-imsemmi kampjun ma kienet tikkonċerna entitajiet li jagħmlu parti minn gruppi ta' impriżi ta' daqs żgħir, il-Kummissjoni lanqas ma setgħet tiġi kkritikata li sostniet li l-iskema inkwistjoni kienet selettiva sa fejn ma kinitx miftuħa għall-impriżi li jagħmlu parti minn grupp ta' daqs żgħir.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma qisitx neċessarju li teżamina l-ilmenti mressqa kontra r-raġunament dwar is-selettività mwettaq mill-Kummissjoni sussidjarjament, sa fejn l-eżenzjoni tal-profitti eċċessivi kienet tidderoga mill-prinċipju ta' distakkament.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, barra minn hekk, l-argument tar-Renju tal-Belġju li kien jgħid li l-iskema ta' profitti eċċessivi ma kinitx iffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat peress li l-profitti eċċessivi ma kinux jaqgħu taħt il-kompetenza fiskali tiegħu.

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, skont is-sistema ordinarja ta' tassazzjoni tal-profitti tal-kumpanniji fil-Belġju, l-ammont totali tal-profitti rreġistrati mill-kumpanniji residenti huwa, fundamentalment, taxxabbli fil-Belġju. Għalhekk, kien billi tieħu inkunsiderazzjoni din l-għażla magħmula mil-leġiżlatur Belġjan, fl-eżerċizzju tal-kompetenza fiskali li minnha huwa jibbenefika, li l-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li n-nuqqas ta' tassazzjoni tal-profitti eċċessivi ta' entitajiet Belġjani ta' gruppi multinazzjonali, meta dawn kienu, fundamentalment, profitti taxxabbli, kien jikkostitwixxi telf ta' riżorsi li kienu jappartjenu lil dan l-Istat.

Lanqas ma kien konvinċenti l-argument tar-Renju tal-Belġju li l-eżenzjoni tal-profitti eċċessivi, kif applikata mill-awtoritajiet tat-taxxa, kienet iġġustifikata min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali u, b'mod iktar partikolari, mill-għan li tiġi evitata t-taxxa doppja. Fil-fatt, fil-prattika, tali eżenzjoni la kienet suġġetta għall-kundizzjoni li jiġi ppruvat li l-profitti eċċessivi kienu ġew inklużi fil-profitti ta' kumpannija relatata oħra u lanqas li dawn kienu effettivament suġġetti għal tassazzjoni fi Stat ieħor. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament ikkonkludiet li s-sistema ta' eżenzjoni inkwistjoni ma kinitx tindirizza b'mod neċessarju u proporzjonat sitwazzjonijiet ta' taxxa doppja.

Il-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball meta kkonstatat li l-iskema ta' eżenzjoni tal-profitti eċċessivi kienet twassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u setgħet taffettwa l-kummerċ fi ħdan l-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li s-sistema ta' eżenzjoni inkwistjoni setgħet tibdel l-attivitajiet fi ħdan il-gruppi ta' impriżi li jinkludu entità Belġjana, sa fejn id-deċiżjonijiet ta' investiment, ta' lokalizzazzjoni ta' attivitajiet u ta' ħolqien ta' impjiegi setgħu jittieħdu b'mod sabiex din l-entità Belġjana tagħmel profitti li, sussegwentement, kienu ser jiġu eżentati fil-Belġju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata talli qieset li l-għajnuna mogħtija mid-deċiżjonijiet tat-taxxa

bil-quddiem kienet ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li twassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, barra minn hekk, il-motivi tar-Renju tal-Belġju u tal-impriżi rikorrenti bbażati fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni meta hija identifikat l-entitajiet Belġjani li kisbu deċiżjoni bil-quddiem kif ukoll il-gruppi multinazzjonali li minnhom huma kienu jagħmlu parti bħala benefiċjarji tal-iskema inkwistjoni.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali indikat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni enfasizzat elementi li kienu jippermettulha tikkonkludi li jeżistu, bħala prinċipju, rabtiet ta' kontroll fi ħdan gruppi multinazzjonali ta' impriżi li kienu jagħmlu parti minnhom l-entitajiet Belġjani li kisbu deċiżjonijiet bil-quddiem. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni ma marritx lil hinn mill-marġni ta' evalwazzjoni wiesa' tagħha meta qieset li l-imsemmija gruppi kienu jikkostitwixxu unità ekonomika ma' dawn l-entitajiet, li bbenefikaw minn għajnuna mill-Istat taħt l-iskema inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni lanqas ma kienet kisret il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' legalità meta ordnat l-irkupru tal-għajnuna illegali mingħand l-imsemmija gruppi.

Barra minn hekk, mid-deċiżjoni kkontestata rriżulta wkoll li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet, skont il-ġurisprudenza, spjegazzjonijiet li kienu jippermettu lir-Renju tal-Belġju jivverifika s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata kemm f'dak li jirrigwarda l-benefiċjarji li mingħandhom kellha tiġi rkuprata l-għajnuna kif ukoll l-ammont li kellu jiġi rkuprat.

F'dan l-istess kuntest, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-impriżi rikorrenti bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn l-irkupru kien ġie ordnat mingħand il-benefiċjarji kollha, indipendentement mid-daqs tagħhom, mir-riżorsi tagħhom u mil-livell ta' sofistikazzjoni tagħhom. Fil-fatt, peress li l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat huwa l-unika konsegwenza tal-illegalità tagħha u tal-inkompatibbiltà tagħha mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, dan ma setax jiddependi mis-sitwazzjoni tal-benefiċjarji tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment tal-impriżi rikorrenti bbażat fuq il-fatt li, billi ordnat l-irkupru ta' ammont ugwali għat-taxxa li kienet tkun imposta fuq id-dħul tal-benefiċjarji fl-assenza ta' deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li setgħu jsiru aġġustamenti pożittivi minn amministrazzjoni tat-taxxa oħra fir-rigward tal-profitti eċċessivi, id-deċiżjoni kkontestata kienet timponi l-irkupru ta' ammont li seta' jkun ogħla mill-vantaġġ irċevut mill-benefiċjarji.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret, minn naħa, li l-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa twettaq analiżi tal-għajnuna mogħtija f'kull każ individwali fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna. Huwa biss fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna li jkun neċessarju li tiġi evalwata s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni kkontestata ma għandha l-ebda effett fuq id-drittijiet li tista' tinvoka kull persuna taxxabbli, bis-saħħa tal-ftehimiet ta' taxxa doppja applikabbli, b'mod partikolari, sabiex jinkiseb aġġustament xieraq tal-profitti taxxabbli tagħha, wara aġġustament pożittiv imwettaq mill-awtoritajiet tat-taxxa ta' ġurisdizzjonijiet oħra.

## Sentenza tas-27 ta’ Settembru 2023, Banco Santander *et* vs Il-Kummissjoni (T-12/15, T-158/15 u T-258/15, EU:T:2023:583)

*“Għajnuna mill-Istat – Skema ta’ għajnuna implimentata minn Spanja – Tnaqqis tat-taxxa fuq il-kumpanniji li jippermetti lill-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom fi Spanja jammortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti f’impriżi barranin permezz ta’ akkwist ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji diretti f’kumpanniji holding barranin – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta’ għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tal-għajnuna mħallsa – Deċiżjoni 2011/5/KE – Deċiżjoni 2011/282/UE – Kamp ta’ applikazzjoni – Irtirar ta’ att – Ċertezza legali – Aspettattivi leġittimi”*

Sabiex jiġi mħeġġeġ l-investiment barra mill-pajjiż minn impriżi Spanjoli, l-Artikolu 12(5) tal-Liġi Spanjola Dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji (iktar il quddiem it-“TRILS”)[451], kien jipprevedi, taħt ċerti kundizzjonijiet, ammortizzazzjoni fiskali tal-avvjament finanzjarju fil-każ ta’ akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji ta’ mill-inqas 5 % f’impriża barranija. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni, l-avvjament finanzjarju ġie ddefinit bħala l-ammont tad-differenza bejn il-prezz tal-akkwist tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji u l-valur kontabilistiku tiegħu dakinhar tal-akkwist li ma tkunx ġiet irreġistrata taħt l-assi materjali u immaterjali tad-drittijiet tal-kumpanija mhux residenti.

Fl-2005 u fl-2006, din l-iskema ta’ ammortizzazzjoni fiskali (iktar ’il quddiem l-“iskema inkwistjoni”) kienet is-suġġett ta’ diversi mistoqsijiet minn Membri tal-Parlament Ewropew[452]. Fir-risposti tagħha tad-19 ta’ Jannar u tas-17 ta Frar 2006, il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat li l-imsemmija skema ma kinitx taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Permezz ta’ ittra tas-26 ta’ Marzu 2007, il-Kummissjoni madankollu stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli jipprovdulha informazzjoni sabiex tevalwa l-portata u l-effetti tal-iskema inkwistjoni, b’mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta’ operazzjonijiet koperti. Bi tweġiba, l-awtoritajiet Spanjoli speċifikaw li kien biss l-avvjament finanzjarju li kien jirriżulta mill-akkwist ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji diretti li seta’ jitnaqqas abbażi tal-iskema inkwistjoni.

Wara li fetħet il-proċedura ta’ investigazzjoni formali permezz ta’ deċiżjoni ppubblikata fil-forma ta’ sunt f’Diċembru 2007, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjonijiet 2011/5[453] u 2011/282[454] li permezz tagħhom iddikjarat l-iskema inkwistjoni inkompatibbli mas-suq intern (iktar ’il quddiem id-“deċiżjonijiet inizjali”). Madankollu, fid-dawl tal-aspettattivi leġittimi maħluqa f’moħħ ċerti impriżi benefiċjarji mit-tweġibiet tal-Kummissjoni tad-19 ta’ Jannar u tas-17 ta’ Frar 2006, din l-istituzzjoni

[451] Ley 43/1995 del Impuesto sobre Sociedades (il-Liġi 43/1995, dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji), tas-27 ta’ Diċembru 1995 (BOE Nru 310, tat-28 ta’ Diċembru 1995, p. 37072).

[452] Din l-iskema diġà tat lok, b’mod partikolari, għas-sentenzi tal-21 ta’ Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981); tas-6 ta’ Ottubru 2021, Sigma Alimentos Exterior vs Il-Kummissjoni (C-50/19 P, EU:C:2021:792); tas-6 ta’ Ottubru 2021, World Duty Free Group u Spanja vs Il-Kummissjoni (C-51/19 P u C-64/19 P, EU:C:2021:793); tas-6 ta’ Ottubru 2021, Banco Santander vs Il-Kummissjoni (C-52/19 P, EU:C:2021:794); tas-6 ta’ Ottubru 2021, Banco Santander *et* vs Il-Kummissjoni (C-53/19 P u C-65/19 P, EU:C:2021:795); tas-6 ta’ Ottubru 2021, Axa Mediterranean vs Il-Kummissjoni (C-54/19 P, EU:C:2021:796); tas-6 ta’ Ottubru 2021, Prosegur Compañía de Seguridad vs Il-Kummissjoni (C-55/19 P, EU:C:2021:797); kif ukoll tal-15 ta’ Novembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-207/10, EU:T:2018:786).

[453] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE tat-28 ta’ Ottubru 2009 dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta’ ishma [parteċipazzjonijiet azzjonarji] barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48).

[454] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/KE tat-12 ta’ Jannar 2011 dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta’ ishma [parteċipazzjonijiet azzjonarji] barranin Nru C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 135, p. 1).

ammettiet li din l-iskema setgħet tkompli tiġi applikata matul il-perijodu kollu ta' ammortizzazzjoni previst minnha, għall-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji imwettqa qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, jekk mhux ukoll, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/282.

F'April 2012, l-awtoritajiet Spanjoli informaw lill-Kummissjoni li d-Direttorat Ġenerali tat-Taxxi Spanjol kien adotta opinjoni vinkolanti ġdida li kienet tipprevedi li issa mhux biss l-avvjament finanzjarju li kien jirriżulta mill-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji diretti iżda anki dak li kien jirriżulta mill-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti f'impriżi barranin, inklużi dawk diġà magħmula, kien jaqa' taħt l-iskema inkwistjoni (iktar 'il quddiem l-"interpretazzjoni amministrattiva l-ġdida").

Wara li fetħet it-tieni proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kkonstatat, permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2014 [455] li l-interpretazzjoni amministrattiva l-ġdida ma kinitx koperta mid-deċiżjonijiet inizjali u li din kienet tikkostitwixxi għajnuna ġdida inkompatibbli mas-suq intern. Il-Kummissjoni, barra minn hekk, irrifjutat li tirrikonoxxi l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi f'moħħ ċerti impriżi benefiċjarji taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-rigward fid-deċiżjonijiet inizjali. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni eżiġiet li r-Renju ta' Spanja jtemm l-iskema ta' għajnuna li rriżultat mill-interpretazzjoni amministrattiva l-ġdida u jirkupra l-għajnuna kollha mogħtija abbażi tagħha.

Adita b'diversi rikorsi għal annullament ippreżentati minn impriżi Spanjoli li kienu bbenefikaw minn ammortizzazzjoni fiskali tal-avvjament finanzjarju li jirriżulta minn akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti f'impriżi barranin, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata minħabba ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti kkontestaw, fl-ewwel lok, il-klassifikazzjoni mill-Kummissjoni tal-interpretazzjoni amministrattiva l-ġdida bħala għajnuna ġdida. F'dan il-kuntest, huma essenzjalment argumentaw li l-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti kienu diġà koperti mid-deċiżjonijiet inizjali, b'tali mod li l-Kummissjoni ma kellhiex iktar id-dritt li tadotta d-deċiżjoni kkontestata f'dak li kien jirrigwarda speċifikament dawn it-tipi ta' operazzjonijiet.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat, l-ewwel, li mill-formulazzjoni tad-deċiżjonijiet inizjali kien jirriżulta li, minkejja l-garanziji pprovduti mill-awtoritajiet Spanjoli matul il-proċedura amministrattiva, fis-sens li l-iskema inkwistjoni kienet tirrigwarda biss l-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji diretti, il-Kummissjoni eżaminat din l-iskema bħala li tirrigwarda, fl-istess ħin, l-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji diretti u l-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti. Barra minn hekk, mill-elementi proposti mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata ma setax jiġi validament dedott li l-interpretazzjoni amministrattiva l-ġdida kienet estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(5) tat-TRLIS.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, bil-kontra ta' dak li kienet iddeċidiet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, id-deċiżjonijiet inizjali kienu diġà jkopru l-akkwisti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-iskema inkwistjoni.

---

[455] Deċiżjoni (UE) 2015/314 tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35550 (13/C) (ex 13/NN) (ex 12/CP) implimentata minn Spanja – Skema għall-amortizzazzjoni tat-taxxa ta' avvjament finanzjarju għall-akkwist ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji barranin (ĠU 2015, L 56, p. 38, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata")

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali eżaminat, it-tieni, jekk, fid-dawl tal-kamp ta’ applikazzjoni tad-deċiżjonijiet inizjali, il-Kummissjoni kellhiex id-dritt li tadotta d-deċiżjoni kkontestata.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-deċiżjoni kkontestata kienet teżiġi li r-Renju ta’ Spanja jirkupra l-għajnuna kollha mogħtija b’eżekuzzjoni tal-iskema inkwistjoni, kif applikata għall-akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti, filwaqt li parti minn din l-għajnuna ma kinitx koperta mill-obbligu ta’ rkupru abbażi tad-deċiżjonijiet inizjali minħabba l-aspettattivi leġittimi li kienu ġew irrikonoxxuti mill-Kummissjoni fl-imsemmija deċiżjonijiet. Issa, tali riżultat kien ekwivalenti għall-irtirar tad-deċiżjonijiet inizjali, sa fejn dawn kienu diġà jirrigwardaw l-akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti.

Konformement mal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 659/1999 [456], moqri flimkien mal-Artikolu 13(3) tiegħu, ir-revoka ta’ deċiżjoni hija ċertament possibbli fil-każ fejn din id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux preċiża pprovduta matul il-proċedura u li tkun fattur determinanti għad-deċiżjoni. Madankollu, minn ebda element tal-proċess ma kien jirriżulta li l-Kummissjoni, li barra minn hekk lanqas ma invokat dan, kienet ibbażat ruħha fuq informazzjoni mhux preċiża pprovduta matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għad-deċiżjoni kkontestata.

Bl-istess mod, għalkemm id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar ’il fuq tar-Regolament Nru 659/1999 kienu biss espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali tad-dritt li jgħid li t-tħassir retroattiv ta’ att amministrattiv illegali li jkun ħoloq drittijiet suġġettivi huwa ammess, il-Kummissjoni qatt ma sostniet li d-deċiżjonijiet inizjali kienu illegali sa fejn kienu jirrigwardaw l-akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti. Fil-fatt, f’dan il-każ il-kwistjoni bl-ebda mod ma kienet dik tal-irtirar ta’ att illegali, iżda dik tal-irtirar ta’ żewġ deċiżjonijiet legali, jiġifieri d-deċiżjonijiet inizjali sa fejn dawn kienu jirrigwardaw l-akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti.

Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-irtirar b’mod retroattiv ta’ att amministrattiv legali li jkun ta drittijiet suġġettivi jew vantaġġi simili jmur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt.

F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, li d-deċiżjonijiet inizjali kienu taw dritt suġġettiv lir-Renju ta’ Spanja sabiex ikun jista’ jimplimenta l-iskema inkwistjoni f’dak li jirrigwarda ċerti akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji u, inċidentalment, lill-impriżi benefiċjarji sabiex ma jkollhomx għalfejn jirrimborsaw ċerta għajnuna illegali u, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjoni kkontestata kienet sussegwentement irtirat dan id-dritt f’dak li kien jirrigwarda l-akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti. Għalhekk, minbarra li kisret il-prinċipju ta’ ċertezza legali, id-deċiżjoni kkontestata daħħlet inkwistjoni l-aspettattivi leġittimi li l-awtoritajiet Spanjoli u l-impriżi kkonċernati setgħu siltu mid-deċiżjonijiet inizjali f’dak li kien jirrigwarda l-applikazzjoni ta’ dawn tal-aħħar għall-akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti.

Fid-dawl ta’ dan l-iżball ta’ liġi mwettaq mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata fit-totalità tagħha.

Għall-kompletezza, il-Qorti Ġenerali laqgħet, fit-tieni lok, l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fir-rigward tat-tweġibiet ipprovduti mill-Kummissjoni għall-mistoqsijiet ta’ Membri tal-Parlament Ewropew fl-2006.

Fill-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, permezz ta’ dawn id-dikjarazzjonijiet lill-Parlament, il-Kummissjoni kienet offriet garanziji preċiżi, mingħajr kundizzjonijiet u konkordanti ta’ natura tali li l-benefiċjarji tal-

[456] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta’ Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108] KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

iskema inkwistjoni, kemm jekk abbażi tal-akkwisti tagħhom ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji diretti kif ukoll jekk abbażi tal-akkwisti tagħhom ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti, rawmu tamiet iġġustifikati dwar il-fatt li l-iskema ta’ għajnuna inkwistjoni kienet legali, fis-sens li din ma kinitx taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u li, b’konsegwenza ta’ dan, l-ebda wieħed mill-vantaġġi li kienu jirriżultaw mill-imsemmija skema ma seta’ jkun is-suġġett, iktar tard, ta’ proċedura ta’ rkupru.

Barra minn hekk, il-fatt li r-rikorrenti kienu konxji mill-interpretazzjoni amministrattiva inizjali, li kienet teskludi l-akkwisti ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 12(5) tat-TRLIS, ma jneħħix il-leġittimità tal-aspettattivi li huma setgħu jisiltu mid-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, huma biss id-dikjarazzjonijiet u l-aġiri li joriġinaw mill-Kummissjoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji tal-iskema inkwistjoni.

Għaldaqstant, anki jekk jitqies li hija kellha d-dritt li tadotta d-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma setgħetx, mingħajr ma twettaq żball ta’ liġi, tirrifjuta li tirrikonoxxi, f’din id-deċiżjoni, aspettattivi leġittimi lill-benefiċjarji tal-iskema inkwistjoni fir-rigward tal-akkwisti tagħhom ta’ parteċipazzjonijiet azzjonarji indiretti mwettqa qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta’ ftuħ tal-ewwel proċedura ta’ investigazzjoni formali, jekk mhux ukoll, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/282, fl-istess termini bħal fid-deċiżjonijiet inizjali.

### Sentenza tal-20 ta’ Diċembru 2023, Ryanair u Malta Air vs Il-Kummissjoni (Air France-KLM u Air France; COVID-19) (T-494/21, EU:T:2023:831)

*“Għajnuna mill-Istat – Għajnuna mogħtija minn Franza lil Air France u lil Air France-KLM fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Rikapitalizzazzjoni – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Rikors għal annullament – Locus standi – Effett negattiv sostanzjali fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent fis-suq – Ammissibbiltà – Determinazzjoni tal-benefiċjarju tal-għajnuna fil-kuntest ta’ grupp ta’ kumpanniji”*

F’April 2020, ir-Repubblika Franċiża kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea proġett ta’ għajnuna favur il-kumpannija tal-ajru Air France, sussidjarja tal-kumpannija holding Air France-KLM. L-għajnuna kkomunikata kienet tikkonsisti, minn naħa, f’garanzija mill-Istat ta’ 90 % fuq self mogħti minn konsorzju ta’ banek li jammonta għal EUR 4 biljuni u, min-naħa l-oħra, f’self minn azzjonist li jammonta għal massimu ta’ EUR 3 biljuni.

Sussegwentement, f’Marzu 2021, ir-Repubblika Franċiża kkomunikat lill-Kummissjoni proġett ta’ għajnuna favur Air France u l-kumpannija holding Air France-KLM, intiż għar-rikapitalizzazzjoni, sa EUR 4 biljuni, ta’ dawn iż-żewġ kumpanniji, permezz ta’ żieda fil-kapital u tal-konverżjoni tas-self minn azzjonist imsemmi iktar ’il fuq fi strument ibridu, assimilat ma’ investiment f’kapital proprju tal-kumpannija holding.

Dawn il-miżuri, li kienu jaqgħu fil-kuntest ta’ sensiela ta’ miżuri oħra ta’ għajnuna intiżi li jagħtu appoġġ lill-kumpanniji li jagħmlu parti mill-grupp Air France-KLM, kellhom l-għan li jiffinanzjaw il-bżonnijiet ta’ likwidità immedjati ta’ Air France u tal-kumpannija holding Air France-KLM sabiex jgħinuhom jegħlbu l-konsegwenzi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19.

Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2020 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Air France") [457], ikkoreġuta darbtejn f'Diċembru 2020 u f'Lulju 2021, u permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' April 2021 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Air France-KLM u Air France") [458], il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri kkomunikati kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE [459] u l-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2020 intitolata "Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19" [460].

Fid-deċiżjoni Air France, il-Kummissjoni qieset li l-benefiċjarji tal-għajnuna kkomunikata kienu Air France u s-sussidjarji tagħha. Għalhekk, la l-kumpannija holding Air France-KLM u lanqas is-sussidjarji l-oħra tagħha, inkluża KLM u l-kumpanniji li din tal-aħħar kienet tikkontrolla, ma tqiesu li kienu benefiċjarji ta' din il-miżura. Fid-deċiżjoni Air France-KLM u Air France, il-Kummissjoni identifikat kemm lil Air France u lis-sussidjarji tagħha kif ukoll lill-kumpannija holding Air France-KLM u lis-sussidjarji tagħha bħala benefiċjarji tal-għajnuna kkomunikata, bl-unika eċċezzjoni jkunu KLM u s-sussidjarji ta' din tal-aħħar.

Il-kumpanniji tal-ajru Ryanair u Malta Air ippreżentaw rikorsi intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ċċitati iktar 'il fuq. Dawn ir-rikorsi ntlaqgħu mit-Tmien Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali, li kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fid-determinazzjoni tal-benefiċjarji tal-għajnuna kkomunikata u, għaldaqstant, kisret l-Artikolu 107(3)(b) TFUE. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar id-determinazzjoni tal-benefiċjarji ta' miżura ta' għajnuna fil-kuntest ta' grupp ta' kumpanniji.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti kkontestaw b'mod partikolari l-esklużjoni tal-kumpannija holding Air France-KLM u ta' KLM (deċiżjoni Air France), minn naħa, u ta' KLM (deċiżjoni Air France-KLM u Air France), min-naħa l-oħra, mill-perimetru tal-benefiċjarji tal-miżuri kkomunikati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, għalkemm il-Kummissjoni għandha setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa meta tintalab tidentifika l-benefiċjarji ta' miżura ta' għajnuna kkomunikata, xorta jibqa' l-fatt li l-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika mhux biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni u jekk ikunux ta' natura li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom.

---

457 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2983 final tal-4 ta' Mejju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57082 (2020/N) – Franza – COVID-19 – Qafas Temporanju 107(3)(b) – Garanzija u self minn azzjonist għall-benefiċċju ta' Air France, kif ikkoreġuta bid-Deċiżjonijiet C(2020) 9384 final tas-17 ta' Diċembru 2020, u C(2021) 5701 final tas-26 ta' Lulju 2021.

458 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2488 final dwar l-għajnuna mill-Istat SA.59913 – Franza COVID 19 – Rikapitalizzazzjoni ta' Air France u ta' Air France-KLM u Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2983 final, tal-4 ta' Mejju 2020, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57082 (2020/N) – Franza – COVID 19 – Qafas Temporanju 107(3)(b) – Garanzija u self minn azzjonist favur Air France, kif ikkoreġuta bid-Deċiżjonijiet C(2020) 9384 final, tas-17 ta' Diċembru 2020, u C(2021) 5701 final, tas-26 ta' Lulju 2021 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati").

459 Skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE, l-għajnuna intiża li tirrimedja disturb serju tal-ekonomija ta' Stat Membru tista', f'ċerti ċirkustanzi, titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

460 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU 2020, C 91 I, p. 1), emendat fl-4 ta' April 2020 (ĠU 2020, C 112 I, p. 1), fit-13 ta' Mejju 2020 (ĠU 2020, C 164, p. 3), u fid-29 ta' Ġunju 2020 (ĠU 2020, C 218, p. 3) (iktar 'il quddiem il-"Qafas Temporanju").

Mill-ġurisprudenza u mill-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat [461] jirriżulta, barra minn hekk, li diversi entitajiet legali distinti jistgħu jitqiesu li jifformaw unità ekonomika waħda għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Fost l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' tali unità ekonomika hemm b'mod partikolari r-rabtiet kapitalistiċi, organiċi, funzjonali u ekonomiċi bejn l-entitajiet ikkonċernati, il-kuntratti li jipprevedu l-għoti tal-għajnuna kkomunikata u l-kuntest tagħha.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali rrilevat, qabelxejn, li r-rabtiet kapitalistiċi u organiċi fi ħdan il-grupp Air France-KLM, kif deskritti fid-deċiżjonijiet ikkontestati, kienu juru li l-entitajiet ġuridiċi distinti fi ħdan l-imsemmi grupp kienu jifformaw unità ekonomika waħda għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li mill-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni kien jirriżulta li l-kumpannija holding Air France-KLM kienet teżerċita effettivament kontroll fuq Air France u fuq KLM billi hija kienet involuta direttament jew indirettament fil-ġestjoni tagħhom u għalhekk kienet tipparteċipa fl-attività ekonomika eżerċitata minnhom. Barra minn hekk, skont l-imsemmija konstatazzjonijiet, kienet teżisti, fil-livell tal-grupp Air France-KLM, proċedura deċiżjonali ċċentralizzata u ċerta koordinazzjoni, żgurati permezz ta' korpi mħallta li kienu jiġbru flimkien rappreżentanti ta' livell għoli tal-kumpannija holding Air France-KLM, ta' Air France u ta' KLM, tal-inqas f'dak li kien jirrigwarda t-teħid ta' ċerti deċiżjonijiet importanti.

Il-konklużjoni tal-Kummissjoni, li l-kumpannija holding Air France-KLM, Air France u KLM ma kinux jikkostitwixxu unità ekonomika għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-miżuri ta' għajnuna kkomunikata, ġiet, barra minn hekk, invalidata mir-rabtiet funzjonali u ekonomiċi li kienu jeżistu bejn dawn l-entitajiet. Fil-fatt, id-deskrizzjoni tal-imsemmija rabtiet fid-deċiżjonijiet ikkontestati kif ukoll id-diversi eżempji invokati f'dan ir-rigward minn Ryanair u Malta Air urew ċerta integrazzjoni u kooperazzjoni funzjonali, kummerċjali u finanzjarji bejn l-imsemmija entitajiet

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, kuntrarjament għall-argumenti tal-Kummissjoni, il-kuntest kuntrattwali li abbażi tiegħu ngħataw il-miżuri kkomunikati kif ukoll l-impenji meħuda mir-Repubblika Franċiża fil-kuntest tad-deċiżjoni Air France-KLM u Air France ma kinux jipprekludu l-klassifikazzjoni bħala unità ekonomika tal-kumpannija holding Air France-KLM, ta' Air France u ta' KLM. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li la l-klawżoli kuntrattwali ċċitati mill-Kummissjoni, u lanqas l-impenji meħuda mir-Repubblika Franċiża ma kienu jippermettu ċ-ċirku ta' benefiċjarji tal-miżuri kkomunikati jiġi ristrett għal Air France u, rispettivament, għall-kumpannija holding Air France-KLM u għal Air France. Fir-rigward tad-deċiżjoni Air France-KLM u Air France, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, barra minn hekk, li t-titjib tal-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpannija holding Air France-KLM wara l-miżura kkomunikata kellu, fi kwalunkwe każ, bħala konsegwenza li jeskludi r-riskju ta' inadempjenza tagħha u, bl-istess mod, tas-sussidjarja KLM tagħha u tal-kumpanniji li din tal-aħħar kienet tikkontrolla.

Fid-dawl tar-rabta kronoloġika u strutturali eżistenti bejn il-miżuri li kienu s-suġġett tad-deċiżjonijiet ikkontestati, u filwaqt li enfasizzat li d-deċiżjoni Air France-KLM u Air France kienet ġiet adottata qabel l-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni korrettiva tad-deċiżjoni Air France, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, barra minn hekk, li l-eżistenza ta' kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet kellha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni waqt l-eżami tagħha tal-miżuri kkomunikati. Għalhekk, il-Kummissjoni naqset milli tispjega r-raġuni għalfejn hija ddefinixxiet il-benefiċjarji tal-miżuri ta' għajnuna kkomunikati b'mod differenti fid-deċiżjonijiet ikkontestati.

[461] Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, C 262, p. 1).

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni li l-miżuri ta' għajnuna kkomunikati kellhom, l-iktar l-iktar, sempliċi effetti ekonomiċi sekondarji fir-rigward tal-kumpannija holding Air France-KLM u tas-sussidjarji l-oħra tagħha (deċiżjoni Air France) u fir-rigward ta' KLM u tas-sussidjarji tagħha (deċiżjoni Air France-KLM u Air France). Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-effetti prevedibbli tal-imsemmija miżuri minn perspettiva *ex ante* kienu jissuġġerixxu li s-soluzzjoni ta' finanzjament prevista setgħet tkun ta' benefiċċju għall-grupp Air France-KLM kollu kemm hu, billi ttejjeb il-pożizzjoni finanzjarja globali tiegħu. Issa, konformement mal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, tali soluzzjoni ta' finanzjament kienet tindika l-eżistenza, tal-inqas, ta' vantaġġ indirett favur il-grupp Air France-KLM, inkluża KLM u s-sussidjarji ta' din tal-aħħar.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta eskludiet lill-kumpannija holding Air France-KLM u lis-sussidjarji l-oħra tagħha, inklużi KLM u s-sussidjarji ta' din tal-aħħar (deċiżjoni Air France), minn naħa, u lil KLM u lis-sussidjarji tagħha (deċiżjoni Air France-KLM u Air France), min-naħa l-oħra, mill-perimetru tal-benefiċjarji tal-miżuri ta' għajnuna kkomunikati. Peress li din l-identifikazzjoni żbaljata tal-benefiċjarji seta' jkollha effett fuq l-analiżi kollha tal-kompatibbiltà tal-miżuri kkomunikati mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE u l-Qafas Temporanju, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet ikkontestati.

# IV. Disinni

## Sentenza tat-22 ta' Marzu 2023, B&Bartoni vs EUIPO – Hypertherm (Elettrodu li jiddaħħal f'torċa) (T-617/21, EU:T:2023:152)

*"Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta elettrodu li jiddaħħal f'torċa – Raġuni għal invalidità – Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Parti komponenti ta' prodott kumpless"*

Hypertherm, Inc. hija l-proprjetarja tad-disinn Komunitarju li jirrappreżenta elettrodu li għandu jiddaħħal f'torċa li tifforma parti minn sistema ta' qtugħ bil-plażma. Il-kumpannija B&Bartoni spol. s.r.o. ressqet quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kontra dan id-disinn minħabba li ma kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' protezzjoni tad-disinni Komunitarji, peress li l-elettrodu ma kienx viżibbli waqt l-użu normali tat-torċa [462]. Din it-talba l-ewwel intlaqgħet mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, iżda sussegwentement ġiet miċħuda mill-Bord tal-Appell, li qies li l-prodott irrappreżentat fid-disinn ikkontestat, jiġifieri l-elettrodu inkwistjoni, ma setax jitqies li kien parti komponenti ta' prodott kumpless.

Il-Qorti Ġenerali, b'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat il-kunċett ta' "parti komponenti ta' prodott kumpless" skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 6/2002. Din kienet l-ewwel darba li tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni dwar jekk prodott konsumabbli, bħall-elettrodu f'dan il-każ, jistax jikkostitwixxi parti komponenti minn prodott kumpless.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali indikat li l-kwistjoni dwar jekk prodott jissodisfax il-kunċett ta' "parti komponenti ta' prodott kumpless" kellha tiġi evalwata każ b'każ, skont sensiela ta' indizji rilevanti. Għaldaqstant, sabiex tevalwa jekk l-elettrodu inkwistjoni kienx jikkostitwixxi parti komponenti minn prodott kumpless, hija eżaminat ir-rilevanza tal-erba' indizji meħuda inkunsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali qieset li n-natura konsumabbli tal-elettrodu kienet indizju rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk dan kienx jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless. B'mod iktar preċiż, fl-assenza ta' definizzjoni tal-kunċett ta' "parti komponenti ta' prodott kumpless" fir-Regolament Nru 6/2002, karatteristiċi tipiċi ta' konsum, bħall-assenza ta' rabta solida u dejjiema mal-prodott kumpless, kif ukoll ix-xiri u s-sostituzzjoni regolari tal-elettrodu minħabba t-tul ta' ħajja qasira tiegħu, kienu jikkostitwixxu indizji rilevanti sabiex jiġi identifikat dak li jikkostitwixxi parti komponenti minn prodott kumpless. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-partijiet ta' prodott kumpless huma komponenti maħsuba sabiex jiġu mmuntati f'oġġett industrijali jew artiġjanali kumpless, li jistgħu jiġu ssostitwiti b'mod li jippermettu ż-żarmar u l-armar mill-ġdid ta' tali oġġett. Issa, l-elettrodu inkwistjoni, bħala konsumabbli ta' torċa, huwa ddisinjat sabiex jiżdied faċilment ma' din tal-aħħar, sabiex jiġi kkunsmat jew użat malajr, u sabiex ikun jista' jiġi faċilment issostitwit mill-utent finali mingħajr ma din l-operazzjoni tkun teħtieġ iż-żarmar u l-armar mill-ġdid ta' tali oġġett. Barra minn hekk, l-utent finali, li

[462] Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Volum 27, p. 142), disinn applikat għal prodott jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless huwa kkunsidrat ġdid u li għandu karattru individwali biss sa fejn il-parti komponenti, ladarba inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' viżibbli waqt użu normali ta' dan il-prodott.

jixtri u jissostitwixxi regolarment l-elettrodu, jista' jipperċepixxi u jevalwa l-karatteristiċi tiegħu, indipendentement mill-viżibbiltà tiegħu wara l-installazzjoni fit-torċa.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kwistjoni dwar jekk is-sostituzzjoni ta' prodott teħtieġx iż-żarmar u l-armar mill-ġdid ta' prodott kumpless hija wkoll fattur rilevanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk tali prodott jikkostitwixxix parti minn dan tal-aħħar. It-teħid inkunsiderazzjoni taż-"żarmar" u tal-"armar mill-ġdid" huwa għalhekk ibbażat fuq ir-Regolament Nru 6/2002 [463] u fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [464]. Għalhekk, prodott li, waqt is-sostituzzjoni tiegħu, ma jirrikjedix iż-żarmar u l-armar mill-ġdid tal-prodott li fih ikun integrat u li jkun speċifikament maħsub sabiex jiġi ssostitwit regolarment u b'mod sempliċi mill-utenti finali huwa inqas probabbli li jikkostitwixxi parti komponenti minn prodott kumpless milli prodott li jiġi normalment issostitwit minn professjonisti li jkollhom perizja speċifika sabiex iwettqu l-imsemmija sostituzzjoni. F'dan il-każ, is-sostituzzjoni tal-elettrodu tibqa' operazzjoni sempliċi għall-utent finali li ma tistax titqies li tkun "żarmar" u "armar mill-ġdid" tat-torċa fis-sens tar-Regolament Nru 6/2002.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, li n-natura kompleta tal-prodott kumpless, mingħajr l-elettrodu inkwistjoni, kienet indizju rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kunċett ta' "parti komponenti ta' prodott kumpless". F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li, waqt ix-xiri ta' torċa mingħajr elettrodu jew meta dan jitneħħa mit-torċa, l-utent finali ma jipperċepixxix lil din tal-aħħar bħala miksura jew li ma hijiex kompluta. Għall-kuntrarju, mingħajr il-partijiet komponenti tiegħu, prodott kumpless ma jiġix, bħala prinċipju, ipperċepit mill-utent finali bħala prodott komplet li jista' jkun is-suġġett ta' użu normali jew bħala prodott fi stat tajjeb. Barra minn hekk, għalkemm it-torċa u s-sistema ta' qtugħ bil-plażma ma jistgħux jissodisfaw il-funzjoni tagħhom, jiġifieri li jaqtgħu jew jiskanalaw il-metall, mingħajr ma jiġi mmuntat elettrodu, dan ma jimplikax li l-elettrodu għandu jitqies li jkun parti komponenti ta' prodott kumpless. Fil-fatt, jekk jiġi affermat li, meta prodott ma jistax jissodisfa l-funzjoni li għaliha huwa intiż mingħajr prodott ieħor, dan tal-aħħar għandu jitqies li jkun parti mill-ewwel prodott, dan ikun ifisser li numru kbir ta' prodotti distinti, li jkollhom b'mod partikolari natura konsumabbli u li mingħajrhom prodotti kumplessi ma jkunux jistgħu jissodisfaw il-funzjoni li għaliha jkunu intiżi, jitqiesu b'mod żbaljat li jkunu partijiet mill-imsemmija prodotti kumplessi.

Min-naħa l-oħra, il-fatt li t-torċa tista' tiġi offruta fis-suq mingħajr l-elettrodu u li dan tal-aħħar ikun normalment is-suġġett ta' reklamar u ta' bejgħ separat kien jirrappreżenta wkoll indizju rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-elettrodu inkwistjoni jikkostitwixxix parti komponenti minn prodott kumpless. Ċertament, kull produttur jibqa' liberu li jikkummerċjalizza l-prodott kumpless bil-partijiet tiegħu jew li jbigħhom separatament u tali deċiżjoni kummerċjali ma hijiex element deċiżiv sabiex jiġi evalwat jekk prodott jikkostitwixxix parti komponenti ta' prodott. Madankollu, ma huwiex normali li x-xiri ta' prodott kumpless ma jinkludix il-partijiet komponenti veri tiegħu. F'dan il-każ, il-prodott kumpless inkwistjoni, jiġifieri t-torċa, jinbiegħ jew flimkien, jew mingħajr l-elettrodi inkwistjoni.

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali qieset li n-natura interkambjabbli tal-elettrodu kienet indizju li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'din l-analiżi. Fil-fatt, prodott li ma jistax jiġi ssostitwit bi prodott ieħor mhux identiku jew li ma jistax jintuża fi prodotti kumplessi differenti jista', bħala prinċipju, ikun marbut iktar b'mod sostenibbli u adattat mal-imsemmi prodott kumpless, u b'hekk jikkostitwixxi parti komponenti ta' dan tal-aħħar. Konsegwentement, il-fatt li l-elettrodu inkwistjoni jista' jiġi ssostitwit minn elettrodu differenti u li t-torċi ta' tipi differenti jistgħu jużaw l-elettrodu inkwistjoni kien fattur li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat li dan l-elettrodu ma jikkostitwixxix parti komponenti minn prodott kumpless.

---

463 Artikolu 3(c) tar-Regolament Nru 6/2002.

464 Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, ***Acacia u D'Amato*** (C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992, punt 65).

Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali qieset li l-indizji li l-Bord tal-Appell ibbaża ruħu fuqhom kienu rilevanti u kkonkludiet li huwa ma wettaqx żball meta qies li l-elettrodu inkwistjoni kien jikkostitwixxi prodott distint u mhux parti komponenti minn prodott kumpless.

# V. Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi

## 1. Il-Venezwela

### Sentenza tat-13 ta' Settembru 2023, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (T-65/18 RENV, EU:T:2023:529)

*"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela – Projbizzjoni ta' bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi – Dritt għal smigħ – Obbligu ta' motivazzjoni – Ineżattezza materjali tal-fatti – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Dritt internazzjonali pubbliku"*

Fid-dawl tad-deterjorament tas-sitwazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, tal-Istat ta' dritt u tad-demokrazija, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fl-2017, adotta miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela (iktar 'il quddiem il-"Venezwela"). L-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament 2017/2063 [465] pprevedew, essenzjalment, projbizzjoni ta' bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal finijiet ta' repressjoni interna u ta' servizzi relatati mal-imsemmi tagħmir u ma' tagħmir militari lil kull persuna fiżika jew ġuridika, kull entità jew kull organu fil-Venezwela jew għall-finijiet ta' użu f'dan il-pajjiż.

Fl-2018, il-Venezwela ppreżentat rikors intiż għall-annullament tar-Regolament 2017/2063 sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dan l-att kienu jikkonċernawha. Sussegwentement, il-Venezwela adattat ir-rikors tagħha sabiex dan ikopri wkoll id-Deċiżjoni 2018/1656 [466] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1653 [467], atti li permezz tagħhom il-Kunsill kien estenda u biddel, rispettivament, il-miżuri restrittivi adottati. Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli minħabba li s-sitwazzjoni legali tal-Venezwela ma kinitx affettwata direttament mid-dispożizzjonijiet kontenzjużi [468]. Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021 [469], annullat id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, billi ddeċidiet li l-Venezwela kellha *locus standi* sabiex tikkontesta l-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament 2017/2063 [470]. Hija bagħtet ukoll il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċiedi fuq il-mertu.

Fis-sentenza tagħha, li ngħatat mill-Awla Manja u li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni, f'sitwazzjoni mingħajr preċedent li tirrigwarda rikors ippreżentat minn Stat terz fil-qasam tal-miżuri restrittivi, dwar id-dritt għal smigħ tal-Venezwela u dwar l-allegat ksur tad-dritt internazzjonali invokat minnha.

---

[465] Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2017, L 295, p. 21, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat").

[466] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1656 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 276, p. 10).

[467] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1653 tas-6 ta' Novembru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 276, p. 1).

[468] Sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, ***Il-Venezwela vs Il-Kunsill*** (T-65/18, EU:T:2019:649).

[469] Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, ***Il-Venezwela vs Il-Kunsill (Inċidenza għal Stat terz)*** (C-872/19 P, EU:C:2021:507).

[470] F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li s-sentenza inizjali kienet saret *res judicata* f'dak li jirrigwarda l-inammissibbiltà tar-rikors fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1653 u tad-Deċiżjoni 2018/1656.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-miżuri restrittivi previsti fl-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament ikkontestat jikkostitwixxu miżuri restrittivi ta' portata ġenerali, peress li dawn jikkostitwixxu, skont l-Artikolu 215(1) TFUE, miżuri li jinterrompu jew inaqqsu r-relazzjonijiet ekonomiċi ma' pajjiż terz fir-rigward ta' ċerti oġġetti u servizzi. Dawn il-miżuri ma kinux immirati lejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi identifikati, iżda kienu japplikaw għal sitwazzjonijiet iddeterminati b'mod oġġettiv u għal kategorija ta' persuni previsti b'mod ġenerali u astratt.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal smigħ, il-Qorti Ġenerali fakkret, qabel kollox, li d-dritt għal smigħ ma setax jiġi traspost fil-kuntest, bħal f'dan il-każ, tal-adozzjoni ta' miżuri ta' portata ġenerali u li ebda dispożizzjoni ma tobbliga lill-Kunsill jinforma lil kull persuna li tista' tiġi affettwata minn kriterju ġdid ta' portata ġenerali bl-adozzjoni ta' dan il-kriterju. Barra minn hekk, l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea japplika għal "miżur[i] individwali" meħuda fil-konfront ta' persuna, b'tali mod li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri ta' portata ġenerali. Hija żiedet tgħid, barra minn hekk, li r-Regolament ikkontestat kien jirrifletti għażla tal-Unjoni fil-qasam tal-politika internazzjonali. Fil-fatt, l-interruzzjoni jew it-tnaqqis tar-relazzjonijiet ekonomiċi ma' pajjiż terz, skont l-Artikolu 215(1) TFUE, jagħmlu parti mid-definizzjoni stess, mill-awtoritajiet tal-Unjoni u fid-diskrezzjoni tagħhom, tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK)[471], li titfassal b'reazzjoni għal sitwazzjoni internazzjonali partikolari, bil-għan li tiġi eżerċitata influwenza fuq tali sitwazzjoni. Issa, is-smigħ minn qabel tal-pajjiż terz ikkonċernat iwassal, skont il-Qorti Ġenerali, sabiex il-Kunsill ikun obbligat jorganizza diskussjonijiet simili għal negozjati internazzjonali ma' dan il-pajjiż u jċaħħad, minħabba f'hekk, mis-sustanza tiegħu l-effett mixtieq mill-impożizzjoni tal-imsemmija miżuri fir-rigward tal-imsemmi pajjiż, jiġifieri li ssir pressjoni fuq dan tal-aħħar sabiex ibiddel l-aġir tiegħu. Fl-aħħar nett, il-fatt li l-Venezwela kienet direttament ikkonċernata mill-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament ikkontestat ma setax, fih innifsu, jagħtiha l-benefiċċju tad-dritt għal smigħ. Fid-dawl ta' dawn id-diversi elementi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Venezwela ma setgħetx tinvoka dan id-dritt fir-rigward tal-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill taħt ir-Regolament ikkontestat.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-motiv ibbażat fuq l-ineżattezza materjali tal-fatti u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni politika fil-Venezwela, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kunsill għandu setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa fir-rigward tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi abbażi tal-Artikolu 29 TUE u tal-Artikolu 215 TFUE u li l-istħarriġ li l-qorti tal-Unjoni teżerċita f'dan ir-rigward huwa limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli proċedurali u tar-regoli ta' motivazzjoni, tal-eżattezza materjali tal-fatti, kif ukoll tal-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti u ta' użu ħażin ta' poter. Dan l-istħarriġ ristrett japplika, b'mod partikolari, għall-evalwazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ta' opportunità li fuqhom jiġu bbażati l-miżuri. Il-Qorti Ġenerali osservat, f'dan il-każ, li l-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament ikkontestat kienu jirriproduċu, essenzjalment, il-pożizzjoni politika tal-Unjoni mfissra fid-Deċiżjoni 2017/2074. Hija kkonstatat f'dan ir-rigward li mill-premessi 1 u 8 ta' din id-deċiżjoni kien jirriżulta li l-miżuri restrittivi previsti fl-imsemmija artikoli kienu bbażati fuq id-deterjorament kontinwu tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela, kif ukoll fuq vjolenza, użu eċċessiv ta' forza u ksur jew abbuż tad-drittijiet tal-bniedem, li r-rikorrenza tagħhom kellha tiġi evitata permezz tal-imsemmija miżuri restrittivi.

Fir-rigward, qabelxejn, tal-provi prodotti mill-Kunsill sabiex juri l-eżattezza materjali tal-fatti li fuqhom kienu bbażati l-imsemmija miżuri, il-Qorti Ġenerali rrilevat li dawn kellhom sorsi kredibbli u kienu jirreferu, b'mod iddettaljat, għal, fost oħrajn, ir-repressjoni brutali mir-reġim tad-dissidenti u tal-

[471] Fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE.

oppożituri u l-pressjonijiet fuq il-Prosekutriċi Ġenerali tal-Venezwela li kienet qiegħda tinvestiga l-mod kif aġixxew il-forzi tas-sigurtà.

Fir-rigward, sussegwentement, tal-provi prodotti, bi tweġiba, mill-Venezwela, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din tal-aħħar ma wrietx li l-fatti li l-Kunsill ibbaża ruħu fuqhom sabiex jadotta l-miżuri restrittivi inkwistjoni kienu vvizzjati b'ineżattezzi materjali, billi kważi l-provi kollha ma kinux jikkonċernaw lill-Venezwela u kienu bbażati fuq żewġ rapporti interni tar-reġim li ma kienu kkorroborati minn ebda prova oħra minn sorsi esterni għal dan ir-reġim.

Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-evalwazzjoni mill-Kunsill tas-sitwazzjoni politika fil-Venezwela, il-Qorti Ġenerali rrimarkat li l-provi prodotti mir-rikorrenti f'dan ir-rigward kienu iktar kontestazzjoni dwar l-opportunità tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni. Issa, ma kienx il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha dwar din il-kwistjoni minflok dik li jkun għamel il-Kunsill, li għandu setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, ta' natura politika, fir-rigward tad-definizzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Unjoni fuq kwistjoni relatata mal-PESK, konformement mal-Artikolu 29 TUE.

Fir-rigward, fit-tielet u l-aħħar lok, tal-motiv ibbażat fuq l-impożizzjoni ta' kontromiżuri illegali u fuq il-ksur tad-dritt internazzjonali, il-Qorti Ġenerali bdiet billi fakkret il-kliem tal-Artikolu 49, dwar l-għan u l-limiti tal-kontromiżuri, tal-Abbozz ta' Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Internazzjonalment Illegali, adottat mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti [472]. Hija saħqet, f'dan ir-rigward, li r-Regolament ikkontestat kien ġie adottat f'kuntest ta' reazzjoni għad-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, bil-għan li jiġu evitati iktar vjolenza, użu eċċessiv ta' forza u ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-miżuri restrittivi previsti fl-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament ikkontestat ma kellhomx l-għan li jirreaġixxu għal att internazzjonalment illegali imputabbli lill-Venezwela permezz ta' nuqqas temporanju ta' eżekuzzjoni ta' obbligi internazzjonali tal-Unjoni. Minn dan hija kkonkludiet li dawn ma kinux jikkostitwixxu kontromiżuri fis-sens tal-Artikolu 49 tal-Abbozz ta' Artikoli tal-KDI, u ċaħdet, konsegwentement, l-allegazzjonijiet tal-Venezwela dwar l-allegat ksur mill-Kunsill tal-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil fl-affarijiet interni tal-Venezwela.

Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument ibbażat fuq l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Hija fakkret li t-Trattati jagħtu lill-Kunsill il-kompetenza sabiex jadotta atti li jkun fihom miżuri restrittivi awtonomi [473], distinti minn miżuri rrakkomandati speċifikament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Hija rrilevat li l-Venezwela ma wrietx, f'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' "prassi ġenerali aċċettata bħala liġi" [traduzzjoni mhux uffiċjali], skont l-Artikolu 38(1)(b) tal-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, li teħtieġ li tinkiseb l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti qabel l-adozzjoni, mill-Kunsill, ta' miżuri restrittivi.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li kienet teżisti relazzjoni raġonevoli bejn il-miżuri restrittivi inkwistjoni u l-għan imfittex li jiġi evitat ir-riskju ta' vjolenza ġdida, ta' użu eċċessiv tal-forza u ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Hija qieset, fid-dawl tan-natura limitata tal-miżuri previsti fl-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament ikkontestat,

[472] Abbozz adottat fl-2001 mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem l-"Abbozz ta' Artikoli tal-KDI"). L-Artikolu 49 jipprovdi: "1. L-Istat li jġarrab id-dannu jista' jieħu kontromiżuri kontra l-Istat responsabbli għal atti internazzjonalment illegali biss sabiex iġiegħel lil dak l-Istat iwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-Tieni Parti. 2. Il-kontromiżuri għandhom ikunu limitati għan-nuqqas temporanju ta' eżekuzzjoni ta' obbligi internazzjonali tal-Istat li jieħu l-miżuri fil-konfront tal-Istat responsabbli. 3. Il-kontromiżuri għandhom, sa fejn ikun possibbli, jittieħdu b'mod li jippermetti t-tkomplija tal-eżekuzzjoni tal-obbligi inkwistjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[473] Artikolu 29 TUE u Artikolu 215 TFUE.

kif ukoll tad-derogi li kien jipprevedi dan tal-aħħar, li l-imsemmija miżuri ma kinux manifestament mhux xierqa u lanqas ma kienu jmorru lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u li, għaldaqstant, il-prinċipju ta' proporzjonalità ma ġiex miksur.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-Venezwela, ibbażati fuq il-ksur tad-dritt internazzjonali konswetudinarju fir-rigward tal-allegata impożizzjoni ta' kontromiżuri illegali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tal-Venezwela li l-miżuri adottati mill-Kunsill kienu jimplikaw l-eżerċizzju mill-Unjoni ta' ġurisdizzjoni ekstraterritorjali, u minħabba f'hekk, l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni illegali fid-dritt internazzjonali, il-Qorti Ġenerali fakkret mill-ġdid il-kompetenza mogħtija lill-Kunsill mit-Trattati [474] fil-qasam tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi, peress li dawn tal-aħħar jipprevedu b'mod partikolari "l-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' pajjiż terz wieħed jew iktar". Hija saħqet li l-miżuri restrittivi inkwistjoni kienu jirrigwardaw persuni u sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri *ratione loci* jew *ratione personae*. Is-setgħa tal-Kunsill li jadotta miżuri restrittivi taqa' fil-kuntest tal-miżuri awtonomi tal-Unjoni adottati fil-kuntest tal-PESK, konformement mal-għanijiet u mal-valuri tal-Unjoni [475], jiġifieri, b'mod partikolari, li jiġu promossi, fil-bqija tad-dinja, id-demokrazija, l-Istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, li tikkostitwixxi "interess ġuridiku" komuni li d-drittijiet inkwistjoni jiġu mħarsa, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja [476].

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

## 2. L-Ukraina

### Sentenza tal-15 ta' Novembru 2023, OT vs Il-Kunsill (T-193/22, EU:T:2023:716)

*"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward ta' azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Lista ta' persuni, entitajiet u organi li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni u żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi – Kunċett ta' 'negozjant ewlieni' – Artikolu 2(1)(g) tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK – Eċċezzjoni ta' illegalità – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball ta' evalwazzjoni – Dritt għal smigħ – Dritt għall-proprjetà – Libertà ta' intrapriża – Proporzjonalità – Użu ħażin ta' poter"*

Wara l-aggressjoni militari mwettqa mill-Federazzjoni Russa (iktar 'il quddiem ir-"Russja") kontra l-Ukraina fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, fil-15 ta' Marzu 2022, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/429 [477] u r-Regolament 2022/427 [478] li permezz tagħhom isem ir-rikorrent ġie miżjud fil-

---

[474] Artikolu 29 TUE u Artikolu 215 TFUE.

[475] Artikolu 3(5) TUE u Artikolu 21 TUE.

[476] Sentenzi tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tal-5 ta' Frar 1970, Barcelona Traction, Light and Power Company, Limited (Il-Belġju vs Spanja) (QIĠ Ġabra 1970, p. 3, paragrafu 33 u 34), tal-20 ta' Lulju 2012, Domandi dwar l-obbligu ta' prosekuzzjoni jew ta' estradizzjoni (Il-Belġju vs Is-Senegal) (QIĠ Ġabra 2012, p. 422, paragrafi 68 sa 70).

[477] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 87I, p. 44, rettifika fil-ĠU 2022, L 105, p. 67).

[478] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/427 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 871, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 105, p. 66).

listi ta' persuni, entitajiet u korpi adottati mill-Kunsill sa mill-2014 [479] minħabba l-appoġġ mogħti għal azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

Ir-rikorrent, negozjant ta' nazzjonalità Russa, ġie suġġett, mill-Kunsill, għall-iffriżar tal-fondi u l-assi bankarji tiegħu, skont l-Artikolu 2(1)(d) u (g) tad-Deċiżjoni 2014/145, minħabba li, peress li kien azzjonist kbir ta' konglomerat Russu importanti li jinsab fost l-ikbar kontribwenti tar-Russja, kien meqjus li kien wieħed mill-iktar persuni influwenti tar-Russja li kellu rabtiet mal-President Russu, li ma naqasx milli jippremja l-imsemmi konglomerat għal-lealtà tiegħu lejn l-awtoritajiet Russi. Dawn il-miżuri ġew estiżi fir-rigward tar-rikorrent bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/1530 [480] u bir-Regolament 2022/1529 [481] tal-14 ta' Settembru 2022 għall-istess raġunijiet.

Ir-rikorrent adixxa lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea b'rikors għall-annullament tal-atti tal-Kunsill.

Il-Qorti Ġenerali, li ċaħdet, fl-intier tiegħu, ir-rikors għal annullament tar-rikorrent, tat deċiżjoni b'mod partikolari, fil-kuntest tal-eżami ta' eċċezzjoni ta' illegalità, dwar il-legalità tal-kriterji ta' inklużjoni adottati mill-Kunsill, ibbażati b'mod partikolari fuq is-sostenn materjali u finanzjarju mogħti mir-rikorrent lill-Gvern tar-Russja, u l-vantaġġ li huwa kien qiegħed jikseb minn dan, kif ukoll fuq il-kwalità tiegħu ta' negozjant ewlieni li kellu attività f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Qabel kollox, fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-rikorrent dwar l-Artikolu 1(d) u (g) tar-Regolament 2022/330 [482] (iktar 'il quddiem il-"kriterju (d)" u l-"kriterju (g)"), li, skont dan tal-aħħar, wassal b'mod partikolari għal ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u rrikorra għal kriterji mhux xierqa fid-dawl tal-għanijiet tal-imsemmija miżuri, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mill-formulazzjoni tiegħu rriżulta mingħajr ambigwità li l-imsemmi kriterju (d) kien jirrigwarda b'mod immirat u selettiv il-persuni li, anki jekk ma kellhom, bħala tali, l-ebda rabta mad-destabbilizzazzjoni tal-Ukraina, kienu jagħtu sostenn materjali jew finanzjarju lill-persuni Russi responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-imsemmija destabbilizzazzjoni jew kienu jibbenefikaw mill-imsemmija persuni responsabbli. Barra minn hekk,

---

[479] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16).

[480] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 149).

[481] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 1).

[482] Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 51, p. 1). Skont l-Artikolu 1 tiegħu:

"[...] 1. Anness I għandu jinkludi: [...]

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw b'mod attiv, materjalment jew finanzjarjament, jew li jibbenefikaw minn dawk ir-Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna;

[...]

(g) negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi ewlenin involuti [f'attività] f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.".

dan il-kriterju ma kienx jeżiġi li l-persuni jew entitajiet ikkonċernati jiksbu personalment vantaġġ mill-annessjoni tal-Krimea jew mid-destabbilizzazzjoni tal-Ukraina.

Fir-rigward tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-formulazzjoni tiegħu rreferiet b'mod suffiċjentement ċar u preċiż għan-negozjanti ewlenin li kellhom attività f'setturi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern Russu. Minn dan irriżulta li l-persuni kkonċernati setgħu jitqiesu li kienu influwenti minħabba l-importanza tagħhom fis-settur ta' attività tagħhom u tal-importanza li dan is-settur kellu għall-ekonomija Russa. Barra minn hekk, teżisti rabta loġika bejn il-fatt li jiġu mmirati dawn tal-aħħar u l-għan tal-miżuri restrittivi inkwistjoni li huwa li tiżdied il-pressjoni fuq ir-Russja kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet tar-Russja intiżi li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat ukoll li l-imsemmija kriterji, kif interpretati fid-dawl tal-kuntest leġiżlattiv u storiku li fih ġew adottati, ma kinux manifestament inadegwati fid-dawl tal-għan tal-miżuri restrittivi u tal-importanza primordjali taż-żamma tal-paċi. Konsegwentement, hija ċaħdet l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u dak li kkontesta n-natura neċessarja u xierqa tal-imsemmija kriterji u, għaldaqstant, l-imsemmija eċċezzjoni ta' illegalità.

Sussegwentement, fir-rigward tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni invokat mir-rikorrent, ibbażat, l-ewwel, fuq l-allegata assenza ta' valur probatorju tal-provi prodotti insostenn tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali fakkret li l-attività tal-qorti tal-Unjoni hija rregolata mill-prinċipju ta' evalwazzjoni libera tal-provi. Dawn tal-aħħar għandhom jiġu evalwati skont il-kredibbiltà tagħhom billi tiġi vverifikata l-kredibbiltà tal-informazzjoni, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-oriġini tad-dokument, taċ-ċirkustanzi tat-tfassil tiegħu u tad-destinatarju tiegħu, u billi jiġi mistoqsi jekk dan id-dokument, abbażi tal-kontenut tiegħu, ikunx jista' jitqies li jagħmel sens u li jkun affidabbli. Fin-nuqqas ta' setgħat investigattivi f'pajjiżi terzi, l-evalwazzjoni tal-awtoritajiet tal-Unjoni tista', barra minn hekk, tkun ibbażata fuq sorsi ta' informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li s-sitwazzjoni ta' kunflitt li fiha kienu involuti r-Russja u l-Ukraina tista' tirrendi partikolarment diffiċli l-aċċess għas-sors primarju ta' ċerta informazzjoni kif ukoll il-ġbir ta' xhieda minn persuni li jaċċettaw li jiġu identifikati u fakkret li d-diffikultajiet ta' investigazzjoni li jirriżultaw jistgħu jipprekludu li jiġu prodotti provi preċiżi u elementi ta' informazzjoni oġġettivi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, f'dan il-każ, il-valur probatorju tad-dokumenti tal-fajl tal-provi prodotti mill-Kunsill ma setax jiġi miċħud.

It-tieni, fir-rigward tat-tieni parti tal-motiv, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, minn naħa, li dan il-motiv kellu jitqies li kien ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni tal-fatti fir-rigward tal-kriterju (g), u mhux fuq evalwazzjoni "manifestament" żbaljata tagħhom, peress li l-qrati tal-Unjoni għandhom jiżguraw stħarriġ, bħala prinċipju komplet, tal-legalità tal-atti kollha tal-Unjoni. Hija indikat, min-naħa l-oħra, li l-istħarriġ ġudizzjarju [483] għandu jkun effettiv u għandu jkun ibbażat, b'mod partikolari, fuq verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tal-motivi li jsostnu d-deċiżjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-fondatezza tal-motivi meqjusa kontra l-persuna kkonċernata kellha ssir billi jiġu eżaminati l-provi u l-informazzjoni fil-kuntest li jagħmlu parti minnu. Il-Kunsill għalhekk jissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqu jekk jistabbilixxi quddiem il-qorti tal-Unjoni sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn il-persuna kkonċernata u r-reġim jew is-sitwazzjonijiet miġġielda.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-inklużjoni inizjali tar-rikorrent fil-listi abbażi tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali rrilevat li dan il-kriterju juża l-kunċett ta' "negozjanti ewlenin" b'rabta mal-eżerċizzju ta' "[attività] f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern [Russu]", mingħajr kundizzjoni oħra li tikkonċerna rabta, diretta jew indiretta, mal-imsemmi gvern. F'dan ir-rigward, hemm rabta loġika bejn

---

483 Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

l-identifikazzjoni ta' din il-kategorija ta' persuni u l-għan tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, li huwa li tiżdied il-pressjoni fuq ir-Russja kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet tagħha kontra l-Ukraina. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li interpretazzjoni kuntrarja tmur kontra kemm il-formulazzjoni tal-kriterju (g) kif ukoll l-għan imfittex. Fir-rigward tal-formulazzjoni, il-persuni msemmija kellhom fil-fatt jitqiesu li kienu ewlenin minħabba l-importanza tagħhom fis-settur ta' attività tagħhom u l-importanza ta' dan is-settur għall-ekonomija Russa. Fir-rigward tal-għan tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li dan ma kienx li jiġu ssanzjonati ċerti persuni jew entitajiet minħabba r-rabtiet tagħhom mas-sitwazzjoni fl-Ukraina jew mal-Gvern Russu, iżda li jiġu imposti sanzjonijiet ekonomiċi fuq ir-Russja, sabiex tiżdied il-pressjoni fuqha kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet tagħha kontra l-Ukraina. Minn dan hija kkonkludiet li l-kriterju (g) ma kienx jimplika, għall-Kunsill, l-obbligu li juri l-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib jew ta' relazzjoni ta' interdipendenza mal-Gvern tar-Russja u lanqas ma kien jiddependi fuq imputabbiltà lir-rikorrent tad-deċiżjonijiet dwar it-tkomplija tal-kunflitt fl-Ukraina jew fuq rabta diretta jew indiretta mad-destabbilizzazzjoni ta' dan il-pajjiż.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kunsill ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta qies li r-rikorrent kien negozjant ewlieni, meta kklassifikah b'mod partikolari bħala "azzjonist kbir fil-konglomerat Alfa Group", minkejja li dan kien ittrasferixxa l-ishma tiegħu f'din il-kumpannija. Fil-fatt, fid-dawl tal-kriterju (g), il-kunċett ta' "negozjanti ewlenin" jirreferi għal elementi fattwali li jidħlu kemm fil-passat kif ukoll fit-tul, b'tali mod li r-raġunijiet għall-inklużjoni tar-rikorrent setgħu jirreferu għal sitwazzjoni fattwali li kienet teżisti qabel l-adozzjoni tal-atti inizjali u li ġiet mibdula mingħajr madankollu ma neċessarjament kienet timplika l-obsolexxenza tal-miżuri restrittivi adottati fir-rigward tiegħu fuq din il-bażi.

Fir-rigward, fit-tieni lok, taż-żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi abbażi tal-istess kriterju, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li huwa l-Kunsill, waqt l-eżami mill-ġdid perjodiku tal-miżuri restrittivi, li għandu jwettaq evalwazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni u jistabbilixxi bilanċ tal-impatt tal-miżuri preċedentement adottati fid-dawl tal-għan tagħhom, fir-rigward tal-persuni kkonċernati. Sabiex jiġġustifika din iż-żamma, il-Kunsill jista' jibbaża ruħu fuq l-istess provi li jkunu ġġustifikaw l-inklużjoni inizjali, sa fejn ir-raġunijiet għall-inklużjoni ma jkunux inbidlu u l-kuntest ma jkunx inbidel b'tali mod li dawn il-provi jkunu saru obsoleti. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-allegat trasferiment tar-rikorrent tal-ishma f'ABH Holdings ma ntweriex permezz ta' elementi suffiċjentement konvinċenti. Konsegwentement, il-Kunsill seta' jqis, ġustament, li s-sitwazzjoni individwali tar-rikorrent ma kinitx verament evolviet mill-inklużjoni inizjali ta' dan tal-aħħar fil-listi kontenzjużi. Għaldaqstant, kien mingħajr ma wettaq żball ta' evalwazzjoni li l-Kunsill żamm fis-seħħ il-miżuri restrittivi inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tad-dritt għall-proprjetà, tal-libertà ta' intrapriża u tad-dritt li tiġi eżerċitata professjoni, mressqa mir-rikorrent, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-inkonvenjenzi kkawżati lir-rikorrent f'dan ir-rigward ma kinux sproporzjonati meta mqabbla mal-importanza tal-għan imfittex mill-atti kkontestati.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

# VI. Agrikoltura u sajd

## Sentenza tat-8 ta' Marzu 2023, Il-Bulgarija vs Il-Kummissjoni (T-235/21, EU:T:2023:105)

*"FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Infiq imwettaq mill-Bulgarija – Azzjonijiet ta' promozzjoni – Rapport ta' investigazzjoni tal-OLAF – Clearance ta' konformità – Obbligu ta' motivazzjoni"*

Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea fetħet proċedura ta' clearance ta' konformità fir-rigward ta' ċertu nfiq imwettaq mir-Repubblika tal-Bulgarija taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Il-komunikazzjoni tal-konstatazzjonijiet li ntbagħtet lil dan l-Istat Membru indikat li, konformement mal-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1306/2013 [484], u fid-dawl tal-informazzjoni li rriżultat minn investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Kummissjoni kienet qiegħda teżamina l-possibbiltà li teskludi parti minn dan l-infiq mill-finanzjament tal-Unjoni.

L-ewwel laqgħa bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Bulgari saret f'Lulju 2017. Sussegwentement, il-Kummissjoni bagħtet l-ewwel rapport finali tal-OLAF lir-Repubblika tal-Bulgarija u mbagħad, f'Mejju 2018, sejħet lil din tal-aħħar għat-tieni laqgħa bilaterali. Is-sejħa kienet tirreferi għall-Artikolu 54 [485] tar-Regolament Nru 1306/2013 u kienet tirrakkomanda li jiġu rkuprati l-pagamenti li l-imsemmi rapport kien iqis li saru b'mod irregolari. Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar is-sejħa, ir-Repubblika tal-Bulgarija għarrfet b'mod espliċitu lill-Kummissjoni li hija ma kinitx biħsiebha tipproċedi minnufih għall-irkupru, peress li kienet għadha ma ngħatatx deċiżjoni fil-proċeduri kriminali preliminari li kienu nbdew dwar dan is-suġġett. F'Settembru 2018, il-Kummissjoni bagħtet it-tieni rapport finali tal-OLAF, iddedikat għall-irregolaritajiet li jikkonċernaw l-infiq inkwistjoni.

F'Awwissu 2020, il-Kummissjoni, fl-opinjoni finali tagħha, indikat li kienet ser iżżomm il-pożizzjoni tagħha li timponi korrezzjoni finanzjarja fuq ir-Repubblika tal-Bulgarija abbażi tal-Artikolu 54(5)(a) u (c) tar-Regolament Nru 1306/2013, minħabba li l-aġenzija tal-pagamenti kienet aġixxiet b'mod negliġenti meta ma talbitx l-irkupru tal-infiq kontenzjuż mingħand il-benefiċjarji tiegħu fit-terminu previst f'dawn id-dispożizzjonijiet.

Fi Frar 2021, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/261 [486] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni eskludiet ammont ta' EUR 7 656 848.97 mill-finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija talbet l-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-motivi mressqa minnha kienu jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-ksur tad-drittijiet proċedurali tagħha, il-mod żbaljat ta' kif ġie ffissat il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu previst għall-irkupru ta' pagamenti indebiti,

---

[484] Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013, dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549). L-Artikolu 52 jipprevedi l-proċedura għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet fil-kuntest tal-clearance f'każ ta' nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri.

[485] Din id-dispożizzjoni tirrigwarda l-proċedura ta' rkupru tal-pagamenti indebiti.

[486] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/261 tas-17 ta' Frar 2021 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2021, L 59, p. 10).

kif ukoll żball ta’ evalwazzjoni tal-obbligu ta’ diliġenza tal-aġenzija tal-pagamenti fir-rigward ta’ dan l-irkupru.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors u tat deċiżjoni, f’dan il-kuntest, dwar kwistjoni ġdida ta’ interpretazzjoni tal-Artikolu 52 u tal-Artikolu 54(5)(a) u (ċ) tar-Regolament Nru 1306/2013.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija li bih sostniet li hija ma kinitx ibbenefikat, matul il-proċedura ta’ clearance, mill-garanziji proċedurali msemmija fl-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1306/2013 u fl-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 908/2014 [487].

Ċertament, ir-raġunijiet tal-korrezzjoni finanzjarja mfissra fid-Deċiżjoni kkontestata kienu jaqblu biss parzjalment mar-raġunijiet spjegati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tal-konstatazzjonijiet sabiex ikun iġġustifikat il-ftuħ tal-proċedura ta’ clearance. Madankollu, fid-dawl tal-kontenut tal-istedina għat-tieni laqgħa bilaterali, b’mod partikolari l-indikazzjoni tal-irregolaritajiet li setgħu jiġġustifikaw korrezzjoni finanzjarja u miżuri korrettivi li kellhom jiġu kkunsidrati, bħalma huwa l-irkupru tal-infiq, din l-istedina setgħet titqies li, essenzjalment, adattat il-komunikazzjoni tal-konstatazzjonijiet.

Għalhekk, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma setgħetx issostni li hija ma kinitx f’pożizzjoni li tifhem li setgħet tiġi imposta fuqha korrezzjoni finanzjarja kieku kellha tonqos milli tibda, konformement mal-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1306/2013, proċedura ta’ rkupru tal-infiq kontenzjuż. Barra minn hekk, il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni ġew diskussi fil-kumplament tal-proċedura ta’ clearance.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Bulgarija li hija biss il-komunikazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata u mhux tar-rapporti finali tal-OLAF li kienet tikkostitwixxi l-mument li fih jasal “rapport ta’ kontroll jew dokument simili” u, konsegwentement, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta’ 18-il xahar għall-irkupru tal-pagamenti kkonċernati [488].

F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, kieku l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni jistabbilixxi l-bidu tad-dekorrenza bħala l-mument tal-għeluq formali tal-proċedura ta’ clearance, prevista fl-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1306/2013, huwa kien jirreferi b’mod espliċitu għall-atti ta’ implimentazzjoni, bħalma kienet id-Deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, huwa ma semmiex rapport ta’ kontroll jew dokument simili, peress li l-użu ta’ dawn iż-żewġ kunċetti kien jagħti x’jifhem li dawn setgħu jkunu dokumenti ta’ natura differenti, filwaqt li kienu biss deċiżjonijiet li jistgħu jagħlqu l-proċedura ta’ clearance.

Barra dan, l-iskop ta’ rapport ta’ kontroll jew ta’ dokument simili huwa li tiġi indikata l-eżistenza ta’ irregolarità u mhux li jiġi ffissat l-ammont tal-infiq li għandu jiġi eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li kienet qiegħda ssostni r-Repubblika tal-Bulgarija, il-fatt li r-rapporti finali tal-OLAF ma kinux jippermettu li jiġi ffissat b’mod definittiv l-ammont tal-infiq li kellu jiġu eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni u ma setgħux iwasslu awtomatikament għall-ftuħ ta’

---

[487] Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta’ Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta’ kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU 2014, L 255, p. 59). L-Artikolu 34 jispeċifika l-istadji differenti tal-proċedura ta’ clearance ta’ konformità.

[488] Skont l-Artikolu 54(1) tar-Regolament Nru 1306/2013, “[g]ħal kwalunkwe pagament mhux dovut wara li sseħħ xi irregolarità jew negliġenza, l-Istati Membri għandhom jitolbu rkupru mingħand il-benefiċjarju fi żmien 18-il xahar wara l-approvazzjoni minn u, fejn ikun applikabbli, il-wasla għand l-aġenzija tal-pagamenti jew il-korp responsabbli għall-irkupru, ta’ rapport ta’ kontroll jew dokument simili, b’dikjarazzjoni li tkun seħħet irregolarità”.

proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, kien bla ħsara għall-klassifikazzjoni tagħhom bħala rapporti ta' kontroll jew bħala dokumenti simili.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq l-argument li l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni meta qieset li l-aġenzija tal-pagamenti tar-Repubblika tal-Bulgarija ma aġixxietx bid-diliġenza meħtieġa u kienet negliġenti meta ma talbitx l-irkupru tal-infiq kontenzjuż mingħand il-benefiċjarji tiegħu fit-termini previsti mill-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1306/2013.

Skont il-ġurisprudenza, minn naħa, huma l-Istati Membri li għandhom jagħżlu l-mezzi xierqa sabiex jiżguraw l-effikaċja tal-kontrolli u l-irkupru fil-pront ta' għajnuna mħallsa indebitament. Madankollu, il-bidu ta' proċeduri kriminali ma jimplikax bilfors li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jastjenu wkoll milli jieħdu azzjoni sabiex, jekk mhux biex jirkupraw, tal-inqas jiggarantixxu dejn li jirriżulta minn pagament indebitu. Min-naħa l-oħra, it-tul tal-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji mibdija mill-aġenzija tal-pagamenti ma jistax jiġġustifika nuqqas ta' diliġenza tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jirkupraw is-somom imħallsa indebitament.

Issa, fil-jum li fih ġiet adottata d-Deċiżjoni kkontestata, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma kienet bdiet ebda proċedura ċivili jew amministrattiva sabiex tirkupra l-infiq kontenzjuż. L-unika proċedura li kienet inbdiet kienet ta' natura kriminali u kienet tinsab fl-istadju tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari. Iż-żmien li fih kellha titlesta ma ġiex indikat.

Barra minn hekk, l-ordnijiet tal-aġenzija tal-pagamenti, li r-Repubblika tal-Bulgarija sostniet li kienu ġew annullati mill-qrati nazzjonali tagħha stess, kienu intiżi li jissospendu l-pagamenti marbuta mal-programmi affettwati mill-frodi msemmija fir-rapporti finali tal-OLAF, u mhux li jirkupraw l-infiq kontenzjuż. Għaldaqstant, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma setgħetx tiġġustifika l-assenza ta' miżuri ta' rkupru billi tiddikjara li l-miżuri meħuda mill-aġenzija tal-pagamenti setgħu jiġu annullati u, għalhekk, jirriżultaw li jkunu ineffikaċi u li jiswew ħafna flus. Barra minn dan, xejn ma seta' jippermetti li jintqal li, kieku ġew adottati miżuri intiżi għall-irkupru tal-infiq kontenzjuż, dawn kienu jkunu s-suġġett ta' talba għal annullament quddiem il-qrati nazzjonali jew kienu jkunu jistgħu jiġu annullati minn dawn il-qrati.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 1306/2013, li kieku r-Repubblika tal-Bulgarija kienet adottat miżuri amministrattivi ta' rkupru u li kieku, b'mod parallel, il-qrati nazzjonali Bulgari kienu kkonkludew li ma kienx hemm irregolarità, hija kienet tkun tista' għalhekk tiddikjara għall-fond inkwistjoni, bħala nfiq, il-piż finanzjarju li hija kienet sostniet f'dan ir-rigward.

### Sentenza tat-12 ta’ Lulju 2023, Cunsorziu di i Salamaghji Corsi – Consortium des Charcutiers Corses *et* vs Il-Kummissjoni (T-34/22, EU:T:2023:386)

*“Indikazzjoni ġeografika protetta – Denominazzjoni ta’ oriġini protetta – Applikazzjonijiet għal indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ‘Jambon sec de l’l’Île de Beauté’, ‘Lonzo de l’Île de Beauté’ u ‘Coppa de l’Île de Beauté’ – Denominazzjonijiet ta’ oriġini protetti preċedenti ‘Jambon sec de Corse – Prisuttu’, ‘Lonzo de Corse’ – Lonzu’ u ‘Coppa de Corse – Coppa di Corsica’ – Eliġibbiltà tal-ismijiet – Evokazzjoni – Artikolu 7(1)(a) u Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 – Portata tal-kontroll mill-Kummissjoni tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni – Artikolu 50(1) u Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1151/2012 – Żball ta’ evalwazzjoni”*

L-ismijiet “Jambon sec de Corse”/“Jambon sec de Corse – Prisuttu”, “Lonzo de Corse”/“Lonzo de Corse – Lonzu” u “Coppa de Corse”/“Coppa de Corse – Coppa di Corsica” kienu s-suġġett, fl-2014, ta’ reġistrazzjoni bħala denominazzjonijiet ta’ oriġini protetti (DOP) [489].

Fl-2015, il-Cunsorziu di i Salamaghji Corsi - Consortium des Charcutiers Corses (iktar ’il quddiem il-“Consortium”) talab lill-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi, skont ir-Regolament Nru 1151/2012 [490], jirreġistraw l-ismijiet “Jambon sec de l’Île de Beauté”, “Lonzo de l’Île de Beauté”, u ”Coppa de l’Île de Beauté” bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP).

Fl-2018, dawn l-awtoritajiet adottaw digrieti li approvaw l-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti, bil-għan li jiġu trażmessi lill-Kummissjoni Ewropea għall-approvazzjoni.

Is-sindakat detentur tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DOP “Jambon sec de Corse – Prisuttu”, “Lonzo de Corse – Lonzu” u “Coppa de Corse – Coppa di Corsica” talab l-annullament ta’ dawn id-digrieti quddiem il-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, Franza). Huwa sostna li l-frażi “Île de Beauté” kienet timita jew tevoka l-kelma “Corse” u għaldaqstant kienet tagħti lok għal konfużjoni mal-ismijiet diġà rreġistrati bħala DOP. Il-Kunsill tal-Istat ċaħad din it-talba, minħabba, b’mod partikolari, li l-użu ta’ kliem differenti u d-differenza fil-protezzjoni mogħtija minn DOP, minn naħa, u minn IĠP, min-naħa l-oħra, kienu ta’ natura li jeskludu dan ir-riskju ta’ konfużjoni.

Permezz tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2021/1879 [491], il-Kummissjoni madankollu rrifjutat ir-reġistrazzjoni tal-ismijiet “Jambon sec de l’Île de Beauté”, “Lonzo de l’Île de Beauté” u “Coppa de l’Île de Beauté” bħala IĠP. Hija qieset, fost l-oħrajn, li kien magħruf sew li l-isem “Île de Beauté” jikkostitwixxi perifrażi konswetudinarja li tirreferi, mingħajr ekwivoku, għal Korsika f’għajnejn il-konsumatur Franċiż. Għaldaqstant, l-ismijiet proposti kienu jikkostitwixxu ksur tal-protezzjoni mogħtija lid-DOP

---

[489] Rispettivament, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 581/2014 tat-28 ta’ Mejju 2014 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Jambon sec de Corse/Jambon sec de Corse — Prisuttu (DPO)] (ĠU 2014, L 160, p. 23), bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 580/2014 tat-28 ta' Mejju 2014 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Lonzo de Corse/Lonzo de Corse — Lonzu (DPO)] (ĠU 2014, L 160, p. 21) u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2014 tat-28 ta’ Mejju 2014 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Coppa de Corse/Coppa de Corse — Coppa di Corsica (DPO)) (ĠU 2014, L 160, p. 25).

[490] Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 55, p. 27, fil-ĠU 2015, L 191, p. 10 u fil-ĠU 2019, L 216, p. 40).

[491] Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1879 tas-26 ta’ Ottubru 2021 li tirrifjuta tliet applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta’ isem bħala indikazzjoni ġeografika f’konformità mal-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“Jambon sec de l’Île de Beauté” (IĠP), “Lonzo de l’Île de Beauté” (IĠP), “Coppa de l’Île de Beauté” (IĠP)) (ĠU 2021, L 383, p. 1).

ikkonċernati mill-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012 [492]. Minħabba dan, huma ma kinux osservaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal reġistrazzjoni, jiġifieri l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Nru 1151/2012 [493].

Ir-rikors ippreżentat mill-Corsortium u minn uħud mill-membri tiegħu kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali.

Minkejja li kemm il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-Qorti Ġenerali diġà kellhom l-opportunità jagħtu deċiżjoni dwar il-portata tal-kontroll mill-Kummissjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni, din il-kawża wasslet lill-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni għall-ewwel darba dwar l-eliġibbiltà ta' isem għal reġistrazzjoni, *a fortiori* wara li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali qiesu li l-konsumaturi normalment informati u raġonevolment attenti u avżati ma jkollhomx, fil-preżenza tal-IĠP li tkun saret applikazzjoni għalihom, direttament f'moħħhom, bħala immaġni ta' riferiment, il-prodotti li jibbenefikaw mid-DOP diġà rreġistrati. Barra minn hekk, kienet ukoll l-ewwel darba li l-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' isem abbażi ta' qari flimkien tal-Artikolu 7(1)(a) u tal-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv li jgħid li l-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha u kisret l-awtorità ta' *res judicata*.

Rigward il-kompetenza tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, l-ewwel, li l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Nru 1151/2012, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1)(b) tal-istess regolament, jista' jikkostitwixxi bażi legali valida għar-rifjut tar-reġistrazzjoni ta' isem. Huwa minnu li l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Nru 1151/2012 huwa speċifikament relatat mal-"ispeċifikazzjonijiet tal-prodott" tal-isem li jkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal protezzjoni. Madankollu, il-kwistjoni tal-evokazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 hija relatata mal-eliġibbiltà għal reġistrazzjoni skont din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha tevalwa, konformement mal-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1151/2012, moqri fid-dawl tal-premessa 58 tiegħu, wara eżami fid-dettall, jekk l-ispeċifikazzjonijiet li jakkumpanjaw l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jkunx fihom l-elementi meħtieġa minn dan ir-regolament u jekk dawn l-elementi jkunux jidhru li huma vvizzjati bi żbalji manifesti.

Dawn l-ispeċifikazzjonijiet, li t-tfassil tagħhom jikkostitwixxi stadju neċessarju tal-proċedura ta' reġistrazzjoni, għandhom b'mod partikolari jinkludu l-isem li tiegħu tkun qiegħda tintalab il-protezzjoni kif "jintuża fil-kummerċ jew fil-lingwaġġ komuni". Minn dan isegwi li l-Kummissjoni għandha tivverifika li dan l-użu ma jiksirx il-protezzjoni kontra l-evokazzjoni prevista fl-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament Nru 1151/2012. Fil-fatt, l-ammissjoni tar-reġistrazzjoni ta' IĠP meta din tkun evokatriċi ta' DOP diġà rreġistrata ċċaħħad mill-effett utli l-protezzjoni prevista mill-Artikolu 13(1)(b), peress li ladarba dan l-isem jiġi rreġistrat bħala IĠP, id-denominazzjoni rreġistrata preċedentement bħala DOP

---

[492] L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, dwar il-"protezzjoni", jipprovdi, fil-punt b tal-ewwel paragrafu tiegħu li, "[l]-ismijiet irreġistrati għandhom ikunu protetti kontra: [...] (b) kwalunkwe użu skorrett, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodotti jew tas-servizzi hija indikata jew jekk l-isem protett huwa tradott jew akkumpanjat b'espressjoni bħal "stil", "tip", "metodu", "kif prodott fi", "imitazzjoni" jew xi espressjoni simili, inkluż il-każ meta dawk il-prodotti jintużaw bħala ingredjent [...]".

[493] Skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Nru 1151/2012, intitolat "speċifikazzjonijiet tal-prodott": "1. Denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, għandha tkun konformi ma' speċifikazzjoni li għandu jkun fiha mill-inqas: (a) l-isem li għandu jiġi protett bħala denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika, kif jintuża, kemm jekk fil-kummerċ kif ukoll jekk fil-lingwaġġ komuni [...]."

ma tkunx tista' tibbenefika iktar mill-protezzjoni prevista fl-imsemmija dispożizzjoni fir-rigward tal-imsemmija DOP.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata tawtorizza r-reġistrazzjoni ta' isem jekk hija tqis illegali l-użu tiegħu fil-kummerċ.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-portata tal-eżami mill-Kummissjoni tal-konformità tal-ismijiet mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Nru 1151/2012.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha twettaq [494] eżami fil-fond, b'mezzi xierqa, tal-applikazzjonijiet, sabiex tiżgura ruħha li dawn ma jinkludux żbalji manifesti u li huma jkunu ħadu inkunsiderazzjoni d-dritt tal-Unjoni u l-interessi tal-partijiet ikkonċernati barra mill-Istat Membru ta' applikazzjoni.

It-tielet, il-Kummissjoni għandha marġni ta' evalwazzjoni differenti skont jekk ikunx l-ewwel stadju tal-proċedura ta' reġistrazzjoni ta' isem, jiġifieri dak li matulu jinġabru d-dokumenti li jikkostitwixxu l-fajl tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni li l-awtoritajiet nazzjonali eventwalment jibagħtu lill-Kummissjoni, jew it-tieni stadju ta' din il-proċedura, jiġifieri l-eżami tagħha stess tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni.

Minkejja li mill-ġurisprudenza [495] jirriżulta li, fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ stadji, il-Kummissjoni għandha biss marġni ta' evalwazzjoni "limitat, jew saħansitra ineżistenti", hija għandha marġni ta' evalwazzjoni awtonomu fir-rigward tad-deċiżjoni li tirreġistra isem bħala DOP jew IĠP fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Nru 1151/2012, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1)(b) tal-imsemmi regolament.

Fir-rigward ta' allegat ksur tal-awtorità ta' *res judicata*, il-Qorti Ġenerali sostniet ukoll li deċiżjoni ta' qorti nazzjonali li tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, liema deċiżjoni tistabbilixxi li ma kienx hemm riskju, għal konsumaturi normalment informati u raġonevolment attenti u avżati, ta' evokazzjoni bejn id-DOP irreġistrati u l-IĠP li għalihom saret applikazzjoni, ma tistax tiġi invokata sabiex tiġi kkontestata l-evalwazzjoni awtonoma tal-Kummissjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

---

[494] Skont il-premessa 58 u l-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1151/2012.

[495] Sentenzi tad-29 ta' Jannar 2020, ***GAEC Jeanningros*** (C-785/18, EU:C:2020:46), u tat-23 ta' April 2018, ***CRM vs Il-Kummissjoni*** (T-43/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:208).

# VII. Saħħa pubblika

### Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2023, Ascenza Agro u Industrias Afrasa vs Il-Kummissjoni (T-77/20, EU:T:2023:602)

*"Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Regolament (KE) Nru 1107/2009 – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/17 – Nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva chlorpyrifos-methyl – Rikors għal annullament – Locus standi – Ammissibbiltà – Obbligu ta' eżami tal-kundizzjonijiet u tal-kriterji kollha previsti mir-Regolament Nru 1107/2009 – Assenza ta' konklużjonijiet tal-EFSA – Obbligu ta' trasparenza – Dritt għal smigħ – Obbligu ta' motivazzjoni – Evalwazzjonijiet diverġenti tar-riskju mill-Istat Membru relatur u mill-EFSA – Obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha tal-każ – Rapport intermedju ta' studju li għadu għaddej – Prinċipju ta' prekawzjoni – Oneru u għan tal-prova – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Applikabbiltà tal-approċċ ta' read across u tal-approċċ ibbażat fuq is-saħħa probatorja – Invokabbiltà tal-Linji Gwida tal-ECHA u tal-EFSA"*

Il-chlorpyrifos-methyl (iktar 'il quddiem iċ-"CHP-methyl") huwa sustanza attiva użata fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara u għat-trattament taċ-ċereali maħżuna kif ukoll tal-imħażen vojta. Iċ-CHP-methyl jagħmel parti mill-grupp tal-organofosforiċi, li jinkludi wkoll sustanza attiva oħra msejħa chlorpyriphos.

Id-Direttiva 91/414 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [496] stabbilixxiet is-sistema legali applikabbli għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea. Iċ-CHP-methyl u l-chlorpyriphos kienu ġew inklużi fl-Anness I tal-imsemmija direttiva permezz tad-Direttiva 2005/72 [497]. L-approvazzjoni taċ-CHP-methyl mill-Kummissjoni ġiet estiża tliet darbiet, u finalment skadiet fil-31 ta' Jannar 2020.

Ascenza Agro, SA [498] u Dow AgroSciences Ltd, żewġ impriżi li kienu jipproduċu ċ-CHP-methyl (iktar 'il quddiem l-"applikanti"), it-tnejn li huma ppreżentaw applikazzjoni għat-tiġdid [499] tal-approvazzjoni taċ-CHP-methyl. Fl-abbozz tiegħu tar-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-imsemmi tiġdid, ir-Renju ta' Spanja,

---

496 Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332).

497 Direttiva tal-Kummissjoni 2005/72/KE tal-21 ta' Ottubru 2005 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tal-chlorpyriphos, il-chlorpyrifos-methyl, il-mancozeb, il-maneb u l-metiram bħala sustanzi attivi (ĠU 2006, L 321M, p. 90). Id-Direttiva 91/414 ġiet issostitwita bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1), li permezz tiegħu s-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414 tqiesu li huma approvati. Dawn is-sustanzi huma issa elenkati fit-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU 2011, L 153, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 26, p. 38).

498 Dak iż-żmien kien jisimha Sapec Agro SA.

499 L-approvazzjoni ta' sustanza attiva tiġġedded, fuq talba, jekk jiġi stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II tar-Regolament Nru 1107/2009 ikunu ssodisfatti, liema kriterji jirrigwardaw b'mod partikolari l-effett prevedibbli tal-imsemmija sustanzi attivi fuq is-saħħa tal-bniedem. L-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid tas-sustanzi attivi hija rregolata mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU 2012, L 252, p. 26).

bħala Stat Membru relatur, ma kkonkludiex li kien hemm effett dannuż taċ-CHP-methyl fuq is-saħħa tal-bniedem u għalhekk ippropona t-tiġdid tal-approvazzjoni ta’ din is-sustanza attiva.

L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) organizzat l-ewwel konsultazzjoni mal-esperti biex tevalwa r-riskji taċ-CHP-methyl għas-saħħa tal-bniedem. Hija pprovdiet rendikont ta’ dawn l-evalwazzjonijiet f’dikjarazzjoni tal-31 ta’ Lulju 2019, li fiha hija ppreċiżat li l-approċċ adottat mill-esperti kien fil-parti l-kbira tiegħu bbażat fuq ix-xebh strutturali bejn iċ-CHP-methyl u l-chlorpyriphos.

L-esperti kienu rrilevaw ukoll li ma kienx hemm letteratura pubblika disponibbli dwar il-potenzjal ġenotossiku taċ-CHP-methyl, filwaqt li diversi pubblikazzjonijiet kienu disponibbli dwar il-chlorpyriphos, li fir-rigward tiegħu kien tqajjem tħassib. Għalhekk huma qablu li dawn l-inċertezzi kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tar-riskju taċ-CHP-methyl u li għalhekk ma setax jiġi eskluż li jeżisti riskju potenzjali ta’ ħsara għad-DNA. Għaldaqstant, l-ebda valur ta’ riferiment ma seta’ jiġi stabbilit, la għall-ġenotossiċità u lanqas għan-newrotossiċità għall-iżvilupp, fatt li kien jirrendi impossibbli l-evalwazzjoni tar-riskju taċ-CHP-methyl għall-konsumaturi, għall-operaturi, għall-ħaddiema, għall-persuni preżenti u għar-residenti.

Wara konsultazzjoni oħra ta’ esperti, l-EFSA adottat, fit-8 ta’ Novembru 2019, verżjoni aġġornata tad-dikjarazzjoni tagħha tal-31 ta’ Lulju 2019, li fiha hija kkonkludiet li l-kriterji dwar is-saħħa tal-bniedem previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1107/2009 ma kinux issodisfatti għat-tiġdid tal-approvazzjoni taċ-CHP-methyl. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni adottat, fl-10 ta’ Jannar 2020, ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni 2020/17 dwar in-nuqqas ta’ tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva CHP-methyl konformement mar-Regolament Nru 1107/2009 [500] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament ikkontestat”).

Fir-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni bbażat ir-rifjut ta’ tiġdid tal-approvazzjoni taċ-CHP-methyl fuq tliet motivi. L-ewwel, il-fatt li “ma jistax jiġi eskluż li [ċ-CHP]-methyl għandu potenzjal ġenotossiku”, it-tieni, l-eżistenza ta’ “tħassib dwar in-newrotossiċità tal-iżvilupp [tiegħu]” u, it-tielet, il-fatt li “jista’ jkun xieraq li [ċ-CHP]-methyl jiġi kklassifikat bħala tossiku għar-riproduzzjoni, fil-kategorija 1B”.

Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti, Ascenza Agro u Industrias Afrasa, SA, talbu l-annullament tar-Regolament ikkontestat.

Il-Qorti Ġenerali, b’awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet l-imsemmi rikors u tat deċiżjoni, f’din l-okkażjoni, dwar diversi kwistjonijiet ġodda dwar ir-Regolament Nru 1107/2009 u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 844/2012. B’hekk, fuq livell proċedurali, hija ċċarat il-kunċett ta’ “konklużjonijiet” fis-sens tal-Artikolu 13 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 844/2012 u ppreċiżat l-effett, fuq il-legalità tar-Regolament ikkontestat, tal-motivi ta’ vot ta’ Stat Membru adottat fil-kuntest tal-opinjoni mogħtija mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (iktar ’il quddiem il-“Kumitat Permanenti”) qabel ma l-Kummissjoni tat deċiżjoni dwar it-tiġdid ta’ sustanza attiva. Barra minn hekk, fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-obbligu ta’ trasparenza u tal-prinċipju ta’ prekawzjoni fil-qasam tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, hija tat deċiżjoni dwar il-portata tal-approċċi ta’ evalwazzjoni tar-“read across” u tal-approċċ ibbażat fuq is-“saħħa probatorja” fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1107/2009.

---

[500] Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/17 li jikkonċerna n-nuqqas ta’ tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva [CHP-methyl], f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2020, L 7, p. 11). Il-Kummissjoni adottat ukoll, fl-10 ta’ Jannar 2020, ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/18 li jikkonċerna n-nuqqas ta’ tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva chlorpyrifos, f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2017, L 7, p. 14).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

- **Eżistenza ta' "konklużjonijiet"**

Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq l-assenza ta' konklużjonijiet adottati mill-EFSA, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kien hemm ebda definizzjoni tal-kunċett ta' "konklużjonijiet" fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 844/2012 [501] u fir-Regolament Nru 1107/2009 [502]. Madankollu, minn dawn it-testi kien jirriżulta, minn naħa, li, fuq livell formali, il-konklużjonijiet għandhom jiġu adottati mill-EFSA u kkomunikati lill-applikant, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-kontenut tal-konklużjonijiet, l-EFSA hija b'mod partikolari obbligata tippreċiża "jekk hux mistenni li sustanza attiva tissodisfa l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4" tar-Regolament Nru 1107/2009. Għalhekk, l-element determinanti li jippermetti li tiġi kkaratterizzata l-eżistenza ta' konklużjonijiet huwa l-espressjoni ta' opinjoni tal-EFSA dwar il-kapaċità ta' sustanza attiva li tissodisfa l-kundizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti minn dan ir-regolament.

F'dan il-każ, peress li l-EFSA qieset, fiż-żewġ dikjarazzjonijiet tagħha tal-31 ta' Lulju 2019 u tat-8 ta' Novembru 2019, li ċ-CHP-methyl ma kienx jissodisfa l-imsemmija kundizzjonijiet f'dak li jirrigwarda s-saħħa tal-bniedem, hija kienet effettivament adottat konklużjonijiet fis-sens tal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 844/2012. Tali konstatazzjoni ma setgħetx tiġi kkontestata mis-sempliċi isem tad-dokumenti inkwistjoni, intitolati "dikjarazzjonijiet", peress li l-karatterizzazzjoni tal-eżistenza ta' konklużjonijiet tiddependi, fl-ewwel lok, mill-kontenut ta' dawn id-dokumenti.

- **Obbligu ta' trasparenza**

Il-Qorti Ġenerali fakkret li hija l-parti affettwata li tinvoka l-ksur ta' obbligu ta' trasparenza insostenn ta' talbiet għal annullament diretti kontra att tal-Unjoni ta' portata ġenerali li għandha tinvoka dispożizzjoni espressa li tagħtiha dritt proċedurali u li taqa' taħt il-kuntest ġuridiku li jirregola l-adozzjoni tal-imsemmi att.

Il-Qorti Ġenerali qieset, l-ewwel, li r-Regolament ikkontestat kien jikkostitwixxi att ta' portata ġenerali, mingħajr ma l-inċidenza individwali ta' Ascenza Agro minn dan l-att setgħet tikkontesta tali klassifikazzjoni. Fil-fatt, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, il-kwistjoni tal-portata ġenerali jew individwali ta' att, li tiddependi mill-att adottat bħala tali, u, min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tal-inċidenza individwali ta' rikorrent ordinarju, li tiddependi mis-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward ta' dan l-att. F'dan ir-rigward, għalkemm, fid-dawl tal-kriterji tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ċerti atti għandhom, min-natura u mill-portata tagħhom, natura normattiva, peress li japplikaw għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati b'mod ġenerali, huma jistgħu, mingħajr ma jitilfu n-natura regolatorja tagħhom, jikkonċernaw, f'ċerti ċirkustanzi, individwalment ċerti operaturi ekonomiċi li jkollhom, jekk ikunu affettwati direttament minn dawn l-atti, *locus standi* sabiex jippreżentaw rikors għal annullament fil-konfront tagħhom.

It-tieni, l-osservanza tal-obbligu ta' trasparenza fil-qasam tal-protezzjoni tal-pjanti hija żgurata minn dispożizzjonijiet speċifiċi previsti mill-kuntest ġuridiku li jirregola l-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, jiġifieri r-Regolament Nru 1107/2009, li jipprevedi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar, b'mod partikolari, il-proċedura ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva u r-Regolament ta'

---

501 Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 844/2012.

502 Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament Nru 1107/2009.

Implimentazzjoni Nru 844/2012, li jipprevedi d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' tali sustanza.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma kienu invokaw ebda dispożizzjoni speċifika li tagħti dritt proċedurali lil Ascenza Agro u li taqa' taħt il-kuntest ġuridiku li jirregola l-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat.

- **Modalitajiet għall-adozzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti**

Il-Qorti Ġenerali fakkret li, f'dan il-każ, kien paċifiku li opinjoni favorevoli tal-Kumitat Permanenti dwar l-abbozz tar-Regolament ikkontestat setgħet tinkiseb bil-vot favur tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. Minkejja l-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-rikorrenti kienu qegħdin jikkontestaw, fir-realtà, il-motivi tar-Regolament ikkontestat u mhux il-proċedura ta' adozzjoni tiegħu.

Issa, mill-motivi tar-Regolament ikkontestat kien jirriżulta li l-adozzjoni tiegħu ma kinitx ibbażata fuq l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mir-Renju Unit għall-vot tiegħu, b'tali mod li l-ilment invokat mir-rikorrenti kien ineffettiv.

- **Prinċipju ta' prekawzjoni**

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju ta' prekawzjoni jippermetti, meta jkun hemm inċertezzi dwar l-eżistenza jew il-portata ta' riskji għas-saħħa tal-bniedem, l-adozzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistenna li r-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji jintwerew b'mod sħiħ. Applikazzjoni korretta tal-prinċipju ta' prekawzjoni tippreżupponi, b'mod partikolari, evalwazzjoni kompleta tar-riskju għas-saħħa bbażata fuq l-iktar data xjentifika affidabbli disponibbli u fuq l-iktar riżultati reċenti tar-riċerka internazzjonali. Meta jirriżulta impossibbli li jiġu ddeterminati b'ċertezza l-eżistenza jew il-portata tar-riskju allegat, minħabba n-natura insuffiċjenti, mhux konklużiva jew impreċiża tar-riżultati tal-istudji mwettqa, iżda l-probabbiltà ta' ħsara reali għas-saħħa pubblika teżisti fil-każ li r-riskju jimmaterjalizza ruħu, il-prinċipju ta' prekawzjoni jiġġustifika l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi.

F'dan il-każ, l-esperti u l-EFSA wettqu evalwazzjoni tar-riskju għas-saħħa tal-użu propost taċ-CHP-methyl li wriet li kien hemm inċertezzi. Tali approċċ kien għalhekk konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni, li jimplika li l-awtoritajiet inkarigati mill-evalwazzjoni tar-riskji, bħall-EFSA, għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux biss il-konklużjonijiet ċerti li jaslu għalihom, iżda anki l-inċertezzi li jibqgħu eżistenti, sabiex din tkun tista' tadotta, jekk ikun il-każ, miżuri restrittivi.

- **Metodi ta' evalwazzjoni tar-riskju adottati mill-EFSA u mill-Kummissjoni**

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fl-ewwel lok, li l-EFSA setgħet, ġustament, tuża l-metodu ta' read across u l-metodu bbażat fuq is-saħħa probatorja għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' sustanza attiva.

Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda, qabel kollox, il-kontenut ta' dawn iż-żewġ metodi, il-metodu ta' read across [503] jippermetti li l-proprjetajiet ta' ċerti sustanzi jitbassru abbażi tad-data eżistenti marbuta ma'

---

[503] Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifika ĠU 2008, L 141, p. 22 u fil-ĠU 2009, L 36, p. 84), Anness XI, punt 1.5.

sustanzi ta' riferiment oħra li jkollhom struttura simili għal tal-ewwel. Fir-rigward tal-approċċ ibbażat fuq is-saħħa probatorja, dan jippermetti li l-proprjetajiet ta' ċerti sustanzi jitbassru abbażi ta' data li toriġina minn diversi sorsi ta' informazzjoni indipendenti [504].

Sussegwentement, fir-rigward tal-għan tal-imsemmija metodi, ir-Regolament REACH jipprevedi [505] li, fir-rigward tat-tossiċità għall-ispeċi umana, l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi intrinsiċi tas-sustanza għandha tiġi prodotta kemm jista' jkun permezz ta' mezzi oħra minbarra l-ittestjar fuq annimali vertebrati. L-użu tal-istudji u tat-testijiet jista' għalhekk jiġi evitat permezz tal-użu ta' diversi metodi [506], li fosthom hemm, b'mod partikolari, il-metodu ta' read across u l-approċċ ibbażat fuq is-saħħa probatorja. Għalhekk, il-metodu ta' read across jippermetti li jiġi evitat li kull sustanza tiġi ttestjata għal kull effett u jista' jintuża fil-każ ta' assenza ta' data dwar is-sustanzi suġġetti għall-evalwazzjoni tar-riskji. Fir-rigward tal-approċċ ibbażat fuq is-saħħa probatorja, meta jippermetti li jinġabru provi suffiċjenti sabiex tiġi kkonfermata l-eżistenza jew l-assenza ta' proprjetà perikoluża partikolari, dan l-approċċ iwassal għar-rinunzja ta' ttestjar addizzjonali fuq l-annimali. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ż-żewġ metodi huma intiżi, b'mod partikolari, li jillimitaw l-użu tal-ittestjar fuq annimali vertebrati u, għalhekk, it-tnejn li huma jippermettu li jiġi evitat li kull sustanza tiġi ttestjata għal kull effett.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-legalità tal-użu taż-żewġ metodi mill-EFSA, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1107/2009 [507] u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 844/2012 iħallu lill-EFSA marġni ta' evalwazzjoni wiesa' fl-għażla tal-modalitajiet ta' evalwazzjoni li hija tapplika, bla ħsara għan-natura xjentifika tal-evalwazzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kummissjoni għandha wkoll setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, fid-dawl tal-evalwazzjonijiet xjentifiċi kumplessi li għandhom isiru f'dan il-qasam. Għalhekk, peress li l-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha fuq l-evalwazzjoni tar-riskji mwettqa mill-EFSA, l-istħarriġ imwettaq mill-qorti tal-Unjoni fuq din l-evalwazzjoni għandu wkoll ikun limitat għall-iżball manifest ta' evalwazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li, sa fejn l-użu taż-żewġ metodi kien previst kemm mir-Regolament Nru 1272/2008 kif ukoll mir-Regolament REACH, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li dawn il-metodi kienu suffiċjentement affidabbli, minn perspettiva xjentifika, sabiex jintużaw għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' sustanzi kimiċi f'oqsma oħra minbarra dak tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Fl-aħħar nett, iż-żewġ metodi, li jippermettu li jiġi evitat li kull sustanza tiġi ttestjata għal kull effett, jikkontribwixxu, it-tnejn li huma, għat-tnaqqis tal-ittestjar fuq l-annimali u għalhekk għat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 1107/2009 u, konsegwentement, mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 844/2012.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-modalitajiet konkreti ta' applikazzjoni taż-żewġ metodi, il-Qorti Ġenerali osservat, fir-rigward tal-metodu ta' read across, li ma kienx ikkontestat li ċ-CHP-methyl u l-chlorpyriphos jappartjenu għall-istess grupp ta' sustanzi kimiċi u li, globalment, dawn is-sustanzi għandhom struttura kimika simili.

---

504 Ara l-punt 1.1.1.3. tal-Anness I, tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 353, p. 1, rettifika fil-ĠU 2011, L 16, p. 1, fil-ĠU 2016, L 349, p. 1 u fil-ĠU 2019, L 117, p. 8).

505 Regolament REACH, Artikolu 13(1).

506 Elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness XI tar-Regolament REACH.

507 Ara l-Artikolu 4.

Fir-rigward tal-approċċ ibbażat fuq is-saħħa probatorja, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-EFSA sempliċement ikkonstatat li t-testijiet u l-istudji prodotti mill-applikanti ma kinux jippermettu li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' riskji għas-saħħa tal-bniedem, mingħajr ma għamlet riferiment għad-dokumentazzjoni aċċessibbli vvalidata mill-komunità xjentifika fis-sens tal-Artikolu 7(1)(m) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 844/2012. Għaldaqstant, l-EFSA ma kkunsidratx li d-data prodotta mill-applikanti kienet suffiċjenti sabiex isiru konklużjonijiet adegwati u definittivi u, b'mod partikolari, sabiex tkun tista' tikkonkludi li ċ-CHP-methyl ma jippreżentax riskju ġenotossiku.

Għall-kuntrarju, l-EFSA indikat, fid-dikjarazzjonijiet tagħha tal-31 ta' Lulju u tat-8 ta' Novembru 2019, li l-esperti kienu osservaw li ma kienx hemm letteratura pubblika disponibbli dwar il-potenzjal ġenotossiku taċ-CHP-methyl, filwaqt li diversi pubblikazzjonijiet kienu disponibbli għall-chlorpyriphos. Hija żiedet li, peress li kien tqajjem tħassib fir-rigward ta' aberrazzjonijiet kromożomiċi u ħsara għad-DNA, l-esperti kienu għalhekk ikkonkludew li kien hemm lakuni fil-qasam tad-data għaċ-CHP-methyl. Hija kienet għalhekk indikat li l-esperti kienu qablu li l-inċertezzi li jirriżultaw minn dan kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tar-riskju taċ-CHP-methyl u li għalhekk ma setax jiġi eskluż li kien hemm riskju potenzjali ta' ħsara għad-DNA. Barra minn hekk, l-esperti u l-EFSA ma qisux li l-artikli xjentifiċi dwar il-ġenotossiċità taċ-CHP-methyl kellu jkollhom effett ikbar fuq il-konklużjonijiet tagħhom mill-elementi l-oħra kollha relatati mal-ġenotossiċità taċ-CHP-methyl. Mingħajr ma bbażaw l-evalwazzjoni tar-riskji marbuta maċ-CHP-methyl biss fuq it-testijiet u l-istudji li l-leġiżlazzjoni timponi fuq l-applikant li jipproduċi, huma ħadu inkunsiderazzjoni wkoll il-letteratura xjentifika rilevanti kollha disponibbli.

# VIII. Enerġija [508]

### Sentenza tal-15 ta' Frar 2023, Austrian Power Grid *et* vs ACER (T-606/20, EU:T:2023:64)

*"Enerġija – Suq intern tal-elettriku – Qafas ta' implimentazzjoni tal-pjattaforma Ewropea għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b'attivazzjoni awtomatika – Proċedura ta' adozzjoni tal-modalitajiet, tal-kundizzjonijiet u tal-metodoloġiji – Ċaħda tal-proposta komuni tal-operaturi tas-sistema – Kompetenza tal-ACER – Żball ta' liġi – Drittijiet tad-difiża – Obbligu ta' motivazzjoni"*

### Sentenza tal-15 ta' Frar 2023, Austrian Power Grid *et* vs ACER (T-607/20, EU:T:2023:65)

*"Enerġija – Suq intern tal-elettriku – Qafas ta' implimentazzjoni tal-pjattaforma Ewropea għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b'attivazzjoni manwali – Proċedura ta' adozzjoni tal-modalitajiet, tal-kundizzjonijiet u tal-metodoloġiji – Ċaħda tal-proposta komuni tal-operaturi tas-sistema – Kompetenza tal-ACER – Żball ta' liġi – Drittijiet tad-difiża – Obbligu ta' motivazzjoni"*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea 2017/2195 dwar l-ibbilanċjar tas-sistema tal-elettriku [509], jipprevedi l-implimentazzjoni ta' diversi pjattaformi Ewropej għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar. Fost dawn il-pjattaformi hemm, minn naħa, il-pjattaforma Ewropea għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b'attivazzjoni awtomatika (iktar 'il quddiem il-"pjattaforma aFRR") u, min-naħa l-oħra, il-pjattaforma Ewropea għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar mir-riżervi għar-restawr tal-frekwenza b'attivazzjoni manwali (iktar 'il quddiem il-"pjattaforma mFRR") [510].

Konformement mal-proċedura prevista bir-Regolament 2017/2195 [511], l-operaturi kollha tas-sistema tat-trażmissjoni (iktar 'il quddiem it-"TSOs") ressqu għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"ARN") [512] proposti komuni ta' metodoloġija għall-implimentazzjoni tal-pjattaforma aFRR u tal-pjattaforma mFRR.

Wara talba konġunta tal-ARN, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tat deċiżjoni, abbażi tal-istess regolament [513], dwar dawn il-proposti, kif kienu ġew emendati wara l-komunikazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet li kienu seħħew bejn din tal-aħħar, l-ARN u t-TSOs. Għalhekk, l-ACER adottat żewġ deċiżjonijiet, waħda dwar il-metodoloġija aFRR u l-oħra dwar il-metodoloġija mFRR (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet tal-ACER"), li magħhom ġew mehmuża, f'anness, il-metodoloġiji inkwistjoni, hekk kif emendati u approvati minn din l-aġenzija.

---

508 Sunt komuni għall-kawżi Austrian Power Grid et vs ACER (T-606/20) u Austrian Power Grid et vs ACER (T-607/20).

509 Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU 2017, L 312, p. 6).

510 Artikoli 20 u 21 tar-Regolament 2017/2195, rispettivament.

511 Artikolu 20(1) u Artikolu 21(1) tar-Regolament 2017/2195.

512 Artikolu 5(1) u(2)(a) tar-Regolament 2017/2195.

513 Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195.

Austrian Power Grid, ČEPS, a.s., Polskie sieci elektroenergetyczne S.A., Red Eléctrica de España SA, RTE Réseau de transport d'électricité, Svenska kraftnät, TenneT TSO BV u TenneT TSO GmbH ippreżentaw appelli [514] minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER (iktar 'il quddiem il-"Bord tal-Appell"). Peress li l-appelli tagħhom ġew miċħuda, huma ressqu żewġ rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell, sa fejn dawn kienu jirrigwardawhom, ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-deċiżjonijiet tal-ACER kif ukoll tal-metodoloġiji annessi magħhom.

Dawn ir-rikorsi ġew miċħuda mit-Tieni Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali, li, f'din l-okkażjoni, tat deċiżjoni, minn naħa, dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-ACER u l-ARN fil-kuntest tal-adozzjoni tal-metodoloġiji aFRR u mFRR u, min-naħa l-oħra, dwar il-funzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tal-pjattaformi aFRR u mFRR abbażi tar-Regolament 2017/2195.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali ddikjarat inammissibbli r-rikorsi għal annullament sa fejn dawn kienu indirizzati kontra d-deċiżjonijiet tal-ACER u l-annessi tagħhom. F'dan ir-rigward, hija osservat li, konformement mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u mal-att li jistabbilixxi l-ACER, jiġifieri r-Regolament 2019/942 [515], ir-rikorrenti, inkwantu partijiet mhux privileġġjati [516], setgħu jitolbu biss, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-annullament tad-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tal-Appell, iżda mhux l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-ACER u tal-annessi tagħhom. B'konsegwenza ta' dan, il-Qorti Ġenerali stħarrġet biss, f'dan il-każ, il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell, b'mod partikolari sa fejn dawn jikkonfermaw integralment id-deċiżjonijiet tal-ACER u l-metodoloġiji aFRR u mFRR annessi magħhom.

Konformement mad-determinazzjoni esposta iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali kompliet l-analiżi tagħha fuq il-mertu. Fl-ewwel lok, hija ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi billi naqas milli jikkonstata li l-ACER kienet marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenza tagħha meta adottat id-deċiżjonijiet inkwistjoni.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali osservat li, skont il-kliem tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament 2019/942 u tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2017/2195, kif applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell, l-ACER kellha l-kompetenza sabiex tieħu jew tadotta deċiżjonijiet individwali dwar kwistjonijiet jew problemi ta' leġiżlazzjoni li jaffettwaw il-kummerċ transkonfinali jew dwar is-sigurtà tan-network transkonfinali, bħal ma huma l-metodoloġiji aFRR u mFRR, meta, bħal f'dan il-każ, l-ARN iressqu quddiemha talba konġunta f'dan is-sens. Skont il-Qorti Ġenerali, minn dawn id-dispożizzjonijiet ma kienx jirriżulta li l-kompetenza tal-ACER kienet limitata biss għall-punti ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet inkwistjoni.

Din l-interpretazzjoni letterali hija kkonfermata mill-kuntest u mill-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha jifformaw parti dawn id-dispożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposti tar-Regolament 2019/942 u tar-Regolament 713/2009 [517], preċedentement applikabbli, tirriżulta rieda ċara min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħmel it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar

---

[514] Abbażi tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU 2019, L 158, p. 22).

[515] Premessa 34, Artikolu 28(1) u Artikolu 29 tar-Regolament 2019/942.

[516] Il-partijiet privileġġjati huma l-partijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tieni paragrafi tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), minbarra l-Istati Membri, kif ukoll l-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA imsemmija fl-imsemmi ftehim.

[517] Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU 2009, L 211, p. 1).

kwistjonijiet transkonfinali iktar effikaċi u rapidu, permezz ta' tisħiħ tas-setgħat deċiżjonali individwali tal-ACER li jkun konformi maż-żamma tar-rwol ċentrali tal-ARN fil-qasam ta' regolamentazzjoni tal-enerġija, u dan konformement mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Mill-preambolu tar-Regolament 2019/942 [518] jirriżulta wkoll li l-ACER inħolqot sabiex timla n-nuqqas regolatorju fil-livell tal-Unjoni u sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament effettiv tas-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali.

Għalhekk, l-għan u l-kuntest li minnu jifformaw parti d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti 2019/942 u 2017/2195, kif ukoll iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni, jikkonfermaw li l-ACER hija awtorizzata tagħti deċiżjonijiet dwar l-elaborazzjoni tal-metodoloġiji aFRR u mFRR, fil-każ ta' talba konġunta tal-ARN f'dan is-sens. Bl-istess mod, sa fejn l-ACER ingħatat setgħat deċiżjonali speċifiċi sabiex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod indipendenti u effikaċi, din l-aġenzija hija awtorizzata temenda l-proposti tat-TSOs sabiex tiżgura li dawn ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni relatat mal-enerġija, mingħajr ma tkun marbuta mill-eventwali punti ta' qbil bejn l-ARN kompetenti.

Minn dan isegwi li l-Bord tal-Appell tal-ACER ma wettaqx żball ta' liġi meta kkonferma li l-ACER kienet kompetenti sabiex tagħti deċiżjoni dwar punti tal-metodoloġiji aFRR u mFRR li kienu s-suġġett ta' qbil bejn l-ARN.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Bord tal-Appell meta kkonstata li l-inklużjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni ta' kapaċità fost il-funzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tal-pjattaformi aFRR u mFRR ma kinitx ġiet imposta fuq it-TSOs mill-ACER, iżda kienet tirriżulta direttament mill-applikazzjoni tar-Regolament 2017/2195.

Il-Qorti Ġenerali qabel kollox speċifikat li din l-inklużjoni kienet determinanti sabiex jiġi evalwat jekk il-proposti mfassla mit-TSOs kellhomx josservaw ir-rekwiżiti addizzjonali previsti fir-Regolament 2017/2195 [519] meta, bħal f'dan il-każ, it-TSOs kellhom l-intenzjoni li jaħtru diversi entitajiet sabiex jassumu d-diversi funzjonijiet meħtieġa. F'dan ir-rigward, hija osservat li, konformement mal-imsemmi regolament, il-proposti ta' metodoloġiji ppreżentati mit-TSOs kellhom jinkludu d-definizzjoni tal-funzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tal-pjattaformi aFRR u mFRR [520]. Għalkemm mir-Regolament 2017/2195 jirriżulta li dawn il-pjattaformi għandhom minn tal-inqas jinkludu l-funzjoni ta' ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni u l-funzjoni tal-issetiljar TSO-TSO [521], ma huwiex eskluż li funzjoni oħra, bħal ma hija l-ġestjoni tal-kapaċità, ukoll titqies li hija meħtieġa għat-tħaddim ta' dawn il-pjattaformi, b'mod partikolari jekk jidher li ż-żieda ta' tali funzjoni hija neċessarja sabiex jiġi żgurat disinn ta' livell għoli ta' din il-pjattaforma li jissodisfa l-prinċipji tal-governanza u l-proċessi tan-negozju komuni.

Interpretazzjoni tal-kunċett ta' funzjoni meħtieġa għat-tħaddim tal-pjattaformi aFRR u mFRR, fid-dawl tal-kuntest u tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament 2017/2195, tagħti x'tifhem li din hija funzjoni li, kemm fuq il-livell tekniku kif ukoll fuq dak legali, tidher bħala li hija neċessarja għal implimentazzjoni u għal tħaddim effikaċi u żguri tal-imsemmija pjattaformi.

Issa, skont il-Qorti Ġenerali, il-funzjoni ta' ġestjoni ta' kapaċità tissodisfa tali kundizzjoni ta' neċessità. Fil-fatt, fuq livell legali, ir-Regolament 2017/2195 jimponi fuq it-TSOs l-obbligu li jaġġornaw b'mod kontinwu d-disponibbiltà tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn żoni għall-finijiet tal-iskambju tal-enerġija

518 Premessa 10 tar-Regolament 2019/942, preċedentement il-premessa 5 tar-Regolament Nru 713/2009.

519 Artikolu 20(3)(e)(i) sa (iii), u Artikolu 21(3)(e)(i) sa (iii) tar-Regolament 2017/2195.

520 Artikolu 20(3)(c) u Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament 2017/2195.

521 Artikolu 20(2) u Artikolu 21(2) tar-Regolament 2017/2195.

tal-ibbilanċjar jew għat-tħaddim tal-proċess tat-tpaċija tal-iżbilanċi. Fuq livell tekniku, kif dan jirriżulta mill-proposti tal-metodoloġiji aFRR u mFRR imfassla f'dan il-każ, l-aġġornament kontinwu ta' din il-kapaċità, li fuqu hija bbażata l-funzjoni ta' ġestjoni ta' kapaċità, huwa input essenzjali tal-funzjoni ta' ottimizzazzjoni tal-attivazzjoni. Barra minn dan, il-funzjoni ta' ġestjoni ta' kapaċità ġiet miżjuda mal-pjattaformi mit-TSOs infushom, sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' disinn ta' livell għoli f'termini ta' effikaċja u ta' sigurtà meħtieġa mir-Regolament 2017/2195.

Fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell ġew ikkonfermati.

# IX. Politika kummerċjali komuni

## 1. Antidumping

### Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni (T-326/21, EU:T:2023:347)

*"Dumping – Importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina – Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/546 – Impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv – Artikolu 1(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Definizzjoni tal-prodott ikkonċernat – Determinazzjoni tal-valur normali – Artikolu 2(6a) tar-Regolament 2016/1036 – Rapport li jikkonstata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fil-pajjiż esportatur – Oneru tal-prova – Użu ta' pajjiż rappreżentattiv – Artikolu 3(1), (2), (3), (5) u (6) tar-Regolament 2016/1036 – Dannu – Fatturi u indizji ekonomiċi li jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba"*

Adita b'ilment ippreżentat mill-assoċjazzjoni European Aluminium, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/546 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina [522].

Il-kumpanniji rregolati mid-dritt Ċiniż Guangdong Haomei New Materials Co. Ltd u Guangdong King Metal Light Alloy Technology Co. Ltd, li jipproduċu u jesportaw lejn l-Unjoni Ewropea estrużjonijiet tal-aluminju, ippreżentaw rikors intiż b'mod partikolari għall-annullament tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni. Il-kumpannija Taljana Airoldi Metalli SpA (iktar 'il quddiem "Airoldi") intervjeniet fil-proċedura insostenn tar-rikorrenti.

Filwaqt li ċaħdet ir-rikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali għamlet diversi preċiżazzjonijiet dwar il-metodu l-ġdid ta' kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat minn investigazzjoni antidumping fil-preżenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi tas-suq fil-pajjiż esportatur, kif introdott mill-Artikolu 2(6)a tar-Regolament antidumping bażiku [523].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti lmentaw, fost affarijiet oħra, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fid-definizzjoni tal-"prodott ikkonċernat" fl-investigazzjoni antidumping, jiġifieri l-estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina. F'dan ir-rigward, huma sostnew li jipproduċu eluf ta' tipoloġiji ta' estrużjonijiet tal-aluminju, b'tali mod li l-Kummissjoni kien imissha għamlet distinzjonijiet.

Filwaqt li enfasizzat li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat taqa' taħt l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa rrikonoxxuta lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-miżuri ta' protezzjoni tal-kummerċ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, skont il-ġurisprudenza f'dan il-qasam, il-Kummissjoni ħadet

---

[522] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/546 tad-29 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2021, L 109, p. 1).

[523] Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21), kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 (ĠU 2017, L 338, p. 1).

inkunsiderazzjoni diversi fatturi rilevanti għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, bħalma huma l-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodotti inkwistjoni, l-użu tagħhom, l-interkambjabbiltà tagħhom, id-domanda min-naħa tal-klijenti u l-proċess ta' manifattura.

Barra minn hekk, minkejja li l-oneru tal-prova kien jaqa' fuqhom, ir-rikorrenti ma wrewx li l-Kummissjoni kienet evalwat b'mod żbaljat l-imsemmija fatturi, u lanqas liema fatturi oħra iktar rilevanti kellhom jiġu kkunsidrati.

Għaldaqstant, l-ilment ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat ġie miċħud.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kritiki mressqa mir-rikorrenti kontra l-konstatazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, kif ukoll l-argumenti ta' Airoldi li kkontestaw il-legalità tar-"rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż" [524], stabbilit mill-Kummissjoni fl-2017 u meħud inkunsiderazzjoni minn din tal-aħħar għall-finijiet tal-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/546.

Fir-rigward tal-motiv imqajjem minn Airoldi, il-Qorti Ġenerali fakkret li huma biss l-argumenti ta' intervenjent li jaqgħu fil-kuntest iddefinit mit-talbiet u mill-motivi tal-partijiet prinċipali li huma ammissibbli. Issa, peress li r-rikorrenti ma kinux ikkontestaw il-legalità tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, il-motiv ta' Airoldi li jikkontesta dan ir-rapport ġie miċħud bħala inammissibbli.

Fir-rigward tal-ilmenti tar-rikorrenti li jikkritikaw l-analiżi tal-Kummissjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-kunċett ta' "distorsjonijiet sinjifikattivi" fil-pajjiż esportatur u l-metodu ta' kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat fil-preżenza ta' tali distorsjonijiet ġew introdotti fir-Regolament antidumping bażiku permezz tar-Regolament emendatorju 2017/2321 [525].

F'dan il-kuntest, l-Artikolu 2(6a)(a) ġdid tar-Regolament bażiku antidumping jipprevedi li, fil-preżenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fil-pajjiż esportatur, tista' ssir deroga mill-prinċipju li l-valur normali għandu jiġi stabbilit primarjament abbażi tal-prezz realment imħallas jew li għandu jitħallas fil-kors normali tal-kummerċ f'dan il-pajjiż. Skont il-punt (c) ta' din l-istess dispożizzjoni, il-Kummissjoni tista' tfassal rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni tas-suq f'pajjiż partikolari jew f'settur partikolari meta jkollha indikazzjonijiet debitament ibbażati fuq l-eżistenza possibbli ta' distorsjonijiet sinjifikattivi f'dan il-pajjiż jew settur. Tali rapporti u l-provi li fuqhom ikunu bbażati għandhom jitqiegħdu fil-fajl ta' kull investigazzjoni relatata mal-pajjiż jew mas-settur inkwistjoni.

Wara li għamlet dawn it-tfakkiriet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm distorsjonijiet sinjifikattivi fis-settur tal-estrużjonijiet tal-aluminju fiċ-Ċina abbażi ta' analiżi tad-diversi fatturi li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari, skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament antidumping bażiku. Barra minn hekk, minflok ma wettqet sempliċi analiżi vaga u ipotetika kif jallegaw ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni mhux biss ir-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, imfassal skont il-punt (c) ta' din l-istess

---

[524] Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fl-ekonomija tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-finijiet tal-investigazzjonijiet ta' protezzjoni tal-kummerċ tal-20 ta' Diċembru 2017 (SWD (2017) 483 final/2).

[525] Regolament (UE) 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 338, p. 1).

dispożizzjoni, iżda ħadet inkunsiderazzjoni wkoll sensiela ta' rapporti, dokumenti u data li joriġinaw minn varjetà kbira ta' sorsi, inklużi Ċiniżi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni lanqas ma kisret l-obbligu tagħha li tqiegħed lir-rikorrenti f'pożizzjoni li jesprimu b'mod utli l-opinjonijiet tagħhom fuq ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati u fuq il-provi kkunsidrati mill-Kummissjoni insostenn tal-konklużjoni tagħha dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet id-diversi lmenti li kkontestaw l-analiżi tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż.

Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta għażlet lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv sabiex tibni l-valur normali tal-prodott ikkonċernat.

Meta jitqies li ma huwiex xieraq li wieħed jibbaża ruħu fuq il-prezzijiet u l-ispejjeż fis-suq intern tal-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi f'dan is-suq, l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament antidumping bażiku jipprevedi li l-valur normali tal-prodott ikkonċernat għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-ispejjeż ta' produzzjoni u ta' bejgħ li jirrappreżentaw prezzijiet jew valuri ta' referenza mingħajr distorsjoni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' tuża bħala sorsi ta' informazzjoni, b'mod partikolari, l-ispejjeż korrispondenti tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, li jkollu livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur.

Il-kriterju li issa jrid jiġi ssodisfat fl-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq huwa, għalhekk, il-livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur. Huwa b'osservanza ta' dan il-kriterju ġdid li l-parti essenzjali tal-ġurisprudenza dwar id-dispożizzjonijiet issostitwiti tar-Regolament antidumping bażiku tibqa' applikabbli, jiġifieri li l-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha fuq pajjiż terz fejn il-prezz ta' prodott simili huwa stabbilit f'ċirkustanzi kemm jista' jkun paragunabbli ma' dawk tal-pajjiż ta' esportazzjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, minn naħa, ir-riferimenti tar-rikorrenti għall-ġurisprudenza preċedenti li ma hijiex trasponibbli u kkonstatat, min-naħa l-oħra, li dawn tal-aħħar ma jikkontestawx li t-Turkija turi livell ta' żvilupp simili għal dak taċ-Ċina. Filwaqt li ċaħdet, barra minn hekk, l-argumenti bbażati fuq il-fatt li ċ-Ċina għandha numru ta' abitanti ikbar minn dak tat-Turkija u li d-domanda interna hija differenti, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikorrenti ma wrewx li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fl-għażla tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv.

Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li kien hemm dannu għall-industrija tal-Unjoni u rabta kawżali bejn dan id-dannu u l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li s-sehem mis-suq sinjifikattiv miżmum mill-produtturi tal-Unjoni jeskludi li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-ilmenti bbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni injorat il-kuntest ta' tkabbir sinjifikattiv tal-konsum u tal-profitabbiltà ta' din l-industrija. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali fakkret, minn naħa, li ma huwiex meħtieġ, sabiex jiġi kkonstatat li l-industrija tal-Unjoni ġġarrab dannu ta' natura li jiġġustifika l-adozzjoni ta' dazji antidumping, li l-fatturi u l-indizji ekonomiċi rilevanti kollha juru tendenza negattiva. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni enfasizzat li l-industrija tal-Unjoni kienet, minkejja ż-żieda fid-domanda, tilfet sehem mis-suq u li l-profittabbiltà tagħha kienet naqset matul il-perijodu kkunsidrat.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni lanqas ma wettqet żbalji fit-teħid inkunsiderazzjoni tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina li, skont ir-rikorrenti, huwa inqas minn 15 % f'valur assolut. Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 5(7) tar-Regolament antidumping bażiku jipprovdi li proċedura ma tinfetaħx meta l-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiż jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' inqas minn 1 %, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju miċ-Ċina huwa ħafna ogħla minn din il-perċentwali. Peress li r-Regolament antidumping bażiku ma jipprevedix limitu ieħor tas-sehem mis-suq sabiex jiġi konkluż li l-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiż terz ma humiex ta' natura li

jikkawżaw dannu, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti ma ressqux argumenti oħra li jippermettu li jiġi konkluż li kien hemm żball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni.

Peress li l-motivi l-oħra mqajma kienu wkoll inammissibbli jew infondati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

## 2. Applikazzjoni ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz

### Sentenza tat-12 ta' Lulju 2023, IFIC Holding vs Il-Kummissjoni (T-8/21, EU:T:2023:387)

*"Politika kummerċjali – Protezzjoni kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz – Miżuri restrittivi meħuda mill-Istati Uniti kontra l-Iran – Sanzjonijiet sekondarji li jipprekludu lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni milli jkollhom relazzjonijiet kummerċjali mal-impriżi milquta mill-imsemmija miżuri – Projbizzjoni tal-osservanza ta' din il-leġiżlazzjoni – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96 – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza persuna ġuridika tal-Unjoni tikkonforma ruħha mal-imsemmija leġiżlazzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata retroattiva tal-awtorizzazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi tal-impriża milquta mill-miżuri restrittivi tal-pajjiż terz – Dritt għal smigħ"*

Fl-2018, l-Istati Uniti tal-Amerika rtiraw mill-Ftehim dwar l-Armi Nukleari Iranjan, li ġie ffirmat fl-2015 u li kellu bħala għan il-kontroll tal-programm nukleari Iranjan u t-tneħħija tas-sanzjonijiet ekonomiċi fil-konfront tal-Iran. Bħala konsegwenza ta' dan l-irtirar, filwaqt li bbażaw ruħhom fuq l-"Iran Freedom and Counter-Proliferation Act of 2012" (il-Liġi tal-2012 dwar il-Libertà u l-Ġlieda kontra l-Proliferazzjoni fl-Iran), l-Istati Uniti imponew mill-ġdid sanzjonijiet fuq l-Iran kif ukoll fuq lista ta' persuni speċifiċi [526]. Minn din id-data, kien mill-ġdid ipprojbit li kwalunkwe persuna jkollha, barra mit-territorju tal-Istati Uniti, relazzjonijiet kummerċjali mal-persuni li jinsabu fil-lista SDN.

Wara din id-deċiżjoni, sabiex tipproteġi l-interessi tagħha, l-Unjoni adottat ir-Regolament Delegat 2018/1100 [527] li jemenda l-Anness tar-Regolament Nru 2271/96 [528] sabiex isemmi fih l-imsemmija Liġi Amerikana tal-2012 dwar il-Libertà u l-Ġlieda kontra l-Proliferazzjoni fl-Iran. Dan l-aħħar regolament, li kien intiż li jiżgura protezzjoni kontra l-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-liġijiet annessi miegħu, jipprojbixxi b'mod partikolari lill-persuni kkonċernati [529] milli jikkonformaw ruħhom mal-liġijiet inkwistjoni jew mal-azzjonijiet li jirriżultaw minnhom (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5), ħlief

---

526 Specially Designated Nationals and Blocked Persons List (Lista ta' Ċittadini Nazzjonali Espressament Identifikati u ta' Persuni li l-Assi Tagħhom huma Mblukkati, iktar 'il quddiem il-"lista SDN").

527 Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1100 tas-6 ta' Ġunju 2018 li jemenda l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU 2018, L 199 I, p. 1).

528 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġislazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 75)), kif emendat bir- Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (ĠU 2014, L 18, p. 1) kif ukoll bir-Regolament Delegat 2018/1100 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament").

529 Il-persuni milquta mill-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 kienu, b'mod partikolari, minn naħa, il-persuni fiżiċi residenti fl-Unjoni u li huma ċittadini ta' Stat Membru u, min-naħa l-oħra, il-persuni ġuridiċi inkorporati fl-Unjoni (il-punti 1 u 2 tal-Artikolu 11).

fil-każ ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea meta n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-leġiżlazzjonijiet barranin ikun jippreġudika serjament l-interessi tal-persuni koperti mir-Regolament jew dawk tal-Unjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5). Hija adottat ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101, li jistabbilixxi l-kriterji għall-applikazzjoni tal-imsemmi tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 [530].

IFIC Holding AG (iktar 'il quddiem "IFIC") hija kumpannija Ġermaniża li l-azzjonijiet tagħha huma miżmuma indirettament mill-Istat Iranjan u li hija stess għandha ishma f'diversi impriżi Ġermaniżi, li abbażi tagħhom għandha dritt għal dividendi. Clearstream Banking AG hija l-uniku bank depożitarju ta' titoli awtorizzat fil-Ġermanja. Wara l-inklużjoni ta' IFIC, f'Novembru 2018, fil-lista SDN mill-Istati Uniti, hija interrompiet il-ħlas lil IFIC tad-dividendi tagħha u mblukkathom f'kont separat. Fit-28 ta' April 2020, wara talba għal awtorizzazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, ta' Clearstream Banking, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020) 2813 final, li permezz tagħha hija awtorizzat lil dan il-bank jikkonforma ruħu ma' ċerti liġijiet tal-Istati Uniti f'dak li jirrigwarda t-titoli jew il-fondi tar-rikorrenti, għal perijodu ta' tnax-il xahar (iktar 'il quddiem l-"awtorizzazzjoni kontenzjuża"). Din l-awtorizzazzjoni ġiet sussegwentement imġedda fl-2021 u fl-2022 permezz tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni C(2021) 3021 final u C(2022) 2775 final [531] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati"). F'dan il-kuntest, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, IFIC talbet lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni fuq talba ta' Clearstream Banking, filwaqt li din tal-aħħar kienet intervjeniet fil-proċedura.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' IFIC u tat deċiżjoni, f'din l-okkażjoni, dwar kwistjonijiet ta' liġi ġodda fir-rigward tar-Regolament Nru 2271/96. Hija qieset b'mod partikolari li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma kellhomx effett retroattiv u li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-interessi tar-rikorrenti jew billi ma eżaminatx jekk kinux jeżistu alternattivi inqas vinkolanti. Hija ddeċidiet ukoll li l-limitazzjoni, għar-rikorrenti, tad-dritt għal smigħ tagħha mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet kienet neċessarja u proporzjonata, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2271/96.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Il-Qorti Ġenerali qieset, l-ewwel, li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma kellhomx effett retroattiv peress li kienu jindikaw b'mod ċar li kienu validi mid-data tan-notifika tagħhom u għal perijodu ta' tnax-il xahar [532]. Minn dan jirriżulta li l-awtorizzazzjoni kontenzjuża ma kellhiex portata retroattiva u ma kinitx tkopri aġir li seħħ qabel id-data li minnha kienu validi d-deċiżjonijiet ikkontestati, iżda biss dak li seħħ b'effett minn din id-data.

It-tieni, fir-rigward tal-motiv tar-rikorrenti bbażat fuq żball ta' evalwazzjoni, li jgħid li l-Kummissjoni, fl-ewwel lok, ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-interessi tagħha, iżda biss dawk ta' Clearstream Banking, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tagħmel dan. Hija osservat fil-fatt li r-Regolament Nru 2271/96 [533] jipprevedi li l-għoti ta' awtorizzazzjoni sabiex tkun konformi mal-liġijiet

---

[530] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1101 tat-3 ta' Awwissu 2018 li jistabbilixxi l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5, it-tieni paragrafu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni extraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU 2018, L 199 1, p. 7).

[531] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2021) 3021 final tas-27 ta' April 2021 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 2775 final tas-26 ta' April 2022.

[532] Ara l-Artikolu 3 ta' kull waħda mid-deċiżjonijiet ikkontestati.

[533] Ara t-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96.

annessi huwa suġġett għall-kundizzjoni li n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-liġijiet jippreġudika serjament l-interessi tal-persuna li titlob l-awtorizzazzjoni jew dawk tal-Unjoni, iżda li din id-dispożizzjoni ma ssemmix l-interessi tat-terzi milquta mill-miżuri restrittivi tal-pajjiż terz. Il-Qorti Ġenerali għamlet l-istess konstatazzjoni dwar il-kriterji mhux kumulattivi, stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101 [534], li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, ebda wieħed mill-kriterji inkwistjoni ma jinvoka bbilanċjar tal-interessi tat-terz ma' dawk tal-applikant jew ma' dawk tal-Unjoni. Barra minn hekk, għalkemm jista' jkun li t-terz milqut mill-miżuri restrittivi jaqa' taħt ir-Regolament Nru 2271/96 [535] u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, tali ċirkustanza ma tistax twassal, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni interessi differenti minn dawk previsti mill-imsemmija dispożizzjoni. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li tirrikorri għal alternattivi inqas vinkolanti jew il-possibbiltà, għar-rikorrenti, li tinvoka dritt għal kumpens, il-Qorti Ġenerali irrilevat li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101 [536] ma jimponix tali obbligi fuq il-Kummissjoni. Fil-fatt, l-eżami tal-Kummissjoni jikkonsisti fil-verifika ta' jekk il-provi prodotti mill-applikant jippermettux li jiġi konkluż, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101 [537], li, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet annessi, l-interessi tal-applikant jew tal-Unjoni jkunu serjament leżi, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96. Il-Kummissjoni, meta tikkonkludi li l-okkorrenza ta' dannu serju għall-imsemmija interessi hija pprovata b'mod suffiċjenti, ma tkunx għaldaqstant obbligata teżamina l-eżistenza ta' alternattivi għall-awtorizzazzjoni.

It-tielet, fir-rigward tal-motiv dwar il-ksur tad-dritt għal smigħ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jistabbilixxi sistema li fil-kuntest tagħha l-interessi tat-terzi milquta mill-miżuri restrittivi ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni u dawn it-terzi ma għandhomx jiġu assoċjati mal-proċedura tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96. Fil-fatt, l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-imsemmija dispożizzjoni tissodisfa għanijiet ta' interess ġenerali li jikkonsistu fil-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni jew tal-persuni li jeżerċitaw drittijiet taħt is-sistema tat-Trattat FUE kontra d-danni serji li jistgħu jirriżultaw min-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet annessi.

F'dan il-kuntest, mhux biss l-eżerċizzju ta' dritt għal smigħ mit-terzi milquta mill-miżuri restrittivi fil-proċedura inkwistjoni ma jkunx konformi mal-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-imsemmija leġiżlazzjoni, iżda jirriskja wkoll, permezz tat-tixrid mhux ikkontrollat ta' informazzjoni li tista' tinġieb għall-attenzjoni tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz li minnu oriġinaw il-liġijiet annessi, li jipperikola t-twettiq ta' dawn l-għanijiet. B'hekk, dawn l-awtoritajiet jistgħu jkunu jafu bil-fatt li persuna talbet awtorizzazzjoni u li, konsegwentement, hija tista' tikkonforma ruħha jew le mal-leġiżlazzjoni ekstraterritorjali tal-pajjiż terz inkwistjoni, li jwassal għal riskji f'termini ta' investigazzjonijiet u ta' sanzjonijiet fir-rigward tagħha, u, għaldaqstant, ta' dannu għall-interessi ta' din il-persuna, u, jekk ikun il-każ, tal-Unjoni.

Barra minn hekk, ebda element inerenti għas-sitwazzjoni personali tal-imsemmija terzi ma kien jinsab direttament fost l-elementi li għandha tinkludi l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni [538] jew fost il-kriterji

---

534 Ara l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101.

535 Ara l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96.

536 Ara l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101.

537 Ara l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101.

538 Fis-sens tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2018/1101 "[l]-applikazzjonijiet għandhom jinkludu l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant, jindikaw id-dispożizzjoni preċiża tal-leġiżlazzjoni ekstraterritorjali elenkata jew l-azzjoni sussegwenti involuta,

meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta tevalwa tali applikazzjoni [539]. B'hekk, fis-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 2271/96 f'dan il-qasam, it-terzi milquta mill-miżuri restrittivi ma dehrux li setgħu jsostnu, quddiem il-Kummissjoni, żbalji jew elementi relatati mas-sitwazzjoni personali tagħhom. Għaldaqstant, limitazzjoni tad-dritt għal smigħ ta' terzi milquta mill-miżuri restrittivi fil-kuntest ta' tali proċedura ma dehritx, fid-dawl tal-kuntest ġuridiku rilevanti u tal-għanijiet imfittxija minnu, li kienet sproporzjonata u li ma kinitx tosserva l-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt. Minn dan irriżulta li, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ ineżami, l-imsemmija limitazzjoni tad-dritt għal smigħ kienet ġġustifikata, fis-sens tal-ġurisprudenza, u kienet neċessarja u proporzjonata fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2271/96 u, b'mod partikolari, mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tiegħu. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tisma' lir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti allegat li, sabiex tirrispetta d-dritt għal smigħ tagħha, il-Kummissjoni kien imissha ppubblikat, tal-inqas, id-dispożittiv tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Madankollu, xejn ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li tali obbligu ta' pubblikazzjoni kien jaqa' fuq il-Kummissjoni. Minn naħa, dan l-allegat obbligu ma għandu l-ebda bażi legali f'xi dispożizzjoni rilevanti; min-naħa l-oħra, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati wara l-adozzjoni tagħhom ma jistax ikollha effett fuq l-eżerċizzju ta' eventwali dritt għal smigħ tar-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, għall-istess raġunijiet, l-argument tar-rikorrenti li jgħidu li, alternattivament, il-Kummissjoni kien imissha kkomunikatilha d-deċiżjonijiet ikkontestati wara l-adozzjoni tagħhom. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ma setax għaldaqstant jitqies li, billi ma ppubblikatx jew ma kkomunikatx lir-rikorrenti d-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni kisret id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti.

---

u għandha tiddeskrivi l-ambitu tal-awtorizzazzjoni li tkun qed tintalab u d-dannu li tkun ikkawżata min-nuqqas ta' konformità".

**539** Fis-sens tal-kriterji previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101, li huma intiżi li jevalwaw jekk dannu serju huwiex ikkawżat lill-interessi protetti msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96.

# X. Politika ekonomika u monetarja [540]

### Sentenza tat-22 ta' Novembru 2023, Del Valle Ruíz *et* vs SRB (T-302/20, T-303/20 u T-307/20, EU:T:2023:735)

*"Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni Bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi ta' investiment (SRM) – Riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español – Deċiżjoni tas-SRB li tirrifjuta l-għoti ta' kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-kredituri kkonċernati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni – Dritt għall-proprjetà – Dritt għal smigħ – Dritt għal rimedju effettiv – Valutazzjoni tad-differenza fit-trattament – Indipendenza tal-evalwatur"*

### Sentenza tat-22 ta' Novembru 2023, Molina Fernández vs SRB (T-304/20, EU:T:2023:734)

*"Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni Bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi ta' investiment (SRM) – Riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español – Deċiżjoni tas-SRB li tirrifjuta l-għoti ta' kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-kredituri kkonċernati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni – Valutazzjoni tad-differenza fit-trattament – Indipendenza tal-evalwatur"*

### Sentenza tat-22 ta' Novembru 2023, ACMO *et* vs SRB (T-330/20, EU:T:2023:733)

*"Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni Bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi ta' investiment (SRM) – Riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español – Deċiżjoni tas-SRB li tirrifjuta l-għoti ta' kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-kredituri kkonċernati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni – Valutazzjoni tad-differenza fit-trattament – Indipendenza tal-evalwatur"*

Fil-Kawżi magħquda T-302/20, T-303/20 u T-307/20 u fil-Kawża T-304/20, ir-rikorrenti huma persuni fiżiċi u ġuridiċi li kienu azzjonisti ta' Banco Popular Español, SA (iktar 'il quddiem "Banco Popular") qabel l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' din tal-aħħar. Għall-kuntrarju, fil-Kawża T-330/20, ir-rikorrenti huma fondi ta' investiment li, qabel l-adozzjoni ta' din l-istess skema, kellhom strumenti tal-kapital, bl-eċċezzjoni ta' waħda minnhom li hija l-aventi kawża ta' entità li kellha bonds ta' Banco Popular.

Fis-7 ta' Ġunju 2017, is-sessjoni eżekuttiva tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) adottat abbażi tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 [541], skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular [542], li ġiet approvata fl-istess jum mill-Kummissjoni Ewropea [543].

---

[540] Sunt komuni għall-kawżi Del Valle Ruíz et vs SRB (T-302/20, T-303/20 u T-307/20), Molina Fernández vs SRB (T-304/20) u ACMO et vs SRB (T-330/20).

[541] Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

[542] Deċiżjoni SRB/EES/2017/08, dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' riżoluzzjoni").

[543] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246 tas-7 ta' Ġunju 2017 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español S.A. (ĠU 2017, L 178, p. 15, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31).

Qabel l-adozzjoni ta’ din l-iskema, is-SRB kien qabbad lill-uffiċċju Deloitte Réviseurs d’Entreprises bħala evalwatur (iktar ’il quddiem l-“uffiċċju evalwatur”), sabiex iwettaq valutazzjoni ta’ Banco Popular, qabel eventwali riżoluzzjoni, kif ukoll il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament, wara riżoluzzjoni potenzjali. Fis-6 ta’ Ġunju 2017, l-uffiċċju evalwatur bagħat lis-SRB valutazzjoni (iktar ’il quddiem il-“valutazzjoni 2”), li kellha l-għan li twettaq stima tal-valur tal-attiv u tal-passiv ta’ Banco Popular u li tipprovdi stima dwar it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-kredituri li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta’ proċedura normali ta’ insolvenza, kif ukoll li tipprovdi l-elementi li jippermettu li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-azzjonijiet u t-titoli ta’ proprjetà li kellhom jiġu ttrasferiti u li jippermettu lis-SRB li jiddetermina l-kundizzjonijiet kummerċjali għall-finijiet tal-għodda tal-bejgħ ta’ negozju. Fl-iskema ta’ riżoluzzjoni, peress li qies li l-kundizzjonijiet meħtieġa [544] kienu ssodisfatti, is-SRB iddeċieda li jissuġġetta lil Banco Popular għal proċedura ta’ riżoluzzjoni. Wara proċess ta’ bejgħ trasparenti u miftuħ imwettaq mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni Spanjola, il-Fond ta’ Ristrutturazzjoni Ordnata tal-Istituzzjonijiet Bankarji, (FROB), l-azzjonijiet ġodda ta’ Banco Popular ġew ittrasferiti lil Banco Santander SA.

Wara l-adozzjoni tal-iskema ta’ riżoluzzjoni, l-uffiċċju evalwatur bagħat lis-SRB il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament [545] (iktar ’il quddiem il-“valutazzjoni 3”) intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-kredituri affettwati kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar li kieku Banco Popular kien is-suġġett ta’ proċedura normali ta’ insolvenza minn dak li kienu suġġetti għalih minħabba r-riżoluzzjoni. Din il-valutazzjoni twettqet fil-kuntest ta’ xenarju ta’ stralċ, b’applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Spanjola, fil-mument tal-adozzjoni tal-iskema ta’ riżoluzzjoni. L-uffiċċju evalwatur qies li l-ftuħ ta’ proċedura normali ta’ insolvenza kien ser iwassal għal stralċ mhux ippjanat. Huwa kkonkluda li l-ebda rkupru ma kien ikun mistenni fil-kuntest ta’ tali proċedura normali u li għalhekk ma kienx hemm differenza fit-trattament meta mqabbla ma’ dak li jirriżulta mill-miżura ta’ riżoluzzjoni.

Sussegwentement, sabiex ikun jista’ jieħu deċiżjoni finali dwar il-ħtieġa jew le li jingħatalhom kumpens għad-danni mill-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni [546], is-SRB stieden lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati jesprimu l-interess tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu, fid-dawl tad-deċiżjoni preliminari tiegħu f’dan ir-rigward [547], li fiha kkonkluda, fid-dawl b’teħid inkunsiderazzjoni tal-valutazzjoni 3, li ma kienx obbligat iħallashom kumpens għad-danni. Il-proċedura dwar id-dritt għal smigħ żvolġiet f’żewġ fażijiet suċċessivi, jiġifieri, il-fażi ta’ reġistrazzjoni, li fiha l-azzjonisti u l-kredituri affettwati kienu mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu, u sussegwentement il-fażi ta’ konsultazzjoni, li matulha l-persuni kkonċernati setgħu jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni preliminari li magħha kienet annessa l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 3.

Fi tmiem din il-fażi ta’ konsultazzjoni, is-SRB eżamina l-kummenti rilevanti u rċieva mingħand l-uffiċċju evalwatur dokument ta’ kjarifika li fih dan tal-aħħar ikkonferma li l-istrateġija u x-xenarji differenti ta’ stralċ ipotetiċi ddettaljati fil-valutazzjoni 3, kif ukoll il-metodoloġiji segwiti u l-analiżi mwettqa baqgħu validi.

544 Skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014.

545 Skont l-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament Nru 806/2014.

546 Skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014.

547 Deċiżjoni preliminari tas-SRB dwar in-neċessità li jingħata jew le kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-kredituri li kienu s-suġġett tal-miżuri ta’ riżoluzzjoni li jirrigwardaw Banco Popular u t-tnedija tal-proċedura tad-dritt għal smigħ (SRB/EES/2018/132) (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni preliminari”).

Fis-17 ta’ Marzu 2020, is-SRB adotta d-Deċiżjoni SRB/EES/2020/52, intiża li jiġi ddeterminat jekk kellux jingħata kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-kredituri kkonċernati mill-miżuri ta’ riżoluzzjoni mwettqa fir-rigward ta’ Banco Popular (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), li fiha qies li l-uffiċċju evalwatur kien indipendenti u li l-valutazzjoni 3 kienet konformi mal-qafas legali applikabbli u kienet suffiċjentement immotivata u kompleta. Huwa ppreżenta wkoll il-kummenti trażmessi mill-azzjonisti u l-kredituri affettwati, kif ukoll l-evalwazzjoni tagħhom, u kkonkluda li ma kienx hemm differenza bejn it-trattament li għalih kienu realment suġġetti l-azzjonisti u l-kredituri affettwati u dak li kienu jibbenefikaw minnu li kieku Banco Popular kienet suġġetta għal proċedura normali ta’ insolvenza fid-data tar-riżoluzzjoni.

Permezz tas-sentenzi tagħha, li fihom ċaħdet it-tliet rikorsi, ibbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni, għall-ewwel darba, dwar talba għall-annullament ta’ deċiżjoni tas-SRB dwar l-eventwali kumpens għad-danni tal-azzjonisti u tal-kredituri affettwati wara riżoluzzjoni bankarja. F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali eżaminat diversi kwistjonijiet ġodda mqajma fit-tliet rikorsi, b’mod partikolari kwistjonijiet li kienu jirrigwardaw l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-azzjonisti u tal-kredituri affettwati fil-każ li Banco Popular kienet is-suġġett ta’ proċedura normali ta’ insolvenza, l-indipendenza tal-uffiċċju evalwatur, id-dritt għal smigħ matul il-proċedura, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għall-proprjetà.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq l-argument li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata b’illegalità fir-rigward tal-eżami tal-kwistjoni dwar jekk l-ex azzjonisti ta’ Banco Popular kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar fil-kuntest ta’ proċedura normali ta’ insolvenza.

L-ewwel, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, li mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014 rriżulta b’mod ċar li r-riferiment [548] għat-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-kredituri tal-entità li kieku din kienet suġġetta għal proċedura normali ta’ insolvenza jirreferi għat-trattament ipotetiku tagħhom fil-każ ta’ stralċ tal-entità. Min-naħa l-oħra, il-metodu ta’ valutazzjoni tal-imsemmi trattament iddefinit fir-Regolament Delegat 2018/344 [549] kien jikkorrispondi għal-likwidazzjoni tal-assi tal-istituzzjoni u għalhekk għal stralċ kif iddefinit fil-punt 42 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 806/2014.

It-tieni, sabiex tiġi stabbilita d-differenza fit-trattament, il-paragun kien jirrigwarda t-trattament reali li l-azzjonisti u l-kredituri affettwati kienu s-suġġett tiegħu minħabba r-riżoluzzjoni u l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tagħhom fil-każ li l-miżura ta’ riżoluzzjoni ma tkunx ġiet adottata, jiġifieri fil-każ li l-entità kienet ġiet stralċjata.

It-tielet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-differenza fit-trattament wara riżoluzzjoni deċiża mill-FROB, id-dritt Spanjol jipprevedi li x-xenarju kontrofattwali huwa xenarju ta’ stralċ tal-entità li jieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Spanjola dwar l-istralċ. Minn dan hija kkonkludiet li d-determinazzjoni tad-differenza fit-trattament kellha tkun ibbażata fuq xenarju ta’ stralċ, li jeskludi l-possibbiltà ta’ xenarju bbażat fuq tkomplija tal-operat tal-entità jew fuq arranġament mal-kredituri.

---

[548] Skont l-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament Nru 806/2014.

[549] Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/344 tal-14 ta’ Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x’jaqsmu ma’ metodoloġiji għall-valwazzjoni tad-differenza fit-trattament fir-riżoluzzjoni (ĠU 2018, L 67, p. 3).

Ir-raba', il-Qorti Ġenerali speċifikat li x-xenarju kontrofattwali ta' stralċ previst fl-valutazzjoni 3 kellu jiġi ddefinit fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni. F'din id-data, Banco Popular ma kinitx f'pożizzjoni li tkompli bl-operat tagħha minħabba s-sitwazzjoni ta' likwidità tagħha, is-sitwazzjoni ta' falliment attwali jew probabbli tagħha u minħabba l-possibbiltà ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni bankarja tagħha, u li, għal din ir-raġuni, la arranġament mal-kredituri u lanqas xenarju ta' insolvenza bħala impriża operattiva ma kienu prevedibbli.

Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li l-uffiċċju evalwatur kien imissu wettaq valutazzjoni ta' Banco Popular billi jipprevedi l-bejgħ tal-istituzzjoni ta' kreditu fit-totalità tagħha jew permezz ta' unitajiet ta' produzzjoni, peress li dan il-bejgħ kien jimplika tkomplija tal-attivitajiet tal-impriża. L-uffiċċju evalwatur għaldaqstant ma wettaqx żball meta uża metodoloġija bbażata fuq xenarju ta' stralċ u fuq il-bejgħ tal-assi b'mod individwali jew permezz ta' portafolli.

Il-ħames, id-deċiżjoni kkontestata ma hija vvizzjata b'ebda żball manifest ta' evalwazzjoni la fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' tul massimu tal-proċedura ta' stralċ ta' seba' snin, fid-dawl b'mod partikolari tal-għan li jitwettaq stralċ f'terminu raġonevoli u tal-inċertezzi li jirriżultaw minn perijodu ta' stralċ estiż, u lanqas fir-rigward tal-valutazzjoni tal-portafolli ta' self li jirrendi u li ma jirrendix, tas-sussidjarji ta' proprjetà immobbli ta' Banco Popular u tar-riskji legali.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' indipendenza tal-uffiċċju evalwatur.

L-ewwel, hija rrilevat li ċ-ċirkustanzi tal-każ, minn naħa, ma jistabbilixxux li l-uffiċċju evalwatur, meta wettaq il-valutazzjoni 3, kien influwenzat mill-fatt li huwa kien wettaq il-valutazzjoni 2 u, min-naħa l-oħra, kienu jikkontradixxu l-argument li l-uffiċċju evalwatur seta' raġonevolment jidher li ma kienx oġġettiv jew imparzjali.

Fil-fatt, fl-valutazzjoni 3, l-analiżi tad-differenza fit-trattament kienet ibbażata fuq it-trattament reali li l-azzjonisti u l-kredituri affettwati ngħataw wara r-riżoluzzjoni. L-evalwazzjoni tal-attiv u tal-passiv ta' Banco Popular li tinsab fl-ewwel parti tal-e 2 ma tteħditx inkunsiderazzjoni fil-valutazzjoni 3 u għalhekk ma setgħetx tinfluwenza l-uffiċċju evalwatur meta wettaq din tal-aħħar.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni 2 kien fiha diversi riżervi dwar l-affidabbiltà tas-simulazzjoni tax-xenarju ta' stralċ. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-argument li l-uffiċċju evalwatur, bl-għan li jipproteġi r-reputazzjoni professjonali tiegħu, qies lilu nnifsu marbut bil-konklużjonijiet li jinsabu fil-valutazzjoni 2 meta wettaq il-valutazzjoni 3.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li l-uffiċċju evalwatur kien inċentivat jevita kull rettifika jew modifika tal-konklużjonijiet li jinsabu fil-valutazzjoni 2, minħabba li dan l-argument kien kontradett miċ-ċirkustanzi li fihom twettqu l-valutazzjonijiet 2 u 3. Fil-fatt, il-valutazzjoni 3 kienet ibbażata fuq informazzjoni iktar preċiża minn dik li kellha l-uffiċċju evalwatur fl-istadju tal-valutazzjoni 2. Barra minn hekk, is-SRB, minn meta rċieva l-valutazzjoni 2, kien informat bil-fatt li l-uffiċċju evalwatur kien ser ikollu jibbaża ruħu fuq data ġdida fil-valutazzjoni 3 u għalhekk jibdel l-evalwazzjoni mwettqa fis-simulazzjoni tax-xenarju ta' stralċ. Fil-valutazzjoni 3, l-uffiċċju evalwatur mhux sempliċement ikkonferma r-riżultat tas-simulazzjoni li tinsab fil-valutazzjoni 2. Fil-fatt, is-sempliċi fatt li l-uffiċċju evalwatur wasal għall-istess konklużjoni ma kienx biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li huwa qies lilu nnifsu marbut bl-evalwazzjoni tiegħu mwettqa fil-valutazzjoni 2 meta wettaq il-valutazzjoni 3.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-argument li s-SRB kien imissu uża evalwatur differenti sabiex iwettaq valutazzjoni fuq il-bażi ta' metodu differenti, peress li l-evalwazzjoni tat-trattament tal-azzjonisti u tal-kredituri affettwati kellha ssir skont xenarju ta' stralċ. Bl-istess mod, l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 806/2014 jew tar-Regolament Delegat 2016/1075 ma kienet tipprekludi espliċitament li l-valutazzjonijiet 2 u 3 jitwettqu mill-istess evalwatur.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq nuqqas ta' indipendenza tal-uffiċċju evalwatur minħabba l-allegati rabtiet tiegħu ma' Banco Popular u ma' Banco Santander.

F'dan ir-rigward, hija osservat li, fid-data tal-ħatra tal-uffiċċju evalwatur bħala evalwatur indipendenti, minn naħa, l-identità tax-xerrej ma kinitx magħrufa, b'tali mod li ma kienx possibbli li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rabtiet bejn l-uffiċċju evalwatur u Banco Santander u, min-naħa l-oħra, l-uffiċċju evalwatur ma kienx għadu jipprovdi servizzi ta' awditu lil Banco Santander.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, matul il-proċedura kollha dwar ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, is-SRB żgura, kif kien obbligat jagħmel, li l-uffiċċju evalwatur josserva r-rekwiżiti ta' indipendenza u, b'mod partikolari, dawk dwar l-assenza ta' kunflitt ta' interessi previsti fir-Regolament Delegat 2016/1075 [550].

Għalhekk, is-SRB ma wettaqx żball meta qies li s-servizzi pprovduti mill-uffiċċju evalwatur kemm lil Banco Popular kif ukoll lil Banco Santander ma kinux ta' natura li jinfluwenzaw il-ġudizzju tiegħu fit-twettiq tal-valutazzjoni 3 u għalhekk ma kinux ta' natura li jistabbilixxu l-eżistenza ta' interess reali jew potenzjali sinjifikattiv b'mod komuni jew f'kunflitt magħhom.

Bl-istess mod, l-ebda argument ma kkontesta l-evalwazzjonijiet tas-SRB dwar l-assenza ta' rabta bejn, minn naħa, is-servizzi ta' awditu pprovduti lil Banco Santander mill-uffiċċju evalwatur dwar l-integrazzjoni ta' Banco Popular u, min-naħa l-oħra, l-elementi rilevanti għall-valutazzjoni 3, li kienet tikkonċerna biss l-evalwazzjoni ta' Banco Popular u mhux dik ta' Banco Santander.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma spjegawx kif dawn is-servizzi pprovduti mill-uffiċċju evalwatur kienu ta' natura li jinfluwenzaw jew setgħu raġonevolment jiġu pperċepiti bħala li jinfluwenzaw il-ġudizzju tiegħu fit-twettiq tal-valutazzjoni 3.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-konstatazzjoni li s-SRB kien imissu ħa inkunsiderazzjoni apparenza ta' nuqqas ta' oġġettività jew ta' imparzjalità tal-uffiċċju evalwatur minħabba r-rabtiet tiegħu ma' Banco Santander kienet teżiġi li jiġi stabbilit li, meta l-ewwel wieħed qies, fil-valutazzjoni 3, li l-azzjonisti u l-kredituri affettwati ma kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza, huwa kellu l-intenzjoni li jiffavorixxi lit-tieni waħda. Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-uffiċċju evalwatur ikkonkluda, fil-valutazzjoni 3, li l-azzjonisti u l-kredituri affettwati kienu jibbenefikaw minn trattament aħjar fil-każ ta' stralċ ta' Banco Popular, il-kumpens għad-danni li setgħu jirriżultaw minn dan kien ser jitħallas mill-fond uniku ta' riżoluzzjoni u mhux minn Banco Santander.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li r-riżultat tal-valutazzjoni 3 ma affettwax il-legalità u l-leġittimità tad-deċiżjoni li Banco Popular tiġi suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni u lanqas ma affettwa r-riżultat ta' din ir-riżoluzzjoni, jiġifieri l-bejgħ tagħha lil Banco Santander, u li dan ma setax ikollu l-konsegwenza li jagħti dritt għal kumpens lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati min-naħa ta' Banco Santander.

Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, sa fejn il-valutazzjoni 3, irrispettivament mir-riżultat tagħha, ma setgħetx taffettwa s-sitwazzjoni ta' Banco Santander, l-uffiċċju evalwatur ma kienx f'pożizzjoni li

---

[550] Skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075, tat-23 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 41/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, il-kriterji minimi li l-awtorità kompetenti trid tivvaluta fir-rigward tal-pjanijiet ta' rkupru u l-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju tal-grupp, ir-rekwiżiti għall-valutaturi indipendenti, ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u l-avviż tas-sospensjoni u l-funzjonament operattivi tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni (ĠU 2016, L 184, p. 1).

jiffavorixxiha. Għaldaqstant, ir-rabtiet tagħhom ma setgħux joħolqu dubju leġittimu dwar l-eżistenza ta' eventwali preġudizzju u lanqas ma setgħu jwasslu għal nuqqas ta' oġġettività jew ta' imparzjalità tal-uffiċċju evalwatur. Dawn ir-rabtiet ma kinux jikkostitwixxu ċirkustanza ta' natura tali li ddaħħal inkwistjoni l-indipendenza tiegħu għat-twettiq tal-valutazzjoni 3 u l-ħatra tiegħu mis-SRB bħala evalwatur indipendenti.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq allegat ksur tad-dritt għal smigħ tal-azzjonisti u tal-kredituri, b'mod partikolari, sa fejn is-SRB impona fuqhom li jifformulaw il-kummenti tagħhom f'formola.

F'dan ir-rigward, l-ewwel, hija fakkret li r-rispett tad-dritt għal smigħ għandu jiġi żgurat anki fl-assenza ta' leġiżlazzjoni li tipprevedi espressament l-eżerċizzju ta' dan id-dritt u li la r-Regolament Nru 806/2014 u lanqas il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") ma jipprevedu proċedura speċifika sabiex jiġi implimentat id-dritt għal smigħ. Għalhekk, l-għażla tas-SRB li juża formola sabiex jiġbor il-kummenti tal-azzjonisti u tal-kredituri affettwati kienet taqa' taħt il-marġni ta' evalwazzjoni tiegħu fl-organizzazzjoni ta' din il-proċedura, sabiex jippermetti lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal smigħ, kemm-il darba jkunu jistgħu jeżerċitawh b'mod effettiv u utli.

It-tieni, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali osservat li s-SRB eżamina l-kummenti kollha rċevuti u spjega, fid-deċiżjoni kkontestata, għal liema raġuni wħud minn dawn il-kummenti ma kinux rilevanti għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u ċaħdet l-argument ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal smigħ minħabba li s-SRB ċaħad kummenti irrilevanti.

It-tielet, hija kkonstatat li, fil-formola, il-mistoqsijiet kienu redatti b'mod newtrali fil-forma ta' preżentazzjoni qasira tas-suġġett ikkonċernat u ta' riferiment għall-partijiet tad-deċiżjoni preliminari jew tal-valutazzjoni 3 imsemmija, segwita minn stedina lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom jew l-opinjonijiet tagħhom dwar dan is-suġġett.

Ir-raba', il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument dwar il-limitazzjoni tat-tul tat-tweġibiet għall-formola minħabba li kien purament teoretiku u ma setax jistabbilixxi b'mod suffiċjenti fid-dritt li, fin-nuqqas ta' tali limitu, il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti.

Fil-fatt, minn naħa, il-kummenti ppreżentati matul il-proċedura dwar id-dritt għal smigħ bi tweġiba għall-formola kienu s-suġġett ta' analiżi ddettaljata fid-deċiżjoni kkontestata u wasslu għall-adozzjoni mill-uffiċċju evalwatur tad-dokument ta' kjarifika. Għalhekk, minkejja li t-tul tal-kummenti kien limitat, is-SRB u l-uffiċċju evalwatur wieġbu għalihom b'mod iddettaljat.

Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma indikawx liema kummenti, minbarra dawk li kienu ġew ifformulati u li kienu wieġbu għalihom is-SRB u l-uffiċċju evalwatur, huma kienu preklużi milli jagħmlu minħabba d-daqs tal-formola. Huma lanqas ma ppreċiżaw liema huma d-dokumenti li xtaqu jkunu jistgħu jehmżu mal-formola.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala ineffettiv il-motiv, ibbażat fuq l-argument li l-valutazzjoni 3 kienet ibbażata fuq bażi żbaljata li tirrigwarda s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Banco Popular fil-mument tar-riżoluzzjoni tagħha.

Fil-fatt, hija fakkret li l-evalwazzjoni tad-differenza fit-trattament kellha ssir fil-mument li fih l-iskema ta' riżoluzzjoni ġiet adottata. Issa, il-perizja tal-Bank ta' Spanja tat-8 ta' April 2019, li fuqha jibbażaw ruħhom ir-rikorrenti u li l-produzzjoni tagħha permezz ta' miżura istruttorja kienet mitluba, kienet tikkonċerna avvenimenti preċedenti għar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, li ma kinux rilevanti sabiex titwettaq il-valutazzjoni 3.

Fil-ħames lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq l-argument li s-SRB iddelega indebitament lill-uffiċċju evalwatur is-setgħat deċiżjonali mogħtija lilu mir-Regolament Nru 806/2014.

L-ewwel, wara li kkonstatat li r-rikorrenti la qajmu eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 806/2014, la lmenti bbażati fuq l-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali mis-SRB jew fuq nuqqas ta' ċarezza tad-delimitazzjoni tal-kompetenzi ta' dan tal-aħħar f'dan ir-regolament, u lanqas ilmenti bbażati fuq il-ksur tal-imsemmi regolament mis-SRB, sa fejn huwa aġixxa lil hinn mis-setgħat mogħtija lilu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-argumenti intiżi li jikkritikaw lis-SRB minħabba l-għoti ta' setgħa deċiżjonali lill-uffiċċju evalwatur ma setgħux jistabbilixxu ksur tal-prinċipji relatati mad-delega ta' setgħa.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali fakkret li d-deċiżjoni li ma jingħatax kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-kredituri affettwati ġiet effettivament adottata mis-SRB u mhux mill-uffiċċju evalwatur.

Barra minn hekk, skont ir-Regolament Nru 806/2014, l-aspetti ekonomiċi u tekniċi tal-evalwazzjoni tat-trattament li kienu jibbenefikaw minnu l-azzjonisti u l-kredituri affettwati li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza kellhom jiġu evalwati minn evalwatur indipendenti u mhux mis-SRB innifsu. Għalhekk, il-fatt li s-SRB inkariga lill-uffiċċju evalwatur bit-twettiq tal-valutazzjoni 3 ma setax jiġi interpretat bħala delega tas-setgħa tiegħu li jadotta d-deċiżjoni.

It-tielet, minn naħa, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014, il-fatt li s-SRB approva l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni 3 ma setax jiġi interpretat bħala assenza ta' stħarriġ minnu tal-osservanza tar-rekwiżiti li l-evalwatur indipendenti kellu jikkonforma ruħu magħhom meta jwettaq il-valutazzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, mill-kontenut stess tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li s-SRB ma llimitax ruħu li jiġbor fil-qosor il-valutazzjoni 3 u d-dokument ta' kjarifika, iżda eżamina l-validità tagħhom fid-dawl tal-kummenti tal-azzjonisti u tal-kredituri affettwati.

Fis-sitt lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv.

Fir-rigward tan-nuqqas ta' żvelar ta' ċerta informazzjoni fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 3, annessa mad-deċiżjoni preliminari, il-Qorti Ġenerali rrilevat li ma kienx ikkontestat il-fatt li l-evalwazzjoni tas-SRB li l-informazzjoni moħbija dwar ir-riżervi għal riskji legali li tinsab fil-valutazzjoni 3 kienet koperta mis-sigriet professjonali u kienet kunfidenzjali, bl-istess mod bħalma lanqas ma kien ikkontestat il-fatt li s-SRB kellu l-obbligu li jipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali [551]. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma indikawx li din l-informazzjoni moħbija kienet neċessarja sabiex tinftiehem id-deċiżjoni kkontestata jew għall-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

Fis-seba' lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li r-Regolament Nru 806/2014 jistabbilixxi mekkaniżmu intiż li jiggarantixxi lill-azzjonisti u lill-kredituri tal-entità suġġetta għal riżoluzzjoni kumpens ġust skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 17(1) tal-Karta.

F'dan il-każ, fin-nuqqas ta' stabbiliment tal-fatt li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkluda, abbażi tal-valutazzjoni 3, li l-azzjonisti u l-kredituri affettwati ta' Banco Popular ma kinux ikunu ttrattati aħjar fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza milli fil-kuntest tar-riżoluzzjoni, ir-rikorrenti ma rnexxilhomx juru ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom li jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata.

Barra minn hekk, ma setax jiġi validament sostnut li s-SRB kiser l-Artikolu 17 tal-Karta sa fejn il-valur tal-kumpens għad-danni abbażi tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jiġi ttrattat b'mod agħar ġie

---

[551] Skont l-Artikolu 88(5) tar-Regolament Nru 806/2014.

kkalkolat abbażi tal-agħar xenarju possibbli għall-azzjonisti, jiġifieri proċedura ta’ stralċ ta’ Banco Popular. Fil-fatt, l-applikazzjoni ta’ xenarju kontrofattwali ta’ stralċ hija konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli.

# XI. Kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni

### Sentenza tas-26 ta' April 2023, OHB System vs Il-Kummissjoni (T-54/21, EU:T:2023:210)

*"Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Proċedura ta' sejħa għal offerti – Djalogu kompetittiv – Provvista ta' satelliti ta' tranżizzjoni Galileo – Ċaħda tal-offerta ta' offerent – Kriterji ta' esklużjoni – Mġiba professjonali ħażina serja ta' offerent – Assenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali – Tressiq tal-każ quddiem il-bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju – Ugwaljanza fit-trattament – Offerta anormalment baxxa – Żball manifest ta' evalwazzjoni"*

Permezz ta' avviż ta' kuntratt tal-15 ta' Mejju 2018 [552], l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), li aġixxiet f'isem u għan-nom tal-Kummissjoni, kienet nediet proċedura ta' sejħa għal offerti dwar il-provvista ta' satelliti ta' tranżizzjoni fil-kuntest tal-programm Galileo, li kien intiż li jimplimenta u juża sistema Ewropea ta' radjunavigazzjoni u ta' pożizzjonament permezz tas-satellita għal finijiet ċivili. Din il-proċedura kienet tnediet fil-forma ta' djalogu kompetittiv, peress li l-Kummissjoni kienet diġà identifikat u ddefinixxiet il-bżonnijiet tagħha, iżda kienet għadha ma ddefinixxietx il-mezzi preċiżi l-iktar adatti sabiex tissodisfahom. L-ESA ġiet inkarigata li torganizza l-proċedura ta' sejħa għal offerti filwaqt li l-Kummissjoni baqgħet l-awtorità kontraenti [553]. Kien ġie deċiż li setgħu jintgħażlu żewġ offerenti rebbieħa u li l-għoti tal-kuntratt kellu jkun ibbażat fuq l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

Wara l-ewwel fażi tad-djalogu kompetittiv, li fiha saret stedina sabiex titressaq talba għal parteċipazzjoni, l-ESA għażlet tliet offerenti, jiġifieri OHB System AG, ir-rikorrenti, Airbus Defence and Space GmbH (iktar 'il quddiem "ADS") u Thales Alenia Space Italia (iktar 'il quddiem "TASI"). Wara t-tieni fażi, li kienet intiża għall-identifikazzjoni u d-definizzjoni tal-mezzi xierqa sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-awtorità kontraenti, u wara t-tielet waħda, li matulha l-ESA stiednet lill-offerenti jissottomettu l-"offerta finali" tagħhom, l-offerti finali ġew evalwati minn kumitat ta' evalwazzjoni li ppreżenta r-riżultati tiegħu f'rapport ta' evalwazzjoni. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni li ma taċċettax l-offerta tar-rikorrenti kif ukoll id-deċiżjoni li tagħti l-kuntratt lil TASI u lil ADS (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati"), li ġew ikkomunikati lir-rikorrenti permezz ta' ittra tad-19 ta' Jannar 2021.

Qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, ir-rikorrenti kienet, permezz ta' ittra tat-23 ta' Diċembru 2020, informat lill-Kummissjoni u lill-ESA li wieħed mill-ex impjegati tagħha, direttur ġenerali amministrattiv, li kellu aċċess wiesa' għad-data tal-proġett u li kien ipparteċipa fil-preparazzjoni tal-offerta tagħha, kien ġie ingaġġat f'Diċembru 2019 minn ADS. Hija argumentat li kienu jeżistu indizji li dan l-ex impjegat kien kiseb informazzjoni sensittiva u li kienet infetħet investigazzjoni kriminali nazzjonali, wara l-ment li hija kienet ippreżentat kontrih. Għaldaqstant, hija kienet talbet lill-Kummissjoni tissospendi d-djalogu kompetittiv kontenzjuż, tinvestiga l-kwistjoni u, jekk ikun il-każ,

[552] Avviż ta' kuntratt ippubblikat fis-Suppliment ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-15 ta' Mejju 2018 (ĠU 2018/S 091–206089).

[553] Konformement mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2013, L 347, p. 1), il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet konvenzjoni ta' delega mal-ESA għall-fażi ta' dispjegament tal-programm Galileo.

teskludi lil ADS minn dan id-djalogu. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li ma kienx hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex tiġi ġġustifikata tali sospensjoni u li, peress li l-allegazzjonijiet kienu s-suġġett ta' investigazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, fl-assenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali li tikkonċernahom, ma kienx hemm raġuni sabiex ADS tiġi eskluża mid-djalogu kompetittiv kontenzjuż.

Adita b'rikors għal annullament kontra d-deċiżjonijiet ikkontestati, li hija ċaħdet fit-totalità tiegħu, il-Qorti Ġenerali għamlet b'mod partikolari preċiżazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-kriterji ta' esklużjoni ta' offerent u dwar it-tressiq ta' każ quddiem il-bord skont ir-Regolament Finanzjarju tal-2018 [554]. Hija għamlet l-istess fir-rigward tal-obbligu ta' verifika tal-punti kostitwenti ta' offerta meqjusa anormalment baxxa u tal-awtonomija tad-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni, fil-każijiet li fihom l-awtorità kontraenti sempliċement tadotta l-motivazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq allegat ksur tal-kriterji ta' esklużjoni ta' offerent previsti mir-Regolament Finanzjarju tal-2018.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali fakkret li awtorità kontraenti għandha teskludi lil offerent mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' sejħa għal offerti meta dan ikun jinsab f'waħda jew f'diversi mis-sitwazzjonijiet li jikkorrispondu għat-tliet kriterji ta' esklużjoni previsti mir-Regolament Finanzjarju tal-2018.

F'dan il-każ, hija kkonstatat li, fl-assenza, fil-mument tad-djalogu kompetittiv, ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali li tistabbilixxi li l-offerent ikkonċernat jew persuna fiżika jew ġuridika, membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' dan l-offerent jew li jkollu setgħat ta' rappreżentanza, ta' deċiżjoni jew ta' kontroll fuqu, ikun ħati ta' mġiba professjonali ħażina serja, l-ewwel żewġ kriterji ma jkunux applikabbli. Skont it-tielet kriterju ta' esklużjoni, l-uniku kriterju li seta' jiġi applikat f'dan il-każ, fl-assenza ta' sentenza finali jew ta' deċiżjoni amministrattiva finali, l-awtorità kontraenti setgħet tieħu deċiżjoni li teskludi offerent minn proċedura ta' sejħa għal offerti biss abbażi ta' klassifikazzjoni preliminari [555], u dan biss wara li tkun kisbet rakkommandazzjoni mill-bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju tal-2018, li tgħid li jiġi stabbilit, fid-dawl tal-fatti u tal-konstatazzjonijiet, li l-offerent kellu mġiba professjonali ħażina serja.

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk, billi ma ressqitx każ quddiem dak il-bord f'din il-kawża, il-Kummissjoni naqsitx milli tissodisfa l-obbligi tagħha bi ksur tat-tielet kriterju ta' esklużjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-għan sottostanti għat-tressiq ta' każ quddiem il-bord huwa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li l-klassifikazzjoni ġuridika preliminari, li tappartjeni esklużivament lill-bord, tirrigwarda, minn naħa, neċessarjament l-aġir tal-offerenti stess u, min-naħa l-oħra, fatti jew konstatazzjonijiet stabbiliti, essenzjalment, fil-kuntest ta' awditu jew ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jew, skont il-każ, tal-Istati Membri. Minn dan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-awtorità kontraenti għandha tressaq il-każ quddiem il-bord biss meta l-fatti stabbiliti li hija jkollha jikkostitwixxu indizji, u mhux sempliċement suspetti, suffiċjenti

---

554 Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1), u b'mod iktar partikolari skont l-Artikoli 136 u 145 ta' dan ir-regolament.

555 Fis-sens tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-2018.

sabiex tiġi stabbilita preżunzjoni ta' ħtija tal-offerent. Issa, f'dan il-każ, hija kkonstatat li, l-ewwel, l-ittra tat-23 ta' Diċembru 2020 kienet l-unika element li kellha l-Kummissjoni, dwar allegata mġiba ħażina ta' ADS. It-tieni, l-allegazzjonijiet li r-rikorrenti fformulat f'dik l-ittra ma kinux joħorġu minn fatti u konstatazzjonijiet fil-kuntest ta' awditu jew ta' investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jew mill-Istati Membri. It-tielet, ebda prova li setgħet tissostanzja l-allegazzjonijiet imsemmija ma ġiet prodotta ma' din l-ittra. Ir-raba', l-ilmenti fformulati ma kinux jirrigwardaw l-aġir ta' ADS iżda l-aġir allegat tal-ex impjegat tar-rikorrenti.

Minn dan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li dawn l-allegazzjonijiet ma setgħux jitqiesu li kienu fatti jew konstatazzjonijiet li setgħu jikkostitwixxu indizji suffiċjenti sabiex jissostanzjaw preżunzjoni ta' ħtija ta' ADS, li kienet tiġġustifika li l-każ jitressaq quddiem il-bord.

Ladarba waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx madankollu obbligata li tinvestiga dawn l-allegazzjonijiet. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-unika mġiba li ADS kienet ikkritikata għaliha kienet il-fatt li ngaġġat, matul il-proċedura ta' sejħa għal offerti inkwistjoni, ex impjegat tar-rikorrenti. Issa, bħala prinċipju, dan il-fatt ma jikkostitwixxix, fih innifsu, indizju ta' mġiba li tista' tikkostitwixxi mġiba professjonali ħażina serja.

Bl-istess mod, fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq l-aspett li l-ex impjegat tagħha kien kiser is-sigriet professjonali sa fejn huwa kien illegalment kiseb informazzjoni sensittiva li tikkonċernaha, li setgħet tagħti lil ADS vantaġġ indebitu matul id-djalogu kompetittiv kontenzjuż, il-Qorti Ġenerali qieset li tali ksur ma kienx jikkostitwixxi, fi kwalunkwe każ, l-indizju ta' mġiba ta' ADS stess u għalhekk ma setax jistabbilixxi preżunzjoni ta' ħtija tagħha. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' argumenti u ta' elementi konkreti prodotti mir-rikorrenti fl-ittra tagħha ta' Diċembru 2020, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-allegazzjoni dwar il-kisba ta' informazzjoni sensittiva, li seta' jkun ta vantaġġ indebitu lil ADS, kienet vaga u ipotetika, b'tali mod li ma kinitx tikkostitwixxi indizju. Mill-bqija, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-ex impjegat kien telaq minn mar-rikorrenti ftit wara l-preżentata tal-offerta riveduta tagħha fil-kuntest tat-tieni fażi tad-djalogu kompetittiv, b'tali mod li ma kienx, fi kwalunkwe każ, f'pożizzjoni li jkollu informazzjoni fuq id-djalogu li kien seħħ bejn ir-rikorrenti u l-ESA matul it-tielet fażi, u lanqas fuq il-kontenut tal-offerta finali tar-rikorrenti.

Konsegwentement, peress li l-allegazzjonijiet inklużi fl-ittra ta' Diċembru 2020 ma kinux ta' natura li jikkostitwixxu indizji suffiċjenti sabiex jistabbilixxu preżunzjoni ta' ħtija ta' ADS li tiġġustifika li jitressaq każ quddiem il-bord, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata twettaq investigazzjoni dwarhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-obbligi dwar l-eżami tal-offerti anormalment baxxi. Hija fakkret li, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-2018, l-evalwazzjoni mill-awtorità kontraenti tal-eżistenza ta' offerti anormalment baxxi, kunċett evalwat fil-konfront tal-punti kostitwenti tal-offerta u tas-servizz inkwistjoni, isseħħ f'żewġ stadji [556]. Fl-ewwel stadju, l-awtorità kontraenti għandha tevalwa jekk l-offerti proposti jinkludux indizju ta' natura li jqajjem is-suspett li dawn jistgħu jkunu anormalment baxxi. Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta jkun jidher mhux ċert, minn naħa, li l-offerta tosserva l-leġiżlazzjoni fis-seħħ u, min-naħa l-oħra, li l-prezz propost jinkludi l-ispejjeż kollha involuti mill-aspetti tekniċi tal-offerta. L-istess japplika meta l-prezz propost ikun kunsiderevolment inferjuri għal dak tal-offerti l-oħrajn jew għall-prezz normali tas-suq. Fit-tieni stadju, jekk tali indizji jeżistu, l-awtorità kontraenti għandha tagħmel il-verifika tal-punti kostitwenti tal-offerta billi tagħti lill-offerent ikkonċernat il-possibbiltà li jiġġustifika l-prezz tiegħu. Jekk, minkejja l-ispjegazzjonijiet ipprovduti, l-awtorità kontraenti tiddetermina li l-offerta jkollha natura anormalment baxxa, hija għandha tiċħadha.

[556] L-ewwel paragrafu tal-punt 23.1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness I, u punt 23.2 tar-Regolament Finanzjarju tal-2018.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-differenza bejn il-prezz tal-offerta finali ta' ADS u dak tal-offerti l-oħra ma setgħetx tikkostitwixxi, waħedha, indizju tan-natura anormalment baxxa tagħha, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-kuntratt inkwistjoni. Minn naħa, il-proċedura ta' sejħa għal offerti ġiet imnedija fil-forma ta' djalogu kompetittiv, għaliex il-Kummissjoni ma kinitx għadha ddefinixxiet il-mezzi preċiżi sabiex tissodisfa l-bżonnijiet tagħha. Għalhekk, il-prezzijiet tal-offerti kienu jiddependu minn diversi soluzzjonijiet u mezzi tekniċi proposti minn kull offerent. Min-naħa l-oħra, mill-karatteristiċi partikolari tas-satelliti inkwistjoni rriżulta li dawn ma kinux oġġetti li għalihom jeżisti prezz standard jew prezz tas-suq. Barra minn hekk, lil hinn mid-differenza fil-prezz, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda argument konkret insostenn tal-allegazzjoni tagħha li l-offerta ta' ADS kellha tidher anormalment baxxa.

Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma kienx intwera li kien hemm indizji ta' natura li jqajmu s-suspett tal-Kummissjoni li l-offerta ta' ADS setgħet tkun anormalment baxxa. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata twettaq verifika tal-punti kostitwenti tal-offerta ta' ADS sabiex tiżgura ruħha li din ma kinitx anormalment baxxa.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-aspett li, billi sempliċement ikkonfermat ir-riżultati li jinsabu fir-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha li tadotta deċiżjoni awtonoma fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt.

Minn naħa, ċertament, il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà ġenerali tal-programm Galileo u, għall-fażi tat-tnedija ta' dan il-programm, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' delega mal-ESA li jippreċiża l-kompiti ta' din tal-aħħar, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-għoti tal-kuntratti relatati mas-sistema. Huwa preċiżament fil-kuntest tal-ftehim ta' delega li ġie konkluż bejn il-Kummissjoni u l-ESA li din tal-aħħar, li aġixxiet f'isem u għan-nom tal-Kummissjoni, kienet inkarigata li torganizza d-djalogu kompetittiv kontenzjuż, filwaqt li l-Kummissjoni baqgħet l-awtorità kontraenti. Madankollu, ir-responsabbiltà tal-programm Galileo ma tistax tbiddel, jew saħansitra żżid, l-obbligi tal-Kummissjoni bħala awtorità kontraenti.

Min-naħa l-oħra, fil-każijiet fejn kumitat ta' evalwazzjoni jkun inħatar mill-awtorità kontraenti, konformement mar-Regolament Finanzjarju tal-2018, huwa dan il-kumitat li għandu jagħmel l-evalwazzjoni tal-offerti fir-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu. Għalkemm huwa minnu li l-awtorità kontraenti ma hijiex marbuta b'dan ir-rapport, hija għandha d-dritt tibbaża ruħha fuqu sabiex tagħti l-kuntratt inkwistjoni. Għaldaqstant, il-fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati ġew motivati bir-riferiment għar-rapport ta' evalwazzjoni, u l-Kummissjoni adottat l-opinjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni inkarigat li jevalwa l-offerti ppreżentati, ma jneħħi xejn mill-fatt li dawn ġew adottati b'mod awtonomu.

## Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2023, Instituto Cervantes vs Il-Kummissjoni (T-376/21, EU:T:2023:331)

*"Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Proċedura ta' sejħa għal offerti – Provvista ta' servizzi ta' taħriġ fil-lingwi lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni – Klassifikazzjoni ta' offerent fil-proċedura ta' kaskata – Obbligu ta' motivazzjoni – Elementi tal-offerta aċċessibbli permezz ta' ħolqa hypertext – Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni – Użu ħażin ta' poter"*

Permezz ta' avviż ta' kuntratt tal-20 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea nediet, fi proċedura miftuħa, sejħa għal offerti għat-taħriġ fil-lingwi għall-istituzzjonijiet, għall-entitajiet u għall-aġenziji tal-Unjoni Ewropea. Dan il-kuntratt kien maqsum fi tmien lottijiet, fosthom il-Lott Nru 3, intitolat "Taħriġ fl-Ispanjol (ES)". L-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt għas-sejħa ta' offerti kontenzjuża kienu jindikaw li, sabiex jingħata l-kuntratt, l-awtorità kontraenti kellha tibbaża ruħha fuq l-offerta l-iktar ekonomikament vantaġġuża. Fir-rigward tal-modalitajiet ta' sottomissjoni ta' offerta, l-

ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt kienu jipprevedu, b'mod partikolari, li l-offerti kellhom jiġu sottomessi permezz tal-applikazzjoni eSubmission.

Fid-19 ta' April 2021, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni. B'hekk, hija tat il-Lott Nru 3 (Lingwa Spanjola) tal-kuntratt, lil-offerent fl-ewwel post fil-klassifika, jiġifieri l-grupp CLL Centre de Langues-Allingua (iktar 'il quddiem il-"grupp CLL") u lill-offerent fit-tieni post fil-klassifika, jiġifieri r-rikorrent, l-Instituto Cervantes.

Fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratt, ir-rikorrent kien tella' fuq il-pjattaforma eSubmission ċerti elementi li kienu jispjegaw il-proposta teknika deskritta fl-offerta tiegħu, liema elementi kienu aċċessibbli biss permezz ta' ħoloq hypertext integrati fl-offerta. Fl-iskeda ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni informat lir-rikorrent bil-fatt li hija kienet ċaħdet dawn l-elementi u li ma kinitx evalwathom, minħabba li ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u li kien hemm riskju li ssir modifika tal-offerta permezz tal-imsemmija ħoloq hypertext wara d-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti. B'hekk, il-Kummissjoni qieset li d-dokumenti aċċessibbli biss permezz tal-imsemmija ħoloq hypertext kienu nieqsa.

Adita b'rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni kkontestata, li hija ċaħdet fl-intier tiegħu, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat deċiżjoni, għall-ewwel darba, dwar il-kwistjoni marbuta mal-użu ta' ħoloq hypertext mill-offerenti sabiex jissottomettu l-elementi tal-offerta tagħhom, minkejja li dan il-metodu ta' komunikazzjoni ma kienx previst fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, u dwar il-konsegwenzi li jirriżultaw minn tali użu fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-offerti u tal-għoti tal-punti.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi bbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

L-ewwel, hija ċaħdet l-argument ibbażat fuq l-impossibbiltà għar-rikorrent li jsir jaf bil-vantaġġi tal-offerta magħżula. Fil-fatt, hija kkonstatat li, minkejja li l-evalwazzjonijiet li jikkonċernaw ċerti subkriterji kienu konċiżi, kien possibbli, qabelxejn, li wieħed jifhem li l-offerta tal-grupp CLL kienet tippreżenta diversi kwalitajiet li jmorru lil hinn minn dawk tal-offerta tar-rikorrent. Sussegwentement, kien possibbli li wieħed ikun jaf il-livell ta' kwalità tal-offerta tar-rikorrent, li kien iktar baxx. Fl-aħħar nett, ma setax jiġi injorat li n-nuqqas ta' dokumenti li kien jikkonċerna element importanti ta' kors tal-lingwa, jiġifieri l-eżerċizzji, kien ippreżentat bħala punt dgħajjef tal-offerta tar-rikorrent, li wassal għal telf ta' punti. Bl-istess mod, billi n-nuqqas ta' dokumenti ma kienx l-uniku nuqqas li ġġustifika t-telf ta' punti fl-evalwazzjoni tal-offerta tar-rikorrent, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni marbut mal-inkoerenza tar-rabta bejn din l-evalwazzjoni u l-punteġġ attribwit.

It-tieni, hija ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-impossibbiltà għar-rikorrent li jsir jaf in-numru preċiż ta' punti li tnaqqsu minħabba n-nuqqas ta' dokumenti. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ma stabbilixxew l-ebda piż bejn l-elementi differenti li kienu jagħmlu parti mid-deskrizzjoni ta' kull subkriterju, għaliex ma kienx il-każ ta' "sottosubkriterji" intiżi li jiġu evalwati b'mod separat, iżda ta' deskrizzjoni tal-kontenut ta' kull subkriterju. Għaldaqstant, ma kienx meħtieġ li kull kumment negattiv jew pożittiv fl-evalwazzjoni jingħata piż speċifiku, iżda kien meħtieġ li r-rikorrent seta' jifhem ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni tattribwixxi għall-offerta tiegħu l-punteġġ li din tkun kisbet għal kull subkriterju, ħaġa li huwa kien tabilħaqq f'pożizzjoni li jagħmel. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni indika l-vantaġġi tal-offerta magħżula fil-kuntest ta' kull subkriterju u li l-Kummissjoni ma setgħetx tintalab, f'dan il-każ, tagħti piż speċifiku lil kull kumment pożittiv jew negattiv relatat mal-elementi varji li jagħmlu parti mid-deskrizzjoni ta' kull subkriterju.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, minħabba n-natura illoġika, sproporzjonata u mhux trasparenti tar-rabta bejn l-evalwazzjoni u l-punteġġ attribwit fil-kuntest ta' ċerti subkriterji. Kien għalhekk li, fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' trasparenza, sa fejn il-piż speċifiku mogħti lil xi element tal-kriterju affettwat min-nuqqas ta' dokumenti ma kienx

ġie ddikjarat fid-dokumenti tal-kuntratt, il-Qorti Ġenerali fakkret li n-nuqqas ta' dokumenti ma kienx l-uniku nuqqas li ġġustifika t-telf ta' punti. Għaldaqstant, it-tnaqqis ta' punti inkwistjoni ma setax jiġi kklassifikat bħala manifestament inkoerenti fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati.

Barra minn hekk, l-importanza speċifika mogħtija lil xi element tal-offerta u l-attribuzzjoni ta' punti għal kull sottosubkriterju jew kull element ta' subkriterju kienu jaqgħu taħt il-marġni ta' evalwazzjoni wiesa' tal-Kummissjoni. B'hekk, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tistħarreġ, bħala tali, l-importanza mogħtija lil ċerti elementi fil-kuntest ta' sottosubkriterju, iżda kienet limitata tistħarreġ jekk kinitx ġiet stabbilita jew le l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni. Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrent ma weriex tali żball, peress li n-nuqqas ta' dokumenti identifikat mill-Kummissjoni kien jikkonċerna element importanti ta' kors tal-lingwa u seta' leġittimament iwassal għal tnaqqis ta' punti, mingħajr ma ntwera li l-imsemmi tnaqqis ta' punti kien manifestament żbaljat.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, minħabba ċ-ċaħda tal-elementi tal-offerta aċċessibbli permezz ta' ħolqa hypertext.

Fil-fatt, fid-dawl tal-kliem tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, l-"offerta" kellha tittella' direttament fuq il-pjattaforma eSubmission u kienu biss id-dokumenti li segwew dan il-proċess li kienu jagħmlu parti mill-imsemmija offerta. Għaldaqstant, konformement mal-għan li tfittex li tilħaq l-applikazzjoni eSubmission, li huwa li tiffaċilita s-sottomissjoni tal-offerti permezz ta' applikazzjoni sigura, ir-rikorrent ma setax jissottometti ċerti partijiet mill-offerta tiegħu billi jagħmel użu minn ħoloq hypertext li jwasslu għal dokument aċċessibbli fuq sit internet taħt il-kontroll tal-offerent. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-dokumenti miksuba permezz tal-ħoloq hypertext inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li s-sottomissjoni permezz ta' din l-applikazzjoni sigura tippermetti li tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti billi tiggarantixxi li l-awtorità kontraenti żżomm kontroll tad-dokumenti li jiġu sottomessi lilha. B'hekk hija tevita kull riskju li ssir modifika f'dokumenti aċċessibbli biss permezz ta' ħolqa hypertext u li għalhekk ma jkunux ittellgħu direttament fuq l-applikazzjoni eSubmission. Minn dan hija ddeduċiet li, f'dan il-kuntest, offerent raġonevolment mgħarraf u normalment diliġenti jkun f'pożizzjoni li jkun jaf li huwa obbligat jissottometti l-offerta tiegħu fit-terminu stabbilit u li, lil hinn minn dan it-terminu, din tal-aħħar ma tkunx tista' tiġi mmodifikata iktar. Konsegwentement, tali offerent ma jistax jiddeduċi mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt inkwistjoni li huwa permess li jinkludi ħoloq hypertext fl-offerta tiegħu li jwasslu għal dokument aċċessibbli fuq sit internet taħt il-kontroll tiegħu.

Barra minn hekk, peress li l-inklużjoni ta' ħoloq hypertext fl-offerta tar-rikorrent ma kinitx permessa, il-Kummissjoni la kienet marbuta tivverifika jekk id-dokumenti inkwistjoni kinux ġew immodifikati u lanqas li taċċettahom. F'kull każ, dawn id-dokumenti kienu fuq sit internet taħt il-kontroll tal-offerent u l-provi miġjuba mir-rikorrent kienu jfittxu jipprovaw il-fatt li d-dokumenti inkwistjoni ma ġewx immodifikati u mhux il-fatt li dawn ma setgħux jiġu modifikati.

Fl-aħħar nett, l-argument ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ ma setax jintlaqa' għaliex, minkejja li l-offerent kellu jkun f'pożizzjoni li jagħti b'mod utli l-opinjoni tiegħu dwar l-elementi li fuqhom l-amministrazzjoni kien biħsiebha ssejjes id-deċiżjoni tagħha, dan id-dritt kien żgurat fil-mument li ġiet ippreżentata l-offerta tiegħu, kif ukoll mill-possibbiltà tal-offerent li jitlob kjarifiki dwar id-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Għaldaqstant, il-fatt li, wara l-evalwazzjoni tal-offerti, ma kien previst ebda stadju sussegwenti sabiex jingħataw spjegazzjonijiet addizzjonali ma kienx jikkostitwixxi ksur tad-dritt għal smigħ.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat, essenzjalment, fuq l-argument li l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha li tqabbel il-proposta teknika tal-grupp CLL u dik tar-rikorrent. Fil-fatt, xejn ma ssuġġerixxa li l-Kummissjoni ma osservatx ir-rekwiżit li tidentifika l-offerta "l-iktar ekonomikament vantaġġuża" abbażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw l-osservanza tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament, bil-għan li jiġi żgurat paragun oġġettiv tal-valur

relattiv tal-offerti. L-evalwazzjoni tal-offerta tal-grupp CLL saret mill-Kumitat fid-dawl tal-kriterji ta' għoti tekniċi li kienu jinsabu fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, kif proprju saret ukoll l-evalwazzjoni tal-offerta tar-rikorrent.

Fil-ħames lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat, essenzjalment, fuq l-argument li l-Kummissjoni, b'mod abbużiv, implimentat prattika li wasslitha tonqos milli tfittex l-għan tal-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi li l-kuntratti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu miftuħa għall-kompetizzjoni l-iktar wiesgħa, billi l-lottijiet tal-kuntratt ta' taħriġ fil-lingwi tathom kollha lil fornitur ta' servizzi wieħed, jiġifieri l-grupp CLL.

Fil-fatt, awtorità kontraenti ma tistax tinżamm milli tagħti l-lottijiet kollha ta' kuntratt pubbliku lill-istess offerent, kemm-il darba l-offerti tiegħu, meta mqabbla ma' dawk tal-offerenti l-oħra, ikunu ekonomikament l-iktar vantaġġużi u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti jiġi osservat, sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni b'saħħitha u effettiva bejn il-parteċipanti tal-imsemmija proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li r-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri żewġ aspetti. Dan ikopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva tal-membri ta' korp, fis-sens li ebda membru tal-korp kkonċernat ma għandu juri li jkun ħa pożizzjoni jew li jkollu preġudizzju personali, liema imparzjalità tkun preżunta sakemm ma jiġix ipprovat mod ieħor u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li dan il-korp għandu jagħti garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kull dubju leġittimu f'dan ir-rigward. Issa, f'dan il-każ, minn naħa, ma ġietx invokata l-parzjalità suġġettiva tal-membri tal-Kumitat u, min-naħa l-oħra, ma ntweriex li n-nuqqas ta' obbligu li ssir evalwazzjoni tal-kwalità tal-offerta teknika qabel l-evalwazzjoni tal-prezz wassal, b'mod partikolari, għal ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

# XII. Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet

## Sentenza tal-25 ta' Jannar 2023, De Capitani vs Il-Kunsill (T-163/21, EU:T:2023:15)

*"Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti li jikkonċernaw proċedura leġiżlattiva pendenti – Gruppi ta' ħidma tal-Kunsill – Dokumenti li jikkonċernaw proposta leġiżlattiva li għandha bħala suġġett l-emenda tad-Direttiva 2013/34/UE dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi – Rifjut parzjali tal-aċċess – Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali"*

Ir-rikorrent, Emilio De Capitani, kien ressaq talba għal aċċess [557] għal ċerti dokumenti skambjati fi ħdan il-grupp ta' ħidma "Dritt tal-kumpanniji" tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea marbuta mal-proċedura leġiżlattiva li kellha bħala suġġett l-emenda tad-Direttiva 2013/34 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali [558]. Il-Kunsill kien irrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti għar-raġuni li l-iżvelar tagħhom kien ser jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali tal-Kunsill fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001 [559]. Wara talba konfermatorja min-naħa tar-rikorrent, dwar l-aċċess għad-dokumenti li ma kinux ġew żvelati, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni kkontestata [560], li permezz tagħha kkonferma r-rifjut li jagħti aċċess għal dawn id-dokumenti.

Il-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill huma l-istanzi interni ta' din l-istituzzjoni li jippreparaw il-ħidma tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-kompożizzjoni ministerjali tal-Kunsill kompetenti.

Adita b'rikors għal annullament, li hija laqgħet, il-Qorti Ġenerali indirizzat il-kwistjoni tal-aċċess għad-dokumenti marbuta mal-proċedura leġiżlattiva mill-perspettiva ġdida tar-relazzjoni bejn, minn naħa, il-prinċipji ta' pubbliċità u ta' trasparenza tal-proċedura leġiżlattiva, li joħorġu mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [561] u, min-naħa l-oħra, l-eċċezzjoni għall-iżvelar tad-dokumenti bbażata fuq il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali ta' istituzzjoni, li hija stabbilita fid-dritt sekondarju [562]. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali eżaminat għall-ewwel darba l-kundizzjonijiet ta' aċċess għad-dokumenti stabbiliti mill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill fil-kuntest ta' proċedura leġiżlattiva.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

---

557 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

558 Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU 2013, L 182, p. 19).

559 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

560 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea SGS 21/000067, tal-14 ta' Jannar 2021.

561 Artikolu 15 TFUE u Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

562 Fis-sens tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrent fis-sens li l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali prevista fir-Regolament Nru 1049/2001, interpretata fid-dawl tat-Trattat FUE u tal-Karta, ma kinitx tapplika għad-dokumenti leġiżlattivi.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju ta' ftuħ għandu importanza fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-prinċipji ta' pubbliċità u ta' trasparenza huma inerenti għall-proċeduri leġiżlattivi tal-Unjoni [563]. B'hekk, l-aċċess għad-dokumenti leġiżlattivi għandu jkun l-iktar wiesa' possibbli. Madankollu, dan ma jfissirx li d-dritt primarju tal-Unjoni jipprevedi dritt inkundizzjonat ta' aċċess għad-dokumenti leġiżlattivi. Fil-fatt, konformement mat-Trattat FUE [564], id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-Unjoni għandu jiġi eżerċitat skont il-prinċipji ġenerali, il-limiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' regolamenti. Issa, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE li jirregolaw id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet ma jeskludux id-dokumenti leġiżlattivi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Il-Qorti Ġenerali osservat li din il-konklużjoni kienet ikkorroborata mill-kuntest normattiv li jifforma parti minnu d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti. Fil-fatt, mid-dritt primarju jirriżulta li l-prinċipju ta' ftuħ ma huwiex assolut [565]. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li, konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1049/2001, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jirrifjutaw l-aċċess għal ċerti dokumenti ta' natura leġiżlattiva f'każijiet debitament iġġustifikati.

Għall-kuntrarju ta' dak li sostna r-rikorrent, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat il-kontinwità tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti bejn it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat FUE u kkonkludiet li l-eċċezzjoni għall-obbligu ta' żvelar ta' dokument mitlub marbuta mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni kkonċernata, prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, baqgħet tapplika wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat FUE u tal-Karta. Sussegwentement, hija qieset li ma hemm xejn li jippermetti li jiġi konkluż li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u tal-Karta jeskludu bħala prinċipju li l-aċċess għal dokumenti stabbiliti mill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill fil-kuntest ta' proċedura leġiżlattiva jista' jiġi rrifjutat għar-raġuni li l-iżvelar tagħhom ikun ser jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali tal-Kunsill. Fl-aħħar nett, hija kkonstatat li, għalkemm id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE li jipprovdu li l-Kunsill għandu jiltaqa' fil-pubbliku meta jiddelibera u jivvota dwar abbozz ta' att leġiżlattiv [566] jistabbilixxu l-prinċipju ta' pubbliċità tad-dibattiti leġiżlattivi matul il-laqgħat tal-Kunsill, dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkonċernawx id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti, u lanqas ma jikkonċernaw il-limiti u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ebda waħda mir-raġunijiet invokati mill-Kunsill fid-deċiżjoni kkontestata ma tippermetti li jitqies li l-iżvelar tad-dokumenti kontenzjużi kien ser jippreġudika serjament, b'mod konkret, effettiv u mhux ipotetiku, il-proċess leġiżlattiv ikkonċernat.

L-ewwel nett, fir-rigward tar-raġuni bbażata fuq il-kontenut allegatament sensittiv tad-dokumenti kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dawn fil-fatt kienu jinkludu kummenti u emendi testwali konkreti proposti li jagħmlu parti normali mill-proċess leġiżlattiv. Minkejja li dawn id-dokumenti kienu jikkonċernaw suġġetti ta' ċerta importanza, ikkaratterizzati, possibbilment, min-natura politikament u legalment kumplessa tagħhom, u setgħu jinkludu elementi li jirriżultaw minn "negozjati diffiċli" u jistgħu jqajmu diffikultajiet li kienu għadhom iridu jiġu riżolti qabel jintlaħaq ftehim, il-Kunsill ma identifika ebda aspett konkret u speċifiku ta' dawn id-dokumenti li għandu natura partikolarment

---

563 Sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, ***De Capitani vs Il-Parlament*** (T-540/15, EU:T:2018:167, punt 81).

564 Artikolu 15(3) TFUE.

565 Artikolu 10(3) TUE u Artikolu 15(1) TFUE.

566 Artikolu 15(2) TFUE.

sensittiva fis-sens li interess fundamentali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri kien ser jiddaħħal inkwistjoni minħabba żvelar. Il-Kunsill lanqas ma spjega kif l-aċċess għad-dokumenti kontenzjużi kien ser jippreġudika serjament, b'mod konkret, effettiv u mhux ipotetiku, il-possibbiltajiet li jintlaħaq ftehim dwar il-proposta leġiżlattiva inkwistjoni.

Sussegwentement, fir-rigward tan-natura preliminari tad-diskussjonijiet, fil-kuntest tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill, dwar il-proposta leġiżlattiva inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li din in-natura ma tippermettix li tiġi ġġustifikata, bħala tali, l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni bbażata fuq il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali. Fil-fatt, din l-eċċezzjoni ma tagħmilx distinzjoni skont l-istat li fih ikunu waslu d-diskussjonijiet, iżda tkopri b'mod ġenerali d-dokumenti li jikkonċernaw kwistjoni "fejn id-deċiżjoni [tkun għadha] ma ttiħditx" mill-istituzzjoni kkonċernata. Peress li, min-natura tagħha, proposta ssir sabiex tiġi diskussa, l-awtur ta' talba għal aċċess għal dokumenti leġiżlattivi fil-kuntest ta' proċedura pendenti jkun kompletament konxju tal-fatt li l-informazzjoni li tkun tinsab f'din il-proposta taf tkun is-suġġett ta' bidliet matul il-proċess kollu ta' diskussjonijiet fil-kuntest tal-ħidma preparatorja tal-grupp ta' ħidma, sakemm jintlaħaq ftehim dwar it-test sħiħ. Dan kien l-għan imfittex mit-talba għal aċċess imressqa mir-rikorrent, li xtaq ikun jaf il-pożizzjonijiet espressi mill-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill preċiżament sabiex iqajjem dibattitu f'dan ir-rigward qabel ma din l-istituzzjoni tistabbilixxi l-pożizzjoni tagħha fil-proċedura leġiżlattiva inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kunsill ma pproduċa ebda element tanġibbli li jista' jistabbilixxi li l-aċċess għad-dokumenti kontenzjużi kien ser jippreġudika l-kooperazzjoni leali bejn l-Istati Membri. Hija enfasizzat li f'sitwazzjoni fejn l-Istati Membri jkunu esternalizzaw, fil-kuntest tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill, il-pożizzjoni rispettiva tagħhom dwar proposta leġiżlattiva partikolari u dwar l-evoluzzjoni li huma jaċċettaw li jaraw fir-rigward tal-futur ta' din il-proposta, il-fatt li dawn l-elementi jiġu sussegwentement, fuq talba, ikkomunikati ma huwiex, fih innifsu, ta' natura li jostakola l-kooperazzjoni leali [567]. F'sistema bbażata fuq il-prinċipju ta' leġittimità demokratika, il-koleġiżlaturi għandhom iwieġbu għall-atti tagħhom fir-rigward tal-pubbliku u sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom huwa meħtieġ li jkunu jistgħu jsegwu fid-dettall il-proċess deċiżjonali fi ħdan l-istituzzjonijiet li jipparteċipaw fil-proċeduri leġiżlattivi u li jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha. Issa, f'dan il-każ, ma kien hemm xejn li jissuġġerixxi li l-Kunsill seta' raġonevolment jistenna riskju ta' pressjonijiet esterni u reazzjoni li tmur lil hinn minn dik li tista' tkun mistennija mill-pubbliku min-naħa ta' kwalunkwe membru ta' korp leġiżlattiv li jkun ippreżenta emenda għal abbozz ta' liġi.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li huwa biss jekk l-istituzzjoni kkonċernata tqis li l-iżvelar ta' dokument ikun ser jippreġudika b'mod konkret u effettiv il-proċess deċiżjonali inkwistjoni li hija għandha tivverifika jekk interess pubbliku superjuri jiġġustifikax, minkejja kollox, l-iżvelar tad-dokument. Bl-istess mod, is-sempliċi fatt li kien ingħata aċċess għal ċerti dokumenti dwar l-istess proċedura leġiżlattiva ma jistax jiġġustifika r-rifjut ta' aċċess għal dokumenti oħra.

Fl-aħħar nett, l-aċċess għad-dokumenti stabbiliti mill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill ma jistax jiġi limitat minħabba n-natura allegatament "teknika" tagħhom. Fil-fatt, in-natura "teknika" jew le ta' dokument ma hijiex kriterju rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni bbażata fuq il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali. Il-membri tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill għandhom mandat mill-Istati Membri li jirrappreżentaw u jesprimu, matul id-deliberazzjonijiet dwar proposta leġiżlattiva partikolari, il-pożizzjoni tal-Istat tagħhom fi ħdan il-Kunsill meta dan tal-aħħar jaġixxi fil-kwalità tiegħu ta' koleġiżlatur. Il-fatt li l-gruppi ta' ħidma ma jkunux awtorizzati jadottaw il-pożizzjoni definittiva tal-

567 Artikolu 4(3) TUE.

Kunsill la jfisser li l-ħidma tagħhom ma tagħmilx parti mill-iżvolġiment normali tal-proċess leġiżlattiv u lanqas ma jfisser li d-dokumenti stabbiliti jkunu ta' natura "teknika".

# XIII. Servizz pubbliku

## 1. Pensjoni tal-orfni

### Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2023, OP vs Il-Parlament (T-143/22, EU:T:2023:313)

*"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Pensjoni tas-superstiti – Rifjut tal-għoti – Konjuġi superstiti – Kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà – Tul taż-żwieġ – Eċċezzjoni ta' illegalità – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal – Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Pensjoni tal-orfni – Rifjut tal-għoti – Kunċett ta' 'wild dipendenti' – Żball ta' liġi"*

A, iben maġġorenni ta' B, ex uffiċjal tal-Parlament Ewropew, kellu diżabbiltà. Wara l-mewt ta' B, ir-rikorrenti, omm A, ressqet quddiem il-Parlament talba intiża li tikseb pensjoni tal-orfni għal binha.

Din it-talba ġiet miċħuda mill-Parlament permezz ta' deċiżjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") minħabba li, fil-mument tal-mewt tiegħu, B ma kellux rrikonoxxut wild dipendenti fuqu minn din l-istituzzjoni. Il-Parlament irrefera għall-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") u qies li wild ma setax jiġi rrikonoxxut bħala wild dipendenti fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, u lanqas ma seta' jibbenefika f'dan ir-rigward minn pensjoni tal-orfni, mingħajr ma tkun tressqet talba għal dan il-għan lill-amministrazzjoni mill-uffiċjal ikkonċernat u mingħajr ma din tkun ivverifikat l-osservanza tal-kundizzjonijiet relatati magħha.

Adita mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża u indirizzat, għall-ewwel darba flimkien, il-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali neċessarji sabiex jingħata l-benefiċċju ta' pensjoni tal-orfni skont l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Il-Qorti Ġenerali l-ewwel ikkonstatat li kien hemm diverġenzi fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, filwaqt li wħud minnhom, inkluża l-verżjoni Franċiża, kienu jużaw il-formulazzjoni "ulied irrikonoxxuti bħala dipendenti", il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra ma kinux jużaw il-kelma "irrikonoxxuti". Għalhekk, il-Qorti Ġenerali wettqet l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu fid-dawl kemm tal-għan ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll tal-kuntest tagħha.

Fir-rigward tad-definizzjoni tal-benefiċjarji ta' pensjoni tal-orfni, jiġifieri l-ulied dipendenti tal-uffiċjal mejjet, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal jirreferi għall-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal fl-intier tiegħu. Il-wild dipendenti, fis-sens tal-paragrafu 2 ta' dan l-aħħar artikolu, irrispettivament minn jekk ikunx il-wild leġittimu, naturali jew adottat tal-uffiċjal jew tal-konjuġi tiegħu, jagħti dritt għall-ħlas tal-allowance għall-wild dipendenti sa fejn dan ikun effettivament mantnut mill-uffiċjal u jissodisfa, barra minn hekk, waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafi 3 u 5 tal-imsemmi artikolu. Għalhekk, huwa għandu jew ikollu inqas minn 18-il sena, jew ikollu bejn 18 u 26 sena u jirċievi taħriġ skolastiku jew professjonali, jew ikun milqut minn marda gravi jew minn diżabbiltà li tipprekludih milli jipprovdi għall-bżonnijiet tiegħu. F'kull wieħed minn dawn it-tliet każijiet, ir-Regolamenti tal-Persunal ma jagħtu lill-amministrazzjoni ebda setgħa diskrezzjonali sabiex tagħti jew le l-benefiċċju tal-pensjoni tal-orfni inkwistjoni, iżda jagħtuha kompetenza limitata, fis-sens li din hija obbligata li tagħti din il-pensjoni meta hija tikkonstata li l-kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti u li ma tagħtihiex fil-każ kuntrarju.

Għalhekk, id-dritt għal pensjoni tal-orfni f'każ bħal dak ta' iben ir-rikorrenti huwa suġġett għall-fatt li jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet. L-ewwel żewġ kundizzjonijiet huma ta' natura materjali, fis-sens li l-wild ikkonċernat ibati minn marda gravi jew diżabbiltà li tipprekludih milli jipprovdi għall-bżonnijiet

tiegħu u kien effettivament mantnut mill-uffiċjal mejjet. It-tielet kundizzjoni hija ta' natura temporali, fis-sens li l-imsemmi wild ikollu jkun dipendenti fuq l-uffiċjal mejjet fil-mument tal-mewt ta' dan tal-aħħar.

Ċertament, l-allowance għal wild dipendenti tingħata *ex officio* fil-każ ta' wild li jkollu inqas minn 18-il sena, iżda, fil-każijiet l-oħra, din tingħata fuq talba tal-uffiċjal ikkonċernat. Madankollu, l-unika funzjoni ta' din it-talba hija li tippermetti lill-amministrazzjoni tivverifika jekk il-kundizzjonijiet materjali u temporali msemmija iktar 'il fuq ikunux issodisfatti u li tagħti, jekk dan ikun il-każ, allowance għal wild dipendenti. Ir-rekwiżit li r-rikonoxximent mill-amministrazzjoni kellu jseħħ qabel il-mewt, li ma huwiex impost mill-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Anness VII, jikkostitwixxi kundizzjoni addizzjonali li ma tistax tiġi segwita għal dan l-għan.

Hija biss applikazzjoni magħquda ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li tieħu inkunsiderazzjoni l-istruttura ġenerali tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-pensjoni tal-orfni kif ukoll is-sitwazzjoni partikolari li fiha tinsab il-persuna kkonċernata, jiġifieri l-wild li jbati minn marda serja jew diżabbiltà, li tkun konformi mal-għan soċjali mfittex mill-ħlas ta' pensjoni tal-orfni favur tali wild, li huwa prekluż milli jipprovdi għall-bżonnijiet tiegħu.

Għaldaqstant, l-espressjoni "fil-mument tal-mewt" użata fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tinftiehem bħala li tirreferi għad-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk il-wild tal-uffiċjal mejjet jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, u mhux id-data li fiha deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tkun ittieħdet mill-amministrazzjoni. Dan ifisser li, sakemm il-kundizzjonijiet materjali ta' wild dipendenti jkunu ssodisfatti qabel il-mewt tal-uffiċjal, ma huwiex neċessarju li l-proċeduri amministrattivi sabiex wieħed jibbenefika minn allowance għal wild dipendenti jkunu twettqu qabel il-mewt.

## 2. Terminu ta' preskrizzjoni għall-irkupru ta' allowances imħallsa indebitament

### Sentenza tal-11 ta' Ottubru 2023, QT vs BEI (T-529/22, EU:T:2023:618)

*"Servizz pubbliku – Persunal tal-BEI – Remunerazzjoni – Allowance għal wild dipendenti – Allowances tal-edukazzjoni – Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament – Nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tal-att – Ksur tat-terminu ta' preskrizzjoni"*

Ir-rikorrenti, QT, membru tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), kienet tirċievi allowances għal wild dipendenti kif ukoll allowances tal-edukazzjoni minn Lulju 2014 sa Ġunju 2017.

Wara informazzjoni rċevuta dwar irregolaritajiet potenzjali fl-għoti ta' allowances tal-edukazzjoni u tad-drittijiet idderivati fi ħdan il-BEI, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fetaħ investigazzjoni li kienet tikkonċerna b'mod partikolari lir-rikorrenti. Fi tmiem din l-investigazzjoni, il-BEI adotta d-deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2021, dwar l-irkupru tal-ammont ta' EUR 61 186.61 indebitament imħallas lir-rikorrenti bħala allowances tal-edukazzjoni, allowances għal wild dipendenti u vantaġġi relatati matul il-perijodu minn Lulju 2014 sa Ġunju 2017 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' rkupru").

Adita mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali, b'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat din id-deċiżjoni u tat deċiżjoni, f'din l-okkażjoni, b'mod partikolari, fuq il-kwistjoni dwar jekk il-ftuħ ta' investigazzjoni mill-OLAF ikun jista' jinterrompi jew jissospendi t-terminu ta' preskrizzjoni previst għall-irkupru ta' allokazzjonijiet imħallsa indebitament.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikors għal annullament tagħha, ir-rikorrenti kkontestat b'mod partikolari l-kompetenza tal-awtriċi tad-deċiżjoni ta' rkupru, billi sostniet l-assenza ta' suddelegazzjoni ta' setgħat regolari mogħtija lill-Kap tad-Diviżjoni "Drittijiet individwali u ħlas" mill-awtorità kompetenti fi ħdan il-BEI sabiex tadotta deċiżjonijiet ta' rkupru ta' somom indebiti, jiġifieri d-Direttriċi Ġenerali tal-Persunal.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li delega ta' setgħat ma hijiex preżunta u li l-awtorità li tiddelega, anki jekk awtorizzata li tiddelega s-setgħat tagħha, għandha tieħu deċiżjoni espliċita li tittrasferixxihom, peress li d-delega tista' tirrigwarda biss setgħat ta' eżekuzzjoni, iddefiniti eżattament. Issa, l-elementi tal-proċess ma kinux jippermettu li tiġi ssostanzjata l-eżistenza ta' tali suddelegazzjoni. Ir-riferiment, fid-deċiżjoni ta' rkupru, għal qbil tad-Direttriċi Ġenerali tal-Persunal ma' din id-deċiżjoni lanqas ma seta' jitqies li kien ekwivalenti għal deċiżjoni espliċita li tittrasferixxi lill-Kap ta' Diviżjoni s-setgħa li teżegwixxi l-proċedura ta' rkupru. Minn dan kien isegwi li d-deċiżjoni ta' rkupru kienet ġiet adottata minn awtorità li ma kellhiex kompetenza.

Fil-kuntest tar-rikors għal annullament tagħha, ir-rikorrenti invokat ukoll il-ksur tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 16.3 tad-Dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-persunal tal-BEI.

Skont il-Qorti Ġenerali, mill-formulazzjoni ċara ta' din id-dispożizzjoni kien jirriżulta li l-BEI għandu jipproċedi għall-irkupru ta' somom imħallsa indebitament lil wieħed mill-membri tal-persunal tiegħu f'terminu ta' ħames snin mill-ħlas tagħhom, ħlief fejn tiġi stabbilita l-intenzjoni tal-membru tal-persunal inkwistjoni li jqarraq bih sabiex jikseb dan il-ħlas. L-iffissar ta' tali terminu ta' preskrizzjoni, billi ma jħallix li sitwazzjonijiet li jkunu ġew ikkonsolidati bil-mogħdija taż-żmien jiġu suġġetti għal stħarriġ b'mod indefinit, isaħħaħ iċ-ċertezza legali iżda jista' wkoll jippermetti li jiġu kkonsolidati sitwazzjonijiet li kienu, tal-inqas fiż-żmien meta seħħew, kontra l-liġi. Il-portata tal-użu tal-preskrizzjoni tirriżulta konsegwentement minn ibbilanċjar bejn ir-rekwiżiti taċ-ċertezza legali u dawk tal-legalità, li jiddependi miċ-ċirkustanzi storiċi u soċjali prevalenti fis-soċjetà fi żmien partikolari. Għal din ir-raġuni, hija taqa' taħt l-għażla tal-leġiżlatur biss, u, ladarba terminu ta' preskrizzjoni jkun ġie stabbilit minnu, il-qorti ma tistax tissostitwixxih b'terminu ieħor f'kawża partikolari.

Fir-rigward tal-argument tal-BEI li t-terminu ta' preskrizzjoni kien ġie interrott matul l-investigazzjoni tal-OLAF, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Artikolu 16.3 tad-Dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija iktar 'il fuq ma jinkludi ebda riferiment dwar l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-imsemmi terminu fil-każ ta' ftuħ ta' investigazzjoni tal-OLAF. Barra minn hekk, għalkemm l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom jastjenu milli jiftħu investigazzjoni parallela sakemm l-OLAF iwettaq investigazzjoni interna fuq l-istess fatti [568], l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' rkupru ta' somom imħallsa indebitament ma tistax titqies li tkun investigazzjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, xejn ma kien jipprekludi lill-BEI milli jipproċedi għall-irkupru tas-somom li huwa qies li ħallas indebitament lir-rikorrenti qabel it-tmiem tal-investigazzjoni tal-OLAF li tikkonċernaha, peress li l-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' amministrazzjoni tajba li huwa jinvoka ma setgħux jiġġustifikaw l-irkupru tal-allowances kontenzjużi lil hinn mit-terminu ta' ħames snin ta' preskrizzjoni, ħlief bi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni ta' rkupru.

568 Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU 2013, L 248, p. 1).

## 3. Kompożizzjoni ta' Bord tal-Għażla ta' kompetizzjoni interna

### Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, NZ vs Il-Kummissjoni (T-535/22, EU:T:2023:653)

*"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Reklutaġġ – Kompetizzjoni interna COM/1/AD 10/18 – Deċiżjoni li isem ir-rikorrent ma jitniżżilx fil-lista ta' riżerva – Ugwaljanza fit-trattament – Stabbiltà fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla – Ġurisdizzjoni sħiħa – Dannu morali"*

F'Novembru 2018, ir-rikorrenti, NZ, applikat għall-kompetizzjoni interna COM/1/AD 10/18 li kienet intiża għall-istabbiliment ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi fil-grad AD 10 mill-Kummissjoni Ewropea.

Fi Frar 2020, il-Bord tal-Għażla ddeċieda li ma jinkludix isem ir-rikorrenti fil-lista ta' riżerva minħabba li hija kienet kisbet marka globali fl-eżami orali li kienet inqas mil-limitu minimu li kellu jintlaħaq għall-inklużjoni fost l-aħjar kandidati. Wara ċ-ċaħda, mill-Bord tal-Għażla, tat-talba għall-eżami mill-ġdid ta' din id-deċiżjoni (iktar 'il quddiem it-"talba għal eżami mill-ġdid"), ir-rikorrenti ppreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.

Permezz tas-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2021, NZ vs Il-Kummissjoni [569], il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors u annullat id-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal eżami mill-ġdid minħabba li kienet ivvizzjata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

Fl-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza, fi Frar 2022, il-Bord tal-Għażla ddeċieda li jiċħad it-talba għal reviżjoni minħabba li l-marka miksuba mir-rikorrenti fl-eżami orali kienet inqas mill-marka minima meħtieġa sabiex tidher fil-lista ta' riżerva (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Għaldaqstant, ir-rikorrenti mill-ġdid ippreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali laqgħet dan ir-rikors u għamlet użu mill-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas ta' kumpens. F'din l-okkażjoni, b'deċiżjoni dwar l-istabbiltà tal-kompożizzjoni ta' Bord tal-Għażla ta' kompetizzjoni interna, il-Qorti Ġenerali kkompletat il-ġurisprudenza dwar il-modalitajiet ta' organizzazzjoni ta' kompetizzjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Il-Qorti Ġenerali bdiet billi kkonstatat li l-Bord tal-Għażla ma ffunzjonax b'mod suffiċjentement stabbli matul l-eżamijiet orali. Madankollu, din iċ-ċirkustanza ma setgħetx, waħedha, twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

Fil-fatt, iż-żamma tal-istabbiltà tal-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla matul l-eżamijiet ma hijiex obbligu fiha nnifisha, iżda mezz sabiex jiġu ggarantiti l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-koerenza fl-għoti tal-marki u l-oġġettività tal-evalwazzjoni. Għalhekk, il-Bord tal-Għażla jista' validament jiżgura l-koerenza fl-għoti tal-marki u l-oġġettività tal-evalwazzjoni permezz ta' mezzi oħra. B'mod partikolari, fid-dawl tal-organizzazzjoni tal-eżamijiet ta' kompetizzjoni u tal-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Bord tal-Għażla, jista' jkun suffiċjenti li l-istabbiltà tal-kompożizzjoni tal-

[569] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ***NZ vs Il-Kummissjoni*** (T-668/20, EU:T:2021:667).

Bord tal-Għażla tinżamm biss f'ċerti fażijiet ewlenin tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, anki jekk il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla ma tibqax stabbli matul l-eżamijiet, l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-kandidati tista' tiġi żgurata jekk il-Bord tal-Għażla jistabbilixxi l-koordinazzjoni neċessarja sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni koerenti tal-kriterji għall-għoti tal-marki.

F'dan ir-rigward, l-istituzzjoni kkonċernata għandha turi li l-laqgħat ta' koordinazzjoni previsti seħħew u li l-membri kollha tal-Bord tal-Għażla, jiġifieri l-president, il-presidenti supplenti u l-evalwaturi, effettivament attendew għal dawn il-laqgħat.

Mid-dokumenti prodotti mill-Kummissjoni u mil-listi ta' preżenza f'dawn il-laqgħat jirriżulta li dan ma kienx il-każ f'din il-kawża. Il-membri kollha tal-Bord tal-Għażla ma ltaqgħux fil-kompożizzjoni sħiħa tiegħu sabiex jiddiskutu evalwazzjonijiet komparattivi tal-kandidati u jikkonfermaw il-marki finali tagħhom abbażi tar-riżultati tal-eżamijiet.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali għamlet użu mill-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Hija qieset, f'dan ir-rigward, li din il-ġurisdizzjoni, mogħtija lill-qrati tal-Unjoni Ewropea permezz tal-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, tagħtiha l-missjoni li ssib soluzzjoni sħiħa għat-tilwim ta' natura pekunjarja li jitressaq quddiemha. Din il-ġurisdizzjoni hija intiża, b'mod partikolari, li tippermetti lill-qrati tal-Unjoni jiżguraw l-effettività prattika tas-sentenzi ta' annullament mogħtija minnhom fil-kawżi tas-servizz pubbliku, b'tali mod li jekk l-annullament ta' deċiżjoni vvizzjata bi żball ta' liġi meħuda mill-amministrazzjoni ma jkunx biżżejjed sabiex jikkontribwixxi għall-implementazzjoni tad-drittijiet tal-uffiċjal inkwistjoni jew sabiex jiġu protetti l-interessi tiegħu b'mod effiċjenti, il-qrati tal-Unjoni jistgħu jagħtuh kumpens *ex officio*. Għalhekk, anki fl-assenza ta' talbiet regolari għal dan l-għan, ebda inammissibbiltà minħabba tardività ma tista' titqajjem fuq kwistjoni li l-Qorti Ġenerali għandha tqajjem, jekk ikun il-każ, *ex officio*.

F'dan il-każ, meta kandidat jikkontesta ċ-ċaħda tal-kandidatura tiegħu għal proċedura ta' għażla li jkollha bħala għan l-istabbiliment ta' lista ta' kandidati li għaddew, ċaħda li tipprekludih milli sussegwentement jokkupa pożizzjoni li jkollha timtela fi ħdan l-istituzzjoni kkonċernata u milli jibbenefika mill-vantaġġi finanzjarji relatati, it-tilwima jkollha natura pekunjarja.

F'dan il-każ, il-Bord tal-Għażla ma kienx f'pożizzjoni li jiżgura l-ugwaljanza fit-trattament tal-kandidati li sarulhom id-domandi matul l-eżamijiet orali, minħabba l-instabbiltà tal-kompożizzjoni tiegħu. B'hekk, kienet l-evalwazzjoni komparattiva tal-merti tal-kandidati kollha li kienet ġiet ivvizzjata mill-varjazzjoni tal-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla. Din l-illegalità affettwat, konsegwentement, mhux biss il-marka tar-rikorrenti, iżda wkoll il-limitu minimu ta' punti meħtieġa għall-inklużjoni tal-isem ta' kandidat fil-lista ta' riżerva.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-dannu materjali, il-Qorti Ġenerali qieset li l-prova tal-eżistenza ta' dannu reali u ċert ma kinitx issodisfatta.

Fil-fatt, ir-rikorrenti ma setgħetx tinvoka dannu materjali li jirriżulta mill-fatt li isimha jkollu, b'eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament, jiġi inkluż direttament fil-lista ta' riżerva. Tali inklużjoni twassal effettivament sabiex hija tiġi eżentata mill-eżami orali previst fl-avviż ta' kompetizzjoni, li jissuġġetta l-inklużjoni ta' kandidat fil-lista ta' riżerva għall-kisba ta' waħda mill-aħjar marki f'dan l-eżami orali kif ukoll għall-minimu meħtieġ għall-imsemmi eżami. Fi kwalunkwe każ, l-inklużjoni tal-isem ta' kandidat fil-lista ta' riżerva ma tagħtix lil dan tal-aħħar dritt li jinħatar, iżda biss il-possibbiltà li jinħatar.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti lanqas ma tilfet definittivament l-opportunità reali li tkun kandidat li għadda mill-kompetizzjoni interna inkwistjoni u, sussegwentement, li tinħatar uffiċjal tal-Unjoni fil-grad AD 10, peress li l-organizzazzjoni ta' eżami orali ġdid, implimentata b'mod awtonomu mir-riżultati tal-eżami orali inizjali għandha preċiżament l-għan li tagħtiha lura tali opportunità.

Fit-tieni lok, fir-rigward tad-dannu morali, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, anki jekk il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni fir-rigward tar-rikorrenti u l-organizzazzjoni ta’ eżami orali implimentat b’mod awtonomu mill-eżami orali vvizzjat b’illegalità jikkostitwixxu miżura ta’ eżekuzzjoni xierqa ta’ din is-sentenza ta’ annullament, il-Kummissjoni ma tistax, fl-assenza tal-annullament tar-riżultati kollha tal-kompetizzjoni, toħloq mill-ġdid il-kundizzjonijiet li fihom din il-kompetizzjoni kellha tiġi organizzata sabiex tiġi ggarantita l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-kandidati kollha u l-oġġettività fl-għoti tal-marki.

Għaldaqstant, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma kienx biżżejjed sabiex jiġu protetti l-interessi tar-rikorrenti b’mod effikaċi. Fil-fatt, dan l-annullament ma huwiex tali, fih innifsu, li jikkumpensa d-dannu morali ċert imġarrab mir-rikorrenti minħabba l-fatt li ma kellhiex il-possibbiltà li tagħmel l-eżami orali inizjali taħt kundizzjonijiet regolari. F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkundannat lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti, għad-dannu morali kkawżat mid-deċiżjoni kkontestata, is-somma ta’ EUR 4 000.

# XIV. Talbiet għal miżuri provviżorji

## Digriet tat-2 ta’ Frar 2023, Nicoventures Trading *et* vs Il-Kummissjoni (T-706/22 R, EU:T:2023:39)

*“Miżuri provviżorji – Saħħa pubblika – Irtirar ta’ ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta’ urġenza”*

Il-grupp British American Tobacco, li minnu jagħmlu parti l-kumpanniji rikorrenti, huwa produttur dinji ta’, b’mod partikolari, prodotti tat-tabakk imsaħħna. Id-Direttiva 2014/40 [570] tirregola, fost oħrajn, it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti tat-tabakk. Hija kienet tipprevedi, għal prodotti tat-tabakk li ma humiex sigaretti jew tabakk tal-brim, eżenzjoni [571] mill-projbizzjonijiet fir-rigward tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tat-tabakk li għandhom togħma karatterizzanti jew togħmiet f’wieħed mill-komponenti tagħhom [572].

Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea, permezz tad-Direttiva Delegata 2022/2100 [573], emendat id-Direttiva 2014/40 b’tali mod li l-prodotti tat-tabakk imsaħħna ma baqgħux eżentati mill-projbizzjonijiet marbuta mat-togħmiet.

B’mod parallel mal-preżentata ta’ rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-Direttiva Delegata 2022/2100, ir-rikorrenti ressqu talba għal miżuri provviżorji li fiha talbu, minn naħa, essenzjalment, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ din id-direttiva, u, min-naħa, l-oħra, l-għoti ta’ kull miżura provviżorja adegwata oħra. Wara li kkonkluda li ma kienx hemm urġenza, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali ċaħad din it-talba.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, b’mod ġenerali, l-urġenza għandha tiġi evalwata fid-dawl tan-neċessità li tingħata deċiżjoni provviżorja sabiex jiġi evitat li l-parti li titlob il-protezzjoni provviżorja ġġarrab dannu gravi u irreparabbli. Hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova li ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura dwar ir-rikors fuq il-mertu mingħajr ma ġġarrab dannu gravi u irreparabbli.

Prinċipalment, bi tweġiba għall-argument li d-Direttiva 2022/2100 ser tikkawża t-telf, għar-rikorrenti, tal-pożizzjoni tagħhom fis-suq u tal-klijenti attwali tagħhom, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali enfasizza li, fil-preżenza ta’ dannu ta’ natura finanzjarja, il-miżura provviżorja mitluba tkun iġġustifikata biss jekk ikun jidher li, fl-assenza ta’ tali miżura, il-parti li talbitha ser issib ruħha f’sitwazzjoni li tista’ tipperikola l-eżistenza tagħha qabel tingħata d-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura prinċipali. F’dan ir-rigward, hija l-parti li titlob il-miżuri provviżorji, b’mod partikolari meta tinvoka l-materjalizzazzjoni ta’

---

[570] Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU 2014, L 127, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015 L 150, p. 24).

[571] Skont l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40.

[572] Skont l-Artikolu 7(1) u (7) tad-Direttiva 2014/40.

[573] Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2100 tad-29 ta’ Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta’ ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan (ĠU 2022, L 283, p. 4).

dannu ta' natura finanzjarja, li għandha tagħti, filwaqt li tipproduċi provi ta' sostenn, stampa fidila u globali tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Barra minn hekk, il-punti essenzjali ta' att u ta' liġi li jippermettu lill-Imħallef għal miżuri provviżorji jistabbilixxi tali stampa għandhom joħorġu mit-test stess tat-talba għal miżuri provviżorji u dan it-test għandu, waħdu, jippermetti lill-konvenut jipprepara l-osservazzjonijiet tiegħu u lill-Imħallef għal miżuri provviżorji jagħti deċiżjoni dwar it-talba għal miżuri provviżorji, jekk ikun il-każ, mingħajr informazzjoni ta' sostenn oħra.

F'dan il-każ, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li r-rikorrenti ma kinux qegħdin jallegaw li, fl-assenza tal-miżuri provviżorji mitluba, kienu ser isibu ruħhom f'sitwazzjoni li setgħet tipperikola l-vijabbiltà finanzjarja tagħhom qabel tingħata d-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura fuq il-mertu. L-iktar l-iktar, huma kienu qegħdin isostnu li d-Direttiva Delegata 2022/2100 kienet ser timplika telf sinjifikattiv ta' dħul.  Barra minn hekk, huma ma pproduċewx il-prova li, fid-dawl b'mod partikolari tal-karatteristiċi tal-grupp li minnu kienu jagħmlu parti, l-ishma mis-suq tagħhom kienu ser jinbidlu b'mod kunsiderevoli, sa fejn, skont l-imsemmija direttiva, huma kellhom perijodu ta' żmien sinjifikattiv sabiex jadattaw l-offerta kummerċjali tagħhom għal-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Għal finijiet ta' kompletezza, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, fir-rigward tas-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, fil-kuntest ta' suq suġġett għal regolamentazzjoni intensiva u li fih l-awtoritajiet kompetenti jintervjenu b'mod rapidu meta joħorġu riskji għas-saħħa pubbliku, għal raġunijiet li mhux dejjem ikunu prevedibbli, l-impriżi kkonċernati għandhom ikun lesti, permezz ta' politika adegwata, sabiex jilqgħu għall-konsegwenzi ta' dan l-intervent, għaliex inkella jkollhom ibatu huma stess d-dannu li jirriżulta mill-imsemmi intervent.

Issa, qabel ġiet emendata bid-Direttiva Delegata 2022/2100, id-Direttiva 2014/40 kienet tawtorizza lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tirtira l-eżenzjoni mill-projbizzjonijiet inkwistjoni fir-rigward ta' kategorija partikolari ta' prodotti fil-każ li jkun hemm żvilupp notevoli fis-sitwazzjoni stabbilit permezz ta' rapport imfassal minnha. B'hekk, id-Direttiva 2014/40 kienet tipprevedi l-każ li fih din l-eżenzjoni setgħet tiġi rtirata għal prodotti oħra li jkun fihom togħmiet. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ppubblikat rapport li kien jistabbilixxi, konformement mad-Direttiva 2014/40, evoluzzjoni notevoli fis-sitwazzjoni fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna. B'hekk, il-possibbiltà ta' rtirar tal-eżenzjoni fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna kienet ilha teżisti sa mid-Direttiva 2024/40 u, minn tal-inqas, sa mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport.

Il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali fakkar ukoll li, fil-każ ta' talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att tal-Unjoni, minn naħa, l-għoti tal-miżura provviżorja mitluba jkun iġġustifikat biss jekk l-att inkwistjoni jikkostitwixxi l-kawża determinanti tad-dannu gravi u irreparabbli allegat u, min-naħa l-oħra, l-imsemmi dannu għandu jirriżulta mill-effetti prodotti mill-att kontenzjuż biss u mhux min-nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-parti li titlob il-miżura provviżorja. Jekk ma tkunx aġixxiet bid-diliġenza kollha mistennija minn impriża prudenti u informata, l-imsemmija parti jkollha saħansitra ġġarrab id-dannu li tkun qiegħda tallega li jista' jipperikola l-eżistenza tagħha jew jibdel b'mod irrimedjabbli l-pożizzjoni tagħha fis-suq.

Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma kienu wrew ebda passi min-naħa tagħhom sabiex iħejju ruħhom kontra r-riskji marbuta ma' eventwali rtirar tal-eżenzjoni li kienu jibbenefikaw minnha l-prodotti tat-tabakk imsaħħna sal-adozzjoni tad-Direttiva Delegata 2022/2100.

## Digriet tal-1 ta’ Marzu 2023, Mazepin vs Il-Kunsill (T-743/22 R, EU:T:2023:102) [574]

*“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Talba għal miżuri provviżorji – Fumus boni juris – Urġenza – Ibbilanċjar tal-interessi”*

## Digriet tad-19 ta’ Lulju 2023, Mazepin vs Il-Kunsill (T-743/22 R II, EU:T:2023:406)

*“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Talba għal miżuri provviżorji – Fumus boni juris – Urġenza – Ibbilanċjar tal-interessi”*

B’reazzjoni għall-aggressjoni militari mwettqa mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukraina fl-24 ta’ Frar 2022, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottata, fid-9 ta’ Marzu 2022, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/397 [575] u r-Regolament 2022/330 [576] li permezz tagħhom Nikita Mazepin, li dak iż-żmien kien sewwieq tat-tlielaq mat-tim tal-Formula 1 Haas, imsieħeb mal-kumpannija JSC UCC Uralchem, ġie inkluż fil-lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi suġġetti għal miżuri restrittivi adottati b’effett mill-2014 mill-Kunsill minħabba l-azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Minħabba li kien bin Dmitry Arkadievich Mazepin, ex direttur ġenerali ta’ Uralchem, Nikita Mazepin tniżżel fil-listi kontenzjużi minħabba li kien persuna fiżika b’konnessjoni ma’ negozjant ewlieni b’attività f’setturi tal-ekonomiku li jikkostitwixxi sors sostanzjali ta’ dħul għall-Gvern Russu [577]. Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1530 [578] u tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni [579], u mbagħad permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/572 [580] u tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni 2023/571 [581], il-Kunsill żamm l-inklużjoni tiegħu fl-imsemmija listi. Bis-saħħa tal-miżuri restrittivi adottati, Nikita Mazepin kellu l-fondi tiegħu ffriżati u ġie pprojbit milli jidħol fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

---

574 Sunt komuni għall-kawżi Mazepin vs Il-Kunsill (T-743/22 R u T-742/22 R II).

575 Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta’ Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 80, p. 31, rettifiki fil-ĠU 2022, L 117, p. 118 u fil-ĠU 2022, L 156, p. 160).

576 Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta’ Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 51, p. 1).

577 Ara l-Artikolu 1(1)(e) u l-Artikolu 2(1)(g) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta’ Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta’ Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 50, p. 1).

578 Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta’ Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (ĠU 2022, L 239, p. 149).

579 Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta’ Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p.1).

580 Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/572 tat-13 ta’ Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (ĠU 2023, L 75I, p. 134).

581 Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/571 tat-13 ta’ Marzu 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 (ĠU 2023, L 75I, p. 1).

Nikita Mazepin ippreżenta, quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, rikors għall-annullament tal-atti tal-Kunsill li żammew ismu fil-listi inkwistjoni. Huwa ressaq ukoll talbiet għal miżuri provviżorji sabiex jikseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dawn tal-aħħar u l-għoti ta' miżuri provviżorji li kellhom jippermettulu, b'mod partikolari, jidħol fit-territorju tal-Unjoni Ewropea sabiex ikun jista' jinnegozja u jikkonkludi kuntratti mat-timijiet tat-tlielaq u mal-isponsors, jipparteċipa fl-attivitajiet marbuta mat-tlielaq u jiftaħ kont bankarju.

Permezz tad-digrieti tiegħu tal-1 ta' Marzu u tad-19 ta' Lulju 2023, il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talbiet għal miżuri provviżorji mressqa minn Nikita Mazepin u ordna lill-Kunsill jissospendi, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-eżekuzzjoni tal-imsemmija atti.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina, qabel kollox, il-kundizzjoni dwar il-*fumus boni juris*. F'dan ir-rigward, huwa qies li kellu jiġi eżaminat jekk il-Kunsill kienx wettaq, *prima facie*, żball ta' evalwazzjoni meta qies li f'dan il-każ kien hemm bażi fattwali soda biżżejjed li setgħet tiġġustifika ż-żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni.

Fir-rigward tal-argument tar-rikorrent li l-Kunsill ma stabbilixxiex li huwa kien kiseb vantaġġ indebitu minn missieru, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata, fl-ewwel lok, li, għalkemm il-Kunsill wera li l-kumpannija Uralkali, li 80 % tagħha hija miżmuma minn Uralchem, kienet verament ikkonkludiet kuntratt ta' sponsorizzazzjoni mat-tim tal-Formula 1 Haas, huwa ma kienx issostanzja l-fatt li r-rikorrent ma kienx jirnexxielu jikseb din il-pożizzjoni ta' sewwieq fi ħdan it-tim mingħajr din l-isponsorizzazzjoni u li l-konklużjoni ta' dan il-kuntratt kien imur kontra l-interessi ekonomiċi ta' Uralkali. Fid-digriet tad-19 ta' Lulju 2023, Mazepin vs Il-Kunsill (T-743/22 R II), il-President tal-Qorti Ġenerali żied li kien hemm ukoll raġunijiet li joħolqu dubju dwar jekk "We Compete As One", il-fondazzjoni tar-rikorrent, kinitx effettivament ġiet iffinanzjata minn Uralkali jew permezz ta' fondi tagħha, u dwar jekk ir-rikorrent, fid-dawl ta' dawn ir-rabtiet finanzjarji ġodda allegati ma' missieru, kienx għadu jgawdi minn vantaġġ indebitu minħabba dan tal-aħħar.

Fit-tieni lok, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li, *prima facie*, il-Kunsill ma pproduċiex provi bbażati fuq l-aġir tar-rikorrent li jippermettu li jiġu spjegati r-raġunijiet għaliex, lil hinn mir-rabta familjari, dan tal-aħħar kellu jitqies li kien għad għandu rabtiet ma' missieru, negozjant ewlieni tal-Federazzjoni Russa, wara x-xoljiment tal-kuntratt tiegħu bħala sewwieq tal-Formula 1 u tal-kuntratt ta' sponsorizzazzjoni konkluż bejn Uralkali u t-tim tal-Formula 1 Haas.

B'hekk, bla preġudizzju għad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar ir-rikors prinċipali, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li l-argumenti tar-rikorrent kienu jidhru, *prima facie*, li ma kinux neqsin minn bażi serja u għalhekk kien jistħoqqilhom eżami fil-fond li ma jistax jitwettaq mill-Imħallef għal miżuri provviżorji iżda kellu jitwettaq fil-kuntest tal-proċedura fuq il-mertu. Għaldaqstant, huwa kkonkluda li kien hemm *fumus boni juris*.

Sussegwentement, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina l-kundizzjoni dwar l-urġenza u qies li din kienet issodisfatta f'dan il-każ sa fejn ir-riskju li jimmaterjalizza dannu gravi u irreparabbli kien stabbilit b'mod suffiċjenti fid-dritt.

F'dan ir-rigward, huwa rrileva, fl-ewwel lok, li fl-assenza tas-sospensjoni mitluba u fid-dawl tat-tul potenzjali tal-proċedura fir-rigward tar-rikors prinċipali, il-possibbiltà għar-rikorrent li jkompli, fi tmiem il-proċedura fuq il-mertu, il-karriera tiegħu bħala sewwieq tal-Formula 1, li teżiġi b'mod regolari ħafna l-preżenza tiegħu fit-territorju tal-Unjoni, b'mod partikolari sabiex jipparteċipaw fit-tlielaq tal-Grand Prix, kienet tidher waħda ipotetika jew, fi kwalunkwe każ, ferm limitata.

Fit-tieni lok, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li, fl-assenza ta' din is-sospensjoni, id-dannu li jikkonsisti fiċ-ċaħda mill-possibbiltà li jinnegozja r-reklutaġġ tiegħu bħala sewwieq tal-Formula 1 jew bħala sewwieq professjonali f'kampjonati oħra ta' sport b'vetturi bil-mutur kien ser ikun dannu

irreparabbli. Fil-każ li l-atti kkontestati jiġu annullati mill-Qorti Ġenerali fi tmiem il-kawża fuq ir-rikors prinċipali, dan id-dannu mhux pekunjarju jkun fil-fatt seħħ b'mod definittiv fir-rigward tal-perijodu ta' attività potenzjali tar-rikorrent sad-data tad-deċiżjoni fuq il-mertu.

Fl-aħħar nett, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li l-ibbilanċjar tal-interessi kien qiegħed ixaqleb favur ir-rikorrent. F'dan ir-rigward, huwa kkonstata, qabelxejn, li d-dannu li huwa eventwalment kien ser iġarrab minħabba l-ksur tal-interessi tiegħu ma kienx ser ikun jista' jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni u ta' rimedju jew ta' kumpens ulterjuri. Sussegwentement, huwa kkonstata li r-rikorrent huwa żagħżugħ involut fl-isport li bl-ebda mod ma kien involut fl-aggressjoni mġarrba mill-Ukraina u ma kien jeżerċita ebda attività fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-aħħar nett, huwa kkonstata li r-rikorrent kien qiegħed jitlob is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-atti kkontestati, sa fejn kienu jikkonċernawh, u dan biss sa fejn jirriżulta neċessarju sabiex ikun jista' jinnegozja r-reklutaġġ tiegħu, jipparteċipa fil-kampjonati li jmiss tal-isport b'vetturi bil-mutur u jkompli l-karriera professjonali tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-atti kkontestati ma kinitx ser tippreġudika d-deċiżjoni futura dwar il-kawża fuq ir-rikors prinċipali, u lanqas ma kienet ser tikkomprometti l-għan stess tal-proċedura għal miżuri provviżorji, li huwa li tiġi ggarantita l-effikaċja sħiħa tad-deċiżjoni futura fuq ir-rikors prinċipali.

Fid-dawl tal-premess, il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-atti kkontestati. Għaldaqstant, huwa qies li s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-atti kkontestati, sa fejn kienu jikkonċernaw lir-rikorrent, kellha tkun limitata għal dak li jkun strettament meħtieġ sabiex ikun jista' jinnegozja r-reklutaġġ tiegħu bħala sewwieq professjonali tal-Formula 1 jew bħala sewwieq f'kampjonati oħra ta' sport b'vetturi bil-mutur li jinżammu wkoll jew biss fit-territorju tal-Unjoni, kif ukoll sabiex ikun jista' jipparteċipa fit-tlielaq tal-Grand Prix, fit-testijiet, fit-taħriġ u fis-seduti għal prattika libera tal-Formula 1 u fil-kampjonati l-oħra, fit-tlielaq, fit-testijiet, fit-taħriġ u fis-seduti għal prattika libera ta' sport b'vetturi tal-mutur li jinżammu fit-territorju tal-Unjoni.

### Digriet tad-19 ta' April 2023, UC vs Il-Kunsill (T-6/23, EU:T:2023:206)

*"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar tal-fondi – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza"*

Fil-kuntest tal-aggravazzjoni tas-sitwazzjoni politika fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo li seħħet fl-2016 minħabba li ma ssejħux elezzjonijiet presidenzjali u minħabba d-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sigurtà li rriżulta minn dan, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta miżuri restrittivi ta' ffriżar ta' fondi u ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tal-Istati Membri kontra persuni li, b'mod partikolari, kienu approfittaw mill-kunflitt bl-armi u min-nuqqas ta' stabbilita jew ta' sigurtà fil-pajjiż, inkluż bl-isfruttament jew bil-kummerċ illegali ta' riżorsi naturali [582]. Fit-8 ta' Diċembru 2022, permezz tad-

[582] Konformement mal-Artikolu 3(2)(f) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK (ĠU 2010, L 336, p. 30), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2377 tal-5 ta' Diċembru 2022 (ĠU 2022, L 314, p. 97).

Deċiżjoni 2022/2398 [583] u tar-Regolament 2022/2397 [584], il-Kunsill inkluda lil UC, negozjant, ex direttur u benefiċjarju effettiv tal-kumpannija African Gold Refinery Ltd., fil-listi kontenzjużi minħabba li wara l-2016 huwa kien, fost oħrajn, irċieva u kkummerċjalizza deheb illegali provenjenti mill-minjieri tal-Kongo li kienu taħt il-kontroll ta' gruppi armati li ma kinux jappartjenu lill-gvern u li kienu involuti f'attivitajiet ta' destabbilizzazzjoni.

UC ippreżenta, quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, rikors għall-annullament tal-atti tal-Kunsill. Huwa ressaq ukoll talba għal miżuri provviżorji sabiex jikseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dawn l-atti.

Il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad, permezz ta' digriet, it-talba għal miżuri provviżorji ta' UC minħabba li l-kundizzjoni marbuta mal-urġenza ma kinitx issodisfatta.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Peress li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni (*fumus boni juris* u urġenza) huma kumulattivi, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina l-ewwel jekk kinitx issodisfatta l-kundizzjoni dwar l-urġenza u dan billi eżamina l-argumenti u l-provi mressqa mir-rikorrent sabiex juri r-riskju li jimmaterjalizza dannu gravi u irreparabbli fl-assenza ta' protezzjoni provviżorja.

Filwaqt li eżamina, fl-ewwel lok, l-argument tar-rikorrent dwar il-materjalizzazzjoni ta' dannu li jirriżulta mir-restrizzjonijiet fuq it-tgawdija tal-fondi tiegħu kif ukoll mil-limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività ta' direttur u ta' amministratur fi tliet kumpanniji fil-Belġju, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, fil-każ ta' dannu ta' natura pekunjarja, miżura provviżorja tkun iġġustifikata, l-ewwel nett, jekk ikun jidher li, fl-assenza ta' din il-miżura, il-parti li titlobha ser issib ruħha f'sitwazzjoni li tista' tipperikola l-vijabbiltà finanzjarja tagħha. Barra minn hekk, dannu ta' natura pekunjarja għandu jitqies li jkun irreparabbli jekk ma jkunx jista' jiġi kkwantifikat u jekk, fil-prattika, rikors għad-danni taħt l-Artikoli 268 u 340 TFUE ma jkunx jippermetti li jiġi rrimedjat. Peress li l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jkollu indikazzjonijiet konkreti u preċiżi, issostanzjati minn provi fil-forma ta' dokumenti ddettaljati u ċċertifikati, il-parti li titlob il-miżuri provviżorji għandha, bħala prinċipju, meta tinvoka l-materjalizzazzjoni ta' dannu ta' natura finanzjarja, tagħti, filwaqt li tipproduċi provi ta' sostenn, stampa fidila u globali tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

F'dan il-każ, fl-assenza ta' kwalunkwe indikazzjoni li kienet tippermetti evalwazzjoni tal-portata tad-dannu, tan-natura tiegħu u tal-probabbiltà li jseħħ, il-President tal-Qorti Ġenerali wasal għall-konklużjoni li UC ma kienx irnexxielu juri r-riskju ta' materjalizzazzjoni ta' dannu finanzjarju gravi u irreparabbli minħabba l-iffriżar tal-fondi tiegħu.

Sussegwentement, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li l-argumenti ta' UC kienu intiżi li jiġu evalwati, fil-kuntest tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, elementi marbuta fil-verità mal-*fumus boni juris*. F'dan ir-rigward, huwa speċifika li dawn madankollu huma żewġ kundizzjonijiet distinti li minnhom

---

**583** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2398 tat-8 ta' Diċembru 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2022, L 316I, p. 7).

**584** Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2397 tat-8 ta' Diċembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2022, L 316I, p. 1).

tiddependi l-kisba ta' sospensjoni ta' eżekuzzjoni [585]. B'hekk, il-fatt li tintwera biss l-eżistenza ta' *fumus boni juris*, anki jekk dan ikun ta' natura partikolarment serja, ma jistax jirrimedja l-assenza kompleta li tintwera l-urġenza, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi kompletament partikolari. Peress li, f'dan il-każ, ir-rikorrent sempliċement iddeskriva l-effetti legali speċifiċi tal-miżuri restrittivi, kif previsti fir-Regolament Nru 1183/2005 u fid-Deċiżjoni 2010/788, kif emendati, mingħajr ma spjega b'xi mod il-modalitajiet u l-livell ta' ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali allegat minnu, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li ma kienx f'pożizzjoni li jevalwa n-natura gravi tad-dannu allegat u jekk kienx ser ikun diffiċli jekk mhux impossibbli li dan id-dannu jiġi rrimedjat.

Fl-aħħar nett, huwa fakkar li, peress li d-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrent ma jgawdux minn protezzjoni assoluta, setgħu jiġu imposti restrizzjonijiet fuq id-dritt li jeżerċita b'mod liberu attività professjonali, kif ukoll fuq l-użu tad-dritt għall-proprjetà, kemm-il darba dawn ir-restrizzjonijiet jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni u ma jkunux jikkostitwixxu, fid-dawl tal-għan imfittex, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tal-imsemmija drittijiet. B'hekk, għalkemm il-miżuri restrittivi setgħu jimplikaw, mid-definizzjoni tagħhom stess, effetti li jaffettwaw dawn id-drittijiet fundamentali, fid-dawl tal-importanza tal-għanijiet imfittxija mill-atti kkontestati fir-rigward tas-sitwazzjoni tas-sigurtà u politika fil-Kongo, li jagħmlu parti mill-għan usa' taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali [586], il-President tal-Qorti Ġenerali qies, *prima facie*, li t-tfittxija ta' dawn l-għanijiet kienet ta' natura li tiġġustifika konsegwenzi negattivi, anki jekk kunsiderevoli, għal ċerti persuni li bl-ebda mod ma jkunu responsabbli għas-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tas-sanzjonijiet.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-argument tar-rikorrent li l-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tal-Unjoni, u ta' tranżitu minn dan it-territorju, inkluż it-territorju tal-Istat Membru li tiegħu kellu n-nazzjonalità, kienet tiġġustifika l-urġenza min-natura tagħha stess, il-President tal-Qorti Ġenerali indika li l-atti kkontestati ma kinux jirrikjedu li r-Renju tal-Belġju, l-Istat Membru li tiegħu r-rikorrent huwa ċittadin, jipprojbixxi lil dan tal-aħħar milli jidħol fit-territorju tiegħu jew milli jgħaddi minnu [587].

Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-argument tar-rikorrent li l-Kunsill ma kienx ta motivazzjoni suffiċjenti għall-inklużjoni ta' ismu fil-listi inkwistjoni, ma kienx tah l-informazzjoni użata bħala bażi għal din l-inklużjoni u kien ċaħħdu mill-garanziji proċedurali neċessarji, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li r-rikorrent jiddeduċi l-urġenza biss mill-allegata irregolarità tal-atti kkontestati, b'tali mod li naqas milli jagħmel distinzjoni bejn il-*fumus boni juris* u r-riskju ta' dannu gravi u irreparabbli.

Għaldaqstant, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji għaliex ir-rikorrent kien naqas milli juri l-urġenza tal-miżura ta' protezzjoni mitluba, mingħajr ma kien meħtieġ, barra minn hekk, li tittieħed deċiżjoni dwar il-kundizzjoni marbuta mal-eżistenza ta' *fumus boni juri* u mingħajr ma kien meħtieġ li jitwettaq ibbilanċjar tal-interessi.

---

585 Ara l-Artikolu 156(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

586 Konformement mal-għanijiet tal-azzjoni esterni tal-Unjoni ddikjarati fl-Artikolu 21 TUE.

587 Ara l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2010/788.

## Digriet tal-21 ta' Lulju 2023, Arysta Lifescience vs EFSA (T-222/23 R, EU:T:2023:417)

*"Miżuri provviżorji – Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti dwar il-proċedura ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva – Dokumenti maħruġa minn terz – Deċiżjoni li terz jingħata aċċess għad-dokumenti – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Fumus boni juris – Urġenza – Ibbilanċjar tal-interessi"*

Ir-rikorrenti, Arysta Lifescience, hija kumpannija li kienet tikkummerċjalizza prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva captan, b'mod partikolari l-Captan 80 WG. F'Settembru 2022, terz ressaq talba għal aċċess għal dokumenti quddiem l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA), li kienet tkopri, fost l-oħrajn, il-lista tal-koformulanti preżenti fil-formulazzjoni għal użu rappreżentattiv tal-Captan 80 WG li kienet ġiet ippreżentata fil-kuntest tat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva captan. Minkejja l-oġġezzjoni tar-rikorrenti, l-EFSA adottat, fis-17 ta' Frar 2023, deċiżjoni ta' żvelar sħiħ ta' din il-lista (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Adit b'talba għal miżuri provviżorji, imressqa wara l-preżentata ta' rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li l-kundizzjonijiet ta' *fumus boni juris* u ta' urġenza kienu ssodisfatti u, wara bbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, iddeċieda li jilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jistgħu jingħataw mill-Imħallef għal miżuri provviżorji jekk jiġi stabbilit li l-għoti tagħhom ikun *prima facie* ġġustifikat fil-fatt u fid-dritt (*fumus boni juris*) u li dawn il-miżuri jkunu urġenti, fis-sens li, sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tal-parti li tkun talbithom, ikun meħtieġ li jingħataw u li jkollhom l-effetti tagħhom qabel id-deċiżjoni fuq ir-rikors prinċipali. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, b'tali mod li t-talbiet għal miżuri provviżorji għandhom jiġu miċħuda jekk waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tkunx issodisfatta. L-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jwettaq ukoll, jekk ikun il-każ, ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mal-*fumus boni juris*, huwa fakkar li din il-kundizzjoni tkun issodisfatta meta, minn tal-inqas, wieħed mill-motivi invokati jkun jidher, *prima facie*, li ma jkunx mingħajr bażi serja. Dan ikun il-każ meta wieħed minn dawn il-motivi jiżvela l-eżistenza ta' tilwima legali jew fattwali sinjifikattiva li s-soluzzjoni tagħha ma tkunx *prima facie* manifesta u għalhekk ikun teħtieġ eżami fil-fond fil-kuntest tal-proċedura fuq il-mertu.

Sabiex turi li d-deċiżjoni kkontestata kienet, *prima facie*, ivvizzjata b'illegalità, ir-rikorrenti invokat ksur tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/200 [588] u tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1367/2006 [589]. B'mod partikolari, hija kienet qiegħda takkuża lill-EFSA li kkonkludiet li l-lista tal-koformulanti kienet tinkludi informazzjoni dwar l-emissjonijiet fl-ambjent fis-sens ta' dan l-aħħar artikolu.

---

[588] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

[589] Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13).

F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li d-delimitazzjoni ta' x'inhu kopert mill-kunċett ta' "informazzjoni dwar l-emissjonijiet fl-ambjent" tiddependi minn evalwazzjoni li tapplika prinċipji għal każ partikolari. Huwa fakkar li, fil-każ ta' prodott, bħalma huwa prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, u tas-sustanzi li jinsabu f'dan il-prodott intiżi, fil-kuntest ta' użu normali, li jiġu rrilaxxati fl-ambjent minħabba l-funzjoni stess tagħhom, l-emissjonijiet prevedibbli, f'kundizzjonijiet normali jew realistiċi tal-użu tagħhom fl-ambjent ma humiex ipotetiċi u jaqgħu taħt il-kunċett ta' "emissjonijiet fl-ambjent".

F'dan il-każ, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja rrileva li, qabelxejn, l-informazzjoni koperta mit-talba għal aċċess għad-dokumenti inkwistjoni kienet tagħmel parti mill-fajl ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva captan, li effettivament intużat fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li tinsab effettivament fl-ambjent. Sussegwentement, l-informazzjoni inkwistjoni ma kinitx tikkonċerna l-effetti potenzjali tas-sustanza attiva, iżda kienet tikkonċerna lista ta' koformulanti sottomessa għal użu rappreżentattiv tal-Captan 80 WG, prodott ikkummerċjalizzat mir-rikorrenti. Fl-aħħar nett, il-koformulanti huma sustanzi jew preparazzjonijiet li jintużaw jew li huma intiżi li jintużaw fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew fi prodott aġġuntiv, iżda li la huma sustanzi attivi u lanqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti ta' sinerġiji.

Minn dan, il-President tal-Qorti Ġenerali ddeduċa li ma kienx possibbli li tingħata faċilment tweġiba għall-kwistjoni ta' jekk l-informazzjoni inkwistjoni fil-kawża ineżami kinitx taqa' taħt il-kunċett ta' "informazzjoni dwar l-emissjonijiet fl-ambjent". Minn dan huwa kkonkluda li dan il-motiv kien jidher, *prima facie*, li ma kienx mingħajr bażi serja u kien jistħoqqlu, għalhekk, eżami fid-dettall li kellu jitwettaq fil-kuntest tal-proċedura fuq il-mertu.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, b'mod ġenerali, din il-kundizzjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tan-neċessità li tingħata deċiżjoni b'mod provviżorju sabiex jiġi evitat li jiġi kkawżat dannu gravi u irreparabbli lill-parti li titlob il-protezzjoni provviżorja. Hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova li hija ma tkunx tista' tistenna l-eżitu tal-proċedura dwar ir-rikors fil-mertu mingħajr ma ġġarrab dannu gravi u irreparabbli.

Sabiex turi n-natura urġenti tal-miżuri provviżorji mitluba, ir-rikorrenti sostniet li l-iżvelar tal-informazzjoni kontenzjuża kien ser jikkawżalha dannu serju u irreparabbli, peress li dan l-iżvelar seta' jippermetti lill-kompetituri tagħha joħolqu mill-ġdid, permezz ta' inġinerija b'lura, il-Captan 80 WG. Fil-fehma tagħha, ladarba l-informazzjoni kontenzjuża tiġi żvelata u tidħol fid-dominju pubbliku, ma kienx ser jibqa' possibbli li din l-informazzjoni titħassar u li titreġġa' lura s-sitwazzjoni fejn din l-informazzjoni tkun kunfidenzjali.

F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, f'każ bħal dak ineżami, fejn ir-rikorrenti kienet qiegħda tinvoka dannu li jirriżulta mill-iżvelar ta' informazzjoni allegatament kunfidenzjali, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' dannu gravi u irreparabbli l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu neċessarjament jitlaq mill-premessa li l-informazzjoni kontenzjuża hija ta' natura kunfidenzjali.

Fir-rigward tal-prevedibbiltà tad-dannu allegat f'dan il-każ, huwa kkonstata li l-EFSA stess ikkonfermat li l-ħolqien mill-ġdid tal-Captan 80 WG permezz ta' inġinerija b'lura kien teknikament possibbli abbażi ta' analiżi tal-kompożizzjoni tal-prodott fis-suq u li ma setax jiġi eskluż li, flimkien, l-informazzjoni kontenzjuża u d-data diġà fid-dominju pubbliku, setgħu jagħmlu dan il-proċess iktar rapidu u faċli. Minn dan huwa kkonkluda li l-materjalizzazzjoni tad-dannu finanzjarju li setgħet iġġarrab ir-rikorrenti minħabba tali użu mill-kompetituri tagħha tal-informazzjoni kontenzjuża ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala purament ipotetika. Huwa żied jgħid li peress li l-iżvelar ta' dokument, taħt ir-Regolament Nru 1049/2001, jikseb effett *erga omnes*, ma setax jiġi eskluż li l-persuni li mingħandhom tkun oriġinat it-talba għal aċċess kienu ser jagħmlu din l-informazzjoni pubblika billi jippubblikawha fuq l-internet. Dan b'hekk seta' jikkontribwixxi sabiex jimmina l-pożizzjoni kummerċjali tar-rikorrenti u jsaħħaħ ir-riskju ta' dannu gravi u irreparabbli.

Fir-rigward tal-gravità tad-dannu, li fil-fehma tiegħu kienet stabbilita, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li l-kummerċjalizzazzjoni tal-Captan 80 WG tiġġenera dħul mill-bejgħ kunsiderevoli għar-rikorrenti fi ħdan l-Unjoni u madwar id-dinja. Issa, fir-rigward b'mod iktar partikolari tad-dannu marbut mal-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali, dannu finanzjarju oġġettivament kunsiderevoli jew saħansitra mhux negliġibbli jista' jitqies bħala "gravi", mingħajr ma jkun neċessarju li jitqabbel b'mod sistematiku mad-dħul mill-bejgħ tal-impriża li tkun fir-riskju li ġġarrab dan id-dannu. Barra minn hekk, l-iżvelar tal-informazzjoni kontenzjuża seta' jiffaċilita l-proċess ta' ħolqien mill-ġdid tal-Captan 80 WG permezz ta' inġinerija b'lura.

Fir-rigward tan-natura irreparabbli tad-dannu, kien minnu li l-inċertezza marbuta mal-kumpens ta' dannu ta' natura pekunjarja fil-kuntest ta' eventwali rikors għad-danni ma setgħetx titqies, fiha nfisha, bħala ċirkustanza ta' natura li tistabbilixxi n-natura irreparabbli ta' tali dannu. Fil-fatt, fl-istadju tal-proċedura għal miżuri provviżorji, il-possibbiltà li jinkiseb iktar tard kumpens għal dannu ta' natura pekunjarja fil-kuntest ta' eventwali rikors għad-danni, li jkun jista' jiġi ppreżentat wara l-annullament tal-att ikkontestat, hija neċessarjament inċerta. Għall-kuntrarju, is-sitwazzjoni tkun differenti meta jkun jidher b'mod ċar, sa mill-evalwazzjoni mwettqa mill-Imħallef għal miżuri provviżorji, li d-dannu invokat, fid-dawl tan-natura tiegħu u tal-mod prevedibbli tal-materjalizzazzjoni tiegħu, ma jkunx ser jista' jiġi identifikat u kkwantifikat b'mod adegwat jekk jimmaterjalizza ruħu u li, fil-prattika, rikors għad-danni ma jkunx ser jippermetti, għaldaqstant, li jiġi rrimedjat dan id-dannu.

Issa, f'dan il-każ, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li numru indeterminat u teoretikament illimitat ta' kompetituri attwali u potenzjali tar-rikorrenti madwar id-dinja kollha setgħu jiksbu l-informazzjoni kontenzjuża wara l-iżvelar tagħha. Minn din il-perspettiva, fid-dawl tan-natura mingħajr kontroll tad-diversi istanzi ta' użu, madwar id-dinja kollha, tal-informazzjoni kontenzjuża, ir-rispett tad-drittijiet tal-awtur iggarantit mir-Regolament Nru 1049/2001 ma kienx ta' natura li jeskludi l-materjalizzazzjoni tad-dannu finanzjarju allegat. Barra minn hekk, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-kawżi dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni allegatament kunfidenzjali, ir-rikorrenti ma kinitx mistennija tistabbilixxi, barra minn hekk, li tinsab f'sitwazzjoni fejn seta' jkun hemm perikolu għas-sopravivenza ekonomika tagħha jew li l-ishma mis-suq tagħhom ser ikunu affettwati b'mod gravi u irreparabbli jekk ma jingħatawx il-miżuri provviżorji mitluba.

Fit-tielet lok, peress li l-kundizzjonijiet dwar il-*fumus boni juris* u l-urġenza kienu ssodisfatti, il-President tal-Qorti Ġenerali wettaq ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni sabiex jiddetermina jekk l-interess tar-rikorrenti li tikseb l-għoti tal-miżuri provviżorji kienx jipprevali jew le fuq l-interess fl-applikazzjoni immedjata tal-att kontenzjuż. B'mod iktar partikolari, huwa eżamina jekk l-eventwali annullament ta' dan l-att mill-kulleġġ ġudikanti li kellu jeżamina l-mertu kienx ser jippermetti li titreġġa' lura s-sitwazzjoni kkawżata mill-eżekuzzjoni immedjata tiegħu u, fil-każ oppost, jekk is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi att kinitx ser tkun ta' natura li tostakola l-effett sħiħ tiegħu fil-każ li jiġi miċħud ir-rikors prinċipali. Fir-rigward tal-kundizzjoni li s-sitwazzjoni legali maħluqa minn digriet ta' miżuri provviżorji tkun tista' titreġġa' lura, huwa osserva li l-finalità tal-proċedura ta' miżuri provviżorji tkun biss dik li tiggarantixxi l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni futura dwar il-mertu. Għaldaqstant, din il-proċedura kellha natura purament inċidentali fir-rigward tal-proċedura prinċipali.

Issa, f'dan il-każ, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li, sabiex jitħares l-effett utli ta' sentenza li tannulla d-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti kellha tkun f'pożizzjoni li tevita l-iżvelar illegali tal-informazzjoni kontenzjuża. Sentenza ta' annullament tisfa illużjoni u mingħajr effett utli jekk tiġi miċħuda din it-talba għal miżuri provviżorji peress li din iċ-ċaħda jkollha l-konsegwenza li tippermetti l-iżvelar immedjat tal-informazzjoni kontenzjuża u għalhekk, *de facto*, li tippreġudika s-sens tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu, jiġifieri ċaħda tar-rikors għal annullament.

Minn dan huwa kkonkluda, minn naħa, li l-interess li tiġi miċħuda t-talba għal miżuri provviżorji għandu jiġi wara l-interess difiż mir-rikorrenti, u dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li l-għoti tas-sospensjoni ta' eżekuzzjoni mitlub kien ser sempliċement iżomm is-sitwazzjoni viġenti għal perijodu limitat u li l-EFSA ma kienet invokat ebda ħtieġa imperattiva li tiġi protetta s-saħħa pubblika.

Min-naħa l-oħra, għalkemm kien minnu li l-persuna li talbet l-iżvelar tal-informazzjoni kontenzjuża setgħet tinvoka dritt ta’ aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni taħt l-Artikolu 15(3) TFUE, kellu jiġi kkonstatat li l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt kien ser jiġi sempliċement pospost fil-każ li jingħataw il-miżuri provviżorji mitluba, filwaqt li d-dritt tar-rikorrenti għall-protezzjoni tan-natura kunfidenzjali ta’ din l-informazzjoni kien ser jinġieb fix-xejn fil-każ li tiġi miċħuda t-talba għal miżuri provviżorji. Għaldaqstant, l-interess tar-rikorrenti kellu jipprevali fuq dak tal-persuna li talbet aċċess.

## Digriet tad-9 ta’ Awwissu 2023, Next Media Project vs EFCA (T-338/23 R, EU:T:2023:467)

*“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Mod ta’ komunikazzjoni – Talba għal miżuri provviżorji – Assenza ta’ fumus boni juris”*

Fil-kuntest ta’ proċedura ta’ sejħa għal offerti mnedija mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), l-offerenti kienu mistiedna jissottomettu l-offerti tagħhom permezz tal-pjattaforma “e-Submission”. Fost l-oħrajn, żewġ kampjuni elettroniċi kellhom jagħmlu parti mill-offerta teknika tagħhom, jiġifieri fajl b’video animat ta’ bejn 10 u 15-il sekonda f’format GIF jew MP4, u proposta ta’ mappa interattiva f’format HTML. Sussegwentement, l-EFCA informat lill-offerenti kollha, permezz ta’ rettifika, li ma kellhomx jużaw il-format MP4 għall-ewwel kampjun elettroniku. F’rettifika oħra li bidlet l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, l-offerenti ġew mistiedna jibagħtu ż-żewġ kampjuni elettroniċi permezz tal-posta elettronika fuq indirizz elettroniku li ġie kkomunikat lilhom.

Next Media Project, SLU, ir-rikorrenti, ippreżentat offerta fil-kuntest ta’ din il-proċedura ta’ sejħa għal offerti. Madankollu, minflok ma użat l-indirizz elettroniku indikat mill-EFCA, hija ddeċidiet li tibgħat dawn il-kampjuni elettroniċi permezz ta’ link “Dropbox”, li huwa servizz ta’ ħażna fil-cloud li jippermetti lill-utenti jtellgħu fajls online u jikkondividu dawn il-fajls u folders ma’ terzi mingħajr ma jibagħtu annessi ta’ daqs kbir.

Minħabba f’hekk, l-EFCA ddeċidiet li l-offerta tar-rikorrenti ma kinitx konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ [590], u lanqas ma kienet konformi mal-istruzzjonijiet tas-sejħa għal offerti, kif indikati fit-tieni rettifika. Hija żiedet li, peress li l-kumitat tal-ftuħ tal-offerti ma kienx irċieva l-kampjuni elettroniċi qabel niżżilhom minn “Dropbox”, tniżżil li sar meta nfetħu l-offerti, jiġifieri wara d-data finali għas-sottomissjoni, hija ma setgħetx tiggarantixxi l-integrità tal-kampjuni oriġinali u lanqas il-prova tad-data u tal-ħin tar-riċezzjoni tagħhom.

Adit b’talba għal miżuri provviżorji, imressqa fl-istess jum bħal rikors intiż għall-annullament ta’ din id-deċiżjoni tal-aħħar, il-President tal-Qorti Ġenerali, wara li kkonkluda li ma kienx hemm *fumus boni juris*, ċaħad din it-talba.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

---

[590] Artikolu 141(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

Preliminarjament, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, meta l-offerent eskluż jirnexxielu, matul il-fażi prekuntrattwali u kemm-il darba jiġi osservat it-terminu ta' sospensjoni ta' għaxart ijiem previst fil-leġiżlazzjoni [591], juri l-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju, il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-urġenza għandhom ikunu inqas stretti, b'tali mod li jkollu jintwera biss ir-riskju li jimmaterjalizza dannu gravi. Tali kundizzjonijiet inqas stretti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-urġenza huma ġġustifikati mir-rekwiżiti imperattivi li jirriżultaw mill-protezzjoni effettiva li għandha tiġi ggarantita fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Il-kundizzjoni ta' *fumus boni juris* partikolarment serju tkun issodisfatta meta l-proċedura għal miżuri provviżorji turi li l-konvenut ikun wettaq illegalità li tkun tidher, *prima facie*, suffiċjentement manifesta u gravi u li l-produzzjoni jew l-estensjoni tal-effetti ta' din l-illegalità jkollhom jitwaqqfu fl-iqsar żmien possibbli, fl-interess tar-rikorrent.

Prinċipalment, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li l-EFCA kienet ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha li tissospendi l-iffirmar tal-kuntratt, u li r-rikorrenti ressqet it-talba għal miżuri provviżorji tagħha qabel il-konklużjoni tal-kuntratt. Huwa għalhekk eżamina jekk ir-rikorrenti kienx irnexxielha turi l-eżistenza ta' *fumus boni juris* u, jekk ikun il-każ, in-natura partikolarment serja ta' dan tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, huwa rrileva li mill-ispeċifikazzjoni tal-kuntratt kien jirriżultaw li l-mod ta' trażmissjoni taż-żewġ kampjuni elettroniċi permezz tal-posta elettronika kien obbligatorju u li r-rikorrenti, billi tellgħet il-kampjuni elettroniċi permezz ta' "Dropbox", ma jidhirx li kienet osservat il-mod ta' trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-proċedura, b'tali mod li l-informazzjoni inkwistjoni ma ġietx "ikkomunikata". Fil-fatt, il-mod kif offerent jippreżenta informazzjoni mitluba, f'dan il-każ il-kampjuni elettroniċi, lill-awtorità kontraenti, jagħmel parti integrali mill-mod kif l-informazzjoni tiġi kkomunikata.

Sussegwentement, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li s-sottomissjoni b'posta elettronika tippermetti li tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti. Issa, jekk tiġi aċċettata l-pożizzjoni tar-rikorrenti li l-komunikazzjoni tal-kampjuni elettroniċi permezz ta' "Dropbox" minflok tal-posta elettronika ma kienx imissha wasslet għall-esklużjoni tagħha, dan jista' jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-konfront tal-offerenti l-oħra li jkunu kkonformaw ruħhom mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u użaw il-posta elettronika.

Barra minn hekk, l-argument li r-rikorrenti kellha provi li l-kampjuni elettroniċi ma ġewx emendati ma huwiex argument rilevanti. Fil-fatt, jekk l-użu ta' link f'offerta ma kienx permess, l-awtorità kontraenti ma tkunx obbligata tivverifika jekk id-dokumenti li għalihom jirreferi dan il-link ikunux ġew emendati, u lanqas ma tkun obbligata taċċettahom.

Fl-aħħar nett, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li, billi għażlet li tibgħat iż-żewġ kampjuni elettroniċi permezz tal-link "Dropbox" fit-13 ta' Frar 2023, jiġifieri l-aħħar jum tat-terminu għar-riċezzjoni, ir-rikorrenti ppreżentat lill-EFCA b'fatt diġà stabbilit. Fil-fatt, b'hekk, l-EFCA ma kellhiex l-opportunità tieħu pożizzjoni dwar l-użu ta' dan il-mod ta' trażmissjoni qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu. F'dan il-kuntest, l-indikazzjoni tal-kelma "regolari" fir-rigward tar-riżultat tal-ftuħ tal-offerta tar-rikorrenti tindika li, minn aspett formali, hija kienet osservat l-imsemmi terminu bħala tali u li kienet għadha ma nfetħitx, iżda ma setgħetx tiġi interpretata, *prima facie*, bħala validazzjoni tal-mod ta' komunikazzjoni tal-kampjuni elettroniċi magħżul mir-rikorrenti.

Peress li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' *fumus boni juris* u, *a fortiori*, l-eżistenza ta' *fumus boni juris* partikolarment serju, din it-talba għal miżuri provviżorji kellha tiġi miċħuda.

---

[591] Skont l-Artikolu 175 tar-Regolament 2018/1046.

## Digriet tal-25 ta' Settembru 2023, Terminal Ouest Provence vs CINEA (T-504/23 R, EU:T:2023:581)

*"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Ftehim ta' sussidju – Klawżola ta' arbitraġġ – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza"*

Fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għal offerti mnedija mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), li kienet tibbenefika minn finanzjament mill-Mekkaniżmu Nikkollegaw l-Ewropea (FNE), Terminal Ouest Provence (ir-rikorrenti) kienet issottomettiet proposta dwar l-iżvilupp ta' terminal ġdid għat-trasport ikkombinat bil-ferrovija u bit-triq, jiġifieri t-terminal Ouest Provence li jinsab fit-territorju tal-komuni ta' Grans u ta' Miramas, fil-metropolis ta' Aix-Marseille-Provence, Franza. Ir-rikorrenti kienet ġiet inkorporata, fil-forma ta' kumpannija holding, minn żewġ kumpanniji azzjonarji, sabiex ikollha l-kapaċità toffri ż-żewġ attivitajiet distinti iżda inseparabbli li kienu meħtieġa għat-twettiq tal-proġett, jiġifieri l-kostruzzjoni tat-terminal u l-operat tiegħu.

Peress li r-rikorrenti kienet għaddiet mill-istadju ta' selezzjoni, iċ-CINEA bdiet tipprepara l-ftehim ta' sussidju. Madankollu, hija informat lir-rikorrenti u lill-azzjonist maġġoritarju tagħha li, fil-fehma tagħha, dan tal-aħħar ma setax jiġi kklassifikat bħala subappaltatur u għalhekk l-ispejjeż tiegħu ma setgħux jiġu kklassifikati u ttrattati bħala "spejjeż tas-subappalt". Minkejja dawn l-iskambji, ir-rikorrenti sussegwentement iffirmat il-ftehim ta' sussidju. Il-ftehim kien jinkludi klawżola ta' arbitraġġ li tat ġurisdizzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konformement mal-Artikolu 272 TFUE.

Ir-rikorrenti ppreżentat, quddiem il-Qorti Ġenerali, rikors intiż li jiġi kkonstatat, abbażi ta' dan l-artikolu, li l-ispejjeż kollha ffatturati mill-azzjonist maġġoritarju tagħha liċ-CINEA kienu spejjeż tas-subappalt u kienu, għaldaqstant, eliġibbli bħala tali. Adit fl-istess ħin, permezz ta' att separat, b'talba għal miżuri provviżorji li biha r-rikorrenti talbet, minn naħa, li jiġi kkonstatat, *prima facie*, li l-ispejjeż kollha ffatturati mill-azzjonist maġġoritarju tagħha liċ-CINEA kienu spejjeż tas-subappalt u kienu għalhekk eliġibbli bħala tali u, min-naħa l-oħra, li ċ-CINEA tiġi pprojbita milli tieħu deċiżjonijiet dwar il-klassifikazzjoni ta' dawn l-ispejjeż u, *a fortiori*, dwar l-eliġibbiltà tagħhom qabel ma l-Qorti Ġenerali tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar ir-rikors prinċipali, il-President tal-Qorti Ġenerali, wara li kkonkluda li ma kienx hemm urġenza, ċaħad din it-talba.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali*

Preliminarjament, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, b'mod ġenerali, l-urġenza għandha tiġi evalwata fid-dawl tan-neċessità li tingħata deċiżjoni provviżorja sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-parti li tkun talbet il-protezzjoni provviżorja. Hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova li hija ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura dwar ir-rikors fuq il-mertu mingħajr ma ġġarrab dannu gravi u irreparabbli.

Prinċipalment, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-ammont dovut taħt il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż kien assolutament neċessarju sabiex tkun tista' twettaq il-proġett tagħha, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li l-għoti ta' miżuri provviżorji jkun iġġustifikat biss jekk l-att inkwistjoni jikkostitwixxi l-kawża determinanti tad-dannu gravi u irreparabbli allegat. Issa, huwa rrileva li r-rikorrenti ma identifikatx l-att jew l-aġir taċ-CINEA li jikkostitwixxi l-kawża determinanti tad-dannu invokat. Fil-fatt, minkejja t-tilwima dwar il-klassifikazzjoni tal-ispejjeż iffatturati mill-azzjonist maġġoritarju, ir-rikorrenti kienet iffirmat il-ftehim ta' sussidju. Barra minn hekk, ir-rifjut taċ-CINEA li tqis l-imsemmija spejjeż bħala eliġibbli ma żammx lir-rikorrenti milli tibgħatilha talba għal ħlas intermedja. B'hekk, il-pożizzjoni espressa miċ-CINEA kienet ser tipproduċi l-effetti tagħha biss jekk tintuża bħala bażi għad-deċiżjoni formali tagħha dwar l-evalwazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli bi tweġiba għat-talba għal ħlas intermedja.

Barra minn hekk, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li l-allegazzjonijiet ta' dannu kienu biss ta' natura vaga u ipotetika. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pproduċiet ebda prova tan-natura gravi u

irreparabbli tad-dannu allegat. Fil-fatt, fl-assenza ta' deċiżjoni formali meħuda miċ-CINEA dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż tas-subappalt, kwalunkwe identifikazzjoni ta' dannu li jista' jirriżulta minnha tista' tkun biss ipotetika u, minn tal-inqas, prematura.

Fir-rigward tal-argument li ma kien hemm ebda possibbiltà ta' finanzjament alternattiv vijabbli għall-kisba ta' ammont ekwivalenti għal dak inkwistjoni, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad dan l-argument għaliex id-dannu invokat ma kienx jikkostitwixxi dannu ċert li l-kawża determinanti tiegħu tirriżulta minn att jew minn aġir imputabbli liċ-CINEA.

Fir-rigward tal-argument li r-rikorrenti ma setgħetx tistenna l-eżitu tal-proċedura fuq il-mertu mingħajr ma titqiegħed taħt falliment minħabba inadempjenza fuq il-pagamenti dovuti minnha, il-President fakkar li dannu ta' natura pekunjarja ma jistax, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jitqies li jkun dannu irreparabbli jew dannu li diffiċli li jiġi rrimedjat. Fil-każ ta' tali dannu, il-miżura provviżorja mitluba tkun iġġustifikata biss jekk jidher li, fl-assenza ta' tali miżura, il-parti li talbitha kienet ser issib ruħha f'sitwazzjoni li setgħet tipperikola l-eżistenza tagħha stess qabel tingħata d-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura prinċipali. F'dan ir-rigward, hija l-parti li titlob il-miżuri provviżorji, b'mod partikolari meta tinvoka l-materjalizzazzjoni ta' dannu ta' natura finanzjarja, li għandha tagħti, filwaqt li tipproduċi provi ta' sostenn, stampa fidila u globali tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

L-ewwel nett, kien minnu li, mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti sabiex turi n-natura urġenti tat-talba tagħha għal miżuri provviżorji, kien jirriżulta li, fl-assenza tal-għoti tas-sussidji kontenzjużi, ir-rikorrenti kienet ser tkun inadempjenti fuq il-pagamenti dovuti minnha, u għalhekk ma kinitx ser tkun tista' tkompli bil-kostruzzjoni tat-terminal Ouest Provence, u dan sa minn Ottubru jew, l-iktar l-iktar, minn Diċembru 2023. Madankollu, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li r-rikorrenti ma pproduċiet ebda prova sabiex turi li ż-żewġ azzjonisti tagħha ma setgħux jgħinuha finanzjarjament sabiex tkun tista' tindirizza eventwali diffikultajiet ta' likwidità.

Sussegwentement, id-dannu allegat kien ipotetiku sa fejn kien ibbażat fuq l-ipoteżi li ċ-CINEA kienet ser tiċħad l-ispejjeż kollha tal-azzjonist maġġoritarju tar-rikorrenti, meta ma kienx eskluż li l-parti l-kbira ta' dawn l-ispejjeż jistgħu jitqiesu li huma eliġibbli.

Fl-aħħar nett, l-għoti tal-miżuri mitluba ma kien ser ikollu ebda impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti jekk il-falliment tagħha jkun imminenti, irrispettivament mill-eżitu tat-talba għal miżuri provviżorji. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma kinitx qiegħda titlob lill-President tal-Qorti Ġenerali jordna liċ-CINEA tagħti s-sussidji kontenzjużi.

Fir-rigward tal-argument li, jekk ma jingħatawx miżuri provviżorji, kien ser ikun hemm ksur tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li s-sempliċi interess tal-individwi li jiddeterminaw kemm jista' jkun malajr il-portata tad-drittijiet tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni ma huwiex ta' natura li jistabbilixxi l-eżistenza ta' urġenza gravi u irreparabbli. Barra minn hekk, minbarra l-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, ir-rikorrenti ma wrietx li ma setgħetx tistenna l-eżitu tal-proċedura dwar ir-rikors fuq il-mertu mingħajr ma ġġarrab dannu gravi u irreparabbli.

### Digriet tas-27 ta' Settembru 2023, Amazon Services Europe vs Il-Kummissjoni (T-367/23 R, EU:T:2023:589)

*"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Servizzi diġitali – Regolament (UE) 2022/2065 – Pjattaformi online kbar ħafna – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Urġenza – Fumus boni juris – Ibbilanċjar tal-interessi"*

Ir-rikorrenti, Amazon Services Europe, tappartjeni lill-grupp Amazon, li huwa grupp multinazzjonali ta' kumpanniji. L-attivitajiet kummerċjali tagħha kienu jinkludu l-bejgħ bl-imnut fuq l-internet kif ukoll servizzi oħra bħalma huma servizzi ta' cloud diġitali u l-istreaming diġitali. Hija kienet tipprovdi servizzi

ta’ post ta’ negozju lil bejjiegħa terzi li jkunu jistgħu jipproponu prodotti għall-bejgħ fuq Amazon Store u kienet toffri diversi servizzi ta’ sostenn lill-imsemmija bejjiegħa.

Ir-Regolament 2022/2065 jipprevedi [592] li l-Kummissjoni Ewropea, permezz ta’ deċiżjoni, għandha tidentifika bħala pjattaforma online kbira ħafna jew magna tat-tiftix online kbira ħafna, il-pjattaforma online jew il-magna tat-tiftix online li jkollha, fl-Unjoni, għadd ta' destinatarji attivi medji fix-xahar tas-servizz ta’ 45 miljun jew iktar. Skont l-imsemmi regolament, minn naħa, il-fornituri ta’ tali pjattaformi online li jużaw sistemi ta’ rakkomandazzjoni għandhom jipproponu, minn tal-inqas, għażla waħda għal kull waħda mis-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom li ma tkunx ibbażata fuq it-tfassil ta' profili [593] u, min-naħa l-oħra, il-fornituri li jippreżentaw reklamar fuq l-interfaces online għandhom iżommu u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistru b’ċerta informazzjoni għall-perijodu kollu li matulu jippreżentaw reklamar u sa sena wara l-aħħar preżentazzjoni ta’ reklamar fuq l-interfaces online tagħhom [594].

Fil-25 ta’ April 2023 il-Kummissjoni identifikat lil Amazon Store bħala pjattaforma online kbira ħafna (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”) [595].

Adit b’talba għal miżuri provviżorji, imressqa fl-istess jum bħal rikors għall-annullament ta’ din id-deċiżjoni tal-aħħar, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li l-kundizzjonijiet ta’ *fumus boni juris* u ta’ urġenza kienu ssodisfatti u, wara li wettaq ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, iddeċieda li jilqa’ parzjalment it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tal-aħħar kienet tobbliga lil Amazon Store tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistru tar-reklamar, bla ħsara għall-obbligu tar-rikorrenti li żżomm tali reġistru.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina l-eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, li sostniet li r-rikors għal annullament kien, fil-parti l-kbira tiegħu, manifestament inammissibbli għaliex ir-rikorrenti kienet qiegħda tikkontesta l-legalità ta’ dispożizzjonijiet tar-Regolament 2022/2065 li ma kinux il-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata u li ma kellhomx rabta legali diretta magħha. L-ewwel nett, huwa fakkar li, meta titqajjem l-inammissibbiltà manifesta tar-rikors prinċipali, il-parti li titlob il-miżuri provviżorji għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta’ elementi li jippermettu li jiġi konkluż, *prima facie*, li dan ir-rikors, li miegħu tkun marbuta t-talba għal miżuri provviżorji, huwa ammissibbli, sabiex b’hekk jiġi evitat li din il-parti tkun tista’, permezz tal-proċedura għal miżuri provviżorji, tikseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ att li sussegwentement l-annullament tiegħu jiġi miċħud minħabba li r-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli fl-istadju tal-eżami fil-mertu tiegħu fil-proċedura prinċipali. B’hekk, fil-kuntest ta’ proċedura għal miżuri provviżorji, l-ammissibbiltà tar-rikors prinċipali tista’ tiġi evalwata biss *prima facie* u l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jiddikjara din it-talba inammissibbli fil-każ biss li l-ammissibbiltà tar-rikors prinċipali tkun tista’ tiġi kompletament eskluża.

Barra minn hekk, l-att ġenerali li titqajjem l-illegalità tiegħu għandu jkun applikabbli, direttament jew indirettament, għas-sitwazzjoni li tkun is-suġġett tar-rikors u għandu jkun hemm rabta legali diretta

[592] Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU 2022, L 277, p. 1).

[593] Artikolu 38 tar-Regolament 2022/2065.

[594] Artikolu 39(1) tar-Regolament 2022/2065.

[595] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2023) 2746 final tal-25 ta’ April 2023 li tidentifika lil Amazon Store bħala pjattaforma online kbira ħafna konformement mar-Regolament (UE) 2022/2065.

bejn id-deċiżjoni individwali kkontestata u l-att ġenerali inkwistjoni. Madankollu, l-Artikolu 277 TFUE għandu jiġi interpretat b'mod suffiċjentement wiesa' sabiex jiġi żgurat stħarriġ effettiv tal-atti tal-istituzzjonijiet ta' natura ġenerali favur persuni esklużi milli jippreżentaw rikors dirett kontra tali atti. B'hekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu għandu jiġi estiż sabiex ikopri l-atti tal-istituzzjonijiet li kienu rilevanti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors għal annullament. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-eżami ta' eċċezzjoni ta' illegalità, ir-regoli li jagħmlu parti mill-istess sistema waħda ma jistgħux jiġu sseparati b'mod artifiċjali.

F'dan il-każ, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li r-rikorrenti identifikat b'mod suffiċjentement ċar id-dispożizzjonijiet li l-illegalità tagħhom ġiet eċċepita u li, *prima facie*, kien hemm separazzjoni ta' regoli li jagħmlu parti mill-istess sistema waħda sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kellha l-effett li tiskatta l-applikabbiltà tal-obbligi kontenzjużi. Huwa enfasizza wkoll li din il-kawża kienet tqajjem kwistjonijiet ġodda li s-soluzzjoni tagħhom teħtieġ eżami fid-dettall fil-kuntest tal-proċedura prinċipali. Minn dan huwa kkonkluda li l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-rikorrenti ma setgħetx tiġi miċħuda bħala manifestament inammissibbli.

Fit-tieni lok, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Huwa fakkar, preliminarjament, li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jistgħu jingħataw mill-Imħallef għal miżuri provviżorji jekk jiġi stabbilit li l-għoti tagħhom ikun iġġustifikat *prima facie* fil-fatt u fid-dritt (*fumus boni juris*) u li jkunu urġenti, fis-sens li, sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tal-parti li tkun talbithom, ikun neċessarju li jingħataw u li jipproduċu l-effetti tagħhom qabel id-deċiżjoni fuq ir-rikors prinċipali. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, b'tali mod li t-talbiet għal miżuri provviżorji għandhom jiġu miċħuda meta waħda minnhom ma tkunx issodisfatta. L-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jwettaq ukoll, jekk ikun il-każ, ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni.

L-ewwel nett, filwaqt li beda bl-eżami tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li l-urġenza għandha, b'mod ġenerali, tiġi evalwata fid-dawl tan-neċessità li tingħata deċiżjoni dwar il-miżuri provviżorji sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-parti li tkun talbet il-protezzjoni provviżorja. Hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova li ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura dwar ir-rikors fuq il-mertu mingħajr ma ġġarrab dannu gravi u irreparabbli.

Qabelxejn, fir-rigward tal-obbligu għall-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna li jużaw sistemi ta' rakkomandazzjoni li jipproponu, minn tal-inqas, għażla waħda għal kull waħda mis-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom li ma tkunx ibbażata fuq l-użu ta' profili [596], il-President ikkonkluda li r-rikorrenti ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' dannu gravi u irreparabbli.

Fil-fatt, id-dannu invokat huwa, fuq kollox, inċert, peress li r-Regolament 2022/2065 ma jipprekludix l-użu ta' sistemi ta' rakkomandazzjoni iżda sempliċement jobbliga lill-pjattaformi kkonċernati jipprevedu għażla għad-diżattivazzjoni tagħhom.

Sussegwentement, jekk jitqies li l-implimentazzjoni ta' għażla ta' diżattivazzjoni kienet ser tinkoraġġixxi effettivament lill-klijenti jitilqu Amazon Store u jduru lejn pjattaformi kompetituri, l-allegat telf tas-sehem mis-suq kien jikkostitwixxi dannu ta' natura purament finanzjarja sa fejn kien jikkonsisti fit-telf ta' dħul mill-bejgħ fis-suq inkwistjoni.

Fil-każ li jkun hemm tali dannu, il-miżura provviżorja mitluba tkun iġġustifikata biss jekk ikun jidher li, fl-assenza ta' tali miżura, il-parti li titlobha tkun ser issib ruħha f'sitwazzjoni li tista' tipperikola l-eżistenza tagħha qabel tingħata d-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura fuq il-mertu jew li l-ishma mis-suq

---

[596] Artikolu 38 tar-Regolament 2022/2065.

tagħha ser jinbidlu b'mod sinjifikattiv. B'hekk, ma huwiex biżżejjed li jkun hemm riskju li impriża titlef sehem mis-suq b'mod irrimedjabbli, iżda huwa meħtieġ li dan is-sehem mis-suq ikun suffiċjentement sinjifikattiv fid-dawl, b'mod partikolari, tad-daqs ta' din l-impriża, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-grupp li miegħu tkun marbuta minħabba ż-żamma tal-azzjonijiet.

Issa, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li r-rikorrenti la kienet stabbilixxiet u lanqas ma kienet allegat li kienet tinsab f'sitwazzjoni fejn kien hemm perikolu għall-vijabbiltà finanzjarja tagħha qabel tingħata d-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura fuq il-mertu, fid-dawl tad-daqs tad-dħul mill-bejgħ u tal-karatteristiċi tal-grupp li lilu tappartjeni.

Fl-aħħar nett, huwa ċaħad l-argument tar-rikorrenti fis-sens li d-deċiżjoni kkontestata kienet ser tippreġudika wkoll l-interessi ta' bejjiegħa terzi. Fil-fatt, il-parti li titlob il-miżuri provviżorji ma tistax, sabiex tistabbilixxi l-urġenza, tinvoka preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi jew għall-interess ġenerali. Id-danni li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tista' tikkawża lil parti li ma tkunx dik li talbet il-miżuri provviżorji jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, mill-Imħallef għal miżuri provviżorji fil-kuntest biss tal-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni.

It-tieni nett, fir-rigward tal-obbligu għall-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna li joħolqu u li jagħmlu aċċessibbli reġistru tar-reklamar li, skont ir-rikorrenti, ikun ser ikun fih informazzjoni kunfidenzjali, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda, għall-kuntrarju, li r-rikorrenti stabbilixxiet l-eżistenza ta' dannu gravi u irreparabbli u li, għaldaqstant, il-kundizzjoni dwar l-urġenza kienet issodisfatta f'dan il-każ.

Fil-fatt, wara li ddikjara li, għall-finijiet tal-eżami tal-kundizzjoni marbuta mal-urġenza, kellu jitqies li l-informazzjoni kontenzjuża kienet ta' natura kunfidenzjali, huwa fakkar li l-kwistjoni dwar sa fejn l-iżvelar ta' tali informazzjoni kien ser jikkawża dannu gravi u irreparabbli kienet tiddependi minn kombinazzjoni ta' ċirkustanzi bħalma huma, b'mod partikolari, l-importanza fuq livell professjonali u kummerċjali tal-informazzjoni għall-impriża li tinvoka l-protezzjoni tagħha u l-utilità ta' din l-informazzjoni għal impriżi oħra preżenti fis-suq.

Issa, f'dan il-każ, fir-rigward tal-livell ta' gravità meħtieġ, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li, minn naħa, l-obbligi dwar ir-reġistru tar-reklamar li jipprovdi informazzjoni dwar ir-reklamar fuq il-pjattaforma tar-rikorrenti kienu jippermettu lil terzi jkollhom aċċess għal sigrieti kummerċjali importanti dwar l-istrateġiji f'termini ta' reklamar tal-klijenti li jagħmlu reklami fuq il-pjattaforma tar-rikorrenti. B'hekk, din tal-aħħar ma setgħetx tistenna l-eżitu tal-proċedura dwar ir-rikors fuq il-mertu mingħajr ma ġġarrab dannu gravi. Min-naħa l-oħra, sa fejn l-iżvelar tal-informazzjoni kontenzjuża, kollha f'daqqa, kien ser jagħmilha informazzjoni sensittiva ħafna, sa fejn ser jagħti lill-pubbliku b'mod ġenerali għarfien fil-fond, fuq livell ferm iddettaljat, tar-relazzjonijiet kummerċjali sensittivi tar-rikorrenti mal-parti l-kbira tal-klijenti tagħha, dan l-iżvelar seta' wkoll iżid b'mod esponenzjali u artifiċjali t-trasparenza tas-suq.

Fir-rigward tan-natura irreparabbli ta' dan id-dannu, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li effettivament kien evidenti li l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma setax ireġġa' lura l-effetti tal-iżvelar tal-informazzjoni kontenzjuża peress li l-fatt li l-persuni li jkunu qrawha jiksbu għarfien tagħha ma jkunx jista' jitħassar.

It-tieni nett, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina l-*fumus boni juris* tat-talba għal miżuri provviżorji fir-rigward tal-obbligu għall-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna li joħolqu u jagħmlu aċċessibbli reġistru tar-reklamar. Huwa fakkar li din il-kundizzjoni tkun issodisfatta meta, minn tal-inqas, wieħed mill-motivi invokati jkun jidher, *prima facie*, li ma jkunx mingħajr bażi serja. Dan ikun il-każ jekk wieħed minn dawn il-motivi juri l-eżistenza ta' tilwima legali jew fattwali sinjifikattiva li s-soluzzjoni għaliha ma tkunx *prima facie* manifesta u li għalhekk ikun jistħoqqilha eżami fil-fond fil-kuntest tal-proċedura fuq il-mertu.

F’dan il-każ kien jidher, *prima facie*, li parti mill-informazzjoni li r-rikorrenti kienet obbligata tiżvela fir-reġistru tar-reklamar tagħha kienet għadha ma hijiex disponibbli għall-pubbliku. Dan huwa l-każ, b’mod partikolari, tal-informazzjoni dwar il-perijodu li matulu r-reklamar kien preżenti u dwar in-numru totali maqsum skont l-Istat Membru tal-grupp jew gruppi ta’ destinatarji fil-mira speċifika tar-reklamar.

It-tielet nett, il-President tal-Qorti Ġenerali wettaq ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni sabiex jiddetermina jekk l-interess tar-rikorrenti li tikseb l-għoti tal-miżuri provviżorji kienx jipprevali jew le fuq l-interess li l-att kontenzjuż jiġi applikat immedjatament. Huwa eżamina, b’mod iktar partikolari, jekk l-eventwali annullament ta’ dan l-att mill-kulleġġ ġudikanti li jeżamina r-rikors fuq il-mertu kienx ser jippermetti li titreġġa’ lura s-sitwazzjoni kkawżata mill-eżekuzzjoni immedjata tiegħu u, fil-każ oppost, jekk is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi att kinitx ser tkun ta’ natura li tostakola l-effett sħiħ tiegħu, fil-każ li r-rikors prinċipali jiġi miċħud. Fir-rigward tal-kundizzjoni li s-sitwazzjoni legali maħluqa minn digriet ta’ miżuri provviżorji għandha tkun tista’ titreġġa’ lura, huwa osserva li l-finalità tal-proċedura għal miżuri provviżorji hija sempliċement li tiggarantixxi l-effikaċja sħiħa tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu. Għaldaqstant, din il-proċedura kienet ta’ natura purament inċidentali fir-rigward tal-proċedura prinċipali.

Issa, f’dan il-każ, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li, sabiex jitħares l-effett utli ta’ sentenza li tannulla d-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti kellha tkun f’pożizzjoni li tevita l-iżvelar illegali tal-imsemmija informazzjoni. Sentenza ta’ annullament tisfa illużjoni u mingħajr effett utli jekk tiġi miċħuda din it-talba għal miżuri provviżorji sa fejn din iċ-ċaħda jkollha bħala konsegwenza li tippermetti l-iżvelar immedjat tal-informazzjoni kontenzjuża u għalhekk, *de facto*, li tippreġudika s-sens tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu, jiġifieri ċaħda tar-rikors għal annullament. Minn dan huwa kkonkluda li l-interess li tiġi miċħuda t-talba għal miżuri provviżorji kien jiġi wara l-interess difiż mir-rikorrenti, u dan iktar u iktar sa fejn l-għoti tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba ma kien ser jagħmel xejn għajr li jżomm fis-seħħ is-sitwazzjoni viġenti għal perijodu limitat.

### Digriet tad-29 ta’ Settembru 2023, Red Bull *et* vs Il-Kummissjoni (T-306/23 R, EU:T:2023:590)

*“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kompetizzjoni – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna spezzjoni – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta’ urġenza”*

Peress li kellha suspett ta’ aġir antikompetittiv fil-kuntest tal-kummerċjalizzazzjoni ta’ xarbiet enerġetiċi, il-Kummissjoni Ewropea ordnat, permezz ta’ deċiżjoni tat-8 ta’ Marzu 2023 [597] (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni ta’ spezzjoni”), spezzjoni fi ħdan il-kumpanniji Red Bull GmbH, Red Bull France SASU u Red Bull Nederland BV. Id-deċiżjoni kontenzjuża ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Nru 1/2003”) [598], li jiddetermina s-setgħat tal-Kummissjoni fil-qasam tal-ispezzjonijiet.

Fil-kuntest tal-ispezzjoni, il-Kummissjoni wettqet żjarat simultanji fl-uffiċċji fl-Awstrija, fi Franza u fil-Pajjiżi l-Baxxi tal-kumpanniji kkonċernati, fejn wettqet kopja “ġeneralizzata” ta’ numru kbir ta’ dokumenti elettroniċi u talbet li sussegwentement tingħatalha data elettronika oħra provenjenti minn

[597] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2023) 1689 final tat-8 ta’ Marzu 2023 (Każ AT.40819 – Red Bull – Spezzjoni).

[598] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta’ Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

telephones ċellulari, minn mezzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u minn data maħżuna fuq il-cloud jew fuq is-servers tal-impriża, liema data ngħatat lill-Kummissjoni. Sussegwentement, il-Kummissjoni għaddiet biex teżamina l-ewwel lott ta' data fl-uffiċċji tagħha, fil-preżenza ta' rappreżentanti ta' dawn il-kumpanniji.

Dawn tal-aħħar ippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni ta' spezzjoni. Huma ressqu wkoll talba għal deċiżjoni preliminari maħsuba sabiex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' din tal-aħħar. Permezz tad-digriet tiegħu, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad din it-talba.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li sospensjoni tal-eżekuzzjoni u miżuri provviżorji jistgħu jingħataw mill-Imħallef għal miżuri provviżorji jekk jiġi stabbilit li l-għoti tagħhom ikun iġġustifikat *prima facie* fil-fatt u fid-dritt u li jkunu urġenti.

Filwaqt li beda billi eżamina l-kundizzjoni dwar l-urġenza tal-miżuri provviżorji mitluba, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li din il-kundizzjoni ma kinitx issodisfatta sa fejn, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami d-dannu gravi u irreparabbli allegat mir-rikorrenti kellu jitqies li kien ipotetiku sa fejn il-miżuri ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' spezzjoni ma kinux jimplikaw indħil sproporzjonat fid-drittijiet tal-impjegati u tar-rikorrenti, previsti fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta), għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet ta' dawn tal-aħħar.

Fil-fatt, ikun hemm urġenza biss jekk id-dannu gravi u irreparabbli invokat mill-parti li titlob il-miżuri provviżorji tant ikun imminenti li l-materjalizzazzjoni tiegħu tkun prevedibbli b'livell ta' probabbiltà suffiċjenti. Issa, id-dannu li jirriżulta mill-eżami futur ta' data, allegat mir-rikorrenti, ma kienx stabbilit f'dan il-każ b'livell ta' probabbiltà suffiċjenti fid-dawl tal-garanziji proċedurali implimentati mill-Kummissjoni għall-eżami ta' din id-data.

L-ewwel nett, huma biss l-aġenti tal-Kummissjoni inkarigati bl-investigazzjoni, li huma suġġetti għal obbligi stretti ta' sigriet professjonali, li jistgħu, jekk ikun il-każ, jiksbu għarfien ta' data personali. Sussegwentement, ir-rappreżentanti tar-rikorrenti jkunu preżenti matul il-proċess kollu tal-eżami tar-rilevanza tad-dokumenti. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni pprevediet proċedura għall-eżami, fl-uffiċċji tagħha, ta' dokumenti li kien fihom data personali sensittiva, proċedura li timplika b'mod partikolari numru limitat kompost b'numru ndaqs ta' membri tal-persunal tal-Kummissjoni u ta' rappreżentanti tal-impriża, kif ukoll proċedura ta' arbitraġġ fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar ir-rilevanza tad-dokumenti.

Bl-istess mod, id-dannu li jirriżulta miż-żmien ta' tul irraġonevoli sabiex titlesta l-ispezzjoni kien ukoll ipotetiku sa fejn il-perijodu ta' sitt ġimgħat previst mill-Kummissjoni għall-eżami tad-dokumenti li kien fadal li jiġu eżaminati ma setax jitqies li kien sproporzjonat fid-dawl, b'mod partikolari, tal-volum tal-informazzjoni inkwistjoni.

Fid-dawl tal-premess, it-talba għal miżuri provviżorji ġiet miċħuda.

*Stampat fuq karta ekoloġika*

Direttorat għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

Frar 2024